# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 373

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

**Volum 58**

**10 ta' Novembru 2015**


Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Qorti tal-Awdituri**


2015/C 373/01 Rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2014, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet . . . . . 1

2015/C 373/02 Rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9, mill-10 u mill-11-il Fondi Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għas-sena finanzjarja 2014, flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni 289


MT

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-AWDITURI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287(1) u (4) tat-TFUE u l-Artikoli 148(1) u 162(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u l-Artikoli 43, 48 u 60 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 567/2014

**il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea, fil-laqgħa tagħha tal-10 ta' Settembru 2015, adottat**

**IR-RAPPORTI ANNWALI**

**għas-sena finanzjarja 2014.**

Ir-rapporti, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet għall-osservazzjonijiet tal-Qorti, intbagħtu lill-awtoritajiet responsabbli mill-għoti tal-kwittanza u lill-istituzzjonijiet l-oħra.

Il-Membri tal-Qorti tal-Awdituri huma:

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA (President), Igors LUDBORŽS, Jan KINŠT, Kersti KALJULAID, Karel PINXTEN, Henri GRETHEN, Szabolcs FAZAKAS, Louis GALEA, Ladislav BALKO, Augustyn KUBIK, Milan Martin CVIKL, Rasa BUDBERGYTĖ, Lazaros S. LAZAROU, Hans Gustaf WESSBERG, Pietro RUSSO, Ville ITÄLÄ, Kevin CARDIFF, Baudilio TOMÉ MUGURUZA, Iliana IVANOVA, George PUFAN, Neven MATES, Alex BRENNINKMEIJER, Danièle LAMARQUE, Nikolaos MILIONIS, Phil WYNN OWEN, Klaus-Heiner LEHNE, Oskar HERICS, Bettina JAKOBSEN.

# RAPPORT ANNWALI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT

(2015/C 373/01)

# WERREJ

*Paġna*

Introduzzjoni ġenerali ........ 7

Kapitolu 1 – Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u l-informazzjoni ta' sostenn ........ 9

Kapitolu 2 – Ġestjoni baġitarja u finanzjarja ........ 65

Kapitolu 3 – Kisba ta' riżultati mill-baġit tal-UE ........ 83

Kapitolu 4 – Dħul ........ 127

Kapitolu 5 – "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" ........ 147

Kapitolu 6 – "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" ........ 165

Kapitolu 7 – "Riżorsi naturali" ........ 213

Kapitolu 8 – "Ewropa Globali" ........ 261

Kapitolu 9 – "Amministrazzjoni" ........ 275

**INTRODUZZJONI ĠENERALI**

0.1. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija l-istituzzjoni stabbilita bit-Trattat biex twettaq l-awditu tal-finanzi tal-Unjoni Ewropea (UE). Bħala l-awditur estern tal-UE aħna naġixxu bħala l-gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-Unjoni u nikkontribwixxu għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE. Aktar informazzjoni dwar xogħolna tista' tinstab fir-rapport annwali tal-attività tagħna li, flimkien mar-rapporti speċjali tagħna dwar il-programmi ta' nfiq u d-dħul tal-UE u l-opinjonijiet tagħna dwar leġiżlazzjoni ġdida jew emendata, huma disponibbli fuq is-sit web tagħna:

www.eca.europa.eu

0.2. Dan huwa t-38 rapport annwali tagħna dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE u jkopri s-sena finanzjarja 2014. Rapport annwali separat ikopri l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp.

0.3. Il-baġit ġenerali tal-UE jiġi deċiż kull sena mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew. Ir-rapport annwali tagħna, flimkien mar-rapporti speċjali tagħna, jipprovdu bażi għall-proċedura ta' kwittanza, li fiha l-Parlament Ewropew, wara rakkomandazzjoni mill-Kunsill, jiddeċiedi jekk il-Kummissjoni tkunx wettqet ir-responsabbiltajiet tagħha b'mod sodisfaċenti għall-implimentazzjoni tal-baġit. Aħna ngħaddu r-rapport annwali tagħna lill-parlamenti nazzjonali fl-istess żmien li ngħadduh lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

0.4. Il-parti ċentrali tar-rapport annwali tagħna hija d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet konsolidati tal-UE u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet (imsemmija fir-rapport bħala "regolarità tat-tranżazzjonijiet"). Aħna nissupplimentaw din id-dikjarazzjoni b'valutazzjonijiet speċifiċi ta' kull qasam importanti ta' attività tal-UE.

0.5. Sabiex inżidu l-utilità tar-rapport tagħna, l-istruttura tal-kapitoli tirrifletti l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP). Il-qafas daħal fis-seħħ fl-2014, u huwa intenzjonat li jiddetermina d-daqs u d-distribuzzjoni tal-infiq tal-UE sal-2020. Dan għandu jagħmilha aktar faċli biex il-qarrejja jirrelataw is-sejbiet tar-rapport tagħna mal-informazzjoni rilevanti baġitarja u kontabilistika.

0.6. Ma hemm l-ebda rapport finanzjarju separat għal intestaturi individwali tal-QFP, u għalhekk il-konklużjonijiet ippreżentati fil-valutazzjonijiet speċifiċi ma jikkostitwixxux opinjonijiet tal-awditjar. Minflok, dawn il-kapitoli jippreżentaw kwistjonijiet sinifikanti li huma speċifiċi għal kull intestatura tal-QFP.

0.7. Ir-rapport tagħna din is-sena huwa organizzat kif ġej:

— il-Kapitolu 1 fih id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u sommarju tar-riżultati tal-awditu tagħna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet;

— il-Kapitolu 2 jippreżenta s-sejbiet tagħna dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja;

— il-Kapitolu 3 jikkontribwixxi għall-objettiv strateġiku tagħna li ntejbu l-obbligu ta' rendikont pubbliku tal-UE u jiffoka fuq il-punt sa fejn il-qafas tal-prestazzjoni jippermetti li l-Kummissjoni timmonitorja u tmexxi l-progress lejn l-Ewropa 2020;

— il-Kapitolu 4 jippreżenta s-sejbiet tagħna dwar id-dħul;

— il-Kapitoli 5 sa 9 juru (għall-Intestaturi 1a, 1b, 2, 4 u 5 tal-QFP) [1] ir-riżultati tal-ittestjar tagħna tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet u eżaminar tas-sistemi u r-rapporti annwali tal-attività magħżula.

0.8. Ir-risposti tal-Kummissjoni (jew ir-risposti ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, fejn xieraq) għall-osservazzjonijiet tagħna huma ppreżentati fi ħdan id-dokument u d-deskrizzjoni tas-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna tieħu inkunsiderazzjoni r-risposti rilevanti tal-parti awditjata. Madankollu, hija r-responsabbiltà tagħna, bħala awditur estern, li nirrappurtaw is-sejbiet tal-awditjar tagħna, li nisiltu konklużjonijiet minn dawk is-sejbiet, u b'hekk li nipprovdu valutazzjoni indipendenti u imparzjali tal-affidabbiltà tal-kontijiet kif ukoll tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

---

(1) Aħna ma nipprovdux valutazzjoni speċifika għall-infiq taħt l-Intestatura 3 (Sigurtà u ċittadinanza) u l-Intestatura 6 (Kumpensi) tal-QFP.

KAPITOLU 1

## Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u l-informazzjoni ta' sostenn

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti pprovduta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Rapport tal-awditur indipendenti | I-XII |
| Introduzzjoni | 1.1-1.3 |
| L-infiq tal-UE huwa għodda sinifikanti għall-ilħuq tal-objettivi ta' politika | 1.1-1.3 |
| Sejbiet tal-awditjar għas-sena finanzjarja 2014 | 1.4-1.58 |
| Il-kontijiet ma kinux affettwati minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali | 1.4-1.8 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet: ir-riżultati kumplessivi tal-awditjar tagħna, għalkemm stabbli, juru livell materjali ta' żball | 1.9-1.29 |
| Hemm ħafna forom ta' miżuri korrettivi b'impatti differenti | 1.30-1.44 |
| Ir-rapport ta' sinteżi tal-Kummissjoni jikkonferma l-impatt materjali ta' żball fuq it-tranżazzjonijiet | 1.45-1.57 |
| Aħna ngħaddu każijiet ta' frodi suspettata lill-OLAF | 1.58 |
| Konklużjonijiet | 1.59-1.66 |

Anness 1.1 — Approċċ u metodoloġija tal-awditjar

Anness 1.2 — Segwitu tal-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti rigward l-affidabbiltà tal-kontijiet

Anness 1.3 — Siltiet mill-kontijiet konsolidati 2014

Anness 1.4 — Il-livell ta' żball stmat (ir-rata tal-iżball l-aktar probabbli, MLE) – *data* storika u mhux aġġustata għall-2009 sal-2013

Anness 1.5 — Frekwenza ta' żbalji maqbuda fil-kampjunar tal-awditjar għas-sena 2014

# ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI TAL-QORTI PPROVDUTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL – RAPPORT TAL-AWDITUR INDIPENDENTI

I. Aħna awditjajna:

(a) il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea li jinkludu r-rapporti finanzjarji konsolidati ([1]) u r-rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ([2]) għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014, approvati mill-Kummissjoni fit-23 ta' Lulju 2015; u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ bl-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

*Responsabbiltà tal-maniġment*

II. Skont l-Artikoli 317 sa 318 tat-TFUE u r-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni hija responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea abbażi ta' standards tal-kontabbiltà li huma aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku u għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-Kummissjoni terfa' r-responsabbiltà aħħarija għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 317 tat-TFUE).

*Responsabbiltà tal-awditur*

III. Ir-responsabbiltà tagħna hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna, nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aħna mexxejna l-awditu tagħna skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li aħna nikkonformaw mar-rekwiżiti etiċi u li nippjanaw u nwettqu l-awditu biex niksbu aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea jkunux ħielsa minn dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom jkunu bbażati jkunux legali u regolari.

IV. Awditu jinvolvi t-twettiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet konsolidati u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijet konsolidati u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jsiru dawk il-valutazzjonijiet tar-riskji, jitqies il-kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet konsolidati u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex jitfasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi, iżda mhux bl-iskop li tiġi espressa opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll intern. Awditu jinkludi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi użati u r-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi li jkunu saru, kif ukoll l-evalwazzjoni tal-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet konsolidati.

V. Għad-dħul, l-eżaminar tagħna tar-riżorsi proprji bbażati fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross jieħu bħala l-punt tat-tluq tiegħu l-aggregati makroekonomiċi rilevanti li fuqhom dawn jiġu kkalkulati, u jivvaluta s-sistemi tal-Kummissjoni għall-ipproċessar tagħhom sakemm il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri jkunu ġew riċevuti u rreġistrati fil-kontijiet konsolidati. Għar-riżorsi proprji tradizzjonali, aħna neżaminaw il-kontijet tal-awtoritajiet doganali u nanalizzaw il-fluss tad-dazji sakemm l-ammonti jiġu riċevuti mill-Kummissjoni u rreġistrati fil-kontijiet.

([1]) Ir-rapporti finanzjarji konsolidati jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni (inkluż ir-rappurtar fuq is-segmenti).

([2]) Ir-rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u noti ta' spjegazzjoni.

VI. Għall-infiq, aħna neżaminaw it-tranżazzjonijiet ta' pagament meta l-infiq ikun ġie mġarrab, irreġistrat u aċċettat. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti (inklużi dawk li jkunu saru għax-xiri ta' assi) minbarra pagamenti bil-quddiem fil-punt meta jsiru. Il-pagamenti bil-quddiem jiġu eżaminati meta r-riċevitur tal-fondi jkun meħtieġ jipprovdi jew jipprovdi ġustifikazzjoni għall-użu xieraq tagħhom u l-pagament bil-quddiem jiġi approvat jew isir rekuperabbli.

VII. Aħna nqisu li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjonijiet tagħna.

## Affidabbiltà tal-kontijiet

*Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet*

VIII. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni fil-31 ta' Diċembru 2014, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju u r-regoli kontabilistiċi bbażati fuq standards tal-kontabbiltà li huma aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku.

## Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

**Dħul**

*Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet*

IX. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

**Pagamenti**

*Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

X. L-infiq irreġistrat fl-2014 taħt l-Intestaturi 1 sa 4 ([3]) tal-qafas finanzjarju pluriennali, li jkopri n-nefqa operazzjonali, huwa milqut minn livell materjali ta' żball. Il-livell ta' żball stmat minna għall-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet huwa ta' 4,4 %. Il-konklużjoni tagħna hija kkorroborata mill-analiżi tal-Kummissjoni dwar l-ammonti f'riskju ppreżentata fir-rapport ta' sinteżi.

*Opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

XI. Fl-opinjoni tagħna, minħabba s-sinifikat tal-kwistjonijiet deskritti fil-paragrafu tal-bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 huma milquta minn livell materjali ta' żball.

([3]) Dawn l-intestaturi huma koperti mill-Kapitoli 5 sa 8 ta' dan ir-rapport annwali.

*Informazzjoni oħra*

XII. Id-dokument Diskussjoni u Analiżi tar-Rapport Finanzjarju mhuwiex parti mir-rapporti finanzjarji. L-informazzjoni mogħtija fid-dokument Diskussjoni u Analiżi tar-Rapport Finanzjarju hija konsistenti mar-rapporti finanzjarji.

Settembru 2015

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

*President*

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

12, rue Alcide De Gasperi, 1615 Luxembourg, LUXEMBOURG

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

### L-infiq tal-UE huwa għodda sinifikanti għall-ilħuq tal-objettivi ta' politika

1.1. L-infiq tal-UE huwa strument sinifikanti għall-ilħuq tal-objettivi ta' politika. Strumenti sinifikanti oħrajn huma l-użu tal-leġiżlazzjoni u l-moviment liberu tal-oġġetti, tas-servizzi, tal-kapital u tal-persuni madwar l-Unjoni. Bħala medja, l-infiq tal-UE jirrappreżenta 1,9 % tan-nefqa totali tal-Istati Membri tal-UE għall-amministrazzjoni pubblika (ara l-***Graff 1.1***).

1.2. Ir-rwol tagħna, kif stabbiliti fit-Trattat, jinkludi li:

— nivverifikaw jekk il-baġit tal-UE jintużax skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli;

— nesprimu l-opinjoni tagħna dwar il-kontijiet tal-UE;

— nirrappurtaw dwar l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività ([4]) tal-infiq tal-UE; u

— nagħtu opinjonijiet dwar leġiżlazzjoni b'impatt finanzjarju proposta.

Ix-xogħol tagħna ta' sostenn għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni jissodisfa l-ewwel u t-tieni objettivi. Jgħinna nidentifikaw ir-riskji li jaffettwaw l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività. U jipprovdi kontribut importanti għall-opinjonijiet tagħna dwar il-leġiżlazzjoni finanzjarja proposta.

([4]) Definiti fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1) kif ġej.
"Il-prinċipju tal-ekonomija jirrikjedi li r-riżorsi użati mill-istituzzjoni għat-twettiq tal-attivitajiet tagħha għandhom ikunu disponibbli f'waqt xieraq, fi kwantità u kwalità xierqa u bl-aħjar prezz.
Il-prinċipju tal-effiċjenza jikkonċerna l-aqwa relazzjoni bejn ir-riżorsi użati u r-riżultati miksuba.
Il-prinċipju tal-effikaċja (effettività) jikkonċerna l-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti u li jintlaħqu r-riżultati ppjanati."

**Graff 1.1 – Infiq tal-UE għall-2014 f'kull Stat Membru bħala sehem tan-nefqa totali għall-amministrazzjoni pubblika**




*Sorsi*:

L-infiq tal-Unjoni Ewropea (*data* kontabilistika tal-Kummissjoni Ewropea, ikkompilata mill-QEA).
In-nefqa totali tal-Istati Membri għall-amministrazzjoni pubblika: (L-Eurostat – Statistika tal-Gvernijiet – Dħul, infiq u aggregati prinċipali tal-Gvernijiet – Nefqa totali għall-amministrazzjoni pubblika għall-2014)
(http://ec.europa.eu/eurostat/web/government-finance-statistics/data/database). Ara l-***Anness 1.5*** għal spjegazzjoni tal-kodiċijiet tal-pajjiżi.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.3. Dan il-kapitolu tar-rapport annwali:

— jistipula l-isfond għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna u jiġbor fil-qosor l-approċċ tal-awditjar (ara l-***Anness 1.1***), is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna;

— janalizza n-natura tar-riskji differenti involuti fl-infiq tal-UE; u

— jippreżenta l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni b'rispons għall-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħna f'rapporti annwali preċedenti dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet (ara l-***Anness 1.2***).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## SEJBIET TAL-AWDITJAR GĦAS-SENA FINANZJARJA 2014

### Il-kontijiet ma kinux affettwati minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali

1.4. L-osservazzjonijiet tagħna jikkonċernaw il-kontijiet konsolidati [5] (il-"kontijiet") tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014. Aħna rċevejnihom, flimkien mal-ittra ta' rappreżentazzjoni tal-uffiċjal tal-kontabbiltà, fit-23 ta' Lulju 2015 [6]. Il-kontijiet huma akkumpanjati minn dokument intitolat "Financial Statement Discussion and Analysis" (Diskussjoni u Analiżi tar-Rapport Finanzjarju) [7]. Din l-analiżi mhijiex koperta mill-opinjoni tal-awditjar tagħna. Madankollu, skont l-istandards tal-awditjar, aħna vvalutajna l-konsistenza tagħha mal-informazzjoni fil-kontijiet.

1.5. Il-kontijiet (miġbura fil-qosor fl-***Anness 1.3***) juru li fil-31 ta' Diċembru 2014 l-obbligazzjonijiet totali kienu jammontaw għal EUR 220,7 biljun meta mqabbla ma' assi totali ta' EUR 162,7 biljun. Ir-riżultat ekonomiku għall-2014 jammonta għal deficit ta' EUR 11,3 biljun (ara wkoll il-paragrafi 2.12 u 2.13).

1.6. L-awditu tagħna sab li l-kontijiet ma kinux affettwati minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali (ara wkoll l-***Anness 1.2***). L-osservazzjonijiet tagħna dwar il-ġestjoni finanzjarja u baġitarja tal-fondi tal-UE huma ppreżentati fil-Kapitolu 2.

---

(5) Il-kontijiet konsolidati jinkludu:
(a) ir-rapporti finanzjarji konsolidati li jkopru l-karta tal-bilanċ (li tippreżenta l-assi u l-obbligazzjonijiet fi tmiem is-sena), ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja (li jirrikonoxxi l-introjtu u l-ispejjeż tas-sena), ir-rapport tal-flussi tal-flus (li juri kif il-bidliet fil-kontijiet jaffettwaw il-flus kontanti u l-ekwivalenti ta' flus kontanti) u r-rapport tat-tibdil fl-assi netti kif ukoll in-noti relatati;
(b) ir-rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit li jkopru d-dħul u l-infiq għas-sena kif ukoll in-noti relatati.

(6) Il-kontijiet proviżorji, flimkien mal-ittra ta' rappreżentazzjoni tal-uffiċjal tal-kontabbiltà, ġew riċevuti fil-31 ta' Marzu 2015, id-data finali għall-preżentazzjoni li hija permessa skont ir-Regolament Finanzjarju (ara l-Artikolu 147 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012). Il-kontijiet finali ġew riċevuti tmint ijiem qabel id-data ta' skadenza għall-preżentazzjoni, jiġifieri l-31 ta' Lulju, kif stipulat fl-Artikolu 148. Il-verżjoni riveduta tad-dokument tal-Kummissjoni Diskussjoni u Analiżi tar-Rapport Finanzjarju (FSDA) li jakkumpanja l-kontijiet intbagħtet lill-Qorti fl-1 ta' Settembru 2015.

(7) Ara l-Linja Gwida ta' Prattika Rakkomandata 2 (RPG 2) "Financial Statement Discussion and Analysis" (Diskussjoni u Analiżi tar-Rapport Finanzjarju) tal-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSASB).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.7. Fl-2014 il-Kummissjoni għamlet bosta bidliet fil-preżentazzjoni tal-kontijiet. Dawn jieħdu kont tal-QFP il-ġdid, u jsaħħu aktar l-allinjament mal-istandards internazzjonali. Hemm titjib notevoli fil-preżentazzjoni ta' ċerti noti għall-kontijiet ([8]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.7.** *Il-Kummissjoni tapprezza r-rikonoxximent tal-Qorti għat-titjib li sar. Dan it-titjib, bħalma huma d-divulgazzjonijiet volontarji fid-Diskussjoni u l-Analiżi dwar id-Dikjarazzjoni Finanzjarja, sar sabiex tinżamm il-pożizzjoni fuq quddiem nett tar-rapportar finanzjarju fis-settur pubbliku billi jingħata tagħrif finanzjarju ta' siwi għall-utenti tal-kontijiet tal-UE.*

*Kwistjonijiet li jaffettwaw il-kontijiet*

1.8. Il-kwistjonijiet li ġejjin jaffettwaw Il-kontijiet:

(a) Il-Kummissjoni għamlet progress f'termini tal-preżentazzjoni tan-Nota 6 għall-kontijiet (dwar "Protezzjoni tal-baġit tal-UE") kif diskuss fil-paragrafu 1.13 tar-Rapport Annwali 2013 tagħna u fil-punt 2 tat-tabella ta' segwitu ta' din is-sena (l-***Anness 1.2***). In-nota issa tipprovdi informazzjoni aktar iffukata. Għall-koeżjoni, hija tiddivulga l-punt sa fejn il-korrezzjonijiet isiru qabel ma l-infiq jiġi rreġistrat, matul l-implimentazzjoni u fl-għeluq. In-nota issa tiddeskrivi (iżda mhux dejjem tikkwantifika) l-impatt tal-miżuri korrettivi (pereżempju, il-ħolqien ta' dħul assenjat, irtirar u sostituzzjonijiet mill-Istati Membri, eċċ.) fuq il-baġit tal-UE ([9]).

(b) In-Nota 2.5.2 dwar prefinanzjamenti (pagamenti bil-quddiem lill-Istati Membri) tindika li l-Kummissjoni għandha informazzjoni limitata dwar l-użu ta' fondi li jingħataw bil-quddiem għal strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża (FISM) (EUR 3,8 biljun) u skemi oħra ta' għajnuna (EUR 3,6 biljun). Dan jista' jkollu impatt fuq il-valutazzjoni tagħhom fi tmiem is-sena. Jista' jkun li l-Kummissjoni tkun teħtieġ li tagħmel aġġustamenti sinifikanti fl-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

**1.8.**

**(a)** *Rigward Nota 6, din tagħti ġabra fil-qosor tar-riżultati tal-azzjonijiet korrettivi tal-Kummissjoni (deċiżi u implimentati) u anki l-azzjonijiet preventivi tagħha għas-sena 2014. Aktar tagħrif dettaljat dwar dan is-suġġett huwa inkluż fil-Komunikazzjoni annwali tal-Kummissjoni dwar il-Protezzjoni tal-Baġit tal-UE.*

([8]) Inkluża l-preżentazzjoni konsolidata ta' assi u obbligazzjonijiet kurrenti u mhux kurrenti, u l-preżentazzjoni simplifikata ta' informazzjoni segmentali.

([9]) Il-Kummissjoni biħsiebha tirrifletti d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ta' Ġunju 2015 li jannullaw deċiżjonijiet dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji għal ammont ta' EUR 457 miljun fin-Nota 6 għall-kontijiet 2015. Dawn id-deċiżjonijiet diġà huma ttrattati bħala avvenimenti ta' aġġustament wara l-għeluq tal-karta tal-bilanċ fin-Nota 2.10 intitolata "Dispożizzjonijiet"(is-Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Ġunju 2015 fil-kawżi magħquda C-549/12 P u C-54/13 P li jannullaw żewġ Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jammontaw għal EUR 94 miljun relatati ma' programmi tal-FEŻR fil-Ġermanja, u fil-kawża C-263/13 P, li jannullaw tliet Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jammontaw għal EUR 363 miljun għal programmi tal-FEŻR fi Spanja). Dawn id-deċiżjonijiet affettwaw l-infiq taħt il-programmi operazzjonali 1994-1999.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Regolarità tat-tranżazzjonijiet: ir-riżultati kumplessivi tal-awditjar tagħna, għalkemm stabbli, juru livell materjali ta' żball

1.9. Aħna neżaminaw id-dħul u l-infiq tal-UE biex nivvalutaw jekk humiex skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli. Aħna nippreżentaw ir-riżultati tal-awditjar tagħna dwar id-dħul fil-Kapitolu 4 u dwar l-infiq fil-Kapitoli 5 sa 9 (ara t-***Tabella 1.1***).

1.10. Id-dħul kien ħieles minn żball materjali (ara l-paragrafu 4.26). Fl-infiq, aħna nkomplu nsibu livell materjali ta' żball. Il-livell ta' żball stmat fl-infiq (wara li ttieħed kont ta' azzjonijiet korrettivi rilevanti, ara l-paragrafu 1.32 ([10])) kien ta' 4,4 %, f'livell simili għal dak tal-2013 (4,5 % ([11])) (ara t-***Tabella 1.1***). L-infiq fuq l-Intestatura 5 ("Amministrazzjoni") tal-QFP kien ħieles minn żball materjali (ara l-paragrafu 9.15). L-infiq għall-intestaturi kollha li jifdal, li jkopri n-nefqa operazzjonali, kien milqut minn żball materjali (ara l-paragrafi 5.32 sa 5.33, 6.76 sa 6.77, 7.72 sa 7.73 u 8.26 sa 8.27).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.10.** *Il-Kummissjoni għandha l-istess valutazzjoni bħal dik tal-Qorti dwar ħafna mill-iżbalji rrapportati fir-rigward tad-dħul fil-Kapitolu 4 u fir-rigward tan-nefqa fil-Kapitoli 5 sa 9, u se tagħmel segwitu kif dovut tal-iżbalji sabiex tipproteġi l-baġit tal-UE.*

**Tabella 1.1 – Sommarju tar-riżultati tal-awditjar dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet għall-2014**

| Kapitolu tar-rapport annwali | Intestatura tal-QFP | Tranżazzjonijiet suġġetti għall-awditjar (biljun EUR) | Livell ta' żball stmat għall-2014 (%) | Intervall ta' fiduċja (%) | | Livell ta' żball stmat għall-2013 (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Limitu inferjuri tal-iżball (LEL) | Limitu superjuri tal-iżball (UEL) | |
| 5. Kompetittività | Intestatura 1a | 13,0 | 5,6 | 3,1 | 8,1 | 4,0 |
| 6. Koeżjoni | Intestatura 1b | 55,7 | 5,7 | 3,1 | 8,2 | 5,3 |
| 7. Riżorsi Naturali | Intestatura 2 | 57,5 | 3,6 | 2,7 | 4,6 | 4,4 |
| 8. Ewropa Globali | Intestatura 4 | 7,4 | 2,7 | 0,9 | 4,4 | 2,1 |
| 9. Amministrazzjoni | Intestatura 5 | 8,8 | 0,5 | 0,1 | 0,9 | 1,1 |

([10]) Mhuwiex xieraq li korrezzjonijiet fuq klejms li saru "f'ras il-għajn" u li ma wasslux għal pagament jew li wasslu għal pagament imnaqqas jitqabblu mal-livell ta' pagamenti finali.

([11]) Il-livell ta' żball stmat li rrappurtajna fir-Rapport Annwali 2013 kien ta' 4,7 %. Il-livell stmat kumparabbli ppreżentat hawnhekk huwa 0,2 punti perċentwali inqas minħabba li aġġornajna l-kwantifikazzjoni tagħna ta' żbalji fl-akkwist pubbliku (ara l-paragrafi 1.13 sa 1.14).

| Kapitolu tar-rapport annwali | Intestatura tal-QFP | Tranżazzjonijiet suġġetti għall-awditjar (biljun EUR) | Livell ta' żball stmat għall-2014 (%) | Intervall ta' fiduċja (%) | | Livell ta' żball stmat għall-2013 (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Limitu inferjuri tal-iżball (LEL) | Limitu superjuri tal-iżball (UEL) | |
| Oħrajn ([1]) | Intestaturi 3, 6 u oħrajn | 2,1 | — | — | — | — |
| **Total** | | **144,5** | **4,4** | **3,3** | **5,4** | **4,5** |
| | | | | | | |
| **Dħul** | | **143,5** | **0** | **0** | **0** | **0** |

([1]) Aħna ma nipprovdux valutazzjoni speċifika jew kapitolu separat għall-infiq taħt l-Intestatura 3 ("Sigurtà u ċittadinanza") u l-Intestatura 6 ("Kumpensi") tal-QFP, u lanqas għal infiq ieħor (strumenti speċjali barra l-QFP 2014-2020 bħar-Riżerva għal Għajnuna f'Emerġenza, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea u l-Istrument ta' Flessibbiltà). Madankollu, ix-xogħol f'dawn l-oqsma jikkontribwixxi għall-konklużjoni kumplessiva tagħna dwar l-infiq għas-sena 2014.

*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.11. Ir-riżultati kumplessivi tal-awditjar kienu relattivament stabbli f'livell li jaqbeż b'mod sinifikanti l-punt ta' riferiment tagħna għall-materjalità matul l-aħħar tliet snin (ara l-***Graff 1.2***).

## IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.11.** *Il-Kummissjoni tinnota li r-rata ta' żbalji rrapportati mill-Qorti hija stima annwali li tqis il-korrezzjonijiet tan-nefqa tal-proġetti li jinstabu qabel ma jitħabbar l-awditjar tal-Qorti.*

*Il-Kummissjoni tissottolinja li hija marbuta bir-Regolament Finanzjarju, li jistipula fl-Artikolu 32(2)(e) li s-sistema ta' kontroll intern tagħha għandha tiżgura, fost affarijiet oħra, "kontroll adegwat tar-riskji li jirrigwardaw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti filwaqt li jitqies kemm il-karattru pluriennali tal-programmi kif ukoll in-natura tal-pagamenti kkonċernati".*

*Fir-Rapport ta' Sinteżi tal-2014 (COM(2015) 279 final), il-Kummissjoni kienet stmat li l-impatt futur tal-mekkaniżmi ta' korrezzjoni jkun ta' EUR 2,7 biljun, li jirrappreżentaw 1,9 % tal-pagamenti li saru mill-baġit tal-UE.*

*Il-Kummissjoni se tkompli teżerċita r-rwol superviżorju tagħha billi timplimenta korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri fil-livell li jikkorrispondi għal-livell ta' irregolaritajiet u nuqqasijiet identifikati tul il-perjodu kollu u anki wara l-għeluq tal-programmi.*

**Graff 1.2 – Il-livell ta’ żball stmat (ir-rata tal-iżball l-aktar probabbli, MLE) (2012-2014)** ([1])




([1]) Il-livell ta’ żball stmat għall-2012 u l-2013 ġie aġġustat biex jittieħed kont tal-approċċ aġġornat għall-kwantifikazzjoni ta’ żbalji serji fl-akkwist pubbliku (ara l-paragrafu 1.13).
*Sors*: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.12. L-infiq tal-UE huwa ddominat minn żewġ tipi ta’ programmi ta’ nfiq li jinvolvu xejriet distinti ta’ riskju ([12]):

— Programmi relatati ma’ drittijiet, fejn il-pagament huwa bbażat fuq l-issodisfar ta’ ċerti kundizzjonijiet. Programmi bħal dawn jinkludu boroż ta’ studju għall-istudenti u għar-riċerka (il-Kapitolu 5), għajnuna diretta għall-bdiewa (il-Kapitolu 7), appoġġ baġitarju dirett ([13]) (il-Kapitolu 8), salarji u pensjonijiet (il-Kapitolu 9).

— Skemi ta’ rimborż tal-ispejjeż, fejn l-UE tirrimborża spejjeż eliġibbli għal attivitajiet eliġibbli. Skemi bħal dawn jinkludu proġetti ta’ riċerka (il-Kapitolu 5), skemi ta’ investiment fl-iżvilupp reġjonali u l-iżvilupp rurali (il-Kapitoli 6 u 7), skemi ta’ taħriġ (il-Kapitolu 6), u proġetti ta’ żvilupp (il-Kapitolu 8).

([12]) Il-paragrafi 1.20 sa 1.22 jinkludu analiżi ulterjuri ta’ dawn ir-riskji distinti.
([13]) Il-pagamenti għall-appoġġ baġitarju dirett jikkontribwixxu għall-baġit ġenerali ta’ Stat jew għall-baġit tiegħu għal politika speċifika jew objettiv speċifiku (ara wkoll il-paragrafi 8.7 u 8.8).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Aħna aġġornajna l-approċċ tal-awditjar tagħna …*

1.13. Għall-2014 aħna aġġornajna l-approċċ tagħna għall-kwantifikazzjoni ta' ksur serju tar-regoli tal-akkwist pubbliku. Dan irriżulta fi kjarifika tal-mod kif nivvalutaw l-impatt ta' dan il-ksur. B'mod partikolari introduċejna approċċ proporzjonali għall-kalkolu ta' żbalji relatati mal-modifika ta' kuntratti.

1.14. Biex niżguraw il-kumparabbiltà tar-riżultati ppreżentati f'dan ir-rapport, aħna aġġustajna ċ-ċifri għall-2013 u l-2012 fit-***Tabella 1.1***, u fil-***Graffs 1.2***, ***1.3***, ***1.4, 1.5*** u ***1.6*** skont l-approċċ aġġornat. L-informazzjoni storika mhux aġġustata dwar il-livell ta' żball stmat irrappurtat fil-perjodu 2009-2013 tingħata fl-***Anness 1.4***. L-impatt tal-aġġustament kien li l-livell kumplessiv ta' żball stmat jitnaqqas b'0,2 % fl-2013 u b'0,3 % fl-2012. Dan l-aġġustament ma għandu l-ebda impatt fuq il-konklużjonijiet li wasalna għalihom f'kull waħda minn dawn is-sentejn. Huwa ċar li l-livell ta' żball jibqa' materjali.

1.15. Fl-2015 se naġġustaw l-approċċ tagħna għall-kundizzjonalità skont il-bidliet fil-qafas legali tal-politika agrikola komuni. Se nirrappurtaw dwar informazzjoni li l-Kummissjoni tipprovdi fir-rigward tal-kundizzjonalità, iżda mhux se ninkludu aktar dan l-element fl-ittestjar tal-awditjar tagħna. Din is-sena sibna ħafna żbalji ta' kundizzjonalità li kienu jolqtu wieħed minn erba' azjendi agrikoli li saritilhom żjara. Il-kontribut tagħhom għal-livell kumplessiv ta' żball stmat minna huwa ta' 0,2 punti perċentwali (2013: 0,2) [14] u huwa 0,6 punti perċentwali għall-kapitolu "Riżorsi Naturali" (2013: 0,5).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.13.** *Il-Kummissjoni tilqa' l-approċċ il-ġdid tal-Qorti għall-kwantifikazzjoni ta' ksur serju tar-regoli tal-akkwist pubbliku.*

**1.15.** *Il-Kummissjoni tilqa' l-bidla fl-approċċ tal-Qorti mill-2015. Għall-2014, ittenni l-fehma tagħha li l-ksur tal-kundizzjonalità ma jaffettwawx l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-pagamenti (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 7.7).*

(14) Ara wkoll il-paragrafu 1.21 tar-Rapport Annwali 2013.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*… u l-istruttura tar-rapport annwali tagħna*

1.16. Kif ġie deskritt fl-Introduzzjoni Ġenerali (il-paragrafi 0.5 sa 0.7), aħna aġġornajna l-istruttura tal-kapitoli fir-rapport annwali. Sabiex nippreservaw il-kumparabbiltà, qed nuru hawn taħt (il-***Graff 1.3***) kif ir-riżultati tal-awditjar tas-sena li għaddiet kienu jkunu jidhru taħt l-istruttura l-ġdida, filwaqt li nieħdu kont tal-approċċ aġġornat għall-kwantifikazzjoni tal-akkwist pubbliku (ara l-paragrafi 1.13 u 1.14). Aħna użajna dawn iċ-ċifri fit-***Tabella 1.1***.

**Graff 1.3 – Riklassifikazzjoni tar-riżultati tal-awditjar għall-2013 ibbażata fuq l-istruttura tar-Rapport Annwali 2014 u b'kont meħud tal-approċċ aġġornat għall-kwantifikazzjoni ta' żbalji fl-akkwist pubbliku**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, b'kont meħud tal-bidliet għall-istruttura tar-rapport annwali u l-approċċ aġġornat għall-kwantifikazzjoni ta' ksur serju tar-regoli tal-akkwist pubbliku.

1.17. Kif jidher fil-***Graff 1.4***, il-Koeżjoni kienet l-akbar kontributur għal-livell ta' żball stmat minna għall-2014, segwita minn "Riżorsi Naturali", "Kompetittività" u "Ewropa Globali". Din id-distribuzzjoni hija f'konformità mas-sejbiet tagħna għall-2013.

**Graff 1.4 – Kontribut għal-livell kumplessiv ta' żball stmat għall-2014, skont l-intestatura tal-QFP**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.18. L-iżbalji ta' eliġibbiltà fl-iskemi ta' rimborż tal-ispejjeż jiddominaw l-iżbalji maqbuda għall-2014 (ara wkoll il-paragrafu 1.20 sa 1.22, il-***Graff 1.5*** u l-***Graff 1.6***).

(a) Għall-infiq ibbażat fuq rimborż, il-livell ta' żball stmat huwa ta' 5,5 % (2013: 5,6 %). Żbalji tipiċi f'dan il-qasam jinkludu:

— spejjeż ineliġibbli inklużi fil-klejms għall-ispejjeż;

— proġetti, attivitajiet u benefiċjarji ineliġibbli;

— ksur serju tar-regoli tal-akkwist pubbliku matul is-sottomissjoni ta' offerti; u

— ksur serju tar-regoli tal-akkwist pubbliku matul l-implimentazzjoni tal-kuntratti (jiġifieri modifiki li saru għall-kuntratti u għoti ta' xogħlijiet addizzjonali).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.18.**

**(a)** *Il-Kummissjoni identifikat ukoll problemi simili waqt l-awditi tagħha. Saru sforzi konsiderevoli mill-Kummissjoni tul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 biex tkun identifikata l-kawża ewlenija tal-problemi u jkunu implimentati azzjonijiet korrettivi fejn meħtieġ.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(b) Għall-programmi relatati ma' drittijiet, il-livell ta' żball stmat huwa ta' 2,7 % (2013: 3,0 %). Żbalji tipiċi f'dan il-qasam jinkludu:

— dikjarazzjonijiet eċċessivi ta' erjas agrikoli mill-bdiewa; u

— żbalji amministrattivi li jaffettwaw il-pagamenti lill-bdiewa.

**Graff 1.5 – Kontribut għal-livell kumplessiv ta' żball stmat, skont it-tip ta' żball**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

1.19. Fil-***Graff 1.5***, iċ-ċifri għall-2013 huma fuq l-istess bażi bħal dawk għall-2014, jiġifieri abbażi tal-approċċ deskritt fil-paragrafu 1.13.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Hemm relazzjoni qawwija bejn it-tip ta' nfiq u l-livelli ta' żball*

1.20. Aħna analizzajna r-relazzjoni bejn it-tip ta' nfiq u r-riskju ta' żball. Karatteristika tal-infiq tal-UE hija l-punt sa fejn il-kalkolu korrett tal-pagamenti li jsiru lir-riċevituri tal-finanzjament jiddependi fuq informazzjoni pprovduta mill-benefiċjarji nfushom. Dan huwa l-każ għall-akbar kategorija ta' nfiq ibbażat fuq drittijiet – is-sussidji bbażati fuq l-erja li jitħallsu lill-bdiewa. Din ir-relazzjoni hija speċjalment sinifikanti fil-qasam ta' attivitajiet ta' rimborż: ir-riċevituri jridu jipprovdu informazzjoni li ssostni d-dikjarazzjoni tagħhom li jkunu involuti f'attività eliġibbli għall-appoġġ u li jkunu ġarrbu spejjeż li għalihom huma intitolati għal rimborż. Dan jaffettwa l-modi kollha ta' ġestjoni ([15]).

1.21. Il-***Graff 1.6*** hija bbażata fuq l-ittestjar kollu tal-awditjar tal-infiq tal-UE matul l-aħħar sentejn ([16]), għar-rapporti annwali dwar il-baġit ġenerali u l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp. Il-flussi ta' pagamenti huma miġbura flimkien skont in-natura tagħhom. Id-daqs taċ-ċrieki f'din il-graff jirrappreżenta l-ponderazzjoni tagħhom fl-infiq kumplessiv; il-pożizzjoni tagħhom fuq il-linja ta' 45° tindika l-livelli relattivi ta' żbalji stmati; il-lewn tagħhom jindika jekk l-infiq huwiex ibbażat fuq drittijiet jew fuq rimborż.

1.22. Din il-graff tinkorpora ż-żewġ elementi ta' ġudizzju professjonali (il-valutazzjoni tal-impatt tas-sistemi u tar-riskji relatati mat-tip ta' tranżazzjoni – ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu 1) u l-elementi empiriċi (il-kejl ta' livelli ta' żball stmat fuq perjodu ta' sentejn). Hija intenzjonata kemm li twieġeb għal talbiet mill-partijiet interessati għal aktar informazzjoni dwar profili differenti ta' riskju, kif ukoll li tassisti lill-Kummissjoni fit-teħid ta' azzjoni biex jiġu ttrattati oqsma b'livelli ta' żbalji li jkunu persistentement għoljin.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.20.** *Is-sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' kontroll (l-IACS, Integrated Administration and Control System) – li tinkludi s-sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art (l-LPIS, Land Parcel Identification System) – tipprovdi kontribut sinifikanti għall-prevenzjoni tal-iżbalji u għat-tnaqqis tar-rata ta' żbalji (ara l-paragrafu 7.32).*

*L-LPIS hija stabbilita mill-awtoritajiet nazzjonali u minnhom issir il-manutenzjoni tagħha. Il-pagamenti lill-benefiċjarji finali huma possibbli biss wara li t-talba tagħhom tkun ġiet ikkontroverifikata mat-tagħrif disponibbli f'LPIS.*

*Minħabba l-LPIS, il-livell ta' żbalji għal sussidji skont wiċċ l-art huwa inqas mil-livell għal kull tip ieħor ta' sussidju soġġett għal ġestjoni kondiviża.*

*Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Kaxxa 1.2 u l-Kaxxa 1.3 jikkonfermaw din il-fehma.*

([15]) Ġestjoni diretta (baġit implimentat direttament mill-Kummissjoni Ewropea), ġestjoni indiretta (implimentazzjoni tal-baġit fdat lil pajjiżi sħab mhux membri tal-UE, organizzazzjonijiet internazzjonali eċċ.), ġestjoni kondiviża (implimentazzjoni tal-baġit kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri).

([16]) Evalwat fuq l-istess approċċ għas-sentejn (ara l-paragrafi 1.13 u 1.14).

**Graff 1.6 – Ir-relazzjoni bejn it-tip ta' tranżazzjoni, ir-riskju, u l-livell ta' żball stmat fit-tranżazzjonijiet tal-UE (2013-2014)**




[1] Ir-rimborż għal "Ewropa Globali" jinkludi proġetti b'multidonaturi li, fil-prattika, għandhom ħafna mill-attributi ta' nfiq ibbażat fuq drittijiet u huwa milqut minn livelli aktar baxxi ta' żball.

*Sors*: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| *Riżultati f'oqsma differenti ta' nfiq juru xejriet distinti ta' żball* | |
| 1.23. "Kompetittività" (il-Kapitolu 5): il-livell ta' żball stmat huwa ta' 5,6 %, żieda fuq ir-riżultati ekwivalenti fl-2013 (4,0 % ([17])). Il-biċċa l-kbira mill-infiq isir fuq bażi ta' rimborż tal-ispejjeż u l-iżbalji hawnhekk essenzjalment jirriflettu kategoriji differenti ta' spejjeż ineliġibbli (notevolment spejjeż għall-persunal, spejjeż diretti oħra u spejjeż indiretti). | **1.23.** *Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-Kapitolu 5 tar-Rapport Annwali (paragrafi 5.6 – 5.17).* |
| 1.24. "Koeżjoni" (il-Kapitolu 6): il-livell ta' żball stmat huwa ta' 5,7 %, żieda fuq ir-riżultati ekwivalenti fl-2013 (5,3 % ([17])). Kważi l-infiq kollu f'dan il-qasam huwa f'forma ta' rimborż tal-ispejjeż. Il-kawżi prinċipali ta' żball jinkludu ksur serju tar-regoli tal-akkwist pubbliku (madwar nofs il-livell ta' żball stmat), segwit minn spejjeż ineliġibbli fid-dikjarazzjonijiet tal-infiq (aktar minn kwart tal-livell ta' żball stmat). Nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u proġetti ineliġibbli jikkostitwixxu l-bilanċ tal-iżbalji. | **1.24.** *Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-Kapitolu 6 tar-Rapport Annwali (paragrafi 6.23 – 6.45 u paragrafu 6.76).* |
| 1.25. "Riżorsi Naturali" (il-Kapitolu 7): il-livell ta' żball stmat huwa ta' 3,6 %, tnaqqis fuq ir-riżultati ekwivalenti fl-2013 (4,4 % ([17])). Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) jirrappreżenta aktar minn tliet kwarti tal-infiq f'dan il-qasam u huwa milqut inqas minn żball mill-iżvilupp rurali, fejn ilna nsibu livelli għoljin ta' żball, b'mod partikolari fl-infiq organizzat abbażi tar-rimborż tal-ispejjeż. B'mod kumplessiv, il-klejms iddikjarati b'mod eċċessiv mill-bdiewa, dwar erjas agrikoli jew għadd ta' annimali, kienu jikkontribwixxu għal madwar terz tal-livell ta' żball stmat. Żbalji relatati ma' benefiċjarji, attivitajiet jew infiq ineliġibbli kienu t-tieni l-ogħla kontributur (kważi kwart tal-livell ta' żball stmat). Il-ksur tal-kundizzjonalità (wieħed minn sitta) u żbalji amministrattivi (wieħed minn sitta) jikkostitwixxu l-elementi ewlenin li jifdal. | **1.25.** *Ir-rata ta' żbalji aktar baxxa għall-FAEG tirrifletti l-effettività tal-IACS, b'mod partikolari tal-LPIS, meta implimentata b'mod adegwat, fil-prevenzjoni tal-iżbalji mill-bidu nett tal-proċess. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-IACS kollha kemm hi hija sistema solida għall-ġestjoni tan-nefqa tal-PAK.*<br>*Ara wkoll it-tweġibiet fil-paragrafi 1.15 u 1.20, 7.15 sa 7.19 u 7.25 sa 7.29.* |

([17]) Dan it-tqabbil jieħu kont kemm tar-riklassifikazzjoni tal-linji baġitarji biex jiġi żgurat li l-kapitoli jirriflettu l-intestaturi tal-QFP kif ukoll tal-approċċ aġġornat għal żbalji fl-akkwist. Ara wkoll il-***Graff 1.3***.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 1.26. "Ewropa Globali" (il-Kapitolu 8): il-livell ta' żball stmat huwa ta' 2,7 %, żieda fuq ir-riżultati ekwivalenti fl-2013 (2,1 % ([18])) ([19]). L-ispejjeż ineliġibbli rimborżati mill-Kummissjoni jirrappreżentaw aktar minn nofs it-total. Il-pagamenti li saru għal xogħlijiet, servizzi jew provvisti li ma kinux twasslu jirrappreżentaw kwart tat-total. Il-bqija tirriżulta minn nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn (madwar wieħed minn għaxra tal-livell ta' żball stmat), kalkolu skorrett tal-infiq, u nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist. | **1.26.** *Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-Kapitolu 8 tar-Rapport Annwali (paragrafi 8.11 – 8.15).* |
| 1.27. "Amministrazzjoni" (il-Kapitolu 9): il-livell ta' żball stmat huwa ta' 0,5 %, tnaqqis fuq ir-riżultati ekwivalenti fl-2013 (1,1 % ([18])). Il-biċċa l-kbira mill-infiq f'dan il-qasam huwa fuq is-salarji, il-pensjonijiet u l-allowances imħallsa mill-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE. Għadd żgħir ta' żbalji fl-allowances kienu jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira mill-iżball f'dan il-qasam, li bħala total mhuwiex materjali. | **1.27.** *Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-Kapitolu 9 tar-Rapport Annwali (paragrafi 9.13 – 9.17).* |
| 1.28. Kif spjegat fl-Introduzzjoni Ġenerali, aħna ma nipprezentawx kapitolu separat għall-infiq li jaqa' barra l-Intestaturi 1 – 2 u 4 – 5 tal-QFP. Għalhekk, l-infiq li jifdal, li jammonta għal EUR 2,1 biljun (1,5 % tal-infiq kopert mill-awditu tagħna), huwa rrappurtat f'dan il-kapitolu ([20]). Mit-total ta' EUR 2,1 biljun, EUR 0,5 biljun jirrappreżentaw l-infiq permezz ta' u minn 10 aġenziji koperti fir-rapporti annwali speċifiċi tagħna ([21]). L-iżbalji prinċipali identifikati f'dan il-qasam kienu r-rimborż ta' spejjeż ineliġibbli (ara l-Kaxxa 1.1). | |

([18]) Dan it-tqabbil jieħu kont kemm tar-riklassifikazzjoni tal-linji baġitarji biex jiġi żgurat li l-kapitoli jirriflettu l-intestaturi tal-QFP kif ukoll tal-approċċ aġġornat għal żbalji fl-akkwist. Ara wkoll il-***Graff 1.3***.

([19]) Il-biċċa l-kbira mill-infiq tal-kapitolu intitolat "Relazzjonijiet esterni, għajnuna u tkabbir" għall-2013 baqa' fil-kapitolu ekwivalenti għall-intestatura "Ewropa Globali" tal-QFP, kwantità żgħira ġiet ittrasferita għall-kapitolu intitolat "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali", ara wkoll il-***Graff 1.3***.

([20]) Ara n-nota 1 f'qiegħ it-***Tabella 1.1***.

([21]) L-Aġenzija Ewropea għat-Tisħiħ tal-Kooperazzjoni Ġudizzjarja, l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni, l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija, l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 1.1 – Eżempju ta' żbalji fl-ispejjeż rimborżati għal proġett taħt l-Intestatura 3 "Sigurtà u Ċittadinanza" tal-QFP**

Aħna ħadna kampjun ta' pagament li sar mill-Kummissjoni lil benefiċjarju li kien qed jaġixxi bħala l-koordinatur fuq proġett kollaborattiv taħt il-Programm Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza.

Il-benefiċjarju, li kien korp pubbliku, issekonda żewġ membri permanenti tal-persunal (impjegati taċ-ċivil) fuq bażi part-time għall-proġett, u ddebita parti mis-salarji tagħhom fid-dikjarazzjoni tal-ispejjeż tal-proġett. Il-persunal sekondat irid jirrappreżenta spejjeż addizzjonali, li jistgħu jiġu ġġustifikati biss jekk l-ispejjeż effettivament jirriżultaw bl-ikkuntrattar ta' persunal ieħor biex jissostitwixxi l-impjegati taċ-ċivil fl-attivitajiet normali tagħhom. Billi l-benefiċjarju ma assenja l-ebda sostitut għall-impjegati taċ-ċivil, dawn l-ispejjeż huma ineliġibbli.

B'kollox, l-ispejjeż ineliġibbli ddikjarati mill-benefiċjarju ammontaw għal EUR 58 000 mill-ispejjeż totali ddikjarati ta' EUR 237 000.

Aħna qbadna spejjeż ineliġibbli rimborżati mill-Kummissjoni fi 8 mill-25 proġett ikkampjunat għall-Intestatura 3 tal-QFP.

1.29. Il-livell ta' żball stmat fuq l-infiq taħt ġestjoni kondiviża meħud fl-intier tiegħu jammonta għal 4,6 % (2013: 4,9 % ([22])) u fuq il-forom l-oħra kollha ta' nefqa operazzjonali ([23]) huwa ta' 4,6 % (2013: 3,7 % ([22])). Il-livell ta' żball stmat għan-nefqa amministrattiva huwa ta' 0,5 % (2013: 1,0 % ([22])).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Il-Kaxxa 1.1 – Eżempju ta' żbalji fl-ispejjeż rimborżati għal proġett taħt l-Intestatura 3 tal-QFP "Sigurtà u Ċittadinanza"***

*Il-Kummissjoni kienet konxja sew mid-diffikultajiet li ffaċċaw il-korpi pubbliċi sabiex jirrispettaw ir-regola ta' eliġibbiltà applikabbli għall-ispejjeż tal-persunal għall-korpi pubbliċi (jingaġġaw permezz ta' kuntratt lil persunal ieħor biex jissostitwixxi lill-uffiċjal pubbliku fl-attivitajiet tiegħu tas-soltu). Minħabba dan, mill-2011 'il quddiem, il-Kummissjoni mmodifikat ir-regoli ta' eliġibbiltà applikabbli għall-persunal ta' korpi pubbliċi, billi użat il-flessibbiltà pprovduta f'dan ir-rigward permezz tar-Regoli ta' Implimentazzjoni għar-Regolament Finanzjarju. Għadaqstant, l-ispejjeż mhux eliġibbli li rriżultaw lill-Qorti fis-sovvenzjoni li ssemmiet (l-ispejjeż tal-persunal għal persunal f'korpi pubbliċi li mhuwiex assenjat bħala sostituzzjoni) issa jkunu kkunsidrati bħala eliġibbli.*

([22]) Dan it-tqabbil jieħu kont tal-approċċ aġġornat għal żbalji fl-akkwist. Ara wkoll il-paragrafi 1.13 u 1.14.

([23]) Prinċipalment l-infiq kopert mill-Kapitoli 7 u 8, kif ukoll partijiet mill-infiq kopert mill-Kapitoli 5 u 6. L-iżball estrapolat għall-infiq taħt ġestjoni kondiviża huwa bbażat fuq l-eżaminar ta' 687 tranżazzjoni (meħuda minn popolazzjoni ta' EUR 113-il biljun), l-estrapolazzjoni għal forom oħra ta' nefqa operazzjonali hija bbażata fuq l-eżaminar ta' 497 tranżazzjoni (meħuda minn popolazzjoni ta' EUR 23 biljun).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Hemm ħafna forom ta' miżuri korrettivi b'impatti differenti

1.30. L-eżaminar tagħna ta' "żbalji u korrezzjonijiet" ifittex li jixħet dawl fuq il-mekkaniżmi kumplessi għat-twettiq u r-reġistrazzjoni ta' azzjoni korrettiva, kif ukoll li jispjega l-modi differenti kif dawn il-mekkaniżmi jista' jkollhom impatt fuq ix-xogħol tal-awditjar tagħna. F'xi oqsma ta' nfiq il-Kummissjoni se jkollha għodod ġodda għad-dispożizzjoni tagħha meta jsir l-infiq għall-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid.

*Miżuri korrettivi*

1.31. Aħna nfittxu li nieħdu kont ta' miżuri korrettivi applikati mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fejn dawn isiru qabel il-pagament jew qabel l-eżaminar tagħna. Nieħdu wkoll nota tal-korrezzjonijiet li saru wara n-notifika tal-awditu tagħna, iżda ma nistgħux innaqqsu l-istima tar-rata ta' żball fejn l-awditu nnifsu jistimula azzjoni korrettiva ([24]). Aħna niċċekkjaw l-applikazzjoni ta' dawn il-korrezzjonijiet (li jinkludu rkupri mill-benefiċjarji u korrezzjonijiet fil-livell tal-proġetti) u naġġustaw għall-kwantifikazzjoni ta' żbalji kull meta dan ikun xieraq. Madankollu, l-impatt ta' miżuri korrettivi jvarja b'mod sinifikanti bejn l-oqsma differenti ta' nfiq, u bejn il-miżuri korrettivi differenti.

1.32. Għal 24 tranżazzjoni kkampjunata fl-2014, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri kienu applikaw miżuri korrettivi li affettwaw direttament it-tranżazzjoni kkonċernata u li kienu rilevanti għall-kalkoli tagħna. Dawn il-miżuri korrettivi naqqsu l-livell ta' żball stmat minna b'1,1 punti perċentwali (2013: 1,6 punti perċentwali) ekwivalenti għal madwar EUR 1,6 biljun. Bidliet fl-għadd ta' tranżazzjonijiet affettwati u fl-impatt fuq il-livell ta' żball stmat minna ma jindikawx li l-azzjoni korrettiva saret xi ftit jew wisq effettiva: billi dawn il-miżuri japplikaw għal sehem relattivament żgħir tal-kampjun tagħna, huwa mistenni li jkun hemm fluttwazzjoni minn sena għal oħra.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.30.** *Il-Kummissjoni tikkunsidra li r-rata ta' żbalji annwali rappreżentattiva tal-Qorti għandha tidher fil-kuntest tal-kapaċità korrettiva tal-Kummissjoni kif ippreżentata fid-diversi Rapporti Annwali tal-Attivitajiet u fir-Rapport ta' Sinteżi. Il-Regolament Finanzjarju jirrikjedi kunsiderazzjoni dovuta tar-riskji marbutin mal-legalità u mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, filwaqt li jitqies il-karattru pluriennali tas-sistemi ta' kontroll u n-natura tal-pagamenti.*

**1.31.** *Tweġiba komuni għall-paragrafi 1.31 u 1.32.*

*Fir-Rapport ta' Sinteżi tal-2014 (COM(2015) 279 final), il-Kummissjoni kienet stmat li l-impatt futur tal-mekkaniżmi ta' korrezzjoni jkun ta' EUR 2,7 biljun, li jirrappreżentaw 1,9 % tal-pagamenti li saru mill-baġit tal-UE.*

*Għal elenku taċ-ċifri skont il-qasam ta' politika ara t-tabella 1 fir-Rapport ta' Sinteżi.*

*Il-Kummissjoni tissottolinja li t-tipi kollha ta' korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri jeskludu n-nefqa magħmula bi ksur tal-liġi mir-rimborż mill-baġit tal-UE (ara n-nota 6 tal-kontijiet).*

([24]) Ara l-paragrafi 1.19 sa 1.37 tar-Rapport Annwali 2012.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Hemm firxa wiesgħa ta' miżuri korrettivi*

1.33. Il-Kummissjoni tuża t-termini "korrezzjonijiet finanzjarji" u "(i)rkupri" biex tkopri firxa wiesgħa ta' miżuri korrettivi, li japplikaw kemm qabel kif ukoll wara li twettaq (jew tirrimborża) l-infiq.

1.34. In-Nota 6.2.2 għall-kontijiet tagħti total għal azzjonijiet korrettivi implimentati fl-2014 ta' EUR 3 285 miljun. Fil-***Graff 1.7*** aħna nuru l-klassifikazzjoni tagħna tal-ammonti ta' korrezzjonijiet li saru fi stadji differenti fiċ-ċiklu ta' nfiq. Kwart tal-azzjonijiet korrettivi totali implimentati fl-2014 jirrappreżentaw korrezzjonijiet u rkupri li saru "f'ras il-għajn" (qabel ma l-Kummissjoni għamlet il-pagament relatat) ([25]). Kwart ieħor jikkonsisti fl-irtirar u s-sostituzzjoni ta' proġetti ta' koeżjoni (jew matul l-implimentazzjoni jew fl-għeluq ta' programm operazzjonali).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.33.** *Il-Kummissjoni tikkunsidra li t-termini "korrezzjonijiet finanzjarji" u "irkupri" jintużaw f'konformità mal-qafas ġuridiku ddefinit fir-Regolament Finanzjarju u l-leġiżlazzjoni settorjali rispettiva. Aktar tagħrif dettaljat dwar id-diversi mekkaniżmi preventivi u korrettivi previsti fil-leġiżlazzjoni applikabbli jinsab fin-nota 6 tal-Kontijiet Annwali tal-UE u fil-Komunikazzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Baġit tal-UE.*

([25]) Għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, il-korrezzjonijiet li saru "f'ras il-għajn" u li ġew irrappurtati bħala implimentati fl-2014 huma ta' EUR [430] miljun. Minn dawn, 75 % kienu diġà implimentati fi snin preċedenti.

**Graff 1.7 – Klassifikazzjoni tal-miżuri korrettivi implimentati fl-2014**




(*) Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (fil-biċċa l-kbira deċiżjonijiet ta' konformità fl-agrikoltura), korrezzjonijiet fl-għeluq li jwasslu għal diżimpenji u rkupri mill-benefiċjarji.

(**) Tnaqqis ta' spejjeż rimborżati u introduzzjoni ta' proġetti/spejjeż ġodda matul l-implimentazzjoni ta' programmi u fl-għeluq tagħhom.

(***) Korrezzjonijiet qabel il-pagament f'ġestjoni kondiviża, ammonti mhux eliġibbli u noti ta' kreditu fil-ġestjoni diretta u indiretta (irreġistrati bħala "(i) rkupri" fin-Nota 6).

*Sors*: In-Nota 6 għall-kontijiet konsolidati tal-UE għall-2014 u d-*data* ta' bażi. Għall-koeżjoni, il-klassifikazzjoni tal-ammonti bejn "esklużi qabel il-pagament" u "(i)rtirar" hija bbażata fuq analiżi ta' korrezzjonijiet sinifikanti matul il-perjodu.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.35. L-azzjoni korrettiva diskussa f'din it-taqsima tar-rapport annwali tkopri wkoll xogħol l-awtoritajiet tal-Istati Membri u rkupri kemm mill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll mill-Kummissjoni.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Parti sinifikanti mill-impatt ta' miżuri korrettivi tkun preżenti fil-mument meta l-infiq jiġi aċċettat mill-Kummissjoni**

1.36. Ir-regolamenti settorjali rilevanti kollha f'ġestjoni kondiviża jistabbilixxu regoli dwar kontrolli tal-ewwel livell jew tnaqqis tal-ammonti kklejmjati mill-benefiċjarji finali, li jitwettqu mill-awtoritajiet nazzjonali qabel ma jiġi ċċertifikat xi nfiq. Barra minn hekk, xi drabi, l-awtoritajiet nazzjonali jaqblu wkoll li jnaqqsu jew jeliminaw xi spejjeż kontinwati mid-dikjarazzjonijiet minħabba żbalji b'impatt fit-tul (bħal pagamenti kontinwati taħt kuntratt milqut minn żball fl-akkwist pubbliku). Aġġustamenti bħal dawn jista' jkollhom impatt identifikabbli fuq il-livell ta' rimborż mitlub għal proġetti individwali, jew fuq is-sussidju mħallas lil bdiewa individwali, u b'hekk jippermettu li l-korrezzjoni tnaqqas il-livell ta' żball stmat minna.

1.37. F'ġestjoni diretta u indiretta, l-"irkupri" rreġistrati mill-Kummissjoni jinkludu tnaqqis ta' ammonti ineliġibbli mill-klejms għall-ispejjeż qabel l-awtorizzazzjoni għall-pagament. L-eliġibbiltà tal-ammonti tiġi stabbilita wara analiżijiet fl-uffiċċju ta' dokumentazzjoni disponibbli, jew ibbażata fuq ir-riżultati ta' kontrolli mwettqa (ara wkoll il-***Graff 1.7***). Dawn ukoll jippermettulna nnaqqsu l-livell ta' żball stmat minna.

**Deċiżjonijiet ta' konformità jwasslu għal dħul assenjat li jiffinanzja l-infiq agrikolu**

1.38. Deċiżjonijiet ta' konformità ("korrezzjonijiet finanzjarji" fl-agrikoltura) spiss isiru fuq bażi ta' rata fissa. B'mod ġenerali, huma relatati ma' dgħufijiet fis-sistemi aktar milli ma' żbalji fil-livell tal-benefiċjarji finali. Dawn rari jwasslu għal irkupri mill-bdiewa kkonċernati. Dawn il-miżuri korrettivi huma inċentiv għall-Istati Membri biex itejbu s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tagħhom. Huma jikkontribwixxu għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet fil-livell tal-benefiċjarji finali, jekk jirriżultaw f'titjib kontinwat fil-klejms aċċettati mill-aġenziji tal-pagamenti (ara l-Kaxxi 1.2 u 1.3).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.37.** *Is-servizzi tal-Kummissjoni jimplimentaw ukoll l-irkupri "f'ras il-għajn" billi jnaqqsu n-nefqa mhux eliġibbli (li tkun ġiet identifikata f'talbiet preċedenti jew attwali għall-ispejjeż) mill-pagamenti li saru.*

**1.38.** *Il-korrezzjonijiet finanzjarji li għamlet il-Kummissjoni fir-rigward tan-nefqa għall-Agrikoltura saru bil-ħsieb li jkun protett il-baġit tal-UE u huma imposti fuq l-Istati Membri.*

*Ma jwasslux direttament għal irkupri mingħand il-bdiewa għaliex il-Kummissjoni ma tħallasx direttament lill-benefiċjarji finali iżda tagħti rimborż tal-pagamenti min-naħa tal-Istati Membri lill-bdiewa. Madankollu, meta jirriżultaw pagamenti irregolari bħal dawn wara li ssir il-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità, il-Kummissjoni tistenna li l-Istati Membri jagħmlu segwitu tagħhom permezz ta' azzjonijiet ta' rkupru kontra l-benefiċjarji. Ara t-tweġiba għall-Kaxxa 1.3.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.39. L-aġenziji tal-pagamenti jimplimentaw deċiżjonijiet ta' konformità billi jnaqqsu l-klejms futuri għar-rimborż mill-Kummissjoni, għal pagamenti lill-bdiewa. Il-Kummissjoni tirreġistra l-ammont sħiħ imħallas lill-bdiewa bħala nfiq (jiġifieri l-korrezzjoni ma tnaqqasx l-ammont ta' pagamenti rreġistrati). Minflok, il-kontijiet jirreġistraw id-differenza bejn il-pagamenti li jsiru lill-bdiewa u l-ammonti rimborżati lill-aġenziji tal-pagamenti bħala dħul assenjat, disponibbli għall-iffinanzjar tal-infiq agrikolu ([26]).

**Aktar minn żewġ terzi tal-"korrezzjonijiet finanzjarji" irreġistrati għall-koeżjoni fl-2014 jirrappreżentaw sostituzzjoni bi nfiq ġdid...**

1.40. Fil-koeżjoni, il-"korrezzjonijiet finanzjarji" huma, għal aktar minn żewġ terzi tat-total irreġistrat, każijiet fejn l-awtoritajiet fl-Istati Membri jirtiraw infiq iddikjarat inizjalment u jissostitwixxuh bi nfiq ġdid. F'xi każijiet ta' "(i)rtirar" l-ebda proġett speċifiku ma jiġi identifikat bħala rtirat. Minflok, l-Istati Membri jiddikjaraw proġetti addizzjonali u għaldaqstant effettivament jirċievu rata aktar baxxa ta' kofinanzjament. L-irtirar ikun effettiv biss bħala miżura korrettiva fejn l-infiq ta' sostituzzjoni ikun huwa nnifsu ħieles minn żball materjali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.40.** *Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-korrezzjonijiet finanzjarji kollha, inklużi dawk li permezz tagħhom l-Istati Membri jitħallew idaħħlu proġetti ġodda u nefqa ġdida sabiex jużaw mill-ġdid l-ammonti kkorreġuti, jipproteġu l-Baġit tal-UE minn nefqa magħmula bi ksur tal-liġi u għandhom effett ta' inċentiv biex l-Istati Membri jirkuprawha mingħand il-benefiċjarji (b'hekk jikkontribwixxu għattitjib tas-sistemi ta' kontroll u ta' ġestjoni). Madankollu, l-effett ta' deterrent tal-korrezzjonijiet finanzjarji netti, li permezz tagħhom l-Istati Membri ma jistgħux jużaw mill-ġdid l-ammonti kkorreġuti u rkuprati u għalhekk jitilfu l-fondi, huwa ċertament akbar.*

([26]) Pereżempju, jekk aġenzija tal-pagamenti agrikola tkun suġġetta għal korrezzjoni finanzjarja ta' 5 % u tagħmel pagamenti lill-bdiewa ta' EUR 100 miljun, hija tiġi rimborżata EUR 95 miljun mill-Kummissjoni, iżda l-Kummissjoni tirreġistra nfiq ta' EUR 100 miljun ibbilanċjat bi dħul assenjat ta' EUR 5 miljun.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**... u korrezzjonijiet netti huma inqas komuni**

1.41. Fejn ma jkunx possibbli li ssir sostituzzjoni, il-korrezzjonijiet iwasslu għal telf ta' fondi tal-UE għall-Istat Membru kkonċernat ([27]). Dan jista' jseħħ meta l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jippreżentaw infiq eliġibbli suffiċjenti u meta s-sostituzzjoni ma tibqax possibbli ([28]) jew permessa ([29]) u huwa relattivament rari. Il-Kummissjoni tistenna li l-bidliet għal-leġiżlazzjoni se jagħmlu l-korrezzjonijiet netti aktar komuni fil-futur.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.41.** *Fuq il-passi tal-qasam tal-Agrikoltura, il-leġiżlatur iddeċieda li mekkaniżmu simili ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti għandu japplika għall-politika ta' koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Dan idaħħal inċentiv ieħor għall-Istati Membri biex iwettqu prevenzjoni jew jidentifikaw u jindirizzaw nuqqasijiet serji fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll qabel ma jippreżentaw il-kontijiet annwali lill-Kummissjoni. Jekk ma jsirx hekk, u nuqqasijiet serji xorta waħda jiġu skoperti mill-Kummissjoni jew mill-Qorti ladarba jingħatawlhom il-kontijiet annwali, il-Kummissjoni trid tapplika l-korrezzjoni netta soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti rilevanti, li jfisser li l-fondi għall-Istat Membru jintilfu.*

*Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li meta jkunu soġġetti għal ġestjoni kondiviża, il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri kollha għandhom impatt negattiv fuq il-baġits nazzjonali irrispettivament mill-metodu taghhom ta' implimentazzjoni. Sabiex ma jintilifx finanzjament tal-UE, l-Istat Membru jrid jissostitwixxi n-nefqa mhux eliġibbli b'operazzjonijiet oħra eliġibbli.*

*Dan ifisser li l-Istat Membru jġorr, permezz tal-baġit nazzjonali tiegħu, il-konsegwenzi finanzjarji tat-telf ta' kofinanzjament tal-UE tan-nefqa kkunsidrata mhux eliġibbli, sakemm ma jirkuprax l-ammonti mill-benefiċjarji individwali.*

([27]) Bħala tnaqqis fil-pagamenti jew inkella fil-forma ta' fluss tal-flus lura għall-baġit tal-UE. Dan tal-aħħar jirriżulta fi dħul assenjat (ara l-***Graff 2.2***).

([28]) Wara l-għeluq tal-programmi.

([29]) F'każ ta' nuqqas ta' qbil tal-Istati Membri mal-Kummissjoni (ara l-paragrafu 1.25(b) tar-Rapport Annwali 2012).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Il-Kummissjoni u l-Istati Membri użaw dawn il-forom kollha ta' miżuri korrettivi fl-2014*

1.42. Il-Kaxxi 1.2 sa 1.4 juru tipi u impatti differenti ta' miżuri korrettivi:

**Kaxxa 1.2 – Eżempju ta' titjib fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll – il-Greċja: Tindif tal-LPIS**

Il-Kummissjoni ħadet azzjoni biex tinsisti fuq it-titjib tas-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS) li tintuża bħala l-bażi għal pagamenti agrikoli bħall-Iskema ta' Pagament Uniku (SPU – l-akbar skema individwali ta' nfiq tal-UE). Kien hemm bosta stadji għal dan il-proċess, bl-impatt li l-mergħat permanenti "eliġibbli" fuq l-LPIS tal-Greċja waqgħu minn 3,6 miljun ettaru fl-2012 għal 1,5 miljun ettaru f'Ottubru 2014. Il-klejms irregolari għal "mergħat permanenti" li mhumiex eliġibbli għall-appoġġ tal-UE kienu fattur ewlieni tal-livell ta' żball stmat minna f'"Riżorsi Naturali" matul bosta snin.

Aħna ħadna kont tal-impatt tal-korrezzjonijiet li jaffettwaw il-pagamenti individwali lill-benefiċjarji finali, ikkampjunati kemm għall-FAEG kif ukoll għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Impatt ulterjuri huwa li l-aġenzija tal-pagamenti rrifjutat ħafna klejms li kienu ineliġibbli – u b'hekk neħħiet klejms bħal dawn mill-infiq li minnu ħadna l-kampjun.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Il-Kaxxa 1.2 – Eżempju ta' titjib fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll – il-Greċja: Tindif tal-LPIS***

*Eżempji oħra tal-impatt pożittiv tal-pjanijiet ta' azzjoni jingħataw mill-Qorti fil-Kapitolu 7. Il-pjanijiet ta' azzjoni jiġu implimentati kull darba li tinħass il-ħtieġa u l-Kummissjoni tagħmel monitoraġġ bir-reqqa tal-implimentazzjoni tagħhom u tirrapporta dwar l-azzjonijiet korrettivi meħuda fir-Rapport Annwali tal-Attivitajiet tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali.*

*L-LPIS ma tħallix lill-benefiċjarji jagħmlu talba għal art li ma teżistix jew li ma tikkonformax mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, jew art li għaliha diġà saret talba minn benefiċjarju ieħor. Meta tiġi implimentata b'mod korrett, hija għodda ferm effettiva biex tnaqqas l-iżbalji. Tkopri 75 % tan-nefqa tal-PAK. Ir-rati ta' żbalji għall-pagamenti skont wiċċ l-art huma inqas mir-rati għal miżuri oħra kif indikat fir-Rapport Annwali tal-Attivitajiet għall-2014 tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 1.3 – Eżempju ta' korrezzjonijiet li jirriżultaw minn proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità ([30]) – id-Deċiżjoni ta' Konformità Nru 47 u l-impatt tagħha fuq il-bdiewa Franċiżi**

Fl-2014, Franza aċċettat korrezzjoni ta' EUR 1,1 biljun (EUR 984 miljun għall-FAEG u EUR 94 miljun għall-FAEŻR) ([31]). L-awtoritajiet nazzjonali ħabbru li dan ma kien se jkollu l-ebda impatt fuq il-bdiewa u li l-ammont kien se jiġi kopert mill-baġit nazzjonali. F'rapporti annwali preċedenti aħna ddikjarajna li prattiki bħal dawn mhumiex inċentiv biex il-benefiċjarji jeliminaw l-iżbalji ([32]).

Ir-raġunijiet prinċipali għall-korrezzjoni kienu dgħufijiet fl-LPIS-GIS (EUR 695 miljun) u l-fatt li nqabeż il-limitu massimu tad-drittijiet, li wassal għal pagamenti eċċessivi lill-bdiewa (EUR 141 miljun). Element iżgħar kien ikopri l-ksur tal-obbligu ta' kundizzjonalità fir-rigward tan-notifika f'waqtha ta' movimenti tal-annimali (EUR 123 miljun). Dawn kollha huma relatati ma' pagamenti li saru mill-2009 sal-2013. Ma saret l-ebda korrezzjoni għall-2014, u l-ksur tal-limitu massimu tad-drittijiet u l-erjas ineliġibbli rreġistrati fl-LPIS fi Franza jikkontribwixxu 0,3 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat minna f'"Riżorsi Naturali" din is-sena.

**Kaxxa 1.4 – Eżempju ta' korrezzjonijiet li jirriżultaw f'infiq supplimentari: l-FSE fir-Rumanija**

Aħna rreferejna għall-attività korrettiva fir-Rumanija kemm fir-Rapport Annwali 2012 kif ukoll fir-Rapport Annwali 2013. Fl-2013, stajna nnaqqsu l-istima tagħna tar-rata ta' żball fuq għadd ta' proġetti Rumeni relatati mal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) minħabba li l-awtoritajiet nazzjonali kienu identifikaw l-impatt fil-livell tal-proġetti. Dan kompla jkun il-każ fl-2014. Għad fadal żbalji f'xi proġetti li eżaminajna għal problemi mhux koperti mill-korrezzjonijiet. Fir-Rapport Annwali tal-Attività 2014 tiegħu, id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni (id-DĠ EMPL) jirrapporta li qed ikompli jsegwi l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni maqbul. Il-korrezzjonijiet finanzjarji li saru mhux neċessarjament ifissru li r-Rumanija se tirċievi inqas finanzjament mill-UE, peress li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jiddikjaraw ammont akbar ta' nfiq ([33]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Il-Kaxxa 1.3 – Eżempju ta' korrezzjonijiet li jirriżultaw minn proċeduri tal-approvazzjoni tal-konformità – id-Deċiżjoni ta' Konformità 47 u l-impatt tagħha fuq il-bdiewa Franċiżi***

*Meta japplikaw il-ġestjoni kondiviża, l-Istati Membri huma responsabbli mill-iżgurar tat-tħaddim kif suppost tas-sistemi ta' kontroll. Il-korrezzjoni finanzjarja ta' EUR 1,1 biljun se tiġi rimborżata lill-baġit tal-UE fi tliet pagamenti akkont annwali (2015, 2016 u 2017).*

*Il-Kummissjoni tixtieq tissottolinja li minħabba n-natura tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità li tapplika* ex post*, wara li jkunu ġew approvati l-kontijiet tas-sena, u wara fażi għall-kontroargumenti li matulha l-Istat Membru jkun jista' jippreżenta l-argumenti u l-kalkoli tiegħu stess, huwa tassew rari li korrezzjoni finanzjarja tkun adottata diġà fis-sena ta' wara dik tan-nefqa kkonċernata. Il-baġit tal-UE tal-2014 se jkun protett minn proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità li tinsab għaddejja.*

([30]) Proċedura pluriennali li tippermetti l-irkupru ta' somom imħallsa lill-Istati Membri jekk dawn il-pagamenti ikunu saru bi ksur ta' regoli tal-UE jew jekk ikun hemm dgħufijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istat Membru. Ara wkoll il-paragrafu 7.59.

([31]) Sussegwentement, Franza nediet appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kontra d-deċiżjoni li timponi l-korrezzjoni finanzjarja.

([32]) Ara l-paragrafi 1.26 u 1.32 tar-Rapport Annwali 2012.

([33]) Dan effettivament inaqqas ir-rata ta' kofinanzjament mill-UE.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Ir-rappurtar tal-Kummissjoni dwar il-miżuri korrettivi mhux dejjem jikkwantifika l-impatt varjabbli tagħhom ...*

1.43. Fil-biċċa l-kbira, in-Nota 6 għall-kontijiet tirrappreżenta divulgazzjoni volontarja ta' informazzjoni li mhijiex meħtieġa mill-istandards kontabilistiċi. Parti sinifikanti minn din l-informazzjoni mhijiex meħuda minn sistemi kontabilistiċi. In-nota tiddeskrivi iżda mhux dejjem tikkwantifika l-impatt varjabbli tal-aġġustamenti korrettivi differenti fuq il-baġit tal-UE.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.43.** *Il-leġiżlatur ipprovda lill-Kummissjoni l-istrument ta' korrezzjonijiet finanzjarji sabiex jiżgura li n-nefqa magħmula bi ksur tal-liġi ma tkunx iffinanzjata mill-baġit tal-UE. Dawn il-korrezzjonijiet finanzjarji huma l-ewwel nett marbutin ma' dgħufijiet fis-sistema li jwasslu għal riskju ta' żball. L-identifikar u l-irkuprar tal-ammonti irregolari mingħand il-benefiċjarji mhuwiex ir-rwol tal-Kummissjoni iżda huwa tal-Istati Membri. Jekk dan ma jsirx, il-fondi tal-UE jiġu ssostitwiti bil-fondi nazzjonali għaliex il-piż tal-korrezzjonijiet finanzjarji irid jinġarr mill-baġits nazzjonali.*

*…u titjib ulterjuri jkun jippermetti li ssir analiżi aħjar*

1.44. Il-kapaċità tal-Kummissjoni li ttejjeb il-kwalità tal-infiq mhijiex sempliċiment funzjoni tal-ammonti involuti iżda tal-impatt tagħhom. Biex issir valutazzjoni rigoruża tal-impatt ta' miżuri korrettivi tinħtieġ informazzjoni aħjar dwar it-tip ta' żball ikkoreġut u dwar il-mod kif saru l-korrezzjonijiet ([34]). Meta d-direttorati ġenerali rilevanti tal-Kummissjoni jivvalutaw l-impatt tal-miżuri korrettivi tagħhom, huma jagħmlu l-aġġustamenti meħtieġa għaċ-ċifri meħuda min-Nota 6 (ara l-paragrafu 1.55).

**1.44.** *Għadd ta' servizzi aġġustaw kif dovut iċ-ċifri tagħhom marbutin mal-protezzjoni tal-baġit tal-UE inklużi fin-Nota 6 sabiex jipprovdu stima tal-korrezzjonijiet fil-ġejjieni fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom.*

## Ir-rapport ta' sinteżi tal-Kummissjoni jikkonferma l-impatt materjali ta' żball fuq it-tranżazzjonijiet

1.45. Kull direttorat ġenerali tal-Kummissjoni jipproduċi rapport annwali tal-attività. Dan ir-rapport jinkludi:

— rendikont tal-ilħuq tal-objettivi ewlenin tal-politika (diskuss fil-Kapitolu 3),

— rapport ta' ġestjoni tad-direttur ġenerali lill-kulleġġ tal-kummissarji,

— dikjarazzjoni li fiha d-direttur ġenerali jipprovdi aċċertament li r-rapport jippreżenta b'mod xieraq l-informazzjoni finanzjarja u li t-tranżazzjonijiet taħt ir-responsabbiltà tiegħu huma legali u regolari.

([34]) Ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafi 1.13 sa 1.15.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.46. Ir-rapport ta' sinteżi jagħti sommarju ta' din l-informazzjoni, u jipprovdi dikjarazzjoni li bl-adozzjoni tiegħu il-Kummissjoni tassumi r-responsabbiltà politika ġenerali għall-ġestjoni tagħha tal-baġit tal-UE.

1.47. Din it-taqsima tippreżenta r-riżultati tal-analiżi tagħna tar-rapporti annwali tal-attività tad-direttorati ġenerali, u r-rapport ta' sinteżi tal-Kummissjoni ([35]). Hija tiffoka fuq il-konsistenza u x-xerqien tal-istimi li l-Kummissjoni għamlet dwar:

— il-livell ta' żball preżenti meta l-Kummissjoni tirrimborża l-ispejjeż jew tħallas l-infiq proprju tagħha (il-Kummissjoni tirreferi għal dan bħala "ammont f'riskju"), u

— il-punt sa fejn l-iżbalji jiġu indirizzati mill-korrezzjonijiet li jkunu saru aktar tard (il-Kummissjoni tirreferi għal dan bħala l-"kapaċità korrettiva" jew il-"korrezzjonijiet futuri stmati" tagħha ([36])).

### *Id-diretturi ġenerali jirrappurtaw darba fis-sena dwar ir-regolarità*

1.48. Meta ma jkunux jistgħu jagħtu aċċertament dwar segment sinifikanti tal-infiq, id-diretturi ġenerali joħorġu riżerva (ara l-Kaxxa 1.5). Huma għandhom jagħmlu dan meta:

— ikun seħħ avveniment b'implikazzjonijiet serji għar-reputazzjoni tal-Kummissjoni; jew

— l-impatt tal-livelli ta' żball stmati, wara li jitnaqqsu l-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri li jkunu diġà saru, jibqa' materjali.

([35]) Ir-rapport ta' sinteżi u r-rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni: rapport ta' sinteżi: http://ec.europa.eu/atwork/planning-and-preparing/synthesis-report/index_mt.htm, rapporti annwali tal-attività: http://ec.europa.eu/atwork/key-documents/index_mt.htm.

([36]) Ara n-nota 10 f'qiegħ il-paġna 12 u n-nota 13 f'qiegħ il-paġna 13 tar-rapport ta' sinteżi.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 1.5 – Riżervi fir-Rapporti Annwali tal-Attività 2014**

Id-diretturi ġenerali għamlu total ta' 20 riżerva kwantifikata fl-2014 meta mqabbla ma' 17-il riżerva li għamlu fl-2013. Din iż-żieda fl-għadd kumplessiv ta' riżervi hija dovuta għal:

— tliet riżervi ġodda li saru mid-diretturi ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għan-Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija (id-DĠ CONNECT) ([37]) u tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Ewropea tal-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir (id-DĠ NEAR) ([38]) ([39]), kif ukoll mill-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI) ([40]);

— riżerva rikorrenti waħda li nqasmet fi tnejn ([41]); u

— riżerva waħda li tneħħiet ([42]).

L-ammont ta' nfiq kopert minn riżerva naqas minn EUR 2,4 biljun fl-2013 għal EUR 2,3 biljun fl-2014 ([43]).

1.49. Ir-riżoluzzjoni ta' kwittanza għall-2013 ([44]) tal-Parlament Ewropew appellat lill-Kummissjoni biex "tkompli tiċċara l-kalkolu tal-ammont f'riskju" billi "wieħed jispjega l-istima tal-impatt tal-mekkaniżmi korrettivi fuq din iċ-ċifra".

([37]) Riżerva fir-rigward tal-Programm ta' Appoġġ għall-Politika tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT-PSP) tal-pajjiżi li jipparteċipaw fil-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP), minħabba li r-rata tal-iżball residwu hija ogħla minn 2 % (2,94 %).

([38]) Riżerva fir-rigward ta' ġestjoni indiretta mill-pajjiżi benefiċjarji minħabba li r-rata tal-iżball residwu hija ogħla minn 2 % (2,67 %).

([39]) Il-kwistjonijiet identifikati fir-Rapport Annwali 2013 wasslu għal riżerva ta' reputazzjoni ġdida fid-DĠ NEAR (preċedentement id-Direttorat Ġenerali għat-Tkabbir (id-DĠ ELARG), ara l-paragrafu 7.16 tar-Rapport Annwali 2013).

([40]) Riżerva fir-rigward tal-infiq fil-qasam tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) minħabba li r-rata tal-iżball residwu kienet ogħla minn 2 % (2,13 %).

([41]) Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana (id-DĠ REGIO) qasam ir-riżerva rikorrenti tiegħu fuq il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)/il-Fond ta' Koeżjoni (FK)/l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), fi tnejn: waħda fuq il-FEŻR/FK u waħda fuq l-IPA.

([42]) Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari (id-DĠ SANTE) neħħa r-riżerva tiegħu relatata mal-programmi ta' eradikazzjoni u ta' monitoraġġ tal-mard tal-annimali fil-qasam ta' politika tal-ikel u l-għalf.

([43]) Ara l-Anness 2 għar-rapport ta' sinteżi.

([44]) Rapport dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, Taqsima III – Il-Kummissjoni u Aġenziji Eżekuttivi 2014/2075(DEC) (A8-0101/2015).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.50. B'rispons għat-talba tal-awtorità ta' kwittanza, fl-2014 il-Kumissjoni kompliet tiżviluppa gwida interna ([45]) dwar il-preżentazzjoni ta' informazzjoni fir-rapporti annwali tal-attività. Hija talbet lid-diretturi ġenerali jippreżentaw "medja tar-rata ta' żball maqbuda" ([46]). L-applikazzjoni ta' din ir-rata ta' żball għall-pagamenti totali tas-sena tirriżulta fil-kalkolu tal-"ammont f'riskju" ([47]). Ir-rapport ta' sinteżi jippreżenta din iċ-ċifra flimkien mal-istima tal-kapaċità korrettiva futura tal-kontrolli *ex post* li jsiru mill-Kummissjoni.

*Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-infiq huwa milqut minn livell materjali ta' żball…*

1.51. Fir-rapport ta' sinteżi 2014, il-Kummissjoni tippreżenta l-"ammont f'riskju" bħala firxa minn EUR 3,7 biljun sa EUR 5 biljun. Din tirrappreżenta bejn 2,6 % u 3,5 % tal-pagamenti għall-2014 koperti mir-rapport ta' sinteżi ([48]). Dawn iċ-ċifri juru li l-infiq kumplessiv huwa milqut minn livell materjali ta' żball.

*… iżda tirreferi għall-impatt stmat ta' korrezzjonijiet futuri*

1.52. Ir-rapport ta' sinteżi 2014 jipprovdi previżjoni tal-ammont aggregat ta' korrezzjonijiet futuri stmati (jew tal-kapaċità korrettiva). Abbażi ta' korrezzjonijiet irreġistrati matul l-aħħar sitt snin ([49]), il-Kummissjoni tistma li fis-snin futuri, hija se tidentifika u tikkoreġi "l-erruri (l-iżbalji) għal ammont totali ta' madwar EUR 2,7 biljun" ([50]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.50.** *L-istima ta' "rata medja ta' żbalji misjuba" tirrappreżenta kunċett ġdid bi skop differenti, jiġifieri li jkun permess li l-Uffiċjali Awtorizzanti b'Delega jinkludu għall-ewwel darba fir-Rapporti Annwali tagħhom tal-Attivitajiet għall-2014, l-aħjar stima tagħhom tal-ammont kumplessiv f'riskju, għall-baġit kollu li għalih huma responsabbli. Fis-snin preċedenti, dan kien isir biss għall-parti tan-nefqa soġġetta għal riżervi.*

**1.51.** *Il-Kummissjoni tagħraf li "l-infiq jintlaqat minn livell materjali ta' żball" kull meta d-Direttur Ġenerali jdaħħal riżerva finanzjarja.*

**1.52.** *Fir-Rapport ta' Sinteżi għall-2014, il-Kummissjoni tiddikjara li se tkompli topera kontrolli korrettivi u tipproduċi l-aħjar stima tagħha tal-ammonti ta' korrezzjoni, abbażi tal-prestazzjoni fl-imgħoddi tul perjodu twil biżżejjed biex itaffi l-effetti ċikliċi. Dan huwa intiż li jissodisfa r-rikjesta tal-Kwittanza biex "ikun spjegat l-impatt stmat tal-mekkaniżmi korrettivi".*

([45]) Struzzjonijiet Permanenti għar-Rapporti Annwali tal-Attività 2014 (SEC(2014) 553).
([46]) Din hija r-rata ta' żball stmata jew maqbuda fiż-żmien meta saru l-pagamenti (mhux ir-rata tal-iżball residwu), jiġifieri mingħajr aġġustament għal żbalji kkoreġuti *ex post*. Ir-rata ta' żball tiġi kkalkulata fuq bażi pponderata għad-direttorat ġenerali fl-intier tiegħu.
([47]) L-ammont f'riskju huwa l-valur assoċjat mal-parti mill-infiq li jitqies li mhuwiex f'konformità mar-rekwiżiti regolatorji u kuntrattwali applikabbli wara l-applikazzjoni ta' kontrolli intenzjonati biex jimmitigaw ir-riskji ta' konformità. F'każ li rata ta' żball speċifika ma tkunx disponibbli għal xi kategoriji ta' nfiq jew sistemi ta' kontroll, ir-rata ta' żball medja u l-ammont f'riskju jiġu ppreżentati bħala firxa, bis-suppożizzjoni li r-rata ta' żball għall-kategoriji ta' nfiq jew is-sistemi ta' kontroll ikkonċernati tkun bejn 0 % u 2 %.
([48]) Ara t-Tabella 1 fir-rapport ta' sinteżi.
([49]) Ara wkoll il-paragrafu 1.55.
([50]) Ara t-taqsima 2.4, il-paġna 13 tar-rapport ta' sinteżi.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Madankollu, xi kwistjonijiet ta' preċiżjoni u konsistenza jaffettwaw iċ-ċifri*

**Id-direttorati ġenerali involuti f'ġestjoni kondiviża aġġustaw id-*data* pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali**

1.53. Għal aktar minn tliet kwarti tal-infiq fl-2014 (l-Intestaturi 1b u 2 tal-QFP), id-direttorati ġenerali jibbażaw l-istimi tagħhom tal-ammonti f'riskju fuq *data* pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali. Madankollu, fir-rapport ta' sinteżi tagħha l-Kummissjoni tiddikjara li "l-affidabbiltà tar-rapporti ta' kontroll tal-Istati Membri għadha sfida" ([51]). B'riżultat ta' dan id-direttorati ġenerali japplikaw aġġustamenti sinifikanti għar-rati ta' żball irrappurtati ([52]). Aġġustamenti bħal dawn huma neċessarji, iżda l-Kummissjoni ma tippreżentax sommarju tax-xogħol proprju tagħha (li fuqu tibbaża l-aġġustament).

**1.53.** *Hemm problemi ta' preċiżjoni fuq il-livell ta' Stati Membri. Għalhekk, il-Kummissjoni ħadet passi biex ittejjeb il-preċiżjoni u, meta meħtieġ, aġġustat iċ-ċifri billi użat kriterji raġonevoli u prudenti. B'segwitu għal dan, ittejjbet il-kwalità tal-istima.*

*Kull Rapport Annwali tal-Attivitajiet ikkonċernat jinkludi a) deskrizzjoni tal-proċess ta' skrutinju u validazzjoni jew aġġustament tat-tagħrif irrapportat mill-Istati Membri, b) tabella fil-qosor li tiddeskrivi l-effetti tal-aġġustament għal kull Stat Membru u, c) minn din is-sena, dejta dettaljata dwar kull programm operattiv jew aġenzija tal-pagamenti għad-DĠ kollha kkonċernati.*

**Il-biċċa l-kbira mid-direttorati ġenerali involuti f'ġestjoni diretta u f'dik indiretta applikaw il-metodoloġija l-ġdida biex jistmaw l-ammonti li huma konsistentement f'riskju**

1.54. Fil-ġestjoni diretta u dik indiretta, il-biċċa l-kbira mid-diretturi ġenerali applikaw il-metodoloġija l-ġdida. Madankollu, għall-iskop tar-rapport ta' sinteżi, il-Kummissjoni żiedet l-ammont f'riskju stmat għad-DĠ DEVCO b'madwar EUR 60 miljun ([53]).

**1.54.** *Filwaqt li d-DĠ DEVCO ssuġġerixxa ammont nett fir-Rapport Annwali tal-Attivitajiet tiegħu, speċifika wkoll kif dovut li "aktar minn nofs il-medja tal-korrezzjonijiet tiegħu jkunu marbutin ma' azzjoni li tintervjeni qabel isir il-pagament". Għalhekk, fir-Rapport ta' Sinteżi, iċ-ċifra tad-DĠ DEVCO ġiet aġġustata sabiex jitħassar kull effett bħal dan ta' kumpens permezz tal-kalkolu tal-ammont nett.*

([51]) Ara t-taqsima 2.3, il-paġna 9 tar-rapport ta' sinteżi.
([52]) Fil-koeżjoni – għall-FEŻR/FK ir-rata ta' żball medja ġiet aġġustata minn 1,8 % kif irrappurtata mill-awtoritajiet tal-awditjar għal 2,6 %, għall-FSE – minn 1,9 % għal 2,8 %. Fl-agrikoltura – ir-rati ta' żball irrappurtati mill-aġenziji tal-pagamenti ġew aġġustati minn 0,55 % għal 2,54 % għall-pagamenti diretti u minn 1,52 % għal 5,09 % għall-iżvilupp rurali.
([53]) Dan l-aġġustament huwa relatat mad-DĠ DEVCO. Il-Kummissjoni għamlet aġġustament korrispondenti, għall-istima tal-kapaċità korrettiva futura.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Il-Kummissjoni tejbet il-kalkolu tal-kapaċità korrettiva**

1.55. Id-DĠ BUDG ipprovda ammont medju ta' rkupri u ta' korrezzjonijiet finanzjarji lid-diretturi ġenerali għas-servizzi tagħhom mill-2009 'l hawn abbażi ta' informazzjoni rreġistrata fin-Nota 6 għall-kontijiet (ara l-paragrafi 1.8 u 1.44). Bosta diretturi ġenerali aġġustaw dawn in-numri biex jittieħed kont ta' kwistjonijiet ta' konsistenza li jaffettwaw id-*data* mhux ipproċessata. L-aġġustamenti ewlenin li saru kienu kif ġej:

— l-eliminazzjoni ta' korrezzjonijiet *ex ante* jew li saru "f'ras il-għajn" u li ma kinux rilevanti għall-korrezzjoni ta' pagamenti li saru (ara l-***Graff 1.7***) (l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji, id-DĠ EMPL, id-DĠ MARE, id-DĠ REGIO u d-DĠ SANTE) ([54]);

— l-eliminazzjoni ta' korrezzjonijiet għal perjodi li ftit kellhom rilevanza għall-programmi attwali (eż. id-DĠ MARE elimina korrezzjonijiet relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 1994-99, li huwa qies li ftit kellu rilevanza għall-programmi attwali, id-DĠ AGRI uża l-ammont annwali medju ta' korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri netti implimentati matul it-tliet snin li għaddew biss);

— l-eliminazzjoni ta' korrezzjonijiet relatati ma' problemi li jaqgħu barra mid-definizzjoni tagħhom ta' riskju (eż. kundizzjonalità fid-DĠ AGRI).

1.56. Bosta stimi li saru mid-DĠ ta' korrezzjonijiet futuri huma ogħla mill-ammont f'riskju stmat ([55]). Fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni, il-Kummissjoni tiddikjara, li fil-biċċa l-kbira dan huwa minħabba l-fatt li l-kapaċità korrettiva hija bbażata fuq medja ta' sitt snin, filwaqt li l-ammont f'riskju jirreferi għal-livell ta' żball stmat ivvalutat fl-2014, li huwa aktar baxx minn dak fis-snin preċedenti.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.55.** *Il-Kummissjoni ma tarax li jeżistu l-kwistjonijiet ta' konsistenza li ssemmew mill-Qorti. L-aġġustamenti tad-dejta storika dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE inkluża fin-Nota 6 saru biss sabiex jipprovdu stima raġonevoli għal suġġett relatat iżda differenti, jiġifieri il-kapaċità korrettiva tas-sistemi fil-ġejjieni, kif rikjest permezz ta' riżoluzzjoni tal-PE.*

([54]) L-impatt ta' dawn l-aġġustamenti kien sinifikanti: pereżempju għad-DĠ REGIO t-tneħħija ta' korrezzjonijiet *"ex ante"* naqqset l-istima tal-kapaċità korrettiva b'EUR 153 miljun għal EUR 1,2 biljun.

([55]) Għal tmien DĠ li ppreżentaw stima waħda tal-ammont f'riskju, il-kapaċità korrettiva stmata hija ogħla mill-istima. Minn dawk id-DĠ li rrappurtaw stima ta' livell superjuri u livell inferjuri, f'erba' każijiet il-livell stmat ta' korrezzjoni futura huwa ogħla mill-istima ta' livell inferjuri, u f'każ wieħed huwa ogħla mill-istima ta' livell superjuri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Kwistjonijiet oħra ttrattati fir-rapport ta' sinteżi*

1.57. Innovazzjoni sinifikanti fl-aħħar reviżjoni importanti tar-Regolament Finanzjarju adottat f'Ottubru 2012 kienet l-introduzzjoni ta' rekwiżit li l-Kummissjoni tevalwa oqsma b'livelli ta' żball li jkunu persistentement għoljin. Filwaqt li skont l-istruzzjonijiet interni ([56]) dan għandu jitwettaq wara tliet snin, fir-rapport ta' sinteżi l-Kummissjoni tħabbar li mhijiex tippjana li twettaq analiżijiet bħal dawn sakemm tkun tista' tiddetermina l-effetti tas-sistemi l-ġodda ta' ġestjoni u kontroll, tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, fuq il-livell ta' żball ([57]).

## Aħna ngħaddu każijiet ta' frodi suspettata lill-OLAF

1.58. Aħna ngħaddu każijiet ta' frodi suspettata identifikati fl-awditu tagħna lil-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għal analiżi, u possibbilment, investigazzjoni. Ma nistgħux nikkummentaw fuq każijiet individwali jew fuq ir-rispons tal-OLAF dwarhom. Madankollu, matul l-awditu għall-2014:

— ivvalutajna l-legalità u r-regolarità ta' madwar 1 200 tranżazzjoni;

— sibna 22 każ ta' frodi suspettata (2013: 14) li għaddejna lill-OLAF ([58]);

— il-każijiet l-aktar frekwenti ta' frodi suspettata kienu jikkonċernaw dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà, segwiti minn kunflitti ta' interess u irregolaritajiet oħra fl-akkwist u l-ħolqien artifiċjali ta' kundizzjonijiet biex jinkiseb sussidju.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.58.**

*Il-Kummissjoni tisħaq li fl-ambitu tal-qafas ġuridiku eżistenti, huwa diffiċli li tingħata prova tal-ħolqien artifiċjali tal-kundizzjonijiet, skont l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.*

*Ara wkoll it-tweġibiet u l-kummenti fil-Kaxxa 7.4.*

([56]) Il-paġna 33 tal-Istruzzjonijiet Permanenti għar-Rapporti Annwali tal-Attività 2014.

([57]) Ara t-taqsima 3.1, il-paġna 17 tar-rapport ta' sinteżi.

([58]) Fis-sena kalendarja 2014 għaddejna 16-il każ lill-OLAF (relatati mas-snin tal-awditjar 2013 u 2014) (fl- 2013: 14). Uħud minn dawn il-każijiet jirriżultaw minn xogħol mhux relatat mad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## KONKLUŻJONIJIET

1.59. Il-funzjoni ewlenija ta' dan il-kapitolu hija li jsostni l-opinjonijiet tal-awditjar ippreżentati fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni.

### *Riżultati tal-awditjar*

1.60. Ir-riżultati tal-awditjar tagħna juru konsistenza konsiderevoli ma' dawk ta' snin preċedenti.

1.61. Ir-riżultati tagħna, kif ippreżentati fil-***Graff 1.6***, juru relazzjoni qawwija bejn it-tip ta' nfiq u l-livelli ta' żball. Din l-analiżi kemm twieġeb għal talbiet mill-partijiet interessati għal aktar informazzjoni dwar profili differenti ta' riskju, kif ukoll għandha l-għan li tassisti lill-Kummissjoni fit-teħid ta' azzjoni biex jiġu ttrattati oqsma b'livelli ta' żbalji li jkunu persistentement għoljin.

### *Żbalji u korrezzjonijiet*

1.62. Il-miżuri korrettivi rreġistrati fin-Nota 6 għall-kontijiet jinkludu xi strumenti importanti għall-esklużjoni ta' nfiq irregolari u l-għoti ta' inċentivi għat-titjib tas-sistemi ta' kontroll. Kull meta huwa possibbli, l-azzjoni korrettiva rilevanti tittieħed inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tagħna ta' tranżazzjonijiet individwali u dan naqqas il-livell ta' żball stmat minna għall-2014.

### *Rapporti annwali tal-attività u rapport ta' sinteżi*

1.63. Fir-rapport ta' sinteżi, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-infiq kumplessiv huwa milqut minn livell materjali ta' żball.

1.64. Il-Kummissjoni ħadet passi biex tibda ttejjeb l-analiżi tagħha tal-impatt tal-azzjoni korrettiva. Billi għamlet dan, hija naqqset, iżda ma eliminatx ir-riskju li l-impatt tal-azzjonijiet korrettivi jiġi ddikjarat b'mod eċċessiv jew li jkun ta' rilevanza limitata. Hemm aktar lok għal titjib fil-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-impatt tal-azzjoni korrettiva.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.64.** *Fir-Rapport ta' Sinteżi għall-2014, il-Kummissjoni tiddikjara li se tkompli topera kontrolli korrettivi u tipproduċi l-aħjar stima tagħha tal-ammonti ta' korrezzjoni, abbażi tal-prestazzjoni fl-imgħoddi tul perjodu twil biżżejjed biex itaffi l-effetti ċikliċi. Dan huwa intiż li jissodisfa r-rikjesta tal-Kwittanza biex "ikun spjegat l-impatt stmat tal-mekkaniżmi korrettivi".*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.65. Il-kisba ta' konsistenza fil-preżentazzjoni tal-ammonti f'riskju u tal-kapaċità korrettiva tirrappreżenta sfida kbira. Hemm varjetà wiesgħa ta' sistemi, kemm fi ħdan il-Kummissjoni kif ukoll fl-Istati Membri li jipprovdu informazzjoni dwar l-ammonti f'riskju u l-kapaċità korrettiva. Il-kisba ta' konsistenza bejn dawn is-sistemi mhuwiex kompitu faċli. Il-gwida l-ġdida maħruġa mill-Kummissjoni (ara l-paragrafu 1.50) wasslet għal xi titjib fil-preżentazzjoni tal-istima tagħha tal-livell ta' żball probabbli, iżda ma neħħietx ir-riskju li l-livelli ta' żball jiġu stmati huma b'mod sinifikattivament insuffiċjenti, u lanqas (sa ċertu punt inqas) li l-kapaċità korrettiva tiġi ddikjarata b'mod eċċessiv. L-aġġustamenti introdotti minn bosta DĠ (ara l-paġna 12 tar-rapport ta' sinteżi) għandhom jipprovdu bażi biex il-Kummissjoni tkompli ttejjeb is-sistemi ta' informazzjoni.

1.66. Il-Kummissjoni għadha ma wettqitx analiżi ta' oqsma b'livelli ta' żball li jkunu persistentement għoljin. Aħna nqisu li huwa importanti li analiżi bħal din titwettaq qabel ir-reviżjoni ta' nofs il-perjodu, tal-QFP 2014-2020, jew bħala parti minnha.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.65.** *Hemm problemi ta' preċiżjoni fuq il-livell ta' Stati Membri. Għalhekk, il-Kummissjoni ħadet passi biex ittejjeb il-preċiżjoni u, meta meħtieġ, aġġustat iċ-ċifri billi użat kriterji raġonevoli u prudenti. B'segwitu għal dan, ittejjbet il-kwalità tal-istima.*

*Barra minn hekk, l-aġġustamenti jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-verifiki tal-kwalità mill-Kummissjoni. Kif iddikjarat fir-Rapport ta' Sinteżi, il-Kummissjoni tikkunsidra li din kienet l-aħjar indikazzjoni disponibbli sabiex issir stima tal-kapaċità korrettiva tal-ġejjieni.*

*(Ara t-tweġiba għall-paragrafu 1.53).*

**1.66.** *Il-Kummissjoni se twettaq mill-aktar fis ir-rieżami tal-oqsma b'livelli għoljin fuq bażi persistenti ta' żbalji malli biżżejjed dejta dwar il-programmi l-ġodda tkun disponibbli.*

ANNESS 1.1

*APPROĊĊ U METODOLOĠIJA TAL-AWDITJAR*

1. L-approċċ tal-awditjar tagħna huwa deskritt fil-Manwal għall-Awditu Finanzjarju u tal-Konformità li huwa disponibbli fuq is-sit web tagħna. Aħna nużaw mudell ta' aċċertament biex nippjanaw ix-xogħol tagħna. Fl-ippjanar tagħna, aħna nqisu r-riskju li jseħħu l-iżbalji (riskju inerenti) u r-riskju li l-iżbalji ma jiġux pprevenuti jew maqbuda u kkorreġuti (riskju tal-kontroll).

**Parti 1 – Approċċ u metodoloġija tal-awditjar għall-affidabbiltà tal-kontijiet**

2. Il-kontijiet konsolidati jikkonsistu:

A. fir-rapporti finanzjarji konsolidati; u

B. fir-rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit.

Il-kontijiet konsolidati għandhom jippreżentaw b'mod xieraq, fl-aspetti materjali kollha:

— il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea fi tmiem is-sena;

— ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha; u

— it-tibdil fl-assi netti għas-sena li tkun intemmet.

L-awditu tagħna jinvolvi:

(a) Evalwazzjoni tal-ambjent tal-kontroll kontabilistiku.

(b) Iċċekkjar tal-funzjonament ta' proċeduri kontabilistiċi ewlenin u l-proċess ta' għeluq fi tmiem is-sena.

(c) Kontrolli analitiċi (konsistenza u raġonevolezza) fuq id-*data* kontabilistika prinċipali.

(d) Analiżijiet u rikonċiljazzjonijiet ta' kontijiet u/jew ta' bilanċi.

(e) Testijiet sostantivi ta' impenji, pagamenti u entrati speċifiċi fil-karta tal-bilanċ ibbażati fuq kampjuni rappreżentattivi.

(f) Sa fejn ikun possibbli, u skont l-istandards internazzjonali tal-awditjar, l-użu minn xogħol awdituri oħra. Dan huwa partikolarment il-każ għall-awditu ta' dawk l-attivitajiet mutwatarji u mutwanti mmaniġġjati mill-Kummissjoni, li għalihom hemm disponibbli ċertifikati tal-awditjar esterni.

**Parti 2 – Approċċ u metodoloġija tal-awditjar għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet**

3. L-awditu tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet jinvolvi ttestjar dirett ta' tranżazzjonijiet (ara t-***Tabella 1.1***). Aħna naċċertaw jekk dawn ikunux f'konformità mar-regoli u r-regolamenti rilevanti.

*Kif nittestjaw it-tranżazzjonijiet*

4. Fi ħdan kull valutazzjoni speċifika (il-Kapitoli 4 sa 9), aħna nwettqu testijiet diretti ta' tranżazzjonijiet abbażi ta' kampjun rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet. L-ittestjar tagħna jipprovdi stima tal-punt sa fejn it-tranżazzjonijiet fil-popolazzjoni kkonċernata jkunu irregolari.

5. L-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jinvolvi eżaminar ta' kull tranżazzjoni magħżula. Aħna niddeterminaw jekk il-klejm jew il-pagament sarx għall-iskopijiet approvati mill-baġit u speċifikati fil-leġiżlazzjoni rilevanti jew le. Aħna neżaminaw il-kalkolu tal-ammont tal-klejm jew tal-pagament (għal klejms li jkunu akbar nibbażaw fuq għażla rappreżentattiva tal-entrati li fuqhom is-sussidju jkun ibbażat). Dan jinvolvi l-ittraċċar tat-tranżazzjoni mill-kontijiet baġitarji sal-livell tar-riċevitur finali (eż. bidwi, l-organizzatur ta' kors ta' taħriġ, jew promotur ta' proġett tal-għajnuna għall-iżvilupp). Aħna nittestjaw il-konformità f'kull livell. Ikun hemm żball meta t-tranżazzjoni (fi kwalunkwe livell):

— tiġi kkalkulata b'mod skorrett; jew

— ma tissodisfax rekwiżit regolatorju jew dispożizzjoni kuntrattwali.

6. Għad-dħul, l-eżaminar tagħna tar-riżorsi proprji bbażati fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud u fuq l-introjtu nazzjonali gross jieħu bħala punt tat-tluq l-aggregati makroekonomiċi rilevanti li fuqhom dawn jiġu kkalkulati. Aħna neżaminaw is-sistemi ta' kontroll tal-Kummissjoni għall-ipproċessar tagħhom sakemm il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri jkunu ġew riċevuti u rreġistrati fil-kontijiet konsolidati. Għar-riżorsi proprji tradizzjonali aħna neżaminaw il-kontijet tal-awtoritajiet doganali u l-fluss tad-dazji sakemm l-ammonti jiġu riċevuti mill-Kummissjoni u rreġistrati fil-kontijiet.

7. Għall-infiq aħna neżaminaw il-pagamenti meta l-infiq ikun iġġarrab, ġie rreġistrat u aċċettat ("pagamenti kontabilizzati għall-ispejjeż"). Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti (inklużi dawk li jkunu saru għax-xiri ta' assi). Aħna ma neżaminawx pagamenti bil-quddiem fil-punt meta jsiru. Neżaminaw pagamenti bil-quddiem meta:

— ir-riċevitur finali tal-fondi tal-UE (eż. bidwi, istitut ta' riċerka, kumpanija li tipprovdi xogħlijiet jew servizzi wara proċeduri ta' akkwist pubbliku) jipprovdi evidenza dwar l-użu xieraq tagħhom; u

— il-Kummissjoni (jew istituzzjoni jew korp ieħor li jimmaniġġja l-fondi tal-UE) taċċetta li l-użu finali tal-fondi jkun iġġustifikat billi tapprova l-pagament bil-quddiem.

8. Il-kampjun tal-awditjar tagħna huwa mfassal biex jipprovdi stima tal-livell ta' żball fil-popolazzjoni awditjata fl-intier tagħha. Aħna neżaminaw klejms jew pagamenti li jkunu akbar billi nagħżlu entrati (eż. fatturi ta' proġett, irqajja' art fi klejm li jagħmel bidwi, ara l-paragrafu 5) biex nawditjaw fi ħdan tranżazzjonijiet individwali bl-użu ta' kampjunar ta' unitajiet monetarji (MUS). B'hekk, f'każ li l-entrati eżaminati jkunu parti minn proġett jew minn klejm ta' bidwi, ir-rata ta' żball irrappurtata għal dawn l-entrati ma tkunx tikkostitwixxi rata ta' żball għall-proġett awditjat jew għall-klejm ta' bidwi, iżda tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni kumplessiva tal-infiq tal-UE.

9. Aħna ma neżaminawx tranżazzjonijiet f'kull Stat Membru, stat benefiċjarju u/jew reġjun kull sena. L-eżempji pprovduti fir-rapport annwali huma għal skopijiet illustrattivi u juru l-iżbalji l-aktar tipiċi misjuba. It-tismija ta' ċerti Stati Membri, stati benefiċjarji u/jew reġjuni ma tfissirx li l-eżempji ppreżentati ma jseħħux band'oħra. L-eżempji illustrattivi ppreżentati f'dan ir-rapport ma jiffurmawx bażi biex jinsiltu konklużjonijiet dwar l-Istati Membri, l-istati benefiċjarji u/jew ir-reġjuni kkonċernati.

10. L-approċċ tagħna mhuwiex imfassal biex jiġbor *data* dwar il-frekwenza ta' żball fil-popolazzjoni. Għalhekk, iċ-ċifri ppreżentati dwar il-frekwenza ta' żball mhumiex indikazzjoni tal-frekwenza ta' żball fi tranżazzjonijiet iffinanzjati mill-UE jew fi Stati Membri individwali. L-approċċ tal-kampjunar tagħna japplika ponderazzjoni differenti għal tranżazzjonijiet differenti. Il-kampjunar tagħna jirrifletti l-valur tal-infiq ikkonċernat u l-intensità tax-xogħol tal-awditjar. Din il-ponderazzjoni titneħħa f'tabella tal-frekwenza li għalhekk tagħti l-istess ponderazzjoni għall-iżvilupp rurali bħalma tagħti għall-appoġġ dirett fil-qasam ta' "Riżorsi Naturali" u l-istess ponderazzjoni għall-infiq relatat mal-Fond Soċjali bħalma tagħti għall-pagamenti reġjonali u ta' koeżjoni fil-kapitolu "Koeżjoni". Il-frekwenza relattiva ta' żball f'kampjuni meħuda fi Stati Membri differenti ma tistax tkun gwida għal-livell relattiv ta' żball fi Stati Membri differenti.

*Kif nevalwaw u nippreżentaw ir-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijet*

11. L-iżbalji fit-tranżazzjonijiet iseħħu għal diversi raġunijiet. Dawn jieħdu għadd ta' forom differenti skont in-natura tal-ksur u tar-regola speċifika jew ir-rekwiżit kuntrattwali li ma ssegwiex. It-tranżazzjonijiet individwali jistgħu jkunu totalment jew parzjalment milquta minn żball. L-iżbalji maqbuda u kkoreġuti qabel il-kontrolli mwettqa minna u indipendentement minnhom huma esklużi mill-kalkolu u mill-frekwenza ta' żball. Huma juru li s-sistemi ta' kontroll ikunu ħadmu b'mod effettiv. Aħna nqisu jekk l-iżbalji individwali jkunux kwantifikabbli jew mhux kwantifikabbli. Aħna nieħdu kont tal-punt sa fejn ikun possibbli li jitkejjel kemm mill-ammont awditjat kien milqut minn żball.

12. Ħafna żbalji jseħħu fl-applikazzjoni tal-liġijiet dwar l-akkwist pubbliku. Biex il-prinċipji bażiċi ta' kompetizzjoni previsti fil-liġijiet u r-regolamenti tal-UE jiġu rrispettati, iridu jitħabbru proċeduri sinifikanti. L-offerti jridu jiġu evalwati skont kriterji speċifikati. Il-kuntratti ma jistgħux jinqasmu b'mod artifiċjali biex jiġi evitat li s-sollijiet jinqabżu ([1]).

([1]) Ara wkoll il-paragrafi 6.30 sa 6.35 u r-Rapport Speċjali Nru 10/2015 "L-isforzi biex jiġu indirizzati l-problemi relatati mal-akkwist pubbliku fin-nefqa tal-UE għall-Koeżjoni għandhom jiġu intensifikati".

13. Il-kriterji tagħna għall-kwantifikazzjoni ta' żbalji fl-akkwist pubbliku huma deskritti fid-dokument intitolat "Non-compliance with the rules on public procurement – types of irregularities and basis for quantification" (Nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku – tipi ta' irregolaritajiet u bażi għall-kwantifikazzjoni) ([2]).

14. Il-kwantifikazzjoni tagħna tista' tkun differenti minn dik użata mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri meta jkunu qed jiddeċiedu kif għandu jkun ir-rispons għall-applikazzjoni skorretta tar-regoli tal-akkwist pubbliku.

*Livell ta' żball stmat (rata tal-iżball l-aktar probabbli)*

15. Aħna nistmaw il-livell ta' żball bl-użu tar-rata tal-iżball l-aktar probabbli (MLE). Aħna nagħmlu dan għal kull intestatura tal-QFP, u għall-infiq mill-baġit kollu kemm hu. L-iżbalji kwantifikati biss huma parti mill-kalkolu. Il-perċentwal tal-MLE huwa stima statistika tal-perċentwal probabbli ta' żball fil-popolazzjoni. Eżempji ta' żbalji huma l-ksur kwantifikabbli tar-regolamenti, ir-regoli, u l-kundizzjonijiet ta' kuntratti u ta' għotjiet, applikabbli. Aħna nistmaw ukoll il-limitu inferjuri tal-iżball (LEL) u l-limitu superjuri tal-iżball (UEL) (ara l-illustrazzjoni hawn taħt).




16. Il-perċentwal tal-erja skura taħt il-kurva jindika l-probabbiltà li l-livell ta' żball tal-popolazzjoni jinsab bejn l-LEL u l-UEL.

17. Aħna nippjanaw ix-xogħol tagħna abbażi ta' soll ta' materjalità ta' 2 %. Aħna nużaw il-livell ta' materjalità bħala gwida għall-opinjoni tagħna. Aħna nieħdu wkoll kont tan-natura, l-ammont u l-kuntest tal-iżbalji meta nkunu qed niffurmaw l-opinjoni tagħna.

*Kif neżaminaw is-sistemi u nirrappurtaw ir-riżultati*

18. Il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, il-pajjiżi u/jew ir-reġjuni benefiċjarji jistabbilixxu sistemi. Huma jużaw dawn is-sistemi biex jimmaniġġjaw ir-riskji għall-baġit, inkluża r-regolarità tat-tranżazzjonijiet. L-eżaminar tas-sistemi huwa partikolarment utli għall-identifikazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet għal titjib.

19. Kull intestatura tal-QFP, inkluż id-dħul, tinvolvi ħafna sistemi individwali. Aħna nagħżlu kampjun ta' sistemi kull sena. Aħna nippreżentaw ir-riżultati b'rakkomandazzjonijiet għal titjib.

*Kif naslu għall-opinjonijiet tagħna fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni*

20. Ix-xogħol kollu tagħna rrappurtat fil-Kapitoli 4 sa 9 jifforma l-bażi għall-opinjoni tagħna dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea. L-opinjoni tagħna hija stipulata fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni. Meta nkunu qed niffurmaw l-opinjoni tagħna nqisu jekk żball ikunx pervażiv. Ix-xogħol tagħna jippermettilna naslu għal opinjoni infurmata dwar jekk l-iżbalji fil-popolazzjoni jaqbżux jew jaqgħux fi ħdan il-limiti ta' materjalità. L-aħjar stima tagħna tal-livell ta' żball għall-infiq kumplessiv fl-2014 hija ta' 4,4 %. Aħna ninsabu aktar minn 95 % fiduċjużi li l-livell ta' żball għall-popolazzjoni awditjata huwa materjali. Il-livell ta' żball stmat li nstab fl-intestaturi differenti tal-QFP ivarja kif deskritt fil-Kapitoli 4 sa 9. Aħna vvalutajna l-iżball bħala pervażiv – huwa jestendi fil-maġġoranza tal-oqsma ta' nfiq.

([2]) http://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/Guideline_procurement/Quantification_of_public_procurement_errors.pdf

*Frodi suspettata*

21. Jekk ikollna raġuni biex nissuspettaw li tkun twettqet attività frodulenti, aħna nirrappurtaw dan lill-OLAF, l-uffiċċju tal-Unjoni kontra l-frodi. L-OLAF huwa responsabbli mit-twettiq ta' kull investigazzjoni li tirriżulta. Aħna nirrappurtaw bosta każijiet kull sena lill-OLAF.

**Parti 3 – Rabta bejn l-opinjonijiet tal-awditjar għall-affidabbiltà tal-kontijiet u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet**

22. Aħna ħriġna:

(a) opinjoni tal-awditjar dwar il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja li ntemmet; u

(b) opinjonijiet tal-awditjar dwar ir-regolarità tad-dħul u l-pagamenti li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

23. Ix-xogħol tagħna u l-opinjonijiet tagħna jsegwu l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI.

24. Dawn l-istandards jipprevedu wkoll is-sitwazzjoni fejn l-awdituri joħorġu opinjonijiet tal-awditjar dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u r-regolarità tat-tranżazzjoniiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, billi jiddikjaraw li opinjoni modifikata dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet fiha nfisha ma twassalx għal opinjoni modifikata dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet. Ir-rapporti finanzjarji li dwarhom nesprimu opinjoni, b'mod partikolari n-Nota 6, jirrikonoxxu li hemm kwistjoni materjali fir-rigward ta' ksur tar-regoli li jirregolaw l-ispejjeż iddebitati lill-baġit tal-UE. Għaldaqstant iddeċidejna li l-eżistenza ta' livell materjali ta' żball li jolqot ir-regolarità mhijiex fiha nfisha raġuni biex nimmodifikaw l-opinjoni separata tagħna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet.

ANNESS 1.2

*SEGWITU TAL-OSSERVAZZJONIJIET MIS-SNIN PREĊEDENTI RIGWARD L-AFFIDABBILTÀ TAL-KONTIJIET*

| Osservazzjonijet li tqajmu fis-snin preċedenti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|
| 1. **Prefinanzjament, kontijiet pagabbli u proċeduri ta' għeluq tal-perjodu kontabilistku** | 1. **Prefinanzjament, kontijiet pagabbli u proċeduri ta' għeluq tal-perjodu kontabilistku** | 1. **Prefinanzjament, kontijiet pagabbli u proċeduri ta' għeluq tal-perjodu kontabilistku** |
| Għall-prefinanzjamenti, il-kontijiet pagabbli u l-għeluq tal-perjodu kontabilistku relatat, aħna identifikajna li mis-sena finanzjarja 2007 'l hawn saru żbalji kontabilistiċi li, b'mod kumplessiv, għandhom impatt finanzjarju immaterjali iżda li għandhom frekwenza għolja. Dan jenfasizza l-ħtieġa li jsir aktar titjib fil-livell ta' ċerti direttorati ġenerali. | Il-Kummissjoni kompliet taħdem fuq it-titjib tal-preċiżjoni tad-*data* kontabilistika tagħha.<br><br>L-eżaminar tagħna ta' kampjuni rappreżentattivi ta' prefinanzjamenti u fatturi/klejms għall-ispejjeż, għal darb'oħra identifika żbalji b'impatt finanzjarju li kumplessivament kien immaterjali iżda li kellu frekwenza għolja. | *Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li dejjem hemm lok għal titjib, madankollu, tenfasizza li l-prefinanzjament u l-fatturi ġew iġġustifikati korrettament matul it-tmien snin li għaddew.* |
| Fir-rigward tal-kontabbiltà għal ammonti prefinanzjati, aħna sibna li bosta direttorati ġenerali komplew jirreġistraw stimi fil-kontijiet saħansitra meta jkollhom bażi adegwata biex japprovaw il-prefinanzjamenti korrispondenti. Aħna sibna wkoll li f'bosta direttorati ġenerali l-proċeduri ta' għeluq tal-perjodu kontabilistku għandhom jittejbu, u jiġu armonizzati u awtomatizzati. | Bosta direttorati ġenerali għadhom ma kisbux approvazzjoni f'waqtha tal-prefinanzjament jew proċeduri preċiżi biżżejjed għall-kalkolu tal-punt sa fejn il-prefinanzjament intuża, u d-diviżjoni bejn il-prefinanzjament attwali u dak mhux attwali. | |
| Il-Kummissjoni inkludiet għall-ewwel darba l-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja fil-kontijiet għall-2010 u l-pagamenti bil-quddiem minn skemi oħra ta' għajnuna għall-ewwel darba fil-kontijiet għall-2011. Fiż-żewġ każijiet il-bilanċi pendenti huma stmati fuq is-suppożizzjoni li l-fondi jintużaw b'mod indaqs matul il-perjodu ta' operat. Il-Kummissjoni għandha tkompli tivveriifka li din is-suppożizzjoni tibqa' tapplika. | Il-bilanċi pendenti jkomplu jiġu stmati fuq is-suppożizzjoni li l-fondi jintużaw b'mod indaqs matul il-perjodu ta' operat, b'kont meħud, fejn din tkun disponibbli, ta' informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri għall-istrumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża (FISM). Għall-FISM (preċedentement magħrufa bħala strumenti ta' inġinerija finanzjarja), il-perjodu ta' operat huwa bbażat fuq estensjoni assunta mill-31 ta' Diċembru 2015 sal-31 ta' Marzu 2017 abbażi ta' interpretazzjoni ġdida tal-linji gwida relatati dwar l-għeluq. L-informazzjoni limitata li hija disponibbli dwar l-użu tal-pagamenti bil-quddiem għall-FISM u skemi oħra ta' għajnuna jista' jkollha impatt fuq il-valutazzjoni tagħhom fi tmiem is-sena u twassal għal aġġustamenti sinifikanti fl-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Huwa importanti li d-DĠ kkonċernati jivverifikaw l-użu ta' dawn il-fondi. | |

| Osservazzjonijet li tqajmu fis-snin preċedenti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|
| **2. Divulgazzjonijiet rigward irkupri u korrezzjonijiet finanzjarji ("protezzjoni tal-baġit tal-UE")** | **2. Divulgazzjonijiet rigward irkupri u korrezzjonijiet finanzjarji ("protezzjoni tal-baġit tal-UE")** | **2. Divulgazzjonijiet rigward irkupri u korrezzjonijiet finanzjarji ("protezzjoni tal-baġit tal-UE")** |
| L-uffiċjal tal-kontabbiltà rfina l-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar irkupri u korrezzjonijiet finanzjarji fin-Nota 6 għar-rapporti finanzjarji. Din in-nota issa hija aktar iffukata u inqas estensiva, iżda fiha wkoll informazzjoni li mhijiex meħuda mis-sistema kontabilistika. Din l-informazzjoni tista' tiġi ppreżentata aħjar fir-rapport dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE skont l-Artikolu 150(4) tar-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom Nru 966/2012) li għandu jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet baġitarji f'Settembru ta' kull sena. | Il-Kummissjoni għamlet aktar progress fil-preżentazzjoni tan-Nota 6.<br><br>Għall-koeżjoni, in-Nota 6 issa tiddivulga l-punt sa fejn il-korrezzjonijiet isiru qabel ma l-infiq jiġi rreġistrat ("f'ras il-għajn"), matul l-implimentazzjoni u fl-għeluq. | |
| La n-Nota 6 u lanqas ir-rapport imsemmi qabel dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE ma jiġbru fil-qosor l-impatt varjabbli tal-aġġustamenti korrettivi differenti. | In-nota issa tiddeskrivi iżda mhux dejjem tikkwantifika l-impatt tal-miżuri korrettivi fuq il-baġit tal-UE. Aħna sibna li n-Nota 6 għadha ma tiddistingwix bejn:<br><br>— l-aġġustamenti fil-livell tal-proġetti jew il-korrezzjonijiet fil-livell tal-programmi; u<br><br>— il-korrezzjonijiet finanzjarji netti u l-ftehimiet li jippermettu s-sostituzzjoni ta' nfiq irregolari. | *Kemm jista' jkun u minħabba kunsiderazzjonijiet tal-kostbenefiċċju, il-qsim tat-tagħrif li l-Qorti għamlet referenza għalih, issa qiegħed jiġi inkluż fil-Komunikazzjoni annwali dwar il-Protezzjoni tal-Baġit tal-UE.* |
| | Il-Kummissjoni biħsiebha tirrifletti d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ta' Ġunju 2015 li jannullaw deċiżjonijiet dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji għal ammont ta' EUR 457 miljun fin-Nota 6 għall-kontijiet 2015. | *Il-kawżi li saret referenza għalihom mill-Qorti huma marbutin mal-perjodu ta' programmazzjoni 1994-1999 u mad-deċiżjonijiet meħuda bejn l-2008 u l-2010. Is-sentenzi li ngħataw jirriflettu kwistjonijiet proċedurali li jirriżultaw mir-Regolament 1083/2006. Il-Kummissjoni qiegħda tanalizza l-impatt.* |
| | In-nota għad fiha informazzjoni li mhijiex meħuda mis-sistema kontabilistika. Attwalment, il-Kummissjoni qed tanalizza s-sitwazzjoni bl-għan li tintroduċi proċeduri ġodda sabiex tirreġistra dawn it-tranżazzjonijiet fi ħdan sistemi kontabilistiċi konvenzjonali. | *Bħalma tirrikonoxxi l-Qorti, il-Kummissjoni qiegħda tinvestiga proċeduri ġodda possibbli, madankollu, dan irid isir skont ir-restrizzjonijiet tas-sistema regolatorja fis-seħħ u t-tagħrif disponibbli li jirriżulta.* |
| Sabiex tiżgura l-preċiżjoni taċ-ċifri ppreżentati, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi proċeduri biex tikkonferma t-twaqqit, l-oriġini u l-ammont tal-mekkaniżmi korrettivi mal-Istati Membri. | Il-proċeduri stabbiliti għadhom mhumiex effettivi. | *Il-Kummissjoni se tanalizza flimkien mal-Istati Membri kif is-sistemi eżistenti ta' tagħrif jistgħu jittejbu aktar bil-mod li l-Qorti qiegħda tissuġġerixxi.* |

ANNESS 1.3

*SILTIET MILL-KONTIJIET KONSOLIDATI 2014* ([1])

**Tabella 1 – Karta tal-bilanċ** (*)

*(EUR miljun)*

| | 31.12.2014 | 31.12.2013 |
|---|---|---|
| **Assi mhux kurrenti** | | |
| Assi intanġibbli | 282 | 237 |
| Proprjetà, impjanti u tagħmir | 7 937 | 6 104 |
| Investimenti kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità | 409 | 349 |
| Assi finanzjarji | 56 438 | 59 844 |
| Prefinanzjament | 18 358 | 38 072 |
| Ammonti riċevibbli li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta' kambju u ammonti rekuperabbli li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet mhux ta' kambju | 1 198 | 498 |
| | **84 623** | **105 104** |
| **Assi kurrenti** | | |
| Assi finanzjarji | 11 811 | 5 571 |
| Prefinanzjament | 34 237 | 21 367 |
| Ammonti riċevibbli li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta' kambju u ammonti rekuperabbli li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet mhux ta' kambju | 14 380 | 13 182 |
| Inventarji | 128 | 128 |
| Flus kontanti u ekwivalenti ta' flus kontanti | 17 545 | 9 510 |
| | **78 101** | **49 758** |
| **Total tal-assi** | **162 724** | **154 862** |
| **Obbligazzjonijiet mhux kurrenti** | | |
| Pensjonijiet u benefiċċji oħra tal-impjegati | (58 616) | (46 818) |
| Provvedimenti | (1 537) | (1 323) |
| Obbligazzjonijiet finanzjarji | (51 851) | (56 369) |
| | **(112 005)** | **(104 510)** |
| **Obbligazzjonijiet kurrenti** | | |
| Provvedimenti | (745) | (545) |
| Obbligazzjonijiet finanzjarji | (8 828) | (3 163) |
| Ammonti pagabbli | (43 180) | (36 213) |
| Imposti dovuti u introjtu differit | (55 973) | (56 282) |
| | **(108 726)** | **(96 204)** |
| **Total tal-obbligazzjonijiet** | **(220 730)** | **(200 714)** |
| **Assi netti** | **(58 006)** | **(45 852)** |
| Riżervi | 4 435 | 4 073 |
| Ammonti li għandhom jintalbu lill-Istati Membri | (62 441) | (49 925) |
| **Assi netti** | **(58 006)** | **(45 852)** |

(*) Il-karta tal-bilanċ hija ppreżentata bl-użu tal-istess tqassim bħall-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea.

([1]) Il-qarrej jingħata parir li jikkonsulta t-test sħiħ tal-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, li jinkludu kemm ir-rapporti finanzjarji konsolidati kif ukoll in-noti ta' spjegazzjoni u r-rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u n-noti ta' spjegazzjoni.

**Tabella 2 – Rapport tal-prestazzjoni finanzjarja** (*)

*(EUR miljun)*

| | 2014 | 2013 (riklassifikati) |
|---|---|---|
| **Dħul** | | |
| **Dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' kambju** | | |
| Riżorsi tal-ING | 104 688 | 110 194 |
| Riżorsi proprji tradizzjonali | 17 137 | 15 467 |
| Riżorsi tal-VAT | 17 462 | 14 019 |
| Multi | 2 297 | 2 757 |
| Irkupru tal-ispejjeż | 3 418 | 1 777 |
| Oħrajn | 5 623 | 4 045 |
| **Total** | **150 625** | **148 259** |
| **Dħul minn tranżazzjonijiet ta' kambju** | | |
| Introjtu finanzjarju | 2 298 | 1 991 |
| Oħrajn | 1 066 | 1 443 |
| **Total** | **3 364** | **3 434** |
| | **153 989** | **151 693** |
| **Spejjeż** (**) | | |
| Implimentati mill-Istati Membri | | |
| Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija | (44 465) | (45 067) |
| Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u strumenti oħra tal-iżvilupp rurali | (14 046) | (13 585) |
| Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u Fond ta' Koeżjoni | (43 345) | (47 767) |
| Fond Soċjali Ewropew | (12 651) | (12 126) |
| Oħrajn | (2 307) | (1 525) |
| Implimentati mill-Kummissjoni u mill-aġenziji eżekuttivi | (15 311) | (12 519) |
| Implimentati minn aġenziji u korpi oħra tal-UE | (1 025) | (656) |
| Implimentati minn pajjiżu terzi u minn organizzazzjonijiet internazzjonali | (2 770) | (2 465) |
| Implimentati minn entitajiet oħra | (1 799) | (1 694) |
| Spejjeż għall-persunal u pensjonijiet | (9 662) | (9 058) |
| Bidliet fis-suppożizzjonijiet attwarjali tal-benefiċċji tal-impjegati | (9 170) | (2 033) |
| Spejjeż finanzjarji | (2 926) | (2 383) |
| Sehem tad-defiċit nett tal-impriżi konġunti u l-kumpaniji assoċjati | (640) | (608) |
| Spejjeż oħra | (5 152) | (4 572) |
| | **(165 269)** | **(156 058)** |
| **Riżultat ekonomiku tas-sena** | **(11 280)** | **(4 365)** |

(*) Ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja huwa ppreżentat bl-użu tal-istess tqassim bħall-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea.

(**) Implimentati mill-Istati Membri: Ġestjoni kondiviża; implimentati mill-Kummissjoni u mill-aġenziji eżekuttivi: Ġestjoni diretta; implimentati minn aġenziji u korpi oħra tal-UE, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet oħra: Ġestjoni indiretta.

**Tabella 3 – Rapport tal-flussi tal-flus** (*)

*(EUR miljun)*

| | 2014 | 2013 |
|---|---|---|
| Riżultat ekonomiku tas-sena | (11 280) | (4 365) |
| **Attivitajiet operatorji** | | |
| Amortizzament | 61 | 48 |
| Deprezzament | 408 | 401 |
| (Żieda)/tnaqqis fis-selfiet | (1 298) | 20 |
| (Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament | 6 844 | (1 695) |
| (Żieda)/tnaqqis fl-ammonti riċevibbli li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta' kambju u fl-ammonti rekuperabbli li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet mhux ta' kambju | (1 898) | 923 |
| (Żieda)/tnaqqis fl-inventarji | — | 10 |
| Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjoni tal-pensjonijiet u tal-benefiċċji tal-impjegati | 11 798 | 4 315 |
| Żieda/(tnaqqis) fil-provvedimenti | 414 | (196) |
| Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjonijiet finanzjarji | 1 146 | (330) |
| Żieda/(tnaqqis) fl-ammonti pagabbli | 6 967 | 14 655 |
| Żieda/(tnaqqis) fl-imposti dovuti u fl-introjtu differit | (309) | (12 154) |
| Bilanċ baġitarju pożittiv tas-sena preċedenti meħud bħala dħul mhux fi flus kontanti | (1 005) | (1 023) |
| Movimenti oħra mhux fi flus kontanti | 130 | (50) |
| **Attivitajiet ta' investiment** | | |
| (Żieda)/tnaqqis fl-assi intanġibbli u fil-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir | (2 347) | (624) |
| (Żieda)/tnaqqis fl-investimenti kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità | (60) | 43 |
| (Żieda)/tnaqqis fl-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ | (1 536) | (1 142) |
| **Flussi tal-flus netti** | **8 035** | **(1 164)** |
| Żieda/(tnaqqis) nett fil-flus kontanti u fl-ekwivalenti ta' flus kontanti | 8 035 | (1 164) |
| Flus kontanti u ekwivalenti ta' flus kontanti fil-bidu tas-sena | 9 510 | 10 674 |
| Flus kontanti u ekwivalenti ta' flus kontanti fi tmiem is-sena | 17 545 | 9 510 |

(*) Ir-rapport tal-flussi tal-flus huwa ppreżentat bl-użu tal-istess tqassim bħall-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea.

**Tabella 4 – Rapport tat-tibdil fl-assi netti** (*)

*(EUR miljun)*

| | Riżervi (A) | | Ammonti li għandhom jintalbu lill-Istati Membri (B) | | Assi Netti =(A)+(B) |
|---|---|---|---|---|---|
| | Riżerva ta' valur ġust | Riżervi oħra | Bilanċ pożittiv/(Defiċit) akkumulat | Riżultat ekonomiku tas-sena | |
| **Bilanċ fil-31.12.2012** | **150** | **3 911** | **(39 148)** | **(5 329)** | **(40 416)** |
| Moviment fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija | — | 46 | (46) | — | — |
| Movimenti fil-valur ġust | (51) | — | — | — | (51) |
| Oħrajn | — | 12 | (9) | — | 3 |
| Allokazzjoni tar-riżultat ekonomiku 2012 | — | 5 | (5 334) | 5 329 | — |
| Riżultat tal-baġit 2012 ikkreditat lill-Istati Membri | — | — | (1 023) | — | (1 023) |
| Riżultat ekonomiku tas-sena | — | — | — | (4 365) | (4 365) |
| **Bilanċ fil-31.12.2013** | **99** | **3 974** | **(45 560)** | **(4 365)** | **(45 852)** |
| Moviment fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija | — | 247 | (247) | — | — |
| Movimenti fil-valur ġust | 139 | — | — | — | 139 |
| Oħrajn | — | (24) | 16 | — | (8) |
| Allokazzjoni tar-riżultat ekonomiku 2013 | — | (0) | (4 365) | 4 365 | — |
| Riżultat tal-baġit 2013 ikkreditat lill-Istati Membri | — | — | (1 005) | — | (1 005) |
| Riżultat ekonomiku tas-sena | — | — | — | (11 280) | (11 280) |
| **Bilanċ fil-31.12.2014** | **238** | **4 197** | **(51 161)** | **(11 280)** | **(58 006)** |

(*) Ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti huwa ppreżentat bl-użu tal-istess tqassim bħall-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea.

**Tabella 5 – Riżultat tal-baġit tal-UE** (*)

*(EUR miljun)*

| | 2014 | 2013 |
|---|---|---|
| Dħul għas-sena finanzjarja | 143 940 | 149 504 |
| Pagamenti kontra l-approprjazzjonijiet baġitarji tas-sena attwali | (141 193) | (147 567) |
| Approprjazzjonijiet ta' pagament riportati għas-sena N+1 | (1 787) | (1 329) |
| Kanċellazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati, riportati mis-sena N-1 | 25 | 34 |
| Evoluzzjoni tad-dħul assenjat | 336 | 403 |
| Differenzi tal-kambju għas-sena | 110 | (42) |
| **Riżultat tal-baġit** (**) | **1 432** | **1 002** |

(*) Ir-riżultat tal-baġit tal-UE huwa ppreżentat bl-użu tal-istess tqassim bħall-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea.
(**) Li minnu r-riżultat tal-pajjiżi tal-EFTA kien ta' EUR (3) miljun fl-2014 u ta' EUR (4) miljun fl-2013.

**Tabella 6 – Rikonċiljazzjoni tar-riżultat ekonomiku mar-riżultat tal-baġit** (*)

*(EUR miljun)*

| | 2014 | 2013 |
|---|---|---|
| **Riżultat ekonomiku tas-sena** | **(11 280)** | **(4 365)** |
| **Dħul** | | |
| Drittijiet stabbiliti fis-sena attwali iżda għadhom mhumiex miġbura | (6 573) | (2 071) |
| Drittijiet stabbiliti fi snin preċedenti u miġbura fis-sena attwali | 4 809 | 3 357 |
| Dħul dovut (nett) | (4 877) | (134) |
| **Spejjeż** | | |
| Spejjeż dovuti (netti) | 9 223 | 3 216 |
| Spejjeż mis-sena preċedenti mħallsa fis-sena attwali | (821) | (1 123) |
| Effett nett tal-prefinanzjamenti | 457 | (902) |
| Approprjazzjonijiet ta' pagament riportati għas-sena ta' wara | (1 979) | (1 528) |
| Pagamenti li saru minn riporti u kanċellazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati | 1 858 | 1 538 |
| Moviment fil-provvedimenti | 12 164 | 4 136 |
| Oħrajn | (1 719) | (1 027) |
| **Riżultat ekonomiku tal-aġenziji u l-KEFA** | **170** | **(93)** |
| **Riżultat tal-baġit tas-sena** | **1 432** | **1 002** |

(*) Ir-rikonċiljazzjoni tar-riżultat ekonomiku mar-riżultat baġitarju hija ppreżentata bl-użu tal-istess tqassim bħall-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea.

ANNESS 1.4

*IL-LIVELL TA’ ŻBALL STMAT (IR-RATA TAL-IŻBALL L-AKTAR PROBABBLI, MLE) – DATA STORIKA U MHUX AĠĠUSTATA GĦALL-2009 SAL-2013*




Din il-graff tinkludi l-livelli ta’ żball, storiċi u mhux aġġustati, stmati, kif ġew ippubblikati fir-Rapport Annwali 2009 sar-Rapport Annwali 2013, il-Graffs 1.1 u t-Tabelli 1.2 (ara l-paragrafu 1.4).

ANNESS 1.5

*FREKWENZA TA' ŻBALJI MAQBUDA FIL-KAMPJUNAR TAL-AWDITJAR GĦAS-SENA 2014*

**Frekwenza ta' żbalji maqbuda fil-kampjunar tal-awditjar għas-sena 2014 skont id-direttorat ġenerali u l-istituzzjoni (infiq biss)**

| Il-Kummissjoni Ewropea Id-Direttorat Ġenerali (DĠ) Istituzzjonijiet u korpi oħra (it-tipi kollha ta' ġestjoni) | | Total tal-għadd ta' tranżazzjonijiet eżaminati | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn żball wieħed jew aktar | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kwistjonijiet oħra ta' konformità u żbalji mhux kwantifikabbli | Żbalji kwantifikabbli: | Żbalji kwantifikabbli < 20 % | Żbalji kwantifikabbli 20 %-80 % | Żbalji kwantifikabbli 80 %-100 % |
| **Il-Kummissjoni Ewropea:** | | | | | | | | |
| AGRI | Id-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali | 345 | 172 | 46 | 126 | 107 | 13 | 6 |
| EMPL | Id-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni | 178 | 62 | 32 | 30 | 18 | 7 | 5 |
| REGIO | Id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana | 161 | 75 | 50 | 25 | 10 | 10 | 5 |
| DEVCO | Id-DĠ Kooperazzjoni Internazzjonali u Żvilupp | 102 | 31 | 12 | 19 | 14 | 4 | 1 |
| RTD | Id-DĠ Riċerka u Innovazzjoni | 54 | 37 | 12 | 25 | 18 | 6 | 1 |
| PMO | L-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali | 58 | 7 | 3 | 4 | 4 | 0 | 0 |
| ECHO | Id-DĠ Għajnuna Umanitarja u Protezzjoni Ċivili (ECHO) | 37 | 6 | 0 | 6 | 6 | 0 | 0 |
| NEAR | Id-DĠ Viċinat u Negozjati għat-Tkabbir | 23 | 4 | 2 | 2 | 2 | 0 | 0 |
| CNECT | Id-DĠ Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija | 20 | 9 | 2 | 7 | 6 | 1 | 0 |
| EAC | Id-DĠ Edukazzjoni u Kultura | 20 | 5 | 0 | 5 | 4 | 1 | 0 |
| ERCEA | L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka | 14 | 10 | 7 | 3 | 3 | 0 | 0 |
| EACEA | L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura | 12 | 5 | 1 | 4 | 4 | 0 | 0 |
| MARE | Id-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd | 12 | 4 | 2 | 2 | 1 | 1 | 0 |

| Il-Kummissjoni Ewropea Id-Direttorat Ġenerali (DĠ) Istituzzjonijiet u korpi oħra (it-tipi kollha ta' ġestjoni) | | Total tal-għadd ta' tranżazzjonijiet eżaminati | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn żball wieħed jew aktar | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kwistjonijiet oħra ta' konformità u żbalji mhux kwantifikabbli | Żbalji kwantifikabbli: | Żbalji kwantifikabbli < 20 % | Żbalji kwantifikabbli 20 %-80 % | Żbalji kwantifikabbli 80 %-100 % |
| HOME | Id-DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni | 11 | 5 | 0 | 5 | 4 | 1 | 0 |
| JRC | Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka | 11 | 2 | 1 | 1 | 0 | 0 | 1 |
| REA | L-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka | 9 | 5 | 2 | 3 | 2 | 1 | 0 |
| GROW | Id-DĠ Suq Intern, Industrija, Intraprenditorija u SMEs | 8 | 1 | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 |
| OIB | L-Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fi Brussell | 7 | 3 | 3 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| ENER | Id-DĠ Enerġija | 6 | 3 | 1 | 2 | 2 | 0 | 0 |
| MOVE | Id-DĠ Mobilità u Trasport | 6 | 2 | 0 | 2 | 1 | 1 | 0 |
| DIGIT | Id-DĠ Informatika | 5 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| SANTE | Id-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari | 5 | 2 | 0 | 2 | 2 | 0 | 0 |
| JUST | Id-DĠ Ġustizzja u Konsumaturi | 4 | 1 | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 |
| FPI | Is-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija | 4 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| COMM | Id-DĠ Komunikazzjoni | 3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| ECFIN | Id-DĠ Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji | 3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| CLIMA | Id-DĠ Azzjoni Klimatika | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| FISMA | Id-DĠ Stabilità Finanzjarja, Servizzi Finanzjarji, u Unjoni tas-Swieq Kapitali | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| HR | Id-DĠ Riżorsi Umani u Sigurtà | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| TAXUD | Id-DĠ Tassazzjoni u Unjoni Doganali | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| BUDG | Id-DĠ Baġit | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| ENV | Id-DĠ Ambjent | 1 | 1 | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 |
| ESTAT | Id-DĠ Eurostat | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Subtotal għall-Kummissjoni Ewropea | | 1 129 | 453 | 177 | 276 | 209 | 48 | 19 |

| Il-Kummissjoni Ewropea Id-Direttorat Ġenerali (DĠ) Istituzzjonijiet u korpi oħra (it-tipi kollha ta' ġestjoni) | Total tal-għadd ta' tranżazzjonijiet eżaminati | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn żball wieħed jew aktar | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Kwistjonijiet oħra ta' konformità u żbalji mhux kwantifikabbli | Żbalji kwantifikabbli: | Żbalji kwantifikabbli < 20 % | Żbalji kwantifikabbli 20 %-80 % | Żbalji kwantifikabbli 80 %-100 % |
| **Istituzzjonijiet u korpi oħra** | | | | | | | |
| Il-Parlament Ewropew | 28 | 3 | 0 | 3 | 3 | 0 | 0 |
| Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna | 11 | 5 | 2 | 3 | 3 | 0 | 0 |
| Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea | 7 | 1 | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 |
| Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea | 4 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Korpi oħra | 3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Subtotal għal istituzzjonijiet u korpi oħra | 55 | 9 | 2 | 7 | 7 | 0 | 0 |
| **Total** | **1 184** | **462** | **179** | **283** | **216** | **48** | **19** |

## Frekwenza ta' żbalji maqbuda fil-kampjunar tal-awditjar għas-sena 2014 skont l-Istat Membru (l-Intestaturi 1b u 2 tal-QFP)

| Stat Membru (ġestjoni kondiviża) | | Intestatura 1b tal-QFP – Koeżjoni | | | | | | | | | | | | | | Intestatura 2b tal-QFP – Riżorsi Naturali | | | | | | | | | | | | | | Ġestjoni kondiviża Intestatura 1b Koeżjoni u Intestatura 2 Riżorsi Naturali tal-QFP (total) | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali/ Fond ta' Koeżjoni (FEŻR/FK) | | | | | | | Fond Soċjali Ewropew (FSE) | | | | | | | Appoġġ tas-suq u għajnuna diretta | | | | | | | Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | |
| | | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' żbalji | OCI/NQE | Kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' żbalji | OCI/NQE | Kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' żbalji | OCI/NQE | Kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' żbalji | OCI/NQE | Kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' żbalji | OCI/NQE | Kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % |
| | | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) |
| BE | Il-Belġju | 7 | 4 | 3 | 1 | 1 | 0 | 0 | | | | | | | | 4 | 4 | 0 | 4 | 4 | 0 | 0 | | | | | | | | **11** | **8** | **3** | **5** | **5** | **0** | **0** |
| BG | Il-Bulgarija | | | | | | | | 8 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | | | | | | | | 5 | 2 | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | **13** | **2** | **2** | **0** | **0** | **0** | **0** |
| CZ | Ir-Repubblika Ċeka | 18 | 8 | 5 | 3 | 1 | 1 | 1 | 14 | 2 | 1 | 1 | 1 | 0 | 0 | 4 | 2 | 0 | 2 | 2 | 0 | 0 | 5 | 4 | 2 | 2 | 1 | 0 | 1 | **41** | **16** | **8** | **8** | **5** | **1** | **2** |
| DK | Id-Danimarka | | | | | | | | | | | | | | | 8 | 2 | 0 | 2 | 2 | 0 | 0 | | | | | | | | **8** | **2** | **0** | **2** | **2** | **0** | **0** |
| DE | Il-Ġermanja | 8 | 7 | 5 | 2 | 2 | 0 | 0 | 14 | 6 | 3 | 3 | 2 | 0 | 1 | 20 | 5 | 0 | 5 | 5 | 0 | 0 | 15 | 8 | 1 | 7 | 6 | 0 | 1 | **57** | **26** | **9** | **17** | **15** | **0** | **2** |
| EE | L-Estonja | | | | | | | | | | | | | | | 4 | 2 | 0 | 2 | 2 | 0 | 0 | | | | | | | | **4** | **2** | **0** | **2** | **2** | **0** | **0** |
| IE | L-Irlanda | | | | | | | | | | | | | | | 4 | 3 | 0 | 3 | 3 | 0 | 0 | | | | | | | | **4** | **3** | **0** | **3** | **3** | **0** | **0** |
| EL | Il-Ġreċja | 13 | 3 | 2 | 1 | 0 | 1 | 0 | 20 | 4 | 0 | 4 | 0 | 1 | 3 | 12 | 3 | 0 | 3 | 1 | 2 | 0 | 10 | 3 | 2 | 1 | 0 | 1 | 0 | **55** | **13** | **4** | **9** | **1** | **5** | **3** |
| ES | Spanja | 7 | 3 | 3 | 0 | 0 | 0 | 0 | | | | | | | | 28 | 10 | 2 | 8 | 5 | 3 | 0 | 12 | 3 | 1 | 2 | 1 | 1 | 0 | **47** | **16** | **6** | **10** | **6** | **4** | **0** |
| FR | Franza | | | | | | | | 7 | 2 | 1 | 1 | 1 | 0 | 0 | 35 | 30 | 0 | 30 | 30 | 0 | 0 | 9 | 6 | 4 | 2 | 2 | 0 | 0 | **51** | **38** | **5** | **33** | **33** | **0** | **0** |
| HR | Il-Kroazja | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| IT | L-Italja | 8 | 5 | 4 | 1 | 0 | 1 | 0 | 20 | 10 | 7 | 3 | 1 | 2 | 0 | 16 | 8 | 1 | 7 | 6 | 1 | 0 | 16 | 12 | 10 | 2 | 2 | 0 | 0 | **60** | **35** | **22** | **13** | **9** | **4** | **0** |
| CY | Ċipru | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| LV | Il-Latvja | 7 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | | | | | | | | | | | | | | | 5 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | **12** | **2** | **2** | **0** | **0** | **0** | **0** |

| Stat Membru (ġestjoni kondiviża) | | Intestatura 1b tal-QFP – Koeżjoni | | | | | | | | | | | | | | Intestatura 2b tal-QFP – Riżorsi Naturali | | | | | | | | | | | | | | Ġestjoni kondiviża Intestatura 1b Koeżjoni u Intestatura 2 Riżorsi Naturali tal-QFP (total) | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali/ Fond ta' Koeżjoni (FEŻR/FK) | | | | | | | Fond Soċjali Ewropew (FSE) | | | | | | | Appoġġ tas-suq u għajnuna diretta | | | | | | | Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd | | | | | | | | | | | | | |
| | | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' żbalji | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' żbalji | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' żbalji | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' żbalji | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' żbalji | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | |
| | | | | OCI/NQE | Kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % | | | OCI/NQE | Kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % | | | OCI/NQE | Kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % | | | OCI/NQE | Kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % | | | OCI/NQE | Kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % |
| | | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) |
| LT | Il-Litwanja | 7 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | | | | | | | | | | | | | | | 5 | 3 | 1 | 2 | 0 | 1 | 1 | **12** | **4** | **2** | **2** | **0** | **1** | **1** |
| LU | Il-Lussemburgu | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| HU | L-Ungerija | 12 | 6 | 3 | 3 | 1 | 2 | 0 | 7 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 8 | 3 | 1 | 2 | 2 | 0 | 0 | 5 | 2 | 0 | 2 | 1 | 1 | 0 | **32** | **11** | **4** | **7** | **4** | **3** | **0** |
| MT | Malta | 4 | 2 | 1 | 1 | 0 | 0 | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | **4** | **2** | **1** | **1** | **0** | **0** | **1** |
| NL | In-Netherlands | | | | | | | | 7 | 6 | 4 | 2 | 2 | 0 | 0 | 4 | 2 | 0 | 2 | 2 | 0 | 0 | 5 | 5 | 4 | 1 | 1 | 0 | 0 | **16** | **13** | **8** | **5** | **5** | **0** | **0** |
| AT | L-Awstrija | | | | | | | | 7 | 5 | 4 | 1 | 0 | 1 | 0 | | | | | | | | 10 | 2 | 0 | 2 | 2 | 0 | 0 | **17** | **7** | **4** | **3** | **2** | **1** | **0** |
| PL | Il-Polonja | 34 | 20 | 16 | 4 | 2 | 1 | 1 | 21 | 3 | 1 | 2 | 2 | 0 | 0 | 12 | 5 | 1 | 4 | 3 | 1 | 0 | 20 | 9 | 6 | 3 | 2 | 0 | 1 | **87** | **37** | **24** | **13** | **9** | **2** | **2** |
| PT | Il-Portugall | 11 | 3 | 2 | 1 | 1 | 0 | 0 | 15 | 9 | 5 | 4 | 3 | 1 | 0 | 4 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 15 | 7 | 5 | 2 | 1 | 1 | 0 | **45** | **19** | **12** | **7** | **5** | **2** | **0** |
| RO | Ir-Rumanija | 7 | 2 | 0 | 2 | 0 | 1 | 1 | 8 | 4 | 2 | 2 | 0 | 1 | 1 | | | | | | | | 5 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | **20** | **7** | **3** | **4** | **0** | **2** | **2** |
| SI | Is-Slovenja | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| SK | Is-Slovakkja | | | | | | | | 7 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 4 | 4 | 0 | 4 | 4 | 0 | 0 | 5 | 3 | 0 | 3 | 3 | 0 | 0 | **16** | **8** | **1** | **7** | **7** | **0** | **0** |
| SF | Il-Finlandja | | | | | | | | 7 | 4 | 1 | 3 | 2 | 1 | 0 | 4 | 1 | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 | | | | | | | | **11** | **5** | **1** | **4** | **3** | **1** | **0** |
| SE | L-Iżvezja | 7 | 5 | 1 | 4 | 2 | 2 | 0 | 8 | 4 | 2 | 2 | 2 | 0 | 0 | | | | | | | | 5 | 2 | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | **20** | **11** | **5** | **6** | **4** | **2** | **0** |
| UK | Ir-Renju Unit | 7 | 5 | 3 | 2 | 0 | 1 | 1 | | | | | | | | 12 | 9 | 0 | 9 | 9 | 0 | 0 | 21 | 9 | 1 | 8 | 4 | 2 | 2 | **40** | **23** | **4** | **19** | **13** | **3** | **3** |

| Stat Membru (ġestjoni kondiviża) | Intestatura 1b tal-QFP – Koeżjoni | | | | | | | | | | | | | | Intestatura 2b tal-QFP – Riżorsi Naturali | | | | | | | | | | | | | | Ġestjoni kondiviża Intestatura 1b Koeżjoni u Intestatura 2 Riżorsi Naturali tal-QFP (total) | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali/ Fond ta' Koeżjoni (FEŻR/FK) | | | | | | | Fond Soċjali Ewropew (FSE) | | | | | | | Appoġġ tas-suq u għajnuna diretta | | | | | | | Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd | | | | | | | | | | | | | |
| | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' żbalji | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' żbalji | Għadd ta' tranżazzjonijiet mil-quta minn: | | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' żbalji | Għadd ta' tranżazzjonijiet mil-quta minn: | | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' żbalji | Għadd ta' tranżazzjonijiet mil-quta minn: | | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' żbalji | Għadd ta' tranżazzjonijiet mil-quta minn: | | | | |
| | | | OCI/NQE | Kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % | | | OCI/NQE | Kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % | | | OCI/NQE | Kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % | | | OCI/NQE | Kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % | | | OCI/NQE | Kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % |
| | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) |
| kooperazzjoni trans-konfinali | *4* | *0* | *0* | *0* | *0* | *0* | *0* | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | **4** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** |
| **Total** | ***161*** | ***75*** | ***50*** | ***25*** | ***10*** | ***10*** | ***5*** | ***170*** | ***60*** | ***32*** | ***28*** | ***16*** | ***7*** | ***5*** | ***183*** | ***93*** | ***5*** | ***88*** | ***81*** | ***7*** | ***0*** | ***173*** | ***82*** | ***43*** | ***39*** | ***26*** | ***7*** | ***6*** | **687** | **310** | **130** | **180** | **133** | **31** | **16** |

(1) Total tal-għadd ta' tranżazzjonijiet eżaminati

(2) Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn żball wieħed jew aktar

(3) Kwistjonijiet oħra ta' konformità (OCI) u żbalji mhux kwantifikabbli (NQE)

(4) Żbalji kwantifikabbli

(5) Żbalji kwantifikabbli <20 %

(6) Żbalji kwantifikabbli 20 % – 80 %

(7) Żbalji kwantifikabbli 80 % – 100 %

Aħna nieħdu kont tal-miżuri korrettivi u dan għandu impatt fuq is-sejbiet individwali inklużi fit-tabella (ara wkoll il-paragrafu 1.32). Aħna ma neżaminawx tranżazzjonijiet f'kull Stat Membru, stat benefiċjarju u/jew reġjun kull sena. Fejn it-tabella ma għandha l-ebda kontenut ("ċelluli vojta"), dan jindika li ma kien hemm l-ebda tranżazzjoni eżaminata. L-approċċ tagħna mhuwiex imfassal biex jiġbor *data* dwar il-frekwenza ta' żball fil-popolazzjoni. Għalhekk, iċ-ċifri ppreżentati dwar il-frekwenza ta' żball mhumiex indikazzjoni tal-frekwenza ta' żball fi tranżazzjonijiet iffinanzjati mill-UE jew fi Stati Membri individwali. Il-frekwenza relattiva ta' żball f'kampjuni meħuda fi Stati Membri differenti ma tistax tkun gwida għal-livell relattiv ta' żball fi Stati Membri differenti.

KAPITOLU 2

# Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

WERREJ


| | *Paragrafi* |
|---|---|
| Introduzzjoni | 2.1-2.3 |
| Osservazzjonijiet | 2.4-2.26 |
| Il-baġit għall-pagamenti fl-2014 kien it-tieni ogħla li qatt kien | 2.4 |
| L-approprjazzjonijiet ta' pagament u l-pagamenti għall-2014 kienu ogħla milli kien previst fil-QFP | 2.5-2.9 |
| Minkejja dan, kien hemm żieda żgħira fi klejms għall-pagamenti mhux imħallsa … | 2.10 |
| … filwaqt li l-livell ta' impenji li saru kien ferm fi ħdan il-limitu kumplessiv | 2.11 |
| Ir-riżultat baġitarju għall-2014 kien juri bilanċ pożittiv … | 2.12 |
| … filwaqt li r-riżultat ekonomiku kien juri defiċit | 2.13 |
| It-tnaqqis fl-impenji pendenti huwa previst li jkun temporanju | 2.14-2.16 |
| L-assorbiment tal-fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) pluriennali waqa' lura b'mod sinifikanti | 2.17-2.19 |
| Il-Kummissjoni ppreżentat pjan ta' pagament intenzjonat li jġib il-baġit tal-UE lura fuq binarju sostenibbli | 2.20-2.22 |
| L-ammonti mhux utilizzati fi strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża jibqgħu għoljin … | 2.23 |
| … bħalma jibqgħu għoljin il-flus kontanti miżmuma fi strumenti finanzjarji taħt ġestjoni indiretta | 2.24-2.26 |
| Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet | 2.27-2.30 |
| Il-konklużjonijiet għall-2014 | 2.27-2.29 |
| Rakkomandazzjonijiet | 2.30 |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

2.1. Dan il-kapitolu jagħti stampa ġenerali tal-kwistjonijiet ewlenin baġitarji u ta' ġestjoni finanzjarji li rriżultaw fl-2014. Dawn jinkludu livelli kumplessivi ta' nfiq u r-relazzjoni mal-limiti massimi baġitarji u dawk tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) il-ġdid (ara l-paragrafi 2.4 sa 2.9), mal-livelli ta' klejms għall-pagamenti mhux imħallsa u l-impenji pendenti (ara l-paragrafi 2.10 sa 2.22), u mal-livelli ta' flus kontanti miżmuma fi strumenti finanzjarji (ara l-paragrafi 2.23 sa 2.26).

2.2. Din kienet l-ewwel sena tal-QFP, li kopriet il-perjodu 2014 sa 2020. Fil-prattika l-biċċa l-kbira mill-pagamenti li saru fl-2014 kienu għadhom relatati mal-programmi tal-QFP preċedenti. Pereżempju, il-pagamenti fl-2014 koprew l-ispiża tas-sussidji lill-bdiewa għall-2013, ir-rimborż ta' klejms għal proġetti ta' koeżjoni għall-programmi operazzjonali 2007-2013, u għal proġetti tar-riċerka taħt is-Seba' Programm Kwadru, li beda fl-2007.

2.3. Il-qafas finanzjarju pluriennali huwa programm ta' seba' snin li jistipula l-parametri ewlenin għall-baġit annwali tal-Unjoni Ewropea. Huwa ddefinit f'Regolament tal-Kunsill ([1]) bil-kunsens tal-Parlament Ewropew u jistabbilixxi limitu massimu annwali kumplessiv fuq l-approprjazzjonijiet ta' pagament u l-approprjazzjonijiet ta' impenn. Il-QFP il-ġdid jistabbilixxi l-approprjazzjonijiet ta' impenn f'ammont massimu ta' EUR 1 083 biljun u l-approprjazzjonijiet ta' pagament f'ammont massimu ta' EUR 1 024 biljun għall-perjodu ta' seba' snin ([2]). Karatteristika ġdida f'dan il-QFP hija li l-ammonti mhux użati taħt il-limitu massimu ta' pagament isiru disponibbli awtomatikament fi snin sussegwenti ([3]).

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

([2]) L-ammonti huma ddikjarati fi prezzijiet attwali.

([3]) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013, il-Kummissjoni trid taġġusta l-limitu massimu ta' sena 'l fuq b'ammont ekwivalenti għad-differenza bejn il-pagamenti u l-limitu massimu tal-QFP tas-sena preċedenti. Dawn l-aġġustamenti annwali ma jridux jaqbżu l-ammonti massimi ta' EUR 7 biljun, EUR 9 biljun u EUR 10 biljun (fi prezzijiet tal-2011) fl-2018, l-2019 u l-2020 rispettivament.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## OSSERVAZZJONIJIET

### Il-baġit għall-pagamenti fl-2014 kien it-tieni ogħla li qatt kien

2.4. Il-baġit tal-UE jiġi ppjanat u rrappurtat fuq bażi ta' flus kontanti u huwa stabbilit bil-għan li jibbilanċja l-ammonti riċevuti u l-pagamenti: il-baġit ma jistax jiġi ffinanzjat b'teħid ta' self [4] (ara l-paragrafi 2.12 sa 2.13). Il-baġit inizjali għall-pagamenti fl-2014 kien l-ogħla li qatt kien fl-istorja tal-UE. Il-livell finali ta' pagamenti [5] kien it-tieni l-ogħla, u ġie biss wara dak tal-2013 u, bħal fl-2013, kien ogħla mil-limitu massimu tal-QFP (ara l-***Graffs 2.1*** u **2.2**).

(4) L-Artikolu 17 tar-Regolament Finanzjarju – ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

(5) Inklużi EUR 350 miljun għal strumenti speċjali.

**Graff 2.1 – Evoluzzjoni ta' baġits u ta' pagamenti 2010–2014**

*(EUR biljun)*




*Sors:* Il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea – Snin finanzjarji 2010-2014.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## L-approprjazzjonijiet ta' pagament u l-pagamenti għall-2014 kienu ogħla milli kien previst fil-QFP

2.5. Il-***Graff 2.2*** tagħti stampa ġenerali taċ-ċifri ewlenin dwar l-approprjazzjonijiet ta' pagament u l-pagamenti li saru fl-2014.

2.6. Ir-regolament tal-QFP ([6]) li ġie adottat fl-2013 stabbilixxa livell massimu għall-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2014 ta' EUR 135,9 biljun ([7]). Il-baġit inizjali ġie stabbilit kemxejn taħt dan il-limitu massimu f'ammont ta' EUR 135,5 biljun.

([6]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013.
([7]) Inklużi EUR 350 miljun għal strumenti speċjali.

**Graff 2.2 – Approprjazzjonijiet ta' pagament u pagamenti li saru fl-2014**

*(EUR biljun)*




*Sors:* Il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea – Sena finanzjarja 2014, "Rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u noti ta' spjega", it-Tabelli 5.1 u 5.3.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.7. Il-Parlament u l-Kunsill approvaw seba' baġits emendatorji ([8]), sitta minnhom fis-17 ta' Diċembru 2014. Il-baġits emendatorji l-aktar sinifikanti (in-Nru 2 u n-Nru 3) wieġbu għal talba mill-Kummissjoni għal EUR 3,5 biljun oħra f'approprjazzjonijiet ta' pagament. L-istabbiliment ta' baġit f'dan il-livell ogħla kien jirrikjedi l-attivazzjoni tal-marġni ta' kontinġenza ("strument tal-aħħar rimedju b'reazzjoni għal ċirkustanzi mhux previsti" ([9])). Il-Kummissjoni talbet l-użu ta' din f'Mejju 2014, fi stadju bikri tal-perjodu tal-QFP il-ġdid.

2.8. L-użu tal-marġni ta' kontinġenza żied il-limitu massimu tal-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2014 stabbilit fil-QFP b'EUR 3,2 biljun għal EUR 139,0 biljun. B'konsegwenza ta' dan, l-approprjazzjonijiet ta' pagament se jitnaqqsu b'EUR 0,9 biljun f'kull sena mill-2018 sal-2020. Il-Kummissjoni ma kinitx għamlet proposta għal tnaqqis li jkopri l-bilanċ tal-marġni ta' kontinġenza fiż-żmien meta dan ir-rapport ġie ffinalizat ([10]).

2.9. Il-baġit emendat, flimkien mar-riporti ([11]) mis-sena preċedenti (EUR 1,4 biljun) u d-dħul assenjat (EUR 7,1 biljun) ([12]), żied il-baġit finali għall-pagamenti għal EUR 147,5 ([13]) biljun (ara l-***Graff 2.2***). Il-pagamenti totali li saru fl-2014 ammontaw għal EUR 142,5 biljun ([14]). Mill-approprjazzjonijiet ta' pagament li ma ntużawx (EUR 5,0 biljun), EUR 4,8 biljun ġew riportati għall-2015.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.7.** *Il-mobilizzazzjoni tal-marġini ta' kontinġenza kien iġġustifikat mil-livell dejjem jiżdied ta' talbiet mhux imħallsa għall-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-2007-2013 fi tmiem l-2013 li kienu jammontaw għal 23,4 biljun EUR. Dan kien minħabba l-kombinazzjoni ta' krediti ta' pagamenti insuffiċjenti vvutati fil-baġits annwali fl-aħħar snin tal-QFP preċedenti u l-limitu massimu strett tal-pagamenti tal-ewwel sena tal-QFP kurrenti.*

**2.8.** *Filwaqt li jirrikonoxxu li ma hemm l-ebda ftehim finali bejn it-tliet istituzzjonijiet dwar din l-interpretazzjoni, fil-kuntest tal-proċedura baġitarja tal-2015 huma qablu dwar dikjarazzjoni konġunta, għal impenn sabiex* "jintlaħaq ftehim malajr dwar jekk, u sa fejn, strumenti speċjali oħra jistgħu jiġu mobilizzati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP għall-pagamenti bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk, u sa fejn, l-ammont ta' EUR 350 miljun għandux jiġi paċut mal-marġnijiet tal-QFP għal pagamenti għas-snin finanzjarji kurrenti jew dawk futuri."

**2.9.** *Minkejja l-adozzjoni tard tal-baġits emendatorji f'Diċembru 2014, l-eżekuzzjoni sħiħa intlaħqet fi tmiem l-2014 għall-politika ta' koeżjoni u l-ebda approprjazzjonijiet ta' pagament ma ġew riportati.*

---

([8]) Tlieta minn dawn kienu jittrattaw aġġustamenti tekniċi u tnejn kellhom impatt nett relattivament żgħir (inqas minn EUR 0,1 biljun) fuq impenji baġitarji.

([9]) Introdotta fl-Artikolu 13 tal-QFP 2014-20, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013.

([10]) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza (ĠU L 72, 14.3.2015, p. 4) jiddikjara fl-Artikolu 2 li "Il-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta fi żmien xieraq proposta dwar l-ammont li fadal ta' EUR 350 miljun".

([11]) Riporti huma fondi li ma jintużawx f'sena finanzjarja u li jiġu trasferiti għall-baġit tas-sena ta' wara.

([12]) Dħul assenjat huwa dħul allokat għal attivitajiet speċifiċi. Id-dħul assenjat kien joriġina prinċipalment minn penali agrikoli u rkupri oħra (EUR 3,6 biljun) u partijiet terzi, inklużi pajjiżi tal-EFTA u pajjiżi kandidati (EUR 3,0 biljun).

([13]) Din iċ-ċifra hija ogħla mill-baġit finali vvutat li jidher fil-***Graff 2.1*** għax tinkludi riporti u dħul assenjat.

([14]) Ara t-Tabella 5.3 tal-QFP: Implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament (p. 126 tal-kontijiet).

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| **Minkejja dan, kien hemm żieda żgħira fi klejms għall-pagamenti mhux imħallsa …** | |
| 2.10. Minkejja l-fatt li l-livell ta' pagamenti kompla jkun ogħla mil-limitu massimu tal-QFP u minkejja l-użu tal-"marġni ta' kontinġenza", il-klejms għall-pagamenti mhux imħallsa telgħu b'EUR 1,4 biljun għal EUR 25,8 biljun ([15]). Għalkemm dan jindika akkumulazzjoni ulterjuri ta' klejms ippreżentati, il-biċċa l-kbira minn dawn il-klejms waslu lejn tmiem is-sena ([16]). Minn dawn, klejms għal EUR 4,8 biljun ġew interrotti fi tmiem is-sena u klejms għal EUR 10,2 biljun ġew ippreżentati tard wisq biex jiġu pproċessati (fl-aħħar erbat ijiem tas-sena). B'riżultat ta' dan, għall-koeżjoni (l-akbar komponent tat-total) l-ammont massimu li l-Kummissjoni setgħet ħallset wara li approvat klejms oħra kien ikun ta' EUR 9,7 biljun (li kieku l-baġit kien disponibbli). L-ammonti li ġew ivverifikati mill-Kummissjoni bħala korretti u li ġew irreġistrati bħala lesti għall-pagament fis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni qabel tmiem is-sena ammontaw għal EUR 1,9 biljun. | |
| **… filwaqt li l-livell ta' impenji li saru kien ferm fi ħdan il-limitu kumplessiv** | |
| 2.11. Il-baġit awtorizza approprjazzjonijiet għal impenji f'ammont ta' EUR 142,7 biljun ([17]) għall-2014. L-impenji li saru ammontaw għal EUR 109,3 biljun (76,6 % tal-approprjazzjonijiet disponibbli) li jirrifletti l-livell ta' programmi ġodda approvati mill-Kummissjoni ([18]) fl-ewwel sena tal-QFP l-ġdid għall-2014-2020. B'riżultat ta' dan, hemm livell għoli ħafna ta' approprjazzjonijiet għal impenji disponibbli fl-2015. Il-limitu massimu tal-QFP għal approprjazzjonijiet ta' impenn ġie aġġustat fl-2015 biex jieħu inkunsiderazzjoni l-livell baxx ta' utilizzazzjoni fl-2014. Il-limitu massimu ġie miżjud b'EUR 16,5 biljun ([19]), u ammont ta' EUR 12,1 biljun ġie riportat għall-2015. | **2.11.** *Ir-regolament QFP jipprovdi għal riprogrammar tal-impenji tal-2014 mhux użati fis-snin ta' wara. Bħala konsegwenza tal-adozzjoni tard tal-QFP u tal-Bażi Ġuridika għall-politika ta' koeżjoni (Ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni 1303/2013), dan ġie applikat għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni għal ammont ta' EUR 11,2 biljun. L-ipprogrammar mill-ġdid ġie adottat fit-22 ta' April 2015 mill-Kunsill.*<br><br>*Il-Kummissjoni se ssegwi mill-qrib ħafna l-implimentazzjoni tal-programm, permezz tal-użu tal-informazzjoni finanzjarja ppreżentata tliet darbiet fis-sena mill-Istati Membri (l-Artikolu 112 tas-CPR).* |

([15]) In-Nota 2.12 fil-p. 66 tal-kontijiet.

([16]) Fl-"Analysis of the budgetary implementation of the European Structural and Investment Funds in 2014" (Analiżi tal-implimentazzjoni baġitarja tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej fl-2014) il-Kummissjoni tikkummenta li mill-EUR 23,4 biljun ta' klejms għall-pagamenti ppreżentati matul l-aħħar xahrejn tas-sena, madwar 92 % (EUR 21,5 biljun) biss waslu f'Diċembru u xi EUR 19-il biljun ġew ippreżentati wara l-15 ta' Diċembru. Bħal fis-snin preċedenti, din il-konċentrazzjoni għolja ta' klejms għall-pagamenti fit-tmiem nett tas-sena ġiet skattata, sa ċertu punt, mir-restrizzjoni ta' diżimpenn awtomatiku billi l-2014 kienet l-aħħar sena meta sar diżimpenn massimu skont ir-regola n+2.

([17]) Dan jinkludi ammont nett ta' EUR 50 miljun mill-baġits emendatorji Nri 3, 4 u 6.

([18]) Ġew approvati 345 programm minn 645 programm.

([19]) Il-limitu massimu tal-QFP se jiġi miżjud ukoll b'EUR [4,5 biljun fl-2016 u b'EUR [0,1 biljun fl-2017.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Ir-riżultat baġitarju għall-2014 kien juri bilanċ pożittiv ...

2.12. Ir-riżultat baġitarju għall-2014 kien juri bilanċ pożittiv ta' EUR 1,4 biljun ([20]). Dan jirrappreżenta l-eċċess ta' ammonti riċevuti mill-Istati Membri fuq pagamenti li saru. Il-bilanċ pożittiv jirrappreżenta pagament bil-quddiem mill-Istati Membri lejn il-baġit tas-sena ta' wara. Bilanċ pożittiv baġitarju huwa normali minħabba li l-pagamenti ma jistgħux ikunu ogħla mill-ammonti riċevuti ([21]).

## ... filwaqt li r-riżultat ekonomiku kien juri defiċit

2.13. Ir-riżultat ekonomiku kien juri defiċit ta' EUR 9,6 biljun. Ir-raġunijiet prinċipali għal dan id-defiċit huma aġġustamenti mhux fi flus kontanti li jirriżultaw mill-impatt nett ta' żidiet fl-ammonti riċevibbli u fil-provvedimenti. Iż-żieda fl-ammonti riċevibbli tirriżulta għax sitt Stati Membri eżerċitaw l-għażla li jiddiferixxu l-ħlas ta' kontribuzzjonijiet datati b'lura wara aġġustamenti għall-istimi tal-ING ([22]) (ara l-paragrafi 4.6 sa 4.13). Iż-żieda fil-livell ta' provvedimenti huwa prinċipalment dovut għall-impatt tat-tnaqqis tar-rati tal-imgħax fis-swieq kapitali għall-valwazzjoni ta' obbligazzjonijiet dovuti tal-pensjonijiet ([23]). Il-Kummissjoni tipprovdi rikonċiljazzjoni tar-riżultat ekonomiku mar-riżultat baġitarju fuq il-paġna 109 tal-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2014 b'aktar spjegazzjonijiet fil-paġna 118 (ara t-***Tabella 6*** fl-***Anness 1.3***).

([20]) Ara l-***Anness 1.3***, it-***Tabella 5***, mill-p. 108 tal-kontijiet.
([21]) Fil-prinċipju, defiċit jista' jseħħ jekk l-ammonti riċevuti jkunu inqas mill-pagamenti li jkunu saru. Fil-prattika, defiċit ilu ma jseħħ mill-1986 'il hawn.
([22]) Ara n-nota 2.6.1.1 fil-p. 59 tal-kontijiet.
([23]) Ara n-nota 2.9 għall-kontijiet.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## It-tnaqqis fl-impenji pendenti huwa previst li jkun temporanju

2.14. Kif spjegat fil-paragrafu 2.2, il-biċċa l-kbira mill-pagamenti saru biex ikopru impenji tal-QFP preċedenti 2007-2013. Dan ikkontribwixxa għat-tnaqqis tal-impenji pendenti ([24]) minn EUR 222,4 biljun għal EUR 189,6 biljun.

2.15. Il-***Graff 2.3*** turi l-evoluzzjoni tal-impenji pendenti għall-Intestatura 1b tal-QFP ([25]) (58 % tat-total tal-impenji pendenti). Dan juri tnaqqis sinifikanti fl-impenji pendenti, u li jirrifletti l-għadd ta' programmi operazzjonali għall-perjodu l-ġdid li għadhom ma ġewx approvati mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni użat EUR 28,0 biljun (58 %) mill-EUR 47,5 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn għall-2014. L-Intestatura 1b tal-QFP użat l-approprjazzjonijiet ta' pagament kollha li ammontaw għal EUR 54,4 biljun.

2.16. It-tnaqqis fil-livell tal-impenji pendenti huwa previst li jkun temporanju minħabba ż-żieda mitluba fil-limitu massimu tal-QFP għall-2015 u għal snin sussegwenti (ara l-paragrafu 2.11 u l-***Graff 2.3***).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.15.** *Għall-politika ta' koeżjoni, l-impenji pendenti għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013 naqsu bi kważi 40 % (EUR 52 biljun) għal EUR 80,6 biljun fl-2014, biex b'hekk immarkaw it-tmiem tax-xejra ta' żieda osservata sal-aħħar tal-2013. Setgħu jitnaqqsu saħansitra aktar li kieku l-abbiltà tal-Kummissjoni li tonora t-talbiet għall-pagament li waslu tard fis-sena ma kinitx ġiet limitata minħabba n-nuqqas ta' approprjazzjonijiet ta' pagamenti (ara t-tweġiba 2.10).*

*Barra minn hekk, it-tnaqqis tal-impenji pendenti fl-2014 huwa marbut mal-livell għoli ta' pagamenti li sar ta' EUR 51,8 biljun (jew 111 % tal-baġit inizjali awtorizzat) għall-politika ta' koeżjoni għall-programmi tal-2007-2013 li jersqu lejn it-tmiem tal-perjodu ta' eliġibbiltà tagħhom (jiġifieri l-31/12/2015).*

*(Ara: "Analiżi tal-implimentazzjoni baġitarja tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej fl-2014")*

([24]) Approprjazzjonijiet ta' impenn li jkunu ġew awtorizzati iżda li għadhom ma nbidlux f'pagamenti.

([25]) Fondi fl-Intestatura 1b "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali", jiġifieri l-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni.

**Graff 2.3 – Evoluzzjoni tal-impenji pendenti akkumulati fl-Intestatura 1b tal-QFP**

*(EUR biljun)*




*Sors:* Rapporti dwar il-ġestjoni bağitarja u finanzjarja – Snin finanzjarji 2007-2014.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**L-assorbiment tal-fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) pluriennali waqa' lura b'mod sinifikanti**

2.17. Sa tmiem l-2014 il-pagamenti lill-Istati Membri għall-fondi SIE pluriennali ([26]) għall-2007-2013 kienu laħqu EUR 309,5 biljun (77 % tat-total ta' EUR 403,0 biljun għall-programmi operazzjonali approvati kollha) ([27]). Aħna nipprovdu analiżi dwar il-punt sa fejn il-Kummissjoni għamlet pagamenti meta mqabbla ma' impenji għal kull Stat Membru fil-***Graff* 2.4**. Ir-rata ta' assorbiment tvarja minn 50 % għal 92 % ([28]).

**2.17.** *Id-data finali ta' eliġibbiltà hija l-31/12/2015. Id-dokumenti ta' għeluq iridu jintbagħtu sa mhux aktar tard mill-31/03/2017. Il-pagamenti fil-livell nazzjonali jirrappreżentaw livelli ogħla peress li ċ-ċertifikazzjoni tieħu ż-żmien. Ir-regolament jipprevedi li jinżamm sehem ta' 5 % tal-allokazzjoni totali sal-għeluq tal-programmi.*

*Il-koleġiżlaturi ddeċidew li jemendaw ir-regolament 1083/2006 u li jestendu l-iskadenza tad-diżimpenn awtomatiku N+3 għal żewġ Stati Membri (kif inhu wkoll il-każ għall-Kroazja wara t-trattat tal-adeżjoni tagħha). Dan naqqas il-pressjoni fuq il-pagamenti għall-Istati Membri kkonċernati.*

*Fl-aħħar, fl-2014 twaqqfet Task Force għal Implimentazzjoni Aħjar biex tgħin lill-Istati Membri jtejbu kemm jista' jkun l-użu tal-pakketti tal-politika ta' koeżjoni 2007-2013. Qed jiġi segwit il-progress tal-azzjonijiet speċifiċi għal kull Stat Membru.*

2.18. Il-***Graff* 2.4** turi wkoll li ħames Stati Membri ([29]) jirrappreżentaw aktar minn nofs l-impenji mhux użati tal-Fondi SIE pluriennali.

**2.18.** *Tweġiba komuni għal 2.18 u 2.19*

*Il-Kummissjoni tqis li hemm relazzjoni bejn il-piż tal-allokazzjoni inizjali u l-punt sa fejn l-impenji ma jkunux użati.*

*Il-Kummissjoni hi involuta b'mod attiv fl-għoti ta' għajnuna lill-Istati Membri l-aktar f'riskju ta' telf ta' fondi. Fl-2014 hija waqqfet Task Force għal Implimentazzjoni Aħjar sabiex ittejjeb l-implimentazzjoni fi Stati Membri li għadha lura sew mil-livell medju tal-UE-28 tal-eżekuzzjoni finanzjarja u li jkollhom proporzjonalment l-ogħla kontribuzzjonijiet pendenti tal-UE.*

2.19. F'xi Stati Membri l-kontribuzzjoni mill-UE li ma ġietx ikklejmjata, flimkien mal-kofinanzjament nazzjonali meħtieġ, huwa ekwivalenti għal sehem sinifikanti tal-infiq ġenerali totali tal-gvern (ara l-***Graff* 2.5**). F'erba' Stati Membri, is-sehem akkumulat li jista' jiġi kklejmjat mill-fondi tal-UE huwa ekwivalenti għal 15 % jew aktar tal-infiq ġenerali annwali tal-gvern ([30]).

([26]) Il-fondi SIE jinkludu l-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS).

([27]) L-Assi 2 u 6 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) ġew esklużi mill-ammonti tal-fondi SIE minħabba li huma miżuri annwali li ma jaffettwawx ir-rata ta' assorbiment tal-Istati Membri.

([28]) L-iżborż massimu qabel l-għeluq huwa 95 % tal-allokazzjoni totali.

([29]) Ir-Repubblika Ċeka, Spanja, l-Italja, il-Polonja u r-Rumanija jirrappreżentaw EUR 54,9 biljun minn EUR 93,5 biljun tal-impenji mhux użati tal-Fondi SIE.

([30]) Is-sehem akkumulat li jista' jiġi kklejmjat mill-fondi tal-UE huwa magħmul minn pagamenti li għandhom isiru mill-Kummissjoni. L-Istati Membri se jeħtieġu jippreżentaw infiq ekwivalenti għal dan l-ammont flimkien ma' kofinanzjament nazzjonali.

**Graff 2.4 – Assorbiment f'% u totali tal-fondi SIE taħt il-QFP 2007-13 fil-31 ta' Diċembru 2014**




(1) Il-Kroazja aderixxiet mal-UE f'Lulju 2013. Għalhekk, iċ-ċifri ta' assorbiment għall-Kroazja ma humiex kumparabbli ma' dawk ta' Stati Membri oħra.

*Sors:* Il-kalkolu tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bbażat fuq *data* kontabilistika tal-Kummissjoni.

**Graff 2.5 – Impenji pendenti tal-fondi SIE fil-31 ta' Diċembru 2014 bħala perċentwal tal-infiq ġenerali tal-gvern għall-2014**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri bbażat fuq informazzjoni mill-Kummissjoni.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

### Il-Kummissjoni ppreżentat pjan ta' pagament intenzjonat li jġib il-baġit tal-UE lura fuq binarju sostenibbli

2.20. Matul is-snin 2007 sa 2013, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE għamlu impenji ta' EUR 994 biljun u pagamenti ta' EUR 888 biljun ([31]). L-impenji pendenti żdiedu minn EUR 132 biljun fil-bidu tal-2007 għal EUR 222 biljun fi tmiem l-2013. L-impenji kkanċellati ammontaw għal EUR 16-il biljun matul il-perjodu, livell ta' diżimpenn ta' 1,6 %.

([31]) Id-dħul assenjat ikkontribwixxa impenji ta' EUR 24 biljun għall-impenji totali ta' EUR 994 biljun u pagamenti ta' EUR 24 biljun għall-pagamenti totali ta' EUR 888 biljun.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.21. F'Marzu 2015, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill pjan ta' pagament li jġib il-baġit tal-UE lura fuq binarju sostenibbli ([32]). Il-pjan jippreżenta miżuri fuq terminu qasir biex jitnaqqas il-livell ta' kontijiet mhux imħallsa. Il-Kummissjoni pprevediet il-miżuri ta' mitigazzjoni li ġejjin għal ġestjoni mtejba tal-approprjazzjonijiet ta' pagament;

— l-irkupru ta' ammonti mhux dovuti jsir aktar malajr,

— l-ammonti inattivi fuq kontijiet fiduċjarji jiġu limitati,

— il-perċentwali ta' prefinanzjament jitnaqqsu,

— jintużaw dati ta' skadenza massimi għall-pagament,

— is-sejħiet għal proposti/sejħiet għal offerti u l-ikkuntrattar relatat jiġu posposti.

2.22. F'rapporti annwali preċedenti ([33]) aħna appoġġajna azzjoni dwar l-ewwel tnejn minn dawn il-miżuri li, flimkien mal- miżuri l-oħra, jibnu fuq karatteristiċi normali ta' ġestjoni finanzjarja. Filwaqt li l-miżuri proposti mill-Kummissjoni jfittxu li jtejbu l-ġestjoni tal-flussi tal-flus fuq terminu qasir, it-trattament tal-livell għoli ta' impenji pendenti tirrikjedi perspettiva fuq terminu ta' żmien aktar fit-tul. Aħna nkomplu nqisu li kull sena l-Kummissjoni għandha tħejji u tippubblika previżjoni fuq perjodu fit-tul li tkopri limiti baġitarji massimi, ħtiġijiet ta' pagament, restrizzjonijiet ta' kapaċità u diżimpenji potenzjali ([34]). Dan ikun jgħin lill-partijiet interessati b'mod sinifikanti fil-valutazzjoni tar-rekwiżiti futuri ta' pagament u tal-prijoritajiet baġitarji.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.21.** *Fil-'pjan tal-ħlas' jiġu deskritti l-miżuri fuq medda qasira ta' żmien biex titnaqqas l-akkumulazzjoni ta' kontijiet mhux imħallsa. Hija tippreżenta stima probabbli ta' talbiet pendenti mhux imħallsa fi tmiem l-2015 (EUR 20 biljun) u ssejjeaħ għal krediti suffiċjenti ta' pagament fil-baġit tal-2016 biex tnaqqas il-pendenzi għall-anqas livell possibbli. L-abbozz tal-baġit tal-Kummissjoni għall-2016, adottat fis-27 ta' Mejju 2015, jinkludi l-livell korrispondenti ta' krediti. L-adozzjoni finali ta' dawn il-krediti hija l-azzjoni deċiżiva ta' mitigazzjoni kontra l-impenji pendenti, kif ippreżentat fl-analiżi dwar il-'pjan tal-ħlas'.*

*Il-Kummissjoni qed issegwi mill-qrib l-implimentazzjoni tal-programm u għandha tinforma l-awtorità tal-baġit meta jiġu identifikati problemi.*

**2.22.** *Il-pjan tal-ħlas jindirizza l-pagamenti pendenti, li se jitħallsu sa tmiem l-2016.*

*Ara t-tweġiba għar-rakkomandazzjoni 4.*

([32]) "Financial statement discussion and analysis" (Diskussjoni u analiżi dwar ir-rapport finanzjarju), ippreżentat flimkien mal-kontijiet, p. 25. Il-pjan ta' pagament jista' jinstab fuq: http://www.europarl.europa.eu/meetdocs/2014_2019/documents/budg/dv/2015_elements_payment_plan_/2015_elements_payment_plan_en.pdf

([33]) Pereżempju fir-Rapport Annwali 2013, il-paragrafi 1.48 u 1.49.

([34]) Ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 1.50.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## L-ammonti mhux utilizzati fi strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża jibqgħu għoljin ...

2.23. Fir-rapport l-aktar reċenti dwar strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża, li huwa disponibbli u li jiddeskrivi s-sitwazzjoni fi tmiem l-2013 ([35]), il-kontribuzzjonijiet għall-istrumenti żdiedu b'mod rapidu b'EUR 1,7 biljun minn EUR 12,6 biljun għal EUR 14,3 biljun. L-ammont imħallas lir-riċevituri finali żdied b'EUR 2,0 biljun minn EUR 4,7 biljun għal EUR 6,7 biljun u dan ifisser li tħallsu 47 % mit-total tal-kontribuzzjonijiet riċevuti, li jirrappreżenta progress limitat meta mqabbel mas-37 % li tħallsu fi tmiem l-2012 ([36]).

**2.23.** *Ir-rata ta' żborż totali sal-aħħar tal-2013 kienet 47 %, meta mqabbla ma' 37 % fi tmiem l-2012 u l-Kummissjoni qed tistenna progress simili għall-2014. Azzjonijiet biex jitħaffu r-rati ta' żborż ta' strumenti finanzjarji lir-riċevituri finali jinkludu azzjonijiet ta' segwitu permezz ta' kumitati ta' monitoraġġ, żjarat fuq il-post, kampanji promozzjonali u f'ċerti każijiet iprogrammar mill-ġdid (f'każijiet fejn huwa ċar li l-fondi oriġinarjament dedikati għall-istrumenti finanzjarji ma jistgħux jiġu żborżati lir-riċevituri finali, pereżempju, minħabba l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq). Barra minn hekk, il-Kummissjoni, permezz tal-modifika tal-Linji Gwida dwar l-Għeluq iċċarat il-flessibbiltà permessa skont ir-Regolament Ġenerali b'rabta mal-appoġġ mill-Istrumenti tal-Inġinerija Finanzjarja lir-riċevituri finali.*

*Ara wkoll it-tweġiba għar-rakkomandazzjoni 5.*

## ... bħalma jibqgħu għoljin il-flus kontanti miżmuma fi strumenti finanzjarji taħt ġestjoni indiretta

2.24. Flus kontanti u ekwivalenti ta' flus kontanti li jappartjenu għal strumenti finanzjarji, huma mmaniġġjati minn fiduċjarji f'isem il-Kummissjoni għall-iskop ta' implimentazzjoni ta' programmi speċifiċi ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Dawn kienu jammontaw għal total ta' EUR 1,3 biljun fi tmiem l-2014 (2013: EUR 1,4 biljun).

**2.24.** *Bosta strumenti finanzjarji jeħtieġu ċerti riżervi minimi għall-funzjonament tagħhom. B'mod partikolari, parti konsiderevoli ta' flus u ekwivalenti ta' flus (EUR 730 miljun) hija miżmuma minn strumenti ta' garanzija li, min-natura tagħhom, iridu jżommu flus u depożiti għal żmien qasir sabiex iwettqu l-funzjoni tagħhom.*

([35]) L-aktar ċifri reċenti li huma disponibbli huma relatati ma' tmiem l-2013, u jidhru fir-rapport tal-Kummissjoni "Summary of data on the progress made in financing and implementing financial engineering instruments reported by the managing authorities in accordance with Article 67(2)(j) of Council Regulation (EC) Nru 1083/2006" (Sommarju tad-*data* dwar il-progress li sar fil-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' inġinerija finanzjarji rrappurtati mill-awtoritajiet maniġerjali skont l-Artikolu 67(2)(j) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006) datat Settembru 2014.

([36]) Ara l-paragrafi 6.49 sa 6.50, u r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 1.48.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

2.25. Ir-raġuni prinċipali għat-tnaqqis nett ta' EUR 0,1 biljun f'somom miżmuma f'kontijiet fiduċjarji huwa li l-Kummissjoni issa ħadet azzjoni biex tikklerja rimborżi ([37]) minn selfiet u operazzjonijiet ta' kapital ta' riskju relatati mal-MEDA ([38]). Fil-31 ta' Diċembru 2013, EUR 259 miljun kienu akkumulaw u baqgħu f'kont fiduċjarju fil-BEI ([39]). Matul l-2014, EUR 110 miljun ġew trasferiti għall-Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni ([40]). L-EUR 149 miljun li kien jifdal intraddu lura lill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

2.26. L-impatt tal-ikklerjar tar-rimborżi relatati mal-MEDA jitpaċa parzjalment bit-trasferiment ta' aktar minn EUR 200 miljun għal kontijiet fiduċjarji stabbiliti għal strumenti finanzjarji taħt il-QFP il-ġdid. Dawn it-trasferimenti huma rreġistrati bħala pagamenti fil-baġit tal-2014.

## KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

### Il-konklużjonijiet għall-2014

2.27. Il-pagamenti fl-2014, bħal dawk fl-2013, baqgħu ogħla mil-livell massimu tal-QFP. L-approprjazzjonijiet ta' pagament inizjali ġew miżjuda b'EUR 3,5 biljun permezz ta' baġits emendatorji. L-istabbiliment tal-baġit f'dan il-livell irrikjeda l-attivazzjoni tal-"marġni ta' kontinġenza" ftit wara ma beda l-QFP il-ġdid (ara l-paragrafi 2.4 sa 2.9).

**2.27.** *Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 2.4 sa 2.9.*

2.28. L-impenji baġitarji pendenti fuq infiq ta' natura pluriennali jibqgħu f'livell għoli ħafna. Il-biċċa l-kbira minn dawn l-impenji pendenti huma relatati mal-QFP preċedenti (ara l-paragrafu 2.14).

2.29. Impenji mhux użati tal-Fondi SIE huma għoljin ħafna għal xi Stati Membri (ara l-paragrafi 2.17 sa 2.19).

**2.29.** *Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 2.17 sa 2.19.*

([37]) Pagamenti ta' mgħaxijiet u ripagamenti ta' selfiet, dividendi u rimborż ta' kapital.

([38]) L-istrument prinċipali tal-kooperazzjoni ekonomika u finanzjarja taħt is-Sħubija Ewro-Mediterranja.

([39]) Ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 1.49.

([40]) Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Rakkomandazzjonijiet

2.30. Aħna nirrakkomandaw li:

— **Rakkomandazzjoni 1**: il-Kummissjoni tieħu azzjoni biex tnaqqas il-livell ta' impenji pendenti. Minbarra l-miżuri fuq terminu qasir proposti f'Marzu 2015, tinħtieġ perspettiva fuq terminu ta' żmien aktar fit-tul (ara l-paragrafi 2.14 sa 2.16);

— **Rakkomandazzjoni 2**: fil-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tagħha, il-Kummissjoni tqis ir-restrizzjonijiet ta' kapaċità f'ċerti Stati Membri sabiex tiġi evitata l-utilizzazzjoni insuffiċjenti ta' fondi u biex jiżdiedu r-rati ta' assorbiment, speċjalment fil-qasam tal-fondi SIE (ara l-paragrafu 2.19);

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.30.**

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u qed tieħu l-azzjoni mitluba.*

*Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn l-impenji pendenti (RAL) li jirriżultaw mid-differenza fiż-żmien bejn l-impenji u l-pagamenti għall-programmi pluriennali (ir-RAL"normali") u r-RAL li tirriżulta mill-'akkumulazzjoni anormali' li tinħoloq minħabba n-nuqqas ta' approprjazzjonijiet ta' pagament li seħħew f'dawn l-aħħar snin. Il-pjan ta' pagament miftiehem mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, jindirizza komplementament akkumulazzjoni anormali bħal din, li hija mistennija li titneħħa gradwalment sa tmiem l-2016. Dan ma jeliminax l-impenji normali pendenti, peress li se jibqgħu jsiru impenji ġodda, bil-għan li jsir il-pagament fis-snin sussegwenti, kif huwa normali fl-ipprogrammar pluriennali.*

*Il-Kummissjoni tqis li l-'pjan tal-ħlas' jinkludi perspettiva fit-tul għat-tnaqqis tal-akkumulazzjoni tal-pagamenti u l-impenji pendenti anormali (ara t-tweġiba 2.21).*

*Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Diġà ħadet l-azzjonijiet li ġejjin:*

- *iż-żieda temporanja ta' 10 % fir-rata ta' kofinanzjament għall-pajjiżi tal-programm,*
- *appoġġ speċifiku għall-awtoritajiet tal-Istati Membri kkonċernati,*
- *reviżjoni tal-Linji Gwida tal-Għeluq biex jiġi żgurat l-użu xieraq tal-arranġamenti ta' flessibilità disponibbli għall-Istati Membri (ara t-tweġiba għall-paragrafu 2.23).*

*It-twaqqif, f'Novembru tal-2014, ta' Task Force interna għal Implimentazzjoni Aħjar, responsabbli biex tivvaluta s-sitwazzjoni fi tmien Stati Membri, tidentifika l-ostakli li jfixklu l-implimentazzjoni b'suċċess, tiddefinixxi u ssegwi l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni konkreti biex jindirizzaw dawn ir-riskji potenzjali ta' diżimpenji.*

*Barra minn hekk, id-DĠ tal-Politika Reġjonali u Urbana fl-2013 stabbilixxa Ċentru ta' Kompetenza "Il-Bini tal-Kapaċità Amministrattiva", responsabbli biex jiddefinixxi u jimplimenta azzjonijiet immirati li jindirizzaw konġestjonijiet u d-dgħufijiet amministrattivi li jxekklu l-użu effettiv u effiċjenti tal-Fondi SIE fl-Istati Membri u r-reġjuni.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

— **Rakkomandazzjoni 3**: il-Kummissjoni tqis miżuri li jwasslu għal tnaqqis fl-impenji pendenti, għeluq aktar rapidu tal-programmi 2007-2013, tnaqqis fil-flus kontanti miżmuma minn fiduċjarji u l-kumpilazzjoni ta' pjanijiet u previżjonijiet ta' pagament f'dawk l-oqsma fejn l-impenji pendenti jkunu ogħla minn bosta mill-approprjazzjonijiet annwali rispettivi (ara l-paragrafi 2.20 u 2.21);

— **Rakkomandazzjoni 4:** il-Kummissjoni tistabbilixxi previżjoni ta' flussi tal-flus fuq terminu twil biex il-fondi disponibbli jikkorrispondu aħjar għall-ħtiġijiet ta' pagament (ara l-paragrafu 2.22);

— **Rakkomandazzjoni 5:** il-Kummissjoni tirrinforza l-isforzi biex tnaqqas il-bilanċi eċċessivi ta' flus kontanti fl-istrumenti finanzjarji (ara l-paragrafi 2.23 sa 2.26).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.*

*Il-Kummissjoni qed tiffaċċja restrizzjonijiet fil-kisba ta' għeluq iżjed mgħaġġel għall-perjodu 2007-2013.*

*Il-Kummissjoni tqis li l-iktar miżura importanti għat-tnaqqis tal-impenji pendenti għall-perjodu 2007-2013 hija l-approvazzjoni tal-krediti mitluba fl-Abbozz ta' Baġit tal-2016 sabiex titneħħa gradwalment l-akkumulazzjoni anormali ta' talbiet mhux imħallsa fl-2016.*

*Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u qed tieħu l-azzjoni rakkomandata billi tanalizza kif jista' jiġi ppreparat u divulgat bl-aħjar mod tbassir tal-flussi tal-flus fuq firxa twila.*

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u qed tieħu l-azzjoni rrakomandata. Fl-għeluq, il-krediti disponibbli fi strumenti finanzjarji u mhux użati għal tal-inqas għall-ewwel ċiklu ta' investimenti/garanziji se jintilfu għall-Istat Membru kkonċernat.*

*Għall-perjodu 2014-2020, ġew stabbiliti regoli aktar ċari u flessibbli li jipprovdu għal immirar aħjar tal-istrumenti (valutazzjoni* ex ante*) u ta' pagamenti f'pagamenti parzjali. Barra minn hekk, twaqqfu numru ta' inizjattivi biex jiffaċilitaw aktar l-implimentazzjoni ta' strumenti, fosthom strumenti standardizzati u l-pjattaforma ta' assistenza teknika 'FI-compass', li tipprovdi pariri ġenerali, taħriġ u skambju reċiproku ta' esperjenzi għall-awtoritajiet maniġerjali.*

*(Ara t-tweġiba għall-paragrafu 2.23 u r-rakkomandazzjoni 2.)*

KAPITOLU 3

## Kisba ta' riżultati mill-baġit tal-UE

WERREJ


| | Paragrafu |
|---|---|
| Introduzzjoni | 3.1-3.2 |
| Parti 1 – L-istrateġija Ewropa 2020 u l-monitoraġġ u r-rappurtar mill-Kummissjoni | 3.3-3.34 |
| Il-perjodu kopert mill-istrateġija Ewropa 2020 mhuwiex allinjat maċ-ċiklu baġitarju tal-UE | 3.7-3.12 |
| Il-prijoritajiet, il-miri ewlenin u l-inizjattivi emblematiċi kif ukoll l-objettivi tematiċi tal-Ewropa 2020 ma jservux bħala objettivi operazzjonali | 3.13-3.25 |
| Sa issa, il-Kummissjoni ma rrappurtatx b'mod komprensiv dwar il-kontribuzzjoni li saret mill-baġit tal-UE għall-objettivi tal-Ewropa 2020 | 3.26-3.34 |
| Parti 2 – Kif l-objettivi tal-Ewropa 2020 huma riflessi fil-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi tal-Istati Membri | 3.35-3.65 |
| Il-benefiċċji potenzjali tal-kombinament tal-ħames Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ma mmaterjalizzawx għalkollox | 3.39-3.43 |
| L-istrateġija Ewropa 2020 mhijiex ikkonkretizzata sistematikament, permezz ta' objettivi tematiċi, f'miri operazzjonali fi ftehimiet ta' sħubija u programmi | 3.44-3.48 |
| L-introduzzjoni ta' indikaturi komuni għal kull fond hija pass importanti iżda hemm limitazzjonijiet fit-tfassil | 3.49-3.56 |
| Il-fokus fuq ir-riżultati għandu jitjieb aktar b'mod partikolari fil-ftehimiet ta' sħubija | 3.57-3.60 |
| Dgħufijiet fit-tfassil tal-qafas ta' prestazzjoni | 3.61-3.65 |
| Parti 3 – Ir-rappurtar mill-Kummissjoni dwar il-prestazzjoni | 3.66-3.75 |
| Il-gwida ċentrali tjiebet iżda għad hemm dgħufijiet li jridu jiġu indirizzati | 3.68-3.70 |
| L-ippjanar u r-rappurtar dwar il-prestazzjoni fil-livell tad-direttorati ġenerali jista' jitjieb aktar | 3.71-3.75 |
| Parti 4 – Riżultati tal-awditu tagħna dwar il-prestazzjoni | 3.76-3.86 |
| Sibna fokus dgħajjef fuq ir-riżultati | 3.79-3.82 |
| Il-proġetti li x'aktarx iwasslu impatt massimu mhux dejjem intgħażlu | 3.83-3.86 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 3.87-3.97 |
| Il-konklużjoni għall-2014 | 3.87-3.95 |
| Rakkomandazzjonijiet | 3.96-3.97 |

Anness 3.1 — Rapporti speċjali adottati mill-Qorti tal-Awdituri fl-2014

Anness 3.2 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għall-kwistjonijiet ta' prestazzjoni

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

# INTRODUZZJONI

3.1. It-tema ta' dan il-kapitolu hija l-prestazzjoni (ara l-Kaxxa 3.1). Din is-sena għażilna li niffokaw fuq l-istrateġija tal-Unjoni Ewropea (UE) fuq terminu twil, l-Ewropa 2020. Mill-erba' partijiet tal-kapitolu, l-ewwel waħda għaldaqstant tqis il-monitoraġġ u r-rappurtar mill-Kummissjoni dwar l-Ewropa 2020, u t-tieni parti teżamina kif l-istrateġija Ewropa 2020 tirriżulta fi ftehimiet ta' sħubija u programmi ta' finanzjament maqbula bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Iż-żewġ partijiet finali jittrattaw suġġetti li aħna eżaminajna wkoll fis-snin preċedenti. It-tielet parti tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħna dwar ir-rapporti annwali tal-attività (RAA) mħejjija mid-diretturi ġenerali. Fl-aħħar nett, ir-raba' parti tenfasizza wkoll mit-temi prinċipali li jirriżultaw mir-rapporti speċjali 2014 [1] tagħna dwar il-prestazzjoni.

| Kaxxa 3.1 – Prestazzjoni fl-UE |
|---|
| Il-prestazzjoni fl-UE tiġi vvalutata abbażi tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba (l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja (effettività)) [2], u tkopri:<br>(a) inputs – il-mezzi finanzjarji, umani, materjali, organizzazzjonali jew regolatorji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm;<br>(b) outputs – ir-riżultati tanġibbli tal-programm;<br>(c) riżultati – l-effetti immedjati tal-programm fuq destinatarji jew riċevituri diretti;<br>(d) impatti – bidliet fuq terminu twil fis-soċjetà li jkunu, mill-inqas parzjalment, attribwibbli għall-azzjoni tal-UE. |

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.1.** *Il-baġit tal-QFP 2014–2020 huwa wieħed mil-lievi tal-UE li jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet Ewropa 2020. Madankollu, il-gvernijiet nazzjonali għandhom rwol primarju biex jintlaħqu l-objettivi tal-istrateġija tal-UE. Il-baġit tal-UE waħdu jirrappreżenta biss madwar 2 % tal-infiq pubbliku totali fl-UE u 1 % tad-Dħul Nazzjonali Gross tal-UE. Għalhekk il-baġits u l-azzjonijiet nazzjonali kumulattivi huma l-fattur kruċjali biex jintlaħqu l-objettivi tal-istrateġija tal-UE.*

*Il-Kummissjoni hija impenjata biex tirrapporta dwar il-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE biex jintlaħqu l-objettivi ta' Ewropa 2020. Madankollu, dan huma kompitu oneruż, b'mod partikolari l-iżolazzjoni tal-effett tal-baġit tal-UE minn dik tal-baġits nazzjonali u ta' fatturi esterni. Dan jirrekjedi taħlita ta' informazzjoni u ta' evidenza ġejjin minn monitoraġġ, mudellar u evalwazzjoni.*

*Barra minn dan, l-objettivi tal-programmi ta' ffinanzjar u l-modalitajiet ta' implimentazjzoni tal-QFP il-ġdid ġew imsawra mill-koleġiżlatur. Dawn il-programmi huma implimentati l-aktar mill-Istati Membri permezz ta' ġestjoni kondiviża.*

(1) Ir-rapporti speċjali tagħna jkopru l-baġit tal-UE u l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (http://eca.europa.eu).

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej, l-Artikolu 27; imħassar bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), l-Artikolu 30 (dħul fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.2. Ir-rapport annwali tas-sena li għaddiet kien jinkludi taqsima separata li kienet tanalizza s-segwitu tal-Kummissjoni ta' kampjun ta' rakkomandazzjonijiet minn rapporti speċjali ([3]). Ma hemm l-ebda ekwivalenti fil-kapitolu ta' din is-sena. Minflok, aħna se nippubblikaw rapport speċjali separat li jiffoka fuq il-kwistjoni ta' kif ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapporti speċjali jiġu segwiti.

## PARTI 1 – L-ISTRATEĠIJA EWROPA 2020 U L-MONITORAĠĠ U R-RAPPURTAR MILL-KUMMISSJONI

3.3. L-Ewropa 2020 hija l-istrateġija tal-UE, fuq 10 snin, għall-impjiegi u t-tkabbir. Din tnediet fl-2010 biex toħloq il-kundizzjonijiet għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, u hija s-suċċessur tal-istrateġija ta' Lisbona, li kienet topera bejn l-2000 u l-2010. L-Ewropa 2020 tinkludi ħames "miri ewlenin" li għandhom jintlaħqu mill-UE fl-intier tagħha sa tmiem il-perjodu tal-istrateġija.

3.4. Ir-responsabbiltà għat-twettiq tal-istrateġija Ewropa 2020 hija kondiviża bejn l-UE u t-28 Stat Membru tagħha. Għaldaqstant il-ħames miri ewlenin għandhom mira nazzjonali assoċjata f'kull Stat Membru, li tirrifletti ċ-ċirkustanzi differenti ta' kull wieħed minnhom.

3.5. Filwaqt li l-Ewropa 2020 hija ċentrali għall-biċċa l-kbira mill-attivitajiet tal-UE, l-għanijiet tagħha mhumiex eżattament l-istess bħal dawk tal-UE. L-UE għandha għadd ta' objettivi addizzjonali għal dawk stipulati fl-Ewropa 2020, bħal dawk relatati mal-attivitajiet tagħha barra l-fruntieri ġeografiċi tagħha. Fl-2014, parti sostanzjali mill-baġit tal-UE kienet assoċjata mal-Ewropa 2020. Madakollu, peress li din hija strateġija għall-Istati Membri individwalment kif ukoll għall-UE, il-biċċa l-kbira mir-responsabbiltà għall-ilħuq tal-objettivi tal-Ewropa 2020 tinsab f'idejn l-Istati Membri, u jeħtieġ li tiġi ffinanzjata minnhom, barra l-baġit tal-UE.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.5.** *L-objettivi tal-Unjoni huma ddefiniti fit-Trattati u għandhom jiġu segwiti u rispettati (pereż. il-politika agrikola komuni). Fi ħdan dan il-qafas, il-baġit tal-UE huwa allokat lid-diversi attivitajiet u allinjat kemm jista' jkun mal-prijoritajiet ewlenin tal-UE li dejjem ikunu f'kambjament (jiġifieri l-istrateġija ta' Lisbona, l-Istrateġija Ewropa 2020). Bil-QFM il-ġdid, il-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern iddeċidew li l-politiki, l-istrumenti u l-atti legali kollha tal-UE, kif ukoll l-istrumenti finanzjarji, għandhom jiġu mmobilizzati biex titwettaq ħidma fuq l-għanijiet tal-istrateġija. Dan wassal biex jiġi propost baġit b'loġika pan-Ewropea qawwija, imfassla biex ikun il-mutur tal-istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir.*

*Skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għall-2014, madwar 58 % tal-baġit tal-UE ġie allokat għal Ewropa 2020. Tfassal ukoll approċċ ġdid biex jiġi żgurat l-użu effettiv tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, b'mod partikolari permezz ta' allinjament qawwi mal-prijoritajiet tal-istrateġija Ewropa 2020, l-użu tal-kundizzjonalità, il-promozzjoni ta' konċentrazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tar-riżorsi u l-introduzzjoni ta' inċentivi bbażati fuq il-prestazzjoni.*

([3]) Ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafi 10.53 sa 10.55.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

3.6. Din il-parti tal-kapitolu tqis ir-relazzjoni tal-istrateġija maċ-ċiklu baġitarju tal-UE, ir-rabtiet bejn l-istrateġija u l-objettivi ta' livell aktar baxx, u l-monitoraġġ u r-rappurtar mill-Kummissjoni tal-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE għall-Ewropa 2020. Għaldaqstant, aħna ma eżaminajniex il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri lejn l-Ewropa 2020, u lanqas ir-responsabbiltajiet l-oħra tal-Kummissjoni, bħar-rwol leġiżlattiv tagħha, ir-rwol tagħha fit-tfassil tal-politika jew fis-Semestru Ewropew ([4]). Konsegwentement dan il-kapitolu ma jeżaminax il-kisbiet tal-politika tal-Ewropa 2020 sa issa.

## Il-perjodu kopert mill-istrateġija Ewropa 2020 mhuwiex allinjat maċ-ċiklu baġitarju tal-UE

3.7. Iċ-ċiklu baġitarju tal-UE huwa magħruf bħala l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) ([5]), u jopera fi blokki ta' seba' snin. Il-QFP jistabbilixxi l-ammont massimu li jista' jintnefaq mill-baġit tal-UE kull sena għal oqsma wisgħin ta' politika. Għall-istrateġija Ewropa 2020, il-perijodi rilevanti tal-QFP huma l-2007-2013, u l-2014-2020. L-allokazzjoni tal-fondi għall-intestaturi tal-QFP u l-Istati Membri sseħħ matul dawn in-negozjati tal-QFP. Il-QFP iwassal għal għadd ta' bidliet fil-qafas leġiżlattiv li jirregola l-użu tal-fondi tal-UE, inklużi r-rekwiżiti ta' monitoraġġ u rappurtar.

3.8. Il-perjodi tal-QFP qatt ma kienu konformi mal-perjodi tal-istrateġiji tal-UE (2000-2010 u 2010-2020). Dan għamilha aktar diffiċli għall-Kummissjoni li timmonitorja u tirrapporta dwar il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE għall-istrateġija kumplessiva tal-UE għall-perjodu 2007-2013 tal-QFP.

**3.8.** *Il-perjodu tal-QFM 2007–2013 jista' jkun li ma kienx kompletament jaħbat mal-perjodu kopert mill-istrateġija Ewropa 2020. Dan, madankollu, ma jimplikax nuqqas ta' allinjament mal-istrateġija ġenerali. Barra minn hekk, il-perjodu tal-QFP 2014–2020 jaqa' kompletament fi ħdan l-istess perjodu, u jintemm fl-istess data, tal-perjodu attwali tal-istrateġija Ewropa 2020.*

*Il-QFP 2014–2020 tfassal bil-ħsieb li jkun hemm konċentrazzjoni fuq il-ksib ta' riżultati mill-istrateġija Ewropa 2020.*

3.9. Għaldaqstant, fir-risposta tagħha għar-Rapport Annwali 2013 tagħna, il-Kummissjoni spjegat li "l-Istrateġija Ewropa 2020 ma kinitx ġiet adottata meta ġie adottat il-QFP 2007-2013 u meta daħlu fis-seħħ l-arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar. Dan jispjega b'mod ġenerali għaliex ma kienx possibbli li wieħed jippreżenta (jindividwa) l-kontribut ta' kull programm finanzjarju għall-miri stabbiliti f'dik l-istrateġija" ([6]).

([4]) L-istrateġija Ewropa 2020 tiġi implimentata u mmonitorjata wkoll bħala parti mis-Semestru Ewropew, iċ-ċiklu annwali tal-UE ta' koordinazzjoni ekonomika u baġitarja mal-Istati Membri.

([5]) Ibbażat fuq Il-QFP ta' seba' snin, hemm baġit annwali għall-UE.

([6]) Ir-risposta tal-Kummissjoni għar-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 10.24.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.10. Mhuwiex faċli li jinbidel il-qafas għall-monitoraġġ u r-rappurtar f'nofs perjodu tal-QFP. Ma kienx ikun biss meħtieġ li jsiru bidliet fil-leġiżlazzjoni regolatorja għall-ġestjoni iżda, fejn tapplika l-ġestjoni kondiviża, kull Stat Membru kien ikollu wkoll ibiddel il-proċeduri proprji tiegħu. Il-qafas ta' monitoraġġ u rappurtar li fuqu huwa bbażat il-QFP inġieb konformi mal-Ewropa 2020 bil-QFP 2014-2020. Dan il-QFP il-ġdid, kif irrakkomandat mill-evalwazzjonijiet tal-istrateġija ta' Lisbona, allinja l-intestaturi tal-baġit tal-UE biex jirriflettu l-prijoritajiet ta' tkabbir tal-istrateġija Ewropa 2020.

3.11. Pagamenti li saru taħt il-QFP 2007-2013 se jkomplu wara l-2015. B'konsegwenza ta' dan, l-ewwel nofs tal-perjodu ta' 10 snin tal-istrateġija Ewropa 2020 qed iseħħ taħt QFP mfassal għal strateġija differenti. Rappurtar fil-qosor dwar l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ([7]) (il-fondi SIE) – il-fondi 2014-2020 prinċipali użati għat-twettiq tal-istrateġija Ewropa 2020 – se jibda fl-2016 ([8]); u rapporti strateġiċi li jinformaw id-dibattitu dwar il-kontribuzzjoni mill-fondi SIE għall-Ewropa 2020 huma mistennija fl-2017 u fl-2019 ([9]).

3.12. F'dan l-isfond, iż-żewġ taqsimiet li ġejjin ta' din il-parti tal-kapitolu jqisu żewġ elementi kostitwenti ewlenin għal monitoraġġ u rappurtar effettiv dwar l-Ewropa 2020: il-konkretizzazzjoni ta' aspirazzjonijiet politiċi ta' livell għoli f'objettivi operazzjonali għall-baġit tal-UE, u jekk il-Kummissjoni setgħetx tinidirzza d-diffikultajiet inerenti fil-monitoraġġ u r-rappurtar.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.10.** *Il-Kummissjoni qed tissorvelja u tirrapporta dwar il-kontribut tal-baġit tal-UE lejn l-objettivi ġenerali tal-UE u mal-Istrateġija Ewropa 2020 b'mod partikolari.*

([7]) Il-fondi SIE jinkludu l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS).

([8]) Ħlief għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, li r-rappurtar dwarha beda f'April 2015.

([9]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320), l-Artikolu 53.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Il-prijoritajiet, il-miri ewlenin u l-inizjattivi emblematiċi kif ukoll l-objettivi tematiċi tal-Ewropa 2020 ma jservux bħala objettivi operazzjonali**

3.13. L-Ewropa 2020 hija strateġija politika ta' livell għoli. Bħalma nnotajna qabel, objettivi ġenerali ta' livell għoli jistgħu ma jkunux iffokati biżżejjed biex ikunu utli fil-livelli operazzjonali aktar baxxi ([10]). Jeħtieġ li jiġu stabbiliti objettivi operazzjonali – b'indikaturi, miri u stadji importanti kif meħtieġ għal skopijiet ta' ġestjoni. Jeħtieġ li dawn l-objettivi operazzjonali jkunu marbuta mal-istrateġija Ewropa 2020.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.13.** *Sa mill-bidu, l-istrateġija kienet tiddependi fuq sħubija mill-qrib mal-Istati Membri, li huma fundamentali għas-suċċess tagħha. Għal dan l-għan, il-miri ta' Ewropa 2020 fil-livell tal-UE jinqasmu f'miri nazzjonali. Lil hinn minn strateġija fil-livell tal-UE, minn fuq għal isfel, l-istrateġija Ewropa 2020 hija bbażata fuq l-involviment tal-atturi rilevanti kollha fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u dak lokali.*

*L-aspirazzjonijiet politiċi tal-Ewropa 2020 jsiru konkreti permezz tad-definizzjoni ta' miri u ispiraw l-istruttura tal-baġit tal-UE. Dawn ġew tradotti fil-bażi legali għall-programmi ffinanzjati mill-baġit tal-UE.*

*Tliet prijoritajiet, ħames miri ewlenin u seba' inizjattivi emblematiċi*

3.14. Għadd ta' miri, inizjattivi u objettivi huma assoċjati mal-Ewropa 2020, kif jintwera fil-Kaxxa 3.2. Għalhekk, din it-taqsima u dawk li ġejjin jeżaminaw jekk ir-relazzjoni bejn dawn l-elementi differenti hijiex koerenti: jekk l-objettivi ta' livell għoli espressi fl-istrateġija Ewropa 2020 humiex ikkonkretizzati f'elementi operazzjonali li jippermettu lill-maniġers jimmonitorjaw u jirrapportaw dwar il-kontribuzzjoni li saret mill-baġit tal-UE għall-istrateġija.

**3.14.** *Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 3.1.*

([10]) Ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 10.10.

| **Kaxxa 3.2 – Prijoritajiet tal-Ewropa 2020 – tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ (il-paragrafu 3.15)** | | |
|---|---|---|
| *Miri ewlenin tal-Ewropa 2020 (il-paragrafi 3.16 u 3.17)* | *Inizjattivi emblematiċi tal-Ewropa 2020 (il-paragrafi 3.18 sa 3.21)* | *Objettivi tematiċi (għall-fondi SIE biss) (il-paragrafi 3.22 sa 3.25)* |
| 1. Impjieg: 75 % ta' dawk bejn l-20 u l-64 sena għandhom jiġu impjegati.<br>2. Riċerka u Żvilupp (R&Ż): 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-UE għandu jiġi investit fir-R&Ż.<br>3. Tibdil fil-klima u sostenibbiltà tal-enerġija: emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra li jkunu 20 % (jew anke 30 % jekk il-kundizzjonijiet ikunu tajbin) inqas milli kienu fl-1990; 20 % tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli; żieda ta' 20 % fl-effiċjenza enerġetika.<br>4. Edukazzjoni: tnaqqis tar-rati tat-tluq bikri mill-iskola għal inqas minn 10 %; mill-inqas 40 % ta' dawk bejn it-30 u l-34 sena jikkompletaw l-edukazzjoni terzjarja.<br>5. 5. Ġlieda kontra l-faqar u esklużjoni soċjali: mill-inqas 20 miljun persuna inqas li jinsabu fir-riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali. | *Tkabbir intelliġenti:*<br>1. Aġenda Diġitali għall-Ewropa.<br>2. Unjoni ta' Innovazzjoni.<br>3. Żgħażagħ attivi.<br>*Tkabbir sostenibbli:*<br>4. Ewropa effiċjenti fir-riżorsi.<br>5. Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni.<br>*Tkabbir inkluživ:*<br>6. Aġenda għal ħiliet u impjiegi ġodda.<br>7. Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar. | 1. Tisħiħ tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni<br>2. Titjib tal-aċċess għal, u l-użu u l-kwalità tal-ICT.<br>3. Titjib tal-kompetittività ta' intrapriżi żgħar u medji (SMEs), tas-settur agrikolu (għall-FAEŻR) u tas-settur tas-sajd u l-akkwakultura (għall-FEMS);<br>4. Appoġġ għall-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fis-setturi kollha.<br>5. Promozzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji.<br>6. Preservazzjoni u protezzjoni tal-ambjent u promozzjoni tal-użu effiċjenti tar-riżorsi.<br>7. Promozzjoni tat-trasport sostenibbli u tneħħija ta' ostakoli fl-infrastrutturi tan-netwerks ewlenin.<br>8. Promozzjoni tal-impjiegi sostenibbli u ta' kwalità u appoġġ għall-mobbiltà tax-xogħol.<br>9. Promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, il-ġlieda kontra l-faqar u kwalunkwe diskriminazzjoni.<br>10. Investiment fl-edukazzjoni, it-taħriġ u t-taħriġ vokazzjonali għall-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja.<br>11. Titjib tal-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-partijiet interessati u amministrazzjoni pubblika effiċjenti. |

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 3.15. Fl-ogħla livell tal-Ewropa 2020 hemm it-tliet prijoritajiet għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, flimkien mal-ħames miri ewlenin stipulati fil-Kaxxa 3.2. Madankollu, ir-relazzjonijiet bejn il-prijoritajiet u l-miri ewlenin huma ħafna u kumplessi. Pereżempju, il-miri ewlenin huma definiti bħala "mhux eżawrjenti" u "rappreżentattivi" tat-tliet prijoritajiet ([11]); ma hemmx rabta ċara bejn il-miri u l-prijoritajiet individwali. | **3.15.** *Dawn il-miri mhumiex maħsuba bħala li jeskludu waħda lill-oħra, u lanqas ma huma maħsuba biex iservu biss waħda mit-tliet prijoritajiet. Hemm rabta ċara bejn il-miri individwali u t-trittiku ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Il-miri ntgħażlu b'mod li jkunu jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u li flimkien jikkontribwixxu għat-tliet dimensjonijiet tat-trittiku. Il-miri huma deliberatament mhux eżawrjenti u ma jkoprux il-lievi kollha għat-tkabbir. Dawn huma eżemplari tat-tip ta' bidla li l-istrateġija qed tippromwovi u għandhom l-għan li jenfasizzaw għadd magħżul ta' muturi ewlenin għat-tkabbir li jkunu relevanti għall-Istati Membri kollha, li jistgħu jiggwidaw l-azzjoni tal-Istati Membri. Dan l-approċċ li ntgħażel ġej ukoll mit-tagħlimiet meħuda mill-Istrateġija ta' Lisbona, li l-prijoritajiet tagħha kienu mnaqqsa minħabba għadd kbir wisq ta' miri. Ewropa 2020 għandha l-għan li tikkonċentra l-attenzjoni fuq l-essenzjali.* |
| 3.16. Il-miri ewlenin huma essenzjalment aspirazzjonijiet politiċi ([12]). Bl-eċċezzjoni tal-miri relatati mal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra u l-enerġija rinnovabbli, il-miri ewlenin mhumiex appoġġati minn qafas vinkolanti fil-livell tal-UE. Il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE mhijiex identifikata sepratament fil-kuntest tal-ilħuq tal-miri ewlenin. | **3.16.** *Il-biċċa l-kbira tal-oqsma ta' Ewropa 2020 għadhom f'idejn l-Istati Membri fejn jidħlu l-kompetenzi. Għalhekk, l-UE tista' tmexxi bl-eżempju u tistabbilixxi miri ambizzjużi u realistiċi, iżda d-definizzjoni ta' dawk nazzjonali tibqa' għażla politika fil-livell nazzjonali.*<br><br>*Il-Kummissjoni/l-Unjoni Ewropea ma għandhomx kompetenza legali biex joħolqu qafas legalment vinkolanti. Pereżempju, rigward l-impjiegi, l-Unjoni tista' biss tieħu miżuri sabiex tassigura l-koordinazzjoni tal-politika dwar l-impjieg tal-Istati Membri, partikolarment billi tiddefinixxi linji gwida għal din il-politika.* |
| 3.17. Il-fatt li l-miri ewlenin mhumiex miri operazzjonali diffiċli jintwera wkoll mill-mod li huma ġew trasposti f'miri separati għal kull Stat Membru. Għal żewġ miri ewlenin, li kieku kull Stat Membru rnexxielu jilħaq il-miri nazzjonali proprji tiegħu, il-miri ewlenin kumplessivi fil-livell tal-UE xorta ma jintlaħqux. | **3.17.** *Dan ġie spjegat, fil-Komunikazzjoni tagħha ([1]), mill-Kummissjoni bħala konsegwenza ta' għażliet politiċi nazzjonali.* |
| (a) l-issodisfar tal-miri nazzjonali kollha jirrendi rata ta' impjieg għall-popolazzjoni ta' età minn 20 sa 64 sena ta' 74 %, inqas mill-mira ewlenija ta' 75 %, tal-UE; | **(a)** *Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 3.16 dwar id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri kif imniżżel fl-Art. 5 TUE.* |

([11]) COM(2010) 2020 finali tat-3 ta' Marzu 2010, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv", it-Taqsima 2.

([12]) COM(2015) 100 final tat-2 ta' Marzu 2015, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika fuq l-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv", it-Taqsima 1.

([1]) *COM(2014)130 tal-05.03.2014, Evalwazzjoni tal-istrateġija tal-Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(b) l-issodisfar tal-miri nazzjonali kollha għar-riċerka u l-iżvilupp iwassal għal investiment ta' 2,6 % tal-PDG sal-2020, li huwa kemmxejn inqas mill-mira ewlenija ta' 3,0 % ([13]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**(b)** *Fir-rigward tal-mira għar-riċerka u l-iżvilupp, il-Kummissjoni tenfasizza li investiment ta' 3 % tal-PDG sal–2020 hija waħda mill-miri tal-Unjoni Ewropea. Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jistabbilixxu l-miri nazzjonali tagħhom għar-riċerka u l-iżvilupp fil-livell li huma jqisu l-aktar xieraq u l-ambitu tal-Kummissjoni biex tinfluwenza dawn il-miri huwa limitat. Il-kisba tal-miri għall-Istati Membri fil-fatt iżid biss livell ta' investiment massimu ta' 2.6 %, iżda din xorta waħda hija żieda konsiderevoli. Il-progress lejn l-objettiv ta' 3 % huwa mmonitorjat permezz tal-proċess tas-Semestru Ewropew, u f'dan il-kuntest, l-Istati Membri huma mħeġġa jżidu l-investimenti tagħhom fir-riċerka u l-iżvilupp.*

3.18. Il-grad li jmiss fl-istruttura tal-Ewropa 2020 huwa s-seba' inizjattivi emblematiċi. Huma miġbura flimkien taħt it-tliet prijoritajiet għat-tkabbir. Huma ma tfasslux biex jirrappreżentaw sett aktar dettaljat ta' objettivi jew indikaturi. Minflok, skont il-Kummissjoni, l-inizjattivi emblematiċi jgħinu biex jiġi pprovdut qafas għall-azzjoni li għandha tittieħed fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri ([14]).

**3.18.** *L-inizjattivi emblematiċi kellhom il-mira li jinkwadraw numru ta' politiki/azzjonijiet ta' prijorità biex isegwu l-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020. Dawn l-azzjonijiet ta' prijorità kienu meqjusa l-aktar bħala komplementari għar-riformi strutturali wara r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għal kull pajjiż.*

3.19. L-inizjattivi emblematiċi kollha, ħlief għal "politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni", jikkontribwixxu direttament għal waħda jew aktar mill-miri ewlenin, u l-miri ewlenin kollha huma indirizzati direttament f'mill-inqas inizjattiva emblematika waħda. Madankollu, il-Kummissjoni ma wettqet l-ebda analiżi dettaljata tar-relazzjoni bejn il-miri u l-inizjattivi emblematiċi; u lanqas ma użat l-inizjattivi emblematiċi bħala għodda ta' ġestjoni – bħall-istabbiliment ta' stadji importanti, ir-rappurtar regolari dwar dawn l-inizjattivi, eċċ. – biex tixpruna l-progress lejn l-istrateġija.

**3.19.** *Peress li Ewropa 2020 hija strateġija globali, ma jkunx utli li kull mira tintrabat ma' xi inizjattiva emblematika u bil-maqlub.*

*Matul l-ewwel snin wara l-adozzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 il-Kummissjoni rrappurtat regolarment fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tagħha dwar il-progress li kien qiegħed isir lejn l-implimentazzjoni tal-miri ewlenin u l-inizjattivi emblematiċi. Dan ir-rappurtar sar inqas regolari flimkien mat-tlestija ta' bosta mill-inizjattivi emblematiċi.*

3.20. F'Marzu 2015, il-feedback dwar il-konsultazzjoni pubblika dwar l-istrateġija Ewropa 2020, kif irrappurtat mill-Kummissjoni, kien li l-inizjattivi emblematiċi kienu b'mod ġenerali servew l-iskop tagħhom u li kien jeħtieġ li l-azzjoni fl-oqsma rispettivi tagħhom tingħata segwitu b'modi oħra. Dawk li wieġbu għall-konsultazzjoni argumentaw li l-inizjattivi emblematiċi għandhom jiġu sostitwiti bi programmi ta' politika organizzati b'mod aktar koerenti u globali ([15]).

([13]) "Smarter, greener, more inclusive? Indicators to support the Europe 2020 strategy" (Ekonomija aktar intelliġenti, aktar ekoloġika, aktar inklużiva? Indikaturi għall-appoġġ tal-istrateġija Ewropa 2020), il-Eurostat (edizzjoni 2015), pp. 16, 46 u 77 (http://ec.europa.eu/eurostat/en/web/products-statistical-books/-/KS-EZ-14-001).

([14]) COM(2010) 2020 finali tat-3 ta' Marzu 2010, it-Taqsima 2.

([15]) COM(2015) 100 final tat-2 ta' Marzu 2015, it-Taqsima 3.3.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.21. Bħalma huwa l-każ għall-miri ewlenin (il-paragrafu 3.16), il-funzjoni prinċipali tal-inizjattivi emblematiċi hija li jservu bħala pjanijiet ta' azzjoni ispirati politikament. Dawn mhumiex imfassla biex l-għanijiet ta' livell għoli tal-Ewropa 2020 jiġu kkonkretizzati f'objettivi operazzjonali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.21.** *Il-Kummissjoni qatt ma kellha l-intenzjoni li tittraduċi l-għanijiet Ewropa 2020 ta' livell għoli f'oġġetti operazzjonali iżda li tidentifika grupp ta' oqsma ewlenin biex titmexxa 'l quddiem l-aġenda ta' riforma tal-Istati Membri u jitrawmu l-impjiegi u t-tkabbir.*

### *Ħdax-il objettiv tematiku*

3.22. Waħda mill-għodod prinċipali tal-UE għall-ilħuq tal-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 hija l-QFP (il-paragrafu 3.7), inklużi l-Fondi SIE (il-paragrafu 3.11). Il-mekkaniki ta' dawn il-fondi, li jinvolvu ftehimiet ta' sħubija bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru, u programmi fil-livell tal-Istati Membri li jistipulaw kif il-fondi se jintnefqu, huma deskritti f'aktar dettall fil-parti 2 ta' dan il-kapitolu.

3.23. Element ewlieni ta' dawn l-istrutturi fil-livell tal-Istati Membri, maħsub biex jipprovdi r-rabta mal-Ewropa 2020, huma 11-il objettiv tematiku. Taħt il-leġiżlazzjoni, "sabiex jikkontribwixxi għall-istrateġija tal-UE għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, kull Fond ESI (SIE) għandu jappoġġja l-objettivi tematiċi li ġejjin" – elenkati fil-Kaxxa 3.2. Dawn l-objettivi tematiċi għandhom jiġu kkonkretizzati fi prijoritajiet speċifiċi għal kull wieħed mill-fondi SIE ([16]). Aħna nkomplu nanalizzaw dan fil-parti 2 ta' dan il-kapitolu.

([16]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Artikolu 9.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.24. L-objettivi tematiċi mhumiex objettivi operazzjonali – b'miri, stadji importanti u indikaturi assoċjati. Min-natura tagħhom huma ta' livell għoli u wisgħin billi jkopru l-oqsma kollha kemm huma ffinanzjati mill-fondi SIE. L-ambitu tal-objettivi tematiċi huwa usa' mill-Ewropa 2020 (il-paragrafu 3.5) u l-miri ewlenin u l-inizjattivi emblematiċi tagħha. Il-leġiżlazzjoni ewlenija li tirregola l-fondi SIE u l-objettivi tematiċi ma tistipulax ir-relazzjoni bejn l-objettivi tematiċi u l-miri ewlenin u l-inizjattivi emblematiċi. Aħna stajna biss insibu relazzjoni bħal din f'dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni ([17]), fejn ħames objettivi tematiċi kienu espliċitament marbuta mal-ħames miri ewlenin, filwaqt li tlieta oħra kienu marbuta indirettament. It-tliet objettivi tematiċi li jifdal – in-numri 2, 5 u 11 fil-Kaxxa 3.2 – ma kinux marbuta ma' mira ewlenija. Rigward l-inizjattivi emblematiċi, erba' objettivi tematiċi kienu marbuta fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, bir-riżultat li tliet inizjattivi emblematiċi ma kellhomx objettiv tematiku assoċjat f'dak id-dokument.

3.25. L-objettivi tematiċi fihom infushom – bħall-miri ewlenin u l-inizjattivi emblematiċi – mhumiex imfassla biex l-Ewropa 2020 tiġi kkonkretizzata f'objettivi operazzjonali utli.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.24.** *L-iskop li tiġi stabbilita lista eżawrjenti ta' oqsma tematiċi ta' livell għoli biex jiġu appoġġati mill-ESIF kien li ssir rabta bejn il-ħames Fondi, kull wieħed bil-missjoni tiegħu stess stabbilita mit-Trattat, mal-istrateġija Ewropa 2020. L-objettivi tematiċi jiġu tradotti f'objettivi speċifiċi, akkumpanjati minn indikaturi, linji ta' bażi u miri, fil-livell tal-prijoritajiet ta' investiment f'kull programm tal-ESIF* ([2]).

*Ma kinitx l-intenzjoni li tiġi stabbilita relazzjoni diretta bejn l-objettivi tematiċi kollha u l-miri ewlenin. Il-miri ewlenin huma illustrattivi u ma jkoprux it-totalità tal-istrateġija Ewropa 2020. Il-valutazzjoni tal-kontribuzzjoni attwali tal-Fondi għall-objettivi politiċi ġenerali tista' ssir biss wara analiżi tal-azzjonijiet iffinanzjati b'mod konkret u tar-riżultati tagħhom, permezz ta' evalwazzjoni.*

*Il-fatt li ċerti inizjattivi emblematiċi ma jissemmewx fil-Parti 2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ma jfissirx li dawn ma jistgħux jiġu assoċjati ma' objettiv tematiku. It-tliet inizjattivi emblematiċi li għalihom għamlet referenza l-Qorti huma fil-fatt marbuta ma' objettivi tematiċi (8, 9 u 10 rispettivament). Rigward l-inizjattivi emblematiċi, l-ewwel stima bbażata fuq il-programmi operazzjonali 2014–2020 turi li l-Fondi SIE qed jikkontribwixxu għall-inizjattivi emblematiċi kollha* ([3]).

**3.25.** *L-objettivi tematiċi jirriflettu l-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020 u jistabbilixxu l-qafas għad-definizzjoni ta' objettivi operazzjonali utli fil-livell ta' kull programm tal-ESIF, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tal-Istat Membru u ż-żona tal-programm.*

([17]) Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni (SWD (2012) 61 finali, it-tieni parti, tal-14 ta' Marzu 2012, "Elementi għal Qafas Strateġiku Komuni 2014 sa 2020 il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd". Il-ħames objettivi tematiċi marbuta espliċitament ma' miri ewlenin huma n-numri 1, 4, 8, 9 u 10; dawk marbuta indirettament huma n-numri 3, 6 u 7. L-objettivi tematiċi 1, 2, 3 u 6 huma marbuta mal-inizjattivi emblematiċi.

([2]) *Kif indikat fl-Artikolu 2, il-punt 34 tas-CPR, "objettiv speċifiku tfisser ir-riżultat li prijorità ta' investiment jew prijorità tal-Unjoni jikkontribwixxu għalih f'kuntest nazzjonali jew reġjonali speċifiku permezz ta' azzjonijiet jew miżuri meħuda f'tali prijorità".*

([3]) *Unjoni tal-Innovazzjoni: Objettiv tematiku 1; Żgħażagħ Attivi: Objettivi tematiċi 8 u 10; Aġenda dġitali għall-Ewropa: Objettiv tematiku 2; Ewropa b'użu effiċjenti ta' riżorsi: Objettivi tematiċi 4, 5 u 6; Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni: Objettivi tematiċi 3 u 7; Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi: Objettivi tematiċi 8 u 10; Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar: Objettiv tematiku 9. Għal aktar dettalji ara d-Dokument ta' Ħidma 1 mehmuż mal-AB2016.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

### Sa issa, il-Kummissjoni ma rrappurtatx b'mod komprensiv dwar il-kontribuzzjoni li saret mill-baġit tal-UE għall-objettivi tal-Ewropa 2020

3.26. Din it-taqsima tqis il-punt sa fejn il-Kummissjoni setgħet timmonitorja u tirrapporta dwar il-kontribuzzjoni li saret mill-baġit tal-UE – jiġifieri separatament mill-isforzi li saru mill-Istati Membri b'fondi nazzjonali – lejn l-objettivi tal-Ewropa 2020. Hija tqis ukoll żewġ fatturi importanti fis-sistemi ta' monitoraġġ u rappurtar: jekk hemmx sjieda tar-riżultati strateġiċi, u jekk hemmx strateġija stabbilita għall-komunikazzjoni tar-riżultati meta mqabbla mal-objettivi tal-Ewropa 2020.

*Monitoraġġ u rappurtar dwar l-Ewropa 2020*

3.27. Il-kejl u l-valutazzjoni tal-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE lejn l-Ewropa 2020 jistgħu jsiru biss b'mod sinifikanti jekk informazzjoni rilevanti, affidabbli u f'waqtha, idderivata minn sistema robusta ta' ġestjoni u rappurtar tal-prestazzjoni, tkun disponibbli għall-Kummissjoni ([18]). Dan għadu mhuwiex il-każ. Ir-RAA ([19]) li eżaminajna fir-rapporti annwali tas-snin preċedenti ma ppruvawx janalizzaw il-progress lejn l-Ewropa 2020. Il-punt sa fejn ir-RAA 2014 indirizzaw din il-kwistjoni jitqies fil-parti 3 ta' dan il-kapitolu hawn taħt.

([18]) Ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafi 10.32.

([19]) Ir-Rapport Annwali 2010, il-Kapitolu 8: id-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali (AGRI), id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana (REGIO) u d-DĠ Riċerka, Innovazzjoni u Xjenza (RTD); ir-Rapport Annwali 2011, il-Kapitolu 10: id-DĠ AGRI, id-DĠ Żvilupp u Kooperazzjoni – EuropeAid (DEVCO), id-DĠ REGIO; ir-Rapport Annwali 2012, il-Kapitolu 10: id-DĠ Kompetizzjoni (COMP), id-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd (MARE) u d-DĠ Mobilità u Trasport (MOVE); u r-Rapport Annwali 2013, il-Kapitolu 10: id-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni (EMPL), id-DĠ Saħħa u Konsumaturi (SANCO) u l-Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fil-Lussemburgu (OIL).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.27.** *Il-qafas definit mill-koleġiżlaturi jistabbilixxi sistema robusta ta' rappurtar għall-perjodu 2014–2020, li mill-2016 'il quddiem se tipprovdi aktar informazzjoni dwar dak li jkun inkiseb permezz ta' objettivi tematiċi, marbuta mal-objettivi ta' Ewropa 2020. Dan se jippermetti valutazzjoni kwalitattiva peress li huwa r-rwol tal-evalwazzjoni li progressivament tivvaluta l-kontribuzzjoni tal-ESIF għall-objettivi ta' Ewropa 2020.*

*Fejn tkun tista' tiġi stabbilita rabta aktar diretta bejn il-fondi u l-miri ta' Ewropa 2020, il-Kummissjoni ħadet miżuri konkreti biex timplimenta sistema ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni* ([4]).

*Ir-Rapporti Annwali tal-Attività (RAA) fis-snin preċedenti kienu marbuta mal-QFM għall-2007–2013 imfassal qabel ma ġew stabbiliti l-objettivi ta' Ewropa 2020.*

([4]) *L-EMCO u l-SPC żviluppaw il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi bbażat fuq bażi ta' dejta komprensiva fuq numru kbir ta' indikaturi tal-impjiegi u soċjali marbuta mal-miri ewlenin. Il-KPE għandu wkoll sistema komprensiva ta' monitoraġġ fi ħdan il-qafas ta' LIME bil-għan li jiġi mmonitorat il-progress fejn tidħol Ewropa 2020.*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 3.28. Ġew stabbiliti xi elementi ta' sistema effettiva ta' monitoraġġ u rappurtar għall-Ewropa 2020. Il-fergħa tal-istatistika tal-Kummissjoni, il-Eurostat, tagħmel disponibbli *data* statistika dwar il-prestazzjoni kemm fil-livell tal-UE kollha kif ukoll dak nazzjonali lejn l-ilħuq tal-miri ewlenin tal-Ewropa 2020. Is-sit web tagħha jipprovdi aġġornamenti regolari dwar il-miri, filwaqt li rapporti ddedikati jippreżentaw analiżi aktar approfondita tax-xejriet u jinvestigaw ir-raġunijiet wara l-evoluzzjoni ta' indikaturi ewlenin. | **3.28.** *Ir-rapporti tal-pajjiżi żviluppati mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew jagħtu ħarsa fid-dettall lejn is-sitwazzjoni soċjoekonomika u l-prospetti f'kull Stat Membru, u x'inhuma l-azzjonijiet l-aktar importanti meħtieġa biex itejbu l-progress soċjoekonomiku. Din l-analiżi tifforma l-bażi għar-rakkomandazzjonijiet sussegwenti speċifiċi għall-pajjiżi, proposti mill-Kummissjoni u adottati mill-Kunsill Ewropew.*<br><br>*Li jiġi żgurat li r-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż riżultanti jiġu riflessi fil-Ftehimiet ta' Sħubija u l-Programmi Operattivi għall-2014–2020 kien punt maġġuri fin-negozjati, sabiex tkompli tissaħħaħ il-konsistenza tal-objettivi speċifiċi fil-livell tal-programm operattiv u l-objettivi ta' livell għoli ta' Ewropa 2020.* |
| 3.29. L-analiżi mill-Kummissjoni tal-Ewropa 2020, li kellha tkun disponibbli għall-Kunsill f'Marzu 2015, iddewmet sal-bidu tal-2016. F'Marzu 2014, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni dwar l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni biex tniedi konsultazzjoni pubblika dwar l-Ewropa 2020 ([20]). Madankollu, ir-riżultati fil-qosor tal-konsultazzjoni ma jipprovdu l-ebda feedback dwar ir-rwol tal-programmi tal-UE għall-Ewropa 2020 ([21]). | |

([20]) COM(2014) 130 final/2 tad-19 ta' Marzu 2014, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Evalwazzjoni tal-istrateġija tal-Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv".

([21]) COM(2015) 100 final tat-2 ta' Marzu 2015.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.30. Bħalma l-Kummissjoni nnotat is-sena l-oħra fir-raba' rapport ta' evalwazzjoni tagħha, għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 "mhuwiex possibbli li jiġi individwat x'kien il-kontribut eżatt ta' kull wieħed mill-programmi finanzjarji sabiex jintlaħqu l-miri tal-Ewropa 2020" ([22]). Il-Kummissjoni ppubblikat il-ħames rapport ta' evalwazzjoni tagħha – dwar is-sena finanzjarja 2014 – f'Ġunju 2015 ([23]). Il-ħames rapport ta' evalwazzjoni jinkludi aktar informazzjoni dwar l-Ewropa 2020 mill-predeċessur tiegħu. Hemm taqsima ddedikata dwar l-Ewropa 2020, li tagħti kont sommarju tal-progress lejn il-miri tal-Ewropa 2020. Ir-rapport jinkludi wkoll bosta referenzi rigward il-kontribuzzjoni tal-programmi individwali għall-ilħuq tal-miri tal-Ewropa 2020. Madankollu, dawn ir-referenzi huma limitati. Il-QFP 2007-2013 ma jappoġġax rappurtar komprensiv dwar il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE għall-Ewropa 2020, billi tfassal qabel l-adozzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020.

3.31. Għaldaqstant, ir-rapport ta' evalwazzjoni għadu jagħti stampa inkompleta tal-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE għall-Ewropa 2020 (ara wkoll il-paragrafu 3.9). Fuq il-bażi tal-qafas tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-Kummissjoni tistenna li, mis-sena finanzjarja 2017 'il quddiem, ir-rapport ta' evalwazzjoni jkun jista' jagħti informazzjoni aħjar u aktar kompleta dwar il-prestazzjoni, inkluż il-progress li sar fir-rigward tal-Ewropa 2020 ([24]). Madankollu, fil-parti 2 ta' dan il-kapitolu nenfasizzaw xi kwistjonijiet li jagħmluha diffiċli għall-Kummissjoni li tirrapporta dwar il-kontribuzzjoni mill-fondi SIE għall-Ewropa 2020 għal dan il-perjodu ta' programmazzjoni.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.30.** *Fir-raba' rapport ta' evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni indikat li "Ewropa 2020 huwa impenn komuni tal-Istati Membri u l-Kummissjoni u ħafna fatturi esterni jinfluwenzaw il-kisba tal-objettivi ta' Ewropa 2020". Il-Qorti tinnota, fil-paragrafu 10.24 tar-Rapport Annwali tal-2013 tagħha, li r-raba' rapport ta' evalwazzjoni rrappreżenta titjib sa fejn huwa jipprova jistabbilixxi rabta bejn il-programmi finanzjarji prinċipali ppreżentati skont l-intestaturi tal-QFP u l-informazzjoni disponibbli dwar il-prestazzjoni rilevanti għall-istrateġija Ewropa 2020.*

*Fil-ħames rapport ta' evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tirreferi għad-daqs limitat tal-baġit tal-UE meta mqabbel mat-total tal-infiq pubbliku fl-UE u l-varjetà ta' fatturi esterni involuti biex jintlaħqu l-objettivi ta' Ewropa 2020.*

*Il-Kummissjoni hija impenjata biex tirrapporta dwar il-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE biex jintlaħqu l-objettivi ta' Ewropa 2020. Madankollu, dan huma kompitu oneruż, b'mod partikolari l-iżolazzjoni tal-effett tal-baġit tal-UE minn dik tal-baġits nazzjonali u ta' fatturi esterni (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 3.1).*

**3.31.** *L-arranġamenti ta' rappurtar għall-programmi tal-2007–2013 ġew stabbiliti qabel ma ġew stabbiliti l-objettivi ta' Ewropa 2020. F'dan l-istadju, għalhekk, mhuwiex raġonevoli li wieħed jistenna li r-rapport ta' evalwazzjoni jipprovdi stampa sħiħa tal-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE lejn Ewropa 2020.*

([22]) COM(2014) 383 final tas-26 ta' Ġunju 2014, "Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tal-finanzi tal-Unjoni abbażi tar-riżultati miksuba".

([23]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tal-finanzi tal-Unjoni fuq il-bażi tar-riżultati miksuba COM(2015) 313 final tas-26 ta' Ġunju 2015. It-Trattat (l-Artikoli 318 u 319 TFUE) jirrikjedi li l-Kummissjoni tipproduċi rapport bħal dan, u li r-rapport ikun parti mill-evidenza li fuqha l-Parlament, kull sena, jagħti kwittanza lill-Kummissjoni rigward il-baġit.

([24]) Ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 10.25 u r-risposta mill-Kummissjoni.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|

*Sjieda u impenn*

3.32. Sabiex l-istrateġija Ewropa 2020 tirnexxi, jeħtieġ li dawk li għalihom japplikaw l-objettivi tagħha – l-Istati Membri u l-UE, ikollhom sjieda tagħha bis-sħiħ. L-analiżijiet tal-istrateġija ta' Lisbona indikaw in-nuqqas ta' impenji ċari mill-partijiet interessati tagħha, li dan kien qed jillimita l-effettività tal-istrateġija. Ir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli kkonkluda li n-nuqqas ta' impenn kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll dak Ewropew kien ifisser li [...] il-benefiċċji ma ġewx sfruttati, u dan jesponi inkonsistenzi u inkoerenza ([25]). L-evalwazzjoni tal-istrateġija ta' Lisbona waslet għal konklużjoni simili, li "l-implimentazzjoni batiet minn sjieda varjabbli" ([26]).

3.33. Għall-Ewropa 2020, il-Kummissjoni għamlet sforzi biex tiżviluppa sens aktar b'saħħtu ta' sjieda ta', u impenn għall-għanijiet tal-istrateġija min-naħa tal-partijiet interessati. Il-komunikazzjoni li akkumpanjat it-tnedija tal-istrateġija tinkludi taqsima ddedikata li tistipula min għandu jagħmel xiex, tindirizza r-rwoli tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill tal-Ministri, tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Parlament Ewropew, tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, u tal-partijiet interessati u tas-soċjetà ċivili ([27]).

3.34. Għall-QFP 2014-2020, ħafna mill-informazzjoni dwar il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE għall-Ewropa 2020 – kif ġara fil-passat – trid tiġi mill-Istati Membri (f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni kondiviża). Għaldaqstant, se jkun meħtieġ impenn fil-livelli kollha (nazzjonali u tal-UE) biex jiġi żgurat li informazzjoni ta' kwalità tajba tkun disponibbli u tintuża għall-monitoraġġ u r-rappurtar. L-implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni u rappurtar tal-prestazzjoni bħal din b'mod effettiv, tieħu ż-żmien. Xi elementi ta' sistema bħal din huma analizzati fil-parti 2 ta' dan il-kapitolu. Ladarba tiġi stabbilita sistema bħal din, din għandha tippermetti li l-Kummissjoni tieħu r-responsabbiltà għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-UE kif ukoll il-kontribuzzjoni tagħha għall-kisbiet tal-politika fid-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni mid-diretturi ġenerali fir-RAA ([28]).

**3.34.** *Kif diġà ġie spjegat fit-tweġiba tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjoni 3 fil-Kapitolu 10 tar-Rapport Annwali tal-2013 tal-QEA, jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn ir-responsabbiltà diretta tad-Diretturi Ġenerali, min-naħa waħda, għat-tmexxija tal-programmi finanzjarji u l-implimentazzjoni tal-baġit u, min-naħa l-oħra, il-kisbiet ta' politika bħal ma hu l-impatt tal-programmi finanzjarji. Dan tal-aħħar huwa wkoll ir-responsabbiltà tal-koleġiżlaturi li jikkontribwixxu għat-tfassil tal-programmi u jadottawhom, kif ukoll tal-Istati Membri li ta' spiss ikollhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-programmi. Barra minn hekk, ħafna fatturi oħra fl-ekonomija us-soċjetà, ferm lil hinn mill-kontroll tad-Diretturi Ġenerali, jinfluwenzaw il-prestazzjoni ġenerali tal-programmi.*

*Il-Kummissjoni għalhekk tqis li l-ambitu tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni pprovduta mid-Diretturi Ġenerali għandha tkompli tiffoka fuq affarijiet ta' ġestjoni u kwistjonijiet finanzjarji, konformi b'mod sħiħ mar-responsabilità finanzjarja tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Bl-adozzjoni tar-Rapport ta' Sinteżi, il-Kummissjoni tassumi r-responsabbiltà ġenerali għall-ġestjoni tal-baġit tal-UE.*

([25]) "Facing the challenge – The Lisbon Strategy for Growth and Employment" (Niffaċċjaw l-Isfida – L-Istrateġija ta' Lisbona għat-Tkabbir u l-Impjieg), p. 40.
([26]) SEG(2010) 114 finali tat-2 ta' Frar 2010, p. 7.
([27]) COM(2010) 2020 finali tat-3 ta' Marzu 2010, it-Taqsima 5.2.
([28]) Bħalissa l-kwistjonijiet ta' prestazzjoni huma esklużi fid-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni annwali tal-DĠ. Ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 10.65 u r-Rakkomandazzjoni 3, flimkien mar-risposta tal-Kummissjoni.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## PARTI 2 – KIF L-OBJETTIVI TAL-EWROPA 2020 HUMA RIFLESSI FIL-FTEHIMIET TA' SĦUBIJA U L-PROGRAMMI TAL-ISTATI MEMBRI

3.35. L-użu tajjeb tal-fondi SIE huwa importanti għall-isforzi tal-UE biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ewropa 2020 (il-paragrafu 3.11). Ftehimiet ta' sħubija bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru jinsabu fil-qalba tal-qafas tal-fondi SIE. Huma jiddeskrivu fil-qosor il-ħtiġijiet ta' żvilupp ta' kull pajjiż u; għal kull wieħed mill-fondi SIE, jistipulaw sommarju tar-riżultati prinċipali mistennija għal kull objettiv tematiku magħżul ([29]). Huwa fuq il-bażi ta' ftehimiet ta' sħubija li l-Istati Membri jistabbilixxu programmi għal kull fond (jew għal bosta fondi), filwaqt li jistipulaw il-prijoritajiet għall-pajjiż jew għar-reġjun ikkonċernat.

**3.35.** *Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għall-paragrafu 3.1. Il-baġit tal-UE huwa biss wieħed mil-lievi tal-UE li jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet Ewropa 2020.*

3.36. Il-ksib tal-istrateġija Ewropa 2020 teħtieġ ftehimiet ta' sħubija u programmi biex jiffokaw fuq il-prestazzjoni aktar milli biex sempliċiment jassorbu r-riżorsi finanzjarji disponibbli. Jeħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja u tirrapporta regolarment dwar il-punt sa fejn il-fondi SIE jikkontribwixxu għall-Ewropa 2020. B'mod partikolari, il-Kummissjoni jkollha tħejji rapporti strateġiċi (sal-2017 u l-2019) dwar il-kontribuzzjoni mill-fondi SIE għall-ilħuq tal-miri tal-istrateġija Ewropa 2020 ([30]).

3.37. Għalhekk, din it-taqsima teżamina jekk:

(a) il-benefiċċji tal-ġbir flimkien tal-ħames fondi SIE fil-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi humiex qed jimmaterjalizzaw (il-paragrafi 3.39 sa 3.43);

(b) l-istrateġija Ewropa 2020 hijiex, fil-livell tal-ftehimiet ta' sħubija u tal-programmi, ikkonkretizzata mill-Istati Membri permezz ta' objettivi tematiċi, f'elementi operazzjonali li jippermettu li l-maniġers fil-Kummissjoni jimmonitorjaw u jirrapportaw dwar il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE għall-istrateġija Ewropa 2020 (il-paragrafi 3.44 sa 3.48);

(c) huwiex probabbli li l-introduzzjoni ta' sett komuni ta' indikaturi għall-fondi SIE tiffaċilita r-rappurtar dwar il-prestazzjoni (il-paragrafi 3.49 sa 3.56);

(d) l-Istati Membri jiffokawx fuq ir-riżultati fil-ftehimiet ta' sħubija u fil-programmi (il-paragrafi 3.57 sa 3.60);

(e) il-qafas ta' prestazzjoni l-ġdid jipprovdix inċentivi lill-Istati Membri biex jiksbu r-riżultati (il-paragrafi 3.61 sa 3.65).

([29]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Artikoli 15 sa 17.
([30]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Artikolu 53.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.38. Aħna bbażajna l-eżaminar tagħna fuq analiżi tal-qafas leġiżlattiv u fuq kampjun ta' ħames ftehimiet ta' sħubija [31] flimkien ma' programm wieħed [32] għal kull ftehim ta' sħubija analizzat. Din is-sena wettaqna l-eżaminar ta' dawn id-dokumenti għall-Polonja u l-Portugall f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar f'dawn l-Istati Membri. Il-kooperazzjoni kienet tinkludi xogħol tal-awditjar parallel, l-iskambju ta' dokumenti ta' ppjanar u sejbiet, u attivitajiet immirati lejn il-kondiviżjoni ta' għarfien u l-esperjenzi miksuba f'dan il-qasam.

## Il-benefiċċji potenzjali tal-kombinament tal-ħames Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ma mmaterjalizzawx għalkollox

3.39. Novità għall-perjodu 2014-2020 hija li l-ħames fondi SIE ġew miġbura flimkien taħt regolament umbrella wieħed (magħruf bħala r-"Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni" jew is-CPR) [33] u, għal kull Stat Membru, l-użu ppjanat tal-ħames fondi SIE huwa stipulat fi ftehim ta' sħubija wieħed. L-iskop ta' dan kien li jissimplifika u jarmonizza l-approċċ għall-implimentazzjoni tal-Fondi SIE, u li jiżgura l-komplementarjetà transsettorjali u jrawwem is-sinerġiji.

*Approċċ issimplifikat u armonizzat*

3.40. Bħalma nnotajna qabel, l-istruttura kumplessiva tal-pakkett leġiżlattiv tibqa' kumplessa. Hemm ħafna saffi (dispożizzjonijiet komuni, dispożizzjonijiet ġenerali, dispożizzjonijiet speċifiċi għall-fondi, atti delegati u atti implimentattivi). F'xi każijiet il-leġiżlazzjoni nazzjonali tista' tikkostitwixxi saff addizzjonali [34].

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.38.** *Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 3.28.*

---

(31) Dawk tal-Ġermanja, Franza, il-Latvja, il-Polonja u l-Portugall.

(32) Franza: l-FSE – Alsace; il-Ġermanja: il-FAEŻR – is-Sassonja-Anhalt; il-Polonja: l-FSE u l-FEŻR ikkombinati– Podkarpackie Voivodeship; il-Portugall: l-FSE Kapital Uman; il-Latvja: l-FSE, il-FEŻR u l-FK ikkombinati– Impjieg u Tkabbir.

(33) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

(34) Ara l-Opinjoni Nru 7/2011, dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 (ĠU C 47, 17.2.2012), il-paragrafu 5 (http://eca.europa.eu). Din is-sejba hija kkonfermata mill-IAS ("IAS final report on gap analysis review of Regulation 2014-2020 for ESI funds" (Ir-rapport finali tal-IAS dwar eżaminar tal-analiżi tal-lakuni tar-Regolament 2014-2020 għall-fondi SIE)).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.41. L-ekwivalenti tal-ftehimiet ta' shubija ghall-perjodu 2007-2013 (oqfsa strateġiċi nazzjonali ta' referenza) kien ikopri l-familja ta' fondi relatati mal-koeżjoni: il-FK, il-FEŻR u l-FSE ([35]). Il-ftehimiet ta' shubija ghall-2014-2020 iżidu żewġ fondi ulterjuri, il-FAEŻR u l-FEMS. Ir-regolament dwar dispożizzjonijiet komuni jinkludi sett ta' regoli applikabbli ghall-fondi kollha li jkopru elementi importanti bhal prinċipji tal-appoġġ mill-Unjoni ghall-fondi SIE, l-approċċ strateġiku, il-monitoraġġ, eċċ. Xi partijiet mis-CPR japplikaw biss ghall-familja ta' fondi relatati mal-koeżjoni u jeskludu l-FAEŻR jew il-FEMS. Pereżempju, is-CPR jistipula regoli speċifiċi dwar l-ipprogrammar li huma relatati biss mal-familja ta' fondi relatati mal-koeżjoni.

3.42. Fil-livell tal-programmi, il-familja ta' fondi relatati mal-koeżjoni biss tista' tiġi kkombinata (pereżempju permezz ta' "programmi b'hafna fondi"). Fil-perjodu 2007-2013 il-FK u l-FEŻR biss setghu jaghmlu dan. Ir-regoli li jirregolaw kif jintużaw il-fondi jvarjaw skont il-fond – b'mod partikolari bejn il-familja ta' fondi relatati mal-koeżjoni u l-fondi tal-FAEŻR/FEMS. Dawn id-differenzi jidhru wkoll fil-mod li l-familja ta' fondi relatati mal-koeżjoni u l-fondi tal-FAEŻR/FEMS jistrutturaw l-objettivi taghhom (ara l-paragrafu 3.45).

### *Komplementarjetà u trawwim ta' sinerġiji*

3.43. Billi l-ftehim ta' shubija huwa l-uniku post fejn il-hames fondi SIE huma diskussi flimkien, dan ikun il-post biex jiġu identifikati komplimentaritajiet u sinerġiji fost dawn il-hames fondi. Fl-eżaminar taghna ta' kampjun ta' ftehimiet ta' shubija sibna ftit evidenza li l-ghanijiet ta' komplementarjetà u ta' sinerġija kienu qed jitpoġġew fil-prattika mill-Istati Membri. Barra minn hekk, il-programmi li eżaminajna pprovdew ftit li xejn informazzjoni utli dwar il-komplementarjetà u s-sinerġiji. Eżempji kienu rari u, fejn sehhew, dawn kellhom it-tendenza li jkunu vagi. Kien hemm nuqqas ta' gwida operazzjonali dwar kif il-komplementarjetà transettorjali u t-trawwim ta' sinerġiji fl-użu ta' hames fondi SIE ghandhom jinkisbu fil-ftehimiet ta' shubija u l-programmi.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.41.** *Elementi importanti ohra bhalma huma r-regoli tal-ipprogrammar, l-evalwazzjoni u l-eliġibbiltà huma wkoll suġġetti ghal regoli komuni ghall-fondi ESI kollha.*

**3.42.** *Barra mit-tweġiba tal-Kummissjoni ghal paragrafu 3.41 ir-regoli li jirregolaw is-sistema ta' ghoti tal-FEMS huma l-istess bhal dawk ghall-FEŻR, il-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni li jinsabu fil-Parti Erbgha tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni.*

**3.43.** *Il-ftehim ta' shubija jehtieġ deskrizzjoni tal-arranġamenti sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni bejn il-Fondi SIE. Il-programmi ghandhom jistabbilixxu mekkaniżmi aktar dettaljati biex jiżguraw tali koordinazzjoni.*

([35]) Kien hemm ftehimiet separati li jkopru l-FAEŻR u l-FEMS.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**L-istrateġija Ewropa 2020 mhijiex ikkonkretizzata sistematikament, permezz ta' objettivi tematiċi, f'miri operazzjonali fi ftehimiet ta' sħubija u programmi**

3.44. Skont il-Kummissjoni, il-kombinament tal-ħames fondi SIE fi ftehim ta' sħubija wieħed għandu jagħmilha aktar faċli kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-Kummissjoni li jirrapportaw dwar il-kontribuzzjoni mill-ħames fondi SIE għall-objettivi tematiċi globali ([36]). Fl-ewwel parti ta' dan il-kapitolu nnotajna li l-objettivi tematiċi mhumiex imfassla biex jikkonkretizzaw l-Ewropa 2020 f'objettivi operazzjonali, iżda biex jipprovdu r-rabta għall-Ewropa 2020 u jistrutturaw l-informazzjoni pprovduta fil-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi (il-paragrafi 3.22 sa 3.25). Għalhekk, din it-taqsima teżamina jekk l-Ewropa 2020 hijiex, fil-livell tal-ftehimiet ta' sħubija u tal-programmi, ikkonkretizzata f'elementi operazzjonali (objettivi, indikaturi assoċjati, stadji importanti u miri) permezz ta' objettivi tematiċi, li jippermetti li l-maniġers jimmonitorjaw u jirrapportaw dwar il-kontribuzzjoni għall-istrateġija tal-Fondi SIE.

**3.44.** *Il-Kummissjoni tirreferi għar-risposta tagħha għall-paragrafu 3.24 fir-rigward tar-rwol u l-iskop ta' objettivi tematiċi. Objettivi tematiċi huma l-mezzi li bihom il-fondi bil-missjonijiet tagħhom ibbażati fuq it-Trattat jiġu ffukati fuq il-prijoritajiet ta' Ewropa 2020. Madankollu, il-programmi ta' finanzjament ma għandhomx bħala l-uniku objettiv tagħhom it-twettiq ta' Ewropa 2020.*

3.45. Is-sett komuni ta' 11-il objettiv tematiku (il-paragrafu 3.23) ma jiġix applikat direttament u b'mod konsistenti għall-ħames fondi SIE kollha, u għaldaqstant lanqas għall-programmi ffinanzjati mill-fondi. Għall-familja ta' fondi ta' koeżjoni, l-objettivi tematiċi jaġixxu bħala element ta' strutturar, peress li dawn huma sostnuti direttament mill-ġerarkija tal-objettivi meħtieġa fir-regolamenti rilevanti. Madankollu, il-fondi tal-FAEŻR/FEMS jużaw struttura differenti. Fl-ogħla livell huma meħtieġa jappoġġaw "prijoritajiet tal-Unjoni", iżda l-leġiżlazzjoni ma tistipulax il-mod ta' kif dawn il-prijoritajiet huma marbuta mal-objettivi tematiċi. Filwaqt li l-qafas leġiżlattiv jistabbilixxi rabta ġenerali bejn il-fondi tal-FAEŻR/FEMS u l-istrateġija Ewropa 2020, l-objettivi tematiċi ma jintużawx biex jixprunaw jew jistrutturaw dawn il-fondi. Il-Kaxxa 3.3 tiġbor fil-qosor l-istrutturi differenti użati mill-fondi.

**3.45.** *Dan huwa konformi mal-missjonijiet tal-fondi rispettivi.*

*Il-prijoritajiet ta' żvilupp rurali huma kkunsidrati bħala traduzzjoni ta' objettivi tematiċi fil-kuntest speċifiku tal-politika tal-iżvilupp rurali.*

*Il-qafas legali tal-FAEŻR jistabbilixxi rabta ċara: il-kontribuzzjoni għal Ewropa 2020 għandha ssir permezz ta' sitt prijoritajiet li min-naħa tagħhom jinqasmu f'oqsma ta' attenzjoni. Dan ir-rekwiżit huwa rifless b'mod sħiħ fl-istruttura tal-programmi tal-FAEŻR. Il-progress lejn il-miri stabbiliti għall-oqsma ta' prijorità/attenzjoni jiġi sorveljat fir-Rapporti Annwali ta' Implimentazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-objettivi tematiċi, fid-dokumenti ta' gwida ġew mehmuża tabelli ta' korrispondenza.*

*Il-Prijoritajiet tal-Unjoni għall-FEMS u r-rabtiet tagħhom mal-Objettivi Tematiċi huma stabbiliti kemm fil-Qafas Strateġiku Komuni kif ukoll fil-livell ta' progrramar, fil-loġika ta' intervent li ġiet diskussa mal-Istati Membri waqt diversi laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-FEMS fl-2014.*

([36]) KUMM(2011) 500 finali, il-parti I tad-29 ta' Ġunju 2011, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Baġit għall-Ewropa 2020", it-Taqsima 5.2 u SWD (2012) 61 final tal-14 ta' Marzu 2012, it-Tieni Parti, it-Taqsima 1.3.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 3.3 – Ġerarkija ta' objettivi għall-familja ta' fondi relatati mal-koeżjoni u għall-fondi tal-FAEŻR/FEMS skont il-qafas leġiżlattiv**

FSE/FEŻR/FK: objettivi tematiċi -> prijoritajiet ta' investiment -> objettivi speċifiċi -> tipi ta' azzjonijiet.

FAEŻR: Prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali -> oqsma ta' fokus-> miżuri.

FEMS: Prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp sostenibbli tas-sajd u l-akkwakultura -> objettivi speċifiċi -> miżuri.

3.46. Il-ftehimiet ta' sħubija kollha u erbgħa mill-ħames programmi li eżaminajna użaw objettivi tematiċi biex jistrutturaw l-informazzjoni. Għall-programm wieħed li eżaminajna fejn dan ma kienx il-każ (il-programm tal-FAEŻR – il-Ġermanja), il-programm kien jirrifletti r-rekwiżiti leġiżlattivi u għamel biss referenzi għal objettivi tematiċi. F'dan il-programm ma kienx possibbli li tinstab ir-rabta bejn l-objettivi tematiċi kif stipulati fil-ftehim ta' sħubija tal-Ġermanja bil-prijoritajiet u l-oqsma ta' fokus tal-programm. Anke bl-użu ta' tabella ta' korrispondenza tal-gwida tal-Kummissjoni, li tagħti r-rabtiet bejn il-prijoritajiet u l-objettivi tematiċi, kien diffiċli li tiġi aggregata informazzjoni għal kull objettiv tematiku billi l-prijorità 4 għandha żewġ objettivi tematiċi assoċjati. Filwaqt li identifikajna dan fil-programm għall-Ġermanja, din se tkun problema ġenerali għall programmi kollha tal-FAEŻR.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 3.3 – Ġerarkija ta' objettivi għall-familja ta' fondi ta' koeżjoni u għall-fondi FAEŻR/FEMS skont il-qafas leġiżlattiv***

*FAEŻR: Kif spjegat fit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 3.45 u kif muri inter alia fil-linji gwida għall-ipprogrammar strateġiku għall-perjodu 2014–2020, il-prijoritajiet FAEŻR, u l-oqsma ta' attenzjoni, huma marbuta mal-objettivi tematiċi u ma' dawk ta' Ewropa 2020.*

*FEMS: Għalkemm ir-regolament speċifiku FEMS jorbot il-Prijoritajiet tal-Unjoni mal-objettivi speċifiċi, u mbagħad il-miżuri tal-Fond, il-loġika tal-intervent li ġiet użata għall-programmazzjoni u ppreżentata lill-Istati Membri fil-gruppi ta' esperti tal-FEMS fil-25 ta' Ġunju 2014 turi ġerarkija ta' objettivi li tinkludi l-objettivi tematiċi – > il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp sostenibbli tas-sajd u l-akkwakultura – > l-objettivi speċifiċi – > Miżuri.*

**3.46.** *Kif imsemmi, teżisti korrispondenza bejn il-11-il objettiv tematiku u l-prijoritajiet/l-oqsma ta' attenzjoni FAEŻR.. Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 3.45.*

*Fil-FAEŻR hemm indikaturi separati tar-riżultati li jippermettu li jsiru rabtiet mal-objettivi tematiċi individwali. Għalhekk, ir-riżultati jistgħu jiġu aggregati skont l-objettivi tematiċi.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.47. Il-ftehimiet ta' sħubija huma meħtieġa jinkludu l-miri ewlenin nazzjonali (il-paragrafu 3.17). Il-ftehimiet ta' sħubija li analizzajna għamlu dan. Għall-programmi li eżaminajna, il-programm tal-Polonja għamel ripartizzjoni ulterjuri ta' dawn il-miri nazzjonali aktar f'miri operazzjonali permezz ta' objettivi tematiċi.

3.48. Il-Portugall u l-Latvja ddefinixxew l-objettivi operazzjonali fil-ftehim ta' sħubija tagħhom li huma mbagħad użaw fil-livell tal-programmi li eżaminajna. Madankollu, dawn l-objettivi ma kinux marbuta direttament mal-miri ewlenin nazzjonali tagħhom.

## L-introduzzjoni ta' indikaturi komuni għal kull fond hija pass importanti iżda hemm limitazzjonijiet fit-tfassil

3.49. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' taggrega l-prestazzjoni fil-livell tal-UE, inkluża informazzjoni dwar l-istrateġija Ewropa 2020, hija teħtieġ indikaturi komuni, inklużi indikaturi dwar ir-riżultati, kondiviżi mill-fondi fejn possibbli u użati b'mod konsistenti mill-Istati Membri kollha. Dawn l-indikaturi għandhom ikunu akkumpanjati minn stadji importanti u miri. Fil-perjodu preċedenti tal-QFP, l-FSE u l-FAEŻR biss kienu jeħtieġu sett ta' indikaturi komuni. Għall-perjodu 2014-2020, ir-regolamenti jintroduċu sett komuni ta' indikaturi għal kull wieħed mill-ħames fondi SIE.

3.50. Dan jirrappreżenta potenzjalment pass importanti lejn it-tisħiħ tal-fokus fuq il-prestazzjoni. Madankollu, l-analiżi tagħna, stipulata fil-paragrafi hawn taħt, turi li hemm xi elementi fit-tfassil tas-sistema għall-indikaturi komuni li jirriskjaw li jillimitaw l-utilità u r-rilevanza tagħhom, u għaldaqstant l-abbiltà tal-Kummissjoni li taggrega l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.47.** *L-inklużjoni ta' referenza għall-miri ewlenin fil-ftehimiet ta' sħubija hija bbażat fuq gwida mill-Kummissjoni. Is-separazzjoni ulterjuri tal-miri f'miri operattivi addizzjonali hija f'idejn l-Istati Membri. L-iffissar ta' għanijiet operattivi speċifiċi flimkien ma' miri korrispondenti sseħħ fil-livell tal-programm.*

**3.49.** *Il-ħames fondi tal-FSIE kollha għandhom il-missjoni tagħhom abbażi tat-Trattat u huma mmirati lejn tipi differenti ta' proġetti u investimenti. Ikun diffiċli li jitfassal għalhekk grupp wieħed ta' indikaturi komuni. Jeżistu miri għall-indikaturi kollha kif ukoll tragwardi għall-indikaturi inklużi fil-qafas tal-prestazzjoni.*

*Il-Kummissjoni mexxiet 'l quddiem, għall-FEŻR u għall-FK, l-użu volontarju ta' indikaturi komuni jew "ċentrali", u sal-2013, l-Istati Membri kollha rrappurtaw skont dawn. Ir-rekwiżit obbligatorju dwar indikaturi komuni għall-perjodu 2014–2020 huwa bbażat fuq il-lezzjonijiet miksuba bejn l-2007 u l-2013. Il-monitoraġġ tal-prestazzjoni aggregata fil-livell tal-UE tista' wkoll tiġi kkalkulata permezz tar-rata tal-ksib tal-miri.*

*Il-Kummissjoni se tlesti rapport sa tmiem l-2015 dwar l-eżitu tan-negozjati li ser jinkludi analiżi tal-miri aggregati li jridu jintlaħqu sal-aħħar tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020.*

**3.50.** *Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi 3.51 sa 3.56.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.51. Skont il-leġiżlazzjoni, l-Istati Membri mhumiex meħtieġa jinkludu l-indikaturi komuni fil-programmi tagħhom ([37]). Madankollu, ir-rappurtar mill-Kummissjoni dwar il-prestazzjoni huwa bbażat fuq dawn l-indikaturi komuni (pereżempju, il-pjanijiet ta' ġestjoni u r-rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni għall-familja ta' fondi relatati mal-koeżjoni huma bbażati unikament fuq l-indikaturi komuni). Għalhekk, hemm riskju li l-użu inkonsistenti ta' indikaturi komuni jkollu effett indirett sinifikanti fuq il-kwalità ta' rappurtar mill-Kummissjoni.

3.52. Kull fond SIE għandu indikaturi komuni tal-output. Madankollu, tlieta biss mill-fondi għandhom ukoll indikaturi komuni tar-riżultati ([38]). Barra minn hekk, uħud mill-indikaturi kategorizzati bħala indikaturi tar-riżultati għall-FAEŻR mhumiex indikaturi tar-riżultati veri (ara l-Kaxxa 3.4). Għalhekk, se jkun diffiċli għall-Kummissjoni li taggrega informazzjoni dwar ir-riżultati għal ċerti fondi.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.51.** *Meta jkunu jistgħu jintużaw indikaturi komuni tal-output (jiġifieri fejn ikunu rilevanti), ir-regolament jitlob li dawn jiġu użati u l-Kummissjoni kienet insistiet fuq dan fin-negozjati. L-Istati Membri huma obbligati jirrappurtaw skont l-indikaturi komuni kollha. Ir-rappurtar tal-Kummissjoni dwar l-indikaturi komuni għalhekk se jaqbad il-prestazzjoni skont dawn, fil-każ tal-programmi kollha li għalihom huma rilevanti.*

*L-użu ta' indikaturi għall-outputs u r-riżultati huwa obbligatorju. L-Istati Membri huma obbligati wkoll li jirrapportaw kull sena dwar il-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-programm, kemm fir-rigward tal-indikaturi komuni kif ukoll le. Il-Kummissjoni b'hekk tkun tista' tevalwa l-progress fuq bażi annwali.*

**3.52.** *Ma hemm l-ebda indikaturi komuni ta' riżultat għall-FEŻR u l-FK minħabba l-wisa' tat-tipi ta' investimenti li jistgħu jiġu appoġġjati u l-varjetà ta' bidliet li huma fil-mira tal-programmi. Il-Kummissjoni se tevalwa u tirrapporta dwar ir-riżultati, iżda mhux permezz ta' aggregazzjoni sempliċi ta' informazzjoni, li qatt ma kienet l-intenzjoni tagħha u li hija ma tqisx utli minħabba l-varjetà ta' riżultati.*

*Fil-każ ta' FAEŻR, l-indikaturi komuni użati f'kull PŻR huma ddefiniti fl-Anness IV tar-R.808/2014.*

*L-indikaturi fil-mira, li huma sottogrupp tal-indikaturi ta' riżultat komuni, jirriflettu b'mod prammatiku dak li jista' jiġi kkwantifikat ex-ante, imkejjel, miġbur u li jsir disponibbli mill-Istati Membri permezz tas-sistema ta' monitoraġġ. L-indikaturi fil-mira għalhekk ma għandhomx jiġu evalwati b'mod iżolat, iżda flimkien ma' sett sħiħ ta' indikaturi tar-riżultati speċifikati fil-qafas legali.*

*Filwaqt li dejjem se jkun hemm lok għal titjib, l-indikaturi huma huma stess suġġetti għal kunsiderazzjonijiet ta' kost-effiċjenza peress li hemm kost li jolqot l-istabbiliment u l-monitoraġġ tal-indikaturi. L-indikaturi li jinżammu f'sistema komuni għandhom ikunu operattivi, jiġifieri id-dejta trid tkun disponibbli b'mod realistiku.*

*Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-Kaxxa 3.4.*

(37) Bl-eċċezzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u l-FAEŻR.

(38) Il-FK u l-FEŻR ma għandhom l-ebda indikatur komuni tar-riżultati.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 3.4 – Eżempji ta' indikaturi tal-FAEŻR ikklassifikati b'mod skorrett bħala indikaturi tar-riżultati**

Il-"perċentwal ta' impriżi agrikoli b'appoġġ mill-PŻR għal investimenti fir-ristrutturar u l-modernizzazzjoni" jkejjel l-għadd ta' benefiċjarji, li huwa output għall-għoti ta' appoġġ, għall-kuntrarju ta' titjib fl-effiċjenza fil-produzzjoni, li jkun riżultat.

Il-"perċentwal tal-popolazzjoni rurali koperta minn strateġiji għall-iżvilupp lokali" jgħodd l-għadd ta' persuni li għalihom inholqot strateġija għall-iżvilupp minflok ma jiffoka fuq it-titjib li jirriżulta b'riżultat tal-implimentazzjoni tal-istrateġija.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 3.4 – Eżempji ta' indikaturi tal-FAEŻR kklassifikat b'mod żbaljat bħala indikaturi tar-riżultat***

Dwar % ta' impriżi agrikoli: *Kif dikjarat fit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 3.52, l-indikaturi li jintużaw għall-monitoraġġ u l-analiżi tal-politika jridu jkunu operattivi, li jqiegħed xi restrizzjonijiet fuq dawk l-indikaturi li jistgħu jinżammu.*

*Dawn jinkludu sett ta' indikaturi komuni fil-livell ta' output, riżultat, impatt u kuntest. Dawn se jintużaw biex tinġabar dejta aggregata fil-livell tal-UE, mhux biss għall-output, iżda wkoll għar-riżultati.*

*L-ewwel indikatur li ssir referenza għalih hawnhekk mhux sempliċi indikatur tal-output, iżda proporzjon tal-popolazzjoni li hija affettwata mill-appoġġ ipprovdut. Għalhekk dan diġà jagħti xi indikazzjoni tal-iskala u l-ambitu ta' dak li jkun inkiseb bil-PŻR: appoġġ ta' investiment għal 38 % tal-popolazzjoni ta' impriżi agrikoli hija indikattiva ta' riżultat differenti ħafna għas-settur tal-biedja minn pereżempju appoġġ ta' 0.5 %. Madankollu, huwa rikonoxxut bis-sħiħ li dan l-indikatur ta' mira waħdu ma jagħtix stampa adegwata tal-kontribut ta' PŻR, jew tal-politika ta' żvilupp rurali b'mod ġenerali, għall-evoluzzjoni tal-kompetittività tal-azjendi agrikoli. Is-CMES għalhekk tinkludi wkoll indikatur tar-riżultat komplementari komuni obbligatorju, "Bidla fl-output agrikolu f'azjendi agrikoli appoġġjati/unità annwali ta' xogħol". L-analiżi ta' dan l-indikatur hija aktar komplessa u tirrekjedi mhux biss aktar dejta fil-livell tal-azjenda agrikola, iżda wkoll paragun ma' azjendi agrikoli simili mhux appoġġjati sabiex jiġu vvalutati r-riżultati netti tal-intervent PŻR. Għalhekk dan se jiġi vvalutat permezz ta' evalwazzjoni, iktar milli monitoraġġ, waqt tliet punti fiċ-ċiklu tal-ipprogrammar (2017, 2019 u ex post) minflok kull sena.*

Dwar % tal-populazzjoni rurali: *Dan l-indikatur jirreferi għall-proporzjon tal-popolazzjoni rilevanti koperta, mhux għall-għadd ta' persuni, u għalhekk jipprovdi indikazzjoni dwar l-ambitu tal-kopertura. Dan l-indikatur għandu jiġi interpretat flimkien ma' R24/T23 (Impjiegi maħluqa fi proġetti appoġġjati (Leader)).*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.53. L-indikaturi komuni stabbiliti għandhom jippermettu l-aggregazzjoni fi ħdan kull fond. Madankollu, ir-rappurtar dwar il-progress li sar fir-rigward tal-Ewropa 2020, pereżempju, ikun jeħtieġ livell ogħla ta' aggregazzjoni, li jinvolvi l-kombinament tar-riżultati minn fondi differenti. Il-FK u l-FEŻR biss jużaw l-istess indikaturi komuni (l-indikaturi komuni tal-FK huma subsett ta' dawk użati għall-FEŻR).

3.54. L-objettivi tematiċi (il-paragrafu 3.23) għandhom jipprovdu r-rabta bejn il-fondi u l-istrateġija, u b'hekk japplikaw għall-ħames fondi kollha. L-indikaturi komuni mhumiex marbuta direttament mal-objettivi tematiċi. Barra minn hekk, peress li l-indikaturi komuni mhumiex kondiviżi mill-ħames fondi kollha, huma mhux se jiffaċilitaw l-aggregazzjoni ta' informazzjoni fil-livell tal-objettivi tematiċi.

3.55. Ir-regolamenti jistabbilixxu ħtiġijiet differenti f'termini ta' linji bażi, stadji importanti u miri għal fondi differenti ([39]). Il-linji bażi mhumiex dejjem meħtieġa u l-istadji importanti huma meħtieġa biss għal dawk l-indikaturi li jiffurmaw parti mill-"qafas ta' prestazzjoni" (diskuss fit-taqsima li jmiss). Il-miri għar-riżultati mhux dejjem iridu jiġu kkwantifikati. Mingħajr stadji importanti għar-riżultati, huwa diffiċli li jiġi ttraċċat il-progress sad-data ta' skadenza għall-ilħuq tal-miri – l-2023, tliet snin wara tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni attwali.

3.56. Biex ikunu inċentiv utli għall-prestazzjoni, il-miri għandhom isibu l-bilanċ it-tajjeb bejn l-ambizzjoni u r-realiżmu. F'uħud mill-ħames programmi analizzati, bosta miri x'aktarx li ma kinux ta' biżżejjed sfida.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.53.** *Peress li l-Fondi jkunu mmirati lejn investimenti differenti, mhux probabbli li l-istess indikaturi komuni jkunu jistgħu jintużaw għall-fondi kollha (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 3.49). Innota li l-Istati Membri se jirrappurtaw dwar il-progress li jkun sar fit-twettiq tal-objettivi ta' Ewropa 2020 fl-2017 u l-2019 permezz tal-kontribuzzjoni tal-Fondi SIE kollha għall-objettivi tematiċi magħżula. Il-Kummissjoni se tipprepara rapport strateġiku li jiġbor fil-qosor ir-rapporti ta' progress kollha. L-evalwazzjoni se tivvaluta wkoll il-kontribuzzjoni tal-fondi għall-objettivi ta' kull prijorità.*

**3.54.** *Fil-każ tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, ir-rappurtar dwar l-indikaturi se jkun ipprovdut skont l-assi prijoritarju u l-objettiv speċifiku u għalhekk se jkun marbut ma' objettivi tematiċi. Għall-FAEZR ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 3.45.*

**3.55.** *Il-Kummissjoni tissorvelja l-firxa ta' indikaturi tal-output u tar-riżultati fuq bażi annwali. B'mod partikolari, il-prestazzjoni f'relazzjoni mal-progress tal-programmi lejn il-kisba tar-riżultati hija segwita mill-qafas ta' prestazzjoni, inkluż skont tragwardi għall-indikaturi tal-output. Billi tissorvelja l-progress kull sena mill-2016 'il quddiem (2015 fil-każ tal-YEI), il-Kummissjoni se tkun f'pożizzjoni li tittraċċa l-progress li jkun sar lejn il-miri stipulati fil-programmi u b'hekk tkun tista' tivvaluta jekk il-progress li jkun qed isir lejn il-kisba tar-riżultati jkunx wieħed sodisfaċenti.*

*Ir-rekwiżiti differenti fir-rigward tal-użu tal-linji ta' bażi jiddependi fuq in-natura tal-indikaturi (l-output jew ir-riżultat). Fil-każ tal-FSE, il-linji bażi għall-indikaturi tal-output huma stabbiliti għal żero minħabba n-natura tal-indikaturi. Madankollu, fil-każ ta' indikaturi tar-riżultat, il-linji bażi mhux dejjem ikunu disponibbli u hemm proċedura biex jiġu rranġati aktar tard skont l-esperjenza waqt l-implimentazzjoni.*

**3.56.** *Il-Kummissjoni fin-negozjati dwar il-programm tagħmel ħilitha biex jintlaħaq bilanċ tajjeb f'ambjenti fil-mira.*

([39]) Il-FK: ir-Regolament (EU) Nru 1300/2013, l-Artikolu 5; ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013, l-Artikolu 6; l-FSE: ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013, l-Artikolu 5; il-FAEŻR: ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487), l-Artikolu 69; u l-FEMS: ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1), l-Artikolu 109.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## Il-fokus fuq ir-riżultati għandu jitjieb aktar b'mod partikolari fil-ftehimiet ta' sħubija

3.57. Fir-Rapport Annwali 2012 tagħna, iddikjarajna li hija sfida li jinkisbu riżultati kwalitattivi tajbin minn skemi fejn il-fondi huma allokati minn qabel fost l-Istati Membri u l-assorbiment ta' dawn il-fondi huwa objettiv impliċitu ([40]). B'rispons għal dan, wieħed mill-elementi identifikati mill-Kummissjoni bħala li jindirizza din id-dgħufija għall-perjodu 2014-2020 huwa"loġika" rinforzata"ta' intervenzjoni" ([41]): jiġifieri, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw il-ħtiġijiet tagħhom u jimpenjaw lilhom infushom għar-riżultati mistennija qabel ma jikkunsidraw fejn u kif se jonfqu l-fondi. Għalhekk, eżaminajna l-kampjun tagħna ta' ftehimiet ta' sħubija u programmi biex naraw jekk l-Istati Membri impenjawx ruħhom għar-riżultati mistennija.

**3.57.** *Il-loġika tal-intervent għandha l-għan li tistabbilixxi rabta bejn l-attivitajiet u l-effetti mistennija (l-outputs, il-kontributi għar-riżultati) ta' intervent biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet identifikati, kif ukoll il-premessi li jispjegaw kif l-attivitajiet se jwasslu għall-effetti fil-kuntest tal-intervent.*

3.58. Fil-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi tagħhom, l-Istati Membri huma meħtieġa jsegwu l-loġika ta' intervenzjoni deskritta fil-qosor hawn fuq. Il-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi li eżaminajna kollha identifikaw il-ħtiġijiet identifikati qabel bdew janalizzaw kif u fuq xiex jistgħu jintnefqu l-fondi tal-UE.

**3.58.** *Skont il-qafas regolatorju li l-loġika ta' intervent hi applikata mill-Istati Membri fil-livell tal-programmi mhux tal-ftehimiet ta' sħubija.*

3.59. Madankollu, hemm fokus dgħajjef fuq ir-riżultati fil-ftehimiet ta' sħubija li eżaminajna. L-Istati Membri huma meħtieġa jistipulaw ir-riżultati mistennija fi ftehimiet ta' sħubija ([42]) u programmi. Filwaqt li fil-ħames ftehimiet ta' sħubija li eżaminajna, l-Istati Membri tabilħaqq identifikaw ir-riżultati, fi tlieta minnhom ([43]) aktar min-nofs ir-riżultati mistennija kienu vagi. Barra minn hekk, fejn ġew identifikati r-riżultati, dawn kienu normalment espressi f'termini kwalitattivi, mingħajr ma ġie ddikjarat il-kobor tal-bidla. Eżempju tajjeb ta' objettiv tematiku li kien akkumpanjat minn miri kkwantifikati tar-riżultati huwa "Appoġġ għall-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju" (in-numru 4 fil-Kaxxa 3.2). X'aktarx li dan huwa minħabba li dan l-objettiv tematiku partikolari huwa relatat direttament ma' waħda mill-miri ewlenin appoġġati permezz ta' qafas vinkolanti (il-paragrafu 3.16).

**3.59.** *Il-leġiżlazzjoni tirrikjedi sommarju tar-riżultati ewlenin fil-livell ta' ftehim ta' sħubija.*

([40]) Ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 10.4.
([41]) Ara r-risposta tal-Kummissjoni għar-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 10.3.
([42]) L-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jiddikjara li l-ftehimiet ta' sħubija għandhom jipprovdu, għal kull wieħed mill-għanijiet tematiċi magħżula, sommarju tar-riżultati ewlenin mistennija.
([43]) Il-Ġermanja, Franza u l-Latvja.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.60. Fil-livell tal-programmi li eżaminajna, l-Istati Membri stabbilixxew miri kkwantifikati tar-riżultati. Madankollu, għall-programm tal-FAEŻR fil-Ġermanja, dan kien ristrett għal waħda mis-sitt prijoritajiet (il-prijorità 6).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.60.** *Kif stipulat fir-Regolament 808/2014, jiġu inklużi miri kwantifikati għar-riżultati fil-każ tal-prijoritajiet kollha. Il-PŻR 2014–2020 tas-Sassonja-Anħalt (kif ukoll il-PŻR l-oħra kollha) jinkludu, fil-Kapitolu 11, sett ta' miri kkwantifikati li jkopru l-oqsma ta' ffukar kollha inklużi fil-PŻR, bl-użu tal-indikaturi tal-miri komuni (sottogrupp tal-indikaturi tar-riżultati kif speċifikat fil-qafas legali).*

## Dgħufijiet fit-tfassil tal-qafas ta' prestazzjoni

3.61. Ir-riżerva ta' prestazzjoni, fejn proporzjon żgħir tal-finanzjament mill-UE lill-Istati Membri jinżamm lura u jsir biss disponibbli għalihom jekk dawn jilħqu ċerti miri, hija l-inċentiv prinċipali għall-Istati Membri biex ikomplu jiffokaw fuq il-prestazzjoni ladarba l-programmi jkunu bdew. Għaldaqstant, ir-riżerva ta' prestazzjoni hija element ewlieni fi ħdan il-qafas ta' prestazzjoni, deskritt fil-Kaxxa 3.5.

**Kaxxa 3.5 – Il-qafas ta' prestazzjoni**

Fil-programmi, l-Istati Membri stabbilixxew indikaturi bi stadji importanti għall-2018 u miri għall-2023, it-tnejn li huma fil-livell tal-prijoritajiet tal-fondi. Fl-2019, il-Kummissjoni se twettaq analiżi tal-prestazzjoni bbażata fuq l-informazzjoni fir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri dwar is-sena preċedenti relatata mal-ilħuq ta' dawn l-istadji importanti. Skont l-eżitu ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni se talloka r-riżerva ta' prestazzjoni (bejn 5 % u 7 % tal-allokazzjoni għal kull prijorità fi ħdan programm) għall-prijoritajiet li laħqu l-istadji importanti tagħhom. Il-Kummissjoni tista' tissospendi l-pagamenti jekk l-analiżi tal-prestazzjoni 2019 tiżvela nuqqas serju fl-ilħuq tal-istadji importanti; bl-istess mod, hija tista' tapplika korrezzjonijiet finanzjarji jekk ir-rapporti finali ta' implimentazzjoni juru li kien hemm nuqqas serju fl-ilħuq tal-miri tal-2023 ([44]).

**3.61.** *Dan huwa inċentiv addizzjonali aktar milli l-inċentiv prinċipali.*

([44]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Artikoli 20 sa 22.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.62. Fir-rapport annwali tas-sena li għaddiet, indikajna l-fatt li l-operat effettiv tar-riżerva ta' prestazzjoni tkun tiddependi parzjalment mis-suċċess tal-Kummissjoni fin-negozjar ta' miri xierqa, issettjati fil-livell it-tajjeb, u fil-ksib b'suċċess ta' *data* preċiża, affidabbli u f'waqtha mill-Istati Membri ([45]). Rapport li sar f'Ottubru 2014 mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni wasal għal konklużjonijiet simili, fejn sab li kien hemm riskji inerenti li l-Istati Membri jistabbilixxu stadji importanti u miri mhux ambizzjużi biex jiġi evitat li dawn ma jintlaħqux, u li dawn ma jagħmlux sforz biżżejjed biex jirrapportaw *data* preċiża u affidabbli biex jiġu evitati s-sanzjonijiet fil-każ ta' prestazzjoni insuffiċjenti. L-analiżi tal-prestazzjoni se ssir biss fl-2019, kważi fi tmiem il-perjodu tal-QFP. Barra minn hekk, kwalunkwe problema bil-kwalità tad-*data* pprovduta mill-Istati Membri mhijiex se tidher sal-2016, l-ewwel sena li fiha rapporti annwali ta' implimentazzjoni se jkollhom jinġabru fil-qosor mill-Kummissjoni fir-rapporti strateġiċi (ara l-paragrafu 3.36) f'termini tal-kontribuzzjoni mill-fondi SIE għall-Ewropa 2020. Għaldaqstant, għal dawn iż-żewġ oqsma ta' riskju, mhux se jkun possibbli li jiġi ġġudikat is-suċċess tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri għal xi snin li ġejjin.

3.63. Fir-rapport annwali tas-sena li għaddiet ([46]), u permezz tax-xogħol tagħna f'dan il-qasam għar-rapport attwali, identifikajna xi difetti potenzjali fit-tfassil fl-arranġamenti li jirregolaw il-qafas ta' prestazzjoni:

(a) Jekk il-prijoritajiet tal-programmi jonqsu milli jilħqu l-istadji importanti rilevanti, il-finanzjament irrappreżentat bir-riżerva ta' prestazzjoni mhuwiex mitluf għall-Istati Membri iżda jista' jiġi riallokat għal prijoritajiet oħra li laħqu l-istadji importanti tagħhom ([47]). Dan idgħajjef l-effet ta' inċentiv.

(b) Is-sanzjonijiet finanzjarji miftuħa għall-Kummissjoni – sospensjoni ta' pagamenti jew korrezzjonijiet finanzjarji – ma jistgħux ikunu bbażati fuq l-indikaturi tar-riżultati ([48]). Dan idgħajjef il-fokus fuq ir-riżultati.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.63.**

**(a)** *Dan huwa fil-fatt dak li ġie miftiehem mill-koleġiżlaturi.*

*Il-Kummissjoni ma taqbilx f'dak li għandu x'jaqsam ma' dgħjufija tal-effett ta' inċentiv. Il-finanzjament jintilef fil-każ tal-ġesturi tal-assi prijoritarju jew miżura rilevanti, għalhekk fil-fatt dan iservi bħala inċentiv. Barra minn hekk, ir-riallokazzjoni ta' fondi għal prijoritajiet li huma aktar effettivi biex jinkisbu r-riżultati effettivament iżżid il-prestazzjoni ġenerali tal-baġit.*

**(b)** *Għal darb'oħra, dan huwa dak li l-koleġiżlaturi qablu dwaru.*

*Dwar is-sustanza, is-sanzjonijiet ma jistgħux jiġu applikati abbażi tal-indikaturi ta' riżultat kemm minħabba l-kwistjoni taż-żmien (ir-riżultati jistgħu jiġu vvalutati biss, f'xi każijiet, mhux qabel ma jkun għadda żmien konsiderevoli wara l-output) u minħabba l-influwenza ta' fatturi esterni.*

([45]) Ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafi 10.14.
([46]) Ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 10.15.
([47]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Artikolu 22(4).
([48]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Artikoli 22(5) u 22(7).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(c) Barra minn hekk, l-abbiltà tal-Kummissjoni li timponi korrezzjonijiet finanzjarji fejn il-miri ma jkunux intlaħqu hija limitata minn għadd ta' kundizzjonijiet u eċċezzjonijiet: proporzjonalità, livelli ta' assorbiment, "fatturi esterni" mhux definiti, fatturi soċjoekonomiċi, fatturi ambjentali, kundizzjonijiet ekonomiċi u l-forza maġġuri ([49]).

3.64. Barra minn hekk, indikajna r-riskju li l-fokus fuq il-prestazzjoni jkun limitat minħabba l-fatt li, taħt il-leġiżlazzjoni ([50]), l-indikaturi tar-riżultati għandhom jintużaw fil-qafas ta' prestazzjoni "fejn xieraq biss". Il-Kummissjoni ddeċidiet li tillimita l-użu possibbli tal-indikaturi tar-riżultati għall-FSE biss, fuq il-bażi li l-programmi ffinanzjati mill-UE, waħidhom, ma għandhomx biżżejjed influwenza fuq il-kisba ta' riżultati, u li jista' jkun hemm tul ta' żmien konsiderevoli bejn l-infiq tal-flus u l-kisba tar-riżultati ([51]).

3.65. Filwaqt li l-ħames programmi (li erbgħa minnhom koprew l-FSE) li eżaminajna kienu jinkludu indikaturi, stadji importanti għas-sena 2018 u miri għas-sena 2023, l-ebda wieħed minnhom ma kien jinkludi indikaturi tar-riżultati fil-qafas ta' prestazzjoni. Għaldaqstant, għall-programmi eżaminati, l-analiżi tal-prestazzjoni se tkun ibbażata fuq indikaturi tal-input (bħall-ammont ta' flus pubbliċi minfuqa) u tal-output (bħall-għadd ta' benefiċjarji ffinanzjati). Il-Kaxxa 3.6 tinkludi eżempji ulterjuri tat-tipi ta' indikaturi, stadji importanti u miri li se jintużaw fil-qafas ta' prestazzjoni – u għalhekk tista' tiddetermina jekk l-Istati Membri jikkwalifikawx għar-riżerva ta' prestazzjoni tal-Istati Membri jew le. L-evidenza tal-programmi eżaminati tappoġġa l-konklużjoni li lhaqna s-sena li għaddiet li l-impatt tar-riżerva ta' prestazzjoni, f'termini tat-tħeġġiġ ta' fokus akbar fuq ir-riżultati, x'aktarx li tkun aktar minn marġinali, peress li għad ma hemmx inċentivi jew sanzjonijiet finanzjarji reali fil-perjodu 2014-2020 relatati mar-riżultati miksuba bil-finanzjament mill-UE.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**(c)** *Il-kwalifiki huma r-riżultat tal-proċess leġiżlattiv bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament. Il-Kummissjoni tqis li l-objettiv ta' din id-dispożizzjoni xorta ser jinkiseb.*

**3.64.** *Din hija kwistjoni speċifika biss għall-qafas ta' prestazzjoni. Il-monitoraġġ kumplessiv tal-prestazzjoni ta' programm ser jinkludi l-indikaturi tar-riżultati.*

**3.65.** *Ir-riżerva tal-prestazzjoni hija biss wieħed mill-elementi li jappoġġaw enfasi akbar fuq ir-riżultati.*

*L-element ċentrali tal-orjentazzjoni lejn ir-riżultati hija l-loġika ta' intervent integrata f'kull programm mal-indikaturi tal-output u tar-riżultati assoċjati.*

*Il-qafas ta' prestazzjoni jipprovdi mekkaniżmu għall-monitoraġġ ta' jekk l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tkunx tinsab fit-triq it-tajba. Ir-riżerva ta' prestazzjoni tipprovdi inċentiv biex jintlaħqu l-miri importanti, li neċessarjament huma l-prekundizzjoni biex jinkisbu r-riżultati mixtieqa. .*

([49]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Artikolu 22(7). Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni wasal għal konklużjoni simili fir-rapport tiegħu ta' Ottubru 2014 li jirriżulta mir-reviżjoni tal-analiżi tal-lakuni ta' dan ir-Regolament.

([50]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Anness II.

([51]) Ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 10.15; appoġġat mil-"Guidance fiche – Performance framework review and reserve in 2014-2020" (Dokument ta' Gwida – Analiżi u riżerva tal-qafas ta' prestazzjoni fl-2014-2020) tal-Kummissjoni, il-verżjoni 6 tal-4 ta' Marzu 2014, p. 7 għall-Istati Membri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 3.6 – Eżempji ta' indikaturi, stadji importanti u miri użati fil-qafas ta' prestazzjoni**

*Il-Latvja, l-FSE, il-FEŻR u l-FK ikkombinati – Impjieg u tkabbir: Indikaturi użati*

F'dan il-programm, ġie identifikat total ta' 46 indikatur li minnhom 16 huma indikaturi tal-input u 30 huma indikaturi tal-output. Is-16-il indikatur tal-input huma min-natura tagħhom l-istess: "Allokazzjoni finanzjarja".

*Il-Ġermanja, il-FAEŻR – is-Sassonja-Anhalt: Żewġ eżempji tipiċi ta' indikaturi bi stadji importanti u miri*

Għall-indikatur "Ammont totali ta' nefqa pubblika", il-mira għall-2023 hija l-ammont ta' EUR 135,7 miljun bl-istadju importanti għall-2018 f'livell ta' EUR 31,1 miljun.

Għall-indikatur "Għadd ta' entitajiet agrikoli li qed jipparteċipaw fil-programm ta' ġestjoni tar-riskju", il-mira hija 113 entità agrikola bl-istadju importanti għall-2018 f'livell ta' 20 % ta' dawn l-entitajiet.

*Franza, l-FSE – Alsace: Indikaturi tipiċi bi stadji importanti u miri*

F'dan il-programm, ġie identifikat total ta' sitt indikaturi, li minnhom tlieta huma indikaturi tal-input u tlieta huma indikaturi tal-output.

Għall-indikatur tal-input "Allokazzjoni finanzjarja", il-mira għall-2023 hija ta' EUR 35,4 miljun bl-istadju importanti għal 2018 f'livell ta' EUR 11,8 miljun.

Għall-indikatur tal-output "Għadd ta' persuni qiegħda appoġġati", il-mira għall-2023 hija ta' 4 067 persuna bl-istadju importanti f'livell ta' 2 324 persuna.

## PARTI 3 –IR-RAPPURTAR TAL-KUMMISSJONI DWAR IL-PRESTAZZJONI

3.66. Din il-parti tal-kapitolu tkopri l-gwida interna pprovduta għad-direttorati ġenerali (DĠ) fi ħdan il-Kummissjoni, it-tranżizzjoni mill-QFP l-antik (2007-2013) għal dak ġdid (2014-2020) u r-rappurtar dwar il-prestazzjoni fil-livell tad-DĠ tal-Kummissjoni.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 3.6 – Eżempji ta' indikaturi, tragwardji u miri użati fil-qafas tal-prestazzjoni***

Il-Ġermanja, FAEŻR – Sassonja-Anħalt – indikatur "Ammont totali ta' nefqa pubblika": *It-tragward għall-2018 huwa stabbilit bħala konsegwenza tar-regola "n+2", l-allokazzjoni tal-FAEŻR mill-perjodu ta' programmar preċedenti li tkun għadha disponibbli għal pagamenti sal-aħħar tal-2015, għat-tali tipi ta' operazzjonijiet (implimentati skont il-PŻR 2007–2013). Dan jieħu kont ukoll taż-żmien meħtieġ għall-approvazzjoni tal-PŻR u għat-tħejjija tal-linji gwida interni ta' implimentazzjoni.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.67. Aħna analizzajna d-dikjarazzjonijiet ta' programm ([52]), il-pjanijiet ta' ġestjoni (PĠ) ([53]) u r-RAA ([54]) għall-2014 ta' sitt DĠ ([55]), ibbażati fuq rekwiżiti stipulati fir-Regolament Finanzjarju, l-istandards ta' kontroll intern tal-Kummissjoni u l-istruzzjonijiet dwar il-PĠ u r-RAA maħruġa mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni u mid-Direttorat Ġenerali għall-Baġit (id-DĠ BUDG). L-analiżi eskludiet informazzjoni relatata ma' attivitajiet li ma kinux jinvolvu nfiq, billi bħalissa r-rekwiżiti rilevanti qed jiġu riveduti.

## Il-gwida ċentrali tjiebet iżda għad hemm dgħufijiet li jridu jiġu indirizzati

3.68. Sabiex jiffaċilitaw it-tħejjija ta' dikjarazzjonijiet ta' programm, pjanijiet ta' ġestjoni u rapporti annwali tal-attività mid-DĠ, is-Segretarjat Ġenerali u d-DĠ BUDG jipprovdu struzzjonijiet permanenti u linji gwida relatati. Aħna sibna li matul iż-żmien din il-gwida saret aktar speċifika, aktar konsistenti u aktar faċli li tinftiehem ([56]). Barra minn hekk, ir-rekwiżit għad-DĠ li jinkludu informazzjoni fid-"dikjarazzjonijiet ta' programm" tagħhom dwar il-kontribut ta' programmi ta' nfiq għall-istrateġija Ewropa 2020 (jiġifieri r-rabta ma' miri ewlenin u inizjattivi emblematiċi assoċjati) huwa titjib. Madankollu, l-eżaminar tagħna wera li l-informazzjoni dwar l-Ewropa 2020 mhijiex inkluża fl-istadji sussegwenti tal-programmar (fil-pjanijiet ta' ġestjoni) u r-rappurtar (fir-RAA).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.68.** *Kif indikat fir-rapporti ta' sinteżi ta' din u s-sena ta' qabilha kif ukoll fit-tweġibiet tagħha għar-rapporti annwali preċedenti, il-Kummissjoni gradwalment kompliet tiżviluppa l-qafas ta' prestazzjoni u ħadet diversi miżuri bil-għan li tintwera l-importanza tal-kwalità tal-infiq u l-valur miżjud tal-baġit tal-UE. Billi bdiet mill-qafas legali tal-QFP il-ġdid li hu mfassal biex jikkontribwixxi għall-istrateġija Ewropa 2020 u jinkludi arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar aktar b'saħħithom, il-Kummissjoni introduċiet ukoll din l-attenzjoni fuq il-prestazzjoni fiċ-ċiklu tagħha ta' ppjanar u programmazzjoni strateġiku kif hu rifless fil-Linji Gwida ċentrali. Hekk kif isiru disponibbli dejjem aktar riżultati matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-QFP attwali, huwa mistenni li r-rappurtar dwar dawn ir-riżultati gradwalment se jsir aktar iffukat fuq l-għanijiet strateġiċi tal-UE.*

---

([52]) COM(2013) 450 final tat-28 ta' Ġunju 2013, "Abbozz tal-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014". Id-dikjarazzjonijiet ta' programm issostitwixxew id-dikjarazzjonijiet ta' attività fil-ġustifikazzjoni tal-fondi mitluba fl-abbozz tal-baġits annwali. Dawn jinkludu, għal kull programm ta' nfiq, objettivi appoġġati minn indikaturi u miri, li mbagħad għandhom jintużaw fil-pjanijiet ta' ġestjoni u r-rapporti annwali tal-attività tad-Direttorati Ġenerali.

([53]) Kull DĠ jistabbilixxi l-pjanijiet ta' ġestjoni annwali biex jikkonkretizza l-istrateġija fuq terminu twil tiegħu f'objettivi ġenerali u speċifiċi, u biex jippjana u jimmaniġġja l-attivitajiet tiegħu lejn l-ilħuq ta' dawk l-objettivi.

([54]) Rapport annwali tal-attività huwa rapport ta' ġestjoni, li jagħti rendikont tal-ilħuq tal-objettivi ewlenin tal-politika u tal-attivitajiet prinċipali. Għal dan il-kapitolu neżaminaw il-Parti 1 tar-RAA dwar ir-riżultati miksuba u dwar il-punt sa fejn ir-riżultati kellhom l-impatt intenzjonat.

([55]) Id-DĠ AGRI, id-DĠ DEVCO, id-DĠ EMPL, id-DĠ għall-Intrapriża u l-Industrija (id-DĠ ENTR) – issa msejjaħ id-DĠ għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs (id-DĠ GROW), id-DĠ għall-Ambjent (id-DĠ ENV) u d-DĠ REGIO.

([56]) Il-feedback dwar il-gwida mid-DĠ operazzjonali fi stħarriġ li sar f'Awwissu 2014 mis-servizzi ċentrali kien fil-biċċa l-kbira pożittiv.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 3.69. Għalkemm fl-2014 beda perjodu ġdid tal-QFP, parti importanti mill-infiq sal-2016 xorta waħda għadha relatata mal-QFP preċedenti. Għaldaqstant, ir-rappurtar dwar il-prestazzjoni jeħtieġ li jkopri kemm il-QFP l-ġdid kif ukoll l-antik. Ir-rapporti mis-sitt DĠ li eżaminajna ma kinux jippreżentaw it-tranżizzjoni bejn il-QFP l-antik u dak ġdid b'mod ċar. Spiss ma kienx possibbli li jiġi identifikat liema objettivi u miri nżammu jew ġew aġġornati mill-QFP l-antik u liema li ma tkomplewx. Fin-nuqqas ta' informazzjoni kumparabbli hemm riskju li mhuwiex possibbli jiġi vvalutat jekk intlaħqux l-objettivi u l-miri preċedenti. | **3.69.** *Ingħatat attenzjoni speċifika fil-gwida tar-RAA tal-2014 dwar kif għandu jsir ir-rappurtar dwar il-programmi li jitkomplew jew li jkunu twaqqfu. Il-leġislatur seta' wkoll iddeċieda li jbiddel l-attenzjoni ta' xi programmi jew li ma jkomplix xi oħrajn.*<br><br>*Fil-każ tad-DĠ EMPL, l-objettivi tal-2007–2013 ġew sostitwiti b'objettiv uniku biex "titkompla l-implimentazzjoni effettiva tal-programmi 2007–2013" b'żewġ indikaturi biss, fil-fatt. Din kienet deċiżjoni konxja biex ir-rapport jinżamm konċiż u orjentat lejn il-ġestjoni pereż. biex jiġu enfasizzati l-azzjonijiet tad-DĠ għat-tliet perjodi (it-tħejjija 2014–2020, il-finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni 2007–2013, l-għeluq 2000–2006).*<br><br>*Fil-każ ta' DĠ REGIO, u wara l-Pjan ta' Ġestjoni tal-2014, l-indikaturi kollha assoċjati mal-objettivi speċifiċi huma kkategorizzati skont il-perjodu ta' pprogrammar li jirreferu għalihom* ([5]). *Barra minn hekk, l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni hija strutturata b'tali mod li tagħmilha possibbli li ssir distinzjoni bejn il-kisbiet matul l-2007–2013 u l-2014–2020. Dan kien għadu ma jistax jiġi rifless fir-RAA 2014, peress li ma kien hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar il-programmi operattivi l-ġodda.* |
| 3.70. Pereżempju, wieħed mill-objettivi speċifiċi tad-DĠ AGRI fil-QFP l-antik kien "To encourage organic production and develop the market for organic products in the EU" (Li jħeġġeġ il-produzzjoni organika u jiżviluppa s-suq għal prodotti organiċi fl-UE). Filwaqt li d-DĠ AGRI jkompli jkun attiv fil-qasam tal-biedja organika, dan l-objettiv ma għadux inkluż fir-rapporti ta' ġestjoni. L-indikatur marbut għadu hemm iżda mhuwiex kumparabbli ma' dak tal-QFP preċedenti. Filwaqt li d-DĠ AGRI jkompli jirrapporta dwar l-indikatur "the total area under organic farming" (erja totali taħt il-biedja organika), id-definizzjoni ta' dan l-indikatur inbidlet (minn erja totali taħt il-kultivazzjoni organika għal erja totali taħt il-kultivazzjoni organika li tirċievi l-fondi tal-UE). | **3.70.** *Fil-kuntest tar-riforma tal-PAK 2013, id-DĠ AGRI żviluppa qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-PAK fl-intier tagħha. Minħabba l-fatt li l-biedja organika hija meqjusa bħala ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent u li l-bdiewa organiċi huma intitolati għall-pagamenti relatati, ġew adottati l-indikaturi korrispondenti.* |

([5]) *"Indikaturi 2007–2013 li ma tkomplewx fl-2014–2020" "indikaturi li huma komuni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013 u dak 2014–2020" u "Indikaturi 2014–2020 li għalihom mhix disponibbli dejta esplojtabbli mill-2007–2013"*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## L-ippjanar u r-rappurtar dwar il-prestazzjoni fil-livell tad-direttorati ġenerali jista' jitjieb aktar

*L-objettivi tad-DĠ mhumiex adattati għal skopijiet ta' ġestjoni*

3.71. Skont l-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni għall-PĠ 2014, id-DĠ għandhom jistabbilixxu objettivi ġenerali b'indikaturi tal-impatt (fuq terminu twil) u objettivi speċifiċi b'indikaturi tar-riżultati (fuq terminu qasir/medju). Skont ir-Regolament Finanzjarju, l-objettivi tad-DĠ għandhom ikunu SMART – speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu, rilevanti u bi skadenza ([57]).

3.72. F'konformità mal-osservazzjonijiet tagħna fis-snin preċedenti b'rabta ma' DĠ oħra, sibna li, għas-sitt DĠ analizzati kollha, ħafna mill-objettivi (ġenerali u speċifiċi) użati fil-PĠ u fir-RAA kienu ttieħdu direttament minn dokumenti ta' politika jew leġiżlattivi iżda ma ġewx ikkonkretizzati f'objettivi aktar operazzjonali. Għaldaqstant, kienu f'livell wisq għoli biex ikunu utli bħala strumenti ta' ġestjoni (ara l-Kaxxa 3.7).

| **Kaxxa 3.7 – Eżempji ta' objettivi definiti mill-Kummissjoni bħala "speċifiċi" li mhumiex adattati għal skopijiet ta' ġestjoni** |
|---|
| Id-*DĠ DEVCO*: "Appoġġ għad-Demokrazija" huwa stabbilit bħala objettiv speċifiku. Dan mhuwiex ifformulat bħala objettiv u ma jiddefinixxix x'għandu jinkiseb. |
| Id-*DĠ ENTR*: L-objettiv "Il-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-kultura intraprenditorjali" ma jispeċifikax it-tipi ta' attivitajiet li għandhom jitwettqu u x'għandhom jiksbu. |

([57]) Ir-Regolament (KE) Nru 966/2012, l-Artikolu 30(3).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.72.** *L-objettivi (ġenerali u speċifiċi) kif speċifikat fid-dokumenti ta' politika jew leġiżlattivi jikkostitwixxu r-realtà politika li fiha topera l-Kummissjoni. Barra minn hekk, jeħtieġ li l-Kummissjoni tiġġestixxi u tirrapporta dwar il-programmi abbażi tal-objettivi u l-indikaturi stabbiliti mill-awtorità leġiżlattiva.*

| ***Kaxxa 3.7 – Eżempji ta' objettivi definiti mill-Kummissjoni bħala "speċifiċi" li mhumiex tajbin għal skopijiet ta' ġestjoni*** |
|---|
| DG DEVCO: *L-appoġġ għad-demokrazija huwa objettiv ta' politika ġenerali, ifformulat b'mod korrett. Huwa proċess għat-tul, partikolarment sensittiv għall-iżvilupp politiku fil-pajjiżi fil-mira, iżda dan ma jfissirx li l-appoġġ għad-demokrazija mhuwiex objettiv validu fih innifsu. F'ħafna każijiet, id-domanda li għandha ssir hija "kemm kienet tmur għall-agħar is-sitwazzjoni li kieku l-Kummissjoni ma kinitx qed tipprovdi appoġġ għall-atturi favur id-demokrazija u għall-proċessi demokratiċi f'pajjiż partikolari?".* |
| DG ENTR: *F'konformità mal-prassi tal-Kummissjoni, dan l-objettiv speċifiku u ż-żewġ indikaturi relatati jirriżultaw mill-bażi ġuridika tal-programm COSME ([6]). Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan l-objettiv speċifiku huwa speċifikat kif xieraq peress li l-indikaturi, l-output u l-ispjega huma pprovduti fil-pjanijiet ta' ġestjoni tad-DĠ u fl-AARs.* |

([6]) *Ara l-objettivi u l-indikaturi ta' COSME fl-anness http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:32013R1287&from=EN*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| Id-*DĠ REGIO*: L-objettiv għal "Appoġġ għar-riformi politiċi" ma jistax jitkejjel billi l-ammont ta' appoġġ li għandu jiġi pprovdut mhuwiex ikkwantifikat. | DG REGIO: *Kif iċċarat fir-rigward tal-paragrafu 3.72 hawn fuq, l-objettivi li huma inklużi fid-Dikjarazzjonijiet ta' Programm, il-PĠ u r-RAA huma meħuda mill-bażijiet ġuridiċi. F'konformità mal-prassi tal-Kummissjoni, dan l-objettiv speċifiku huwa konsistenti mal-bażi ġuridika fir-rigward tal-IPA II* (7). |

3.73. B'kollox analizzajna 34 objettiv speċifiku li minnhom 2 biss issodisfaw il-kriterji "SMART" kollha. Dan ir-riżultat huwa simili għal dak li rrappurtajna fis-snin preċedenti. Filwaqt li l-objettivi eżaminati kienu rilevanti għall-qasam ta' politika li fih joperaw id-DĠ, f'ħafna każijiet l-indikaturi li jakkumpanjaw l-objettiv ma jkejlux l-aspetti kollha b'mod eżawrjenti fil-livell xieraq.

*Fadal diffikultajiet bl-indikaturi għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni*

3.74. L-għażla tal-indikaturi għandha tkun ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet bħar-rilevanza, kemm jistgħu jitkejlu, u d-disponibbiltà ta' *data* dwar il-prestazzjoni bi skadenza u affidabbli. Sa fejn ikun possibbli, l-indikaturi għandhom jissodisfaw il-kriterji "RACER" (58). L-indikaturi li jkejlu eżiti li fuqhom id-DĠ għandhom influwenza limitata, għandhom ikunu kkomplementati b'indikaturi oħra li jkejlu l-attivitajiet tad-DĠ direttament.

**3.74.** *F'konformità mat-tweġiba għall-paragrafu 3.72, l-objettivi u l-indikaturi kif stabbiliti mill-awtorità leġiżlattiva fil-bażijiet ġuridiċi jiffurmaw il-bażi li fuqha l-Kummissjoni għandha tirrapporta. Dawn l-indikaturi mhux kollha jissodisfaw il-kriterji "RACER"*

3.75. Is-sitt DĠ kollha għandhom mill-inqas indikatur wieħed tal-prestazzjoni għal kull objettiv biex jgħin lill-maniġment jimmonitorja, jevalwa u jirrapporta dwar il-kisbiet. Mit-98 indikatur f'dawn id-DĠ li eżaminajna, 34 issodisfaw il-kriterji RACER kollha. Dan huwa titjib meta mqabbel ma' dak li rrappurtajna fis-snin preċedenti. Madankollu, bħal fis-snin preċedenti, identifikajna xi nuqqasijiet addizzjonali fl-indikaturi li qed jintużaw (ara l-Kaxxa 3.8).

**3.75.** *Jekk jogħġbok ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 3.74.*

(58) Rilevanti, aċċettati, kredibbli, faċli u robusti: "Part III: Annexes to impact assessment guidelines" (Il-Parti III: Annessi għal linji gwida dwar il-valutazzjoni tal-impatt) (Il-Kummissjoni Ewropea, il-15 ta' Jannar 2009 – http://ec.europa.eu/smart-regulation/impact/commission_guidelines/docs/iag_2009_annex_en.pdf).

(7) *Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II).*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 3.8 – Eżempji ta' problemi bl-indikaturi**

(a) *Indikaturi li kienu barra l-kapaċità ta' infuwenza tad-DĠ.*

Id-*DĠ ENV*: "Skart totali ġġenerat" – Ħafna fatturi għandhom impatt fuq dan l-indikatur, bħal drawwiet tal-konsumaturi jew standards tal-industrija. Bosta minn dawn huma barra l-ambitu ta' influwenza tad-DĠ ENV.

(b) *Indikaturi li għalihom l-affidabbiltà ta' data ta' sostenn kienet dubjuża.*

Id-*DĠ AGRI*: "Appoġġ għall-Produzzjoni Lokali għaż-żamma/l-iżvilupp tal-produzzjoni agrikola" – Id-*data* għal dan l-indikatur hija meħuda minn rapporti annwali ta' implimentazzjoni ppreżentati mill-Istati Membri. Madankollu, il-Kummissjoni identifikat nuqqasijiet fil-kwalità tad-*data* ppreżentata u kkonkludiet li dan l-indikatur għandu jiġi evalwat bl-attenzjoni dovuta ([59]).

(c) *Indikaturi ppreżentati bħala indikaturi tar-riżultati iżda minflok kienu orjentati lejn l-output*

Id-*DĠ EMPL*: "Għadd ta' persuni li jirċievu assistenza mill-Fond" – Dan l-indikatur ikejjel l-għadd ta' benefiċjarji minflok jiffoka fuq it-titjib miksub bħala riżultat tal-għoti ta' appoġġ.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 3.8 – Eżempji ta' problemi b'indikaturi***

**(a)** DG ENV: *Minkejja li l-kisba ta' xejra favorevoli fl-"Iskart totali ġġenerat" tiddependi wkoll fuq fatturi barra mill-kontroll tal-Kummissjoni, bosta direttivi jinkludu miri obbligatorji ta' riċiklaġġ u ta' prevenzjoni ta' ħolqien tal-iskart.*

**(b)** DG AGRI: *B'mod ġenerali, l-indikaturi ma għandhomx jitqiesu fil-valur nominali tagħhom, u l-kwalità tagħhom għandha dejjem tiġi evalwata f'relazzjoni mal-użu intenzjonat. Il-Kummissjoni diġà għamlet riflessjoni mal-Istati Membri bil-għan li ttejjeb l-indikatur u l-kwalità tad-dejta pprovduta.*

**(c)** DG EMPL*: Dan l-indikatur huwa konsistenti mal-għanijiet tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) li għandu l-għan li jtaffi l-agħar forom ta' faqar u jipprova jbiddel il-pożizzjoni relattiva tagħhom (jerfagħhom mill-faqar). Dan l-indikatur huwa kklassifikat bħala indikatur ta' riżultat fl-att ta' delega sussegwentement adottat (UE 1255/2014), li jinkludi lista ta' indikaturi komuni ta' inputs, outputs u tar-riżultati.*

*In-numri ta' dawk li jirċievu assistenza diġà jipprovdu indikazzjoni tal-kontribut tal-FEAD biex itaffi l-privazzjoni serja alimentari u materjali. In-natura tal-fond ma jagħmiliex possibbli (ċertament ma jkunx kosteffettiv) li tingħata informazzjoni dwar "it-titjib miksub bħala riżultat tal-għoti ta' appoġġ". Dan it-titjib ikun l-impatti tal-appoġġ mogħti li jmur lil hinn min-natura ta' monitoraġġ tal-indikaturi.*

([59]) Ara l-Pjan ta' Ġestjoni 2014 tad-DĠ AGRI, p. 35 (http://ec.europa.eu/atwork/synthesis/amp/index_en.htm).

## PARTI 4 – RIŻULTATI TAL-AWDITU TAGĦNA DWAR IL-PRESTAZZJONI

3.76. Ir-rapporti speċjali tagħna jeżaminaw jekk il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba jiġux applikati għall-infiq tal-UE. Aħna nagħżlu s-suġġetti għar-rapporti speċjali – oqsma baġitarji speċifiċi jew temi ta' ġestjoni – biex ikun hemm impatt massimu, ibbażati fuq firxa ta' kriterji, bħal-livell ta' introjtu jew l-infiq involut, ir-riskji għall-ġestjoni finanzjarja tajba u l-grad ta' interess tal-partijiet interessati. Fl-2014 adottajna ([60]) 24 rapport speċjali, kif elenkati fl-***Anness 3.1***.

3.77. Kull rapport speċjali fih innifsu jikkostitwixxi kontribut importanti biex il-partijiet awditjati jkollhom obbligu ta' rendikont għall-ġestjoni tagħhom ta' flus l-UE, u biex jgħinhom jagħmlu titjib fil-futur. B'kollox, dawn ir-rapporti speċjali jkopru l-firxa sħiħa taċ-ċiklu tal-ħajja tal-ġestjoni, mill-konċepiment sal-evalwazzjoni. Għaldaqstant, f'ħafna każijiet, dawn jinkludu informazzjoni dwar il-punt sa fejn il-finanzjament mill-UE wassal għal riżultati tanġibbli. Ir-rapport annwali tal-attività ([61]) tagħna jippreżenta sommarji fil-qosor tar-rapporti speċjali 2014, miġbura flimkien taħt l-intestaturi tal-QFP 2014-2020.

3.78. Fir-rapporti annwali tas-snin preċedenti, ħriġna għadd limitat ta' temi, iġġudikati li huma ta' rilevanza partikolari, minn madwar il-firxa ta' rapporti speċjali ([62]) ta' dik is-sena. F'dan ir-rapport annwali, aħna nenfasizzaw, għall-oqsma eżaminati, jekk kienx hemm fokus fuq ir-riżultati u jekk intgħażlux il-proġetti li x'aktarx iwasslu valur massimu għall-flus.

([60]) Adottat ifisser approvat għall-pubblikazzjoni.

([61]) Ara r-Rapport Annwali tal-Attività 2014 tal-Qorti, pp. 17 sa 32 (http://eca.europa.eu).

([62]) Fir-Rapport Annwali 2011, dawn it-temi kienu l-analiżi tal-ħtiġijiet, it-tfassil, u l-valur miżjud tal-UE; fir-Rapport Annwali 2012 dawn kienu l-objettivi u l-indikaturi, id-*data* dwar il-prestazzjoni, u s-sostenibbiltà ta' proġetti ffinanzjati mill-UE; u fir-Rapport Annwali 2013 dawn kienu l-valur miżjud tal-UE u d-deadweight.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Sibna fokus dgħajjef fuq ir-riżultati

3.79. Il-paragrafi 3.57 sa 3.60 analizzaw in-nuqqas ta' fokus fuq ir-riżultati fil-ftehimiet ta' sħubija. L-importanza ta' din il-kwistjoni tqajmet ukoll fl-analiżi panoramika 2014 tagħna dwar ir-riskji għall-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tal-UE [63]. F'dik l-analiżi ddikjarajna li nuqqas ta' informazzjoni dwar x'kien verament inkiseb mill-finanzjament jista' jkun waħda mir-raġunijiet wara valur baxx għall-flus (il-paragrafu 25(l)). L-analiżi appellat għal sistema robusta ta' ġestjoni tal-prestazzjoni, b'indikaturi tal-prestazzjoni definiti b'mod ċar, applikati universalment li jiffokaw fuq l-outputs, l-eżiti u l-impatti [64].

3.80. Pereżempju, ikkonkludejna li s-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni użati mill-EuropeAid ma jipprovdux informazzjoni adegwata dwar ir-riżultati miksuba. Bħalma nnota dan ir-rapport, mhijiex l-ewwel darba li indikajna din id-dgħufija [65].

3.81. Konklużjoni simili ntlaħqet fil-każ ta' rapport speċjali dwar il-Fond għall-Fruntieri Esterni, fejn dgħufijiet fil-monitoraġġ u r-rapporti finali, fis-sistemi tal-IT u fl-evalwazzjonijiet *ex post* kienu jfissru li l-awtoritajiet responsabbli ma mmonitorjawx il-ksib tar-riżultati jew immonitarjawh b'mod insuffiċjenti. B'konsegwenza ta' dan, aħna – kif ukoll l-Istati Membri u l-Kummissjoni – ma stajniex nivvalutaw il-punt sa fejn il-Fond kien appoġġa l-prijoritajiet stabbiliti għalih [66].

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.80.** *Id-dgħjufija rrappurtata fir-rapporti preċedenti ma kinitx tikkonċerna l-evalwazzjoni, iżda s-sistema ta' rappurtaġġ ta' EuropeAid, li kienet ikkunsidrata bħala li ma tipprovdix biżżejjed informazzjoni dwar ir-riżultati, u li tkun iffukata aktar fuq attivitajiet implimentati milli fuq kisbiet ta' politika.*

**3.81.** *Il-qafas ġuridiku għall-2014–2020 għas-suċċessur tal-FFE, tal-Fond għas-Sigurtà Interna, jindirizza l-biċċa l-kbira tal-preokkupazzjonijiet imqajma fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri. B'mod partikolari, dan jinkludi qafas ta' rappurtaġġ u sorveljanza msaħħa bbażata fuq sistema ta' indikaturi komuni kif ukoll ta' sistema elettronika apposta, SFC2014. Skont il-qafas ta' implimentazzjoni l-ġdid, l-Istati Membri se jkunu obbligati li jirrapportaw kull sena dwar ir-riżultati miksuba permezz tal-fondi.*

(63) Ara l-analiżi panoramika tal-Qorti: "Nagħmlu l-aħjar użu minn flus l-UE: analiżi panoramika tar-riskji għall-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tal-UE" tal-25 ta' Novembru 2014 (http://eca.europa.eu). Din kienet waħda minn żewġ analiżijiet bħal dawn ippubblikati fl-2014; l-oħra kienet dwar 'Lakuni, duplikazzjonijiet u sfidi: analiżi panoramika tal-arranġamenti tal-UE fir-rigward tal-obbligu ta' rendikont u tal-awditjar pubbliku" tal-10 ta' Settembru 2014 (http://eca.europa.eu).

(64) Ara l-analiżi panoramika tal-Qorti: "Nagħmlu l-aħjar użu minn flus l-UE: analiżi panoramika tar-riskji għall-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tal-UE", il-paragrafi 25(l) u 54(c) (http://eca.europa.eu).

(65) Ir-Rapport Speċjali Nru 18/2014, "Sistemi ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati, tal-EuropeAid", il-paragrafi 69 u 51 sa 52 (http://eca.europa.eu).

(66) Ir-Rapport Speċjali Nru 15/2014, "Il-Fond għall-Fruntieri Esterni rawwem solidarjetà finanzjarja iżda jeħtieġ kejl aħjar tar-riżultati u jeħtieġ jipprovdi valur miżjud ulterjuri tal-UE", il-paragrafi 76 sa 77 (http://eca.europa.eu).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.82. Fir-rapport speċjali tagħna dwar l-effettività tal-kombinament ta' għotjiet tal-faċilitajiet ta' investiment reġjonali ma' selfiet minn istituzzjonijiet finanzjarji għall-appoġġ ta' politiki esterni tal-UE, ikkonkludejna li l-benefiċċji potenzjali ta' dan il-kombinament ma mmaterjalizzawx għalkollox minħabba nuqqasijiet fl-immaniġġjar mill-Kummissjoni. Aħna rrakkomandajna li l-Kummissjoni timplimenta qafas għall-kejl tar-riżultati li jinkludi indikaturi għas-segwitu tal-impatt tal-għotjiet mill-UE, u tipprovdi istruzzjonijiet ċari lid-delegazzjonijiet tal-UE dwar ir-rwol tagħhom fil-monitoraġġ tal-appoġġ tal-UE għal proġetti kkombinati ([67]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.82.** *Il-Kummissjoni tinnota li r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport huma konformi bis-sħiħ mal-proċess ta' riforma reċenti tal-faċilitajiet reġjonali u max-xogħol tekniku mwettaq u mal-konklużjonijiet ippreżentati permezz tal-Pjattaforma tal-UE għat-Taħlit fil-Kooperazzjoni Esterna (EUBEC).*

*Il-qafas ta' kejl tar-riżultati diġà ġie stabbilit u inkluż fil-formola ta' applikazzjoni mal-linji gwida ta' akkumpanjament.*

*Qed jitħejja manwal dwar l-operazzjonijiet ta' taħlit, li jiġbor fil-qosor il-karatteristiċi ewlenin, il-modalitajiet u l-aspetti operattivi (inkluż il-monitoraġġ) tat-taħlit. Huwa jipprovdi gwida ġenerali dwar l-operazzjonijiet ta' taħlit għal, inter alia, id-delegazzjonijiet tal-UE.*

## Il-proġetti li x'aktarx iwasslu impatt massimu mhux dejjem intgħażlu

3.83. Ir-Rapport Annwali 2013 tagħna indika l-problema li, għall-Istati Membri, is-sindrome "tużahom jew titlifhom" jfisser li l-infiq tal-flus disponibbli tal-UE jista' jsir ta' importanza prevalenti meta jintgħażlu proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati ([68]). Din ix-xejra tintwera aktar f'għadd ta' rapport speċjali mill-2014.

**3.83.** *Skont il-qafas legali 2014–2020 issa huwa obbligatorju li l-kontribut ta' operazzjoni għar-riżultati mistennija ta' ass prijoritarju tiġi inkluża fil-kriterji tal-għażla.*

([67]) Ir-Rapport Speċjali Nru 16/2014, "L-effettività tal-kombinament ta' għotjiet tal-faċilitajiet ta' investiment reġjonali ma' selfiet minn istituzzjonijiet finanzjarji għall-appoġġ ta' politiki esterni tal-UE", il-paragrafi 53 u 59 (http://eca.europa.eu).

([68]) Ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 10.57.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.84. L-Istati Membri jistgħu jużaw il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali biex jiffinanzjaw l-inkubaturi tan-negozju, biex jappoġġaw it-tkabbir ta' intrapriżi żgħar u medji. Fir-rapport speċjali tagħna dwar dan is-suġġett sibna Ii l-kriterji dgħajfa tal-għażla u n-nuqqas ta' għanijiet ta' żvilupp għal kumpaniji ospitati kellhom impatt negattiv fuq l-effettività tal-inkubaturi awditjati, u affettwaw b'mod avvers l-effiċjenza kumplessiva tal-attivitajiet ta' inkubazzjoni tagħhom. Il-proċedura għall-għażla ta' inkubaturi għall-kofinanzjament ma kinitx ikkunsidrat b'mod xieraq bosta elementi li huma kruċjali għall-attività ta' inkubazzjoni, bħall-kwalifiki tal-persunal, l-ambitu u r-rilevanza tas-servizzi ta' inkubazzjoni, u s-sostenibbiltà finanzjarja ([69]).

3.85. Fl-awditu tagħna tal-appoġġ għall-akkwakultura mill-Fond Ewropew għas-Sajd, ikkonkludejna li l-proġetti awditjati fl-Istati Membri spiss ma ntgħażlux b'mod tajjeb biżżejjed. Pereżempju, xi proġetti kienu diġà ġew ikkompletati meta ttieħdet id-deċiżjoni li tingħata l-għajnuna; f'xi pajjiżi l-baġit disponibbli għal miżuri għall-appoġġ tal-akkwakultura kien akbar mill-valur totali tal-applikazzjonijiet riċevuti, jiġifieri li l-proġetti kollha li kienu jissodisfaw il-kriterji bażiċi ta' eliġibbiltà ngħataw finanzjament; u f'pajjiż wieħed il-proġetti ġew iffininazjati fuq bażi ta' "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel", bir-riżultat li, irrispettivament mill-kwalità, il-proġetti ppreżentati aktar tard fil-perjodu ta' programmazzjoni ġew irrifjutati mill-ewwel, peress li l-baġit kien ġie eżawrit ([70]).

## IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.84.** *Il-Kummissjoni tilqa' l-konklużjoni tal-Qorti li tikkonċerna l-kontribuzzjoni finanzjarju tal-FEŻR għall-ħolqien ta' infrastruttura tan-negozju.*

*Il-Kummissjoni tinnota li l-klassifikazzjoni tal-prestazzjoni tal-inkubaturi awditjati bħala dgħajfa hija bbażata fuq it-tqabbil tar-riżultati ta' dawn l-inkubaturi stabbiliti aktar reċentement mal-livelli ta' referenza stabbiliti minn inkubaturi stabbiliti sew u iktar maturi. B'mod partikolari, fl-Istati Membri li ssieħbu mal-UE fl-2004 u wara, dan it-tip ta' infrastruttura tan-negozju kienet nieqsa fl-imgħoddi u huwa biss issa li qiegħda tinbena, anki b'appoġġ mill-Fondi Strutturali. Għalhekk, ma nkisbitx ħafna esperjenza u għandhom isiru aktar sforzi biex wieħed jitgħallem aħjar kif għandhom jintużaw dawn l-infrastrutturi b'mod effettiv biex jingħata appoġġ adegwat lil ideat ġodda għan-negozju/negozji ġodda.*

*Barra minn hekk, skont il-qafas legali 2007–2013, il-proċess ta' valutazzjoni u ta' għażla tal-proġetti jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali, l-awtorità ta' ġestjoni u l-kumitat ta' monitoraġġ, u r-rwol tal-Kummissjoni jkun biss wieħed konsultattiv f'dan tal-aħħar. Skont il-qafas ġuridiku 2014–2020 issa huwa obbligatorju li l-kontribuzzjoni ta' operazzjoni għar-riżultati mistennija ta' ass prijoritarju tiġi inkluża fil-kriterji tal-għażla.*

**3.85.** *Taħt ġestjoni konġunta, ir-responsabbiltà li jintgħażel u jingħata appoġġ lill-proġetti tinsab f'idejn l-Istati Membri, li għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula jkollhom valur addizzjonali.*

*F'konformità mal-evoluzzjoni ġenerali tal-Fondi SIE, il-koleġiżlaturi u l-Kummissjoni saħħew b'mod konsiderevoli s-sistemi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni biex tissaħħaħ l-orjentazzjoni lejn r-riżultati tal-FEMS.*

*Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jadottaw il-kriterji xierqa ta' għażla għall-proġetti tal-akwakultura tagħhom għall-perjodu ta' programmar 2014–2020.*

([69]) Ir-Rapport Speċjali Nru 7/2014, "Il-FEŻR appoġġa b'suċċess l-iżvilupp ta' inkubaturi tan-negozju?", il-paragrafu 58 u s-sommarju Eżekuttiv V (http://eca.europa.eu).

([70]) Ir-Rapport Speċjali Nru 10/2014 "L-effettività tal-appoġġ għall-akkwakultura mill-Fond Ewropew għas-Sajd", il-paragrafu 62 u l-Kaxxa 8 (http://eca.europa.eu).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.86. L-effett potenzjali ta' għażla dgħajfa tal-proġetti jintwera fir-rapport speċjali tagħna dwar l-infrastrutturi tal-ajruporti ffinanzjati mill-UE. Il-ħtieġa għal investimenti bħal dawn setgħet tiġi ddimostrata biss għal madwar nofs il-proġetti eżaminati; madwar terz tal-ajruporti eżaminati ma kinux irendu profitt u kienu qed jirriskjaw li jingħalqu mingħajr appoġġ finanzjarju pubbliku kontinwu. Il-konklużjoni kumplessiva tagħna kienet li l-investimenti ffinanzjati mill-UE kienu jirrappreżentaw valur baxx għall-flus ([71]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.86.** *Skont il-qafas legali 2007–2013, il-Kummissjoni tista' direttament tivvaluta u tapprova proġetti infrastrutturali tal-ajruporti biss jekk dawn ikunu proġetti maġġuri. Fil-valutazzjoni ta' 17-il proġett ewlieni li rċeviet, il-Kummissjoni tat attenzjoni sinifikanti għal kunsiderazzjonijiet ta' valur għall-flus, b'mod partikolari għall-analiżi tad-domanda u għas-sostenibbiltà finanzjarja tal-infrastruttura. Pereżempju, il-Kummissjoni ħeġġet lill-awtoritajiet nazzjonali biex jabbandunaw ċerti proġetti ([8]) minħabba nuqqas ta' domanda u t-tħassib marbut mas-sostenibbiltà finanzjarja ta' dawn l-ajruporti.*

*Diġà ttieħdu lezzjonijiet mill-esperjenza tal-passat, kif jidher mill-approċċ radikalment differenti fil-perjodu 2014–2020 ([9]) u bl-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' atti ddelegati u atti ta' implimentazzjoni rigward proġetti kbar, biex b'hekk ikompli jitjieb il-proċess ta' analiżi tal-kwalità u tal-elementi ta' kwalità tal-analiżi tal-kost-benefiċċju li jridu jiġu rrispettati mill-proġetti ewlenin kollha.*

## KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

### Il-konklużjoni għall-2014

3.87. Il-perjodi koperti mill-istrateġija tal-UE, fuq 10 snin u miċ-ċiklu baġitarju fuq 7 snin tagħha mhumiex allinjati. Ir-riżultat huwa li, peress li huwa diffiċli ħafna li jiġu emendati l-proċeduri ta' rappurtar li huma l-bażi għall-baġit matul il-perjodu kopert, l-abbiltà tal-Kummissjoni li timmonitorja l-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE għall-istrateġija Ewropa 2020 hija limitata għall-ewwel nofs tal-perjodu tal-istrateġija (ara l-paragrafi 3.7 sa 3.12).

**3.87.** *Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi 3.7 sa 3.12.*

3.88. L-Ewropa 2020 hija strateġija ta' firxa wiesgħa, fuq terminu twil, li teħtieġ l-aċċettazzjoni mit-28 Stat Membru kollha kif ukoll tal-UE. B'konsegwenza ta' dan, l-għanijiet prinċipali tagħha – "tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv", kienu neċessarjament ta' livell għoli. Taħt dawn l-aspirazzjonijiet politiċi, hemm arkitettura kumplessa li tinkludi ħames miri ewlenin, seba' inizjattivi emblematiċi u, għall-fondi SIE 11-il objettiv tematiku. Madankollu, dawn id-diversi gradi, individwalment jew kollha flimkien, mhumiex imfassla biex jikkonkretizzaw l-aspirazzjonijiet politiċi tal-Ewropa 2020 f'objettivi operazzjonali utli (ara l-paragrafi 3.13 sa 3.25).

**3.88.** *It-traduzzjoni tal-objettivi ta' Ewropa 2020 u l-11-il objettiv tematiku f'objettivi operattivi utli iseħħ fil-livell tal-programm. Barra minn hekk, l-istimi dwar ir-riżultati tal-Fondi SEI isiru fuq il-bażi ta' eżerċizzji ta' mmudellar u jiġu rrappurtati, pereżempju, f'Rapporti ta' Koeżjoni rispettivi (li skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat għandhom jiġu ppubblikati kull tliet snin).*

([71]) Ir-Rapport Speċjali Nru 21/2014, "Infrastrutturi tal-ajruporti ffinanzjati mill-UE: valur baxx għall-flus", il-paragrafi 68 sa 70 (http://eca.europa.eu).

([8]) *Pereżempju ajruporti f'Kielce, u f'Bialystok.*

([9]) *Pereżempju l-eżistenza ta' pjanijiet tat-trasport fil-livell reġjonali jew nazzjonali identifikati bħala kondizzjonalità ex ante speċifika, l-investimenti limitati biex titjieb il-prestazzjoni ambjentali jew il-karatteristiċi ta' sikurezza tal-infrastrutturi, l-attenzjoni matul in-negozjati dwar il-programmi FEŻR 2014–2020 fuq l-ajruporti li jappartjenu għan-netwerk ewlieni TEN-T, eċċ.*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 3.89. Sa issa, il-Kummissjoni rrappurtat dwar il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE għall-objettivi tal-Ewropa 2020 b'mod limitat. Fost il-kawżi ta' dan hemm in-nuqqas ta' informazzjoni ta' kwalità tajba. Is-sjieda fi ħdan il-Kummissjoni u fl-Istati Membri tal-miri u r-riżultati tal-istrateġija hija prerekwiżit għal sistema robusta ta' monitoraġġ u rappurtar (ara l-paragrafi 3.26 sa 3.34). | **3.89.** *Il-programmi ta' finanzjament għall-2007–2013 ma kinux imfassla b'mod speċifiku biex jikkontribwixxu għall-istrateġija Ewropa 2020. Fil-każ tal-programmi 2014–2020, ir-rappurtar obbligatorju ta' dejta strutturata se jippermettu monitoraġġ u rapportar sodi dwar il-kontribut tal-baġit tal-UE għall-objettivi ta' Ewropa 2020, li għandhom jiġu appoġġati permezz ta' evalwazzjonijiet.*<br><br>*Fir-rigward tas-sjieda tar-riżultati, imsemmija fil-paragrafu 3.33, il-Kummissjoni ttenni li jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn ir-responsabbiltà diretta għat-tmexxija tal-programmi finanzjarji u r-riżultati u l-impatti ġġenerati minn dawn il-programmi, li jikkonċernaw wkoll ir-responsabbiltà tal-koleġiżlaturi u tal-Istati Membri. Il-prestazzjoni ġenerali tal-programmi hija influwenzata b'mod ugwali minn diversi fatturi esterni fis-soċjetà u fl-ekonomija.* |
| 3.90. Il-kombinament tal-ħames fondi SIE f'regolament umbrella wieħed u fi ftehim ta' sħubija wieħed għal kull Stat Membru joffri vantaġġi potenzjali f'termini tal-koerenza tal-azzjoni tal-UE. Madankollu, dawn il-benefiċċji potenzjali ma mmaterjalizzawx għalkollox. Regoli differenti se jibqgħu japplikaw fil-livell tal-fondi u għaldaqstant tal-programmi. Eżempji ta' komplementarjetà u sinerġija fil-ftehimiet ta' sħubija u fil-programmi eżaminati kienu rari u superfiċjali (ara l-paragrafi 3.39 sa 3.43). | |
| 3.91. Il-miri ta' livell għoli tal-Ewropa 2020 mhumiex sistematikament ikkonkretizzati f'miri operazzjonali fil-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi, u l-leġiżlazzjoni ma teħtieġx li l-FAEŻR u l-FEMS jiġu strutturati madwar objettivi tematiċi. Għalhekk se jkun diffiċli ħafna għall-Kummissjoni li timmonitorja u tirrapporta b'mod konsistenti dwar l-objettivi tematiċi għall-ħames fondi SIE kollha u b'hekk dwar il-kontribuzzjoni minn dawn il-fondi għall-Ewropa 2020 (ara l-paragrafi 3.44 sa 3.48). | **3.91.** *Il-Kummissjoni se tkun tista' tirrapporta dwar ir-riżultati mistennija tal-objettiv għat-tkabbir u l-impjiegi permezz ta' sostenn FSIE sa tmiem l-2015 permezz tar-rapport tal-Artikolu 16 bl-użu ta' indikaturi komuni. Mill-2016 'il quddiem, il-Kummissjoni se tirrapporta kull sena lill-Kunsill u lill-Parlament dwar il-kisba progressiva tal-miri fil-programmi.*<br><br>*Jekk jogħġbok ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 3.45.* |
| 3.92. Id-deżinjazzjoni ta' sett ta' indikaturi komuni fir-regolamenti hija tentattiv pożittiv biex tinħoloq *data* konsistenti, fl-Istati Membri kollha, li mbagħad jistgħu jiġu aggregati għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni u r-rapport dwar l-Ewropa 2020 fil-livell Ewropew. Skont il-leġiżlazzjoni, l-Istati Membri mhumiex meħtieġa jinkludu l-indikaturi komuni fil-programmi tagħhom ([72]). Ħlief għal żewġ fondi (il-FEŻR u l-FK), l-indikaturi komuni mhumiex kondiviżi bejn fondi differenti. Indikaturi veri tar-riżultati jeżistu għal tnejn biss mill-ħames fondi SIE. Stadji ewlenin jeżistu biss għall-qafas ta' prestazzjoni u xi drabi l-miri huma ftit li xejn ambizzjużi. Dawn il-fatturi se jagħmluha diffiċli li jsir rappurtar dwar il-kontribuzzjoni mill-fondi SIE għall-Ewropa 2020 (ara l-paragrafi 3.49 sa 3.56). | **3.92.** *Meta jkunu jistgħu jintużaw indikaturi komuni tal-output (jiġifieri fejn dawn ikunu rilevanti), ir-regolament jitlob li dawn jiġu użati u l-Kummissjoni tkun insistiet fuq dan fin-negozjati. Il-Kummissjoni tara biss possibbiltà marġinali għal indikaturi komuni madwar il-fondi l-oħra minħabba l-missjonijiet differenti tal-Fondi u t-tipi differenti ta' investimenti li jappoġġjaw. Il-Kummissjoni tqis li l-obbligu ta' rappurtar mill-Istati Membri fl-2017 u l-2019 se jkun jista' jippermettilha tirrapporta dwar il-kontribuzzjoni tal-Fondi SIE għall-istrateġija Ewropa 2020.* |

([72]) Bl-eċċezzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u l-FAEŻR.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.93. L-eżaminar tagħna ta' ftehimiet ta' sħubija u ta' programmi identifika xi progress f'termini ta' speċifikazzjoni tar-riżultati li għandhom jinkisbu, b'mod partikolari fil-programmi. Madankollu, il-fokus fuq ir-riżultati jrid jitjieb aktar b'mod partikolari għall-ftehimiet ta' sħubija (ara l-paragrafi 3.57 sa 3.60).

3.94. Hemm dgħufijiet fit-tfassil tal-qafas ta' prestazzjoni. Prestazzjoni baxxa f'termini tar-riżultati miksuba ma twassalx għat-telf tar-riżerva ta' prestazzjoni għall-Istati Membri, u s-sanzjonijiet finanzjarji għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni huma limitati f'għadd ta' modi, inkluża l-inabbiltà li jittieħed kont tal-indikaturi tar-riżultati. F'termini tar-riżerva ta' prestazzjoni, is-sena li għaddiet indikajna uħud mir-riskji involuti, u l-eżaminar ta' xi ftehimiet ta' sħubija u ta' programmi din is-sena jindikaw li dawn ir-riskji qed jimmaterjalizzaw (ara l-paragrafi 3.61 sa 3.65).

3.95. Kien hemm xi titjib fir-rappurtar annwali mid-DĠ dwar il-prestazzjoni, notevolment fil-gwida ċentrali. Madankollu, ir-rappurtar mhuwiex adattat għalkollox għat-tranżizzjoni mill-QFP l-antik għall-ġdid u, bħal fis-snin preċedenti, l-objettivi tad-DĠ mhumiex adattati għal skopijiet ta' ġestjoni u fadal diffikultajiet bl-indikaturi għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni (ara l-paragrafi 3.66 sa 3.75).

## Rakkomandazzjonijiet

3.96. L-***Anness 3.2*** juri r-riżultat tal-analiżi tagħna tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2011 u 2012, aħna ppreżentajna ħames rakkomandazzjonijiet. Minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, waħda ma kinitx applikabbli, tlieta ġew implimentati f'xi aspetti u waħda ma ġietx implimentata.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.93.** *Il-programmi eżaminati mill-Qorti kważi kollha kellhom riżultati kwantifikati (anki jekk dawn ma kinux obbligatorji).*

**3.94.** *It-tfassil tal-qafas ta' prestazzjoni huwa r-riżultat ta' diskussjonijiet fost il-koleġiżlaturi. Il-Kummissjoni temmen li l-qafas ta' prestazzjoni fil-fatt għandu effett ta' inċentiv fuq il-prestazzjoni peress li l-ebda ġestur ta' xi ass prijoritarju ma jkun irid jitilef l-aċċess għar-riserva.*

*Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li l-iskop tar-riżerva ta' prestazzjoni mhix biss dak li jiġu pprovduti inċentivi għall-ġesturi tal-programmi, iżda wkoll li jiġi żgurat li r-riżorsi jkunu allokati għal prijoritajiet ta' prestazzjoni għolja. Li jinżammu r-riżorsi fejn ikun hemm potenzjal għall-appoġġ ta' operazzjonijiet sinifikanti, dan jista' jdgħajjef l-impatt globali tal-Fondi. Kif spjegat hawn fuq (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 3.63), l-indikaturi tar-riżultati huma fil-biċċa l-kbira tal-każi mhux xierqa għall-oqfsa tal-prestazzjoni fil-programmi u għall-applikazzjoni ta' sanzjonijiet finanzjarji minħabba kwistjonijiet ta' skedar u l-effett ta' fatturi esterni.*

**3.95.** *Kif imsemmi fit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 3.69, ingħatat attenzjoni speċifika fil-gwida tar-RAA tal-2014 dwar kif għandu jsir ir-rappurtat dwar il-programmi li jitkomplew jew li jitwaqqfu. Barra minn hekk, il-leġislatur seta' wkoll iddeċieda li jibdel l-attenzjoni ta' xi programmi jew li ma jkomplix oħrajn.*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 3.97. Ir-Rakkomandazzjonijiet 1 u 2 li ġejjin jirriżultaw mill-konklużjonijiet tagħna fuq il-parti 1 ta' dan il-kapitolu, li l-fokus tagħha kien l-abbiltà tal-Kummissjoni li timmonitorja u tirrapporta dwar l-Ewropa 2020: | **3.97.** *Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura ġestjoni finanzjarja soda u li jkun hemm prestazzjoni u valur miżjud massimi fl-azzjonijiet meħuda.* |
| — **Rakkomandazzjoni 1**: jeħtieġ li l-istrateġija tal-UE u l-QFP ikunu allinjati aħjar, b'mod partikolari rigward il-perjodu ta' żmien u l-prijoritajiet. Dan kieku jgħin biex jiġi żgurat l-istabbiliment ta' arranġamenti adegwati ta' monitoraġġ u rappurtar, u b'hekk jagħmilha aktar faċli għall-Kummissjoni li tirrapporta b'mod effettiv dwar il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE għall-istrateġija tal-UE. Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti xierqa lil-leġiżlatur biex jindirizza din il-kwistjoni; | *Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.*<br><br>*Filwaqt li l-Kummissjoni mhix f'pożizzjoni li timpenja ruħha li tagħmel proposti speċifiċi lill-leġiżlatur, hija lesta li teżamina s-suġġerimenti tal-Qorti sabiex jiġi żgurat li meta tkun qed tħejji inizjattivi leġiżlattivi relevanti l-prijoritajiet fl-infiq tal-UE ikunu kompletament allinjati mal-objettivi globali tal-politika tagħha. L-Istrateġija Ewropa 2020 bħalissa qed tiġi analizzata bil-ħsieb ta' reviżjoni. Kwalunkwe proposta li l-Kummissjoni tista' tagħmel lil-leġiżlatur sabiex jiġu ffaċilitati r-rappurtar u l-monitoraġġ ikollha tieħu kont tan-natura fundamentalment politika tal-istrateġija.* |
| — **Rakkomandazzjoni 2:** jeħtieġ li l-għanijiet politiċi ta' livell għoli tal-istrateġija tal-UE jiġu kkonkretizzati f'miri operazzjonali utli għall-maniġers. Għas-suċċessur tal-Ewropa 2020, il-Kummissjoni għandha tipproponi lil-leġiżlatur li:<br><br>(a) l-għanijiet politiċi ta' livell għoli jkunu riflessi fl-objettivi fil-livell tal-UE;<br><br>(b) imbagħad, il-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi ([73]) jikkonkretizzaw dawn l-objettivi fil-livell tal-UE fl-objettivi operazzjonali fil-livell tal-Istati Membri; rabta bħal din hija wkoll meħtieġa wkoll għal programmi mmaniġġjati direttament mill-Kummissjoni; | *Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.*<br><br>*L-Istrateġija Ewropa 2020 bħalissa qed tiġi analizzata bil-ħsieb ta' reviżjoni. Kwalunkwe proposta li l-Kummissjoni tista' tagħmel lil-leġiżlatur sabiex jiġu ffaċilitati r-rappurtar u l-monitoraġġ ikollha tieħu kont tan-natura fundamentalment politika tal-istrateġija. Filwaqt li l-Kummissjoni mhijiex f'pożizzjoni li timpenja ruħha li tagħmel proposti speċifiċi lill-leġiżlatur, se tieħu kont tas-suġġerimenti tal-Qorti, flimkien mal-objettivi fil-livell tal-UE, bil-ħsieb li tiħejja proposta bbażata fuq l-evidenza għal wara l-2020 biex jinkiseb l-aktar użu effettiv tal-fondi tal-UE.* |
| — **Rakkomandazzjoni 3**: il-fokus fuq ir-riżultati għandu jiġi rinforzat malajr kemm jista' jkun. Il-Kummissjoni għandha tipproponi lil-leġiżlatur li:<br><br>(a) l-Istati Membri jridu jinkludu fil-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi ([74]) tagħhom ir-riżultati kkwantifikati li l-finanzjament huwa intenzjonat li jikseb.<br><br>(b) Il-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi ([75]) kollha għandhom jinkludu indikaturi komuni tar-riżultati, fejn possibbli kondiviżi mill-fondi differenti, imfassla biex jimmonitorjaw il-progress fil-livelli lokali, tal-Istati Membri u tal-UE.<br><br>(c) Il-qafas ta' prestazzjoni (inkluża kwalunkwe riżerva ta' prestazzjoni) ([76]) għandu jkun ibbażat, kemm jista' jkun, fuq dawn l-indikaturi komuni tar-riżultati. | *Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.*<br><br>*Peress li ftehimiet u l-programmi ta' sħubija 2014–2020 għadhom kemm ġew stabbiliti m'ilux, ikun prematur li jiġu proposti bidliet qabel tkun tista' tiġi vvalutata b'mod sħiħ l-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet il-ġodda relatati mal-prestazzjoni. Il-valutazzjoni tal-punti b'saħħithom u dawk dgħajfa tal-qafas attwali se ssir għat-tħejjija tal-QFP ta' wara l- 2020.*<br><br>*Filwaqt li l-Kummissjoni mhix f'pożizzjoni li timpenja ruħha li tagħmel proposti speċifiċi lill-leġiżlatur għall-QFP li jmiss, se tieħu f'kunsiderazzjoni s-suġġerimenti tal-Qorti, flimkien mar-riżultati tal-istudji li se jsiru li eżaminaw l-effettività tal-mekkaniżmi differenti għat-tisħiħ tal-attenzjoni fuq ir-riżultati fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni, bil-ħsieb li jitħejjew proposti bbażati fuq l-evidenza għal wara l-2020 biex jinkiseb l-aktar użu effettiv tal-fondi tal-UE.* |

([73]) Jew l-ekwivalenti futuri tagħhom.
([74]) Jew l-ekwivalenti futuri tagħhom.
([75]) Jew l-ekwivalenti futuri tagħhom.
([76]) Jew l-ekwivalenti futur tiegħu.

ANNESS 3.1

*RAPPORTI SPEĊJALI ADOTTATI MILL-QORTI TAL-AWDITURI FL-2014*

— Nru 1/2014 “L-effettività tal-proġetti għat-trasport urban pubbliku appoġġati mill-UE”
— Nru 2/2014 “L-arranġamenti kummerċjali preferenzjali huma ġestiti b’mod xieraq?”
— Nru 3/2014 “Tagħlimiet mill-iżvilupp imwettaq mill-Kummissjoni Ewropea tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen tta-tieni ġenerazzjoni (SIS II)”
— Nru 4/2014 “Integrazzjoni tal-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma fi ħdan il-PAK: suċċess parzjali”
— Nru 5/2014 “Is-superviżjoni bankarja Ewropea li qed tieħu forma – l-EBA u l-kuntest dejjem jinbidel tagħha”
— Nru 6/2014 “L-appoġġ mill-fondi taħt il-politika ta’ Koeżjoni għall-ġenerazzjoni ta’ enerġija rinnovabbli – inkisbu riżultati tajbin?”
— Nru 7/2014 “Il-FEŻR appoġġa b’suċċess l-iżvilupp ta’ inkubaturi tan-negozju?”
— Nru 8/2014 “Il-Kummissjoni mmaniġġjat b’mod effettiv l-integrazzjoni ta’ appoġġ akkoppjat fl-Iskema ta’ Pagament Uniku?”
— Nru 9/2014 “L-appoġġ tal-UE għal investiment u promozzjoni għas-settur tal-inbid huwa mmaniġġjat tajjeb u r-riżultati tiegħu dwar il-kompetittività tal-inbejjed tal-UE huma dimostrati?”
— Nru 10/2014 “L-effettività tal-appoġġ għall-akkwakultura mill-Fond Ewropew għas-Sajd”
— Nru 11/2014 “L-istabbiliment tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna”
— Nru 12/2014 “Il-FEŻR huwa effettiv biex jiffinanzja proġetti li jippromwovu direttament il-bijodiversità taħt l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020?”
— Nru 13/2014 “Appoġġ mill-UE għar-riabilitazzjoni wara t-terremot f’Ħaiti”
— Nru 14/2014 “L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE kif jikkalkolaw, inaqqsu u jpaċu l-emissjonijiet tagħhom ta’ gassijiet serra?”
— Nru 15/2014 “Il-Fond għall-Fruntieri Esterni rawwem solidarjetà finanzjarja iżda jeħtieġ kejl aħjar tar-riżultati u jeħtieġ jipprovdi valur miżjud ulterjuri tal-UE”
— Nru 16/2014 “L-effettività tal-kombinament ta’ għotjiet tal-faċilitajiet ta’ investiment reġjonali ma’ selfiet minn istituzzjonijiet finanzjarji għall-appoġġ ta’ politiki esterni tal-UE”
— Nru 17/2014 “L-inizjattiva tal-UE dwar iċ-Centri ta’ Eċċellenza tista’ tikkontribwixxi b’mod effettiv għall-mitigazzjoni ta’ riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari li jkunu ġejjin minn barra l-UE?”
— Nru 18/2014 “Sistemi ta’ evalwazzjoni u ta’ monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati, tal-EuropeAid”
— Nru 19/2014 “L-Assistenza ta’ Qabel l-Adeżjoni tal-UE lis-Serbja”
— Nru 20/2014 “L-appoġġ taħt il-FEŻR lill-SMEs fil-qasam tal-kummerċ elettroniku kien effettiv?”
— Nru 21/2014 “Infrastrutturi tal-ajruporti ffinanzjati mill-UE: valur baxx għall-flus”
— Nru 22/2014 “Il-ksib ta’ ekonomija: inżommu l-ispejjeż tal-għotjiet għal proġetti tal-iżvilupp rurali ffinanzjati mill-UE taħt kontroll”
— Nru 23/2014 “Żbalji fin-nefqa għall-iżvilupp rurali: x’jikkawżahom, u kif qed jiġu indirizzati?”
— Nru 24/2014 “L-appoġġ mill-UE għall-prevenzjoni u r-restawr ta’ ħsara għall-foresti kkawżata minn nirien u diżastri naturali huwa mmaniġġjat tajjeb?”

ANNESS 3.2

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦALL-KWISTJONIJIET TA' PRESTAZZJONI*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli (*) | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2012 | **Rakkomandazzjoni 1:** il-Kummissjoni u l-leġiżlatur għandhom jiżguraw li jkun hemm fokus fuq il-prestazzjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss (2014-2020). Dan jirrikjedi li għadd limitat ta' objettivi speċifiċi biżżejjed, b'indikaturi rilevanti u b'riżultati u impatti mistennija, jiġu stabbiliti fir-regolamenti speċifiċi għassettur jew b'xi mod vinkolanti ieħor. | | | X | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2:** il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm rabta ċara bejn l-attivitajiet tad-Direttorati Ġenerali u l-objettivi stabbiliti. Waqt l-identifikazzjoni ta' dawn l-objettivi kull DĠ għandu jieħu kont tal-mod ta' ġestjoni rilevanti, fejn applikabbli, u tar-rwol u r-responsabbiltajiet tiegħu. | | | | X | | | |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 1:** Il-Kummissjoni għandha, fit-tfassil ta' programmi ġodda ta' nfiq, tfittex li tiffoka l-attivitajiet tagħha fuq ir-riżultati u l-impatti li hija trid tikseb. Jekk ir-riżultati u l-impatti ma jistgħux jitkejlu faċilment, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi indikaturi u stadji importanti importanti, ibbażati fuq objettivi "SMART" li juru li l-attivitajiet tagħha jappoġġaw l-għanijiet mixtieqa tagħha. | | | X | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2:** Il-Kummissjoni għandha taħdem mal-Istati Membri bil-ħsieb li ttejjeb il-kwalità u l-puntwalità tad-*data* ppreżentata. B'mod partikolari, hija għandha tuża kwalunkwe tagħlim li jista' tinkiseb mill-passi li qegħdin jittieħdu fil-fondi SIE biex l-Istati Membri jingħataw inċentivi biex jipprovdu *data* dwar il-prestazzjoni ta' kwalità għolja. | | | X | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3:** Għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, 2014-2020, il-Kummissjoni għandha turi u tirrapporta dwar kif hija tiżgura l-valur miżjud tal-UE. | | | | | X | | |

(*) Bħalissa, ma hemmx rappurtar għall-perjodu 2014-2020.

KAPITOLU 4

# Dħul

WERREJ


| | Paragrafu |
|---|---|
| Introduzzjoni | 4.1-4.4 |
| Karatteristiċi speċifiċi tad-dħul | 4.2-4.3 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 4.4 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 4.5 |
| Eżaminar tas-sistemi u tar-rapporti annwali tal-attività magħżula | 4.6-4.25 |
| Riżorsi proprji bbażati fuq l-ING | 4.6-4.17 |
| Riżorsi proprji tradizzjonali | 4.18-4.23 |
| Riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT | 4.24 |
| Rapporti annwali tal-attività | 4.25 |
| Konklużjoni u Rakkomandazzjonijiet | 4.26-4.28 |
| lI-konklużjoni għall-2014 | 4.26 |
| Rakkomandazzjonijiet | 4.27-4.28 |

Anness 4.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għad-dħul

Anness 4.2 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għad-dħul

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

4.1. Dan il-kapitolu jippreżenta l-valutazzjoni speċifika tad-dħul, li jinkludi r-riżorsi proprji u dħul ieħor. Informazzjoni ewlenija dwar id-dħul fl-2014 tingħata fil-***Graff 4.1***.

**Graff 4.1 – Dħul**

*(EUR biljun)*




*Sors:* Il-kontijiet konsolidati 2014 tal-Unjoni Ewropea.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Karatteristiċi speċifiċi tad-dħul

4.2. Il-biċċa l-kbira mid-dħul jirriżulta mir-riżorsi proprji (90 %) ([1]) jiġifieri kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri ([2]), li minnhom hemm tliet kategoriji:

— Ir-riżors proprju bbażat fuq l-introjtu nazzjonali gross (ING) (66 % tad-dħul) jirriżulta mill-applikazzjoni ta' rata uniformi għall-ING tal-Istati Membri. Il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri huwa bbażat fuq *data* prevista dwar l-ING ([3]). Wara li jittieħdu inkunsiderazzjoni s-sorsi l-oħra kollha tad-dħul, ir-riżors proprju bbażat fuq l-ING jintuża biex jiġi bbilanċjat il-baġit tal-UE ([4]). Ir-riskji prinċipali huma li l-istatistika ta' bażi ma tiġix ikkompilata f'konformità mar-regoli tal-Unjoni jew li ma tiġix ipproċessata mill-Kummissjoni skont dawn ir-regoli fil-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, inklużi bilanċi u aġġustamenti. Riskji oħra huma li l-verifikazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni tad-*data* dwar l-ING tal-Istati Membri ma jkunux effiċjenti,

— Ir-riżorsi proprji tradizzjonali (RPT) (12 %) huma d-dazji doganali miġbura fuq l-importazzjonijiet u l-imposti fuq il-produzzjoni taz-zokkor. Dawn jiġu stabbiliti u jinġabru mill-Istati Membri. Tliet kwarti jitħallsu lill-baġit tal-UE, filwaqt li l-kwart li jifdal jinżamm biex ikopri l-ispejjeż tal-ġbir. Ir-riskji prinċipali fir-rigward tal-RPT huma l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-puntwalità tad-dazji li jsiru disponibbli għall-Unjoni,

([1]) Il-leġiżlazzjoni attwalment fis-seħħ hija d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji) (ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17) u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1377/2014 (ĠU L 367, 23.12.2014, p. 14). Fis-26 ta' Mejju 2014, pakkett leġiżlattiv ġdid dwar ir-Riżorsi Proprji ġie formalment approvat mill-Kunsill. Meta jkun ratifikat mill-Istati Membri, dan jiġi applikat b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2014 'il quddiem.

([2]) Id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji stabbilixxiet tnaqqis li għandu jiġi applikat għal xi Stati Membri għall-kontribuzzjonijiet tal-ING u tal-VAT għall-perjodu 2007-2013. Hekk kif il-pakkett leġiżlattiv il-ġdid jiġi ratifikat (ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna), xi Stati Membri se jibbenefikaw b'mod retroattiv minn tnaqqis għall-perjodu 2014-2020. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji stabbilixxiet ukoll korrezzjoni fir-rigward tal-iżbilanċi baġitarji li tingħata lil Stat Membru wieħed. Din il-korrezzjoni kienet għadha fis-seħħ fl-2014 u se tkompli taħt dan il-pakkett leġiżlattiv il-ġdid.

([3]) Din id-*data* tiġi miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji.

([4]) Kwalunkwe dikjarazzjoni insuffiċjenti (jew dikjarazzjoni eċċessiva) tal-ING għal Stati Membri partikolari – filwaqt li ma taffettwax ir-riżorsi proprji kumplessivi bbażati fuq l-ING – għandha l-effett li żżid (jew tnaqqas) il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri l-oħra, sakemm id-*data* dwar l-ING tiġi kkoreġuta.

— Ir-riżors proprju bbażat fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) (12 %) jirriżulta mill-applikazzjoni ta' rata uniformi għall-bażijiet ta' valutazzjoni, armonizzati nozzjonalment, tal-VAT tal-Istati Membri. Ir-riskji prinċipali jinstabu fil-kompletezza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, fil-preċiżjoni tal-kalkoli magħmula mill-Kummissjoni tal-kontribuzzjonijiet dovuti u fil-puntwalità tal-pagamenti mill-Istati Membri.

4.3. Ir-riskji prinċipali fir-rigward ta' dħul ieħor jinkludu l-ġestjoni ta' multi li titwettaq mill-Kummissjoni, u żbalji fil-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet inkonnessjoni ma' ftehimiet tal-Unjoni/tal-Komunità.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

4.4. L-***Anness 1.1***, il-***parti 2***, tal-Kapitolu 1 jiddeskrivi l-approċċ u l-metodoloġija kumplessivi tal-awditjar tagħna. Għall-awditu tad-dħul għandhom jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin:

(a) Il-valutazzjoni tas-sistemi eżaminati:

(i) is-sistemi tal-Kummissjoni li jiżguraw li d-*data* dwar l-ING tal-Istati Membri tkun xierqa bħala bażi għall-finijiet tar-riżorsi proprji, u s-sistemi tal-Kummissjoni għall-kalkolu u l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING ([5]) kif ukoll il-bilanċi tal-ING (ara l-paragrafu 4.6);

(ii) is-sistemi tal-Kummissjoni għall-RPT ([6]), inkluż il-monitoraġġ minnha tal-awditi *a posteriori* mill-Istati Membri;

(iii) is-sistemi kontabilistiċi għall-RPT fi tliet Stati Membri magħżula (Spanja, l-Awstrija u r-Renju Unit) ([7]) u analiżi tas-sistemi tagħhom għall-awditi *a posteriori*;

([5]) Bħala l-punt tat-tluq tiegħu, l-awditu tagħna ħa d-*data* prevista dwar l-ING li dwarha kien sar qbil. Aħna ma nistgħux ngħaddu ġudizzju dwar il-kwalità tad-*data* li dwarha kien sar qbil bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

([6]) Ara wkoll ir-Rapport Speċjali Nru 2/2014 "L-Arranġamenti Kummerċjali Preferenzjali huma ġestiti b'mod xieraq?" (www.eca.europa.eu)

([7]) Bħala l-punt tat-tluq tiegħu, l-awditu tagħna ħa d-*data* inkluża fis-sistemi kontabilistiċi għall-RPT tal-Istati Membri miżjura. Aħna ma nistgħux inkopru importazzjonijiet li ma ġewx iddikjarati jew dawk li nqabżu mis-sorveljanza doganali.

(iv) is-sistemi tal-Kummissjoni li jiżguraw li r-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u l-bilanċi tal-VAT (ara l-paragrafu 4.6) jiġu kkalkolati u miġbura b'mod korrett ([8]);

(v) il-ġestjoni ta' multi u penali li titwettaq mill-Kummissjoni.

(b) L-awditu kien jinvolvi eżaminar fil-livell tal-Kummissjoni, ta' kampjun ta' 55 ordni ta' rkupru ([9]). Il-kampjun huwa mfassal biex ikun rappreżentant tas-sorsi kollha tad-dħul.

(c) Il-valutazzjoni tar-rapporti annwali tal-attività kienet tinkludi rapporti tad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit (id-DĠ Baġit) u l-Eurostat.

## REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

4.5. L-***Anness 4.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. L-ebda waħda mill-55 tranżazzjoni li eżaminajna ma kienet milquta minn żball.

— L-awditu tal-Qorti ma sab ebda żball fil-kalkolu magħmul mill-Kummissjoni tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri fuq il-bażi tad-*data* dwar il-VAT u l-ING jew fil-pagament tagħhom,

— Il-Qorti sabet li, b'mod kumplessiv, l-ordnijiet ta' rkupru li saru mill-Kummissjoni jirriflettu d-dikjarazzjonijiet tal-RPT mibgħuta mill-Istati Membri,

— L-awditu tal-Qorti ma sab ebda żball fil-kalkoli jew fil-pagamenti ta' tranżazzjonijiet oħra ta' dħul.

([8]) Bħala l-punt tat-tluq tiegħu, l-awditu tagħna ħa l-bażi armonizzata tal-VAT imħejjija mill-Istati Membri. Aħna ma ttestjajniex direttament l-istatistika u d-*data* pprovduta mill-Istati Membri.

([9]) Ordni ta' rkupru hija dokument li fih il-Kummissjoni tirreġistra l-ammonti li huma dovuti lilha.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## EŻAMINAR TAS-SISTEMI U TAR-RAPPORTI ANNWALI TAL-ATTIVITÀ MAGĦŻULA

## Riżorsi proprji bbażati fuq l-ING

**Bilanċi tal-ING**

4.6. Kull sena l-Istati Membri jridu jipprovdu aġġornamenti tad-*data* tagħhom dwar l-ING u l-VAT għas-snin li għadhom suġġetti għal bidla (erba' snin) jew jindirizzaw punti taħt riżerva [10]. Il-Kummissjoni tuża din l-informazzjoni biex tikkalkola mill-ġdid il-kontribuzzjonijiet tal-VAT u tal-ING mill-Istati Membri għas-snin preċedenti (hekk imsejħa bilanċi tal-VAT u tal-ING). Fl-2014 saru aġġornamenti tad-*data* dwar l-ING li wasslu għal aġġustamenti ta' kobor bla preċedent fil-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri – b'ammont ta' EUR 9 813 miljun [11] – (ara t-***Tabella 4.1***). Dawn l-aġġornamenti għad iridu jiġu vvalutati mill-Eurostat, u huwa biss wara li jitneħħew ir-riżervi li ċ-ċifri jitqiesu finali.

4.7. B'mod partikolari, żewġ tipi ta' aġġornamenti kkontribwixxew għal dan l-impatt sinifikanti: dawk li jindirizzaw ir-riżervi u dawk li jirrevedu l-metodu u s-sorsi tal-Istati Membri għall-kompilazzjoni tal-ING tagħhom.

---

(10) Din id-*data* hija suġġetta għal reviżjoni għal mill-inqas erba' snin, u wara dan il-perjodu ssir preskritta, dment li ma jiġux stabbiliti riżervi (ara l-paragrafu 4.14).

(11) L-aġġustament nett laħaq total ta' EUR 9 528 miljun, li jikkorrispondi għal ammont negattiv ta' EUR 285 miljun għall-bilanċi tal-VAT u għal ammont pożittiv ta' EUR 9 813 miljun għall-bilanċi tal-ING.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Riżervi indirizzati*

4.8. Fl-2014, l-Istati Membri indirizzaw il-biċċa l-kbira mir-riżervi relatati mal-ING li kienu ġew stabbiliti fl-2012 ([12]) mill-Kummissjoni fi tmiem iċ-ċiklu tal-verifikazzjoni ([13]) li kien ikopri perjodu li jibda fl-2002 ([14]). B'konsegwenza ta' dan il-perjodu ta' żmien twil (10 snin), il-korrezzjonijiet li rriżultaw kellhom impatt sinifikanti fuq il-kontribuzzjonijiet minn xi Stati Membri. Bħala eżempju, il-bidliet għall-kontribuzzjoni mir-Renju Unit kienu primarjament marbuta mal-ħidma fuq ir-riżervi, li kienu jirrappreżentaw 21 % tal-kontribuzzjoni bba-ġitjata totali mir-Renju Unit għar-riżorsi bbażati fuq il-VAT u fuq l-ING għall-2014 (ara t-***Tabella 4.1***).

4.9. Il-bidliet kbar li rriżultaw mill-ħidma fuq ir-riżervi kienu jiġu mitigati li kieku ċ-ċiklu tal-verifikazzjoni tal-Kummissjoni kien iqsar (li jħalli perjodu iqsar li jkun irid jiġi kkoreġut mill-Istati Membri meta jindirizzaw ir-riżervi). Aħna diġà ġbidna l-attenzjoni għall-fatt li ċ-ċikli twal tal-verifikazzjoni jwasslu għal inċertezza baġitarja għall-Istati Membri ([15]).

4.10. F'Ottubru 2014 il-Kummissjoni infurmat lill-Kumitat tal-ING ([16]) li kellhom l-għan li jikkonkludu ċ-ċiklu tal-verifikazzjoni li jmiss fl-2019. Ir-riżervi (ara l-paragrafu 4.16) stabbiliti fl-2014 ikopru d-*data* tal-2010 dwar l-ING u jistgħu jitneħħew biss wara li ssir analiżi tal-inventarji tal-ING ([17]) tal-Istati Membri mill-Kummissjoni. L-effett huwa li, ladarba ċ-ċiklu tal-verifikazzjoni li jmiss ikun komplet, ir-riżervi jkunu jkopru mill-inqas disa' snin (simili għal dak preċedenti).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.9.** *Se jiġu introdotti miżuri sabiex jitnaqqas it-tul taċ-ċiklu ta' verifika li jmiss tal-Kummissjoni (bl-adozzjoni ta' mudell tal-verifika aktar ibbażat fuq ir-riskju, li jirrispetta l-prinċipju ta' kosteffettività) u riżervi jistgħu jiġu stabbiliti u indirizzati fi stadju aktar bikri, u b'hekk jitnaqqas id-distakk bejn tmiem iċ-ċiklu u r-riżoluzzjoni tar-riżervi).*

**4.10.** *Iċ-ċiklu tal-verifika jibda meta jaslu l-inventarji tal-ING mingħand l-Istati Membri, mhux mill-ewwel sena ta' referenza. L-inventarji se jsiru disponibbli mill-bidu tal-2016. Il-Kummissjoni għamlet impenn biex jitlesta ċ-ċiklu sa tmiem l-2019.*

---

([12]) Fil-Bulgarija u r-Rumanija r-riżervi ġew stabbiliti biss fl-2013.

([13]) Il-perjodu ta' verifikazzjoni mill-Kummissjoni, tas-sorsi u l-metodi użati mill-Istati Membri għall-kompilazzjoni ta' *data* dwar l-ING.

([14]) Għall-Istati Membri li ngħaqdu mal-UE fl-2004 u l-2007, ir-riżervi jkopru perjodu li jibda f'dawk is-snin.

([15]) Ara r-Rapport Speċjali Nru 11/2013 – "Kisba ta' *data* korretta dwar l-ING: approċċ aktar strutturat u ffukat aħjar itejjeb l-effettività tal-verifikazzjoni mill-Kummissjoni", il-paragrafi 68 sa 73 (www.eca.europa.eu).

([16]) Dan il-Kumitat huwa magħmul mir-rappreżentanti tal-Istati Membri u ppresedut mir-rappreżentant tal-Kummissjoni. Huwa jassisti lill-Kummissjoni fil-proċeduri u l-kontrolli tagħha fuq il-kalkolu tal-ING. Ara r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 tal-15 ta' Lulju 2003 dwar l-armonizzazzjoni tad-dħul gross nazzjonali bi prezzijiet tas-suq (ir-Regolament GNI) (ĠU L 181, 19.7.2003, p. 1).

([17]) Inventarju huwa spjegazzjoni dettaljata minn Stat Membru tas-sorsi u l-metodi użati għall-istima tal-ING. Huwa l-bażi għall-valutazzjoni li ssir mill-Eurostat tal-kwalità u l-eżawrjenza tad-*data* dwar l-ING fil-kuntest tal-ING għal skopijiet ta' riżorsi proprji.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Reviżjonijiet ta' metodi u sorsi*

4.11. Ħafna Stati Membri ppreżentaw ukoll reviżjonijiet tal-metodi u s-sorsi tagħhom matul l-2014 li kellhom impatti kbar fuq iċ-ċifri tagħhom tal-ING għas-snin li ma kinux preskritti (l-2010, l-2011 u l-2012). Pereżempju, għal Ċipru u n-Netherlands iż-żieda fil-kontribuzzjonijiet tal-VAT/ING (41 % u 21 % rispettivament) hija primarjament dovuta għal dawn il-fatturi (ara t-***Tabella 4.1***).

4.12. L-impatt ta' dawn ir-reviżjonijiet kbar tal-bilanċi tal-ING seta' kien iżgħar li kieku kienet ġiet stabbilita politika ta' reviżjoni komuni għall-UE, li tarmonizza l-iskeda ta' żmien għal reviżjonijiet kbar. Din kieku ttejjeb il-komparabbiltà tad-*data* bejn l-Istati Membri u tnaqqas ir-riskju ta' aġġustamenti sostanzjali kkawżati minn reviżjonijiet infrekwenti li kull waħda taffettwa għadd kbir ta' snin. Il-Kummissjoni ressqet proposta għal politika bħal din fl-2013 [18]. Għalkemm 19-il Stat Membru indikaw li kienu lesti jallinjaw ruħhom, mill-inqas parzjalment, mal-politika ta' reviżjoni tal-UE sa Settembru 2014, il-Kummissjoni ma ħadet ebda azzjoni ulterjuri biex tintroduċi politika ta' reviżjoni komuni għall-UE.

4.13. L-impatt ta' dawn iż-żewġ tipi ta' aġġornamenti kien tant kbir li l-Kunsill emenda r-Regolament dwar ir-Riżorsi Proprji [19] wara proposta mill-Kummissjoni biex xi Stati Membri jitħallew jipposponu l-pagamenti tagħhom. Seba' Stati Membri [20] talbu li jipposponu l-pagamenti tagħhom (kompletament jew parzjalment) sal-2015. L-ammont totali li ntalab biex jiġi pospost sal-2015 huwa ta' EUR 5 432 miljun.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.12.** *Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-fatt li politika komuni ta' reviżjoni tista' twassal għal reviżjonijiet iżgħar ta' dejta tal-ING, għalkemm dawn isiru aktar frekwenti. Il-Eurostat se tkompli tinvestiga jekk il-benefiċċji ta' politika komuni tal-UE jegħlbux l-iżvantaġġi (eż. in-nuqqas ta' sussidjarjetà, id-dewmien tal-introduzzjoni ta' dejta aktar affidabbli u/jew sorsi u l-possibbiltà li politika bħal din tista' ddewwem ir-riżoluzzjoni tar-riżervi).*

---

(18) Din ġiet ippreżentata lill-Kumitat dwar l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti fl-4 ta' Lulju 2013.

(19) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1377/2014 tat-18 ta' Diċembru 2014 li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej. Ara wkoll l-Opinjoni Nru 7/2014 tal-Qorti dwar proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (www.eca.europa.eu).

(20) Il-Bulgarija, Franza, l-Italja, Ċipru, Malta, is-Slovenja u r-Renju Unit. Minkejja dan, il-Bulgarija għamlet il-bilanċi tal-ING u tal-VAT disponibbli fi tmiem l-2014.

**Tabella 4.1 – Bilanċi tal-VAT/ING għall-2014**

*(EUR miljun)*

| Stat Membru | Bilanċi tal-VAT u tal-ING | Total fil-baġit għall-VAT u għall-ING | Ponderazzjoni tal-bilanċi tal-VAT u tal-ING fit-total ibbaġitjat għall-2014 |
|---|---|---|---|
| | (A) | (B) | (C) = (A)/(B) |
| Il-Belġju | 119 | 3 252 | 3,7 % |
| Il-Bulgarija | 36 | 338 | 10,8 % |
| Ir-Repubblika Ċeka | 79 | 1 131 | 6,9 % |
| Id-Danimarka | - 126 | 2 146 | - 5,9 % |
| Il-Ġermanja | 1 359 | 24 063 | 5,6 % |
| L-Estonja | 7 | 157 | 4,7 % |
| L-Irlanda | 112 | 1 202 | 9,3 % |
| Il-Greċja | 222 | 1 474 | 15,1 % |
| Spanja | 589 | 8 638 | 6,8 % |
| Franza | 562 | 17 933 | 3,1 % |
| Il-Kroazja | - 1 | 359 | - 0,4 % |
| L-Italja | 1 502 | 12 867 | 11,7 % |
| Ċipru | 54 | 131 | 41,1 % |
| Il-Latvja | 25 | 199 | 12,3 % |
| Il-Litwanja | 8 | 286 | 2,6 % |
| Il-Lussemburgu | - 67 | 277 | - 24,2 % |
| L-Ungerija | 40 | 807 | 4,9 % |
| Malta | 18 | 60 | 30,6 % |
| In-Netherlands | 1 103 | 5 205 | 21,2 % |
| L-Awstrija | - 57 | 2 706 | - 2,1 % |
| Il-Polonja | - 27 | 3 282 | - 0,8 % |
| Il-Portugall | 122 | 1 391 | 8,7 % |
| Ir-Rumanija | 75 | 1 172 | 6,4 % |
| Is-Slovenja | 8 | 300 | 2,7 % |
| Is-Slovakkja | - 7 | 578 | - 1,2 % |
| Il-Finlandja | - 34 | 1 669 | - 2,1 % |
| L-Iżvezja | 190 | 3 638 | 5,2 % |
| Ir-Renju Unit | 3 616 | 17 042 | 21,2 % |
| **Total** | **9 528** | **112 303** | **8,5 %** |

*Sors*: Il-Kolonna A, Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) 6/2014; il-Kolonna B, Baġit emendatorju Nru 7 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Ġestjoni tar-riżervi**

4.14. Riżerva hija mezz li permezz tiegħu element dubjuż fid-*data* dwar l-ING ippreżentata minn Stat Membru jista' jinżamm miftuħ għall-korrezzjoni wara l-limitu ta' żmien statutorju ta' erba' snin. Ir-riżervi jistgħu jkunu ġenerali jew speċifiċi. Ir-riżervi ġenerali jkopru l-elementi kollha tal-kompilazzjoni tal-ING. Ir-riżervi speċifiċi jkopru elementi diskreti tal-ING u jistgħu jkunu speċifiċi għat-tranżazzjoni ([21]), trasversali ([22]) jew speċifiċi għall-proċess ([23]). It-***Tabella 4.2*** turi r-riżervi stabbiliti fi tmiem l-2014. Għall-konvenjenza, tinkludi wkoll informazzjoni relatata mal-VAT u l-RPT diskussa aktar tard fil-kapitolu.

**Tabella 4.2 – Riżervi relatati mal-ING/PNG ([24]) mill-Istati Membri, riżervi relatati mal-VAT u punti miftuħa tal-RPT**

| Stat Membru | Riżervi relatati mal-ING/PNG (sitwazzjoni fil-31.12.2014) | Riżervi relatati mal-VAT (sitwazzjoni fil-31.12.2014) | "Punti miftuħa" tal-RPT (sitwazzjoni fil-31.12.2014) |
|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 7 | 5 | 18 |
| Il-Bulgarija | 12 | 7 | 13 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 7 | 0 | 5 |
| Id-Danimarka | 5 | 4 | 21 |
| Il-Ġermanja | 8 | 8 | 10 |
| L-Estonja | 7 | 1 | 3 |
| L-Irlanda | 4 | 6 | 13 |
| Il-Greċja | 15 | 5 | 32 |
| Spanja | 9 | 2 | 21 |
| Franza | 7 | 3 | 40 |
| Il-Kroazja | 0 | 0 | 1 |
| L-Italja | 9 | 11 | 15 |
| Ċipru | 12 | 0 | 6 |
| Il-Latvja | 16 | 1 | 0 |

([21]) Dawn ir-riżervi jkopru tranżazzjoni speċifika tal-ING fi Stat Membru.
([22]) Ir-riżervi trasversali jkopru tranżazzjoni speċifika fl-Istati Membri kollha.
([23]) Użati meta jkun ikkonċernat stadju partikolari tal-proċess, ara l-paragrafu 4.16.
([24]) Ir-riżervi speċifiċi għall-proċess (ara l-paragrafu 4.16) u r-riżervi ġenerali (ara l-paragrafu 4.17) mhumiex inklużi fit-tabella.

| Stat Membru | Riżervi relatati mal-ING/PNG (sitwazzjoni fil-31.12.2014) | Riżervi relatati mal-VAT (sitwazzjoni fil-31.12.2014) | "Punti miftuħa" tal-RPT (sitwazzjoni fil-31.12.2014) |
|---|---|---|---|
| Il-Litwanja | 4 | 0 | 5 |
| Il-Lussemburgu | 6 | 3 | 1 |
| L-Ungerija | 12 | 1 | 9 |
| Malta | 12 | 0 | 2 |
| In-Netherlands | 4 | 7 | 42 |
| L-Awstrija | 6 | 12 | 8 |
| Il-Polonja | 15 | 5 | 11 |
| Il-Portugall | 7 | 0 | 15 |
| Ir-Rumanija | 18 | 2 | 13 |
| Is-Slovenja | 6 | 0 | 0 |
| Is-Slovakkja | 6 | 1 | 3 |
| Il-Finlandja | 6 | 7 | 6 |
| L-Iżvezja | 7 | 5 | 14 |
| Ir-Renju Unit | 12 | 5 | 21 |
| **TOTAL 31.12.2014** | **239** | **101** | **348** |
| TOTAL 31.12.2013 | 283 | 103 | 341 |

*Sors*: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.15. Fi tmiem l-2014, kien hemm 239 (ara t-***Tabella 4.2***) riżerva stabbilita, li minnhom 106 kienu speċifiċi għat-tranżazzjoni u 133 riżerva speċifika trasversali. Matul l-2014, tneħħew 44 riżerva (8 speċifiċi għat-tranżazzjoni u 36 trasversali). Għad hemm pendenti riżerva waħda relatata mal-PNG speċifika għat-tranżazzjoni li hija relatata għall-perjodu 1995–2001 ([25]). Aħna kkalkolajna l-effett finanzjarju tar-riżervi relatati mal-ING li tneħħew fl-2014 ([26]) bħala żieda netta tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING ta' EUR 75,2 miljun ([27]) għas-snin inkwistjoni.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.15.** *Fl-2015 il-Kummissjoni diġà neħħiet 18-il riżerva speċifika u 15-il riżerva trasversali.*

*Il-Kummissjoni tqis li l-effett finanzjarju tar-riżervi tal-ING li tneħħew mhuwiex indikatur xieraq tal-eżitu ta' verifika tar-riżorsi proprji tal-ING u ma jistax jintuża bħala indikatur ta' xi tendenza.*

([25]) Il-prodott nazzjonali gross (PNG) kien l-aggregat tal-kontijiet nazzjonali użat sal-2001.

([26]) Aħna ddeterminajna l-effett finanzjarju tat-tneħħija tar-riżervi billi ħadna kont tal-bidliet kollha għall-bażi tal-ING dovuti għall-impatt tar-riżervi li tneħħew fl-2014 għas-snin li kienu diġà preskritti. Ir-riżervi tneħħew mill-Kummissjoni fl-2014. Madankollu l-effett finanzjarju seħħ fl-2012 u fl-2013, meta r-riżervi ġew indirizzati mill-Istati Membri.

([27]) Il-bilanċ ta' żieda ta' EUR 77,3 miljun u ta' tnaqqis ta' EUR 2,1 miljun.

4.16. Barra minn hekk, ġew stabbiliti 27 riżerva speċifika għall-proċess li jkopru s-sena 2010 – dawn kienu l-uniċi riżervi stabbiliti fl-2014. Huma jkopru s-sena 2010 għal 27 Stat Membru sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq kontroll fuq id-*data* stabbilita skont l-ESA 2010 ([28]). Dan il-kontroll irid ikun ibbażat fuq l-inventarji tal-ING li għad iridu jiġu ppreżentati mill-Istati Membri fl-2015.

**Riżervi ġenerali**

4.17. L-uniċi riżervi ġenerali stabbiliti fi tmiem l-2014, kienu fuq id-*data* tal-Greċja dwar l-ING li kienet tkopri s-snin 2008 u 2009. Għalkemm saru avvanzi fl-indirizzar ta' dawn ir-riżervi, dawn ma tneħħewx u lanqas ma tneħħiet ir-riżerva relatata mal-PNG li ilha pendenti (ara l-paragrafu 4.15). Madankollu, matul l-2014 il-Kummissjoni kompliet issegwi mill-qrib is-sitwazzjoni rigward il-problemi fil-kompilazzjoni tal-kontijiet nazzjonali mill-Greċja u stabbilixxiet programm ta' assistenza teknika bl-objettivi li toħloq Awtorità Nazzjonali tal-Istatistika indipendenti u rinforzata. Aħna nqisu li din il-ħidma għat-titjib tal-affidabbiltà tad-*data* tal-Greċja dwar l-ING hija importanti billi l-kwalità ta' dik id-*data* jista' jkollha impatt fuq il-kontribuzzjonijiet individwali kollha tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING, mill-Istati Membri.

## Riżorsi proprji tradizzjonali

**Awditi a posteriori**

4.18. L-awtoritajiet doganali jistgħu, wara li jeħilsu l-merkanzija u sabiex jissodisfaw ruħhom li d-dettalji li jinsabu fid-dikjarazzjoni huma preċiżi, jispezzjonaw id-dokumenti kummerċjali u *data* relatata mal-operazzjonijiet ta' importazzjoni ([29]). Dawn il-kontrolli, li jinkludu awditi *a posteriori* ([30]), jissejħu kontrolli *a posteriori* (wara r-rilaxx). Għandhom ikunu bbażati fuq analiżi tar-riskju fuq il-bażi ta' kriterji żviluppati fil-livelli nazzjonali, tal-UE u, fejn ikunu disponibbli, internazzjonali ([31]).

([28]) Is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet Nazzjonali u Reġjonali (ESA 2010) hija l-aktar qafas ta' kontabbiltà reċenti tal-UE għal deskrizzjoni sistematika u dettaljata ta' ekonomija, li huma kompatibbli internazzjonalment. Din ġiet implimentata f'Settembru 2014; minn dik id-data 'l quddiem, it-trażmissjoni tad-*data* mill-Istati Membri lill-Eurostat qed issegwi r-regoli tal-ESA 2010.

([29]) L-Artikolu 78 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

([30]) "Awditu *a posteriori* huwa metodu ta' kontroll tal-operaturi ekonomiċi permezz tal-eżaminar tal-kontijiet, ir-rekords u s-sistemi tagħhom." *Sors*: Gwida għall-awditjar doganali.

([31]) L-Artikolu 13(2) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.19. Fiż-żjarat tagħna fl-Istati Membri sibna problemi simili relatati ma' awditi *a posteriori* kif konna sibna fi snin preċedenti ([32]). Reġgħu ġew identifikati dgħufijiet fl-identifikazzjoni, l-għażla u l-ispezzjoni tal-importaturi awditjati mill-Istati Membri. Barra minn hekk, il-kwalità, l-ambitu u r-riżultati tal-awditi *a posteriori* kienu jvarjaw sostanzjalment fit-tliet Stati Membri miżjura ([33]).

4.20. Fi Frar 2014 il-Kummissjoni ħarġet verżjoni aġġornata tal-Gwida għall-Awditjar Doganali (CAG). Aħna nilqgħu l-fatt li l-Kummissjoni pprovdiet gwida ġdida lill-Istati Membri, madankollu, innutajna li xi nuqqasijiet li ġew identifikati matul iż-żjarat lill-Istati Membri, mhumiex koperti bis-CAG l-ġdida:

(a) ma tingħata ebda gwida dwar kif għandhom jiġu ttrattati l-importazzjonijiet approvati fi Stati Membri oħra (għall-għażla ta' kumpaniji li għandhom jiġu awditjati jew anke matul il-proċess ta' spezzjoni);

(b) ma hemm ebda gwida ċara dwar kif għandu jiġi ttrattat ir-riskju ta' preskrizzjoni ([34]) matul il-fażi tal-awditjar;

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.19.** *Filwaqt li l-iskambju ta' informazzjoni ta' riskju huwa rekwiżit legali, il-kriterji tar-riskju kif definiti fil-Gwida tal-Awditu Doganali (CAG) mhumiex legalment vinkolanti. Madankollu, il-CAG tipprovdi approċċ komuni armonizzat għat-twettiq tal-awditjar ta' wara l-ikklerjar.*

*Fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE (COM(2014)527 final) hu previst żvilupp ulterjuri ta' standards u kriterji ta' riskju komuni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ffurmat grupp ta' proġett ta' esperti mill-Istati Membri biex jikkunsidraw fil-fond il-qasam tar-riskji finanzjarji. Il-Kummissjoni se tikkunsidra bir-reqqa l-kwistjoni ta' importazzjonijiet magħmula minn operatur stabbilit fi Stat Membru ieħor f'din il-ħidma.*

*Il-Kummissjoni se ssegwi n-nuqqasijiet identifikati mill-Qorti u fejn xieraq se titlobhom jieħdu l-miżuri ta' rimedju adatti. Hija se tkompli teżamina s-superviżjoni doganali nazzjonali matul l-ispezzjonijiet tagħha u fejn jistabu nuqqasijiet se titlob lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet.*

**4.20.**

**(a)** *Għal oġġetti approvati fi Stat Membru wieħed mill-importaturi bi kwartieri ġenerali fi Stat Membru ieħor, il-Kummissjoni se tevalwa l-possibbiltà li tagħti aktar gwida lill-Istati Membri fl-indirizzar ta' kriterji ta' riskju finanzjarju.*

*Ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 4.19.*

**(b)** *Is-servizzi tal-Kummissjoni, fir-rapport ta' spezzjoni tagħhom, l-eżami tagħhom ta' tħassir skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000, u fil-laqgħat biannwali tal-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji (KKRP), regolarment jisħqu fuq l-Istati Membri dwar il-ħtieġa li jeżerċitaw id-diliġenza dovuta fil-proċedura ta' rkupru. Meta n-nuqqas ta' Stat Membru li jeżerċita d-diliġenza dovuta jwassal għat-telf tat-TOR minħabba l-preskrizzjoni l-Istat Membru jinżamm finanzjarjament responsabbli tal-ammonti mhux irkuprati.*

([32]) Ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 2.31, u r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 2.14.
([33]) Spanja, l-Awstrija u r-Renju Unit.
([34]) L-Artikolu 221(3) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ir-Regolament (KEE) Nru 2913/92) jistipula li ma għandhiex issir komunikazzjoni mad-debitur wara t-temma ta' perjodu ta' tliet snin mid-data li fiha ntefaq id-dejn mad-dwana.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(c) ma hemm ebda kopertura minima rakkomandata (skont il-valur jew il-perċentwal tad-dikjarazzjonijiet) rigward l-għadd ta' awditi li għandhom jitwettqu kull sena.

### Il-kontijiet A u B

4.21. Kull Stat Membru jibgħat lill-Kummissjoni dikjarazzjoni tad-dazji doganali u l-imposti fuq iz-zokkor stabbiliti fuq bażi ta' kull xahar (il-"kontijiet A") u dikjarazzjoni ta' kull tliet xhur dwar dawk id-dazji stabbiliti li ma jkunux inklużi fiha (l-hekk imsejħa "kontijiet B" li huma separati) ([35]).

4.22. Fiż-żjarat tagħna fl-Istati Membri sibna problemi simili relatati mal-ġestjoni tal-kontijiet B kif konna sibna fi snin preċedenti ([36]) u li jindikaw dgħufijiet sistematiċi ([37]). Pereżempju, fir-Renju Unit, il-proċedura għat-tħejjija tad-dikjarazzjonijiet tal-kontijiet B hija kumplessa billi hija bbażata fuq informazzjoni minn databases differenti li jridu jiġu kkonsolidati manwalment. Dan wassal għal żbalji. Kien hemm ukoll tidwim twil fl-aġġornar tal-ammonti inklużi fil-kontijiet B. Fi Spanja proċeduri skorretti fil-ġestjoni tal-ammonti mħassra wassal għal dikjarazzjoni eċċessiva taċ-ċifri fil-kontijiet B. Barra minn hekk, matul l-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni (ara l-paragrafu 4.23), f'19 mill-21 Stat Membru miżjura huma qabdu nuqqasijiet fil-ġestjoni tal-kontijiet B.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**(c)** *L-istrateġija tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju, li parti minnha hi l-awditjar, tħares lejn il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, simplifikazzjonijiet u kontrolli bbażati fuq ir-riskju. L-istabbiliment ta' kopertura minima rrakkomandata unika (skont il-valur jew il-persentaġġ ta' dikjarazzjonijiet) ma jkunx konsistenti ma' approċċ ibbażat fuq ir-riskju, li għandu jaħseb għal tipi differenti ta' traffiku ta' oġġetti u riskji fi żminijiet differenti.*

*Il-Kummissjoni tista' madankollu tikkunsidra, flimkien mal-Istati Membri, koperturi minimi possibbli li għandhom iqisu d-differenzi msemmija.*

**4.22.** *Apparti każijiet iżolati ta' dgħufijiet sistematiċi li nqalgħu minn żmien għal żmien, il-maġġoranza ta' nuqqasijiet li sabet il-Kummissjoni matul l-ispezzjonijiet tagħha jinkludu żbalji ta' natura ta' darba li wieħed jifhimhom f'kont ta' dan it-tip (repożitorju ta' każi problematiċi u kkontestati). Filwaqt li l-Qorti sabet problemi fil-ġestjoni tal-kontijiet B fl-2014 u fis-snin ta' qabel, dawn il-problemi u l-iżbalji fil-fehma tal-Kummissjoni ma jwasslux għal konklużjoni ta' dgħufijiet sistematiċi b'mod ġenerali. Is-sejba ta' żbalji fil-kont manwali (ma hemm l-ebda rekwiżit fil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li juża metodi awtomatiċi biex jimmaniġġja dawn il-kontijiet) li jistgħu jiġu affettwati minn żbalji okkażjonali mhux neċessarjament ifissru nuqqas sistematiku. Fejn il-proċedura hija żbaljata id-dgħufija tista' tkun sistematika. In-nuqqasijiet misjuba mill-Qorti fil-ġestjoni tal-kontijiet f'dawn l-Istati Membri u l-proċedura żbaljata fi Spanja se tiġi segwita mill-Kummissjoni matul is-segwitu normali tagħha tas-sejbiet tal-Qorti.*

([35]) Meta d-dazji jew l-imposti jibqgħu ma jitħallsux u ma jkun ġie pprovdut ebda titolu ta' sigurtà, jew meta jkunu koperti minn titoli ta' sigurtà iżda jkun tqajjem dubju dwarhom, l-Istati Membri jistgħu jissospendu d-disponibbiltà ta' dawn ir-riżorsi billi jdaħħluhom f'dawn il-kontijiet separati.

([36]) Ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 2.16 u r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafi 2.32 u 2.33.

([37]) Dawn il-każijiet ma affettwawx l-affidabbiltà tal-ammont kumplessiv kif stabbilit fil-kont separat (EUR 1 617 miljun) u l-valwazzjoni negattiva relatata (EUR 1 144 miljun) kif divulgat fil-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Ġestjoni tal-punti miftuħa**

4.23. L-ispezzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni fl-Istati Membri jirriżultaw f'sejbiet, hekk imsejħa "punti miftuħa" ([38]). Dawn il-punti miftuħa jista' jkollhom impatt finanzjarju potenzjali u jingħalqu meta jiġu indirizzati b'mod xieraq mill-Istati Membri. Fi tmiem l-2014 total ta' 348 (ara t-***Tabella 4.2***) punt kienu miftuħa ([39]), iżda l-Kummissjoni ma kkalkolatx l-impatt finanzjarju kumplessiv.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.23.** *Il-Kummissjoni, permess ta' dak li ssib mill-ispezzjonijiet ta' segwitu, tfittex li tikkwantifika l-impatt finanzjarju potenzjali ta' kull punt miftuħ, ta' kull rapport, għal kull Stat Membru fuq bażi ta' każ b'każ. Il-Kummissjoni ma żżommx ċifra globali tar-riżorsi proprji tradizzjonali potenzjalment dovuta għall-punti kollha tar-rapporti kollha miftuħa għall-Istati Membri kollha peress li dan ma jkunx utli għas-segwitu li jrid isir fuq il-bażi ta' kull punt, ta' kull rapport, għal kull Stat Membru. Madankollu, il-Kummissjoni dejjem tkun taf jekk punt ikollux impatt finanzjarju potenzjali u, meta jkollha l-informazzjoni meħtieġa għal dan l-għan, tevalwaha.*

## Riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT

4.24. Fi tmiem is-sena, total ta' 101 riżerva ġew stabbiliti, meta mqabbel ma' 103 fl-2013 (ara t-***Tabella 4.2***), li minnhom 84 saru mill-Kummissjoni u 17 mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni neħħiet 29 riżerva fl-2014. L-għadd ta' riżervi li ilhom pendenti għal żmien twil ([40]), stabbiliti mill-Kummissjoni naqas minn 12 għal 10. Aħna kkalkolajna l-effett finanzjarju nett tal-indirizzar ta' riżervi fl-2014 ([41]) bħala żieda fir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT ta' EUR 16,1 miljun ([42]).

**4.24.** *Il-Kummissjoni kompliet tikkoopera mal-Istati Membri matul l-2014 biex isolvi l-kwistjonijiet sottostanti għar-riżervi li hi kienet stabbiliet.*

*Il-Kummissjoni tqis li l-effett finanzjarju nett tat-tneħħija tar-riżervi mhiex indikatur xieraq tal-eżitu tal-programm ta' spezzjoni tar-riżorsi proprji tal-VAT u ma tistax tintuża bħala indikatur ta' xi tendenza.*

## Rapporti annwali tal-attività

4.25. Ir-RAA 2014 tad-DĠ budget u tal-Eurostat jipprovdu valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi li jikkonċernaw ir-riżorsi proprji u dħul ieħor u l-informazzjoni pprovduta tikkorrobora l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet tagħna.

([38]) Matul l-2014 inħareġ total ta' 28 rapport ta' spezzjoni, li wasslu għal 89 "punt miftuħ" ġdid.

([39]) 38 punt huma miftuħa għal aktar minn ħames snin. Il-punti l-aktar antiki li għadhom miftuħa ġew stabbiliti fl-2002 fir-rigward tal-Ġermanja, il-Greċja u l-Portugall.

([40]) Aħna niddefinixxu riżervi pendenti għal żmien twil bħala dawk li jmorru lura għal sena li tkun mill-inqas 10 snin qabel, jiġifieri dawk stabbiliti fi tmiem l-2014 u li jikkonċernaw l-2005 u qabel.

([41]) Aħna ddeterminajna l-effett finanzjarju tat-tneħħija tar-riżervi billi ħadna kont tal-bidliet kollha għall-bażi tal-VAT minħabba l-attività ta' kontroll tal-Kummissjoni għas-snin 2002–2010. Is-sena 2010 saret preskritta fl-2014 u l-bidliet għall-bażi tal-VAT tal-2010 u ta' snin preċedenti jistgħu jsiru biss jekk tkun ġiet stabbilita riżerva. L-effetti tal-limiti massimi ttieħdu inkunsiderazzjoni.

([42]) Il-bilanċ ta' żieda ta' EUR 18,2 miljun u ta' tnaqqis ta' EUR 2,1 miljun.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

# KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

## Il-konklużjoni għall-2014

4.26. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li d-dħul mhuwiex milqut minn livell materjali ta' żball. B'mod partikolari għad-dħul:

— is-sistemi eżaminati huma vvalutati bħala effettivi għar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING u fuq il-VAT u għal dħul ieħor,

— is-sistemi eżaminati huma vvalutati bħala kumplessivament effettivi għall-RPT. Il-kontrolli interni ewlenin fl-Istati Membri miżjura huma vvalutati bħala parzjalment effettivi ([43]),

— ma sibna ebda żball fit-tranżazzjonijiet li ttestjajna.

## Rakkomandazzjonijiet

4.27. L-***Anness 4.2*** juri r-riżultat tal-analiżi tagħna tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapport annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2011 u 2012, aħna ppreżentajna tliet rakkomandazzjonijiet. Minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, tnejn ġew implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti, u waħda ġiet implimentata f'xi aspetti.

4.28. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2014, aħna nirrakkommandaw li l-Kummissjoni:

*Riżorsi proprji bbażati fuq l-ING*

— **Rakkomandazzjoni 1**: tieħu miżuri matul iċ-ċiklu tal-verifikazzjoni li jmiss sabiex tnaqqas l-għadd ta' snin li jkunu koperti minn riżervi fi tmiem iċ-ċiklu,

— **Rakkomandazzjoni 2**: tieħu miżuri biex tnaqqas l-impatt tar-reviżjonijiet ippreżentati mill-Istati Membri.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.27.**

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Iċ-ċiklu tal-verifika se jitqassar u r-riżervi se jiġu stabbiliti u indirizzati fi stadju aktar bikri (matul iċ-ċiklu tal-verifika).*

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.*

([43]) Ara wkoll ir-Rapport Speċjali Nru 2/2014, il-paragrafi 107 sa 120.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| *Riżorsi proprji tradizzjonali* | |
| — **Rakkomandazzjoni 3**: ittejjeb il-gwida eżistenti dwar l-awditi *a posteriori* u tħeġġeġ l-implimentazzjoni tagħha mill-Istati Membri, | *Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Hija se tindirizza r-rimarki tal-Qorti fil-qafas attwali ta' Strateġija Komuni għall-Ġestjoni tar-Riskju u l-pjan ta' azzjoni tagħha, b'mod partikolari l-ħidma li għaddejja dwar kriterji ta' riskju finanzjarju.* |
| — **Rakkomandazzjoni 4**: tiżgura li l-Istati Membri jkollhom sistemi kontabilistiċi xierqa għar-reġistrazzjoni ta' entrati fil-kontijiet B u tħeġġeġ lill-Istati Membri biex itejbu l-ġestjoni tagħhom tal-entrati f'dawn il-kontijiet. Pereżempju, billi tanalizzahom fuq bażi regolari biex tiżgura li entrati li jkunu aktar antiki jiġu aġġornati jew imħassra kif xieraq. | *Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Hija se tkompli tanalizza l-kontijiet B matul l-ispezzjonijiet tagħha, u fejn jinstabu xi nuqqasijiet, se titlob lill-Istati Membri biex itejbu l-ġestjoni ta' dak il-kont permezz ta' reviżjonijiet regolari biex jiġi żgurat li l-partiti mħassra jitneħħew mill-kont.* |

ANNESS 4.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦAD-DĦUL*

| | 2014 | 2013 |
|---|---|---|
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet: | **55** | 55 |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | |
| Livell ta' żball stmat | **0,0 %** | 0,0 % |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | 0,0 % | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | 0,0 % | |

ANNESS 4.2

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦAD-DĦUL*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2012 | Il-Kummissjoni għandha tanalizza l-qafas ta' kontroll tagħha għall-verifikazzjoni tad-*data* dwar l-ING inkluż li twettaq analiżi strutturata u formalizzata tal-kostijiet-benefiċċji, twettaq verifikazzjoni approfondita tal-komponenti materjali u riskjużi tal-ING, tillimita l-użu ta' riżervi ġenerali u tistabbilixxi kriterji tal-materjalità biex isiru r-riżervi. | | | X | | | | *Bħalissa qed jiġi żviluppat il-qafas il-ġdid ta' kontroll u se jkun lest qabel il-bidu taċ-ċiklu tal-verifika li jmiss fil-bidu tal-2016. Diġà saret verifika diretta fil-kuntest tat-tneħħija tar-riżervi eżistenti. Diġà qed titħaddem politika ġdida li tillimita l-użu ta' riżervi ġenerali u kien hemm qbil fuq livell limitu ta' materjalità.* |
| 2011 u 2012 | Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri biex isaħħu s-superviżjoni doganali sabiex jimmassimizzaw l-ammont tal-RPT miġbur. | | X | | | | | *Il-Kummissjoni, fil-kors tal-ispezzjonijiet regolari perjodiċi tagħha se tkompli tivverifika li l-Istati Membri stabbilixxew oqfsa xierqa ta' kontroll sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-UE fil-qasam tar-riżorsi proprji tradizzjonali.* |
| | Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jużaw b'mod korrett il-kontijiet A u B u biex jiżguraw li dawn ikunu kompleti u korretti b'mod evidenti (*). | | X | | | | | *Il-Kummissjoni se tkompli teżamina l-użu tal-kontijiet A u B matul l-ispezzjonijiet tagħha u se titlob lill-Istati Membri biex jiżguraw li dawn ikunu kompluti u korretti.* |

(*) Il-Kummissjoni twettaq segwitu tal-użu tal-kontijiet A u B kull sena. Madankollu, billi l-problema għadha hemm, jeħtieġ li l-isforzi jkomplu.

KAPITOLU 5

## "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi"

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Introduzzjoni | 5.1-5.5 |
| Karatteristiċi speċifiċi ta' "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" | 5.2-5.4 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 5.5 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 5.6-5.17 |
| Riċerka u innovazzjoni: regoli kumplessi fis-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka żiedu r-riskju ta' żbalji | 5.9-5.15 |
| Strumenti oħra ta' nfiq: spejjeż ineliġibbli u mhux sostanzjati u nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku | 5.16-5.17 |
| Eżaminar tas-sistemi u tar-rapporti annwali tal-attività magħżula | 5.18-5.31 |
| Awditi mill-Kummissjoni tal-infiq fir-riċerka u l-innovazzjoni | 5.18-5.24 |
| Rapporti annwali tal-attività | 5.25-5.31 |
| Ir-rapporti annwali tal-attività għad-DĠ ENER u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks jiddikjaraw b'mod insuffiċjenti r-riskji għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet | 5.27-5.28 |
| Approċċi inkonsistenti għall-valutazzjoni ta' ammonti f'riskju | 5.29-5.31 |
| Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet | 5.32-5.35 |
| Il-konklużjoni għall-2014 | 5.32-5.33 |
| Rakkomandazzjonijiet | 5.34-5.35 |

Anness 5.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi"

Anness 5.2 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi"

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## INTRODUZZJONI

5.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna relatati mal-valutazzjoni speċifika tagħna għal "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi". Informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq fl-2014 tingħata fil-***Graff 5.1***.

## Karatteristiċi speċifiċi ta' "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi"

5.2. L-objettivi tal-infiq jinkludu t-titjib tar-riċerka u l-innovazzjoni, it-titjib tas-sistemi edukattivi u l-promozzjoni tal-impjieg, l-iżgurar ta' suq uniku diġitali, il-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, l-immodernizzar tas-settur tat-trasport u t-titjib tal-ambjent tan-negozju, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs).

5.3. Ir-riċerka u l-innovazzjoni jammonta għal 61 % tal-infiq, permezz tas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp Tekniku 2007–2013 (is-"Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka") u Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2014–2020 ("Orizzont 2020"). Strumenti oħra kbar ta' nfiq huma: il-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Erasmus+ fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport; il-programm tan-Netwerks Trans-Ewropej tat-Trasport, li jipprovdi finanzi għall-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport; il-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru b'appoġġ għal proġetti fis-settur tal-enerġija, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li tappoġġa l-iżvilupp ta' netwerks fis-setturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija; il-programm Galileo għas-sistema Ewropea ta' navigazzjoni bis-satellita.

**5.3.** *Il-kompożizzjoni tal-infiq f'dan il-kapitoli hija differenti mir-rapport tas-sena l-oħra wara l-QFP 2014-2020 il-ġdid.*

5.4. Kważi 90 % tal-infiq huwa f'forma ta' għotjiet lil benefiċjarji privati jew pubbliċi li jipparteċipaw fi proġetti. Minbarra pagamenti ta' prefinanzjament li jsiru mal-iffirmar ta' ftehim ta' għotja jew ta' deċiżjoni ta' finanzjament, il-pagament ta' fondi tal-UE jirrimborża l-ispejjeż irrapportati mill-benefiċjarji. Ir-riskju prinċipali għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet huwa li l-benefiċjarji jiddikjaraw spejjeż ineliġibbli, li la jinqabdu u lanqas ma jiġu kkoreġuti qabel ir-rimborż mill-Kummissjoni.

**Graff 5.1 – Subintestatura 1.a tal-QFP – "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" – Informazzjoni ewlenija 2014**

*(EUR biljun)*




| | |
|---|---|
| Total tal-pagamenti għas-sena | 13,3 |
| - *pagamenti bil-quddiem* ([1]) | 6,9 |
| + *approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem* ([1]) | 6,6 |
| **Popolazzjoni awditjata, total** | **13,0** |

([1]) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7).

*Sors*: Il-kontijiet konsolidati 2014 tal-Unjoni Ewropea.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

5.5. L-***Anness 1.1***, il-***parti 2***, tal-Kapitolu 1 jiddeskrivi l-approċċ u l-metodoloġija kumplessivi tal-awditjar tagħna. Għall-awditu ta' "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi", għandhom jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin:

(a) L-awditu kien jinvolvi eżaminar ta' kampjun ta' 166 tranżazzjoni kif definit fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7. Il-kampjun jitfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa kollha tat-tranżazzjonijiet fi ħdan il-qasam tas-subintestatura tal-QFP. Fl-2014, il-kampjun kien jikkonsisti f'95 tranżazzjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni (92 għas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u 3 għas-Sitt Programm Qafas għar-Riċerka), 21 tranżazzjoni għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (taħt il-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja) u 50 tranżazzjoni għal programmi u attivitajiet oħra.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(b) Il-valutazzjoni tar-rapporti annwali tal-attività kienet tinkludi rapporti tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (id-DĠ RTD), tad-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura (id-DĠ EAC), tad-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport (id-DĠ MOVE), tad-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija (id-DĠ ENTR [1]), tad-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija (id-DĠ ENER) u tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks.

## REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

5.6. L-***Anness 5.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-166 tranżazzjoni li awditjajna, 79 (48 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tat-53 żball li kkwantifikajna, aħna nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 5,6 % [2].

5.7. Il-***Graff 5.2*** tippreżenta l-punt sa fejn it-tipi differenti ta' żbalji kkontribwixxew għal-livell ta' żball stmat għall-2014. Is-sors prinċipali ta' żbalji kwantifikabbli kien ir-rimborż ta' spejjeż ineliġibbli ddikjarati mill-benefiċjarji fi proġetti għar-riċerka u l-innovazzjoni.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.6.** *Ir-rata ta' erruri rrappurata mill-Qorti hija indikatur wieħed tal-effettività tal-implimentazzjoni tan-nefqa tal-UE. Madankollu, il-Kummissjoni għandha strateġija ta' kontroll pluriennali. Fuq din il-bażi, is-servizzi tagħha jikkalkulaw rata ta' erruri residwi, li tqis l-irkupri, il-korrezzjonijiet u l-effetti tal-kontrolli u l-awditi kollha tagħhom matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-programm. L-errur residwu kkalkulat fi tmiem l-2014 huwa ta' 0,42 % għall-EEPR u 0,84 % għat-TEN-T u stmat għal 3 % għall-familja tar-riċerka.*

**5.7.** *Fil-proġetti tar-riċerka u tal-innovazzjoni, il-kostijiet tal-persunal u l-kostijiet indiretti huma responsabbli għall-parti l-kbira mill-kostijiet tal-proġett. Sabiex takkomoda d-diversità tal-istrutturi tal-kostijiet fil-qasam tar-riċerka Ewropea, saret għażla konxja li jiġu rrimborżati dawn il-kategoriji ta' kostijiet fuq il-bażi tal-kostijiet reali, minflok kostijiet unitarji jew rati fissi. Din hija r-raġuni għaliex huma suxxettibbli għal żbalji, kif jidher fil-grafika.*

*L-Orizzont 2020 nibet sabiex jittratta, sa fejn possibbli, dawn is-sorsi ta' erruri permezz ta' introduzzjoni ta' għadd ta' simplifikazzjonijiet – ara l-paragrafu 5.9 hawn taħt.*

[1] Mill-2015 'il quddiem, id-DĠ ENTR se jiġi sostitwit bid-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs (id-DĠ GROW).

[2] Aħna nikkalkulaw l-istima tagħna tar-rata ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Aħna ninsabu 95 % fiduċjużi li r-rata ta' żball fil-popolazzjoni tinsab bejn 3,1 % u 8,1 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

**Graff 5.2 – Kontribut skont it-tip ta' żball għal-livell ta' żball stmat**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.8. F'27 każ ta' żbalji kwantifikabbli, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali jew l-awdituri indipendenti [3] kellhom informazzjoni [4] suffiċjenti biex jipprevienu, jew jaqbdu u jikkoreġu l-iżbalji qabel jaċċettaw l-infiq. Li kieku din l-informazzjoni kollha kienet intużat biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji, il-livell ta' żball stmat għal dan il-kapitolu kien ikun 2,8 punti perċentwali inqas.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.8.** *Il-Kummissjoni għandha sistema soda ta' kontrolli* ex ante *fis-seħħ li tinkludi listi ta' kontroll awtomatizzati dettaljati, gwida bil-miktub u taħriġ kontinwu. It-titjib ta' din is-sistema mingħajr ma jiġi imponut piż amministrattiv addizzjonali fuq il-benefiċjarji, u filwaqt li jiġi assigurat li l-pagamenti isiru fil-ħin, hija sfida kostanti. Is-sejbiet tal-Qorti se jintużaw sabiex isir aktar titjib fil-kontrolli* ex ante*, inkluż listi ta' kontroll imtejbin aktar, iggwidar u awtomatizzazzjoni ulterjuri possibbli tal-kontrolli. Il-Kummissjoni qiegħda taħdem ukoll flimkien mal-aġenziji u l-awtoritajiet nazzjonali sabiex tassigura li l-mekkaniżmi ta' kontroll tagħhom huma operattivi sa fejn huwa possibbli għalihom sabiex jipprevjenu, isibu u jikkoreġu l-erruri.*

*Fir-rigward tal-awdituri indipendenti li jiċċertfikaw il-pretenzjonijiet ta' kostijiet, din hija kwistjoni magħrufa ħafna, trattata f'rapporti preċedenti. Sabiex tkompli fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, il-Kummissjoni organizzat sensiela ta' laqgħat immirati għall-benefiċjarji u għall-awdituri indipendenti li jiċċertifikaw (iktar minn 300) sabiex titqajjem kuxjenza dwar l-aktar erruri komuni. Barra minn hekk, ingħata feedback lill-awdituri li jiċċertifikaw li għamlu erruri, u mudell aktar didattiku għaċ-ċertifikati tal-awditi pprovdut fl-Orizzont 2020. Għar-riċerka, iċ-ċertifikati tal-awditi huma stmati li jnaqqsu r-rata ta' erruri b'50 % meta mqabbla mal-pretensjonijiet mhux iċċertifikati. Għaldaqstant, filwaqt li huwa rikonoxxut li ma jidentifikawx kull errur, huma għodda importanti sabiex titnaqqas ir-rata ta' erruri ġenerali.*

(3) F'ċerti każijiet, pereżempju d-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż għal proġetti għas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka fejn il-kontribuzzjoni mill-UE taqbeż il-EUR 375 000, l-awdituri indipendenti jridu jiċċertifikaw li l-ispejjeż iddikjarati huma eliġibbli.

(4) Abbażi ta' dokumentazzjoni ta' sostenn, inklużi kontrolli reċiproċi standard u kontrolli obbligatorji.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Riċerka u innovazzjoni: regoli kumplessi fis-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka żiedu r-riskju ta' żbalji

5.9. Aħna sibna l-istess tip u firxa ta' żbalji li qbadna matul is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka: spejjeż għall-persunal ikkalkulati b'mod skorrett; spejjeż diretti ineliġibbli oħra bħal spejjeż mhux sostanzjati għall-ivvjaġġar jew għat-tagħmir; spejjeż indiretti ineliġibbli bbażati fuq rati żbaljati ta' spejjeż ġenerali jew li jinkludu kategoriji ta' spejjeż ineliġibbli mhux marbuta mal-proġett (ara l-Kaxxa 5.1).

| **Kaxxa 5.1 – Eżempju ta' żbalji fi spejjeż rimborżati għal proġett għar-riċerka u l-innovazzjoni** |
|---|
| Aħna kkampjunajna pagament mill-Kummissjoni għal organizzazzjoni internazzjonali li taħdem ma' erba' sħab fuq proġett kollaborattiv transnazzjonali relatat mas-saħħa taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka. Abbażi tad-dikjarazzjoni tal-ispejjeż ippreżentata mill-organizzazzjoni, il-Kummissjoni rrimborżat madwar EUR 132 000. Madankollu, aħna qbadna bosta żbalji fl-ispejjeż iddikjarati mill-organizzazzjoni benefiċjarja:<br>— spejjeż għall-persunal iddebitati b'mod eċċessiv,<br>— spejjeż għall-ivvjaġġar iddikjarati li mhumiex relatati mal-proġett,<br>— spejjeż indiretti kkalkultati b'mod skorrett.<br>Barra minn hekk, il-benefiċjarju uża rata tal-kambju skorretta meta kien qed isarraf l-ispejjeż iddikjarati mill-munita lokali f'euro, li kompla jżid id-dikjarazzjoni eċċessiva. B'kollox, l-ispejjeż ineliġibbli ddikjarati mill-benefiċjarju ammontaw għal EUR 73 000 jew 55 % tal-ispejjeż ikklejmjati.<br>Aħna qbadna każijiet ta' spejjeż ineliġibbli rimborżati mill-Kummissjoni f'39 mill-95 proġett għar-riċerka u l-innovazzjoni kkampjunati. Fi 13 minn dawk il-każijiet, l-ispejjeż ineliġibbli qabżu l-10 % tal-ispejjeż totali ddikjarati mill-benefiċjarju. |

5.10. Il-Kummissjoni twettaq il-programm proprju tagħha ta' awditi tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż rimborżati għal proġetti għar-riċerka u l-innovazzjoni (ara l-paragrafi 5.18 sa 5.24), u ssib żbalji simili b'firxa u frekwenza kumparabbli.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.9.** *L-awditi proprji tal-Kummissjoni wkoll urew li t-tip u l-livell tal-erruri baqgħu stabbli bħala riżultat tar-regoli kumplessi tas-Seba' Programm Kwadru (FP7).*

*Madankollu, billi l-kuntratti kollha tal-FP7 ġew iffirmati, il-modifikazzjoni ulterjuri tal-qafas legali ma għadiex opzjoni. Matul il-perjodu tal-FP7, madankollu, il-Kummissjoni ppruvat tissimplifika s-sistema fi ħdan il-qafas legali eżistenti, pereżempu l-miżuri ta' simplifikazzjoni adottati mill-Kummissjoni fl-24 ta' Jannar 2011 (id-Deċiżjoni C92011)174).*

*L-Orizzont 2020 jinkludi simplifikazzjoni radikali tal-qafas legali, sabiex jintlaħqu l-aspettattivi ta' kemm il-partijiet ikkonċernati kif ukoll l-awtoritajiet leġiżlattivi, billi jiffoka b'mod partikulari fuq il-persunal u l-kostijiet indiretti bħala s-sorsi ewlenin ta' erruri.*

| ***Kaxxa 5.1 – Eżempju ta' erruri fil-kostijiet irrimborżati għal proġett ta' riċerka u innovazzjoni*** |
|---|
| *Il-Kummissjoni se tirkupra l-ammonti mħallsa bi żball. Dan il-każ juri wkoll l-isfida meta wieħed jittratta mal-isħab internazzjonali – filwaqt li l-kollaborazzjoni mar-riċerkaturi barra mill-Ewropa hija meħtieġa sabiex jiġu trattati l-isfidi globali li tħabbat wiċċha magħhom is-soċjetà, ħafna drabi dawn il-korpi ma jkunux imdorrijin bir-regoli ta' eliġibbiltà tal-UE.* |

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 5.11. Il-livell materjali persistenti ta' żball fl-infiq fir-riċerka u l-innovazzjoni jirrifletti riskji inerenti fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka. Ir-regoli ta' eliġibbiltà huma kumplessi u l-programm għandu ħafna rati ta' finanzjament. Il-proġetti jitwettqu minn ħafna sħab, li huma mifruxa fuq żona ġeografikament wiesa' u li jinkludu benefiċjarji f'pajjiżi mhux Membri tal-UE. It-tipi ta' benefiċjarji jvarjaw b'mod konsiderevoli u s-sistemi kontabilistiċi tal-benefiċjarji spiss ma jkunux kompatibbli mar-rekwiżiti tal-programmi. | **5.11.** *Fid-dawl tal-kumplessità tar-regoli, il-Kummissjoni introduċiet ħafna simplifikazzjonijiet fl-Orizzont 2020.*<br><br>*Madankollu, sabiex jintlaħqu l-miri tal-politika, speċjalment il-ħolqien tat-tkabbir u tal-impjiegi u t-trattar tal-isfidi tas-soċjetà permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni, is-sħubiji multinazzjonali u multidixxiplinarji, l-involviment wiesa' tas-settur privat, speċjalment in-negozji żgħar, ir-rimborż tal-persunal u l-kostijiet indiretti fuq il-bażi tal-kostijiet reali, huma kollha essenzjali. Kif tindika l-Qorti, dan jinkludi għadd ta' riskji inerenti*<br><br>*Min-naħa l-oħra, meta l-objettivi ta' politika jippermettu mekkaniżmi aktar sempliċi, ir-rati ta' erruri jkunu inqas minn 2 %. Dawn l-għotjiet (għotjiet tal-ERC, għotjiet Marie Skłodowska Curie) huma sempliċi – jittrattaw primarjament il-korpi pubbliċi, jużaw rati fissi u somom f'daqqa b'mod aktar mifrux, u l-parti l-kbira tagħhom huma għotjiet benefiċjarji uniċi.* |
| 5.12. Fl-2014, il-Kummissjoni ffirmat l-ewwel ftehimiet ta' għotja u bdiet tagħmel pagamenti ta' prefinanzjament għall-Programm Qafas il-ġdid għar-Riċerka u l-Innovazzjoni. Orizzont 2020 għandu regoli ta' finanzjament aktar sempliċi mis-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Kummissjoni investiet sforzi konsiderevoli fit-tnaqqis tal-kumplessità amministrattiva. | |
| 5.13. Madankollu, xi elementi introdotti f'Orizzont 2020 jirrappreżentaw riskju akbar għar-regolarità tat-transazzjonijiet. Pereżempju, bil-ħsieb li jappoġġa riċerka u innovazzjoni aħjar u li jwassal tkabbir u impjiegi, il-programm huwa mfassal biex jattira parteċipazzjoni akbar minn SMEs u parteċipanti ġodda (li ħafna minnhom huma SMEs ukoll). Il-Kummissjoni sabet li dawn il-kategoriji ta' parteċipanti huma b'mod speċjali suxxettibbli għal żball, kif jintwera wkoll fl-eżempju muri fil-Kaxxa 5.2. | **5.13.** *Tweġiba konġunta għall-paragrafi 5.13 u 5.14:*<br><br>*L-elementi imsemmija mill-Qorti ġew introdotti mill-awtoritajiet leġiżlattivi u kienu r-riżultat ta' għażliet konxji ta' politika mil-leġiżlatur sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-programm.*<br><br>*L-involviment tal-SMEs huwa kruċjali għas-suċċess tal-programm, għall-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi u għall-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà.*<br><br>*Il-kapaċità amministrattiva tal-SMEs hija limitata. Minħabba f'hekk, sa fejn possibbli, ir-regoli għall-SMEs ġew issimplifikati sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom. Madankollu, jibqa' riskju akbar.*<br><br>*Fir-rigward tar-rimborżi marbutin mal-infrastruttura kbira, dan huwa maħsub sabiex jinkiseb kumpens ġust għas-sħab tar-riċerka strateġika b'investiment qawwi fl-infrastruttura. Fir-rigward tar-remunerazzjoni addizzjonali, dan huwa maħsub sabiex jassigura l-kumpens ġust għar-riċerkaturi madwar l-Ewropa, sabiex tinfirex l-eċċellenza, tonqos id-diskrepanza fl-innovazzjoni u tinżamm l-attrattività tal-programm.*<br><br>*Sabiex jittaffew ir-riskji, il-Kummissjoni se twettaq valutazzjonijiet* ex ante *tal-parteċipanti kollha li jirċievu pagamenti għal infrastrutturi tar-riċerka kbar, u pprovdiet gwidi estensivi dwar l-applikazzjoni ta' remunerazzjoni addizzjonali fil-programm.* |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 5.2 – Eżempju ta' żbalji sinifikanti fi spejjeż iddikjarati għal rimborż minn SME fi proġett għar-riċerka u l-innovazzjoni**

Aħna eżaminajna dikjarazzjoni tal-ispejjeż li tammonta għal EUR 764 000 minn SME li taħdem ma' 16-il sieħeb fuq proġett taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka li jikkonċerna l-enerġija rinnovabbli. Aħna sibna li l-ispejjeż iddikjarati mill-SME kienu kważi kollha kemm huma ineliġibbli:

— sid l-SME ddebita rata fis-siegħa ferm ogħla mir-rata stabbilita fil-linji gwida tal-Kummissjoni,

— spejjeż ta' subkuntrattar li la kienu komponent eliġibbli tal-ispejjeż u lanqas ma ġew akkwistati permezz ta' proċedura ta' offerti,

— spejjeż indiretti ddikjarati kienu jinkludu entrati ineliġibbli, u kienu bbażati fuq stimi u ma setgħux jiġu rikonċiljati mar-rekords kontabilistiċi tal-benefiċjarju.

L-ispejjeż ineliġibbli rimborżati mill-Kummissjoni wasslu għal żball ta' aktar minn 90 % tal-ispejjeż totali eżaminati.

5.14. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà f'ċerti każijiet, bħal fejn ir-riċerkaturi jirċievu rimunerazzjoni addizzjonali jew fejn il-parteċipanti jużaw infrastruttura kbira tar-riċerka, iġġib riskju akbar għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

5.15. Għal Orizzont 2020, għad fadal multipliċità ta' korpi li jimplimentaw l-infiq. Tabilħaqq, l-għadd ta' korpi involuti fil-ġestjoni tal-programmi għal Orizzont 2020 fil-fatt żdied bi tqabbil mas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka. Jeħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li s-sistemi interni tagħha jkunu adegwati biex tevita d-differenzi ta' trattament għall-benefiċjarji.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 5.2 – Eżempju ta' erruri sinifikanti fil-kostijiet iddikjarati għal rimborż minn SME fi proġett ta' riċerka u innovazzjoni***

*Il-Kummissjoni tenfasizza li l-benefiċjarju għamel kontribuzzjoni sinifikanti għall-proġett. Madankollu, id-dikjarazzjoni tal-kostijiet tiegħu saret primarjament bl-użu tal-prattiki tan-negozju standard tal-benefiċjarju (b'mod partikulari l-użu tar-rati kummerċjali ta' ħlas minflok il-kostijiet attwali, u s-sottokuntrattar li juża l-prattiki normali tiegħu minflok ma jsegwi l-prinċipju tal-aqwa valur rikonoxxut mir-regoli tal-UE). Dan jenfasizza l-isfidi tal-ittrattar mal-SMEs.*

**5.15.** *Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-isfida tal-ittrattar tal-parteċipanti b'mod armonizzat. Hija qiegħda tinvesti bil-qawwi fl-assigurazzjoni tat-trattament uniformi għall-Orizzont 2020, speċjalment permezz tal-ħolqien taċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni, li jiġbor flimkien il-konsulenza legali, il-proċessi tan-negozju, l-IT u l-awditjar f'direttorat uniku li jappoġġja s-servizzi kollha tar-riċerka ta' ġestjoni tal-Kummssjoni.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Strumenti oħra ta' nfiq: spejjeż ineliġibbli u mhux sostanzjati u nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku**

5.16. Aħna qbadna wkoll żbalji fi spejjeż rimborżati għal strumenti oħra kbar ta' nfiq taħt "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi", ta' firxa u natura simili għal dawk maqbuda fis-snin preċedenti. Dawn jinkludu spejjeż mhux sostanzjati u ineliġibbli, kif ukoll każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli ta-akkwist pubbliku (ara l-eżempji fil-Kaxxa 5.3).

**Kaxxa 5.3 – Eżempji ta' żbalji fi spejjeż rimborżati għal proġetti fi programmi oħra taħt "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi"**

(a) Fi proġett għall-programm tan-Netwerks Trans-Ewropej tat-Trasport fl-Iżvezja, il-benefiċjarju ta kuntratt għas-servizzi ta' konsulenza tal-IT direttament mingħajr ebda forma ta' pubblikazzjoni. Il-valur ta' dawn is-servizzi kien aktar mis-sollijiet applikabbli definiti permezz tad-direttivi Ewropej dwar l-akkwist pubbliku. Għaldaqstant, kellha tiġi segwita proċedura internazzjonali miftuħa.

(b) Fi proġett għall-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru fir-Renju Unit, il-benefiċjarju ddikjara nfiq li ma kienx f'konformità mal-kundizzjonijiet definiti fid-deċiżjoni ta' finanzjament li tagħti fondi għall-proġett. B'mod partikolari, il-metodoloġija applikata għall-kalkolu tal-ispejjeż għall-persunal kienet tinkludi spejjeż mhux statutorji ineliġibbli (bonusijiet ibbażati fuq il-profitt tal-kumpannija) u spejjeż indiretti ineliġibbli mhux marbuta mal-proġett.

(c) Fi proġett għan-Netwerks Trans-Ewropej tat-Trasport fl-Italja li jikkonċerna l-kostruzzjoni ta' konnessjoni ferrovjarja ta' veloċità għolja, il-benefiċjarju ddikjara nfiq ineliġibbli li jikkonċerna saldu legali milħuq ma' subkuntrattur b'rabta ma' ksur ta' kuntratt.

(d) Fi proġett għal taħriġ vokazzjonali transnazzjonali fil-Greċja taħt il-linja ta' żvilupp Leonardo da Vinci tal-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja, il-benefiċjarju responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proġett ikklejmja spejjeż eċċessivi għall-ivvjaġġar relatati mat-trasferiment mill-ajruport lejn iċ-ċentru tal-belt għall-istudenti li kienu qed jipparteċipaw fil-proġett. L-aġenzija nazzjonali responsabbli għall-għoti ta' aċċertament dwar l-eliġibbiltà tal-attivitajiet appoġġati mill-fondi tal-UE kienet wettqet kontroll fl-uffiċċju tal-proġett, iżda ma rrappurtat ebda sejba.

5.17. B'kollox, aħna qbadna u kkwantifikajna żbalji f'14 mill-71 tranżazzjoni kkampjunata għal programmi u attivitajiet minbarra r-riċerka u l-innovazzjoni.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 5.3 – Eżempji ta' erruri fil-kostijiet irrimborżati għal proġetti fi programmi oħrajn taħt il-"Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi"***

**(a)** *Il-Kummissjoni se tirkupra l-ammonti mħallsa bi żball.*

**(b)** *Il-Kummissjoni se tirkupra l-ammonti mħallsa bi żball.*

**(c)** *Il-Kummissjoni se tirkupra l-ammonti mħallsa bi żball.*

**(d)** *Il-Kummissjoni se tkompli tirkupra l-ammonti rilevanti mill-benefiċjarju permezz tal-Aġenzija Nazzjonali. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' somom f'daqqa u rati fissi taħt il-programm Erasmus+ se jnaqqsu l-ambitu għal pretensjonijiet eċċessivi ta' din ix-xeħta.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## EŻAMINAR TAS-SISTEMI U TAR-RAPPORTI ANNWALI TAL-ATTIVITÀ MAGĦŻULA

### Awditi mill-Kummissjoni tal-infiq fir-riċerka u l-innovazzjoni

5.18. Għar-riċerka u l-innovazzjoni, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-ħtieġa espressa mill-benefiċjarji u mill-awtoritajiet leġiżlattivi li jiġi llimitat il-piż amministrattiv u li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni f'waqtha tal-proġetti ([5]). Għal-daqstant, il-Kummissjoni naqqset il-kontrolli qabel il-pagamenti u tfittex li tikseb il-biċċa l-kbira mill-aċċertament tagħha permezz tal-awditi tagħha ta' spejjeż rimborżati.

5.19. Il-Kummissjoni bdiet il-programm tagħha tal-awditi ta' proġetti taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka fl-2009. Il-programm għandu żewġ komponenti prinċipali: (i) awditi magħżula fuq bażi aleatorja mfassla biex jistabbilixxu rata rappreżentattiva ta' żball għas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka, u (ii) awditi korrettivi jew ibbażati fuq ir-riskju magħżula abbażi ta' kriterji tar-riskju u mfassla biex inaqqsu l-infiq irregolari.

5.20. L-awditi jitwettqu mill-persunal tal-Kummissjoni u minn ditti esterni tal-awditjar f'isem il-Kummissjoni. Ir-riżultati jipprovdu input essenzjali għad-dikjarazzjonijiet annwali ta' aċċertament tad-diretturi ġenerali fir-rigward tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet u jiffurmaw il-bażi għall-irkupru mill-benefiċjarji ta' kwalunkwe fond li jinstab li rrimborża spejjeż ineliġibbli.

5.21. Minn Jannar 2014 'il hawn, l-awditi jiġu koordinati mis-Servizz tal-Awditjar Komuni stabbilit mill-Kummissjoni bħala parti minn Ċentru ta' Appoġġ Komuni. Iċ-Ċentru huwa ospitat mid-DĠ RTD u jipprovdi servizzi ta' ġestjoni kondiviża għad-DĠ, l-aġenziji eżekuttivi u l-impriżi konġunti kollha involuti fl-infiq fir-riċerka u l-innovazzjoni.

5.22. Sa tmiem l-2014, il-Kummissjoni kienet awditjat spejjeż rimborżati li jammontaw għal EUR 2 biljun jew 8 % tal-pagamenti li saru ta' EUR 24,5 biljun għas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka. Il-Kummissjoni kienet għalqet 2 860 aw-ditu mit-3 000 ippjanati fl-istrateġija tal-awditjar tagħha.

5.23. B'riżultat tal-awditi tagħha, il-Kummissjoni kienet irkuprat EUR 47,6 miljun sa tmiem l-2014 (2013: EUR 29,6 miljun) u l-ammonti rekuperabbli pendenti kienu żdiedu għal kważi EUR 20 miljun (2013: EUR 17-il miljun).

5.24. Il-Kummissjoni tistenna li l-istrateġija tal-awditjar tagħha tnaqqas il-livell tan-nefqa irregolari fil-klejms finali b'mod sinifikanti iżda mhux li tnaqqas il-livell finali ta' żball taħt it-2 %.

([5]) Pereżempju, fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza 2012 tiegħu, il-Parlament Ewropew "jenfasizza l-ħtieġa li jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn anqas piż amministrattiv u kontroll finanzjarju effettiv."

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Rapporti annwali tal-attività

5.25. Aħna eżaminajna r-rapporti għad-DĠ EAC, id-DĠ ENTR u d-DĠ RTD u nqisu li dawn ġeneralment jipprovdu valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja b'rabta mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet, u l-informazzjoni pprovduta tikkorrobora s-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna fil-biċċa l-kbira mill-aspetti. Pereżempju, ir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ RTD u d-DĠ ENTR, kif ukoll dawk tad-Direttorat Ġenerali għan-Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija (id-DĠ CNECT), id-DĠ ENER u d-DĠ MOVE, kull wieħed fih riżerva fir-rigward tal-preċiżjoni tal-klejms għall-ispejjeż relatati ma' għotjiet taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka.

5.26. B'mod simili għas snin preċedenti, aħna sibna bosta żbalji fil-proġetti kkampjunati tagħna għall-programm tan-Netwerks Trans-Ewropej tat-Trasport u l-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru li jikkonċernaw in-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku nazzjonali u tal-UE u d-dikjarazzjoni ta' nfiq ineliġibbli mill-benefiċjarji. Għaldaqstant, id-DĠ ENER u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks iridu jiżguraw li r-riskji għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet ikunu mmaniġġjati b'mod adegwat, b'mod partikolari b'rabta mal-konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku nazzjonali u tal-UE.

### *Ir-rapporti annwali tal-attività għad-DĠ ENER u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks jiddikjaraw b'mod insuffiċjenti r-riskji għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet*

5.27. Aħna identifikajna kwistjonijiet speċifiċi fil-metodoloġija għall-kalkolu tal-indikaturi għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet użati mid-DĠ ENER u mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks:

— għall-programm tan-Netwerks Trans-Ewropej tat-Trasport u l-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru, il-Kummissjoni nkludiet fil-kalkolu tagħha r-riżultati tal-awditi mwettqa mill-Qorti, iżda bi kwantifikazzjoni differenti tal-iżball,

— għall-programm tan-Netwerks Trans-Ewropej tat-Trasport, il-Kummissjoni ma testrapolax b'mod sistematiku l-iżbalji maqbuda fil-kampjun.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.26.** *Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li hemm riskji relatati mal-akkwist inerenti għall-programmi tal-EEPR u tat-TEN-T. Is-sistemi ta' kontroll li tpoġġew fis-seħħ mid-DĠ ENER u INEA huma mfassla sabiex jassiguraw li r-rati ta' erruri residwi jkunu taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %.*

*Fi tmiem l-2014, ir-rata ta' erruri residwi pluriennali għall-programm tat-TEN-T kienet ta' 0,84 % u 0,42 % għall-programm tal-EEPR.*

**5.27.** *Il-Kummissjoni tenfasizza dan li ġej:*

— *fil-kalkulazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tinkludi r-riżultati tal-awditi mwettqa mill-Qorti, iżda għall-ammonti li jkun jaqblu mas-sejbiet tal-Qorti.*

— *Ir-riżultati ta' kontroll* ex post *urew sejbiet limitati fir-rigward tal-ittestjar ta' kampjuni ta' tranżazzjonijiet. L-ittestjar tal-akkwist isir barra mill-kampjun tal-ittestjar tat-tranżazzjoni. Fkaż li jinstab errur fil-kampunar, it-tranżazzjonijiet mhux awditjati jiġu rieżaminati u, f'każ li s-sejba titqies sistematika, l-errur jiġi estrapolat billi jiġu ttestjati t-tranżazzjonijiet sottostanti kollha possibbilment affettwati (pereżempju għall-kostijiet tal-persunal). L-erruri ta' natura iżolata jitqiesu li ġew korretti wara l-awditu.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.28. Dawn il-kwistjonijiet iwasslu għal dikjarazzjoni insuffiċjenti tal-livell ta' żball maqbud u għal dikjarazzjoni eċċessiva tal-effett tal-azzjonijiet korrettivi fuq l-ammonti f'riskju. B'riżultat ta' dan, aħna nqisu li l-indikaturi rilevanti ppubblikati fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ ENER u tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks jiddikjaraw b'mod insuffiċjenti r-riskji tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.28.** *Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, l-ammonti ġenerali tar-riskju jitfasslu b'mod prudenti sabiex jiġi assigurat li ma hu se jkun hemm l-ebda dikjarazzjoni materjali insuffiċjenti tar-riskji għar-regolarità.*

*Approċċi inkonsistenti għall-valutazzjoni ta' ammonti f'riskju*

5.29. Fl-2014, għall-ewwel darba, id-DĠ kienu meħtieġa jiddivulgaw valutazzjoni kumplessiva tar-riskji relatati mal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, billi jikkalkulaw ir-rata medja ponderata ta' żball għall-ammont totali tan-nefqa taħt ir-responsabbiltà tagħhom u l-ammont f'riskju li jirriżulta (ara l-paragrafu 1.50).

**5.29.** *Kif imsemmi fil-paragrafu 1.50, l-istruzzjonijiet il-ġodda jeħtieġu li d-diretturi ġenerali jippreżentaw rata ta' erruri stmata misjuba li tivvaluta l-ammont f'riskju għall-baġit kollu taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Din iċ-ċifra tiġi żvelata flimkien mal-korrezzjonijiet futuri stmati.*

5.30. Filwaqt li r-rata ta' żball maqbuda kellha tintuża għal dan il-kalkolu, aħna sibna li d-DĠ MOVE u d-DĠ ENER użaw ir-rata ta' żball wara l-korrezzjonijiet. Għall-infiq fil-Programm ta' Dekummissjonar Nukleari fid-DĠ ENER, intużaw ammonti stmati għall-kuntrarju ta' riżultati tal-awditjar.

**5.30.** *Għad-DĠ MOVE u d-DĠ ENER, ir-rati ta' erruri misjuba (jew jekk mhux disponibbli, l-aħjar stimi) intużaw għall-attivitajiet kollha ħlief għall-FP7, minħabba żball ta' kopjar, meta ġiet applikata r-rata ta' erruri residwi ta' 3 % (minflok 5 %). Madankollu, l-impatt fuq ir-rata ta' erruri medja hija limitata (għad-DĠ MOVE 0,06 % u 0,41 % għad-DĠ ENER).*

*Abbażi tal-aħħar rapporti ta' awditjar dwar il-programm ta' dekummissjonar nukleari mwettaq mid-DĠ ENER, ir-rati ta' erruri kienu ħafna aktar baxxi mir-rata ta' erruri misjuba, stmata u indikata fir-RAA tad-DĠ ENER ta' 0,5 %, li għaldaqstant tirrappreżenta approċċ prudenti.*

5.31. Minħabba l-approċċi differenti meħuda għall-kalkolu tar-rata medja ponderata ta' żball u l-ammont f'riskju li jirriżulta, il-valutazzjonijiet fir-rapporti annwali tal-attività mhumiex direttament kumparabbli.

## KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

### Il-konklużjoni għall-2014

5.32. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-infiq fuq "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" huwa milqut minn livell materjali ta' żball.

5.33. Għal dan il-qasam tas-subintestatura tal-QFP, l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jindika li l-livell ta' żball stmat li huwa preżenti fil-popolazzjoni huwa ta' 5,6 % (ara l-***Anness 5.1***).

**5.33.** *Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 5.6.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## Rakkomandazzjonijiet

5.34. L-***Anness 5.2*** juri r-riżultat tal-analiżi tagħna tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2011 u 2012, aħna ppreżentajna disa' rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni implimentat tliet rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ, filwaqt li sitta kienu implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti.

5.35. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2014, aħna nirrakkommandaw li:

— **Rakkomandazzjoni 1:** il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali u l-awdituri indipendenti jużaw l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli biex jipprevienu, jew jaqbdu u jikkoreġu l-iżbalji qabel ir-rimborż (ara l-paragrafu 5.8),

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.*

*Il-Kummissjoni għandha sistema soda ta' kontrolli* ex ante *fis-seħħ li tinkludi listi ta' kontroll awtomatizzati dettaljati, gwida bil-miktub u taħriġ kontinwu. It-titjib ta' din is-sistema mingħajr ma jiġi imponut piż amministrattiv addizzjonali fuq il-benefiċjarji, u filwaqt li jiġi assigurat li l-pagamenti isiru fil-ħin, hija sfida kostanti. Is-sejbiet tal-Qorti se jintużaw sabiex isir aktar titjib fil-kontrolli* ex ante*, inkluż listi ta' kontroll imtejbin aktar, iggwidar u awtomatizzazzjoni ulterjuri possibbli tal-kontrolli. Il-Kummissjoni qiegħda taħdem ukoll flimkien mal-aġenziji u l-awtoritajiet nazzjonali sabiex tassigura li l-mekkaniżmi ta' kontroll tagħhom ikunu operattivi sa fejn huwa possibbli għalihom sabiex jipprevjenu, isibu u jikkoreġu l-erruri.*

*Fir-rigward tal-awdituri indipendenti li jiċċertfikaw il-pretensjonijiet ta' kostijiet, din hija kwistjoni magħrufa sew, trattata f'rapporti preċedenti. Sabiex tkompli fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, il-Kummissjoni organizzat sensiela ta' laqgħat immirati għall-benefiċjarji u għall-awdituri indipendenti li jiċċertifikaw (iktar minn 300) sabiex titqajjem kuxjenza dwar l-aktar erruri komuni. Barra minn hekk, ingħata feedback lill-awdituri li jiċċertifikaw li għamlu erruri, u mudell aktar didattiku għaċ-ċertifikati tal-awditi pprovdut fl-Orizzont 2020. Għar-riċerka, iċ-ċertifikati tal-awditi huma stmati li jnaqqsu r-rata ta' erruri b'50 % meta mqabbla mal-pretensjonijiet mhux iċċertifikati. Għaldaqstant, filwaqt li huwa rikonoxxut li ma jidentifikawx kull errur, huma għodda importanti sabiex titnaqqas ir-rata ta' erruri ġenerali.*

— **Rakkomandazzjoni 2:** abbażi tal-esperjenza tagħha taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka, il-Kummissjoni tiżviluppa strateġija xierqa ta' ġestjoni u kontroll tar-riskju għal Orizzont 2020, inklużi kontrolli adegwati ta' benefiċjarji b'riskju għoli, bħall-SMEs u parteċipanti ġodda, u ta' spejjeż iddikjarati taħt kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà (ara l-paragrafi 5.13 u 5.14),

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u taqbel li jeħtieġ li jkun hemm strateġija xierqa għall-ġestjoni tar-riskju u kontroll fis-seħħ għall-Orizzont 2020, filwaqt li jitqiesu mhux biss ir-riskji fil-programm, iżda anke l-miri ta' politiki, speċjalment il-ħtieġa li SMEs u parteċipanti ġodda jitħeġġu jidħlu fil-programm.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

— **Rakomandazzjoni 3:** il-Kummissjoni tiżgura li s-servizzi tagħha jieħdu approċċ konsistenti għall-kalkolu ta' rati medji ta' żball ipponderati, u l-valutazzjoni riżultanti tal-ammonti f'riskju (ara l-paragrafi 5.29 sa 5.31).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Wara l-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-kunċetti tar-rata ta' erruri medja ponderata u l-ammont f'riskju totali relatat, is-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni se jużaw it-tagħlimiet meħuda għal kjarifiki ulterjuri tal-istruzzjonijiet u/jew il-linji gwida tagħha – skont kif meħtieġ. Madankollu, dejjem jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu aġġustati dawn il-kunċetti għall-oqsma ta' nfiq speċifiċi koperti mis-servizz differenti tal-Kummissjoni.*

ANNESS 5.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦAL "KOMPETITTIVITÀ GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI"*

| | 2014 | 2013 [1] |
|---|---|---|
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet: | **166** | 160 |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | |
| Livell ta' żball stmat | **5,6 %** | 4,0 % |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | 8,1 % | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | 3,1 % | |

([1]) Iċ-ċifri għall-2013 ġew ikkalkulati mill-ġdid biex jaqblu mal-istruttura tar-RA 2014 u biex b'hekk ikun jista' jsir tqabbil bejn is-sentejn. Il-***Graff 1.3*** tal-Kapitolu 1 tippreżenta kif ir-riżultati tal-2013 ġew ikklassifikati mill-ġdid ibbażat fuq l-istruttura tar-Rapport Annwali 2014.

ANNESS 5.2

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦAL "KOMPETITTIVITÀ GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI"*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2012 | Il-Kummissjoni għandha:<br><br>**Rakkomandazzjoni 1:**<br><br>tkompli tintensifika l-isforzi tagħha biex tindirizza l-iżbalji misjuba f'pagamenti interim u finali u fl-approvazzjonijiet, b'mod partikolari billi tfakkar lill-benefiċjarji u lill-awdituri indipendenti fir-regoli ta' eliġibbiltà u fir-rekwiżit għall-benefiċjarji li jissustanzjaw l-ispejjeż iddikjarati kollha. | | X | | | | | *Il-Kummissjoni kienet qed tmexxi kampanja ta' komunikazzjoni – li attendew għaliha aktar minn 4 500 parteċipant – sabiex tfakkar lill-benefiċjarji u lill-awdituri tagħhom fir-regoli tal-eliġibbiltà.*<br><br>*Il-Kummissjoni se tkompli tikteb lill-awdituri li jiċċertifikaw meta l-awditi* ex post *tal-Kummissjoni jidentifikaw differenzi materjali bejn id-dikjarazzjonijiet iċċertifikati tal-kostijiet u s-sejbiet tagħha stess.* |
| | **Rakkomandazzjoni 2:**<br><br>tfakkar lil koordinaturi ta' proġetti tal-FPs għar-riċerka fir-responsabbiltà tagħhom li jiddistribwixxu l-fondi riċevuti lis-sħab l-oħra fil-proġett mingħajr dewmien mhux iġġustifikat. | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3:**<br><br>tanalizza l-każijiet ta' dgħufijiet f'kontrolli *ex ante* identifikati mill-Qorti sabiex tivvaluta jekk il-kontrolli jeħtieġux modifika. | | X | | | | | *Id-dgħufijiet fil-verifiki* ex ante *identifikati mis-sorsi differenti (anke mill-Qorti) qed jiġu indirizzati mill-Kummissjoni fuq bażi permanenti. Dan il-proċess issa huwa parti mill-proċessi tan-negozju tal-Orizzont 2020.* |
| | **Rakkomandazzjoni 4:**<br><br>tnaqqas id-dewmien fl-implimentazzjoni ta' awditi *ex post* u żżid ir-rata ta' implimentazzjoni għal każijiet ta' estrapolazzjoni. | | X | | | | | *Il-Kummissjoni qed tagħmel monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rapporti* ex post *tal-awditjar tal-Kummissjoni fuq bażi permanenti. Barra minn hekk, ir-Rapporti Annwali tal-Attività (RAA) tad-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni jipprovdu informazzjoni dwar il-progress f'dawn l-aspetti.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2012 | **Rakkomandazzjoni 5:**<br>issaħħaħ is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll għas-CIP ICT-PSP. | | X | | | | | *Il-Kummissjoni (DĠ CONNECT) adottat strateġija tal-awditjar li tkopri s-suġġett mhux ta' riċerka tal-infiq tad-DĠ li għandha l-għan li tipprovdi assigurazzjoni lid-Direttur Ġenerali tad-DĠ fir-rigward tal-ġestjoni tal-finanzjament mhux ta' riċerka.*<br>*Fl-2014, ingħalqu 30 awditu mhux ta' riċerka li kienu jkopru EUR 10 miljun u tnedew 42 awditu ġdid tas-CIP ICT PSP. Fl-2015 se jitnedew 98 awditu addizzjonali.*<br>*Il-progress tal-implimentazzjoni tal-istrateġija huwa ssorveljat fuq bażi ta' kull xahar fil-laqgħa tal-Baġit u Kontroll tal-Awditjar (Audit Budget and Control, ABC) ippreseduta mid-Direttur Ġenerali u li jattendu għaliha rappreżentanti tad-Direttorati kollha.*<br>*Fl-2012, il-miżuri ta' simplifikazzjoni ġew adottati għas-sidien tal-SMEs. Barra minn hekk, il-ftehim ta' mudell tas-CIP ġie rivedut wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Finanzjarju ġdid fl-2013 sabiex ikopri l-estrapolazzjoni u l-partijiet terzi.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | Il-Kummissjoni għandha:<br>— fil-qasam tal-FPs għar-riċerka:<br>**Rakkomandazzjoni 1:**<br>tintensifika l-isforzi tagħha biex tindirizza l-iżbalji misjuba fil-pagamenti interim u finali; | | X | | | | | *Ara t-tweġibiet ta' hawn fuq.* |
| | **Rakkomandazzjoni 2:**<br>ittejjeb l-inizjattivi tagħha biex il-benefiċjarji u l-awdituri indipendenti jsiru konxji tal-iżbalji maqbuda matul l-awditi *ex post* tal-Qorti u tal-Kummissjoni; | | X | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3:**<br>tiżgura li d-ditti esterni tal-awditjar li jwettqu awditi f'isimha jallinjaw il-proċeduri tagħhom mal-linji gwida u l-prattiki standard tal-Kummissjoni u b'mod partikolari jtejbu l-kwalità tad-dokumentazzjoni tal-awditjar tagħhom. | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4:**<br>Il-Kummissjoni għandha:<br>— fil-qasam tal-politiki interni l-oħra:<br>tintroduċi malajr kemm jista' jkun, strateġija tal-awditjar *ex post* għall-programm ICT-PSP, wara li tqis it-tagħlimiet meħuda mill-istrateġiji tal-awditjar *ex post* tad-DĠ INFSO li hija bbażata fuq ir-riskju, għall-proġetti ta' programm qafas. | X | | | | | | |

KAPITOLU 6

## "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali"

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Introduzzjoni | 6.1-6.22 |
| Karatteristiċi speċifiċi tal-intestatura tal-QFP | 6.3-6.20 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 6.21-6.22 |
| Parti 1: Il-valutazzjoni tagħna dwar ir-regolarità | 6.23-6.79 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 6.23-6.45 |
| Eżaminar tal-istrumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża | 6.46-6.52 |
| Eżaminar tas-sistemi u tar-rapporti annwali tal-attività magħżula | 6.53-6.75 |
| Valutazzjoni tas-superviżjoni mill-Kummissjoni tal-awtoritajiet tal-awditjar | 6.53-6.68 |
| Analiżi tar-rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni | 6.69-6.75 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 6.76-6.79 |
| Il-konklużjoni għall-2014 | 6.76-6.77 |
| Rakkomandazzjonijiet | 6.78-6.79 |
| Parti 2: Kwistjonijiet relatati mal-prestazzjoni | 6.80-6.86 |
| Valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġetti | 6.80-6.86 |

Anness 6.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali"

Annex 6.2 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali"

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

6.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" (l-intestatura 1b tal-QFP). Fil-parti 1, il-kapitolu jippreżenta r-riżultati tal-ittestjar tal-:

— Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), li huma l-istrumenti principali tal-qasam ta' politika reġjonali u urbana; inkluż il-kontribuzzjoni minn din il-politika għall-kooperazzjoni transkonfinali tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI),

— Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD), li huma l-istrumenti prinċipali tal-qasam ta' politika tal-impjiegi u affarijiet soċjali.

Il-parti 2 ta' dan il-kapitolu tippreżenta kwistjonijiet relatati mal-prestazzjoni fir-rigward tal-proġetti eżaminati ta' "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali".

Informazzjoni ewlenija dwar il-kompożizzjoni ta' din l-intestatura tal-QFP tingħata fil-***Graff 6.1***.

**Graff 6.1 – Intestatura 1b tal-QFP – "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali"**

*(EUR biljun)*




| | |
|---|---|
| Total tal-pagamenti għas-sena | 54,4 |
| *- pagamenti bil-quddiem* ([1]) ([2]) | *3,8* |
| *+ approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem* ([1]) | *2,2* |
| *+ żborżamenti lir-riċevituri finali minn strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża* | *1,7* |
| *+ pagamenti bil-quddiem użati minn benefiċjarji finali ta' proġetti ta' għajnuna mill-Istat* | *1,2* |
| **Popolazzjoni awditjata, total** | **55,7** |

([1]) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7).
([2]) Din iċ-ċifra tinkludi EUR 1,7 biljun f'kontribuzzjonijiet għal strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża u pagamenti bil-quddiem imħallsa lil benefiċjarji ta' proġetti ta' għajnuna mill-Istati.

*Sors:* Il-kontijiet konsolidati 2014 tal-Unjoni Ewropea.

6.2. Matul l-2014, il-maġġoranza vasta tal-pagamenti kienu pagamenti interim għal programmi operazzjonali (PO) tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013, li l-perjodu ta' eliġibbiltà tiegħu jintemm fil-31 ta' Diċembru 2015. Il-pagamenti bil-quddiem għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 ammontaw għal madwar EUR 2 biljun ([1]).

## Karatteristiċi speċifiċi tal-intestatura tal-QFP

### *Objettivi tal-politika*

6.3. L-intestatura 1b tal-QFP – "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" għandha l-għan li tnaqqas id-disparitajiet fl-iżvilupp bejn reġjuni differenti, tirristruttura żoni industrijiali li jkunu sejrin lura u tiddiversifika żoni rurali u li tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni transkonfinali, transnazzjonali u interreġjonali ([2]).

### *Strumenti ta' politika*

6.4. "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" tikkonsisti f'żewġ partijiet:

— il-qasam ta' politika reġjonali u urbana, li l-biċċa l-kbira minnu jiġi implimentat permezz tal-FEŻR, l-FK u l-kontribuzzjoni għall-ENI. Huwa jirrappreżenta 80 % tal-infiq kopert minn dan il-kapitolu,

— il-qasam ta' politika tal-impjiegi u affarijiet soċjali, li l-maġġoranza kbira tiegħu jiġi implimentat permezz tal-FSE. Huwa jirrappreżenta 20 % tal-infiq kopert minn dan il-kapitolu.

#### **Il-qasam ta' politika reġjonali u urbana**

6.5. Il-FEŻR jiffinanzja proġetti ta' infrastruttura, il-ħolqien jew il-preżervazzjoni ta' impjiegi, inizjattivi għall-iżvilupp ekonomiku reġjonali u attivitajiet li jappoġġaw lil impriżi żgħar u medji fit-28 Stat Membru.

6.6. L-FK jiffinanzja investimenti fl-infrastruttura fl-oqsma tal-ambjent u t-trasport fl-Istati Membri li l-introjtu nazzjonali gross *per capita* tagħhom ikun taħt id-90 % tal-medja tal-UE (jiġifieri f'16 mit-28 Stat Membru) ([3]).

([1]) Il-pagamenti bil-quddiem tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 skont il-fond kienu: għall-FEŻR: EUR 661 miljun, għall-FK: EUR 270 miljun, għall-FSE: EUR 634 miljun u għall-FEAD: EUR 410 miljun.

([2]) L-Artikoli 174 sa 178 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

([3]) Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Greċja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja. Spanja hija eliġibbli għall-appoġġ tranżitorju taħt l-FK.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.7. Infiq ieħor jinkludi l-kontribuzzjoni mill-qasam ta' politika reġjonali u urbana għall-kooperazzjoni transkonfinali tal-ENI li għandu l-għan li jressaq lill-UE u lill-pajjiżi tal-viċinat tagħha aktar viċin xulxin ([4]).

**Il-qasam ta' politika tal-impjiegi u affarijiet soċjali**

6.8. L-FSE jinvesti f'kapital uman u jappoġġa azzjonijiet fit-28 Stat Membru li għandhom l-għan li jtejbu l-adattabbiltà ta' ħaddiema u intrapriżi għall-bidliet f'xejriet ta' xogħol, iżidu l-aċċess għall-impjiegi, jirrinforzaw l-inklużjoni soċjali ta' persuni żvantaġġati u jsaħħu l-kapaċità u l-effiċjenza ta' amministrazzjonijiet u servizzi pubbliċi.

6.9. Infiq ieħor jieħu l-forma ta' sussidji u għotjiet lil organizzazzjonijiet li jimplimentaw u jikkoordinaw azzjonijiet soċjali permezz tal-FEAD, li jipprovdi assistenza materjali ([5]) għall-persuni l-aktar fil-bżonn biex jgħin lin-nies joħorġu mill-faqar.

**Ġestjoni u kontroll tal-infiq f'fondi tal-politika ta' koeżjoni (FEŻR, FK u FSE)**

6.10. Il-FEŻR, l-FK u l-FSE huma rregolati minn regoli komuni, suġġetti għal eċċezzjonijiet fir-regolamenti speċifiċi ta' kull fond, u jiġu implimentati permezz ta' programmi pluriennali, bil-ġestjoni kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

6.11. Għal kull perjodu ta' programmazzjoni, abbażi ta' proposti mill-Istati Membri, il-Kummissjoni tapprova PO u pjanijiet finanzjarji indikattivi ([6]). Proġetti magħżula mill-awtoritajiet tal-Istati Membri jiġu ffinanzjati permezz tal-PO u jitwettqu minn individwi privati, assoċjazzjonijiet, impriżi privati jew pubbliċi jew korpi pubbliċi li jkunu lokali, reġjonali u nazzjonali. Ir-regoli skont liema spejjeż jistgħu jiġu rrimborżati mill-baġit tal-UE huma stipulati fir-regolamenti u/jew fir-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.11.** *L-istabbiliment ta' regoli tal-eliġibbiltà fil-livell nazzjonali (l-Artikolu 56 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006) kien wieħed mill-elementi ewlenin tas-simplifikazzjoni introdotta fil-perjodu tal-programm 2007-2013. Kellu l-għan li jipprovdi lill-Istati Membri b'iżjed flessibbiltà fl-adattament tar-regoli ta' eliġibbiltà għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' reġjuni jew programmi, u sabiex jarmonizzahom mar-regoli fis-seħħ għal skemi pubbliċi nazzjonali oħra.*

---

([4]) Aktar informazzjoni dwar l-ENI hija ppreżentata fil-Kapitolu 8, l-intestatura 4 tal-QFP – "Ewropa Globali", il-paragrafi 8.2 sa 8.4.

([5]) Dan jinkludi ikel, ħwejjeġ u oġġetti essenzjali oħra għal użu personali.

([6]) B'kollox, 440 PO ġew approvati mill-Kummissjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013: 322 għall-FEŻR/FK (li minnhom 25 PO fihom proġetti tal-FK) u 118 għall-FSE.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.12. Għal kull proġett, il-benefiċjarji jiddikjaraw l-ispejjeż imġarrba lill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom. Dawn id-dikjarazzjonijiet individwali jiġu aggregati f'dikjarazzjonijiet tal-infiq perjodiċi għal kull PO ċċertifikat mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, u ppreżentati lill-Kummissjoni ([7]). L-ammont kumplessiv ta' kofinanzjament mill-UE mbagħad jiġi rrimborżat mill-baġit tal-UE lill-Istat Membru.

*Livell tal-Istati Membri u dak reġjonali*

6.13. L-Istati Membri jerfgħu r-responsabbiltà primarja għall-prevenzjoni jew il-qbid u l-korrezzjoni ta' nfiq irregolari, u jirrappurtawh lill-Kummissjoni. Ir-responsabbiltà għall-amministrazzjoni ta' kuljum tinsab f'idejn awtoritajiet maniġerjali u korpi intermedjarji deżinjati ([8]). Dawn iridu jiżguraw, permezz ta' verifikazzjonijiet tal-ġestjoni (analiżijiet fl-uffiċċju u spezzjonijiet fuq il-post) li l-proġetti kollha jkunu eliġibbli għal finanzjament mill-UE u li l-ispejjeż iddikjarati jikkonformaw mal-kundizzjonijiet kollha speċifikati fir-regolamenti u/jew fir-regoli nazzjonali. Awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni jridu jiżguraw li jkunu saru kontrolli adegwati u jwettqu verifikazzjonijiet addizzjonali qabel jiddikjaraw l-infiq għar-rimborż mill-Kummissjoni.

6.14. Barra minn hekk, għal kull PO (jew grupp ta' PO), l-awtoritajiet tal-awditjar fl-Istati Membri jwettqu awditi tas-sistemi u, fuq bażi ta' kampjun, awditi *ex post* tal-operazzjonijiet ([9]). Huma jirrappurtaw dwar dawn l-awditi lill-Kummissjoni permezz ta' rapporti annwali ta' kontroll, li jinkludu opinjoni annwali tal-awditjar dwar il-funzjonament tas-sistemi u l-istima mill-awtoritajiet tal-awditjar tar-rata ta' żball (ara l-paragrafi 6.53 sa 6.57) ([10]).

([7]) Il-punt sa fejn l-ispejjeż jiġu rrimborżati jiġi ddeterminat skont ir-rata stabbilita mill-PO għal proġetti bħal dawn, iżda jittieħdu inkunsiderazzjoni kriterji oħra wkoll (bħal limiti massimi speċifiċi skont ir-regolamenti u/jew ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat).

([8]) Korp intermedjarju huwa korp pubbliku jew privat li jaġixxi taħt ir-responsabbiltà ta' awtorità maniġerjali u li jwettaq id-dmirijiet f'isimha.

([9]) L-Artikolu 62 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

([10]) Aktar dettalji dwar ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet tal-awditjar u l-kontribut tagħhom għall-proċess ta' aċċertament tal-Kummissjoni jistgħu jinsabu fir-Rapport Speċjali Nru 16/2013 "Valutazzjoni ta' awditu uniku (single audit) u d-dipendenza tal-Kummissjoni fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar fil-Koeżjoni", il-paragrafi 5 sa 11.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| *Livell tal-Kummissjoni* | |
| 6.15. Il-Kummissjoni (id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana u d-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni) trid tikseb aċċertament li l-Istati Membri jkunu stabbilixxew sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-regolamenti, u li s-sistemi jiffunzjonaw b'mod effettiv ([11]). | |
| 6.16. Jekk il-Kummissjoni ssib li Stat Membru jkun naqas milli jikkoreġi nfiq irregolari, li kien ġie ċċertifikat u ddikjarat, jew li jkun hemm nuqqasijiet serji fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, il-Kummissjoni tista' tinterrompi jew tissospendi l-pagamenti ([12]). Jekk l-Istat Membru ma jirtirax l-infiq irregolari (li jista' jiġi sostitwit bi nfiq eliġibbli għal proġetti oħra tal-istess PO sa tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni) u/jew ma jirrimedja ebda nuqqas li jkun inqabad fis-sistema, il-Kummissjoni tista' tapplika korrezzjonijiet finanzjarji ([13]) ([14]). | |
| *Riskji għar-regolarità* | |
| 6.17. Fl-implimentazzjoni tal-PO, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiffaċċjaw prijoritajiet li jikkompetu ma' xulxin. L-infiq għandu jkun suġġett għal kontrolli xierqa intenzjonati biex jiżguraw ir-regolarità u ġestjoni finanzjarja tajba. Fl-istess waqt, hemm interess fl-assorbiment tal-fondi allokati mill-UE. Fil-prattika, dan jista' jfixkel l-applikazzjoni konsistenti ta' kontrolli effettivi u b'hekk il-ksur ta' regoli ma jinqabadx u ma jiġix ikkoreġut u l-infiq ineliġibbli jiġi finalment irrimborżat mill-baġit tal-UE. Dan jista' jirriżulta wkoll fil-finanzjament ta' proġetti li huma għaljin wisq, mhux implimentati b'mod effiċjenti jew mhux probabbli li jiksbu r-riżultati maħsuba ([15]) (ara wkoll il-paragrafu 6.80). Din it-tensjoni tiżdied meta joqrob tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà, billi l-Istati Membri jirriskjaw li jitilfu s-sehem mhux minfuq tal-fondi inizjalment allokati għalihom. | **6.17.** *Kontrolli adegwati jridu jiżguraw ir-regolarità tan-nefqa kollha ddikjarata matul il-perjodu ta' implimentazzjoni u sal-għeluq. Minħabba li t-tmiem tal-perjodu ta' eliġibbiltà huwa l-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni tistenna li r-riskju msemmi mill-Qorti se jkun aktar akut għall-infiq iddikjarat fl-2015 u fis-snin ta' wara.*<br><br>*Dokumenti tal-għeluq mill-Istati Membri huma meħtieġa sal-31 ta' Marzu 2017 u se jipprovdu assigurazzjoni addizzjonali. Il-Kummissjoni b'mod proattiv adottat linji gwida dwar l-għeluq fl-20 ta' Marzu 2013 (Deċiżjoni C(2013) 1573) li ġew kompluti u aġġornati fit-30 ta' April 2015. Is-servizzi tal-Kummissjoni organizzaw diversi seminars dwar l-għeluq għall-Istati Membri; aġġornaw il-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom u konsegwentement l-Istrateġija tal-Verifika 2007-2013 biex jindirizzaw kwalunkwe riskju potenzjali minħabba l-aħħar parti tal-perjodu ta' implimentazzjoni.*<br><br>*Il-Kummissjoni f'Novembru 2014 daħħlet ukoll fis-seħħ Task Force għal Implimentazzjoni Aħjar sabiex ittejjeb l-implimentazzjoni tal-FEŻR/FK fi tmien Stati Membri, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tal-legalità u r-regolarità tal-infiq (ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 2.18).* |

([11]) L-Artikolu 72 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

([12]) L-Artikolu 39(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1); l-Artikoli 91 u 92 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

([13]) L-Artikolu 99 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

([14]) Aktar informazzjoni dwar il-mod kif il-Kummissjoni imponiet interruzzjonijiet/sospensjonijiet u kif applikat korrezzjonijiet finanzjarji tingħata wkoll fil-Kapitolu 1, "Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u l-informazzjoni ta' sostenn", il-paragrafi 1.30 sa 1.44.

([15]) Aktar informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' prestazzjoni hija ppreżantata fil-Kapitolu 3, "Kisba ta' riżultati mill-baġit tal-UE", il-paragrafi 3.76 sa 3.86.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.18. Għal bosta snin aħna qbadna inċidenza għolja ta' irregolaritajiet fil-qasam tal-koeżjoni. Mill-2009 'l hawn, meta l-biċċa l-kbira mill-infiq kien relatat mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013, il-livell ta' żball stmat kien mifrux bejn 4,5 % u 7,7 % ([16]). Din ir-rata hija sinifikattivament aktar baxxa milli fis-snin preċedenti, meta l-infiq kien marbut mal-perjodu ta' programmazzjoni 2000–2006.

6.19. Għall-infiq mill-FEŻR u mill-FK ir-riskji prinċipali huma relatati man-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE u/jew dawk nazzjonali meta jingħataw il-kuntratti u mal-finanzjament ta' proġetti li ma jkunux eliġibbli jew li ma jkunux jikkonformaw mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat ([17]). Riskju ulterjuri huwa li l-benefiċjarji jiddikjaraw spejjeż li jkunu ineliġibbli skont ir-regolamenti u/jew ir-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà.

6.20. Għall-infiq mill-FSE, ir-riskju l-kbir huwa relatat man-natura intanġibbli tal-investimenti fil-kapital uman, u l-involviment ta' ħafna sħab, spiss ta' skala żgħira, fl-implimentazzjoni tal-proġetti. Dawn il-fatturi jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' eliġibbiltà tal-UE u/jew dawk nazzjonali li jirriżulta fl-aċċettazzjoni ta' spejjeż ineliġibbli mis-sistemi stabbiliti.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.18.** *Il-Kummissjoni tqis li t-tnaqqis fil-livell tar-rata ta' żbalji b'relazzjoni mal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti jirrifletti t-titjib tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.*

**6.19.** *Il-Kummissjoni taqbel ma' din il-valutazzjoni, kif hemm iddettaljat fid-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tagħha (Analiżi tal-iżbalji fil-Politika ta' Koeżjoni għas-snin 2006–2009 (SEC(2011) 1179 tal-5 ta' Ottubru 2011). Il-Kummissjoni kompliet tieħu azzjonijiet speċifiċi biex jittaffew dawn ir-riskji: pereżempju, ġiet ipprovduti gwida u taħriġ addizzjonali lill-awtoritajiet ta' ġestjoni dwar ir-riskji identifikati; l-implimentazzjoni f'waqtha ta' korrezzjonijiet finanzjarji, proċeduri ta' interruzzjoni u sospensjoni; awditi mmirati lejn l-oqsma l-aktar riskjużi. Tali azzjonijiet preventivi u korrettivi nġiebu flimkien ma' inizjattivi ġodda taħt pjan ta' azzjoni komprensiv stabbilit fl-2013 bejn id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana u d-DĠ għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs biex titjieb l-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni taħt il-paragrafu 6.30 sa 6.33).*

*Pjan ta' Azzjoni ieħor mad-DĠ għall-Kompetizzjoni biex jappoġġa l-awtoritajiet tal-programm fl-implimentazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, rieżaminat u ssimplifikat fl-2014, għadu għaddej.*

**6.20.** *Il-Kummissjoni ħadet azzjonijiet speċifiċi sabiex ittaffi r-riskji identifikati, li jinkludu b'mod partikolari miżuri preventivi u korrettivi, bħal gwida, taħriġ, simplifikazzjoni, politika stretta fuq l-interruzzjonijiet u s-sospensjonijiet tal-pagamenti u implimentazzjoni fil-ħin tal-korrezzjonijiet finanzjarji meta meħtieġ. Il-Kummissjoni qiegħda wkoll tindirizza dan ir-riskju billi tippromwovi b'mod attiv l-użu ta' għażliet simplifikati ta' kostijiet mill-Istati Membri u billi tinsisti fuq l-importanza tal-kontrolli tal-ewwel livell mill-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Kummissjoni taġġorna fuq bażi annwali dan il-pjan ta' verifika sabiex tindirizza l-aktar riskji sinifikanti identifikati.*

([16]) Ara r-rapport tagħna "Agrikoltura u koeżjoni: ħarsa ġenerali lejn l-infiq tal-UE għall-2007–2013", il-paragrafu 23 u l-Graff 6, ibbażat fuq *data* storika mhux aġġustata.

([17]) Riskju f'dan il-qasam tnaqqas bl-applikazzjoni retrospettiva tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa li jistabbilixxi regoli parzjalment inqas ristrettivi. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni ma għadhiex tiftaħ xi wħud mill-każijiet ta' ksur li, kieku, kienu jinfetħu taħt ir-regoli preċedenti. Aħna applikajna l-istess approċċ fl-awditu tagħna. Aktar informazzjoni dwar ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat tista' tinsab fir-Rapport Speċjali Nru 15/2011, "Il-proċeduri tal-Kummissjoni jassiguraw il-ġestjoni effettiva tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat?"

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

6.21. L-***Anness 1.1***, il-***parti 2***, tal-Kapitolu 1 jiddeskrivi l-approċċ u l-metodoloġija kumplessivi tal-awditjar tagħna. Għall-awditu ta' "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali", għandhom jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin għall-Parti 1, valutazzjoni dwar ir-regolarità:

(a) l-awditu kien jinvolvi l-eżaminar ta' kampjun ta' 161 tranżazzjoni għall-qasam ta' politika reġjonali u urbana ([18]) u kampjun ieħor ta' 170 tranżazzjoni għall-qasam ta' politika tal-impjiegi u affarijiet soċjali ([19]) kif definit fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7. Kull kampjun huwa mfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa tat-tranżazzjonijiet kollha kemm hi, fi ħdan kull wieħed miż-żewġ oqsma ta' politika. Fl-2014, iż-żewġ kampjuni meħuda flimkien kienu jikkonsistu fi tranżazzjonijiet minn 21 Stat Membru ([20]);

(b) l-awditu kien jinvolvi l-eżaminar ta' strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża prinċipalment f'termini tar-rati ta' żborżament tagħhom (jiġifieri l-proporzjon ta' fondi użati fil-livell tar-riċevituri finali). Dan sar permezz ta' analiżi tar-rappurtar ta' progress tal-Kummissjoni għall-2013 u ta' seba' strumenti finanzjarji tal-FEŻR u tal-FSE;

(c) il-valutazzjoni tas-sistemi eżaminat:

  (i) l-attivitajiet superviżorji tal-Kummissjoni fir-rigward tal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali tal-awditjar fi 18-il Stat Membru ([21]);

  (ii) ir-rapporti annwali tal-attività (RAA) tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana u tad-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni.

---

([18]) Minn dawn it-tranżazzjonijiet, 101 kienu jikkonċernaw proġetti tal-FEŻR, 55 kienu jikkonċernaw proġetti tal-FK u 5 kienu jikkonċernaw strumenti finanzjarji, u kollha huma relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013 (ara l-***Anness 6.1***). Il-kampjun ittieħed mill-pagamenti kollha, bl-eċċezzjoni ta' pagamenti bil-quddiem li ammontaw għal EUR 2,563 biljun fl-2014. L-istrumenti finanzjarji eżaminati ġew kampjunati minn dawk il-fondi li għalihom saru żborżamenti lill-benefiċjarji finali (bħal self, garanziji jew investimenti ta' ekwità) matul l-2014.

([19]) Minn dawn it-tranżazzjonijiet, 168 kienu jikkonċernaw proġetti tal-FSE u 2 kienu jikkonċernaw strumenti finanzjarji u kollha huma relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013 (ara l-***Anness 6.1***). Il-kampjun ittieħed mill-pagamenti kollha, bl-eċċezzjoni ta' pagamenti bil-quddiem li ammontaw għal EUR 1,215-il biljun fl-2014.

([20]) *Għall-qasam ta' politika reġjonali u urbana:* il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, l-Iżvezja u r-Renju Unit (ara l-***Anness 1.5***).
*Għall-qasam ta' politika tal-impjiegi u affarijiet soċjali:* il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Greċja, Franza, l-Italja, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja (ara l-***Anness 1.5***).

([21]) Il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.22. L-awditu vvaluta wkoll, bħala eżerċizzju pilota, jekk u sa liema punt il-proġetti kkompletati u eżaminati tal-FEŻR, tal-FK u tal-FSE laħqu l-objettivi tagħhom tal-output u tar-riżultati kif stipulati fil-ftehimiet ta' għotja. Aħna vverifikajna wkoll jekk dawn l-objettivi kinux konformi mal-objettivi tal-PO. Dan sar għall-186 mit-331 proġett eżaminati li kienu kkompletati fi żmien l-awditu. Ir-riżultati ta' dan l-eżerċizzju huma ppreżentati fil-Parti 2 li hija ddedikata għal kwistjonijiet relatati mal-prestazzjoni.

## PARTI 1: IL-VALUTAZZJONI TAGĦNA DWAR IR-REGOLARITÀ

## REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

6.23. L-***Anness 6.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" fl-intier tiegħu kif ukoll għal kull wieħed mill-oqsma ta' politika involuti (politika reġjonali u urbana, u impjiegi u affarijiet soċjali).

6.24. Mit-331 tranżazzjoni li eżaminajna, 135 (41 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tal-53 żball li kkwantifikajna, il-livell ta' żball stmat għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" fl-intier tiegħu huwa ta' 5,7 % ([22]). Ir-riżultati għaż-żewġ oqsma koperti minn dan il-kapitolu kienu dawn li ġejjin:

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.24.** *Il-Kummissjoni tinnota li l-livell ta' żbalji rrappurtati mill-Qorti huwa stima annwali li tqis il-korrezzjonijiet tan-nefqa tal-proġett jew ir-rimborżi milquta minn żbalji misjuba u rreġistrati qabel l-awditjar tal-Qorti. Il-Kummissjoni tissottolinja li hija marbuta mir-Regolament Finanzjarju, li jistipula fl-Artikolu 32(2)(e) li s-sistema ta' kontroll intern tagħha għandha tiżgura, fost affarijiet oħra, "kontroll adegwat tar-riskji li jirrigwardaw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti meta jitqies il-karattru pluriennali tal-programmi u n-natura tal-pagamenti". Il-Kummissjoni se tkompli teżerċita r-rwol superviżorju tagħha, b'mod partikolari billi timplimenta l-korrezzjonijiet u l-irkupri finanzjarji fil-livell li jikkorrispondi mal-livell tal-irregolaritajiet u tan-nuqqasijiet identifikati.*

*Il-Kummissjoni tinnota wkoll li minħabba l-karattru pluriennali tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll skont il-Politika ta' Koeżjoni, żbalji li saru fl-2014 jistgħu wkoll jiġu kkorreġuti fis-snin sussegwenti kif muri fit-Taqsima 4.2.2 tar-RAA rispettivi tal-2014 tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana u d-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni.*

*Għall-perjodu 2014-2020 il-kapaċità korrettiva tal-Kummissjoni hija msaħħa aktar billi tipprovdi għal korrezzjonijiet finanzjarji netti mill-Kummissjoni u għalhekk tnaqqas il-possibbiltà għall-Istati Membri li jerġgħu jużaw il-fondi, għal nuqqasijiet serji misjuba mill-Kummissjoni. Dan se jkun inċentiv importanti għall-Istati Membri sabiex jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet serji qabel jiċċertifikaw il-kontijiet annwali lill-Kummissjoni.*

([22]) Aħna nikkalkulaw l-istima tagħna tar-rata ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Aħna ninsabu 95 % fiduċjużi li r-rata ta' żball fil-popolazzjoni tinsab bejn 3,1 % u 8,2 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
| --- | --- |
| — għall-qasam ta' politika reġjonali u urbana, mill-161 tranżazzjoni li eżaminajna, 75 (47 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tal-25 żball li kkwantifikajna, il-livell ta' żball stmat huwa ta' 6,1 % ([23]), | *Il-Kummissjoni tosserva li r-rata tal-iżbalji l-aktar probabbli kkalkulata għall-2014 hija aktar baxxa milli fl-2013 u hija konformi mar-rati ta' żbalji ppreżentati mill-Qorti għal dawn l-aħħar erba' snin, u mal-firxa tar-rata ta' żbalji tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana fir-RAA tal-2014, suġġett għad-differenzi stabbiliti fil-paragrafu 6.70.*<br><br>*Dan jikkonferma li r-rata ta' żbalji għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 tibqa' stabbli u b'mod sinifikanti taħt ir-rati għall-perjodu 2000-2006, kif indikat fil-paragrafu 6.18. Dan l-iżvilupp huwa derivat mid-dispożizzjonijiet ta' kontroll imsaħħaħ tal-perjodu 2007–2013 u l-politika stretta tal-Kummissjoni biex tinterrompi/tissospendi l-pagamenti malli jiġu identifikati xi nuqqasijiet, kif irrappurtat fir-rapport ta' attività annwali tal-2014 tad-DĠ Politika Reġjonali Urbana (ara pp. 53-54). Il-Kummissjoni se tkompli tiffoka l-azzjonijiet tagħha fuq il-programmi/l-Istati Membri l-aktar riskjużi biex timplimenta miżuri korrettivi meta jkun meħtieġ permezz ta' politika stretta ta' interruzzjonijiet u sospensjonijiet ta' pagamenti u tapplika proċeduri stretti li jeskludu kull riskju materjali li jibqa' ta' nefqa irregolari.*<br><br>*Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-frekwenza ta' żbalji naqset meta mqabbel mal-2013.* |
| — għall-qasam ta' politika tal-impjiegi u affarijiet soċjali, mill-170 tranżazzjoni li eżaminajna, 60 (35 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tat-28 żball li kkwantifikajna, il-livell ta' żball stmat huwa ta' 3,7 % ([24]). | *Il-Kummissjoni tosserva li r-rata tal-iżbalji l-aktar probabbli kkalkulata għall-2014 hija skont ir-rata ta' żbalji ppreżentati mill-Qorti għal dawn l-aħħar erba' snin, u mal-firxa tar-rata ta' żbalji tad-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni fir-RAA tal-2014, suġġett għad-differenzi stabbiliti fil-paragrafu 6.70.*<br><br>*Dan jikkonferma li r-rata ta' żbalji għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 tibqa' stabbli u b'mod sinifikanti taħt ir-rati għall-perjodu 2000-2006, kif indikat fil-paragrafu 6.18. Dan it-titjib huwa derivat mid-dispożizzjonijiet ta' kontroll imsaħħaħ tal-perjodu 2007–2013 u l-politika stretta tal-Kummissjoni biex tinterrompi/tissospendi l-pagamenti u timplimenta l-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa malli jiġu identifikati xi nuqqasijiet, kif irrappurtat fir-rapport ta' attività annwali tal-2014 tad-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni (ara paġni 59-62). Il-Kummissjoni se tkompli tiffoka l-azzjonijiet tagħha fuq il-programmi/l-Istati Membri l-aktar riskjużi u timplimenta miżuri korrettivi meta jkun meħtieġ permezz ta' politika stretta ta' interruzzjonijiet u sospensjonijiet ta' pagamenti u korrezzjonijiet finanzjarji u tapplika proċeduri stretti li jeskludu kull riskju materjali li jibqa' ta' nefqa irregolari.* |

([23]) Il-livelli inferjuri u superjuri tal-iżball għall-qasam ta' politika reġjonali u urbana huma 3,0 % u 9,2 % rispettivament.

([24]) Il-livelli inferjuri u superjuri tal-iżball għall-qasam ta' politika tal-impjiegi u affarijiet soċjali huma 1,9 % u 5,6 % rispettivament.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.25. Il-Kapitolu 1 fih valutazzjoni tal-preċiżjoni u l-affidabbiltà taċ-ċifri għall-korrezzjonijiet finanzjarji ppreżentati fin-Nota 6 għall-kontijiet konsolidati tal-UE (ara l-paragrafi 1.43 sa 1.44). Il-Kapitolu 1 tar-Rapport Annwali 2012 spjega wkoll kif il-korrezzjonijiet finanzjarji jittieħdu inkunsiderazzjoni meta jiġi kkalkulat il-livel ta' żball stmat ([25]).

6.26. Il-***Graff 6.2*** tippreżenta l-punt sa fejn it-tipi differenti ta' żball ikkontribwixxew għal-livell ta' żball stmat tagħna għall-2014 għall-politika reġjonali u urbana, għall-impjiegi u affarijiet soċjali u għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" fl-intier tiegħu.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.25.** *Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha fil-paragrafi 1.43 sa 1.44.*

**Graff 6.2 – Kontribut skont it-tip ta' żball għal-livell ta' żball stmat għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" fl-intier tiegħu**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

([25]) Ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafi 1.19 sa 1.37.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.27. Is-sorsi prinċipali ta' żball għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" fl-intier tiegħu jkomplu jkunu l-ksur ta' regoli tal-akkwist pubbliku, segwit mill-inklużjoni ta' nfiq ineliġibbli fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-benefiċjarji, il-ksur ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u, fl-aħħar nett, l-għażla ta' proġetti interament ineliġibbli.

6.28. Għall-qasam ta' politika tal-impjiegi u affarijiet soċjali, il-proporzjon ta' tranżazzjonijiet bi proċeduri ta' akkwist pubbliku huwa ħafna aktar baxx milli għall-qasam ta' politika reġjonali u urbana. Is-sors prinċipali ta' żball għal dan il-qasam ta' politika huwa spejjeż ineliġibbli.

6.29. Matul l-aħħar tliet snin, aħna ma qbadna ebda żball kwantifikabbli relatat mal-użu ta' possibbiltajiet ta' spejjeż simplifikati (SCO) ([26]). Fl-2014, aħna kkampjunajna 42 tranżazzjoni, relatati ma' 16 mill-24 pagament għal PO tal-FSE, li kienu jinkludu SCOs fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tagħhom. Aħna qbadna biss żewġ żbalji mhux kwantifikabbli relatati mal-użu speċifiku ta' SCOs. Dan juri li proġetti li jużaw SCOs huma inqas suxxettibbli għal żball minn dawk li jużaw spejjeż reali. Dan l-aspett huwa speċjalment rilevanti għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 ([27]).

([26]) Ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 6.16.

([27]) Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470) jinkludi l-obbligu li jintużaw SCOs għal proġetti żgħar taħt EUR 50 000 u l-Istati Membri xorta waħda jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu użu akbar mill-SCOs għall-programmi tal-2014–2020 li jinsabu fil-fażi bikrija tal-implimentazzjoni.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Ksur tar-regoli tal-akkwist pubbliku*

6.30. Ir-regoli tal-akkwist pubbliku huma strument ewlieni biex il-flus pubbliċi jintnefqu b'mod ekonomiku u effettiv u biex jiġi stabbilit suq intern fi ħdan l-UE. Bħal fis-snin preċedenti, il-proċeduri ta' akkwist pubbliku kienu partikolarment suxxettibbli għal żbalji ([28]). Dan huwa s-sors prinċipali ta' żbalji għall-qasam ta' politika reġjonali u urbana u għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" fl-intier tiegħu.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.30.** *It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni rigward il-paragrafi 6.30 sa 6.32.*

*Ir-regoli tal-akkwist pubbliku huma applikabbli għal kull infiq pubbliku fl-Istati Membri u mhumiex speċifiċi għall-Politika ta' koeżjoni. Nuqqas ta' konformità ma' regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE jew dawk nazzjonali huwa sors ewlieni ta' żbalji f'dan il-qasam ta' politika, b'mod partikolari għall-politika reġjonali u urbana, prinċipalment minħabba t-tipi ta' proġetti kofinanzjati. Il-Kummissjoni ħadet diversi azzjonijiet preventivi u korrettivi mill-aħħar perjodi ta' programmar sabiex tindirizza d-dgħufijiet identifikati f'dak il-qasam.*

*Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-akkwist pubbliku stabbilit fl-2013 bejn id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana, id-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni u d-DĠ għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs għandu l-għan li jkompli jtejjeb l-implimentazzjoni tar-regoli tal-akkwist pubbliku fl-Istati Membri permezz ta' miżuri preventivi addizzjonali. Għaddejjin azzjonijiet ġodda u notevolment jinkludu: gwida u taħriġ; l-identifikazzjoni u l-iskambju ta' prassi tajba bejn l-Istati Membri; l-istabbiliment ta' gwida komprensiva għall-prattikanti; it-twaqqif ta' pjattaforma ta' skambju bejn il-pari ġdida; kif ukoll pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi għall-pajjiż.*

*Il-qafas legali għal Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment 2014-2020 introduċa wkoll kundizzjonalitajiet ex-ante għall-użu effettiv u effiċjenti tal-fondi tal-Unjoni, li jkopru fost l-oħrajn sistemi tal-akkwist pubbliku mill-Istati Membri. F'dan il-kuntest, 12-il pjan ta' azzjoni tal-pajjiż ġew adottati u ser ikollhom jiġu valutati sal-2016. Is-sospensjonijiet tal-pagamenti interim tista' tiġi deċiża f'każ ta' nuqqas ta' ilħuq ta' kondizzjonalità ex ante applikabbli sal-aħħar tal-2016 (Art. 19 tar-Reg. (UE) Nru 1303/13).*

*Id-Direttivi tal-2014 dwar l-akkwist pubbliku jintroduċu simplifikazzjonijiet u għandhom jiġu trasposti fil-liġijiet nazzjonali sa April 2016, u minn hawn' il quddiem se jibdew jipproduċu l-effett tagħhom fuq il-post.*

*Il-Kummissjoni tinnota li fir-rapport speċjali tagħha dwar l-iżbalji relatati mal-akkwist pubbliku fil-qasam tal-Koeżjoni, il-Qorti tistieden lill-Istati Membri biex itejbu l-kapaċità amministrattiva tagħhom f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni tistenna li l-Istati Membri issa ser jaħtfu l-opportunitajiet offruti kollha biex titjieb il-kapaċità tal-programmi tagħhom u li l-awtoritajiet kontraenti jikkonformaw mar-regoli tal-akkwist pubbliku.*

([28]) Ara r-Rapport Annwali 2010, il-paragrafi 4.26 sa 4.27, ir-Rapport Annwali 2011, il-paragrafi 5.31 sa 5.33, u r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafi 5.30 sa 5.34, u r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafi 5.23 sa 5.26.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.31. Il-Kapitolu 1 fih taqsima li tispjega l-aġġornament għall-approċċ tagħna għall-kwantifikazzjoni ta' ksur serju tar-regoli tal-akkwist pubbliku. Dan irriżulta fi kjarifika tal-mod kif aħna nivvalutaw l-impatt ta' dan il-ksur (ara l-paragrafu 1.13). Aħna ppubblikajna wkoll rapport speċjali dwar l-azzjonijiet li ttieħdu mill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jindirizzaw il-problema ta' żbalji fl-akkwist pubbliku fil-qasam tal-koeżjoni ([29]).

6.32. Fl-2014, aħna eżaminajna 175 proċedura ta' akkwist pubbliku relatati ma' kuntratti għal xogħlijiet u servizzi li fuqhom huwa bbażat l-infiq għat-tranżazzjonijiet ittestjati għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali". Il-valur stmat tal-kuntratti għal dawn l-akkwisti pubbliċi ammonta għal bejn wieħed u ieħor EUR 3,3 biljun ([30]). Il-maġġoranza vasta ta' dawn il-kuntratti hija għal proġetti kkofinanzjati mill-PO tal-FEŻR u tal-FK ([31]).

6.33. Aħna identifikajna każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE u/jew ma' dawk nazzjonali għal 39 mill-175 proċedura eżaminati. Tlettax minn dawn kienu nuqqasijiet serji ta' konformità ma dawn ir-regoli u għaldaqstant ikklassifikati bħala żbalji kwantifikabbli (ara l-Kaxxa 6.1). Dawn l-iżbalji jirrappreżentaw 25 % tal-iżbalji kwantifikabbli kollha u jiffurmaw bejn wieħed u ieħor 2,7 punti perċentwali tal-livell ta' żball stmat.

**Kaxxa 6.1 – Eżempji ta' nuqqasijiet serji ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku**

(a) *Għoti dirett mhux ġustifikat:* Fi proġett tal-FK f'Malta relatat mar-rikostruzzjoni u t-titjib ta' sezzjoni ta' awtostrada ta' netwerk ta' toroq TEN-T (b'tul ta' 7 km), l-awtorità kontraenti nnegozjat kuntratt ogħla mis-sollijiet tal-UE direttament ma' kumpanija waħda mingħajr sejħa minn qabel għal kompetizzjoni. Għaldaqstant, l-infiq iddikjarat għal dan il-kuntratt huwa ineliġibbli.

Instabu każijiet simili fi proġetti oħra tal-FEŻR fl-Iżvezja u fir-Renju Unit u fi proġetti tal-FSE fil-Ġermanja u fl-Italja.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.31.** *Il-Kummissjoni se ssegwi l-iżbalji rrappurtati mill-Qorti skont id-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9527 finali dwar* "l-istabbiliment u l-approvazzjoni tal-linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni rigward in-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża, għal nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku".

**6.33.** *Il-Kummissjoni se ssegwi l-każijiet identifikati mill-Qorti u tipproponi azzjonijiet skont kif tqis li huwa neċessarju.*

([29]) Ara r-Rapport Speċjali Nru 10/2015 "L-isforzi biex jiġu indirizzati l-problemi relatati mal-akkwist pubbliku fin-nefqa tal-UE għall-Koeżjoni għandhom jiġu intensifikati".

([30]) Dan l-ammont jirrappreżenta l-infiq totali għall-kuntratti mogħtija, li parti minnu ġie ċċertifikat skont id-dikjarazzjonijiet tal-infiq eżaminati.

([31]) Għal madwar 53 % tal-175 proċedura ta' akkwist pubbliku li eżaminajna, il-valur tal-kuntratt kien ogħla mil-livell limitu li għamilhom suġġett għar-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE kif trasposti fil-liġi nazzjonali (71 mill-proċeduri ta' akkwist pubbliku eżaminati li l-valur tal-kuntratt tagħhom kien ogħla mil-livell limitu kienu jikkonċernaw il-FEŻR/FK u 23 minnhom l-FSE).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(b) *Għoti dirett mhux ġustifikat ta' xogħlijiet/servizzi addizzjonali (nuqqas ta' ċirkustanzi mhux previsti):* Għal proġett tal-FEŻR fil-Ġermanja relatat mar-rinnovazzjoni u r-riabilitazzjoni ta' bini universitarju, l-infiq relatat ma' emenda fil-kuntratt ġie ddikjarat bħala kofinanzjament. B'mod partikolari, il-perit żied it-tariffi billi ġab l-argumenti tal-kumplessità għolja tal-kostruzzjoni, ir-riskju ta' dewmien u spejjeż aktar milli ppjanat. Madankollu, ir-raġunijiet ippreżentati biex jispjegaw iż-żieda fil-kumpens mhumiex ibbażati fuq ċirkustanzi mhux prevedibbli. Għalhekk, iż-żieda tat-tariffi ta' din l-emenda fil-kuntratt titqies bħala ineliġibbli.

Instabu każijiet simili fi proġetti oħra tal-FEŻR fil-Belġju u fl-Italja.

(c) *Esklużjoni illegali ta' offerenti:* Fi proġett tal-FK fl-Ungerija relatat mar-rikostruzzjoni ta' linja ferrovjarja, l-awtorità kontraenti ma kinitx konsistenti fil-valutazzjoni tal-konformità mal-kriterji tal-għażla. B'riżultat ta' dan, ġew esklużi l-offerenti kollha minbarra wieħed. Li kieku r-raġunijiet għall-esklużjoni kienu ġew applikati b'mod koerenti, l-eżitu tal-offerta kien ikun differenti. Dan jirrappreżenta ksur tal-prinċipji ta' trasparenza u trattament indaqs u mhux diskriminatorju u, għaldaqstant, l-infiq iddikjarat għal dan il-kuntratt huwa ineliġibbli.

Instabu każijiet simili ta' kriterji tal-għoti illegali fi proġett ieħor tal-FK fl-Ungerija u fi proġett tal-FEŻR fl-Iżvezja.

(d) *Kunflitt ta' interess u kriterji tal-għażla diskriminatorji:* Fil-każ ta' proġett tal-FSE fil-Finlandja li jikkonċerna azzjonijiet għall-promozzjoni tat-tkabbir tan-negozju, instabu ħafna irregolaritajiet fil-proċedura ta' akkwist pubbliku. Ġie identifikat kunflitt ta' interess billi l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-unika kumpanija offerenti kien impjegat mill-awtorità kontraenti fiż-żmien meta twettqet il-proċedura tal-offerti. Barra minn hekk, l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta kienu jinkludu kriterji tal-għażla diskriminatorji li ma ppermettewx l-aċċess indaqs tal-offerenti fil-proċedura. B'riżultat ta' dan, l-infiq kollu relatat mal-akkwist pubbliku huwa irregolari u ineliġibbli għal kofinanzjament.

6.34. Żbalji oħra relatati ma' proċeduri tas-sottomissjoni ta' offerti u ma' proċeduri ta' kuntrattar seħħew f'26 mill-175 akkwist pubbliku eżaminati. Dawn l-iżbalji jinkludu każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' informazzjoni u ta' pubblikazzjoni, applikazzjoni skorretta tal-kriterji tal-għażla u nuqqasijiet fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta. Dawn l-iżbalji ma jikkontribwixxux għar-rata ta' żball li aħna stmajna ([32]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.34.** *Il-Kummissjoni se ssegwi l-każijiet identifikati mill-Qorti u tipproponi azzjonijiet skont kif tqis li huwa neċessarju.*

([32]) Aktar informazzjoni fir-rigward tal-approċċ tagħna għall-kwantifikazzjoni ta' żbalji tal-akkwist pubbliku tingħata fl-***Anness 1.1***, il-paragrafi 13 u 14.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.35. Għal tmien tranżazzjonijiet f'sitt Stati Membri ([33]), l-awtoritajiet nazzjonali kienu identifikaw każijiet serji ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku u imponew korrezzjonijiet finanzjarji speċifiċi fil-livell tal-proġetti ([34]). Dawn il-miżuri korrettivi ttieħdu inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tar-rata ta' żball stmata tagħna, billi l-miżuri korrettivi ttieħdu qabel in-notifika tal-awditu tagħna.

## *Infiq ineliġibbli*

6.36. Meta jiddikjaraw l-ispejjeż lill-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali jkunu qed jiċċertifikaw li dawn l-ispejjeż ikunu ġġarrbu f'konformità ma' għadd ta' dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti f'regolamenti tal-UE, f'leġiżlazzjoni nazzjonali jew f'regoli ta' eliġibbiltà, f'regoli speċifiċi tal-PO, f'sejħiet għal interess, f'deċiżjonijiet għall-approvazzjoni ta' proġetti għal kofinanzjament jew fi ftehimiet ta' għotja (ara l-paragrafu 6.13).

6.37. L-infiq ineliġibbli huwa s-sors prinċipali ta' żball għall-qasam ta' politika tal-impjiegi u affarijiet soċjali u t-tieni l-aktar importanti għall-qasam ta' politika reġjonali u urbana. Aħna sibna li spejjeż ineliġibbli kienu ġew iddikjarati f'10 % tat-tranżazzjonijiet eżaminati (ara l-Kaxxa 6.2). Dawn il-każijiet jirrappreżentaw 60 % tal-iżbalji kwantifikabbli kollha u jammontaw għal bejn wieħed u ieħor 1,5 punti perċentwali tal-livell ta' żball stmat.

**Kaxxa 6.2 – Eżempji ta' spejjeż ineliġibbli ddikjarati**

(a) *Infiq iddikjarat barra mill-perjodu ta' eliġibbiltà:* Fi proġett tal-FEŻR fir-Repubblika Ċeka relatat mal-estensjoni u r-rikostruzzjoni ta' linji tat-tramm, xi wħud mill-fatturi ddikjarati għal kofinanzjament iġġarrbu u tħallsu qabel id-data tal-bidu tal-eliġibbiltà tal-proġett. Dan l-infiq huwa ineliġibbli għal kofinanzjament mill-UE.

Instab każ simili fi proġett ieħor tal-FEŻR fil-Ġermanja.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.35.** *Il-Kummissjoni tinnota li azzjoni korrettiva adegwata ġiet tabilħaqq meħuda minn xi awtoritajiet tal-programm fl-Istati Membri kkwotati, għalkemm mhux fil-każijiet kollha identifikati mill-Qorti. L-għan tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni msemmi fit-tweġiba għall-paragrafi 6.30 sa 6.32 huwa li tiżdied l-okkorrenza ta' dawn l-azzjonijiet korrettivi proattivi fil-livell tal-Istat Membru.*

**6.37.** *Il-Kummissjoni se ssegwi l-każijiet identifikati mill-Qorti u tipproponi azzjonijiet skont kif tqis li huwa neċessarju.*

*Il-Kummissjoni tinnota li f'xi każijiet ir-regoli nazzjonali jew reġjonali applikati għan-nefqa ffinanzjata mill-Politika ta' Koeżjoni huma aktar stretti minn dawk previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għal nefqa simili ffinanzjata fil-livell nazzjonali. Dawn ir-rekwiżiti addizzjonali jistgħu jitqiesu bħala każ ta' piż amministrattiv mhux meħtieġ u kumplessità għall-infiq għall-Politika ta' Koeżjoni imposta mill-Istati Membri fuqhom infushom kif deskritt fir-rapporti dwar regolamentazzjoni żejda u simplifikazzjoni maħruġa mid-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni fl-2013.*

([33]) Ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

([34]) Skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9527 final tad-19.12.2013.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(b) *Salarji ddebitati b'mod eċċessiv:* Fi proġett tal-FSE fil-Portugall relatat ma' programm ta' taħriġ ta' tliet snin għal żgħażagħ li jieħdu lawrja fl-edukazzjoni sekondarja u kwalifika professjonali, il-benefiċjarju uża, għall-kalkolu tas-salarji eliġibbli tal-għalliema, metodu differenti minn dak previst fil-ftehim ta' għotja. Barra minn hekk, l-għalliema ma ħadmux sigħat daqs kemm ġie ddikjarat. Dan irriżulta fid-dikjarazzjoni ta' spejjeż ogħla tal-persunal għal kofinanzjament. Id-differenza bejn l-infiq iddikjarat u l-infiq li jirriżulta mill-formola approvata hija ineliġibbli għal kofinanzjament mill-UE.

Instabu każijiet simili fi proġett ieħor tal-FEŻR fil-Polonja u fi proġetti tal-FSE fil-Ġermanja u fil-Finlandja.

(c) Spejjeż mhux relatati mal-proġett: Fi proġett tal-FSE fin-Netherlands, il-benefiċjarju daħal għal korsijiet ta' taħriġ u ta' impjegabbiltà fis-settur tal-avjazzjoni u ingaġġa konsulent biex jassisti bl-amministrazzjoni tal-FSE tal-proġetti. Għall-kuntrarju tar-regoli ta' eliġibbiltà, parti mill-ispejjeż tal-proġett għal servizzi ta' konsulenza għal proġett ieħor ġiet iddebitata għall-proġett eżaminat.

Instabu każijiet simili fi proġetti oħra tal-FSE fil-Polonja u fil-Portugall.

(d) *Nuqqas ta' konformità mar-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà:* Ċentru għat-taħriġ fil-Polonja organizza korsijiet ta' taħriġ u pprovda servizzi ta' konsulenza biex itejjeb il-kompetittività u l-ħiliet ta' adattament ta' 50 impriża mikro, żgħira u medja fir-rigward ta' soluzzjonijiet ekoloġiċi. Erba' kowċijiet ġew impjegati biex jipprovdu dawn is-servizzi, li ebda wieħed minnhom ma kellu l-edukazzjoni rilevanti u lanqas l-esperjenza professjonali fis-suġġett. Għaldaqstant l-ispejjeż relatati mal-erba' kowċijiet kollha huma ineliġibbli. Il-benefiċjarju wettaq 84 proġett iffinanzjati mill-fondi tal-UE bejn l-2008 u l-2015 għal ammont totali ta' EUR 17-il miljun.

(e) *Dħul mhux imnaqqas:* Proġett tal-FSE fl-Awstrija kien jikkonċerna l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni qiegħda li kellhom diffikultajiet biex isibu impjiegi, permezz ta' postijiet temporanji f'organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ. L-introjtu ġġenerat mill-proġett, bħal dħul mill-bejgħ fil-ħwienet, ma tnaqqasx mill-partiti ffinanzjati mill-FSE. Dan huwa ksur tar-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà u d-dħul kien imissu tnaqqas mill-ispejjeż iddikjarati.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| *Ksur tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat* | |
| 6.38. L-għajnuna mill-Istat titqies inkompatibbli, fil-prinċip-ju, mas-suq intern billi din tista' twassal għal distorsjoni fil-kummerċ bejn l-Istati Membri ([35]). Il-Kummissjoni tinforza direttament ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat. L-Istati Membri jridu jinnotifikaw kull każ ta' għajnuna mill-Istat lill-Kummissjoni (jew permezz ta' skema jew inkella każ b'każ għal proġett), dment li l-proġett ma jkunx taħt limitu massimu "de minimis" jew ikun kopert mir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER) ([36]). Għall-każijiet innotifikati kollha, id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni jifforma fehma dwar jekk l-għajnuna tkunx kompatibbli mas-suq intern jew le. Din tinkludi valutazzjoni dwar jekk l-istess proġett kienx jitwettaq ukoll mingħajr għajnuna bħal din. | **6.38.** *It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 6.38 sa 6.40.*<br><br>*F'każ ta' notifika ta' għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni tivvaluta jekk l-appoġġ jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat u jekk dan huwa l-każ, jekk huwiex kompatibbli mas-suq intern. Deċiżjoni dwar għajnuna mill-Istat tirriżulta f'deċiżjoni tal-Kummissjoni.*<br><br>*Mhux id-deċiżjonijiet kollha dwar l-għajnuna mill-Istat jeħtieġu valutazzjoni dwar jekk "l-istess proġett kienx isir mingħajr għajnuna bħal din". Barra minn hekk, ir-rekwiżiti għall-hekk imsejjaħ "effett ta' inċentiv" ivarjaw skont ir-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat.*<br><br>*Il-GBER 2014 introduċa l-bidliet li ġejjin rigward id-dispożizzjonijiet dwar l-effett ta' inċentiv:*<br><br>— *fir-rigward tal-għajnuna lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, b'żieda mal-fatt li applikazzjoni għall-għajnuna trid dejjem tiġi sottomessa qabel il-bidu ta' xogħol jew attività (kif kien il-każ taħt GBER 2008), tali applikazzjoni trid tikkonforma mal-kundizzjonijiet minimi dwar it-tip ta' informazzjoni li trid tiġi sottomessa,*<br><br>— *fir-rigward tal-għajnuna lil kumpaniji kbar, il-kundizzjoni għal xenarju kontro-fattwali biex jiġi jidher l-effett ta' inċentiv ekonomiku m'għadux meħtieġ jekk il-miżura tkun bażata fuq skema. Madankollu, għadu obbligatorju għal xi għajnuna ad* hoc. |
| 6.39. Din is-sena aħna identifikajna 14-il proġett tal-FEŻR/tal-FK fi 8 Stati Membri li kisru r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ([37]). Fejn meħtieġ, aħna tlabna u ksibna valutazzjoni preliminarja mid-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni. Din il-valutazzjoni u l-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ttieħdu inkunsiderazzjoni matul il-klassifikazzjoni tal-iżbalji. | **6.39.** *Il-Kummissjoni se ssegwi l-każijiet identifikati mill-Qorti u tipproponi azzjonijiet skont kif tqis li huwa neċessarju.* |
| 6.40. Għal tlieta minn dawn il-proġetti, aħna nqisu li l-proġett ma kien imissu kiseb ebda jew inkella inqas finanzjament pubbliku mill-UE u/jew mill-Istati Membri skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Ir-raġunijiet prinċipali għan-nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jirreferu għan-nuqqas ta' effett ta' inċentiv ekonomiku u n-nuqqas ta' notifika lill-Kummissjoni Ewropea ta' proġetti affettwati mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Dawn l-iżbalji kwantifikati jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor 1,5 punti perċentwali tal-livell ta' żball stmat għall-qasam ta' politika reġjonali u urbana (ara l-Kaxxa 6.3). F'żewġ kazijiet oħra, aħna applikajna l-GBER 2014 retrospettivament u għaldastant ma kkwantifikajniex dawn l-iżbalji ([38]). Id-disa' każijiet l-oħra ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma għand-homx impatt fuq l-istima tagħna tal-livell ta' żball. | |

([35]) L-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

([36]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 (ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3).

([37]) Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, Spanja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija u r-Renju Unit.

([38]) Ara wkoll in-nota 17 f'qiegħ il-paġna.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 6.3 – Eżempju ta' proġett li kiser ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat**

*L-għajnuna mhijiex kompatibbli mas-suq intern*: Proġett tal-FEŻR fir-Rumanija relatat max-xiri ta' trakk biex iġorr żrar u ramel mill-barrieri. Skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, is-sejħa għal proposti kienet miftuħa biss għal intrapriżi żgħar u medji (SMEs) u għal intrapriżi kooperattivi. Madankollu, aħna sibna li l-benefiċjarju ma kienx SME iżda pjuttost parti minn grupp kbir. B'riżultat ta' dan, il-benefiċjarju mhuwiex eliġibbli għall-kofinanzjament, u għaldaqstant l-għajnuna mogħtija mhijiex kompatibbli mas-suq intern.

*Proġetti ineliġibbli*

6.41. Aħna identifikajna ħames proġetti tal-FSE li l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għalihom stipulati fir-regolamenti u/jew fir-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà ma ġewx issodisfati u l-iżbalji ġew kwantifikati. Dawn l-iżbalji jirrappreżentaw 9 % tal-iżbalji kwantifikabbli kollha u jammontaw għal bejn wieħed u ieħor 1,2 punti perċentwali tal-livell ta' żball stmat għall-impjiegi u l-affarijiet soċjali (ara l-Kaxxa 6.4).

**Kaxxa 6.4 – Eżempju ta' proġett ineliġibbli**

*Proġett kofinanzjat mhux f'konformità mal-objettivi speċifikati fil-PO:* Proġett tal-FSE fil-Greċja li għandu l-għan li jagħti spinta lill-impjiegi lokali permezz ta' programmi ta' benefiċċju pubbliku, inizjalment ġie approvat taħt il-PO Żvilupp tar-Riżorsi Umani. Fl-2013, il-Kummissjoni emendat il-PO Riforma Amministrattiva għall-inklużjoni ta' aktar proġetti, u enfasizzat li l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiżguraw li dawn il-proġetti kienu eliġibbli taħt dan il-PO. Wara l-implimentazzjoni tal-proġett, l-awtoritajiet nazzjonali trasferixxew il-proġett mill-PO Żvilupp tar-Riżorsi Umani għall-PO Riforma Amministrattiva, li kien ġie emendat, taħt il-mira relatata mal-gvern elettroniku għalkemm il-proġett eżaminat ma kien jissodisfa ebda objettiv stabbilit f'dak il-PO. B'riżultat ta' dan, id-dikjarazzjoni tal-infiq kienet tinkludi spejjeż għal operazzjonijiet li huma ineliġibbli.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.41.** *Il-Kummissjoni se ssegwi l-każijiet identifikati mill-Qorti u tipproponi azzjonijiet skont kif tqis li huwa neċessarju.*

***Kaxxa 6.4 – Eżempji ta' proġetti ineliġibbli***

*Il-Kummissjoni tifhem li l-kwistjoni li tqajmet u tinnota li l-iskema tax-xogħlijiet pubbliċi, li ġiet miftiehma fil-Memorandum ta' Ftehim iffirmat bejn, dak iż-żmien, it-Trojka u l-Gvern Grieg, kien maħsub bħala miżura temporanja ta' emerġenza biex tippermetti lil dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil u liż-żgħażagħ barra mill-impjieg, taħriġ edukattiv, u biex jiksbu esperjenza ta' xogħol f'attivitajiet li jibbenefikaw il-komunità lokali. L-appoġġ tal-FSE kien kruċjali għat-twassil ta' tali programm, promoss bil-qawwa taħt iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li kienet qed tħabbat wiċċha magħhom il-Greċja dak il-ħin u li għadhom għaddejjin s'issa. Għalhekk, f'Diċembru 2013, il-Kummissjoni ddeċidiet li temenda l-programm rilevanti tal-FSE bħala sors prinċipali ta' finanzjament sabiex takkomoda l-iskema pubblika tax-xogħol, li kienet implimentata mill-awtoritajiet Griegi bl-involviment tal-awtoritajiet pubbliċi lokali u l-NGOs.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Benefiċjarji mhux rimborżati fil-ħin u ħlas mhux ġustifikat ta' pagamenti bil-quddiem lil Stat Membru*

6.42. Benefiċjarji jiddikjaraw l-infiq imħallas lill-awtoritajiet nazzjonali li jirrimborżawhom malajr kemm jista' jkun u jippreżentaw dikjarazzjonijiet tal-infiq aggregati u perjodiċi għall-Kummissjoni għar-rimborż. Madankollu, aħna sibna li f'xi każijiet l-Istati Membri bnew riżervi tat-Teżor li ma jikkonformax mar-regoli. Ir-regolament ([39]) jistipula li l-pagamenti mill-awtoritajiet nazzjonali lill-benefiċjarji għandhom isiru "mill-aktar fis possibbli, u koll(ha) kemm hu(ma)". Fi tliet Stati Membri aħna identifikajna 12-il każ fejn il-benefiċjarji tħallsu biss bosta xhur wara li d-dikjarazzjoni tal-infiq relatata tħallset mill-Kummissjoni, jew ma ġewx irrimborżati fi żmien l-awditu, seba' sa disa' xhur wara l-ħlas mill-Kummissjoni (ara l-Kaxxa 6.5(a)).

6.43. Barra minn hekk, ir-regolament jistipula wkoll li pagamenti bil-quddiem huma pagabbli jekk il-proġetti ta' bażi jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat li hija eċċezzjoni għar-regola ta' kklejmjar ta' nfiq imġarrab u mħallas biss ([40]). Minkejja dan, aħna sibna li Stat Membru (il-Greċja) ddikjara pagamenti bil-quddiem għal proġetti kklassifikati b'mod żbaljat bħala għajnuna mill-Istat. Dan baqa' ma nqabadx u l-Kummissjoni aċċettat u ħallset l-ammont ikklejmjat mingħajr ma vverifikat jekk il-kundizzjonijiet biex isiru pagamenti bħal dawn ġewx issodisfati (ara l-Kaxxa 6.5b)).

**Kaxxa 6.5 – Eżempju ta' Stati Membri li ma rrimborżawx il-benefiċjarji fil-ħin, u ta' ħlas mhux ġustifikat ta' pagamenti bil-quddiem lil Stati Membri**

(a) *Benefiċjarju rrimborżat ħames xhur wara l-pagament mill-Kummissjoni*: Għal proġett tal-FSE fl-Italja li għandu l-għan li jfassal rapport għall-immappjar ta' ħtiġijiet ta' taħriġ f'diversi reġjuni Taljani, il-benefiċjarju ppreżenta l-klejm għall-ispejjeż lill-awtorità maniġerjali f'Marzu 2014. L-ispejjeż inklużi fil-klejm ġew iċċertifikati mill-awtoritajiet nazzjonali u ppreżentati lill-Kummissjoni. Għalkemm il-Kummissjoni ħallset l-ispejjeż iddikjarati diġà f'Ġunju 2014, il-benefiċjarju rċieva l-pagament interim ħames xhur wara biss, f'Novembru 2014.

Instabu każijiet simili f'erba' proġetti ulterjuri tal-FSE fl-Italja, fi proġett wieħed fi Franza, u f'sitt proġetti fin-Netherlands.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.42.** *Il-Kummissjoni tenfasizza li, skont il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) saħħaħ ir-regoli kemm għall-użu ta' prefinanzjament (l-Artikolu 81 CPR) kif ukoll għall-ħlas lil benefiċjarji (l-Artikolu 132.1 CPR).*

**6.43.** *Il-Kummissjoni tinnota li l-ivverifikar ta' jekk il-kundizzjonijiet li jitolbu ħlasijiet bil-quddiem fil-kuntest ta' għajnuna mill-Istat humiex sodisfatti, hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Hija ser tkompli taħdem mal-awtoritajiet Griegi biex jissaħħu l-kontrolli f'dak il-qasam. Il-Kummissjoni se ssegwi mill-qrib sabiex tiżgura li kull ħlas bil-quddiem mitlub mhux b'mod ġustifikat mill-Istat Membru huma rkuprati kif previst mir-Regolament.*

***Kaxxa 6.5 – Eżempju ta' Stati Membri li ma rrimborżawx il-benefiċjarji fil-ħin, u ta' ħlas mhux ġustifikat ta' pagamenti bil-quddiem lil Stati Membri***

([39]) L-Artikolu 80 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.
([40]) L-Artikolu 78(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| (b) *Ħlas mhux ġustifikat ta' pagamenti bil-quddiem lil Stat Membru:* Fi proġett tal-FSE fil-Ġreċja għal riċerka mhux ekonomika mwettqa minn università, l-Istat Membru kklejmja pagament bil-quddiem għalkemm il-proġett relatat ma kienx jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni aċċettat u ħallset l-ammont mhux ġustifikat ikklejmjat.<br><br>Instabu każijiet simili fi proġetti oħra tal-FSE fil-Ġreċja. | **(b)** *Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni fil-paragrafu 6.43.* |

*Affidabbiltà insuffiċjenti tal-kontrolli fil-livell tal-Istati Membri*

6.44. F'21 każ ta' żbalji kwantifikabbli li saru minn benefiċjarji, l-awtoritajiet nazzjonali kellhom biżżejjed informazzjoni ([41]) biex jipprevienu, jaqbdu u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma jiddikjaraw l-infiq lill-Kummissjoni. Li kieku din l-informazzjoni kollha kienet intużat biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji, il-livell ta' żball stmat għal dan il-kapitolu kien ikun aktar baxx b'1,6 punti perċentwali. Barra minn hekk, aħna sibna li għal 13-il każ, l-iżball li aħna qbadna sar mill-awtoritajiet nazzjonali. Dawn l-iżbalji kkontribwixxew 1,7 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat.

**6.44.** *It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni r-rigward il-paragrafi 6.44 sa 6.45.*

*Il-Kummissjoni qed issegwi b'mod strett dawn il-każijiet u taqbel li l-verifiki ta' ġestjoni tajba u f'waqtha għandhom ikunu fis-seħħ sabiex l-ewwel u qabel kollox jipprevjenu irregolaritajiet li jseħħu jew li jiġu inklużi f'talbiet għall-pagament.*

*Sa mill-2010 l-Kummissjoni ilha twettaq, awditi ffukati fuq il-verifiki tal-ġestjoni ta' programmi ta' riskju għoli, fejn identifikat li n-nuqqasijiet jistgħu jibqgħu mistura jew jinstabu tard mill-awtorità ta' awditjar tal-programm. Għad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana u d-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, ir-riżultati ta' dawn il-verifiki li saru sal-2014 huma ppreżentati fir-RAA tal-2014 rispettivi tagħhom (ara paġni 50 u 56, rispettivament).*

*Il-Kummissjoni tirreferi għall-proċeduri msaħħa fil-qafas regolatorju għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, fejn verifiki u kontrolli ta' ġestjoni (inklużi verifiki fuq il-post) se jkollhom jitwettqu fil-ħin għaċ-ċertifikazzjoni lill-Kummissjoni ta' kontijiet tal-programm u s-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni mill-awtoritajiet ta' ġestjoni fuq bażi annwali. L-awtoritajiet tal-awditjar se jkollhom jagħmlu stima affidabbli tal-livelli residwi ta' żball fil-kontijiet bħala riżultat ta' verifiki, kontrolli u korrezzjonijiet kollha li saru sa minn tmiem is-sena ta' kontabbiltà. Il-Kummissjoni tikkunsidra li dawn il-proċeduri ta' kontroll imsaħħa se jirriżultaw fi tnaqqis dejjiem tar-rata ta' żbalji.*

*Barra minn hekk, il-Kummissjoni żviluppat linji gwida ġodda sabiex tkompli tissaħħaħ l-affidabbiltà ta' verifiki ta' ġestjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Din il-gwida, li tislet fuq it-tagħlimiet meħuda minn perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, ġiet ippreżentata lill-Istati Membri u se tinħareġ f'Lulju 2015.*

6.45. Il-kontrolli fil-livell tal-Istati Membri ma kinux affidabbli bis-sħiħ fiż-żewġ oqsma ta' politika. Il-livell ta' żball stmat seta' tnaqqas bi 3,3 punti perċentwali għall-qasam ta' politika reġjonali u urbana u bi 3,2 punti perċentwali għall-qasam ta' politika tal-impjiegi u affarijiet soċjali.

([41]) Fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni ta' sostenn, inklużi kontroverifiki standard, informazzjoni mid-database u kontrolli obbligatorji meħtieġa.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## EŻAMINAR TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI TAĦT ĠESTJONI KONDIVIŻA

6.46. Strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża jipprovdu assistenza lil intrapriżi jew proġett urbani permezz ta' investimenti ta' ekwità, selfiet jew garanziji ([42]). Huma jistgħu jintużaw prinċipalment fi tliet oqsma: għall-appoġġ ta' intrapriżi żgħar u medji (SMEs) ([43]), għall-iżvilupp urban ([44]) u għall-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika.

6.47. Sa tmiem l-2012, 941 strument finanzjarju kienu ġew stabbiliti taħt 176 PO tal-FEŻR u tal-FSE fl-Istati Membri kollha minbarra 3 (il-Kroazja, l-Irlanda u l-Lussemburgu). Meħudin flimkien, dawn għandhom dotazzjoni ta' madwar EUR 14 278 miljun ([45]).

6.48. Ġeneralment, fondi għall-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji jirċievu kontribuzzjoni mill-PO meta l-istruttura legali tagħhom tiġi stabbilita, u sussegwentement jużaw dawn il-flus biex jappoġġaw proġetti. Appoġġ finanzjarju bħal dan jista' jiġi pprovdut biss lil proġetti li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-PO. Dawn l-istrumenti finanzjarji huma mfassla biex ikollhom natura rotanti jew, għal ċerti tipi ta' fondi ta' garanzija, biex jiksbu effett ta' lieva għoli. Kwalunkwe riżorsa li tinkiseb bħala redditu fuq investimenti jew fuq selfiet li jkunu saru, inkluż il-qligħ, għandha terġa' tintuża għall-iskop tal-attivitajiet implimentati mill-istrument finanzjarju.

([42]) L-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

([43]) Dan jinkludi l-programm Riżorsi Ewropej Konġunti għall-Impriżi Mikro sa Medji (JEREMIE) implimentat flimkien mal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) biex jiġi appoġġat finanzjament addizzjonali ta' SMEs.

([44]) Dan jinkludi l-programm Appoġġ Konġunt Ewropew għall-Investiment Sostenibbli fiż-Żoni tal-Ibliet (JESSICA) li huwa implimentat flimkien mal-BEI biex isiru investimenti ripagabbli (fil-forma ta' ekwità, selfiet jew garanziji) fl-iżvilupp urban.

([45]) Il-Kummissjoni Ewropea, 'Summary of data on the progress made in financing and implementing financial instruments reported by the managing authorities in accordance with Article 67(2)(j) of Regulation (EC) No 1083/2006, situation as at 31 December 2013', (Sommarju tad-*data* dwar il-progress li sar fil-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji rrappurtat mill-awtoritajiet maniġerjali skont l-Artikolu 67(2)(j) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2013) EGESIF_14-0033-00, id-19 ta' Settembru 2014. Iċ-ċifri għall-2014 se jiġu ppubblikati f'Settembru 2015.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Implimentazzjoni bil-mod tal-istrumenti finanzjarji**

6.49. Skont il-Kummissjoni, ir-rata medja ta' żborżament għal 941 strument finanzjarju tal-FEŻR u tal-FSE taħt ġestjoni kondiviża kienet 47 % fi tmiem l-2013. Din tirrappreżenta żieda ta' 10 punti perċentwali meta mqabbla mal-2012 u żieda ta' 13-il punt perċentwali meta mqabbla mal-2011 ([46]).

6.50. Skont ir-regolamenti tal-fondi strutturali, huma biss il-pagamenti u l-garanziji pprovduti lir-riċevituri finali u l-ispejjeż u t-tariffi tal-ġestjoni tal-maniġers tal-fond li jitqiesu bħala eliġibbli fl-għeluq, meta dotazzjonijiet ta' strumenti finanzjarji mhux użati għandhom jintraddu lura lill-baġit tal-UE ([47]). Ir-rata kumplessiva ta' żborżament kif irrappurtata mill-Kummissjoni għadha baxxa wisq biex jiġi mistenni li l-fondi kollha disponibbli jintużaw mill-inqas darba. Ġew innutati problemi partikolari għall-istrumenti finanzjarji f'ħames Stati Membri (il-Bulgarija, il-Greċja, Spanja, ir-Rumanija u s-Slovakkja) fejn ir-rati ta' żborżament huma sinifikattivament taħt il-medja tal-UE għall-2013.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.49.** *It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 6.49 u 6.50.*

*Ir-rata ta' żburżar fi tmiem l-2013 tvarja bejn l-Istati Membri u l-istrumenti finanzjarji (SF), stabbilita bejn l-2008 u l-2013. Filwaqt li xi strumenti finanzjarji huma batuti, 459 li jirrappreżentaw 15 % tat-total ta' ammonti mħallsa fi strumenti finanzjarji diġà kisbu assorbiment ta' 100 % u issa huma fondi li jistgħu jerġgħu jintużaw.*

*Il-Kummissjoni ser tirrapporta fl-1 ta' Ottubru 2015 dwar is-sitwazzjoni fi tmiem l-2014 u tistenna aktar progress fl-implimentazzjoni.*

*Il-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri ħadu għadd ta' miżuri biex jiżguraw li l-investiment li jibqa' li saru mill-SF se jaslu għand benefiċjarji finali b'mod f'waqtu, prinċipalment billi:*

— *jitjieb il-monitoraġġ mill-qrib minn awtoritajiet ta' ġestjoni kkonċernati tal-prestazzjoni tal-Istrumenti Finanzjarji u l-inkoraġġiment ta' ġestjoni attiva tal-fondi permezz ta' allokazzjoni mill-ġdid ta' ammonti minn fondi li jrendu ftit għal fondi li jrendu ħafna,*

— *inkoraġġiment tal-awtoritajiet ta' ġestjoni flimkien mal-istituzzjonijiet finanzjarji li jimplimentaw l-Istrumenti Finanzjarji li jsiru tibdiliet għal strumenti u prodotti finanzjarji offruti sabiex jiġu adattati għal kundizzjonijiet tas-suq li qed jinbidlu,*

— *l-Istrumenti Finanzjarji li jappoġġaw investimenti fuq terminu twil fi żvilupp urban jew l-effiċjenza fl-enerġija meta l-ħlasijiet isiru gradwalment bil-progress tal-proġetti, l-għoti ta' pariri lill-awtoritajiet ta' ġestjoni biex jitolbu r-rappurtar tal-pjanijiet ta' investiment u feedback lill-Kummissjoni b'tali mod li jippermetti segwitu aktar mill-qrib tal-progress ta' dawn l-istrumenti.*

*Il-Kummissjoni tinnota li analiżi dettaljata mill-Istat Membru teħtieġ valutazzjoni ta' diversi restrizzjonijiet li jaffettwaw l-implimentazzjoni ta' kull SF u għandha b'mod partikolari tqis ukoll li l-SF tal-FEŻR fil-Bulgarija, il-Greċja, Spanja, ir-Rumanija u s-Slovakkja huma milquta serjament mill-kriżi ekonomika u finanzjarja.*

([46]) Ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafi 5.33 sa 5.36 u l-Kaxxa 5.5.
([47]) L-Artikolu 78(6) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Rappurtar inkomplet u/jew mhux preċiż dwar l-istrumenti finanzjarji mill-Istati Membri**

6.51. Informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża hija bbażata fuq *data* riċevuta direttament mill-Istati Membri. Mill-2011 'il hawn, saru sforzi sostanzjali mill-Kummissjoni biex ittejjeb il-kwalità ta' din id-*data*. Minkejja dan, il-Kummissjoni tirrikonoxxi fir-rapport tagħha dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji, li d-*data* ppreżentata f'dan ir-rapport xi drabi tkun inkompleta jew impreċiża. Dan kien il-każ ukoll għal ħamsa mis-seba' strumenti finanzjarji eżaminati minna fl-2014.

**Estensjoni tal-perjodu ta' eliġibbiltà 2007–2013 permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni biss**

6.52. L-Artikolu 56(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jistabbilixxi l-31 ta' Diċembru 2015 bħala d-data ta' skadenza għall-perjodu ta' eliġibbiltà tal-pagamenti. F'April 2015 il-Kummissjoni ddeċidiet li testendi l-perjodu ta' eliġibbiltà sal-31 ta' Marzu 2017 permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni ([48]) minflok staqsiet lill-Kunsill u lill-Parlament biex jemendaw ir-Regolament. Aħna nqisu li dan il-mod ta' estensjoni tal-perjodu ta' eliġibbiltà ma jirrispettax il-ġerarkija tan-normi, li skontha dispożizzjoni legali tista' tiġi modifikata biss permezz ta' leġiżlazzjoni ta' valur legali ndaqs jew superjuri.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.51.** *Il-Kummissjoni f'Mejju 2015 ippreżentat lill-Istati Membri nota ta' gwida aġġornata dwar ir-rapportar dwar strumenti finanzjarji li jiċċaraw ir-rekwiżiti ta' rappurtar. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tejbet l-għodda għar-rappurtaġġ tagħha.*

**6.52.** *Il-Kummissjoni hija konvinta li hija aġixxiet, kif mitlub taħt l-impetus tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2014, fi ħdan il-marġni offruti permezz tal-qafas regolatorju eżistenti.*

*Il-modifika ta' deċiżjoni dwar il-linji gwida dwar l-għeluq tal-Kummissjoni ma għandux jaffettwa l-Artikolu 56(1), li skont liema l-kontribuzzjoni mill-Fondi f'SIF trid tkun tħallset sa mhux iżjed tard mill-31 ta' Diċembru 2015. Din tibqa' r-regola.*

*Il-modifika tiċċara li l-Artikolu 78(6) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jipprovdi modalitajiet speċifiċi għad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' strumenti ta' inġinerija finanzjarja fl-għeluq. Il-paragrafu 6 jindika li, permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, fir-rigward ta' strumenti finanzjarji kif definiti fl-Artikolu 44, id-dikjarazzjoni ta' nfiq għandha tinkludi n-nefqa totali mħallsa fl-istabbiliment jew fil-kontribuzzjoni għal tali fondi jew fondi ta' investiment.*

*L-Artikolu jispeċifika wkoll li n-nefqa eliġibbli tkun fl-għeluq:* "Fl-għeluq parzjali jew finali tan-nefqa eliġibbli PO għandha tkun it-total tal-appoġġ provdut mill-fondi lir-reċipjenti finali flimkien mal-ispejjeż u miżati ta' ġestjoni eliġibbli".

*Minħabba li l-31 ta' Marzu 2017 hija d-data finali għas-sottomissjoni lill-Kummissjoni tad-dokumenti tal-għeluq, il-modifika tal-gwida tal-għeluq tikkjarifika li l-għeluq kif imsemmi fl-Artikolu 78 (6) tar-Regolament Ġenerali hija d-data tal-preżentazzjoni tad-dokumenti ta' għeluq, jiġifieri l-31 ta' Marzu 2017.*

([48]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill C(2015) 2771 li temenda d-Deċiżjoni C (2013) 1573 dwar l-approvazzjoni tal-linji gwida dwar l-għeluq ta' programmi operazzjonali adottati għal assistenza mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (2007–2013).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## EŻAMINAR TAS-SISTEMI U TAR-RAPPORTI ANNWALI TAL-ATTIVITÀ MAGĦŻULA

### Valutazzjoni tas-superviżjoni mill-Kummissjoni tal-awtoritajiet tal-awditjar

**Il-Kummissjoni tuża x-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar fl-Istati Membri biex tistma l-livell ta' żball**

6.53. L-awtoritajiet tal-awditjar jipprovdu aċċertament lill-Kummissjoni fir-rigward tal-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u tal-kontrolli interni għal PO u tal-legalità u r-regolarità tal-infiq iċċertifikat. Din l-informazzjoni tiġi pprovduta mill-awtoritajiet tal-awditjar fir-rapporti annwali ta' kontroll tagħhom, fl-opinjonijiet tal-awditjar tagħhom u fir-rapporti tal-awditjar tagħhom tas-sistemi (ara l-paragrafu 6.14) ([49]). Mill-2009 'l hawn, il-Kummissjoni wettqet inkjesti tal-awtoritajiet prinċipali tal-awditjar, inklużi analiżijiet fuq il-post fir-rigward ta' xogħolhom, biex tivvaluta l-livell ta' dipendenza li jista' jitqiegħed fuqhom.

**6.53.** *Il-Kummissjoni qiegħda tikkoopera u tikkoordina mill-qrib mal-Awtoritajiet tal-Awditjar, u bdiet tagħmel rieżami tal-metodoloġiji u tar-riżultati tal-awditjar tagħhom sa mill-2009. Dan ikkontribwixxa għall-bini tal-kapaċità billi pprovda pariri, gwida u rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet tal-awditjar permezz tat-twettiq mill-ġdid, mill-Kummissjoni, ta' ħidma ta' awditjar imwettqa mill-awtoritajiet tal-awditjar.*

*Il-Kummissjoni tenfasizza li l-valutazzjoni tal-affidabbiltà tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar għandha titqies f'dan il-kuntest. Bħala riżultat ta' programm ta' verifika, li kien jinvolvi 265 missjonijiet ta' verifika mwettqa fuq il-post b'mod kumulattiv sa mill-2009, id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana kkonkluda sa tmiem l-2014, li l-ħidma ta' 42 awtorità tal-awditjar riveduti responsabbli mill-awditjar ta' madwar 91 % tal-allokazzjonijiet tal-FEŻR/FK għall-perjodu 2007-2013 jista' b'mod ġenerali jiġi afdat. Għall-ħames awtoritajiet ta' verifika riveduti li jifdal, kien meħtieġ titjib.*

*Rigward id-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, fl-aħħar tal-2014, 87 awtoritajiet tal-awditjar minn 92 ġew ivvalutati (94,6 %). Dawn ikopru 113 mill-118 PO, li jirrappreżentaw 99,1 % tal-ipprogrammar finanzjarju tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.*

*Fir-Rapporti tal-Attività Annwali tal-2014, id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana u d-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, ipprovdew valutazzjoni dettaljata tal-preċiżjoni u l-affidabbiltà tal-informazzjoni u tar-riżultati ta' awditjar li ġew irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar fir-Rapporti ta' Kontroll Annwali tagħhom tal-2014, (ara paġni 40 sa 45 tar-RAA tal-2014 tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana, u paġni 51 sa 54 tar-RAA tal-2014 tad-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni).*

([49]) B'mod kumplessiv, l-Istati Membri tal-UE-28 stabbilixxew 113-il awtorità tal-awditjar għall-440 PO tal-FEŻR/FK u tal-FSE approvati għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013. Minn dawn l-awtoritajiet, 63 huma responsabbli kemm minn PO tal-FEŻR/FK kif ukoll minn dawk tal-FSE. Għall-440 PO kollha meħuda flimkien, 199 rapport annwali ta' kontroll u opinjoni tal-awditjar kienu tħejjew mill-awtoritajiet tal-awditjar sa tmiem Diċembru 2014.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.54. Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana u d-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni jużaw din l-informazzjoni meta jkunu qed iħejju r-rapporti annwali tal-attività (RAA) tagħhom u matul is-sena biex jiddeċiedu dwar interruzzjonijiet u/jew sospensjonijiet possibbli ta' pagamenti lill-PO.

6.55. Sabiex jivvalutaw jekk jistgħux joqgħodu fuq din l-informazzjoni, id-direttorati ġenerali jiċċekkjaw ir-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar għal kull PO (jew grupp ta' PO) ([50]):

— jekk il-Kummissjoni tqis ir-rata ta' żball bħala affidabbli (u rappreżentattiva tal-infiq iċċertifikat), hija taċċetta r-rata rrappurtata mill-awtorità tal-awditjar. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tikkalkula mill-ġdid ir-rata għall-valutazzjoni proprja tagħha bbażata fuq informazzjoni addizzjonali miksuba mill-awtorità tal-awditjar,

— fil-każ ta' rati inaffidabbli ta' żball, il-Kummissjoni tapplika rata ta' żball fissa (bejn 2 % u 25 %) f'konformità mar-riżultati tal-valutazzjoni tagħha tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll intern.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.54.** *Fl-2014, id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana indika fir-RAA tiegħu li madwar żewġ terzi tal-interruzzjonijiet u pre-sospensjonijiet tal-pagamenti kienu bbażati fuq ir-riżultati tal-awditjar irrappurtati lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet tal-awditjar matul is-sena jew fi tmiem is-sena (ara paġna 54 tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana fir-RAA tal-2014).*

*Matul l-2014, il-proċeduri ta' interruzzjoni u ta' qabel is-sospensjoni kienu jikkonċernaw 121 programm tal-FEŻR/il-Fond ta' Koeżjoni u kważi EUR 7,9 biljun tat-talbiet għall-pagamenti mressqa mill-Istati Membri iżda mhux imħallsa sakemm il-Kummissjoni ma tkunx kisbet aktar evidenza li l-korrezzjonijiet neċessarji kollha tal-Istati Membri kkonċernati kienu saru.*

*Għall-FSE, kif irrappurtat f'paġna 60 tar-RAA tad-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni fl-2014, il-Kummissjoni bagħtet 11-il ittra ta' twissija u 18-il ittra ta' qabel is-sospensjoni; hija ddeċidiet 31 interruzzjoni ta' pagamenti u ssospendiet 11-il programm operazzjonali. B'kollox, kienu interrotti EUR 1,3 biljun ta' talbiet għall-pagamenti.*

**6.55.** *Il-Kummissjoni tenfasizza li din il-valutazzjoni tal-affidabbiltà tar-rati ta' żball kull sena hija bbażata fuq analiżi bir-reqqa tal-informazzjoni kollha disponibbli mwettqa meta meħtieġ permezz ta' missjonijiet ta' inkjesta fuq il-post ibbażati fuq ir-riskju, b'kont meħud ta' valutazzjoni ġenerali tal-affidabbiltà tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar bħala riżultat ta' inkjesta ta' verifika komprensiva msemmija fit-tweġiba għall-paragrafu 6.53. Meta jkun meħtieġ il-Kummissjoni titlob u tikseb mingħand l-awtoritajiet tal-awditjar kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa.*

([50]) Ir-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar għas-sena n jiġu kkalkulati abbażi ta' kampjun ta' awditi ta' operazzjonijiet li għandhom ikunu statistikament rappreżentattivi tal-infiq iċċertifikat lill-Kummissjoni fis-sena n-1 (ir-Rapport Speċjali Nru 16/2013, il-paragrafu 11).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.56. Il-Kummissjoni tikkalkula wkoll "rata tal-iżball residwu" għal kull PO, li tieħu inkunsiderazzjoni l-korrezzjonijiet finanzjarji kollha mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni. Din tinkludi korrezzjonijiet diġà implimentati fil-livell tal-UE u/jew dak nazzjonali ([51]).

6.57. Fuq il-bażi ta' dawn iż-żewġ indikaturi u ta' informazzjoni addizjonali għad-dispożizzjoni tagħha, il-Kummisjoni tifforma l-valutazzjoni tagħha tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll għall-PO. Dik il-valutazzjoni tieħu kont ukoll tal-awditi tas-sistemi ppreżentati mill-awtoritajiet tal-awditjar matul is-sena u l-informazzjoni addizzjonali disponibbli għall-Kummissjoni. Imbagħad, din il-valutazzjoni tiġi rrappurtata fir-rapport annwali tal-attività tad-direttorat ġenerali ([52]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.57.** *Il-Kummissjoni tivvaluta l-funzjonament effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll għal kull programm u għal kull awtorità (awtoritajiet maniġerjali, taċ-ċertifikazzjoni u tal-awditjar kollha disponibbli), ibbażati fuq ir-riżultati tal-verifika tas-sistema tal-UE u dawk nazzjonali dwar 15-il rekwiżit regolatorju ewlenin skont metodoloġija kondiviża mal-awtoritajiet tal-awditjar. Ir-rati ta' żball irrappurtati mill-Istati Membri u r-rati tal-iżball residwu kkalkulati mill-Kummissjoni huma elementi importanti ta' din il-valutazzjoni, iżda m'humiex l-uniċi. Il-maniġers tal-linja operazzjonali u l-uffiċjali li jawtorizzaw permezz ta' sub-delega jivvalutaw ukoll il-livell ta' assigurazzjoni.*

*Għall-finijiet tal-assigurazzjoni divulgata fir-RAA, l-opinjoni għal kull programm operattiv hija, għalhekk, ir-riżultat ta' evalwazzjoni globali bbażata fuq l-informazzjoni kollha disponibbli lill-Kummissjoni. Din tipprovdi valutazzjoni komprensiva u dettaljata tal-effettività tas-sistemi tal-ġestjoni u l-kontroll għal kull Stat Membru, u għal programmi operazzjonali inklużi fir-riżervi tal-2014, informazzjoni dwar il-kwistjonijiet ewlenin identifikati u l-azzjonijiet meħuda.*

([51]) Ir-rapport annwali tal-attività tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, p. 49. Ir-rapport annwali tal-attività tad-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, p. 63.

([52]) Ara r-Rapport Speċjali Nru 16/2013, il-paragrafi 5 sa 11.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tar-rapporti annwali ta' kontroll tista' tindirizza parzjalment biss ir-riskju ta' rappurtar insuffiċjenti ta' żbalji u rappurtar eċċessiv ta' korrezzjonijiet finanzjarji mill-awtoritajiet nazzjonali**

6.58. Ir-robustezza tal-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-PO tal-FEŻR, tal-FK u tal-FSE tiddependi mill-preċiżjoni u l-affidabbiltà tal-informazzjoni rrappurtata mill-awtoritajiet tal-Istati Membri. L-awditi tagħna fi snin preċedenti identifikaw żewġ riskji prinċipali f'dan ir-rigward:

— l-awtoritajiet tal-awditjar jistgħu jiddikjaraw l-iżbalji b'mod insuffiċjenti u/jew jistgħu ma jestrapolawhomx b'mod xieraq. B'konsegwenza ta' dan, ir-rati ta' żball irrappurtati jistgħu ma jkunux dejjem affidabbli bis-sħiħ,

— l-informazzjoni dwar korrezzjonijiet finanzjarji rrappurtata mill-Istati Membri tista' ma tkunx dejjem affidabbli jew preċiża u, b'riżultat ta' dan, il-metodu ta' kalkolu mill-Kummissjoni jista' jirriżulta f'riskju residwu kumulattiv iddikjarat b'mod insuffiċjenti.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.58.** *It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 6.58 sa 6.60.*

*Kif spjegat fir-RAA rispettivi tagħhom, iż-żewġ Direttorati ġenerali ħadu miżuri biex titjieb l-affidabilità ta' informazzjoni tal-verifika u l-korrezzjonijiet finanzjarji rrappurtati mill-Istati Membri. Biex jittaffa r-riskju, il-Kummissjoni qed timplimenta żewġ inkjesti ta' verifika:*

— *il-valutazzjoni tal-affidabbiltà tal-informazzjoni tal-awditjar, irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar, inkluż ir-rata ta' żball, li ssir wara verifika dettaljata tal-programm biex tivverifika jekk is-sejbiet tal-verifika humiex ikkonfermati, inkluż permezz ta' żjara fuq il-post mill-ġdid mill-awdituri tal-Kummissjoni. Din l-eżaminazzjoni hija kkumplementata minn missjonijiet ta' tiftix tal-fatti u tkopri firxa wiesgħa ta' verifiki marbutin pereż. mal-eżattezza tal-kalkoli, il-parametri użati, it-trattament ta' żbalji misjuba jew rikonċiljazzjoni tal-popolazzjoni awditjata (ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni fil-paragrafu 6.53),*

— *verifiki speċifiċi fuq il-post ibbażati fuq ir-riskju (li sa issa koprew 68 PO matul l-aħħar tliet snin) sabiex jiġi żgurat li l-korrezzjonijiet irrappurtati jkunu implimentati b'mod effettiv u, f'każ ta' dubji jew evidenza mhux suffiċjenti, jitnaqqsu l-ammonti kkonċernati mill-korrezzjonijiet finanzjarji kumulattivi meqjusa għall-finijiet tal-kalkolu tar-rata ta' żbalji residwi. Bħala riżultat ta' dawn il-verifiki dwar l-affidabilità tad-dikjarazzjonijiet tal-artikolu 20 ippreżentati sal-31 ta' Marzu 2014 għall-programmi kollha, is-servizzi tal-Kummissjoni ddeċidew li jeskludu uħud mill-korrezzjonijiet finanzjarji rrappurtati għall-kalkolu tar-riskju residwu kumulattiv (77 % tal-korrezzjonijiet finanzjarji rrappurtati ġew użati għall-FEŻR u l-kalkoli FK u 91 % fil-każ tal-FSE).*

*Il-qafas legali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 evolva wkoll. L-awtoritajiet tal-verifika jagħtu l-opinjoni tagħhom tal-verifika bbażata fuq ir-rati ta' żball residwu wara li jkunu ġew implimentati l-korrezzjonijiet, u għalhekk il-preċiżjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji ser tiġi sistematikament iċċekkjata bħala parti tal-verifika dwar il-kontijiet.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.59. Il-verifikazzjonijiet mill-Kummissjoni tar-rapporti annwali ta' kontroll jikkonsistu prinċipalment f'analiżijiet fl-uffiċċju u għalhekk jistgħu jindirizzaw dawn ir-riskji parzjalment biss. B'mod partikolari, aħna nqisu li l-ambitu tal-Kummissjoni għall-ivvalidar (u, fejn meħtieġ, l-aġġustament) tar-rati ta' żball irrappurtati huwa limitat billi l-awtoritajiet tal-awditjar ma jintalbux sistematikament jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni aktar speċifika dwar l-awditi tagħhom tal-operazzjonijiet (ambitu, kopertura/sub-kampjunar, dettalji dwar il-klassifikazzjoni ta' żball) għall-verifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-rapporti annwali ta' kontroll.

6.60. Matul l-2014, iż-żewġ direttorati ġenerali wettqu kontrolli fuq il-post fuq korrezzjonijiet finanzjarji implimentati minn 12-il Stat Membru. Għal 7 mit-12-il Stat Membru li saritilhom żjara, ġew identifikati defiċjenzi li jeħtieġu aġġustamenti għall-korrezzjonijiet finanzjarji rrappurtati. Dawn is-sejbiet jikkonfermaw il-valutazzjoni tagħna stess u jenfasizzaw, fil-kuntest tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid 2014–2020, l-importanza li jiġi żgurat l-istabbiliment ta' sistemi affidabbli ta' rappurtar ([53]).

**Il-Kummissjoni tqis li l-infiq iddikjarat għal [57 %] tal-PO kollha kien ħieles minn livell materjali ta' żball**

6.61. Għall-2014, il-Kummissjoni tqis li hija kellha aċċertament li 250 mill-440 PO tal-FEŻR/FK u tal-FSE (57 %) kienu ħielsa minn livell materjali ta' żball: l-awtoritajiet tal-awditjar kienu rrappurtaw rati ta' żball taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 % tal-Kummissjoni u dawn ir-rati kienu ġew ivvalidati mill-Kummissjoni. Dawn il-PO jirrappreżentaw madwar 55 % tal-pagamenti tal-2014.

6.62. Fl-2014, bħal fi snin preċedenti, aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni kinitx effettiva fil-verifikazzjoni tal-preċiżjoni u l-affidabbiltà tar-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar. Dan sar għal kampjun ta' 139 PO f'20 Stat Membru (105 mit-322 PO tal-FEŻR/FK u 34 mill-118-il PO tal-FSE) fuq il-bażi tal-fajls ta' ħidma tal-Kummissjoni. Il-kampjun tagħna kien jinkludi PO li għalihom il-Kummissjoni kienet aċċettat ir-rati rrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar, iżda wkoll PO li għalihom ir-rati kienu ġew ikkalulati mill-ġdid jew fejn kienu ġew imposti rati fissi.

([53]) Ara r-Rapport Speċjali Nru 16/2013, il-paragrafi 35 sa 40.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.63. It-***Tabella 6.1*** fiha sommarju tar-riżultati tas-sistemi li aħna eżaminajna.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.63.** *Il-Kummissjoni tinnota t-titjib fil-valutazzjoni tal-verifikazzjoni mill-Kummissjoni tar-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar, u b'mod partikolari l-fatt li l-ebda kwistjoni li nstabet mill-Qorti ma kienet teħtieġ kwantifikazzjonijiet differenti jew riżervi addizzjonali, peress li dawn il-kwistjonijiet huma prinċipalment ta' natura teknika.*

**Tabella 6.1 – Valutazzjoni tal-verifikazzjoni mill-Kummissjoni tar-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar**

| | 2014 | | | 2013 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **FEŻR/FK PO eżaminati** | **FSE PO eżaminati** | **TOTAL** | **FEŻR/FK PO eżaminati** | **FSE PO eżaminati** | **TOTAL** |
| **Aħna sibna:** | | | | | | |
| — ebda problema jew problemi limitati bil-kontrolli tal-Kummissjoni (*) | 84 (80 %) | 30 (88 %) | **114 (82 %)** | 108 (77 %) | 47 (87 %) | **155 (80 %)** |
| — problemi sinifikanti bil-kontrolli tal-Kummissjoni, iżda mingħajr ebda impatt fuq l-għadd ta' riżervi rrappurtati fir-RAA (jew il-kwantifikazzjoni tagħhom) | 21 (20 %) | 4 (12 %) | **25 (18 %)** | 17 (12 %) | 6 (11 %) | **23 (12 %)** |
| — problemi sinifikanti bil-kontrolli tal-Kummissjoni, li jeħtieġu riżervi addizzjonali jew kwantifikazzjonijiet differenti | 0 (0 %) | 0 (0 %) | **0 (0 %)** | 15 (11 %) | 1 (2 %) | **16 (8 %)** |
| **TOTAL tal-għadd ta' PO eżaminati** | **105 (100 %)** | **34 (100 %)** | **139 (100 %)** | **140 (100 %)** | **54 (100 %)** | **194 (100 %)** |

(*) Ara wkoll il-paragrafu 6.65.

*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

**Il-validazzjoni mill-Kummissjoni (jew il-kalkolu mill-ġdid) tar-rati ta' żball hija koerenti mal-evidenza pprovduta mill-awtoritajiet tal-awditjar**

6.64. Fir-rigward ta' 25 PO, aħna identifikajna dgħufijiet li ma kinux inqabdu (jew ma kinux ġew indirizzati b'mod xieraq mill-Kummissjoni) (ara l-Kaxxa 6.6). Madankollu, aħna nqisu li ebda wieħed minn dawn il-każijiet kien imissu wassal lill-Kummissjoni biex din tagħmel riżervi addizzjonali (jew riżervi b'impatt finanzjarju ogħla) fir-Rapporti Annwali tal-Attività 2014.

**Kaxxa 6.6 – Eżempji ta' dgħufijiet fil-validazzjoni mill-Kummissjoni tar-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar**

(a) *Il-popolazzjoni ċċekkjata mill-awtorità tal-awditjar mhijiex konformi mal-infiq iddikjarat:* Għal 8 mill-139 PO kkampjunati ma kienx possibbli li l-popolazzjoni ċċekkjata mill-awtorità tal-awditjar tiġi rikonċiljata mal-infiq iddikjarat. L-analiżijiet fl-uffiċċju tal-Kummissjoni ma identifikawx din il-kwistjoni għal tliet PO.

***Kaxxa 6.6 – Eżempji ta' dgħufijiet fil-validazzjoni mill-Kummissjoni tar-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar***

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(b) *Metodoloġija skorretta tal-kampjunar applikata mill-awtorità tal-awditjar*: Għal 11 mill-139 PO, l-awtorità tal-awditjar applikat metodoloġija skorretta tal-kampjunar: kienet jew differenti minn dik deskritta fl-istrateġija tal-awditjar approvata mill-Kummissjoni jew inkella kellha parametri li ma kinux konformi mal-gwida applikabbli tal-Kummissjoni dwar il-kampjunar. F'dawk il-każijiet, id-daqs tal-kampjun kien iżgħar milli kieku normalment ikun meħtieġ. Fil-każijiet kollha l-analiżijiet fl-uffiċċju tal-Kummissjoni identifikaw il-kwistjoni u kkonkludew b'mod korrett li ma kinitx taffettwa l-opinjoni tal-awditjar.

(c) *Estrapolazzjoni skorretta ta' żbalji li nstabu fis-subkampjuni*: Għal 59 mill-139 PO eżaminati, l-awtorità tal-awditjar wettqet l-awditi fuq il-bażi tal-kampjun ta' fatturi (subkampjun). Jekk dan l-approċċ jiġi applikat, l-impatt finanzjarju tal-iżbalji li nstabu fis-subkampjun għandu jiġi estrapolat fuq il-proġetti jew il-klejms awditjati qabel dawn jiġu inklużi fil-kalkolu tal-istima tal-iżball għall-popolazzjoni kollha kemm hi. Għal ħames PO, l-iżbalji li nstabu fis-subkampjuni ċċekkjati ma ġewx estrapolati b'mod korrett. Dan wassal għal dikjarazzjoni insuffiċjenti tar-rata totali ta' żball proġettata, iżda ma affettwatx l-opinjoni tal-awditjar.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**(b)** *Il-metodoloġija ta' għażla ta' kampjuni tista' tevolvi skont il-karatteristiċi tal-popolazzjoni li għandhom jiġu vverifikati. Din l-evoluzzjoni u l-bidliet fl-istrateġija approvata tal-verifika huma diskussi fil-laqgħa ta' koordinazzjoni annwali bejn il-Kummissjoni u l-awtorità tal-awditjar ikkonċernati.*

**(c)** *Il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-awtoritajiet tal-awditjar biex jiżvelaw sistematikament fir-rapporti annwali ta' kontroll il-każijiet meta l-popolazzjoni totali ma kinitx effettivament ivverifikata u meta ma ntużatx is-sistema ta' "subkampjunar".*

**Defiċjenzi fil-kontrolli mill-awtoritajiet tal-awditjar fuq l-għajnuna mill-Istat**

6.65. Fl-2014, aħna eżaminajna wkoll jekk l-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar wettqux kontrolli xierqa tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Għal 42 mill-139 PO kkampjunati, il-kontrolli fuq l-għajnuna mill-Istat li saru mill-awtoritajiet tal-awditjar kienu inadegwati (pereżempju fornituri ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ma ġewx koperti jew inkella l-iskemi notifikati ta' għajnuna u l-intensità tal-għajnuna ma ġewx ivverifikati). Kopertura xierqa ta' għajnuna mill-Istat hija meħtieġa mil-linji gwida tal-Kummissjoni, iżda dawn id-defiċjenzi mhux dejjem ġew identifikati mill-analiżijiet fl-uffiċċju tal-2014.

**6.65.** *Waqt ir-rieżami tar-rapport annwali ta' kontroll (ACR), il-Kummissjoni teżamina jekk l-opinjoni tal-awtorità tal-awditjar tkunx ibbażata fis-sod fuq il-bażi tar-riżultati tas-sistema u l-verifiki tal-operazzjonijiet.*

*L-eżami tal-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar rigward l-għajnuna mill-Istat hija inkluża, fost kwistjonijiet oħra, fir-reviżjoni tal-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet tal-awditjar li jinkludi eżami tal-metodoloġija għal verifiki tas-sistema u verifiki ta' operazzjonijiet (inkluż listi ta' kontroll) kif ukoll it-twettiq mill-ġdid ta' verifiki diġà magħmula minn awtoritajiet tal-awditjar (ara t-tweġiba għall-paragrafu 6.53).*

*F'xi każijiet il-Kummissjoni kienet diġà rrakkomandat lill-awtoritajiet tal-awditjar ikkonċernati, permezz ta' rappurtar ta' verifika tagħha stess, biex issaħħaħ il-listi ta' verifika biex jiġu koperti aħjar kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni se tkompli tiżgura li l-awtoritajiet tal-awditjar jużaw listi ta' kontroll xierqa.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Il-gwida tal-Kummissjoni tirrikjedi li l-awtoritajiet tal-awditjar jinkludu kontribuzzjonijet għall-istrumenti finanzjarji għall-popolazzjoni awditjata minflok jiċċekkjaw l-iżborżamenti reali**

6.66. Kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-PO għal fondi li jimplimentaw strumenti finanzjarji għall-perjodu sħiħ ġeneralment isiru permezz ta' pagament uniku malli l-istruttura legali tal-fondi holding tkun ġiet stabbilita. Arranġamenti ta' finanzjament alternattivi jistgħu jiġu speċifikati fil-ftehmiet ta' finanzjament. Skont ir-regolament, dawn il-pagamenti jiġu ċċertifikati lill-Kummissjoni bħala nfiq imġarrab ([54]). Il-verifikazzjoni *ex post* ta' pagament bħal dan mill-awtoritajiet tal-awditjar ġeneralment tirrelata mas-sena finanzjarja li fiha jkun sar il-pagament. Dawn il-kontrolli ġeneralment ikollhom ambitu limitat minħabba li fi ħdan l-ewwel sena, jintagħżlu ftit li xejn operazzjonijiet għall-appoġġ u ammonti limitati jiġu żborżati lir-riċevituri finali u lill-proġetti.

6.67. Dment li ma jkunux previsti verifikazzjonijiet speċifiċi, mhuwiex probabbli li l-implimentazzjoni reali tal-operazzjonijiet tal-istrumenti finanzjarji tiġi ċċekkjata mill-awtoritajiet tal-awditjar qabel l-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013. Fejn l-istrumenti finanzjarji huma mmaniġġjati mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), l-awtorità tal-awditjar ma tistax tiċċekkja l-kontribuzzjonijiet għall-fond minħabba f'limitazzjonijiet imposti mill-BEI fuq id-drittijiet ta' aċċess.

**Rati ta' żball baxxi ħafna rrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar għal PO li għalihom aħna sibna żbalji sinifikanti**

6.68. Għal 110 mill-440 PO tal-FEŻR/FK u tal-FSE, il-Kummissjoni vvalidat rati ta' żball daqs jew taħt iż-0,5 %. Fi 13 minn dawn il-PO, aħna wettaqna mill-inqas eżami wieħed matul l-aħħar żewġ eżerċizzji finanzjarji. Għal ħames PO aħna sibna żbalji sinifikanti fil-proġetti eżaminati (ara l-paragrafi 6.61 u 6.62).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.66.** *It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 6.66 u 6.67.*

*F'konformità mal-Artikolu 78(6) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, il-kontribuzzjoni ta' fondi fi strumenti finanzjarji hija inkluża f'talbiet ta' ħlas lill-Kummissjoni. Dawn il-pagamenti jikkostitwixxu parti mill-popolazzjoni li trid tiġi vverifikata mill-awtoritajiet tal-awditjar permezz ta' kontrolli ta' kampjuni f'konformità mal-linji gwida aġġornati tal-Kummissjoni. Kif stabbilit fl-istrateġija ta' awditjar konġunta għall-Fondi Strutturali u kif speċifikat fil-qafas tal-verifika tal-Kummissjoni għall-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment, l-awtoritajiet tal-awditjar u l-Kummissjoni jistgħu jwettqu verifiki tematiċi dwar l-istrumenti finanzjarji, li jkopru kemm il-kostituzzjoni tal-fondi kif ukoll l-implimentazzjoni attwali tal-proġetti permezz tal-awditjar ta' kampjun ta' proġetti mwettqa mill-benefiċjarji finali. L-awtoritajiet ta' verifika jivverifikaw it-twettiq ta' verifiki tal-ewwel livell mill-awtoritajiet ta' ġestjoni u ser ikollhom jiksbu assigurazzjoni suffiċjenti fuq il-fondi li jagħlqu.*

*F'dak li għandu x'jaqsam mal-fond ġestit mill-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar il-limitazzjonijiet għad-drittijiet ta' aċċess. Memorandum ta' Fehim bejn il-Kummissjoni u l-Bank tal-Investiment Ewropew qiegħed jiġi ffirmat sabiex l-awtoritajiet ta' ġestjoni u verifika fil-futur ikollhom il-possibbiltà li jużaw is-servizzi ta' kuntrattur magħżul mill-Kummissjoni għall-verifika u l-ħidma ta' verifika tal-Bank Ewropew tal-Investiment.*

([54]) L-Artikolu 78a tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## Analiżi tar-rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni

6.69. Aħna vvalutajna r-Rapporti Annwali tal-Attività (RAA) 2014 u d-dikjarazzjonijiet ta' akkumpanjament tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana u tad-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni ([55]). B'mod partikolari:

— aħna ċċekkjajna l-konsistenza u l-preċiżjoni tal-kalkolu mill-Kummissjoni tal-ammonti f'riskju,

— aħna vvalutajna r-riżervi li saru għall-2014.

**Il-kalkolu mill-Kummissjoni tal-ammonti f'riskju għall-PO tal-FEŻR/FK u tal-FSE**

6.70. B'mod kumplessiv, il-kalkolu mill-Kummissjoni tal-ammonti f'riskju fir-Rapporti Annwali tal-Attività 2014 huwa konsistenti u preċiż mal-informazzjoni disponibbli rrappurtata u/jew ipprovduta mill-awtoritajiet tal-awditjar. Madankollu, aħna nfakkru li r-rati annwali ta' żball irrappurtati mill-Kummissjoni fir-rapporti annwali tal-attività mhumiex direttament kumparabbli ma' dawk stmati minna ([56]).

**6.70.** *Il-Kummissjoni taqbel li r-rata ta' żbalji tal-Qorti u tal-Kummissjoni mhumiex direttament komparabbli. Madankollu, l-objettiv ta' dan il-proċess huwa essenzjalment l-istess, jiġifieri l-valutazzjoni tar-riskju għall-baġit tal-UE f'sena partikolari.*

*Il-Kummissjoni tqis id-differenzi kollha kkwotati mill-Qorti fir-rapport speċjali tagħha 16/2013 fl-evalwazzjoni tagħha (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 11 ta' dan ir-rapport). Ħlief għal dawn id-differenzi, il-Kummissjoni tqis li għar-rapport annwali tal-2014, kif kien il-każ għal dawn l-aħħar erba' snin konsekuttivi għad-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni u tliet snin konsekuttivi għad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana qabel dan ir-rapport annwali, ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni huwa konformi mar-rati ta' żbalji kkalkolati mill-Qorti (ara l-paġna 90 u 92 tar-RAA rispettivi).*

— id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana stama li bejn 2,6 % u 5,3 % tal-pagamenti interim u finali għall-PO tal-FEŻR/FK tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013 awtorizzjati matul is-sena kienu f'riskju ta' żball. Il-Kummissjoni għamlet 52 % tal-pagamenti lil PO li hija vvalutat bħala milquta minn livelli materjali ta' żball 'il fuq minn 2 %,

*Id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana għamel 52 % tal-pagamenti għal PO li huwa vvaluta bħala affettwati minn livell materjali ta' żball ogħla minn 2 %, iżda għall-biċċa l-kbira ta' dawn il-programmi saru biżżejjed korrezzjonijiet sabiex iġibu r-riskju residwu kumulattiv taħt il-livell ta' materjalità. Il-pagamenti li saru għall-programmi b'rata ta' żball ta' aktar minn 5 % kkonċernaw biss 4 % tal-pagamenti (ara r-RAA rispettivi tal- 2014, paġna 44). Saru riżervi għal programmi kkonċernati kollha ħlief tlieta kif iddivulgat fir-RAA.*

([55]) F'Marzu ta' kull sena, kull direttorat ġenerali jħejji rapport annwali tal-attività għas-sena preċedenti li jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u jiġi ppubblikat. Flimkien ma' dan ir-rapport, id-direttur ġenerali jrid jipprovdi rapport fejn jindika jekk il-baġit taħt ir-responsabbiltà tiegħu ġiex implimentat b'mod legali u regolari. Dan ikun il-każ jekk il-livell ta' irregolaritajiet ikun taħt il-livell limitu ta' materjalità tal-Kummissjoni stess, li huwa ta' 2 %. Inkella, id-direttur ġenerali jista' joħroġ riżervi sħaħ jew parzjali għal ċerti oqsma (jew programmi).

([56]) Ara r-Rapport Speċjali Nru 16/2013, il-paragrafu 11.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

— id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni stama li bejn 2,8 % u 4,0 % tal-pagamenti interim u finali għall-PO tal-FSE tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013 awtorizzati matul is-sena kienu f'riskju ta' żball. Il-Kummissjoni għamlet 45 % tal-pagamenti lil PO li hija vvalutat bħala milquta minn livelli materjali ta' żball 'il fuq minn 2 %;

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Id-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni għamel 45 % tal-pagamenti għal PO li huwa vvalutat bħala affettwat minn livell materjali ta' żball, iżda għall-biċċa l-kbira ta' dawn il-programmi saru biżżejjed korrezzjonijiet sabiex iġibu r-riskju residwu kumulattiv taħt il-livell ta' materjalità. Il-pagamenti li saru għall-programmi b'rata ta' żball ta' aktar minn 5 % kkonċernaw 25 % tal-pagamenti (ara r-RAA rispettivi tal- 2014, paġna 53). Saru riżervi għall-programmi kollha kkonċernati.*

**Ir-riżervi tal-Kummissjoni għall-PO tal-FEŻR/FK u tal-FSE**

6.71. Fil-politika ta' koeżjoni, il-Kummissjoni toħroġ riżervi fuq PO (jew gruppi ta' PO) meta:

— ikunu ġew identifikati dgħufijiet sinifikanti fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-PO, jew

— ir-rata ta' żball ivvalidata tal-PO tkun taqbeż il-5 %.

Għal PO b'rata ta' żball ivvalidata bejn 2 % u 5 %, il-Kummissjoni tqis ukoll jekk ir-riskju residwu kumulattiv tal-PO jaqbiżx it-2 %.

6.72. L-għadd ta' PO suġġetti għal riżerva żdied minn 73 għal 77 għall-PO tal-FEŻR/FK fl-2014 u baqa' ma nbidilx, f'ammont ta' 36 PO għall-FSE. Sadanittant, l-impatt finanzjarju stmat ta' dawn ir-riżervi naqas minn EUR 423 miljun fl-2013 għal EUR 224 miljun fl-2014 għall-FEŻR/FK ([57]) u żdied minn EUR 123,2 miljun fl-2013 għal EUR 169,4 miljun fl-2014 għall-FSE. L-analiżi tagħna sabet li r-riżervi li saru mill-Kummissjoni fir-Rapporti Annwali tal-Attività 2014 kienu konformi mal-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni u l-informazzjoni li saret disponibbli għaż-żewġ direttorati ġenerali.

**6.72.** *Dan juri l-maturità tal-metodoloġija użata għar-riżervi fir-RAA rispettivi u l-implimentazzjoni stretta ta' din il-metodoloġija mid-Direttorati Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana u tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni.*

*Iż-żewġ Direttorati Ġenerali jsegwu approċċ strett fir-rigward ta' interruzzjoni u sospensjoni ta' pagamenti. Dawn japplikaw ukoll approċċ preventiv fir-rigward tal-ħlasijiet jiġifieri ma jsir l-ebda ħlas għal programmi operattivi li għalihom hemm ippjanata missjoni ta' verifika, sakemm il-missjoni ta' verifika titlesta. Il-pagamenti jitkomplew wara sakemm ma jiġux identifikati nuqqasijiet sinifikanti.*

6.73. Il-Kummissjoni tistma r-riskju residwu kumulattiv f'livell ta' 1,1 % tal-pagamenti għall-PO kollha tal-FEŻR/FK u 1,2 % għall-PO kollha tal-FSE. Dawn iċ-ċifri huma bbażati fuq ir-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar u jieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-korrezzjonijiet finanzjarji rrappurtati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

([57]) Dawn iċ-ċifri jinkludu riżervi kwantifikati kompletament u parzjalment għall-PO li għalihom il-pagamenti interim u/jew finali ġew awtorizzati matul is-sena (55 fl-2013 u 25 fl-2014) u għall-PO li għalihom ma sar ebda pagament bħal dan (19 fl-2013 u 15 fl-2014).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.74. Ir-robustezza tar-riskju residwu kumulattiv ikkalkulat jiddependi mill-preċiżjoni u l-affidabbiltà tal-informazzjoni rrappurtata mill-Istati Membri u mill-kapaċità tal-Kummissjoni li tindirizza dawn il-problemi. Aħna nfakkru li x-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar jippreżenta xi dgħufijiet ([58]) li l-Kummissjoni ma tistax tikkoreġi taħt l-ambitu attwali tal-verifikazzjonijiet. Barra minn hekk, l-ammont ta' korrezzjonijiet finanzjarji irrappurtat mill-Istati Membri lill-Kummissjoni mhuwiex affidabbli bis-sħiħ (ara l-paragrafi 6.58 sa 6.60). Minħabba dan ta' hawn fuq, aħna nqisu li għad hemm riskju li r-riskju residwu kumulattiv kif ikkalkulat mill-Kummissjoni huwa ddikjarat b'mod insuffiċjenti għal xi PO.

**Il-kalkolu mill-ġdid tal-Kummissjoni tal-istima tagħna tar-rata ta' żball għall-2013**

6.75. Fir-rapport annwali tal-attività tiegħu, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana inkluda wkoll kalkolu mill-ġdid tal-livell ta' żball stmat ippubblikat fir-Rapport Annwali 2013 tagħna ([59]). Bħala kwistjoni ta' prinċipju, aħna nqisu li mhuwiex xieraq li l-Kummissjoni (bħala l-parti awditjata tagħna) tippreżenta fehma dwar is-sejbiet tal-awditjar tagħna fir-Rapport Annwali tal-Attività tagħha li tagħti rappreżentazzjoni skorretta tas-sejbiet tal-awditjar tagħna ([60]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.74.** *Għall-'Koeżjoni territorjali, soċjali u ekonomika', l-użu ta' "riskju residwu kumulattiv" huwa biss kriterju addizzjonali biex possibbilment isiru riżervi addizzjonali fir-rapport ta' attività annwali, wara l-valutazzjoni tas-sistema u l-kunsiderazzjoni tar-rata ta' żbalji validata (ara l-anness komuni 4 "Kriterji ta' Materjalità" tar-RAA tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana u d-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni).*

*Il-Kummissjoni hija konxja tar-riskji relatati mar-rati ta' żbalji u mal-ammonti ta' korrezzjonijiet finanzjarji rrappurtati mill-Istati Membri u ħadet azzjonijiet ta' mitigazzjoni xierqa (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi 6.53 sa 6.60 iktar' il fuq).*

*Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li m'hemm l-ebda riskju sinifikanti li r-riskju residwu kumulattiv li kkalkulat huwa baxx wisq.*

**6.75.** *Il-kalkolu mill-ġdid pprovdut mid-DĠ Politika Reġjonali u Urbana fir-RAA tal-2014 huwa maħsub biex juri l-impatt tal-approċċi metodoloġiċi differenti użati mill-Kummissjoni u mill-Qorti meta tikkwantifika l-iżbalji, b'mod partikolari għal żbalji tal-akkwist pubbliku u korrezzjonijiet b'rata fissa diġà applikati fil-livell tal-programmi. Dan ma kinitx evalwazzjoni tal-validità tas-sejbiet tal-Qorti.*

([58]) Pereżempju, l-għajnuna mill-Istat ma tiġix ivverifikata sistematikament minn 10 awtoritajiet tal-awditjar.

([59]) Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2014 tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, it-Taqsima 2.1.1.2.B, p. 45: Madankollu, f'dan il-kuntest huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat li l-approċċ metodoloġiku tad-direttorat ġenerali għall-istima tar-rata annwali ta' żball u r-rata ta' żball ikkalkulata mill-Qorti fir-rapport annwali tagħha mhumiex direttament kumparabbli, kif indikat mill-Qorti nfisha. Meta jiġu kkunsidrati l-elementi li jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni iżda mhux mill-Qorti, tinkiseb stima mill-Qorti tal-livell ta' żball ta' 4,8 % (minflok 6,9 %) għall-infiq tal-2013. Din ir-rata ta' żball ikkalkulata mill-ġdid taqa' fi ħdan il-firxa indikata mill-Kummissjoni fir-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tagħha (jiġifieri bejn it-2,8 % u l-5,3 % [...]).

([60]) Ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 0.7.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

# KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

## Il-konklużjoni għall-2014

6.76. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-infiq fuq "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" u fiż-żewġ oqsma ta' politika koperti minn din il-valutazzjoni speċifika (ara l-paragrafu 6.24) huwa milqut minn livell materjali ta' żball.

6.77. Għal dan il-qasam tal-intestatura tal-QFP, l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jindika li l-livell ta' żball stmat li huwa preżenti fil-popolazzjoni għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" fl-intier tiegħu huwa ta' 5,7 % (6,1 % għall-qasam ta' politika reġjonali u urbana u 3,7 % għall-qasam ta' politika tal-impjiegi u affarijiet soċjali) (ara l-***Anness 6.1***).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.76.** *It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 6.76 u 6.77.*

*Il-Kummissjoni tosserva li r-rata ta' żbalji kkalkulata għall-2014 huwa konformi mal-firxa ppreżentata mill-Qorti għal dawn l-aħħar erba' snin (ara l-paragrafu 6.18 hawn fuq). Hija wkoll konsistenti mar-rati ta' żbalji rrappurtati fir-RAA rispettivi, skont id-differenzi stabbiliti fil-paragrafu 6.70. Ir-rata ta' żbalji għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 tibqa' stabbli u b'mod sinifikanti taħt ir-rati rrappurtati għall-perjodu 2000-2006. Dan l-iżvilupp huwa derivat mid-dispożizzjonijiet ta' kontroll imsaħħaħ tal-perjodu 2007–2013 u l-politika stretta tal-Kummissjoni biex tinterrompi/tissospendi l-pagamenti malli jiġu identifikati xi nuqqasijiet, kif irrappurtat fir-rapport ta' attività annwali tal-2014 Madanakollu, ir-rata ta' żbalji għadha għolja wisq u l-Kummissjoni se tkompli tiffoka l-azzjonijiet tagħha fuq il-programmi/l-Istati Membri l-aktar riskjużi utimplimenta miżuri korrettivi meta jkun meħtieġ permezz ta' politika stretta ta' interruzzjonijiet u sospensjonijiet ta' pagamenti u tapplika proċeduri stretti li jeskludu kull riskju materjali li jibqa' ta' nefqa irregolari.*

*Il-Kummissjoni tinnota wkoll li minħabba l-karattru pluriennali tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll skont il-Politika ta' Koeżjoni, żbalji li saru fl-2014 jistgħu wkoll jiġu kkorreġuti fis-snin sussegwenti kif muri fit-Taqsima 4.2.2 tal-RAA rispettivi tal-2014 tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana u d-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni.*

*Għall-perjodu 2014-2020, ir-rekwiżiti msaħħa dwar il-legalità u r-regolarità jinkludu l-introduzzjoni ta' kontijiet annwali, verifiki ta' ġestjoni u r-responsabbiltà msaħħa kif ukoll l-opinjonijiet tal-awditjar ibbażati fuq livelli residwa ta' żbalji kull sena. Il-kapaċità korrettiva tal-Kummissjoni hija msaħħa aktar mill-possibbiltà li tapplika korrezzjonijiet finanzjarji netti għal nuqqasijiet serji f'ċerti kundizzjonijiet, biex b'hekk titnaqqas il-possibbiltà għall-Istati Membri li jerġgħu jużaw il-fondi. Dan se jkun inċentiv importanti għall-Istati Membri sabiex jidentifikaw u jikkoreġu n-nuqqasijiet serji qabel jiċċertifikaw il-kontijiet annwali lill-Kummissjoni. Dawn l-elementi kollha għandhom jikkontribwixxu għal tnaqqis kontinwu fir-rata ta' żbalji.*

*Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 6.24.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## Rakkomandazzjonijiet

6.78. L-***Anness 6.2*** juri r-riżultat tal-analiżi tagħna tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2011 u 2012, aħna ppreżentajna 11-il rakkomandazzjoni. Minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, il-Kummissjoni implimentat bis-sħiħ erba' rakkomandazzjonijiet, filwaqt li sitta ġew implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti, u waħda ġiet implimentata f'xi aspetti.

6.79. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2014, aħna nirrakkommandaw li fil-qasam ta' "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali":

— **Rakkomandazzjoni 1:** il-Kummissjoni għandha twettaq analiżi ffukata tar-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà għall-perjodi ta' programmazzjoni 2007–2013 u 2014–2020 bil-ħsieb li tidentifika prattiki tajba. Fuq il-bażi ta' analiżi bħal din, hija għandha tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar kif għandhom jissimplifikaw u jevitaw regoli kumplessi u/jew ta' piż bla meħtieġ li ma jżidux valur fir-rigward tar-riżultati li għandhom jinkisbu mill-politika ("gold-plating"),

*Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni tfakkar li skont il-ġestjoni kondiviża, l-istabbiliment tar-regoli ta' eliġibbiltà nazzjonali hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li għandhom l-ewwel nett jirrevedu u jissimplifikaw ir-regoli ta' eliġibilità nazzjonali tagħhom u jxerrdu prattiċi tajba, ibbażata fuq ir-riżultati tal-verifika nazzjonali u tal-UE kumulattivi għall-perjodu ta' programmar 2007-2013 u l-esperjenza miġbura minn awtoritajiet ta' ġestjoni u korpi intermedji. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li qed tipprovdi osservazzjonijiet fuq il-kriterji tal-għażla li jridu jiġu deċiżi minn kumitati ta' monitoraġġ u ħarġet gwida estensiva u f'waqtha lill-Istati Membri matul il-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Hija ser tkompli tiggwida lill-Istati Membri biex jissimplifikaw u jevitaw regoli kumplessi u ta' piż bla bżonn meta każijiet speċifiċi ta' regolamentazzjoni żejda (gold plating) huma identifikati. F'dan il-qafas, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jiltaqgħu fuq bażi regolari biex jiddiskutu u jiċċaraw dawn il-kwistjonijiet. Il-Kummissjoni qiegħda wkoll tinvesti bil-qawwi fl-użu tal-għażliet simplifikati ta' spejjeż matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 (ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni taħt ir-Rakkomandazzjoni 3).*

*Il-Kummissjoni se tkompli tikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar biex theġġiġhom jidentifikaw u jirrappurtaw, fil-verifiki tas-sistema u verifiki oħra, ir-regoli ta' eliġibbiltà li huma kumplessi bla bżonn u li jistgħu jiġu simplifikati mingħajr ma jitpoġġew f'riskju l-legalità u r-regolarità tan-nefqa.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

— **Rakkomandazzjoni 2**: l-awtoritajiet maniġerjali u l-korpi intermedjarji fl-Istati Membri għandhom jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw id-dgħufijiet fil-"kontrolli tal-ewwel livell" billi jieħdu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni kollha disponibbli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha titlob lill-awtoritajiet tal-awditjar, permezz tal-awditi tagħhom tas-sistemi, biex iwettqu mill-ġdid xi wħud minn dawn il-kontrolli u jikkondividu l-prattiki tajbin u t-tagħlimiet meħuda,

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni tinnota li l-ewwel parti ta' din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri. Hija taqbel fuq l-importanza ta' kontrolli tal-"ewwel livell" imwettqa mill-Istati Membri u hija tal-fehma li dawn għandhom jissaħħu ulterjorment. Għaldaqstant, hija ħarġet linji gwida lill-Istati Membri dwar kif l-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom jiddefinixxu u jimplimentaw il-verifiki ta' ġestjoni tagħhom, inkluż fir-rigward tal-akkwist pubbliku u kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat. Din in-nota ta' gwida komprensiva dwar il-verifiki ta' ġestjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, li hija msejsa fuq it-tagħlimiet mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 u mis-sejbiet tal-Qorti, ġiet abbozzata u diskussa mal-Istati Membri matul it-tieni nofs tal-2014 u se tiġi ppubblikata f'Lulju 2015.*

*L-awtoritajiet tal-awditjar għandhom ir-responsabbiltà li jwettqu verifiki tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll. Dawn jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapporti ta' verifika tas-sistema u rapporti ta' kontroll annwali dwar il-funzjonament ta' dawn is-sistemi u b'mod partikolari l-kwalità u l-effettività tal-kontrolli tal-ewwel livell imwettqa mill-awtoritajiet ta' ġestjoni. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni taċċetta t-tieni parti tar-rakkomandazzjoni li titlob lill-awtoritajiet tal-awditjar, permezz ta' verifiki tas-sistema u l-ittestjar ta' kontroll tagħhom, li għandhom jerġgħu jwettqu wħud minn dawn il-verifiki u jaqsmu l-prattiki tajbin u l-lezzjonijiet meħuda. F'dan ir-rigward, fl-2015 il-Kummissjoni nediet għodda ġdida għal skambji bejn il-pari fost awtoritajiet maniġerjali, taċ-ċertifikazzjoni u tal-awditjar fl-Istati Membri ("TAIEX REGIO Peer 2 Peer"). Din l-għodda timmira li tgħin lill-Istati Membri biex itejbu l-kapaċità amministrattiva tagħhom fil-ġestjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni, inkluż fil-qasam ta' verifiki ta' ġestjoni.*

*Skont l-istrateġija ta' verifika tagħha kif aġġornata fl- 2015, il-Kummissjoni se tkompli tiffoka l-awditjar tagħha dwar il-verifiki tal-ġestjoni bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-programmi 2007-2013, sal-għeluq.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

— **Rakkomandazzjoni 3:** L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu aħjar tal-possibbiltajiet stipulati fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni u r-regolament dwar l-FSE għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 fir-rigward ta' possibbiltajiet ta' spejjeż simplifikati għal proġetti li jaqbżu EUR 50 000 ta' appoġġ pubbliku,

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjoni li hija indirizzata lill-Istati Membri.*

*Il-Kummissjoni ħadmet b'mod attiv minn mindu ġew introdotti l-opzjonijiet simplifikati ta' spejjeż fir-regolamenti sabiex gradwalment jiżdied l-użu mill-Istati Membri u tqis li dawn l-isforzi diġà wasslu għal riżultati pożittivi, b'mod partikolari għall-FSE. Il-Kummissjoni qed tkompli tippromwovi b'mod attiv l-użu tal-opzjonijiet simplifikati mill-Istati Membri ta' spejjeż fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, fejn dawn ġew imsaħħa b'mod sinifikanti kemm fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni u r-Regolament speċifiku tal-FSE, bbażati fuq it-tagħlimiet meħuda u l-aqwa prattiċi identifikati fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji, u jiżdied l-iffokar fuq ir-riżultati u jitnaqqas aktar ir-riskju ta' żball. Fir-rigward tal-FEŻR u l-FK, il-Kummissjoni theġġeġ lill-Istati Membri biex ikomplu jesploraw l-opportunitajiet offruti mill-qafas legali 2014-2020 rigward l-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati sabiex iżidu l-użu ta' dawn l-għażliet, b'mod partikolari għal objettivi tematiċi 1 u 3.*

*Barra minn hekk, bħala parti mill-isforzi tagħha biex tippromwovi l-użu ta' għażliet simplifikati ta' spejjeż mill-Istati Membri, il-Kummissjoni riċentement ħarġet gwida prattika estensiva dwar l-għażliet stipulati fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni u r-Regolament tal-FSE speċifiċi, u wettqet it-tieni ċiklu ta' seminars ta' simplifikazzjoni f'għadd sinifikanti ta' Stati Membri ta' prijorità fejn l-opportunitajiet ta' simplifikazzjoni ma ġewx kellhomx effett biżżejjed fuq il-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nediet stħarriġ f'Ġunju 2015 sabiex tivvaluta l-adozzjoni ppjanata tal-opportunitajiet ta' simplifikazzjoni, inklużi l-għażliet simplifikati ta' spejjeż mill-Istati Membri fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali.*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| — **Rakkomandazzjoni 4:** L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-pagament sħiħ u f'waqtu tal-finanzjament taħt il-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013 billi jirrimborżaw lill-benefiċjarji fi ħdan żmien raġonevoli wara li jkunu ppreżentaw klejm għall-pagament għar-rimborż. F'allinjament mar-regoli applikabbli għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, aħna nqisu li l-pagamenti kollha bħal dawn għandhom isiru fi ħdan 90 jum wara l-preżentazzjoni ta' klejm korrett għall-pagament mill-benefiċjarju, | *Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjoni li hija indirizzata lill-Istati Membri.*<br><br>*Il-Kummissjoni taqbel li l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 80 tar- Regolament (KE) Nru 1083/2006. Dan l-Artikolu ma jipprovdix punti ta' referenza speċifiċi. Fil-kuntest tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l- Artikolu 132 tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni 1303/2013 dwar il-Fondi ESI stabbilixxa regoli speċifiċi dwar rimborż ta' finanzjament lill-benefiċjarji mill-awtoritajiet nazzjonali. Soġġetti għad-disponibbiltà tal-fondi, l-awtoritajiet ta' ġestjoni jiżguraw li l-benefiċjarji jirċievu l-ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli sħiħ u mhux aktar tard minn 90 jum mid-data ta' sottomissjoni tat-talba għall-pagament mill-benefiċjarju.* |
| — **Rakkomandazzjoni 5:** il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva biex temenda, permezz ta' att leġiżlattiv ta' valur legali ndaqs, ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' eliġibbiltà għal strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża lill-Kunsill u lill-Parlament, | *Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni.*<br><br>*Il-Kummissjoni tqis li l-modifiki introdotti fil-linji gwida dwar l-għeluq tagħha kienu fl-ambitu tal-Artikolu 78(6) tar- Regolament (KE) Nru 1083/2006, kif emendat, u għalhekk ma kienx jeħtieġ li ssir emenda tal-att leġiżlattiv.* |
| — **Rakkomandazzjoni 6:** il-Kummissjoni għandha testendi għall-Istati Membri kollha l-valutazzjoni tagħha tal-affidabbiltà tal-korrezzjonijiet finanzjarji rrappurtati mill-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni u l-impatt tagħha fuq il-kalkolu mill-Kummissjoni tar-"rata tal-iżball residwu", | *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni, li diġà qed timplimenta f'konformità ma' rakkomandazzjonijiet preċedenti ta' awdituri esterni u interni f'dan ir-rigward.*<br><br>*Il-Kummissjoni wessgħet l-ambitu tal-attivitajiet tagħha ta' valutazzjoni u issa twettaq kontrolli tal-konsistenza u desk reviews dwar id-dikjarazzjonijiet tal-korrezzjoni finanzjarja tal-Istati Membri kollha u programmi operazzjonali li r-riżultati tagħhom huma riflessi fil-kalkolu tar-riskju residwu kumulattiv. Barra minn hekk, kull sena hija twettaq evalwazzjoni tar-riskju biex tiddeċiedi liema missjonijiet ta' verifika għandhom jitwettqu f'kull Stat Membru sabiex tinkiseb garanzija raġonevoli, f'dan il-każ, tal-korrezzjonijiet finanzjarji tar-rappurtar. Fil-qafas ta' din il-valutazzjoni tar-riskju, il-Kummissjoni tqis ukoll il-ħtieġa li twettaq verifiki fuq il-post fl-Istati Membri kollha b'impatt materjali fuq il-kalkolu tar-riskju residwu kumulattiv, sa tmiem il-perjodu ta' programmar.* |

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| — **Rakkomandazzjoni 7:** il-Kummissjoni għandha ssaħħaħ aktar is-sistema ta' kontroll għall-awtoritajiet tal-awditjar billi: | |
| — titlob lill-awtoritajiet tal-awditjar jipprovdu informazzjoni speċifika dwar awditi tal-operazzjonijiet (b'mod partikolari l-kopertura) biex tivverifika l-preċiżjoni u l-affidabbiltà ta' informazzjoni pprovduta fir-rapporti annwali ta' kontroll, | — *Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni li hija diġà implimentat billi titlob u tikseb informazzjoni speċifika addizzjonali minn awtoritajiet tal-awditjar kull darba li tqis li dan huwa meħtieġ, b'mod partikolari f'każ ta' dubji, u billi twettaq analiżi fuq il-post jew mhux fuq il-post tar-rapporti annwali ta' kontroll. Bħala eżempju, DĠ Politika Reġjonali u Urbana ppreveda fl-istrateġija aġġornata tiegħu għall-2007-2013 biex iniedi missjonijiet rinfurzati ta' "rapport ta' kontroll pre-annwali" biex jipprepara għar-rieżami tar-rapporti annwali ta' kontroll li għandu jiġi pprovdut f'Diċembru 2015 għall-aħħar darba u tad-dikjarazzjonijiet ta' għeluq u opinjonijiet ppjanati għal Marzu 2017. Barra minn hekk, id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana u d-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni se jkomplu jkopru għadd sinifikanti ta' rapporti ta' kontroll annwali permezz ta' missjonijiet fuq il-post, fuq bażi ta' riskju.* |
| — tiżgura li l-awtoritajiet tal-awditjar ikopru b'mod xieraq, fl-awditu tal-operazzjonijiet tagħhom, kontrolli tal-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u mar-regoli tal-akkwist pubbliku, | — *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u diġà qed timplimentaha fil-kuntest ta' stħarriġ ta' verifika tagħha dwar ir-rieżami tal-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar. Se tiċċirkola l-konklużjonijiet tal-Qorti biex tiżgura, fejn meħtieġ, li jintużaw listi msaħħa ta' kontroll għall-bqija tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 u għal dak li jmiss.* |
| — titlob lill-awtoritajiet tal-awditjar jiċċertifikaw il-preċiżjoni tad-*data* dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji rrappurtata mill-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni għal kull PO kull meta azzjoni bħal din titqies bħala meħtieġa. | — *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni, li diġà ġiet aċċettata fl-2014.*<br><br>*Għall-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020, l-awtoritajiet tal-verifika huma mitluba kull sena li joħorġu opinjoni ta' verifika bbażata fuq rata residwa ta' żball tal-kontabbiltà ċertifikata. Għar-reviżjoni tal-kalkolu ta' din ir-rata, l-awtoritajiet tal-awditjar għandhom jiċċekkjaw il-preċiżjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji rrappurtati mill-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni matul il-perijodu għal kull programm operattiv u skont kif ġie rrappurtat fil-kontijiet iċċertifikati.* |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## PARTI 2: KWISTJONIJIET RELATATI MAL-PRESTAZZJONI

## VALUTAZZJONI TAL-PRESTAZZJONI TAL-PROĠETTI

6.80. L-implimentazzjoni tal-baġit taħt il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba tirrikjedi li l-infiq ma għandux jiffoka biss fuq il-konformità mar-regoli iżda wkoll fuq l-ilħuq ta' objettivi intenzjonati ([61]). Mit-331 proġett tal-FEŻR/tal-FK u tal-FSE eżaminati, 186 kienu kkompletati fi żmien l-awditu (ara l-paragrafu 6.22). Minbarra li ċċekkjajna r-regolarità ta' dawn il-186 tranżazzjoni, aħna vvalutajna bħala eżerċizzju pilota u fuq il-bażi ta' informazzjoni pprovduta mill-benefiċjarji, jekk u sa liema punt:

— l-objettivi speċifikati għal proġetti ffinanzjati taħt il-FEŻR/l-FK u l-FSE fl-applikazzjoni għall-proġett, il-ftehim ta' għotja, il-kuntratt u/jew id-deċiżjoni għal kofinanzjament kienu jikkonformaw ma' dawk stipulati fil-PO,

— il-proġetti kienu laħqu dawk l-objettivi. L-analiżi tagħna ffukat fuq outputs tal-proġetti u, fejn possibbli, ivvalutajna wkoll il-punt sa fejn inkisbu r-riżultati ([62]).

Barra minn hekk, aħna vvalutajna wkoll jekk il-proġetti ġewx implimentati f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

**Tliet kwarti tal-proġetti eżaminati laħqu l-objettivi tagħhom jew bis-sħiħ jew inkella parzjalment**

6.81. Fuq il-bażi tal-outputs tal-proġetti osservati (u, fejn possibbli, il-valutazzjoni tar-riżultati intenzjonati), aħna nikkonkludu li 89 mill-186 proġett (48 %) laħqu (jew qabżu) l-miri kollha li kienu ġew speċifikati biex titkejjel il-prestazzjoni tal-proġetti. Għal 56 proġett (30 %), aħna sibna li indikatur wieħed jew bosta indikaturi speċifikati għall-proġett ma kisbux il-valur immirat intenzjonat. Għal 17-il każ (9 %) id-data ta' skadenza biex jintlaħqu l-miri ġiet irrispettata għal xi wħud, iżda mhux għall-miri kollha sa żmien l-awditu.

**6.81.** *Il-Kummissjoni tinnota li 143 proġett mill-186 eżaminati laħqu (kompletament jew parzjalment) jew qabżu l-miri tagħhom.*

*L-Istati Membri jimmonitorjaw l-implimentazzjoni matul iċ-ċiklu ta' ħajja tal-proġetti. Madankollu, huwa biss fl-istadju tal-għeluq tal-programmi fl- 2017 li l-prestazzjoni ta' proġetti ffinanzjati minn Programmi Operattivi se tiġi evalwata u rrappurtata lill-Kummissjoni.*

*Il-Kummissjoni tinnota li skont ir-Regolamenti għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 ir-rekwiżiti biex titkejjel il-prestazzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-UE ġew imsaħħa.*

*L-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-programmi kompliet tissaħħaħ għall-perjodu 2014-2020: kif previst fil-qafas regolatorju (l-Artikolu 22(6 u 7) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013), il-Kummissjoni se tkun tista' tissanzjona l-Istati Membri f'każ ta' insuffiċjenza serja fil-prestazzjoni, bħala riżultat tar-rieżami tal-prestazzjoni (l-Artikolu 22(6) tar-Regolament Nru 1303/2013) u fl-għeluq (l-Artikolu 22(7)).*

([61]) Ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 10.10.
([62]) Ara l-Kapitolu 3, il-Kaxxa 3.1, għal spjegazzjoni tal-kunċett ta' output u riżultati.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.82. Għal tliet każijiet (2 %), ma ntlaħaq ebda wieħed mill-objettivi tal-proġett (kif stipulati fil-PO u/jew fil-ftehim ta' għotja). Dawn il-proġetti ma jżidux il-valur minħabba li l-investimenti jew ma jintużawx, jew inkella ma jistgħux jintużaw (ara l-Kaxxa 6.7). Dan se jirrappreżenta ħela fl-infiq tal-fondi tal-UE dment li l-problemi ma jiġux indirizzati qabel l-għeluq tal-PO.

**Kaxxa 6.7 – Eżempju ta' proġetti mingħajr valur miżjud**

*Proġett li twassal iżda li għadu ma jintużax:* Proġett tal-FK fil-Greċja kien jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' impjant tad-drenaġġ u ta' netwerk ta' drenaġġi għal żewġ muniċipalitajiet. Ix-xogħlijiet ta' infrastruttura ġew ikkompletati fl-2013. Madankollu, il-proġett ma jistax jintuża sakemm jinbnew ukoll konnessjonijiet minn unitajiet domestiċi privati u mill-industrija man-netwerk ta' drenaġġi. Mit-tħabbir inizjali tal-proġett (fl-2006) sa issa, il-muniċipalità kellha biżżejjed żmien biex tiddisinja u timplimenta konnessjonijiet bħal dawn man-netwerk ta' drenaġġi. Madankollu, fi tmiem l-2014, l-awditu tagħna sab li konnessjonijiet bħal dawn kienu għadhom mhux stabbiliti. Il-proġett tal-konnessjonijiet privati ġie akkwistat matul l-2015.

6.83. Għal 13-il proġett (7 %) l-ilħuq tal-objettivi ma setax jiġi vvalutat billi ma ġiet ipprovduta ebda *data* rilevanti.

6.84. Aħna sibna wkoll li tmien proġetti (4 %) kellhom objettivi li ma kinux konformi ma' dawk speċifikati għall-PO u l-assi prijoritarju li l-proġett kien iffinanzjat taħtu (ara l-Kaxxa 6.8). Il-ksib tal-prestazzjoni għal dawn il-proġetti ġie konkluż bħala "ma jistax jiġi ddeterminat".

**Kaxxa 6.8 – Eżempju ta' indikaturi li mhumiex f'konformità mal-PO**

*Indikatur għall-proġett mhux speċifikat:* Fl-Italja, proġett tal-FEŻR kien jikkonsisti fix-xiri ta' tagħmir għal sptar. Ma ġie definit ebda indikatur rilevanti tal-prestazzjoni għall-proġett. Barra minn hekk, ma nstab ebda indikatur speċifiku għall-miżura li taħtha l-proġett ġie approvat. Minflok, l-awtorità maniġerjali timmonitorja xi indikaturi definiti fil-livell nazzjonali (bħas-superfiċe koperta minn proġett f'metri kwadri, it-total tal-jiem ta' xogħol miksuba u l-għadd ta' proġetti fiżikament ikkompletati), li, madankollu, ma jippermettux il-kejl tal-prestazzjoni tal-proġett eżaminat.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.82.** *Il-Kummissjoni se tagħmel monitoraġġ mal-awtoritajiet tal-programmi kkonċernati sabiex dawn l-investimenti jsiru funzjonali meta jagħlqu, li hija kundizzjoni għall-eliġibbiltà tan-nefqa korrispondenti f'dak iż-żmien.*

***Kaxxa 6.8 – Eżempju ta' indikaturi li mhumiex f'konformità mal-PO***

*Ir-Regolamenti 2007-13 jipprevedu l-użu ta' indikaturi tar-riżultati aggregati fil-livell ta' azzjonijiet u mhux b'mod sistematiku ta' indikaturi tal-prestazzjoni fil-livell tal-proġetti. Dawn l-indikaturi jkejlu l-progress li sar fihom meta mqabbel mas-sitwazzjoni tal-bidu u l-effettività ta' interventi magħżula biex jintlaħqu l-għanijiet speċifiċi.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Arranġamenti ta' finanzjament ibbażati fuq il-prestazzjoni huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola**

6.85. Huwa biss fi ftit li xejn każijiet li l-ilħuq tal-objettivi tal-prestazzjoni għandu impatt fuq il-livell ta' finanzjament mill-UE. F'wieħed minn dawn il-każijiet, aħna madankollu sibna li n-nuqqas ta' lħuq tal-miri miftiehma għadu ma rriżulta f'ebda azzjoni korrettiva mill-awtorità maniġerjali (ara l-Kaxxa 6.9).

**Kaxxa 6.9 – Eżempju ta' proġetti b'sistema ta' finanzjament ibbażata fuq il-prestazzjoni**

*Infiq li għandu jiġi rtirat meta l-indikaturi tar-riżultati ma jiġux issodisfati:* Il-ftehim ta' għotja ta' proġett tal-FEŻR fir-Rumanija relatat max-xiri ta' tagħmir biex jiġi ottimizzat il-fluss tal-produzzjoni ta' impjant, ippreveda li l-benefiċjarju għandu jrodd lura parti mill-għotja riċevuta jekk l-indikaturi tar-riżultati ddefiniti fil-ftehim ta' għotja ma jkunux ġew issodisfati meta l-proġett jiġi kkompletat. L-indikaturi tar-riżultati tal-proġett, issettjati mill-ftehim ta' għotja, ma nkisbux bis-sħiħ mal-ikkompletar. Madankollu, l-Awtorità Maniġerjali għadha ma aġġustatx il-finanzjament għal dan il-proġett.

**Xi regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà jinkludu dispożizzjonijiet li jmorru kontra l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba**

6.86. F'każijiet oħra, ir-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà fihom dispożizzjonijiet li jippermettu lill-benefiċjarji jikklejmjaw spejjeż li huma eċċessivi meta mqabbla mal-prezzijiet tas-suq tas-soltu fl-Istati Membri kkonċernati (il-Kaxxa 6.10).

**Kaxxa 6.10 – Eżempju ta' regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà li jmorru kontra l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba**

*Allokazzjoni differenti tar-rata tas-salarju użata għall-proġett iffinanzjat mill-UE:* Għal proġett tal-FSE fir-Rumanija li qed jiffinanzja boroż ta' studju ta' riċerkaturi żgħażagħ tal-PhD u salarji tat-tim maniġerjali li qed jopera programm postdottorali fil-qasam tan-nanomaterjali, ir-rati tas-salarju applikati għas-sigħat iddedikati għall-proġett huma sa tliet darbiet ogħla minn dawk tas-suq. Din il-prattika hija f'konformità mar-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà li jippermettu limiti massimi differenti għas-salarji ta' nies li jaħdmu għal proġetti tal-UE u għal dawk li jaħdmu għal proġetti nazzjonali jew proġetti ffinanzjati minn riżorsi proprji. Wara awditu tal-Kummissjoni u wieħed mill-awditi preċedenti tagħna fl-2012 ([63]), tnaqqsu l-limiti massimi għas-salarji għal nies li jaħdmu għal proġetti tal-UE, iżda xorta waħda baqgħu għoljin wisq. It-tieni aġġustament sar f'Lulju 2014.

Instabu każijiet simili fi proġetti oħra tal-FSE fl-Italja u fir-Rumanija.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 6.10 – Eżempju ta' regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà li jmorru kontra l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba***

*Is-sitwazzjoni tas-salarji fi proġetti ffinanzjati mill-FSE fir-Rumanija kienet waħda mill-kwistjonijiet diġà identifikati mid-DĠ tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni f'awditu li sar fl-2012. Rata fissa ta' korrezzjoni finanzjarja ta' 25 % ġiet applikata b'mod sistematiku għal dan il-PO. B'riżultat ta' dan, l-awtorità ta' ġestjoni kkonċernata kkummissjonat studju dwar l-istruttura tal-ispejjeż u l-kont tal-pagi li jservi bħala bażi biex jistabbilixxi l-ogħla livelli ta' pagi biex jiġu applikati fi proġetti futuri.*

*Il-Kummissjoni għamlet aktar rakkomandazzjonijiet lill-Awtorità ta' Ġestjoni dwar il-parametri li għandhom jintużaw għad-determinazzjoni ta' pagi massimi li għandhom jiġu applikati għal proġetti ffinanzjati mill-FSE minħabba li dawk attwali għadhom meqjusa bħala għolja wisq.*

([63]) Ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 6.23 u l-Kaxxa 6.4.

ANNESS 6.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦAL "KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI"*

| | 2014 | 2013 [1] |
|---|---|---|
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | |
| Politika reġjonali u urbana | **161** | 168 |
| Impjiegi u affarijiet soċjali | **170** | 175 |
| **Total tat-tranżazzjonijiet għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali"** | **331** | 343 |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | |
| Livell ta' żball stmat: Politika reġjonali u urbana | **6,1 %** | 7,0 % |
| Livell ta' żball stmat: Impjiegi u affarijiet soċjali | **3,7 %** | 3,1 % |
| Livell ta' żball stmat: "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" | **5,7 %** | 5,9 % |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | 8,2 % | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | 3,1 % | |

Il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball għall-politika reġjonali u urbana huma: 3,0 % u 9,2 %
Il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball għall-impjiegi u affarijiet soċjali huma: 1,9 % u 5,6 %

([1]) Iċ-ċifri għall-2013 ġew ikkalkulati mill-ġdid biex jaqblu mal-istruttura tar-Rapport Annwali 2014 u b'hekk ikun jista' jsir tqabbil bejn is-sentejn. Il-***Graff 1.3*** tal-Kapitolu 1 tippreżenta kif ir-riżultati tal-2013 ġew ikklassifikati mill-ġdid ibbażat fuq l-istruttura tar-Rapport Annwali 2014. Il-livell ta' żball stmat għall-2013 ġie kkalkulat abbażi tal-approċċ għall-kwantifikazzjoni ta' żbalji tal-akkwist pubbliku applikabbli fi żmien l-awditu. Ir-riżultati tal-awditjar tal-2013 ikkalkulati mill-ġdid biex jittieħed kont tal-approċċ aġġornat għall-kwantifikazzjoni ta' dawn l-iżbalji (ara l-paragrafu 1.13) huma ppreżentati fit-***Tabella 1.1*** u fil-***Graff 1.3***.

ANNESS 6.2

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦAL "KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI"*

**E = DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni; R = DĠ Politika Reġjonali u Urbana; X = Valutazzjoni komuni għaż-żewġ DĠ**

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2012 | **Rakkomandazzjoni 1** (ir-rakkomandazzjoni 2 tal-Kapitolu 6 u r-rakkomandazzjoni 3 tal-Kapitolu 5 tal-2011): tindirizza dgħufijiet fil-"kontrolli tal-ewwel livell" imwettqa mill-awtoritajiet maniġerjali u minn korpi intermedjarji għall-FEŻR u l-FK, permezz ta' materjal speċifiku ta' gwida u, fejn xieraq, permezz ta' miżuri ta' taħriġ. | E | R (1) | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2** (ir-rakkomandazzjoni 1 tal-2011): fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba tagħha tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, twettaq valutazzjoni tal-użu ta' regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà bil-ħsieb li jiġu identifikati oqsma possibbli għal aktar simplifikazzjoni u li jiġu eliminati regoli kumplessi li mhumiex meħtieġa (regolamentazzjoni żejda). | | E (2) | R (3) | | | | |
| | Il-Kapitolu 5, ir-**rakkomandazzjoni 3:** tispeċifika regoli ċari u tipprovdi gwida robusta dwar kif għandha tiġi vvalutata l-eliġibbiltà tal-proġetti u tikkalkula l-kofinanzjament għal proġetti tal-FEŻR u tal-FK li jiġġeneraw dħul taħt il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. | | R (4) | | | | | |
| | Il-Kapitolu 6, ir-**rakkomandazzjoni 3:** tippromwovi l-użu estensiv ta' għażliet simplifikati għall-ispejjeż bl-għan li jitnaqqas ir-riskju ta' żball fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż u l-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji. Ir-rati fissi għall-għażliet simplifikati għall-ispejjeż għandhom jiġu approvati/vvalidati sistematikament minn qabel mill-Kummissjoni biex jiġi żgurat li dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti regolatorji (kalkolu ġust, ekwu u li jista' jiġi vverifikat). | | E | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4:** tfittex li jsir titjib fix-xogħol li jsir mill-awtoritajiet tal-awditjar u fil-kwalità u l-affidabbiltà tal-informazzjoni pprovduta fir-rapporti annwali ta' kontroll u fl-opinjonijiet tal-awditjar. | | X (5) | | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| | *Ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa fil-kuntest tar-Rapport Annwali 2011, li huma sostanzjalment simili għal dawk maħruġa fl-2012, ġew analizzati flimkien.* | | | | | | | |
| 2011 | Il-Kapitolu 6, ir-**rakkomandazzjoni 3**: tħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali biex japplikaw b'mod rigoruż il-mekkaniżmi korrettivi qabel iċ-ċertifikazzjoni tal-infiq lill-Kummissjoni (2008). Kull meta jiġu identifikati defiċjenzi sinifikanti fil-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, il-Kummissjoni għandha tinterrompi jew tissospendi l-pagamenti sakemm tkun ittieħdet azzjoni korrettiva rimedjali mill-Istat Membru u tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji jekk meħtieġ. | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4:** tipprovdi aktar gwida lill-awtoritajiet tal-awditjar għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali, b'mod partikolari dwar it-teħid ta' kampjuni u l-ambitu tal-verifikazzjonijiet li għandhom isiru għall-verifiki (awditi) tal-proġetti u l-kontroll tal-kwalità; tinkoraġġixxi l-awtoritajiet tal-awditjar biex iwettqu verifiki (awditi) speċifiċi tas-sistema dwar "kontrolli tal-ewwel livell" magħmulin minn awtoritajiet ta' ġestjoni (awtoritajiet maniġerjali) u korpi intermedjarji. | | X (5) | | | | | |
| | Il-Kapitolu 6, ir-**rakkomandazzjoni 5**: tivverifika b'mod rigoruż il-preċiżjoni u l-kompletezza tal-informazzjoni żvelata (divulgata) mill-awtoritajiet tal-awditjar fir-rapporti annwali ta' kontroll u l-opinjonijiet tal-verifika (awditjar) tagħhom. Il-verifikazzjoni mill-Kummissjoni għandha tieħu kont sħiħ tal-informazzjoni disponibbli fuq verifiki (awditi) tas-sistemi u verifiki (awditi) tal-operazzjonijiet li jsiru mill-awtoritajiet tal-awditjar. | | E | | | | | |
| | Il-Kapitolu 6, ir-**rakkomandazzjoni 6**: tħeġġeġ l-użu mill-Istati Membri tal-għażliet simplifikati għall-ispejjeż li huma permessi fir-regolamenti sabiex titnaqqas l-opportunità għal żbalji. | E | | | | | | |
| | Il-Kapitolu 5, ir-**rakkomandazzjoni 1**: tagħmel is-sistemi ta' sanzjonijiet aktar effettivi billi żżid l-impatt tal-korrezzjonijiet finanzjarji u billi tnaqqas il-possibbiltà li l-infiq ineliġibbli jiġi sostitwit bi nfiq ieħor, hekk kif propost mill-Kummissjoni fil-qasam tal-koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss. Għandu jkun hemm suppożizzjoni li kull irregolarità mikxufa susseg-wenti għall-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali se twassal għal korrezzjoni finanzjarja netta. | R | | | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | Il-Kapitolu 5, ir-**rakkomandazzjoni 5**: sabiex il-proċedura għall-għeluq ta' programmi multiannwali (pluriennali) fil-qasam tal-koeżjoni ssir aktar effiċjenti: | | | | | | | |
| | — tfakkar lill-Istati Membri biex jiżguraw li d-dikjarazzjonijiet finali ppreżentati għall-programmi 2007-2013 ikunu affidabbli, | R | | | | | | |
| | — teżamina d-dgħufijiet speċifiċi identifikati mill-Qorti fid-dikjarazzjonijiet ta' stralċ għall-għeluq tal-programmi 2000-2006, | R | | | | | | |
| | — tikkunsidra jekk dawn il-problemi seħħewx ukoll għal PO oħra, u tapplika korrezzjonijiet finanzjarji fejn meħtieġ, | R | | | | | | |
| | — tiżgura li l-verifiki (awditi) kontinwi ta' għeluq jindirizzaw b'mod adegwat il-kwistjonijiet imressqa mill-Qorti. | R | | | | | | |

(1) Ara l-paragrafi 6.42 u 6.43 u r-rakkomandazzjonijiet 1 u 2 tal-Kapitolu 5 tar-Rapport Annwali 2013.

(2) Is-sitwazzjoni ma nbidlitx fl-2014.

(3) Ma twettqitx valutazzjoni sistematika tar-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà bil-ħsieb ta' simplifikazzjoni.

(4) Ma ġiet ipprovduta ebda gwida dwar kif għandha tiġi vvalutata l-eliġibbiltà tal-proġetti. Il-gwida fir-rigward tar-regoli ta' eliġibbiltà tal-infiq għadha fi stadju ta' abbozz u ma xterditx mal-Istati Membri. Il-Gwida għal Analiżi Kost-Benefiċċju tal-Proġetti ta' Investiment għall-Politika ta' Koeżjoni 2014-2020 inħarġet f'Diċembru 2014.

(5) Ara l-Kaxxa 6.6. Minkejja l-gwida l-ġdida għal-awtoritajiet tal-awditjar li nħarġet matul is-sena 2013, aħna xorta waħda sibna xi dgħufijiet partikolari fil-gwida li nħarġet mill-Kummissjoni għall-awtoritajiet tal-awditjar, jiġifieri t-trattament ta' strumenti finanzjarji – ara l-paragrafi 6.66 u 6.67. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjoni biex l-awtoritajiet tal-awditjar iwettqu awditi speċifiċi tas-sistema fir-rigward tal-"kontrolli tal-ewwel livell" magħmula minn awtoritajiet maniġerjali u korpi intermedjarji ma setgħetx tiġi evidenzjata.

## KAPITOLU 7

# **"Riżorsi naturali"**

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Introduzzjoni | 7.1-7.14 |
| Karatteristiċi speċifiċi tal-intestatura tal-QFP | 7.3-7.13 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 7.14 |
| Parti 1: Il-valutazzjoni tagħna dwar ir-regolarità | 7.15-7.78 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 7.15-7.34 |
| Eżaminar tas-sistemi u tar-rapporti annwali tal-attività magħżula | 7.35-7.73 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 7.74-7.78 |
| Parti 2: Kwistjonijiet relatati mal-prestazzjoni fil-qasam tal-iżvilupp rurali | 7.79-7.89 |
| Valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġetti | 7.79-7.88 |
| Konklużjoni | 7.89 |

Anness 7.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal "Riżorsi naturali"

Anness 7.2 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Riżorsi naturali"

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

7.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna relatati mal-valutazzjonijiet speċifiċi tagħna għal "Riżorsi naturali". Il-kapitolu jippreżenta separatament ir-riżultati tal-ittestjar tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u għal infiq ieħor ("Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd") fl-intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP). Informazzjoni ewlenija dwar il-kompożizzjoni ta' din l-intestatura tal-QFP tingħata fil-***Graff 7.1***.

**Graff 7.1 — Intestatura 2 tal-QFP – "Riżorsi naturali"**

*(EUR biljun)*




| | |
|---|---|
| Total tal-pagamenti għas-sena | 56,6 |
| *-pagamenti bil-quddiem* ([1]) | *0,5* |
| *+ approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem* | *1,4* |
| **Popolazzjoni awditjata, total** | **57,5** |

([1]) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7).

*Sors:* Il-kontijiet konsolidati 2014 tal-Unjoni Ewropea.

7.2. Minbarra s-sejbiet tagħna fir-rigward tar-regolarità għall-valutazzjonijiet speċifiċi, dan il-kapitolu jippreżenta, f'taqsima separata, ir-riżultati ta' xi kwistjonijiet relatati mal-prestazzjoni għal kampjun ta' proġetti tal-iżvilupp rurali.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Karatteristiċi speċifiċi tal-intestatura tal-QFP

*Politika agrikola komuni*

7.3. Il-politika agrikola komuni (PAK) għandha l-għan ([1]) li tkabbar il-produzzjoni agrikola, li tassigura b'dan il-mod livell ġust ta' għajxien għall-popolazzjoni agrikola, li tagħmel is-swieq stabbli, li tiggarantixxi d-disponibbiltà tal-provvisti u li tassigura prezzijiet raġonevoli fil-konsenja tal-prodotti lill-konsumatur.

7.4. Il-PAK hija implimentata taħt ġestjoni kondiviża mid-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (id-DĠ AGRI) tal-Kummissjoni u l-Istati Membri permezz ta' żewġ fondi ([2]): il-FAEG, li jiffinanzja bis-sħiħ l-għajnuna diretta mill-UE u l-miżuri tas-suq ([3]), u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), li jikkofinanzja programmi tal-iżvilupp rurali flimkien mal-Istati Membri.

7.5. Il-miżuri prinċipali ffinanzjati mill-FAEG huma dawn li ġejjin:

— L-iskema ta' għajnuna diretta "Skema ta' Pagament Uniku skont l-Erja" (SPU), li rrappreżentat EUR 30,8 biljun fl-2014. Din l-iskema tipprovdi appoġġ diżakkoppjat għall-introjtu ([4]) bbażat fuq "drittijiet", li kull wieħed minnhom huwa attivat b'ettaru wieħed ta' art eliġibbli.

— L-iskema ta' għajnuna diretta "Skema ta' Pagament Uniku skont l-Erja" (SPUE), li rrappreżentat EUR 7,4 biljun fl-2014. Din hija skema simplifikata ta' appoġġ diżakkoppjat għall-introjtu li huwa applikat f'10 Stati Membri ([5]) li ssieħbu mal-UE fl-2004 u fl-2007, li jipprevedi l-pagament ta' ammonti uniformi għal kull ettaru eliġibbli ta' art agrikola.

— Skemi oħra ta' għajnuna diretta, EUR 3,5 biljun fl-2014, li jipprovdu prinċipalment pagamenti akkoppjati ([6]) marbuta ma' tipi speċifiċi ta' produzzjoni agrikola.

— Interventi fis-swieq agrikoli, EUR 2,5 biljun fl-2014, li jkopru, b'mod partikolari, appoġġ speċifiku għas-settur tal-inbid u dak tal-frott/ħxejjex u miżuri speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi.

([1]) L-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

([3]) Bl-eċċezzjoni ta' ċerti miżuri bħall-miżuri ta' promozzjoni u l-iskema ta' frott għall-iskejjel, li huma kofinanzjati.

([4]) Pagamenti diżakkoppjati jingħataw għal art agrikola eliġibbli irrispettivament minn jekk tintużax għall-produzzjoni jew le.

([5]) Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

([6]) Pagamenti akkoppjati ta' għajnuna huma kkalkulati abbażi tal-għadd ta' annimali li jinżammu (eż. baqar li jreddgħu, nagħaġ u mogħoż) u/jew l-għadd ta' ettari kkultivati b'għalla speċifika (eż. qoton, ross, pitrava).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.6. Il-FAEŻR jikkofinanzja n-nefqa għall-iżvilupp rurali li ssir permezz tal-programmi tal-iżvilupp rurali tal-Istati Membri. In-nefqa tkopri 46 miżura ([7]) li jinkludu kemm miżuri relatati mal-erja ([8]) kif ukoll miżuri mhux relatati mal-erja ([9]). Fl-2014, l-iżvilupp rurali rrappreżenta nefqa ta' EUR 11 186 miljun.

7.7. Taħt l-iskemi kollha ta' għajnuna diretta mill-FAEG u l-miżuri kollha relatati mal-erja tal-FAEŻR ([10]), il-benefiċjarji għandhom obbligu li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kundizzjonalità. Dawn ir-rekwiżiti jinkludu rekwiżiti statutorji tal-immaniġġjar (SMRs) relatati mal-protezzjoni tal-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, il-benessri tal-annimali, u l-manutenzjoni tal-art agrikola f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (obbligi tal-KAAT). Jekk il-bdiewa ma jikkonformawx ma' dawn ir-rekwiżiti l-għajnuna tagħhom titnaqqas ([11]) (ara wkoll il-paragrafu 7.14 (b)).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.7.** *Il-kundizzjonalità hija mekkaniżmu ta' sanzjoni li biha l-bdiewa jiġu ppenalizzati meta' ma josservawx serje ta' regoli ġejjin ġeneralment minn politiki oħra mhux mill-PAK u japplikaw għaċ-ċittadini tal-UE minkejja l-PAK. Ir-rispett tal-obbligi tal-kundizzjonalità ma jikkostitwix kriterju ta' eliġibiltà għal xi ħlas mill-PAK u għalhekk, il-kontroll fuq dawn ir-rekwiżiti mhux marbut mal-legalità u r-regolarità ta' xi tranżazzjoni sottostanti. Dawn il-prinċipji ġew fis-seħħ mill-bidu tal-Iskema ta' Pagament Uniku fl-2005. Il-fatt li l-kundizzjonalità ma taffettwax l-eliġibbiltà tal-ħlasijiet ġiet espressament ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (kawża T-588/10) u ċċarata ulterjorment mill-Artikolu 97(4) tar-Regolament 1306/2013 għas-snin tat-talba 2015 'il quddiem.*

*Għalhekk il-Kummissjoni terġa' tikkonferma l-fehma tagħha illi l-penali imposti għall-ksur tar-rekwiżiti tal-kundizzjonalità m'għandhomx jittieħdu f'kunsiderazzjoni għall-kalkolu tar-rati ta' żball għall-PAK.*

([7]) Il-miżuri huma elenkati taħt il-punt 7a fl-Anness II għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 15).

([8]) Miżuri relatati mal-erja huma dawk fejn il-pagament ikun marbut mal-għadd ta' ettari, bħal pagamenti agroambjentali u pagamenti kumpensatorji lil bdiewa f'żoni bi żvantaġġi naturali.

([9]) Miżuri mhux relatati mal-erja huma tipikament miżuri ta' investiment, bħall-modernizzar ta' ażjendi agrikoli u l-istabbiliment ta' servizzi bażiċi għall-ekonomija u l-popolazzjoni rurali.

([10]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16).

([11]) Skont l-Artikoli 66 u 67 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 tal-21 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa (ĠU L 141, 30.4.2004, p. 18), il-livell tat-tnaqqis għal kull SMR jew KAAT li ma jkunx hemmx konformità magħhom jista' jvarja bejn 1 % u 5 % f'każ ta' negliġenza u jista' jwassal għal rifjut sħiħ tal-għajnuna f'każ ta' nuqqas ta' konformità intenzjonat. L-ammonti li jirriżultaw mit-tnaqqis tal-għajnuna jiġu miżmuma mill-pagament tal-għajnuna u kkreditati lill-baġit tal-UE bħala dħul agrikolu assenjat.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.8. L-infiq taħt iż-żewġ fondi jitwassal permezz ta' madwar 80 aġenzija tal-pagamenti li huma responsabbli biex jiċċekkjaw l-eliġibbiltà tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna u biex jagħmlu pagamenti lill-benefiċjarji. Il-kontijiet u r-rekords tal-pagamenti tal-aġenziji tal-pagamenti huma eżaminati minn korpi indipendenti tal-awditjar (korpi taċ-ċertifikazzjoni) li jippreżentaw ċertifikati u rapporti annwali lill-Kummissjoni.

7.9. Ir-riskji prinċipali fir-rigward tar-regolarità tal-pagamenti ta' għajnuna diretta huma li l-għajnuna tista' titħallas għal art ineliġibbli, lil benefiċjarji ineliġibbli jew lil aktar minn benefiċjarju wieħed għall-istess roqgħa art, jew li d-drittijiet jiġu kkalkulati b'mod skorrett jew li l-primjums għall-annimali jitħallsu għal annimali li ma jeżistux. Fil-każ ta' interventi fis-swieq agrikoli, ir-riskji prinċipali għar-regolarità huma li l-għajnuna tingħata lil applikanti ineliġibbli jew għal spejjeż jew kwantitajiet ineliġibbli jew iddikjarati b'mod eċċessiv.

7.10. Għall-iżvilupp rurali, ir-riskju prinċipali huwa li l-infiq ikun ineliġibbli, minħabba nuqqas ta' konformità ma' regoli u kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà li ta' sikwit ikunu kumplessi b'mod partikolari għall-miżuri ta' investiment.

*Politika ambjentali u l-politika komuni tas-sajd*

7.11. Il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, il-ħajja taċ-ċittadini tagħha, u l-utilizzazzjoni razzjonali tar-riżorsi naturali bi nfiq immaniġġjat fuq bażi ċentralizzata mid-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent (id-DĠ ENV) tal-Kummissjoni u mid-Direttorat Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika (id-DĠ CLIMA) tal-Kummissjoni. Il-programm għall-ambjent (LIFE) ([12]) huwa l-aktar importanti. Il-LIFE jikkofinanzja proġetti fl-Istati Membri relatati man-natura u l-bijodiversità, mal-politika ambjentali u mal-governanza, kif ukoll mal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (infiq ta' EUR 221 miljun fl-2014)

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.10.** *Il-Kummissjoni taqbel mal-fehma tal-Qorti li oqsma ta' nefqa għall-iżvilupp rurali huma rregolati minn regoli u kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà kumplessi. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li dan huwa konsegwenza tal-għanijiet ambizzjużi tal-politika għall-iżvilupp rurali u jispjega għaliex din il-politika hija partikolarment suxxettibbli għal żbalji.*

*Il-qafas ġuridiku tal-PAK għall-perjodu ta' programmar 2014–2020 jinkludi dispożizzjonijiet kemm dwar is-simplifikazzjoni kif ukoll dwar l-introduzzjoni ta' miżuri preventivi (eż. analiżi* ex ante *tal-programmi għall-iżvilupp rurali, sospensjonijiet u interruzzjoni ta' pagamenti).*

*Il-Kummissjoni hija impenjata favur is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-PAK u se tinsisti fuq is-simplifikazzjoni tar-regoli nazzjonali mill-Istati Membri, mingħajr ma titqiegħed fil-periklu l-ġestjoni finanzjarja soda.*

([12]) Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

7.12. Il-politika komuni tas-sajd issegwi objettivi kumplessivi simili għal dawk tal-politika agrikola komuni (ara l-paragrafu 7.2). Il-Fond Ewropew għas-Sajd ([13]) (FES), li huwa mmaniġġjat mid-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (id-DĠ MARE) tal-Kummissjoni u mill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża, huwa l-għodda prinċipali għall-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd (infiq ta' EUR 569 miljun fl-2014).

7.13. Ir-riskju prinċipali għar-regolarità għall-oqsma ta' politika ambjentali u tas-sajd huwa li l-għajnuna tingħata għal spejjeż ineliġibbli jew għal spejjeż iddikjarati b'mod eċċessiv.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

7.14. L-***Anness 1.1***, il-***parti 2***, tal-Kapitolu 1 jiddeskrivi l-approċċ u l-metodoloġija kumplessivi tal-awditjar tagħna. Għall-awditu ta' "Riżorsi naturali", għandhom jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin:

(a) għaż-żewġ valutazzjonijiet speċifiċi, l-awditu kien jinvolvi eżaminar ta' kampjun ta' 183 tranżazzjoni għall-FAEG u 176 tranżazzjoni għal "Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd" rispettivament, kif definit fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7. Kull kampjun huwa mfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa kollha tat-tranżazzjonijiet fi ħdan kull waħda miż-żewġ valutazzjonijiet speċifiċi. Fl-2014, il-kampjun tal-FAEG kien jikkonsisti fi tranżazzjonijiet minn 17-il Stat Membru ([14]). Għat-tieni valutazzjoni speċifika l-kampjun kien jikkonsisti f'162 tranżazzjoni għall-iżvilupp rurali u 14-il tranżazzjoni li jikkonċernaw l-ambjent, l-azzjoni klimatika u s-sajd minn 18-il Stat Membru ([15]);

**7.14.**

([13]) Ir-Regolament (KE) Nru 1198/2006 tal-Kunsill tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

([14]) Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja (il-Bavarja, Brandenburg is-Sassonja t'Isfel, Schleswig Holstein, Rhineland Palatinate), l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja (Andalusija, Aragona, Kastilja-La Mancha, il-Katalonja, Extremadura, il-Gżejjer Kanarji), Franza, l-Italja (il-Lombardia, AGEA), l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja, il-Finlandja u r-Renju Unit (l-Ingilterra, Wales).

([15]) Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja (Mecklenburg-Vorpommern, Rhineland Palatinate, is-Sassonja-Anhalt), il-Greċja, Spanja (il-Galicia, Kastilja-La Mancha), Franza, l-Italja (il-Puglia, l-Umbria, il-Veneto), il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, l-Iżvezja u r-Renju Unit (l-Ingilterra, Wales). Il-kampjun kien jinkludi wkoll tliet tranżazzjonijiet taħt ġestjoni diretta.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(b) għall-kundizzjonalità aħna ffukajna l-ittestjar tagħna fuq obbligi magħżula tal-KAAT ([16]) u fuq SMRs magħżula ([17]) li għalihom setgħet tinkiseb evidenza u tintlaħaq konklużjoni fiż-żmien taż-żjarat tal-awditjar ([18]) (ara wkoll il-paragrafu 1.15);

(c) għall-FAEG, il-valutazzjoni tas-sistemi magħżula ([19]) eżaminat is-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (SIAK) fil-Kroazja, l-azzjonijiet ta' rimedju li ttieħdu b'rispons għad-dgħufijiet il-kbar fis-sistemi li rrappurtajna f'rapporti annwali preċedenti għal sitt Stati Membri ([20]), u x-xogħol li twettaq taħt il-proċedura ta' rinforz tal-aċċertament ([21]) fil-Greċja. Barra minn hekk, aħna eżaminajna 14 mill-awditi tal-konformità mwettqa mill-Kummissjoni;

(d) għall-iżvilupp rurali, aħna eżaminajna 12-il awditu tal-konformità mwettqa mill-Kummissjoni, wettaqna mill-ġdid kontrolli li kienu saru mill-Kummissjoni u ttestjajna fuq il-post kontrolli ewlenin magħżula għal 5 minn dawn ([22]). Għall-oqsma l-oħra ta' politika, aħna eżaminajna s-sistemi tal-Fond Ewropew għas-Sajd fl-Italja u dawk tad-DĠ ENV;

(e) sabiex nivvalutaw il-bażi għad-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni, aħna eżaminajna x-xogħol tal-awditjar tad-DĠ AGRI fir-rigward tal-approvazzjoni tal-kontijiet (kemm għall-FAEG kif ukoll għall-FAEŻR);

(f) il-valutazzjoni tar-rapporti annwali tal-attività kienet tkopri rapporti mid-DĠ Agri u mid-DĠ ENV.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**(b)** *Il-Kummissjoni tilqa' l-bidla fl-approċċ imħabbra mill-Qorti tal-Awdituri mill-2015 u tenfasizza l-importanza li jiġi eżaminat il-livell stmat ta' żbalji b'mod indipendenti mill-element ta' kundizzjonalità.*

*Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 7.7, 7.22 u 7.33.*

([16]) L-evitar tal-invażjoni minn veġetazzjoni mhux mixtieqa, iż-żamma tar-raba' mtarraġ, iż-żamma f'kundizzjoni veġetattiva tajba tal-imsaġar taż-żebbuġ u r-rispett tar-rati minimi tal-istokk tal-annimali jew tal-obbligi tal-ħsad.

([17]) Rekwiżiti għall-SMR 4 (id-Direttiva dwar in-Nitrati) u l-SMR 6 sal-SMR 8 (dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimal).

([18]) L-obbligi ta' kundizzjonalità huma rekwiżiti legali sostantivi li għandhom jiġu ssodisfati mir-riċevituri kollha ta' għajnuna diretta mill-UE. Dawn huma l-kundizzjonijiet bażiċi u f'ħafna każijiet l-uniċi kundizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati sabiex jiġi ġġustifikat il-pagament tal-ammont sħiħ ta' għajnuna diretta, b'hekk id-deċiżjoni tagħna li nittrattaw ksur tal-kundizzjonalità bħala żball.

([19]) L-għażla tal-Istati Membri u tas-sistemi awditjati kienet ibbażata fuq ir-riskju u għalhekk ir-riżultati ma jistgħux jitqiesu bħala rappreżentattivi tal-UE fl-intier tagħha.

([20]) Il-Bulgarija, il-Greċja, Spanja (Andalusija, Kastilja-La-Mancha, Extremadura), l-Italja (il-Lombardia), il-Portugall u r-Rumanija.

([21]) Ara l-paragrafu 7.44.

([22]) L-Irlanda, l-Italja (il-Campania), il-Portugall, ir-Rumanija u l-Iżvezja.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## PARTI 1: IL-VALUTAZZJONI TAGĦNA DWAR IR-REGOLARITÀ

### Regolarità tat-tranżazzjonijiet

7.15. L-***Anness 7.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal "Riżorsi naturali" fl-intier tiegħu kif ukoll għal kull waħda miż-żewġ valutazzjonijiet speċifiċi (il-FAEG u "Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd"). Mit-359 tranżazzjoni li awditjajna, 177 (49 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tal-129 żball li kkwantifikajna, aħna nistmaw li l-livell ta' żball għal "Riżorsi naturali" fl-intier tiegħu huwa ta' 3,6 % ([23]) ([24]).

7.16. Il-***Graff 7.2*** tippreżenta l-punt sa fejn it-tipi differenti ta' żbalji kkontribwixxew għal-livell kumplessiv ta' żball stmat tagħna għall-2014.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.15.** *Il-Kummissjoni tieħu nota tal-aktar żball komuni stmat mill-Qorti li huwa inqas mis-sena l-oħra.*

*Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-korrezzjonijiet finanzjarji netti li jirriżultaw minn proċeduri pluriennali ta' awditjar ta' konformità, kif ukoll l-irkupri mill-benefiċjarji mogħtija lura lill-baġit tal-UE, jirrappreżentaw kapaċità korrettiva li għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni f'evalwazzjoni komprensiva tas-sistema ġenerali ta' kontroll intern. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li kif irrappurtat fir-Rapport ta' Attività Annwali tal-2014 tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, il-kapaċità korrettiva tiegħu fl-2014 ammontat għal EUR 863,5 miljun (1,55 % mit-total tal-ispiża tal-PAK). (ara l-paragrafi 7.70 u 7.71 tar-rapport tal-Qorti).*

*Il-Kummissjoni tqis li l-ksur ta' obbligi ta' kundizzjonalità (0.6 punti perċentwali) m'għandux jitqies fl-istima tal-livell tal-iżbalji (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 7.7). Mingħajr il-kundizzjonalità, ir-rata ta' żbalji l-iktar probabbli hija ta' 3,0 %.*

([23]) Aħna nikkalkulaw l-istima tagħna tar-rata ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Aħna ninsabu 95 % fiduċjużi li r-rata ta' żball fil-popolazzjoni tinsab bejn 2,7 % u 4,6 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

([24]) Li minnu l-iżbalji ta' kundizzjonalità kellhom impatt ta' 0,6 punti perċentwali.

**Graff 7.2 – Kontribut skont it-tip ta' żball għal-livell ta' żball stmat – "Riżorsi naturali"**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.17. In-natura u x-xejra ta' żbalji huma sinifikattivament differenti bejn iż-żewġ valutazzjonijiet speċifiċi. Għaldaqstant, kull valutazzjoni hija ttrattata separatament fil-paragrafi li ġejjin.

*FAEG – Appoġġ tas-suq u għajnuna diretta*

7.18. Għall-FAEG, mill-183 tranżazzjoni li awditjana, 93 (51 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tat-88 żball li kkwantifikajna, aħna nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 2,9 %.

7.19. Il-***Graff 7.3*** tippreżenta l-punt sa fejn it-tipi differenti ta' żbalji kkontribwixxew għal-livell ta' żball stmat tagħna għall-2014 għall-FAEG.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.18.** *Il-Kummissjoni tieħu nota tar-rata ta' żball l-aktar probabbli stmata mill-Qorti, li hija inqas mis-sena l-oħra. Mingħajr kundizzjonalità li tammonta għal 0,7 punti perċentwali, ir-rata ta' żball l-aktar probabbli għall-FAEG hija ta' 2,2 %*

**Graff 7.3 – Kontribut skont it-tip ta' żball għal-livell ta' żball stmat – FAEG**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.20. F'26 każ ta' żbalji kwantifikabbli li saru minn benefiċjarji finali, l-awtoritajiet nazzjonali kellhom informazzjoni suffiċjenti ([25]) biex jipprevienu jew biex jaqbdu u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma jiddikjaraw l-infiq lill-Kummissjoni. Li kieku din l-informazzjoni kollha kienet intużat biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji, il-livell ta' żball stmat għal din il-valutazzjoni speċifika kien ikun aktar baxx b'0,6 punti perċentwali. Barra minn hekk, sibna li għal 34 każ, l-iżball li qbadna sar mill-awtoritajiet nazzjonali. Dawn l-iżbalji kkontribwixxew 0,7 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.20.** *Il-Kummissjoni tilqa' l-valutazzjoni tal-Qorti dwar ir-rwol tal-Istati Membri u hija tal-fehma illi l-Istati Membri setgħu ħadmu aktar biex jitnaqqsu l-iżbalji. Il-Kummissjoni qed tkompli taħdem mal-Istati Membri sabiex tnaqqas l-iżbalji.*

([25]) Abbażi ta' dokumentazzjoni ta' sostenn, inklużi kontrolli reċiproċi standard u kontrolli obbligatorji.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.21. Ma kien hemm l-ebda konċentrazzjoni partikolari ta' żbalji relatati ma' ettari eliġibbli ddikjarati b'mod eċċessiv fi Stati Membri speċifiċi. Fl-2014, tali żbalji nstabu fi 12 mis-17-il Stat Membru miżjura. Nofs dawn l-iżbalji kienu inqas minn 2 % u għaldaqstant kellhom biss impatt limitat fuq il-livell kumplessiv ta' żball stmat. Bħal fi snin preċedenti, l-iżbalji li huma akbar f'din il-kategorija kienu relatati ma' pagamenti għal art ineliġibbli ddikjarata bħala mergħa permanenti eliġibbli (ara l-Kaxxa 7.1). Eżempju ta' żball għal raba' eliġibbli ddikjarata b'mod eċċessiv jingħata wkoll fil-Kaxxa 7.1.

**Kaxxa 7.1 – Eżempji ta' pagamenti għal art eliġibbli ddikjarata b'mod eċċessiv**

*Mergħa permanenti*

Fil-Greċja 2 minn 12-il benefiċjarju eżaminati rċevew l-għajnuna taħt l-SPU għal irqajja' art ikklejmjati bħala mergħa permanenti iżda li nstabu li kienu miksija b'arbuxxelli densi, buxxijiet, siġar u blat. Dawn l-irqajja' art kien imisshom ġew esklużi kompletament jew parzjalment minn għajnuna mill-UE. Dawn l-iżbalji ġraw għax l-erjas eliġibbli għall-irqajja' art ikkonċernati ġew iddikjarati b'mod eċċessiv fid-database Griega tas-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS) (ara wkoll il-Kaxxa 7.8 u l-paragrafu 7.43). L-awtoritajiet Griegi evalwaw mill-ġdid l-eliġibbiltà tal-irqajja' art u qabdu l-pagamenti eċċessivi għal dawn il-każijiet. Madankollu, l-awtoritajiet Griegi ma inizjawx proċeduri ta' rkupru għall-ebda wieħed miż-żewġ każijiet. Għal każ wieħed minn dawn it-tnejn, aħna sibna li l-erjas eliġibbli rreġistrati fl-LPIS wara r-rievalwazzjoni kienu għadhom iddikjarati b'mod eċċessiv.

Sitwazzjonijiet fejn l-għajnuna skont l-erja tħallset għal irqajja' art parzjalment miksija b'veġetazzjoni ineliġibbli nstabu wkoll fir-Repubblika Ċeka, Spanja, Franza, il-Polonja u s-Slovakkja.

*Raba'*

Fi Spanja (Kastilja-La Mancha) l-għajnuna taħt l-SPU tħallset għal roqgħa art ikklejmjata u rreġistrata fl-LPIS bħala raba'. Fir-realtà r-roqgħa art kienet korsa tal-motocross.

Sitwazzjonijiet ta' raba' eliġibbli ddikjarat b'mod eċċessiv instabu wkoll fir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja (Rheinland-Pfalz u Schleswig-Holstein), Spanja (Andalusija, Aragona), Franza, l-Italja (il-Lombardia), il-Polonja, is-Slovakkja, il-Finlandja u r-Renju Unit (l-Ingilterra).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.21.** *Il-Kummissjoni hija konxja min-nuqqasijiet fir-rigward ta' mergħa permanenti. Il-pjanijiet ta' azzjoni għadhom għaddejjin f'pajjiżi differenti u l-effettività tagħhom hija rikonoxxuta mill-Qorti fil-kaxxa 7.7.*

***Kaxxa 7.1 – Eżempji ta' pagamenti għal art eliġibbli ddikjarata b'mod eċċessiv***

*Il-Kummissjoni diġà identifikat nuqqasijiet simili fil-Greċja u fi Spanja u assigurat li dawn ġew indirizzati permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni li wasslu għal titjib importanti.*

*Fil-Greċja, il-pjan ta' azzjoni kien immirat lejn it-teħid ta' rqajja' ineliġibbli mil-LPIS (sistema' ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art). l-awtoritajiet Griegi implimentaw dan il-pjan, li rriżulta fi tnaqqis fil-qasam irreġistrat bħala mergħa permanenti fil-LPIS Griega, minn 3,6 miljun ettaru fl-2012 għal 1,5 miljun ettaru f'Ottubru 2014 (ara l-Kaxxa 7.8).*

*Minbarra l-korrezzjoni fl-LPIS, l-awtoritajiet Griegi identifikaw l-ammonti mhux dovuti.*

*Il-korrezzjonijiet finanzjarji li jkopru l-ammonti li ma ġewx irkuprati mill-awtoritajiet Griegi diġà ġew adottati mill-Kummissjoni għas-snin finanzjarji 2010, 2011 u 2012. Għas-snin finanzjarji 2013 u 2014 il-proċedura ta' konformità hija mistennija li tiġi ffinalizzata sa tmiem l-2015.*

*L-Istati Membri msemmija ġew awditjati mill-Kummissjoni. L-ebda nuqqasijiet sinifikanti ma ġew identifikati għall-Polonja u r-Repubblika Ċeka. Kull meta jkun meħtieġ, id-dgħufijiet misjuba fis-sistema ta' kontroll għall-kundizzjonalità jkunu segwiti minn proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità li jirriżultaw f'korrezzjonijiet finanzjarji netti, filwaqt li jiġi żgurat li r-riskju għall-baġit tal-UE jiġi kopert b'mod adegwat.*

*L-awtoritajiet nazzjonali kienu identifikaw dan fi Frar 2014, meta kienu qed jaġġornaw l-LPIS tagħhom bl-aħħar ortoimmaġnijiet (ortho-images) (2012) disponibbli. Il-ħlas madankollu sar f'Diċembru 2013, qabel dan l-aġġornament. Ġiet imnedija proċedura ta' rkupru f'Novembru 2014 għas-snin ikkonċernati.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.22. Abbażi tal-eżaminar tagħna tal-obbligi ta' kundizzjonalità magħżula (ara l-paragrafu 7.14 (b)), aħna sibna ksur tal-kundizzjonalità f'46 mill-170 pagament suġġetti għal dawn l-obbligi. Il-frekwenza ta' żball għall-kundizzjonalità (27 %) hija konsistenti mal-frekwenza rrappurtata mill-Istati Membri fl-istatistika ta' kontroll tagħhom. L-iżbalji ta' kundizzjonalità kellhom impatt fuq il-livell ta' żball stmat ippreżentat fil-paragrafu 7.18 ta' 0,7 punti perċentwali. Eżempji ta' żbalji ta' kundizzjonalità jingħataw fil-Kaxxa 7.2.

**Kaxxa 7.2 – Eżempji ta' żbalji ta' kundizzjonalità**

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kundizzjonalità teħtieġ li l-movimenti/it-twelid/l-imwiet tal-annimali jiġu nnotifikati lid-database nazzjonali tal-annimali fi żmien sebat ijiem. Tali regoli huma importanti għat-tnaqqis tar-riskju ta' tixrid tal-mard, billi jikkontrollaw il-movimenti tal-annimali u jtejbu t-traċċabilità. Sabiex jitnaqqas it-tniġġis tal-ilma, regola oħra tal-kundizzjonalità tissettja limitu massimu ta' 170 kg ta' nitrat li joriġina mill-annimali, applikat għal ettaru wieħed ta' art f'żoni vulnerabbli għan-nitrati.

Fl-Italja (il-Lombardia) benefiċjarju rrapporta 370 moviment jew twelid ta' baqar li minnhom 291 notifika kienu tard. L-istess benefiċjarju qabeż il-limitu ta' 170 kg ta' nitrati għal kull ettaru bi kważi 200 %. Għal benefiċjarju ieħor sibna li 237 minn 627 notifika dwar l-annimali kienu tard u li l-limitu tan-nitrati nqabeż bi 380 %.

Nuqqas ta' konformità mad-dati ta' skadenza għan-notifiki tal-movimenti tal-annimali nstab ukoll fil-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja (il-Bavarja), l-Estonja, Spanja (il-Gżejjer Kanarji), Franza, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, is-Slovakkja u r-Renju Unit (Wales).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.22.** *Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għal paragrafi 7.7 u 7.14 (b).*

***Kaxxa 7.2 – Eżempji ta' żbalji ta' kundizzjonalità***

*Il-Kummissjoni wettqet awditi tal-kundizzjonalità fl-Istati Membri kollha u, f'ħafna minnhom, osservat nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll u s-sanzjonar tal-obbligi ta' rappurtar u, b'mod ġenerali, f'dak li jirrigwarda l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali. Meta jiġi stabbilit nuqqas ta' konformità sistemiku, il-Kummissjoni dejjem segwietu permezz tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità. Dwar il-problemi misjuba għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali, il-Kummissjoni tikkondividi l-osservazzjoni tal-Qorti u tagħti attenzjoni partikolari għal dawn ir-rekwiżiti matul l-awditjar tal-kundizzjonalità tagħha stess.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.23. F'għadd ta' każijiet sibna wkoll żbalji fl-ipproċessar amministrattiv ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna mill-awtoritajiet nazzjonali. L-iżball l-aktar frekwenti kien relatat mal-fatt li nqabeż il-limitu massimu għal drittijiet taħt l-SPU fi Franza. Għalkemm irrappurtajna dan l-iżball sistematiku fir-Rapporti Annwali tagħna tal-2011, l-2012 u l-2013 ([26]), huwa kien għadu preżenti fl-2014 ([27]). Madankollu, il-Kummissjoni ħadet deċiżjoni ta' konformità biex teskludi parti mill-infiq mill-finanzjament mill-UE għas-snin (finanzjarji) 2011 u 2012.

7.24. Aħna sibna żewġ każijiet fejn il-benefiċjarju jew l-infiq ma kienx eliġibbli għall-għajnuna mill-UE (ara l-Kaxxa 7.3).

**Kaxxa 7.3 – Eżempju ta' pagamenti għal infiq ineliġibbli**

Fi Franza, għajnuna mill-UE taħt il-programm ta' appoġġ għas-settur tal-inbid ingħatat lil fabbrika tal-inbid għall-modernizzar tal-faċilitajiet ta' ħżin tagħha. Parti mill-għajnuna rrimborżat l-ispejjeż għaż-żarmar u t-tneħħija tat-tagħmir qadim, li ma kinux eliġibbli għall-appoġġ tal-UE.

Fil-Polonja nstab każ fejn l-għajnuna tħallset lil benefiċjarji ineliġibbli.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.23.** *Fil-qafas ta' din il-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità, il-Kummissjoni vvalutat fid-dettall ir-riskju għall-fond. Dan ġie kopert permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti għas-snin tat-talba 2011 u 2012 u bħalissa għaddejjin proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità għas-snin ikkonċernati li fadal.*

*Il-pjan ta' azzjoni introdott għandu l-għan li jirrimedja s-sitwazzjoni tiġi rimedjata għalkollox għas-sena tat-talba 2014 u qed tiġi ssorveljata mill-qrib mill-Kummissjoni.*

([26]) L-eżempju 3.2 tar-Rapport Annwali 2011, il-Kaxxa 3.1 tar-Rapport Annwali 2012 u l-Kaxxa 3.5 tar-Rapport Annwali 2013.

([27]) L-awtoritajiet Franċiżi inizjaw azzjoni ta' rimedju fl-2013, bil-ħsieb li jikkoreġu l-valur tad-drittijiet mis-sena finanzjarja 2015 'il quddiem (sena tal-klejm 2014).

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| *"Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd"* | |
| 7.25. Għal "Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd", mill-176 tranżazzjoni li awditjajna, 84 (48 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tal-41 żball li kkwantifikajna, aħna nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 6,2 %. | ***7.25.*** *Il-Kummissjoni tieħu nota tal-iżball l-aktar probabbli stmat mill-Qorti li huwa inqas minn dak għas-sena li għaddiet.*<br>*Mingħajr il-kundizzjonalità, ir-rata ta' żbalji l-iktar probabbli għal "L-iżvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u s-sajd" hija ta' 6,0 %.*<br>*Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 7.18.* |
| 7.26. Il-***Graff 7.4*** tippreżenta l-punt sa fejn it-tipi differenti ta' żbalji kkontribwixxew għal-livell ta' żball stmat tagħna għall-2014 għal "Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd". | |

**Graff 7.4 – Kontribut skont it-tip ta' żball għal-livell ta' żball stmat – "Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd"**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.27. Għall-iżvilupp rurali, mill-162 tranżazzjoni, kien hemm 71 relatati mal-erja u 91 mhux relatati mal-erja. Minn dawn il-162 tranżazzjoni, 79 (49 %) kienu milquta minn żball Fir-rigward tal-ambjent, l-azzjoni klimatika u s-sajd, minn 14-il tranżazzjoni kkampjunati, 5 (36 %) kienu milquta minn żball, li minnhom 3 kienu kwantifikabbli.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.27.** *Il-frekwenza ta' żbalji (kemm kwantifikabbli kif ukoll mhux kwantifikabbli) li nstabu mill-Qorti fl-iżvilupp rurali naqset minn 57 % fl-2013 għal 49 % fl-2014. Ir-rata ta' żball għall-iżvilupp rurali għandha tkun apprezzata wkoll fid-dawl tal-għanijiet ambizzjużi tal-politika għall-iżvilupp rurali.*

*Il-Kummissjoni tinnota li 10 mit-tranżazzjoni milquta minn żbalji kienu jikkonċernaw il-ksur tal-kundizzjonalità biss. Għalhekk, fl-opinjoni tal-Kummissjoni, ladarba l-ħtiġijiet ta' kundizzjonalità la jaffettwaw l-eliġibbiltà tal-bdiewa għall-appoġġ mill-PAK (l-ewwel u t-tieni pilastru) u lanqas ir-regolarità tal-pagamenti, l-esklużjoni ta' dawn l-iżbalji tnaqqas l-għadd ta' tranżazzjonijiet affettwati minn żball għal 69 (43 %).*

*Il-livell aktar baxx ta' żbalji għal miżuri relatati maż-żona jikkonfermaw li s-SIAK tibqa' sistema effettiva biex tipprevjeni u tikkoreġi l-iżbalji.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.28. Fi 15-il każ ta' żbalji kwantifikabbli li saru minn benefiċjarji finali, l-awtoritajiet nazzjonali kellhom informazzjoni suffiċjenti ([28]) biex jipprevienu jew biex jaqbdu u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma jiddikjaraw l-infiq lill-Kummissjoni. Li kieku din l-informazzjoni kollha kienet intużat biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji, il-livell ta' żball stmat għal din il-valutazzjoni speċifika kien ikun aktar baxx bi 3,3 punti perċentwali. Barra minn hekk, sibna li għal tliet każijiet, l-iżball li qbadna sar mill-awtoritajiet nazzjonali. Dawn l-iżbalji kkontribwixxew 0,6 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.28.** *Il-Kummissjoni hija konxja tal-fatt li l-awtoritajiet nazzjonali setgħu potenzjalment sabu ħafna mill-iżbalji misjuba mill-Qorti. Ir-regoli tal-PAK jipprovdu lill-Istati Membri bl-istrumenti meħtieġa kollha biex itaffu l-biċċa l-kbira tar-riskji tal-iżbalji.*

*In-nuqqasijiet fis-sistemi ta' kontroll identifikati mill-Kummissjoni taw lok għal pjanijiet ta' azzjoni mill-Istati Membri biex jidentifikaw il-kawżi ewlenin tal-iżbalji u l-azzjonijiet xierqa ta' rimedju.*

([28]) Abbażi ta' dokumentazzjoni ta' sostenn, inklużi kontrolli reċiproċi u kontrolli obbligatorji.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 7.29. Instabu żbalji fit-tranżazzjonijiet ikkampjunati fit-18-il Stat Membru kollha miżjura. Il-livell u t-tipi ta' żbalji huma simili ħafna għal dawk li nstabu fi snin preċedenti. Bħal fi snin preċedenti, l-akbar komponent (54 %) tal-livell ta' żball stmat irrappurtat fil-paragrafu 7.25 kien jikkonċerna miżuri mhux relatati mal-erja. F'dan il-kuntest, aħna ppubblikajna rapport speċjali fi Frar 2015 fejn analizzajna x'jikkawża l-iżbalji fin-nefqa għall-iżvilupp rurali u kif dawn qed jiġu indirizzati ([29]). | **7.29.** *Matul l-awditi tagħha stess f'xi Stati Membri l-Kummissjoni sabet nuqqasijiet simili għal dawk osservati mill-Qorti tal-Awdituri. Ġew imposti korrezzjonijiet finanzjarji netti sostanzjali fuq l-Istati Membri kkonċernati sabiex jipproteġu l-baġit tal-UE. Il-proċeduri tal-approvazzjoni tal-kontijiet għadhom għaddejjin. Barra minn hekk, fejn saru riżervi, l-Istati Membri kkonċernati jridu jieħdu azzjonijiet ta' rimedju.*<br><br>*Fir-Rapport tal-Attività Annwali 2014 id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali għamel riżervi rigward in-nefqa għall-iżvilupp rurali għal 16-il Stat Membru (28 aġenzija tal-ħlas). Ir-riżervi saru fejn ġew identifikati l-punti ta' dgħufija fis-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll u meta kien meħtieġ kienu akkumpanjati minn talba lill-Istati Membri kkonċernati biex jindirizzaw in-nuqqasijiet permezz ta' azzjonijiet ta' rimedju.*<br><br>*Il-Kummissjoni tapprezza l-analiżi tal-Qorti dwar il-kawżi primarji ta' żbalji fir-rapport speċjali tagħha 23/2014 li prinċipalment ikkonfermat l-analiżi tal-Kummissjoni stess li kienet ippreżentata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'Ġunju 2013 (SWD (2013) 244), fejn qalet illi l-objettivi ta' politika ambizzjużi u sistemi ta' kontroll mhux suffiċjenti huma fatturi li jikkontribwixxu għal-livell ta' żbalji.*<br><br>*Il-Kummissjoni tenfasizza li l-livell għoli ta' żbalji f'miżuri mhux relatati ma' qasam ma jfissirx neċessarjament frodi jew użu ħażin tal-fondi tal-UE. Ħafna drabi, l-objettivi ta' politika għall-azzjoni individwali jkunu ntlaħqu u l-flus tal-kontribwenti ma jkunux intilfu.*<br><br>*Għall-perjodu ta' programmar 2014–2020, il-Programmi kollha tal-Iżvilupp Rurali riedu jinkludu valutazzjoni ex-ante tal-verifikabbiltà u l-kontrollabbiltà tal-miżuri, imwettqa b'mod konġunt mill-Awtorità ta' Ġestjoni u mill-Aġenzija tal-Ħlas.* |
| 7.30. Rekwiżiti speċifiċi għal proġetti ta' investiment jgħinu sabiex l-għajnuna tiġi mmirata lejn ċerti kategoriji ta' benefiċjarji, bil-għan li b'hekk tittejjeb l-effettività tan-nefqa għall-iżvilupp rurali. Madankollu, mill-91 tranżazzjoni eżaminati li ma kinux relatati mal-erja, 14 (15 %) ma kinux jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà. Aħna stmajna li fi 3 mill-14-il każ, il-benefiċjarji ħolqu kundizzjonijiet artifiċjalment biex jevitaw kriterji ta' eliġibbiltà. Aktar dettalji jingħataw fil-Kaxxa 7.4. Għall-ambjent, l-azzjoni klimatika u s-sajd, tnejn mit-tliet żbalji kwantifikabbli kienu dovuti għal infiq ineliġibbli. | **7.30.** *Kundizzjonijiet artifiċjali, kif ivvalutati mill-Qorti, jammontaw biss għal tlieta minn 91 tranżazzjoni eżaminata għal miżuri mhux relatati mal-qasam. In-nuqqasijiet ewlenin tat-tranżazzjonijiet ta' investiment jirrigwardaw kwistjonijiet ta' eliġibilità (nefqa jew il-benefiċjarju).*<br><br>*Il-Kummissjoni tikkondividi t-tħassib tal-Qorti dwar kundizzjonijiet artifiċjali, iżda tixtieq tenfasizza li huwa diffiċli li jiġu pprovati u jistgħu jiġu stabbiliti biss skont il-kundizzjonijiet stretti stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.*<br><br>*Wara l-awditi tagħha stess, il-Kummissjoni applikat korrezzjonijiet finanzjarji netti għal miżuri mhux relatati ma' xi qasam u se tkompli tagħmel dan kif meħtieġ. L-aktar raġunijiet komuni għall-korrezzjonijiet finanzjarji kienu dgħufijiet fil-kontrolli dwar il-kriterji ta' eliġibbiltà, ir-raġonevolezza tal-ispejjeż jew l-applikazzjoni ta' kriterji tal-għażla. Fil-pjanijiet ta' azzjoni għat-tnaqqis tar-rata ta' żball għall-iżvilupp rurali, tingħata attenzjoni partikolari lil azzjonijiet korrettivi għar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà f'miżuri mhux relatati ma' xi qasam.* |

([29]) Ara r-Rapport Speċjali Nru 23/2014 "Żbalji fin-nefqa għall-iżvilupp rurali: x'jikkawżahom, u kif qed jiġu indirizzati".

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 7.4 – Żbalji ta' eliġibbiltà – Possibbiltà tal-ħolqien artifiċjali ta' kundizzjonijiet biex tinkiseb għajnuna li tmur kontra l-objettivi ta' miżura ta' investiment**

Aħna identifikajna tliet każijiet fejn kien hemm suspett ta' ċirkumvenzjoni intenzjonata tar-regoli bil-għan li tinkiseb għajnuna li tmur kontra l-objettivi tal-miżura kkonċernata (f'żewġ każijiet modernizzar ta' azjendi agrikoli u f'każ wieħed ħolqien ta' negozju u żvilupp). Dawn il-każijiet ingħaddew lill-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi għal analiżi u possibbilment, għal investigazzjoni. Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, dettalji speċifiċi ta' dawn il-każijiet ma jistgħux jiġu ddivulgati. Madankollu, dawn li ġejjin huma eżempji ta' każijiet tipiċi:

— kumpaniji stabbiliti sew, li ma jkunux jikkwalifikaw għall-finanzjament meta japplikaw direttament waħidhom, jistabbilixxu entitajiet ġodda li taħthom il-proġett jitfassal sabiex jissodisfa formalment il-kriterji ta' eliġibbiltà u tal-għażla. Kundizzjonijiet li setgħu ġew issodisfati artifiċjalment b'dan il-mod huma relatati mal-issodisfar tal-kriterji biex entità titqies mikrointrapriża (inqas minn 10 impjegati u inqas minn EUR 2 miljun ta' fatturat jew ta' valur tal-karta tal-bilanċ) jew mal-fatt li l-intrapriża hija l-proprjetà ta' u hija mmaniġġjata minn bidwi żagħżugħ (persuna taħt l-età ta' 40 sena li jibda attivitajiet fis-settur agrikolu);

— gruppi ta' persuni (parti mill-istess familja jew parti mill-istess grupp ekonomiku) jistabbilixxu bosta entitajiet bl-iskop li jiksbu għajnuna li taqbeż il-limitu massimu permess taħt il-kundizzjonijiet tal-miżura ta' investiment. Għalkemm il-benefiċjarji ddikjaraw li dawn l-entitajiet kienu jaħdmu b'mod indipendenti, dan ma kienx il-każ fis-sustanza peress li kienu maħsuba biex jiffunzjonaw flimkien. Kienu effettivament parti mill-istess grupp ekonomiku, u bl-istess post ta' negozju, persunal, klijenti, fornituri u sorsi ta' finanzjament.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 7.4 – Żbalji ta' eliġibbiltà – Il-possibiltà ta' kundizzjonijiet maħluqa artifiċjalment biex tinkiseb għajnuna li tmur kontra l-għanijiet ta' miżura ta' investiment***

*Skont il-valutazzjoni tal-Qorti, hemm tliet każijiet ta' suspett ta' kondizzjonijiet maħluqa artifiċjalment biex jiġu evitati l-kriterji ta' eliġibbiltà. Abbażi tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea C-434/12, sabiex jiġu ppruvati "kundizzjonijiet maħluqa artifiċjalment" kemm l-elementi soġġettivi kif ukoll dawk oġġettivi għandhom jiġu ppruvati b'mod indipendenti. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li "kundizzjonijiet maħluqa artifiċjalment" tfisser prova ta' att intenzjonat, li jkun jinvolvi l-użu tal-qerq biex jinkiseb vantaġġ inġust jew illegali.*

*Il-Kummissjoni taqsam it-tħassib tal-Qorti. Sabiex jiġu ppruvati kundizzjonijiet artifiċjali, jridu jiġu segwiti l-kundizzjonijiet stretti stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Huwa ta' importanza vitali li tiġi ppreservata ċ-ċertezza legali tal-benefiċjarji li jaġixxu f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli. Għalhekk, l-aġenziji tal-ħlas jistgħu biss jirrifjutaw ħlas abbażi ta' evidenza stabbilita b'mod ċar, u mhux fuq suspetti biss. Għaldaqstant, huma ta' spiss jinvestu ħin u sforz biex tinġabar evidenza konklużiva u sussegwentament jibdew proċeduri ta' rkupru.*

*Speċjalment f'wieħed mill-każijiet irrappurtati mill-Qorti, l-Istat Membru nnifsu identifika r-riskju ta' "kundizzjonijiet maħluqa artifiċjalment", ferm qabel l-awditu tal-Qorti u qabel ma sar xi ħlas lill-benefiċjarju finali, u aġixxa b'mod diliġenti bl-implimentazzjoni tal-passi proċedurali kollha meħtieġa skont il-liġi nazzjonali f'każ ta' suspett ta' kundizzjonijiet maħluqa artifiċjalment, inkluż l-ikkuntattjar tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kontra l-frodi. Qabel ma ħallas il-fondi lill-benefiċjarju finali, l-Istat Membru kien ikkonkluda li ma kellux biżżejjed evidenza biex jirrifjuta l-ħlas. Madankollu, l-Istat Membru komlpa jsegwi dan il-każ u abbażi tal-evidenza sussegwenti ħa passi biex jirkupra l-fondi.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.31. Il-kampjun eżaminat kien jinkludi 36 tranżazzjoni għal pagamenti agroambjentali, li jikkonċernaw l-użu ta' metodi ta' produzzjoni agrikola kompatibbli mal-protezzjoni tal-ambjent, il-pajsaġġi u r-riżorsi naturali. Aħna sibna li f'sitt każijiet (17 %), il-bdiewa ma kinux issodisfaw il-kundizzjonijiet kollha għall-pagament. Eżempju ta' tali żball jingħata fil-Kaxxa 7.5.

**Kaxxa 7.5 – Eżempju ta' nuqqas ta' konformità ma' impenji agroambjentali**

Benefiċjarju fir-Renju Unit (Wales) impenja ruħu, għal raġunijiet ambjentali ([30]), li qabel il-15 ta' Mejju ta' kull sena jagħlaq mergħa tal-ħuxlief biex ma jsirx rigħi, u li jżommha magħluqa għal mill-inqas l-10 ġimgħat ta' wara. Aħna sibna li l-ebda wieħed miż-żewġ impenji ma kien ġie rrispettat.

Każijiet simili ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-agroambjent inqabdu fil-Ġermanja (Rheinland-Pfalz), l-Italja (l-Umbria) u r-Renju Unit (l-Ingilterra).

7.32. Għal 27 tranżazzjoni eżaminati, il-benefiċjarji kienu meħtieġa jikkonformaw mar-regoli tal-akkwist pubbliku. Dawn ir-regoli huma mfassla biex jiżguraw li l-oġġetti u s-servizzi meħtieġa jinxtraw bl-aktar termini favorevoli possibbli, filwaqt li jiggarantixxu aċċess ugwali għal kuntratti pubbliċi u konformità mal-prinċipji ta' trasparenza u nondiskriminazzjoni. Aħna sibna li fi 13-il każ [48 %), kien hemm ksur ta' waħda jew aktar minn dawn ir-regoli. Eżempju ta' tali żball jingħata fil-Kaxxa 7.6.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.31.** *Il-Kummissjoni vverifikat l-implimentazzjoni tal-miżuri agroambjentali fl-Istati Membri kollha fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, ġew applikati korrezzjonijiet finanzjarji li se jkomplu fil-futur, meta jkun meħtieġ. Minkejja n-nuqqasijiet li fadal, il-kwalità ġenerali tal-implimentazzjoni tjiebet matul il-perjodu.*

***Kaxxa 7.5 – Eżempju ta' nuqqas ta' konformità ma' impenji agroambjentali***

*Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet diġà identifikat nuqqasijiet simili f'xi Stati Membri matul il-awditi tagħha. Il-korrezzjonijiet finanzjarji netti ġew u se jkomplu jiġu applikati biex ikopru r-riskju għall-baġit tal-UE, jekk ikun xieraq.*

**7.32.** *Il-Kummissjoni diġà sabet nuqqasijiet simili dwar l-akkwist pubbliku. F'xi Stati Membri iċċitati mill-Qorti fil-kaxxa 7.6, il-korrezzjonijiet finanzjarji netti sostanzjali diġà ġew applikati jew għadhom għaddejjin proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità, u l-korrezzjonijiet finanzjarji netti se jiġu applikati jekk meħtieġ. L-akkwist pubbliku huwa wkoll wieħed mill-elementi ċentrali fil-pjanijiet ta' azzjoni għall-iżvilupp rurali.*

*Il-Kummissjoni tinnota li żball wieħed biss irrappurtat mill-Qorti ġie kkwantifikat.*

*Barra minn hekk, fid-19/12/2013, il-Kummissjoni adottat linji gwida ġodda għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom jitwettqu fir-rigward tan-nefqa ffinanzjata taħt ġestjoni kondiviża, għan-nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Skont dawn il-linji gwida, in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli tal-akkwist trid titqies abbażi tal-prinċipju tal-proporzjonalità.*

*Dokument ta' gwida dwar l-aktar irregolaritajiet komuni fil-ġestjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej diġà ġie ppreżentat lill-Istati Membri.*

([30]) Prattiki agrikoli bħal dawn għandhom għadd ta' benefiċċji ambjentali, bħal pereżempju speċijiet ta' pjanti li qed jonqsu jiġu mħeġġa jistabbilixxu mill-ġdid f'habitat divers ta' organiżmi selvaġġi li mbagħad jipprovdi sorsi ta' ikel u kenn għal organiżmi selvaġġi.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 7.6 – Eżempju ta' nuqqas ta' rispett tar-regoli tal-akkwist pubbliku**

Korp pubbliku fil-Polonja, inkarigat mill-immaniġġjar tal-ilma, irċieva appoġġ għar-rinnovament ta' żewġ stazzjonijiet tal-ippumpjar. Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni ngħataw lil kumpanija privata permezz ta' proċedura ta' akkwist pubbliku. Il-benefiċjarju kiser b'mod serju il-liġi dwar l-akkwist pubbliku billi rrestringa l-aċċess ugwali u l-kompetizzjoni ġusta għal offerenti potenzjali. L-offerta rebbieħa – l-unika waħda ppreżentata – ma ssodisfatx il-kriterji tal-għażla. Barra minn hekk, l-offerta tħejjiet flimkien mal-istess kumpanija li ħejjiet ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-iskeda tax-xogħlijiet għas-sejħa għall-offerti. Għal dawn ir-raġunijiet, il-kumpanija rebbieħa kien imissha ġiet eskluża mis-sejħa għall-offerti.

Nuqqas ta' rispett tar-regoli tal-akkwist pubbliku nstab ukoll fil-Bulgarija, il-Ġermanja (is-Sassonja-Anhalt), il-Greċja, Spanja (Kastilja-La Mancha), Franza, l-Italja (Puglia), in-Netherlands u r-Rumanija. Madankollu, dawn l-iżbalji ma ġewx ikkwantifikati.

7.33. Abbażi tal-eżaminar tagħha tal-obbligi ta' kundizzjonalità magħżula (ara l-paragrafu 7.14(b)), aħna sibna ksur tal-kundizzjonalità fi 17 (27 %) mill-64 pagament suġġetti għal dawn l-obbligi. L-iżbalji ta' kundizzjonalità kellhom impatt fuq il-livell ta' żball stmat, ippreżentat fil-paragrafu 7.25, ta' 0,2 punti perċentwali.

7.34. L-awtoritajiet nazzjonali huma meħtieġa jiċċekkjaw ir-raġonevolezza tal-ispejjeż. Għal 20 proġett ta' investiment aħna sibna li dan il-kontroll ma twettaqx kif meħtieġ. Madankollu, ġeneralment żbalji bħal dawn ma jistgħux jiġu kkwantifikati peress li l-ammont ta' nfiq ineliġibbli ma jistax jiġi ddeterminat. Aktar informazzjoni dwar ir-raġonevolezza tal-ispejjeż hija inkluża fit-taqsima "Kwistjonijiet relatati mal-prestazzjoni fil-qasam tal-iżvilupp rurali" (ara l-paragrafu 7.88).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.33.** *Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għal paragrafi 7.7 u 7.14 (b).*

**7.34.** *Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-awditi amministrattivi tar-raġonevolezza tal-ispejjeż huma essenzjali biex jiżguraw l-effikaċja tas-sistema ta' kontroll. Matul il-awditi tal-konformità tagħha il-Kummissjoni sabet ukoll nuqqasijiet fl-evalwazzjoni tar-raġonevolezza tal-ispejjeż u imponiet korrezzjonijiet finanzjarji f'dan ir-rigward biex tipproteġi l-interess finanzjarju tal-UE.*

*Il-Kummissjoni tixtieq tinnota li, għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, jiġifieri 2014–2020, l-ispejjeż issimplifikati għar-rimborż ta' ħlasijiet (finanzjament b'rata fissa, l-iskala standard ta' kostijiet unitarji u l-ammonti f'daqqa) se jintużaw b'mod aktar wiesa'. Dan għandu jikkontribwixxi għal użu aktar effiċjenti u korrett tal-Fondi.*

*Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 7.88.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Eżaminar tas-sistemi u tar-rapporti annwali tal-attività magħżula

*Sistemi tal-Istati Membri relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet tal-FAEG*

**Sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll**

7.35. Is-SIAK hija s-sistema prinċipali ta' ġestjoni u kontroll li titħaddem biex tiżgura r-regolarità tal-pagamenti ta' għajnuna diretta ([31]). Hija tkopri aktar minn 90 % tan-nefqa mill-FAEG u tagħmel kontribut sinifikanti għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-livelli ta' żball fl-iskemi ta' għajnuna li għalihom tapplika, kif ikkonfermat kemm mill-Kummissjoni ([32]) kif ukoll mill-awditi proprji tagħna.

7.36. Is-sistema tikkonsisti f'databases tal-azjendi agrikoli u tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna, LPIS, databases tal-annimali u database tad-drittijiet fl-Istati Membri li jimplimentaw l-SPU. L-aġenziji tal-pagamenti jwettqu kontrolli reċiproċi amministrattivi bejn dawn id-databases bl-objettiv li jiżguraw li l-pagamenti jsiru għall-ammont korrett, lill-benefiċjarju eliġibbli għal art jew annimali eliġibbli. Il-biċċa l-kbira mill-applikanti (95 %) jirċievu pagamenti wara li dawn il-kontrolli amministrattivi jkunu ntemmu b'suċċess. Il-5 % li jkun jifdal huma suġġetti għal kontrolli addizzjonali mwettqa fuq il-post.

7.37. Aħna eżaminajna s-SIAK fil-Kroazja u osservajna defiċjenzi żgħar biss fit-trattament amministrattiv tal-klejms u fil-kwalità tal-ispezzjonijiet fuq il-post mill-awtoritajiet Kroati. Dawn id-defiċjenzi ma jaffetwawx l-affidabbiltà tas-sistema.

7.38. Barra minn hekk, aħna wettaqna analiżi fl-uffiċċju ta' kampjun ta' 14 mill-awditi tal-konformità mwettqa mill-Kummissjoni għall-infiq mill-FAEG. Il-Kummissjoni rrappurtat dgħufijiet sinifikanti għal 10 mill-14-il sistema kkonċernati tal-Istati Membri. Aħna sibna li l-kwalità ta' xogħol il-Kummissjoni kienet sodisfaċenti (ara l-paragrafu 7.62).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.35.** *Il-Kummissjoni tilqa' l-valutazzjoni tal-Qorti li s-SIAK tagħti kontribut sinifikanti fil-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-livell ta' żbalji. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-kwalità u l-kopertura tas-SIAK hija essenzjali biex tiżgura r-regolarità tal-pagamenti ta' għajnuna diretta.*

*Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li s-SIAK tkopri wkoll 40,2 % tan-nefqa tal-FAEŻR, b'mod partikolari l-miżuri agroambjentali u ż-żoni żvantaġġati.*

**7.37.** *Il-Kummissjoni tikkondividi l-opinjoni tal-Qorti.*

**7.38.** *Il-Kummissjoni tilqa' l-fehmiet tal-Qorti.*

([31]) Għal miżuri ta' żvilupp rurali relatati mal-erja, il-verifikazzjoni ta' ċerti elementi ewlenin bħall-erja eliġibbli ssir ukoll permezz tas-SIAK.

([32]) Għall-għajnuna diretta, li hija kważi kollha kemm hi mmaniġġjata taħt is-SIAK, ir-Rapport Annwali tal-Attività 2014 tad-DĠ AGRI ddikjara livell aġġustat ta' żball ta' 2,54 % (l-Anness 10, il-parti 3.2) u għall-miżuri tas-suq, li huma mmaniġġjati minn sistemi li ma jinkludux is-SIAK, rata aġġustata ta' żball ta' 3,87 % (l-Anness 10, il-parti 3.1).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Azzjoni ta' rimedju li tittieħdet fir-rigward ta' dgħufijiet fis-SIAK irrappurtati f'rapporti annwali preċedenti**

7.39. Matul il-perjodu 2007–2013, aħna wettaqna awditi tas-sistemi tas-SIAK f'35 aġenzija tal-pagamenti u rrappurtajna n-nuqqasijiet il-kbar osservati fir-rapporti annwali rispettivi. Għal dan ir-rapport, aħna żorna tmien aġenziji tal-pagamenti f'sitt Stati Membri bil-ħsieb li nivvalutaw jekk huma kinux indirizzaw in-nuqqasijiet relatati mal-LPIS b'mod effettiv u f'waqtu, u jekk il-Kummissjoni kinitx applikat korrezzjonijiet finanzjarji ([33]) li jirriflettu t-telf tal-fondi tal-UE għas-snin finanzjarji kollha affettwati minn dawk in-nuqqasijiet. Informazzjoni korretta dwar l-eliġibbiltà tal-art fid-database tal-LPIS hija prerekwiżit għal kontrolli reċiproċi amministrattivi li jkunu affidabbli u għal pagamenti ta' għajnuna korretti.

7.40. Il-valutazzjoni tagħna żvelat li l-aġenziji tal-pagamenti kollha eżaminati ħadu azzjoni ta' rimedju, taħt il-gwida mill-qrib u s-superviżjoni attiva tal-Kummissjoni, li b'mod kumplessiv wasslet għal titjib fis-sitwazzjoni. Madankollu, l-azzjoni ta' rimedju mhux dejjem ittieħdet fil-pront u, f'bosta każijiet, dgħufijiet għadhom jippersistu, għalkemm inqas minn qabel. Fil-każijiet kollha, ġew imposti korrezzjonijiet finanzjarji jew tniedu proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità mill-Kummissjoni.

7.41. Aħna sibna li d-dgħufijiet fl-LPIS kienu ġew indirizzati fl-Istati Membri kollha awditjati. Għal tliet Stati Membri, ir-riżultati kumplessivi kienu sodisfaċenti (ara l-Kaxxa 7.7). Minkejja dan, xi dgħufijiet importanti għadhom jippersistu fit-tliet Stati Membri li jifdal (ara l-Kaxxa 7.8).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.40.** *Ara wkoll it-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-kaxex 7.7 u 7.8.*

*F'xi każijiet, il-firxa tal-azzjoni ta' rimedju kienet teħtieġ pjan ta' azzjoni fit-tul jew iż-żieda ta' elementi ġodda ma' pjanijiet ta' azzjoni eżistenti. Madankollu, il-pjanijiet ta' azzjoni kollha, iffinalizzati jew għadhom għaddejjin, wasslu għal titjib sinifikanti fil-kwalità tal-LPIS u l-Kummissjoni se tibqa' viġilanti sabiex dan it-titjib ikompli u/jew jinżamm fl-istess livell. Sakemm azzjoni ta' rimedju tiġi implimentata bis-sħiħ, il-korrezzjonijiet finanzjarji se jkopru r-riskju għall-Fond.*

**7.41.** *Ara wkoll it-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-kaxex 7.7 u 7.8.*

*Fil-każijiet kollha, il-proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità għadhom għaddejjin u, fejn il-punti ta' dgħufija jippersistu, se jkun hemm aktar korrezzjonijiet finanzjarji netti.*

*Informazzjoni ulterjuri dwar pjanijiet ta' azzjoni tinsab fl-Anness 10, Parti 3.2 tar-Rapport Annwali tal-Attività 2014 tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali.*

([33]) Ammonti rkuprati mill-Istat Membru kkonċernat taħt il-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità, ara l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir- Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 7.7 – Stati Membri fejn l-azzjoni ta' rimedju li tikkonċerna dgħufijiet fl-LPIS kienet sodisfaċenti**

*Il-Bulgarija*: F'rapporti annwali preċedenti ([34]), aħna rrappurtajna li l-erjas eliġibbli li kienu rreġistrati fl-LPIS Bulgara ma kinux affidabbli u li r-riżultati tal-kontrolli fuq il-post kienu ta' kwalità insodisfaċenti. Ġie stabbilit pjan ta' azzjoni biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet. L-implimentazzjoni tiegħu bdiet fl-2009 u ntemmet fl-2011. L-analiżi tagħna sabet li kienet ittieħdet azzjoni ta' rimedju effettiva. L-LPIS tjiebet u qed tiġi aġġornata regolarment. Il-kwalità tal-ispezzjonijiet fuq il-post tjiebet ukoll.

*Il-Portugall*: Fir-Rapport Annwali 2007 tagħna ([35]) aħna rrappurtajna nuqqasijiet serji fl-LPIS Portugiża. Fl-2011 il-Portugall stabbilixxa reviżjoni kbira tal-LPIS li ġiet iffinalizzata fl-2013. Madankollu, l-awditi tal-Kummissjoni wrew li l-kwalità tax-xogħol ġiet affettwata b'mod avvers mill-fatt li din kienet ibbażata fuq ortoimmaġnijiet li jmorru lura sal-2010 u l-2011. Reviżjoni ulterjuri, ibbażata fuq ortoimmaġnijiet aktar reċenti, bdiet fl-2013 sabiex jiġu rrimedjati d-dgħufijiet li kien jifdal. L-awditu tagħna wera li d-*data* dwar l-eliġibbiltà, ibbażata fuq l-analiżi tal-ortoimmaġnijiet l-aktar reċenti, hija ġeneralment ta' kwalità adegwata.

*Ir-Rumanija*: F'rapporti annwali preċedenti ([36]) aħna rrappurtajna nuqqasijiet serji fir-Rumanija fir-rigward taż-żamma tal-LPIS fi stat aġġornat. Ir-Rumanija adottat pjan ta' azzjoni fl-2009 u kkompletatu fl-2011. Aħna sibna li kien sar progress fit-titjib tal-kwalità tal-LPIS.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 7.7 – l-Istati Membri li fihom l-azzjoni ta' rimedju li tikkonċerna dgħjufijiet fil-LPIS kienet sodisfaċenti***

*Il-awditi tal-Kummissjoni jikkonfermaw li fil-Bulgarija, fil-Portugall u fir-Rumanija, l-azzjonijiet ta' rimedju implimentati tejbu s-sistema.*

([34]) Ara l-Anness 5.2 tar-Rapport Annwali 2008 u l-Eżempju 3.4 tar-Rapport Annwali 2010.
([35]) Ara l-Anness 5.1.2 tar-Rapport Annwali 2007.
([36]) Ara l-Anness 5.2 tar-Rapport Annwali 2008 u l-Eżempju 3.3 tar-Rapport Annwali 2011.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 7.8 – Stati Membri fejn jippersistu d-dgħufijiet fl-LPIS**

*Il-Greċja*: F'rapporti annwali preċedenti ([37]) aħna rrappurtajna dgħufijiet fl-LPIS Griega partikolarment fir-rigward tal-eliġibbiltà ta' rqajja' art użati bħala mergħat permanenti. L-ewwel reviżjoni kbira tal-LPIS ġiet iffinalizzata biss fl-2013, b'fokus speċjali fuq erjas mhux maħduma li jintużaw għar-righi. It-tieni reviżjoni twettqet fl-2014 fuq talbet il-Kummissjoni. B'riżultat ta' dawn ir-reviżjonijiet, l-erja ta' mergħat permanenti eliġibbli li ġiet irreġistrata fl-LPIS Griega tnaqqset minn 3,6 miljun ettaru fl-2012 għal 1,5 miljun ettaru fis-sena tal-klejm 2014.

Aħna sibna li, b'mod kumplessiv, l-erjas eliġibbli ġodda, wara l-aktar reviżjoni reċenti, jirriflettu aħjar is-sitwazzjoni reali. Madankollu, tinħtieġ aktar azzjoni korrettiva sostanzjali, partikolarment għal irqajja' art mhux maħduma li jintużaw għar-righi. Għal 2 minn 15-il roqgħa art użati bħala mergħat permanenti li ntgħażlu b'mod aleatorju, u li aħna spezzjonajna, l-erjas eliġibbli rreġistrati fl-LPIS xorta waħda ddikjaraw b'mod eċċessiv il-kopertura reali ta' ħaxix fuq ir-roqgħa art wara ż-żewġ reviżjonijiet (każ ieħor huwa ppreżentat fil-Kaxxa 7.1) ([38]). Barra minn hekk, innutajna li l-Ministeru tal-Agrikoltura Grieg iddeċieda li ma jirkuprax, mingħand il-benefiċjarji, il-pagamenti eċċessivi li seħħew fl-imgħoddi b'riżultat ta' art mhux maħduma użata għar-righi li ġiet iddikjarata eliġibbli, fl-LPIS Griega.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 7.8 – Stati Membri fejn jippersistu dgħufijiet fl-LPIS***

*Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 7.1.*

*Il-awditi ta' segwitu li saru mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni identifikaw nuqqasijiet simili. Il-Kummissjoni hi tal-fehma li filwaqt li sar xogħol ta' rimedju konsiderevoli, għadhom jippersistu xi nuqqasijiet rigward l-eliġibbiltà għal mergħa permanenti fil-Greċja u Spanja. Il-Kummissjoni, madankollu, tixtieq tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-azzjonijiet ta' rimedju li saru fl-2014 u l-2015 urew li huma sodisfaċenti għaż-żewġ pajjiżi, u rriżultaw fl-esklużjoni ta' żoni ineliġibbli miż-żewġ LPIS: fil-Greċja, il-medda ta' art irreġistrata bħala mergħa permanenti naqset minn 3.6 miljun ettaru għal 1.5 miljun ettaru, filwaqt li fi Spanja, l-art eliġibbli naqset minn 18.4 miljun ettaru għal 15.6 miljun ettaru.*

*Id-dgħufijiet li nstabu huma segwiti permezz tal-proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità li jiżguraw li r-riskju għall-baġit tal-UE jiġi kopert b'mod adegwat minn korrezzjonijiet finanzjarji netti.*

*Informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni mitluba mill-Kummissjoni hija disponibbli mingħand id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, fir-Rapport Annwali tal-Attività 2014.*

([37]) Ara l-Anness 3.2 tar-Rapport Annwali 2009, l-Eżempju 3.2 tar-Rapport Annwali 2010 u l-Kaxxa 3.1 tar-Rapport Annwali 2013.

([38]) Awditu tal-Kummissjoni f'Novembru 2014 ikkonkluda li, għall-mergħat permanenti, l-aġġornament tal-LPIS mhuwiex iffinalizzat peress li f'ħafna każijiet erjas ineliġibbli bħal art miksija b'buxxijiet, b'arbuxxelli jew bi blat għadhom irreġistrati bħala eliġibbli fl-LPIS. B'konsegwenza ta' dan, id-DĠ AGRI qajjem riżerva għall-Greċja fir-Rapport Annwali tal-Attività 2014 tiegħu minħabba li l-Greċja kienet naqset milli tindirizza b'mod xieraq il-problema ta' erjas ta' mergħat permanenti fil-kuntest tal-pjan ta' azzjoni tagħha (ara wkoll il-paragrafu 7.43).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Spanja (Andalusija, Kastilja-La Mancha u Extremadura)*: F'rapporti annwali preċedenti ([39]) aħna rrappurtajna nuqqasijiet sostanzjali fl-LPIS għal Spanja (Andalusija ([40]), Kastilja-La Mancha u Extremadura). Irqajja' art ta' referenza, li fil-verità kienu miksija kompletament jew parzjalment bi blat, b'foresti densi jew b'buxxijiet, ġew ikklejmjati u mħallsa bħala mergħat permanenti. L-awtoritajiet Spanjoli implimentaw pjan ta' azzjoni, bil-għan li jtejbu l-LPIS fil-livell nazzjonali, li ġie rrappurtat bħala kkompletat fl-2013. Madankollu, il-Kummissjoni sabet li l-valutazzjoni tal-eliġibbiltà għal mergħat ma kinitx affidabbli u talbet lill-awtoritajiet Spanjoli jirrevedu u jtejbu aktar l-eliġibbiltà għal mergħat, bl-applikazzjoni ta' kriterji ferm aktar stretti missena 2015.

Bl-istess mod sibna li, għas-sena tal-klejm 2013, ir-riżultati tal-azzjonijiet ta' rimedju ma kinux sodisfaċenti. Madankollu, innutajna li azzjoni korrettiva ulterjuri nbdiet fl-2014 u fl-2015 bil-għan li tittejjeb is-sitwazzjoni.

*L-Italja*: Fir-Rapport Annwali 2011 tagħna ([41]) aħna rrappurtajna nuqqasijiet fl-LPIS fl-Italja (il-Lombardia) li jikkonċernaw irqajja' art mhux maħduma li jintużaw għar-rigħi f'żoni muntanjużi. Aħna sibna li d-dgħufijiet fir-rigward tal-erjas eliġibbli għal mergħat permanenti rreġistrati fl-LPIS kienu għadhom ma ġewx indirizzati b'mod adegwat, partikolarment għal irqajja' żgħar ta' art. Għal 12 minn 18-il roqgħa art użati bħala mergħat permanenti li kienu ġew suġġetti għal reviżjoni mill-awtoritajiet Taljani, sibna li l-erja eliġibbli rreġistrata fl-LPIS kienet għadha ddikjarata b'mod eċċessiv.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni biex tittejjeb l-informazzjoni fl-LPIS kompliet fl-2014 u l-2015, b'monitoraġġ mill-qrib mill-Kummissjoni (awditi f'Lulju u Novembru 2014).*

*Minħabba li l-Kummissjoni qieset illi s-sitwazzjoni ma kinetx kompletament sodisfaċenti, it-tnaqqis tal-ħlasijiet lill-Greċja ġie deċiż għas-sena finanzjarja 2015 (sena tat-talba 2014).*

*L-awtoritajiet Griegi identifikaw l-ammont imħallas mhux dovut minħabba pagamenti żejda fil-passat. Dawn qed jiġu segwiti permezz tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità.*

*Il-Kummissjoni tqis li l-azzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet Spanjoli kienu parzjalment sodisfaċenti. Bħalissa għaddejja azzjoni korrettiva ulterjuri, kif innutat mill-Qorti, għall-2014 u l-2015.*

*Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni u kwalunkwe nuqqasijiet li jifdal se jiġu segwiti permezz ta' proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità li jiżguraw li r-riskju għall-baġit tal-UE jiġi kopert b'mod adegwat.*

([39]) Ara l-Anness 3.2 tar-Rapport Annwali 2010 u l-ewwel każ taħt l-Eżempju 3.1 tar-Rapport Annwali 2011.

([40]) L-ewwel każ fil-Kaxxa 3.1 tar-Rapport Annwali 2011 huwa relatat ma' Andalusija.

([41]) Ara l-Anness 3.2 tar-Rapport Annwali 2011.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Segwitu mogħti mill-Kummissjoni għas-sejbiet tagħna*

7.42. Fl-awditi proprji tagħha, il-Kummissjoni inkludiet segwitu għad-dgħufijiet li konna identifikajna. Għall-Istati Membri kollha l-Kummissjoni imponiet korrezzjonijiet finanzjarji jew inizjat proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità ([42]). Id-dettalji huma ppreżentati fit-***Tabella 7.1***:

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.42.** *Għal Spanja u l-Italja is-snin finanzjarji indikati għadhom mhumiex koperti mill-korrezzjonijiet finanzjarji billi l-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità għadha għaddejja.*

**Tabella 7.1 – Korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni għal dgħufijiet fl-LPIS**

| Stat Membru | Dgħufija fis-sistemi rrappurtata mill-Qorti fis-sena finanzjarja | L-aħħar sena finanzjarja affettwata mid-dgħufija fis-sistemi | Snin finanzjarji koperti minn korrezzjonijiet finanzjarji | Total tal-ammont ta' korrezzjonijiet finanzjarji *(miljun EUR)* | Snin finanzjarji mhux koperti mill-korrezzjonijiet finanzjarji fi tmiem l-2014 | Proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità li għadhom għaddejjin iżda li għadhom ma ġewx finalizzati) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Bulgarija | 2008 | 2012 | 2008–2012 | 65,8 | — | |
| Il-Greċja | 2009 | 2014 | 2007–2012 | 608,6 | 2013, 2014 | Iva |
| Spanja (Andalusija) | 2010 | 2014 | | | 2010, 2012, 2013, 2014 | Iva |
| Spanja (Kastilja-La Mancha) | 2010 | 2014 | | | 2010, 2012, 2013, 2014 | iva |
| Spanja (Extremadura) | 2010 | 2014 | | | 2010, 2012, 2013, 2014 | iva |
| L-Italja (Il-Lombardia) | 2011 | 2014 | 2009–2011 | 0,1 | 2012, 2013, 2014 | iva ħlief għall-2012 |
| Il-Portugall | 2007 | 2013 | 2007–2012 | 186,4 | 2013 | iva |
| Ir-Rumanija | 2008 | 2014 | 2008–2012 | 80,8 | 2013, 2014 | iva |

*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

([42]) Li jkopru d-dgħufijiet kollha relatati mas-SIAK, inklużi dawk irrappurtati minna.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.43. Minbarra li tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji għal snin finanzjarji preċedenti affettwati minn nuqqasijiet kbar, il-Kummissjoni għandha, taħt il-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-PAK ([43]), setgħat imsaħħa għal tnaqqis jew sospensjoni ta' pagamenti lill-Istati Membri f'każ ta' nuqqasijiet (defiċjenzi) sinifikanti u persistenti fis-sistemi nazzjonali. Dan l-istrument rinforzat huwa applikabbli mis-sena finanzjarja 2014. Sa Mejju 2015 il-Kummissjoni kienet użat din il-possibbiltà f'okkażjoni waħda billi naqqset il-pagamenti mill-FAEG għall-Greċja mis-sena finanzjarja 2015.

**Valutazzjoni tal-eżerċizzju ta' rinforz tal-aċċertament**

7.44. Fl-2010, il-Kummissjoni introduċiet il-"proċedura ta' rinforz tal-aċċertament" applikabbli fuq bażi volontarja għall-Istati Membri. Skont din il-proċedura, korp tal-awditjar indipendenti (korp taċ-ċertifikazzjoni, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ KĊ) nnominat mill-Istat Membru jagħti opinjoni mhux biss dwar il-funzjonament tajjeb tas-sistemi interni, iżda wkoll, ibbażat fuq analiżi dettaljata ta' kampjun statistiku rappreżentattiv tat-tranżazzjonijiet, dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq iddikjarat lill-UE. Il-kampjun jittieħed b'mod aleatorju mill-applikazzjonijiet ispezzjonati fuq il-post mill-aġenzija tal-pagamenti. Mis-sena finanzjarja 2015 'il quddiem, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni se jkunu meħtieġa jagħtu opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huwa bbażat l-infiq ikklejmjat mill-baġit tal-UE.

7.45. Skont il-proċedura volontarja, jekk il-Kummissjoni tiġġudika li Stat Membru japplika dawn il-proċeduri b'mod korrett u r-rata tal-iżball residwu stabbilita mill-Istat Membru tkun inqas minn 2 % għal sentejn konsekuttivi, l-Istat Membru inkwistjoni huwa intitolat li jnaqqas ir-rata ta' kontrolli fuq il-post minn 5 % għal 1 % ([44]).

7.46. Fil-perjodu 2011 sa 2013, aħna awditjajna l-"proċedura ta' rinforz tal-aċċertament" f'ħamsa ([45]) mis-sitt Stati Membri jew reġjuni li kienu għażlu li japplikaw il-proċedura fuq bażi volontarja. Fl-2014, aħna kkompletajna l-eżaminar tagħna ta' din il-proċedura fl-Istat Membru li kien jifdal (il-Greċja).

7.47. Il-Greċja implimentat il-"proċedura ta' rinforz tal-aċċertament" għas-snin finanzjarji 2013 u 2014. Aħna analizzajna x-xogħol imwettaq għas-sena finanzjarja 2014 li għaliha l-KĊ ta opinjoni nadifa u rrapporta livell ta' żball ta' 0,2 % għall-iskemi ta' għajnuna tas-SIAK taħt il-FAEG.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.44.** *Il-Kummissjoni tixtieq tiċċara l-fatt li wara l-introduzzjoni tar-Regolament 1306/2013, it-Tisħiħ tal-Assigurazzjoni, kif deskritt fil-paragrafi 7.44 sa 7.50 ma għadux japplika.*

*Sabiex tappoġġja u tiggwida x-xogħol il-ġdid li għandu jsir mill-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni mis-sena finanzjarja 2015, il-Kummissjoni żviluppat linji gwida dettaljati dwar kif għandu jsir il-kampjunar u rrappurtar tar-riżultati tal-verifika mill-ġdid tagħhom tal-kontrolli ta' livell primarju inizjalment magħmula mill-Aġenziji tal-Ħlas. Jekk issir kif suppost, ir-riżultati tal-verifika mill-ġdid ikunu l-bażi ta' opinjoni statistikament valida dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.*

*Il-linji gwida dettaljati ġew estensivament spjegati lill-Aġenziji tal-Ħlas u l-Korpi ta' Ċertifikazzjoni, u l-implimentazzjoni tagħhom hija mmonitorjata mill-qrib mill-Kummissjoni.*

([43]) L-Artikolu 41(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

([44]) Kundizzjoni oħra għat-tnaqqis tar-rata ta' kontrolli hija li l-Istat Membru inkwistjoni jkun ivvaluta li l-LPIS tiegħu hija affidabbli.

([45]) Il-Bulgarija, ir-Rumanija (ara l-paragrafu 3.38 tar-Rapport Annwali 2011), il-Lussemburgu, ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq) (ara l-paragrafu 4.36 tar-Rapport Annwali 2012) u l-Italja (ara l-paragrafi 3.30 sa 3.35 tar-Rapport Annwali 2013).

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 7.48. Il-KĊ ma rrispettax bis-sħiħ il-linji gwida tal-Kummissjoni li jikkonċernaw il-kampjunar, l-ambitu tal-awditjar u t-twaqqit tal-kontrolli. B'mod partikolari, fil-kwantifikazzjoni tiegħu tal-iżbalji, huwa injora sistematikament kwalunkwe pagament eċċessiv li seħħ b'riżultat ta' erjas eliġibbli skorretti għal mergħat permanenti rreġistrati fl-LPIS. Barra minn hekk, il-KĊ injora pagamenti eċċessivi li rriżultaw mill-fatt li l-aġenzija tal-pagamenti ppermettiet lil benefiċjarji, wara li kienet għaddiet id-data ta' skadenza, jissostitwixxu l-irqajja' art ineliġibbli fl-applikazzjonijiet tagħhom bi rqajja' art eliġibbli. Dan kien f'kuntrast mal-approċċ applikat mill-KĊ għas-sena finanzjarja 2013 fejn tali pagamenti eċċessivi ġew inklużi fil-kwantifikazzjoni tal-livell kumplessiv ta' żball. Din il-bidla fl-approċċ hija r-raġuni prinċipali għaliex il-livell ta' żball irrappurtat mill-KĊ bħala 10,2 % għall-2013 tnaqqas għal 0,2 % għall-2014. | **7.48.** *Il-Kummissjoni hija konxja li xi Korpi ta' Ċertifikazzjoni, inkluża l-Greċja, ma rrispettawx il-linji gwida dwar il-kampjunar. Għal din ir-raġuni l-Kummissjoni ma aċċettatx ir-rati ta' żbalji rrappurtati, iżda użat ir-riżultati tal-awditi tagħha stess sabiex tikkalkula r-rata ta' żball għar-Rapport Annwali tal-Attività 2014 tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali.*<br>*Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 7.44.* |
| 7.49. Fid-dawl ta' dawn id-dgħufijiet, il-livell ta' żball irrappurtat mill-KĊ Grieg għas-sena finanzjarja 2014 huwa għalhekk stmat b'mod sinifikattivament insuffiċjenti. | **7.49.** *Fir-Rapport ta' Attività Annwali tiegħu tal-2014, id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali uża r-riżultati tal-awditi tiegħu stess biex jikkalkula rata ta' żball aġġustat ta' 4,5 %.* |
| 7.50. B'mod kumplessiv, għas-sitt Stati Membri li kienu għażlu l-applikazzjoni volontarja tal-proċedura, sibna li, bl-eċċezzjoni tal-Lussemburgu, id-dgħufijiet fl-implimentazzjoni tagħha jrendu l-livelli ta' żball irrappurtati, bħala mhux affidabbli. | **7.50.** *Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 7.44.* |
| *Sistemi tal-Istati Membri relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet fl-iżvilupp rurali* | |
| 7.51. L-awtoritajiet tal-Istati Membri huma responsabbli mill-istabbiliment u mill-operat ta':<br>(a) proċeduri amministrattivi u tal-kontroll xierqa biex jiżguraw il-preċiżjoni tad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-applikant għal klejm, u l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà;<br>(b) kontrolli fuq il-post li, skont l-iskema ta' għajnuna, għandhom ikopru mill-anqas 5 % tal-benefiċjarji kollha jew tal-infiq rilevanti ([46]); | **7.51.** *L-istess prinċipji ilhom japplikaw għal FAEŻR mill-2007 'l hawn. Mill-2014 'il quddiem, ir-regolament orizzontali komuni (ir-Regolament 1306/2013) japplika kemm għall-FAEG kif ukoll għall-FAEŻR.* |
| 7.52. L-eżaminar tagħna tas-sistemi f'dan il-qasam kien ibbażat parzjalment fuq awditi mwettqa mill-Kummissjoni (id-DĠ AGRI) (ara wkoll il-paragrafu 7.62). Aħna wettaqna analiżi fl-uffiċċju ta' kampjun ta' 12 mill-awditi tal-konformità mwettqa mill-Kummissjoni għall-iżvilupp rurali, u żorna 5 mill-aġenziji tal-pagamenti kkonċernati ([47]). Il-Kummissjoni rrappurtat dgħufijiet sinifikanti għal 9 mit-12-il sistema kkonċernati tal-Istati Membri. Aħna sibna li l-kwalità ta' xogħol il-Kummissjoni kienet sodisfaċenti. | |

([46]) L-Artikoli 12 u 25 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2011 tas-27 ta' Jannar 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, dwar l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' kontroll kif ukoll kundizzjonalità fir-rigward ta' miżuri ta' appoġġ għall-iżvilupp rurali (ĠU L 25, 28.1.2011, p. 8).

([47]) L-Irlanda, l-Italja (il-Campania), il-Portugall, ir-Rumanija u l-Iżvezja.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.53. Sibna li, għall-ħames aġenziji tal-pagamenti miżjura fuq il-post, id-dgħufijiet fis-sistemi kienu simili ħafna għal dawk misjuba u rrappurtati fi snin preċedenti ([48]). Aħna identifikajna defiċjenzi f'kontrolli amministrattivi relatati ma' kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw kundizzjonijiet ambjentali u d-daqs massimu ta' kumpaniji. Bħal fi snin preċedenti, sibna wkoll dgħufijiet persisteni fl-iċċekkjar ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku. Nuqqasijiet ta' funzjonament tas-sistemi huma kaġun importanti tal-iżbalji maqbuda matul l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet (ara l-paragrafu 7.27).

7.54. Għall-akkwist pubbliku, aħna eżaminajna kampjun ta' 32 proġett suġġetti għall-akkwist pubbliku fil-ħames Stati Membri miżjura, li minnhom 15 (47 %) kienu milquta minn żbalji. B'mod partikolari, l-analiżi tagħna tal-proċeduri għall-għażla tal-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament uriet defiċjenzi sinifikanti. Aħna analizzajna wkoll kampjun ta' tmien każijiet li għalihom l-Istati Membri ma kinux applikaw proċeduri ta' akkwist pubbliku. Fi tnejn minn dawn il-każijiet, kienet meħtieġa proċedura ta' akkwist pubbliku u għaldaqstant l-infiq iddikjarat lill-UE kien ineliġibbli.

**Pjanijiet ta' azzjoni**

7.55. Fl-2012, fi sforz biex tnaqqas il-livell ta' żball fin-nefqa għall-iżvilupp rurali, il-Kummissjoni ħeġġet b'mod attiv lill-Istati Membri kollha biex jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni għall-identifikazzjoni tal-kaġuni ta' żball u biex jimplimentaw azzjoni korrettiva mmirata lejn it-tnaqqis tar-riskju ta' okkorrenza ta' żbalji. Aħna analizzajna jekk, għal żbalji misjuba spiss, il-kaġun prinċipali tal-iżball kienx kopert fil-pjan ta' azzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.53.** *Tweġibiet komuni għall-paragrafi 7.53 u 7.54.*

*Il-Kummissjoni hija konxja min-nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll tal-Istati Membri għall-FAEŻR u tissottolinja li l-Istati Membri huma primarjament responsabbli għall-implimentazzjoni tas-sistemi tal-politika u ta' kontroll. Fir-Rapport Annwali ta' Attività tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali għall-2014, 35 % tal-aġenziji tal-pagamenti kienu soġġetti għal riżerva għan-nefqa tal-FAEŻR b'talba biex jieħdu l-azzjonijiet ta' rimedju meħtieġa (apparti minn pjanijiet ta' azzjoni preċedenti li għadhom qed jiġu implimentati). Kif imsemmi mill-Qorti fil-paragrafu 7.52, parti mill-valutazzjoni tagħha stess tas-sistemi tal-Istati Membri hija bbażata fuq is-sejbiet tal-awditi tal-konformità mwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni.*

*Il-Kummissjoni taqbel mal-konklużjonijiet tal-Qorti fir-rapport speċjali 23/2014 illi l-kamp ta' applikazzjoni tal-kontrolli amministrattivi għandu jiżdied mill-Istati Membri.*

*Il-Kummissjoni hija konxja min-nuqqasijiet relatati mal-eliġibbiltà, inkluż il-proċedura ta' akkwist pubbliku u d-daqs massimu ta' kumpaniji. Dawn il-kwistjonijiet huma fil-qalba tal-awditi mwettqa fl-Istati Membri dwar miżuri ta' investiment. Barra minn hekk, dawn il-problemi kienu u għadhom qed jiġu indirizzati fil-pjanijiet ta' azzjoni mwaqqfa mal-Istati Membri biex jitnaqqsu r-rati ta' żball.*

([48]) Ara l-paragrafu 4.20 tar-Rapport Annwali 2013, il-paragrafi 4.21 sa 4.25 tar-Rapport Annwali 2012 u l-paragrafi 4.22 sa 4.32 tar-Rapport Annwali 2011.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.56. Ħarisna lejn 24 mill-iżbalji kwantifikabbli l-aktar sinifikanti maqbuda f'14-il Stat Membru matul l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet tagħna ([49]). Minn dawn, 9 żbalji (37,5 %) setgħu jiġu marbuta ma' azzjoni speċifika fi pjan ta' azzjoni ta' Stat Membru filwaqt li 15 (62,5 %) ma setgħux. Analiżi simili għad-dgħufijiet maqbuda bħala parti mill-awditu tagħna tas-sistemi tal-Istati Membri kkorroborat dawn il-perċentwali. Għalhekk, il-biċċa l-kbira mit-tipi ta' żball u mid-dgħufijiet fis-sistemi ma ġewx indirizzati fil-pjanijiet ta' azzjoni li analizzajna (ara l-Kaxxa 7.9).

**Kaxxa 7.9 – Eżempji li juru li l-pjanijiet ta' azzjoni tal-Istati Membri għadhom mhumiex kompletament effettivi**

Il-pjan ta' azzjoni Irlandiża fih 20 azzjoni, li l-ebda waħda minnhom ma kienet ġiet implimentata fiż-żmien tal-awditu. Barra minn hekk, l-20 azzjoni kollha jikkonċernaw miżuri relatati mal-erja, minkejja l-fatt li miżuri ta' investiment huma aktar riskjużi. Aħna sibna sitt dgħufijiet fis-sistemi, li ħamsa minnhom wasslu għal infiq ineliġibbli. Is-sejbiet kollha kienu relatati ma' miżuri ta' investiment, u għalhekk ma kinux ġew indirizzati mill-pjan ta' azzjoni.

Il-pjan ta' azzjoni Rumen biex jiġu indirizzati l-kaġuni fundamentali ta' żball fl-iżvilupp rurali juri li l-awtoritajiet Rumeni wettqu azzjonijiet immirati biex jindirizzaw ir-riskju ta' kundizzjonijiet maħluqa b'mod artifiċjali għall-miżuri "modernizzar ta' azjendi agrikoli" u "ħolqien ta' negozju u żvilupp".

Aħna sibna li l-azzjonijiet li ttieħdu mill-awtoritajiet Rumeni għandhom il-potenzjal li jindirizzaw il-kwistjoni għal proġetti approvati reċentement, iżda li l-pagamenti li jsiru għal proġetti approvati fl-imgħoddi se jkomplu jiġu affettwati minn irregolaritajiet sinifikanti. Aħna sibna indikaturi ċari ta' kundizzjonijiet maħluqa b'mod artifiċjali biex tinkiseb għajnuna li tmur kontra l-objettivi tal-miżura f'7 minn 20 proġett magħżula b'mod aleatorju għaż-2 miżuri msemmija hawn fuq. Każijiet tipiċi kienu jinvolvu l-qsim ta' investiment f'żewġ subproġetti jew aktar imwettqa fl-istess ħin, għall-iskop ta' ċirkumvenzjoni ta' kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà u tal-għażla, u għall-ksib ta' għajnuna lil hinn mil-limiti massimi permissibbli. Il-Kummissjoni rrappurtat dgħufijiet simili u bdiet proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.56.** *Il-monitoraġġ mill-qrib mill-Kummissjoni juri li għal ċerti Stati Membri xi nuqqasijiet misjuba matul il-awditi tagħha u l-awditi tal-Qorti ma kinux indirizzati biżżejjed. Il-Kummissjoni talbet l-Istati Membri kkonċernati biex isaħħu l-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom skont dawn is-sejbiet.*

***Kaxxa 7.9 – Eżempji li juru li pjanijiet ta' azzjoni tal-Istati Membri għadhom mhumiex kompletament effettivi***

*L-azzjonijiet huma inklużi ladarba n-nuqqasijiet jiġu skoperti u identifikati mill-awtoritajiet nazzjonali, il-Kummissjoni jew il-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Il-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib il-pjan ta' azzjoni u tiżgura li sejbiet ġodda huma indirizzati fil-pjanijiet ta' azzjoni.*

*Il-awditi mwettqa mill-Kummissjoni fl-2013 u fl-2014 fl-Irlanda wrew dgħufijiet f'kontrolli kemm amministrattivi kif ukoll fuq il-post. L-Istat Membru ressaq pjan ta' azzjoni u filwaqt li dan ma ġiex implimentat kompletament, il-progress kien irrappurtat lill-Kummissjoni. L-awtoritajiet Irlandiżi ġew imħeġġa jkomplu l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni sabiex Jindirizzaw id-dgħjufijiet identifikati fil-kuntest tal-awditu reċenti u jipprovdu aġġornamenti regolari dwar l-implimentazzjoni.*

*Fil-każ tal-Irlanda, peress li l-Kummissjoni ma ħallset lura l-ebda nefqa tal-FAEŻR fl-2014, l-ebda riżerva ma ġiet meqjusa neċessarja fir-Rapport Annwali tal-Attività tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali 2014 fir-rigward tal-iżvilupp rurali.*

*Rigward il-pjan ta' azzjoni Rumen, bosta azzjonijiet ta' rimedju ttieħdu mir-Rumanija li tejbu s-sitwazzjoni iżda għadhom ma pproduċewx l-effett meħtieġ biex jindirizza d-dgħufijiet kollha fis-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll li nstabu mill-awditi tal-Kummissjoni u tal-Qorti. Il-Kummissjoni hija konxja li għad hemm dgħufijiet fil-ġestjoni tal-miżuri ta' investiment, inklużi nuqqasijiet fl-evalwazzjoni ta' ħolqien ta' kundizzjonijiet artifiċjali. Sabiex titjieb aktar is-sitwazzjoni, l-awtoritajiet Rumeni ntalbu biex isaħħu l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tagħhom, inkluż l-iskrutinju ta' proġetti qabel il-pagament sabiex jeskludu lil dawk affettwati minn kundizzjonijiet artifiċjali.*

([49]) Żbalji 'l fuq minn 5 % minbarra żbalji ta' kundizzjonalità.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Sistemi tal-Istati Membri, relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet taħt il-Fond Ewropew għas-Sajd (FES)*

7.57. Fl-Istati Membri, l-awtoritajiet tal-awditjar jiċċekkjaw il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll imħaddma mill-awtoritajiet maniġerjali u taċ-ċertifikazzjoni, tal-FES. Aħna vvalutajna l-effettività ta' dawn il-kontrolli mill-awtorità tal-awditjar fl-Italja. Barra minn hekk, wettaqna mill-ġdid awditi magħżula tal-awtorità tal-awditjar fuq operazzjonijiet iffinanzjati mill-FES.

7.58. Filwaqt li osservajna li l-metodoloġija għal awditi tal-operazzjonijiet u tas-sistemi kienet effettiva, aħna sibna dgħufijiet fil-ġestjoni u d-dokumentazzjoni ta' kompiti tal-awditjar u fil-verifikazzjoni ta' kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà. L-awtorità tal-awditjar ma wettqitx l-attivitajiet tal-awditjar tagħha kif ippjanat. Ma kien hemm l-ebda proċedura formali għar-reviżjoni tal-kontroll tal-kwalità, id-dokumentazzjoni tal-awditjar kien fiha defiċjenzi, u l-metodoloġija tal-kampjunar ma kinitx konformi mal-linji gwida tal-Kummissjoni. Dawn id-dgħufijiet, għalkemm kienu ġew identifikati mill-Kummissjoni matul l-awditi preċedenti tagħha, kienu għadhom ma ġewx indirizzati għalkollox mill-awtorità tal-awditjar fi żmien l-awditu tagħna. Barra minn hekk, f'xi każijiet, l-awtorità tal-awditjar ma wettqitx il-kontrolli fuq il-post meħtieġa u ma wettqitx kontrolli adegwati fuq il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għal bastimenti li rċevew finanzjament għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tagħhom.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.58.** *Ħafna minn dawn il-kwistjonijiet kienu diġà ġew identifikati mill-Kummissjoni matul il-awditi tagħha u huma soġġetti għal proċess ta' segwitu li jinsab għaddej.*

*Fir-rigward ta' waqfien permanenti, il-Kummissjoni se titlob lill-awtorità tal-awditjar twettaq kontrolli adegwati biex tikkonferma li kien hemm konformità mar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà nazzjonali.*

*Sistemi u rapport annwali tal-attività tad-DĠ AGRI*

**Il-proċeduri ta' approvazzjoni tal-kontijiet, tal-Kummissjoni**

7.59. Il-ġestjoni tal-biċċa l-kbira min-nefqa fuq l-agrikoltura hija kondiviża bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-aġenziji tal-pagamenti fl-Istati Membri jiżborżaw għajnuna lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra; il-Kummissjoni tirrimborża lill-Istati Membri għal dawn l-ispejjeż kull xahar (għall-FAEG) jew kull tliet xhur (għall-FAEŻR). Biex hija tkun tista' tassumi r-responsabbiltà aħharija għall-implimentazzjoni tal-baġit, il-Kummissjoni tapplika żewġ proċeduri separati:

(a) *Proċedura annwali ta' approvazzjoni finanzjarja* li tkopri l-kontijiet annwali u s-sistemi interni ta' kull aġenzija tal-pagamenti akkreditata. Id-deċiżjoni riżultanti dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet hija bbażata fuq awditi mwettqa minn korpi indipendenti taċ-ċertifikazzjoni fl-Istati Membri, li jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni.

(b) *Proċedura pluriennali ta' approvazzjoni tal-konformità*, li tista' twassal għal korrezzjonijiet finanzjarji għall-Istat Membru kkonċernat jekk l-infiq ikun kiser ir-regoli tal-UE. Id-deċiżjonijiet riżultanti dwar il-konformità huma bbażati fuq awditi mwettqa mill-Kummissjoni.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.60. Aħna ċċekkjajna l-proċedura ta' approvazzjoni finanzjarja għall-2014. Bħal fis-snin preċedenti, sibna li l-Kummissjoni kienet immaniġġjat dan il-kompitu b'mod sodisfaċenti.

7.61. L-awditi tal-konformità mwettqa mill-Kummissjoni jivvalutaw jekk is-sistemi tal-Istati Membri jiżgurawx li l-pagamenti ta' għajnuna lill-benefiċjarji huma regolari. Id-dgħufijiet li jinqabdu fis-sistemi jwasslu għal korrezzjonijiet finanzjarji li spiss isiru fuq bażi ta' rata fissa, u jkopru nfiq relatat ma' bosta snin baġitarji. Korrezzjonijiet b'rata fissa, tipikament 2 % jew 5 %, jiġu applikati irrispettivament minn kemm ikunu nstabu dgħufijiet fis-sistemi u rari jwasslu għal irkupri mill-benefiċjarji (ara wkoll il-paragrafi 1.36 u 1.37).

7.62. Aħna ċċekkjajna l-konformità mal-ISSAI 4100 (Standard Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar) u mad-dispożizzjonijiet regolatorji prinċipali ta' kampjun ta' 26 ([50]) minn 120 awditu tal-konformità ([51]). Il-biċċa l-kbira mill-elementi ewlenin kienu stabbiliti u konformi mad-dispożizzjonijiet regolatorji prinċipali, u aħna nqisu li l-awditi tal-Kummissjoni kienu ta' kwalità li ppermettitilna nużaw ir-riżultati bħala parti mill-valutazzjonijiet tagħna tas-sistemi tal-Istati Membri (ara l-paragrafi 7.38 u 7.52).

7.63. Fl-2014, il-Kummissjoni adottat tliet deċiżjonijiet tal-konformità (li jkopru 56 korrezzjoni finanzjarja separata), li wasslu għal korrezzjonijiet ta' EUR 443,1 miljun (EUR 403,2 miljun relatati mal-FAEG u EUR 39,9 miljun relatati mal-FAEŻR). Deċiżjoni oħra ġiet adottata f'Jannar 2015, li wasslet għal korrezzjoni sinifikanti ta' EUR 1 409 miljun (EUR 1 243 miljun għall-FAEG u EUR 166 miljun għall-FAEŻR), li ġiet inkluża fil-kontijiet tal-2014 bħala introjtu dovut (ara wkoll il-paragrafu 7.24 u l-Kaxxa 1.3).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.61.** *Fejn possibbli, l-ammont ta' korrezzjonijiet finanzjarji huwa kkalkulat fuq il-bażi tat-telf li effettivament jiġi kkawżat lill-baġit tal-UE. Fejn dan mhux possibbli, jintużaw rati fissi li jirriflettu l-gravità tan-nuqqasijiet fis-sistemi nazzjonali ta' kontroll. L-użu ta' korrezzjonijiet b'rata fissa ġie aċċettat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea bħala li hu konformi mar-regoli legali li jirregolaw ix-xogħol ta' konformità. L-Artikolu 52 "Approvazzjoni tal-konformità" tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jikkonferma b'mod espliċitu li fejn l-ammonti li għandhom jiġu esklużi ma jkunux jistgħu jiġu identifikati bi sforz proporzjonat, jistgħu jiġu applikati korrezzjonijiet estrapolati jew b'rata fissa.*

*Barra minn hekk, peress li n-nefqa agrikola hija implimentata taħt ġestjoni maqsuma, l-Istati Membri huma f'pożizzjoni aħjar mill-Kummissjoni biex jivvalutaw u jipprovdu evidenza tat-telf finanzjarju jew riskju reali għall-baġit tal-UE. Għalhekk, kalkolu iktar preċiż tat-telf finanzjarju għall-baġit tal-UE jeħtieġ il-koperazzjoni attiva tal-Istat Membru kkonċernat fuq il-livelli kollha tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità għax l-Istat Membru biss ikollu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jagħmel dan il-kalkolu. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonfermat li mhix ir-responsabbiltà tas-servizzi tal-Kummissjoni li jagħmlu l-awditi neċessarji biex joħorġu biċ-ċifra preċiża tal-ħsara mġarrba, iżda hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru li juri li l-istima tas-servizzi tal-Kummissjoni kienet eċċessiva.*

**7.62.** *Il-Kummissjoni tilqa' l-konklużjoni tal-Qorti li l-kwalità tal-awditi tal-Kummissjoni tippermetti li r-riżultati jintużaw bħala parti mill-valutazzjoni tagħhom tas-sistemi tal-Istati Membri*

([50]) 14 għall-FAEG u 12 għall-FAEŻR.
([51]) L-għadd ta' awditi rrappurtati fl-2014.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.64. F'rapporti annwali reċenti, aħna ġbidna l-attenzjoni għall-problema persistenti li proċeduri ta' konformità huma twal wisq, li jirriżulta f'ammont sinifikanti ta' xogħol b'lura relatat ma' fajls miftuħa ([52]). L-ammont ta' xogħol b'lura fi tmiem l-2014 kien 15 % aktar baxx milli fi tmiem l-2013. Minkejja din ix-xejra pożittiva, għad jifdal ammont konsiderevoli ta' xogħol b'lura relatat ma' 180 awditu.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.64.** *Il-Kummissjoni ddedikat riżorsi speċifiċi biex tindirizza każijiet pendenti u qed tkompli tindirizza l-kwistjoni ta' fajls miftuħa bħala prijorità għolja. Għal dawk il-każijiet pendenti speċifiċi identifikati (każijiet miftuħa mill-2012 u qabel), ġew stabbiliti miri interim ċari li s'issa ntlaħqu u nqabżu u l-Kummissjoni qiegħda żżomm mal-iskeda tagħha li tagħlaq il-każijiet kollha fi ħdan skadenza speċifika.*

**Rapport annwali tal-attività (RAA) tad-DĠ AGRI**

7.65. Fir-RAA 2014 tiegħu, id-DĠ AGRI jivvaluta l-infiq f'riskju għall-oqsma prinċipali ta' nfiq. Il-punt tat-tluq ta' din il-valutazzjoni huwa l-livelli ta' żball irrappurtati mill-Istati Membri (għal kull aġenzija tal-pagamenti) fl-istatistika ta' kontroll tagħhom. Sussegwentement, il-Kummissjoni taġġusta dawk il-livelli ta' żball ibbażat prinċipalment fuq l-awditi tal-Kummissjoni u tal-Qorti mwettqa fl-aħħar tliet snin. Ir-rati aġġustati ta' żball (RŻA) li jirriżultaw imbagħad jiġu aggregati u jintużaw għall-kalkolu tal-infiq totali f'riskju, jiġifieri l-livell ta' żball li l-Kummissjoni tistma li jolqot il-baġit tal-UE. Minbarra d-dgħufijiet deskritti hawn taħt, aħna nqisu li dan huwa approċċ ġeneralment validu li jista' jipprovdi bażi sufficjenti għal riżervi fil-livell ta' aġenziji individwali tal-pagamenti.

7.66. Korpi taċ-ċertifikazzjoni huma meħtieġa jipprovdu valutazzjoni tal-kwalità ta' kontrolli fuq il-post imwettqa mill-aġenziji tal-pagamenti u tar-riżultati kif riflessi fl-istatistika ta' kontroll. Filwaqt li fl-2014 il-korpi taċ-ċertifikazzjoni taw valutazzjoni pożittiva tal-istatistika kollha tal-FAEG-SIAK u ta' dwar 88 % tal-istatistika tal-FAEŻR, il-Kummissjoni bbażat l-istima tagħha tal-infiq f'riskju fil-biċċa l-kbira fuq l-aġġustamenti proprji tagħha. Dan jindika li l-Kummissjoni ftit li xejn tista' toqgħod fuq l-istatistika ta' kontroll tal-Istati Membri. Din is-sitwazzjoni hija deskritta f'aktar dettall fir-Rapport Speċjali Nru 18/2003 ([53]).

**7.66.** *Il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li sas-sena finanzjarja 2014, bħala parti mir-rapport taċ-ċertifikazzjoni annwali, il-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni kienu meħtieġa li jikkonkludu jekk l-istatistika tal-kontroll hijiex miġbura korrettament u rrikonċiljata mal-bażi tad-dejta mill-aġenziji tal-pagamenti, b'segwitu ta' awditjar sufficjenti.*

*Barra minn hekk, u fuq il-bażi tar-riżultati ta' kampjun separat, il-Korp taċ-Ċertifikazzjoni ġie mitlub li jirrapporta dwar il-livell ta' diskrepanza li nstab. Fil-każijiet kollha, il-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni irrapportaw li l-istatistika ta' kontroll ġew ikkompilati u rikonċiljati b'mod korrett mad-dejta rilevanti tal-Aġenzija tal-Pagamenti.*

*Madankollu, din l-assigurazzjoni mhijiex sufficjenti biex jiġi konkluż li l-istatistiċi ta' kontroll jistgħu jintużaw biex tiġi kkalkulata rata ta' żball affidabbli, minħabba li jista' jkun li l-kontrolli mwettqa mill-Aġenziji tal-Pagamenti mhumiex effettivi biżżejjed.*

*Mis-sena finanzjarja 2015 (sena tat-talba 2014), il-Korpi ta' Ċertifikazzjoni ser ikunu meħtieġa jagħtu opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, li jwassal għal verifika mill-ġdid ta' kampjun rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet li diġà ġew iċċekkjati mill-Aġenzija tal-Pagamenti. Dan huwa mistenni li jipprovdi, fost affarijiet oħra, opinjoni b'saħħitha dwar il-kwalità tal-kontrolli u livell akbar ta' assigurazzjoni dwar ir-rati ta' żball irrappurtati mill-Istati Membri.*

([52]) Il-Kummissjoni tqis bħala xogħol b'lura awditu li ma jkunx ingħalaq fi żmien sentejn wara li jitwettaq.

([53]) Ir-Rapport Speċjali Nru 18/2013 "L-affidabbiltà tar-riżultati tal-kontrolli mill-Istati Membri tal-infiq agrikolu" (www.eca.europa.eu).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.67. Il-Kummissjoni għamlet aġġustamenti biex tiddetermina l-RŻA fuq il-parti tal-infiq li għaliha kien hemm disponibbli r-riżultati tal-awditjar proprji tagħha jew dawk tagħna. Madankollu, fir-RAA tiegħu, id-DĠ AGRI ma ddivulgax liema parti talinfiq ma ġietx aġġustata, minħabba li ma kienx hemm tali riżultati tal-awditjar disponibbli. F'tali każijiet, il-Kummissjoni toqgħod fuq l-istatistika ta' kontroll tal-Istati Membri, li jista' jirriżulta f'RŻA stmata b'mod insuffiċjenti.

*7.67. Il-Kummissjoni teżamina s-sitwazzjoni għal kull Aġenzija tal-Pagamenti mhux biss ibbażata fuq il-konklużjoni tagħha stess u s-sejbiet tal-awditjar tal-Qorti matul it-tliet snin preċedenti, iżda wkoll fuq il-bażi tal-opinjonijiet li waslu għas-sena finanzjarja kkonċernata mill-Korp ta' Ċertifikazzjoni għal kull Aġenzija tal-Pagamenti. Għalhekk hemm riżultati tal-awditjar disponibbli fil-każijiet kollha.*

7.68. Il-medja tal-korrezzjonijiet finanzjarji matul l-aħħar tliet snin għall-FAEG tikkorrispondi għal 1,2 % tal-infiq ikkonċernat, filwaqt li għall-FAEŻR, din hija 1 %. Dan juri li b'mod kumplessiv il-Kummissjoni applikat korrezzjonijiet finanzjarji li jkopru kemxejn inqas minn nofs il-livell tar-rata aġġustata ta' żball għall-FAEG. Madankollu, għall-FAEŻR il-kopertura kienet ta' madwar wieħed minn kull ħamsa. Waħda mir-raġunijiet prinċipali għal dan il-perċentwal ferm aktar baxx għall-FAEŻR hija l-għadd sinifikanti ta' sistemi individwali.

*7.68. Il-kapaċità korrettiva tal-Kummissjoni tinkludi korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri minn benefiċjarji magħmula mill-Istati Membri. Meta jitqiesu l-irkupri rimborżati lill-baġit tal-UE, il-kapaċità korrettiva tilħaq il-1,5 % għall-FAEG u l-1,8 % għall-FAEŻR – ara t-tabella "rata tal-iżbalji u l-kapaċità korrettiva, paġna 18 tar-Rapport Annwali tal-Attività tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, għall-2014.*

7.69. Dan l-għadd sinifikanti ta' sistemi għall-FAEŻR ġej mill-fatt li l-politika tiġi implimentata permezz ta' 46 miżura [54], u ta' sikwit permezz ta' submiżuri, kull waħda minnhom b'kundizzjonijiet differenti. Dawn il-miżuri jiġu implimentati permezz ta' programmi tal-iżvilupp rurali. Xi Stati Membri għandhom programmi nazzjonali filwaqt li oħrajn (bħall-Ġermanja, Spanja jew l-Italja) għandhom programmi reġjonali. Matul il-perjodu 2007–2013, il-politika ta' żvilupp rurali ġiet implimentata permezz ta' 94 programm tal-iżvilupp rurali, nazzjonali jew reġjonali [55]. Dan iwassal għal struttura kumplessa u frammentata ta' twassil ta' politika b'sistemi numerużi u jillimita l-kopertura tal-awditjar tal-konformità mwettqa mill-Kummissjoni għall-infiq mill-FAEŻR.

*7.69. Minħabba r-riżorsi limitati disponibbli, kull żieda tal-kopertura għall-iżvilupp rurali għandha tiġi bbilanċjata kontra l-ħtieġa li tinżamm kopertura adegwata għall-FAEG li tammonta għal 79 % tal-baġit tal-PAK.*

*Għall-iżvilupp rurali, il-Kummissjoni stabbiliet li potenzjalment hemm 576 qasam ta' awditu (aġenzija tal-pagamenti/sistema ta' kontroll pari). Mhuwiex possibbli b'ċertu livell ta' riżorsi li jiġu vverifikati l-oqsma kollha ta' awditu kull tliet snin. Il-Kummissjoni kienet kapaċi twettaq 48 verifika dwar l-iżvilupp rurali fuq il-post fl-Istati Membri fl-2014. Minħabba l-eteroġeneità tal-miżuri tal-iżvilupp rurali, għalhekk hemm limitazzjoni kemm fuq il-kopertura tan-nefqa tal-awditi kif ukoll fuq il-portata eventwali tal-korrezzjonijiet finanzjarji li jiġu applikati.*

7.70. L-infiq kopert mill-awditi tal-konformità mwettqa mill-Kummissjoni huwa relatat ma' korrezzjonijiet finanzjarji. F'każ li l-Kummissjoni tidentifika dgħufijiet fis-sistemi għal sistemi individwali ta' kontroll, il-korrezzjonijiet finanzjarji jistgħu jiġu estrapolati biss għas-sistemi awditjati. Fir-RAA 2014 tiegħu, id-DĠ AGRI rrapporta li fl-2014 dawn l-awditi kienu jkopru nefqa ta' 24 % għal miżuri tas-suq relatati mal-FAEG, 35 % għal għajnuna diretta mill-FAEG u 19 % għall-FAEŻR. It-***Tabella 7.2*** tagħti d-*data* ewlenija użata biex jiġi vvalutat ir-RAA 2014 tad-DĠ AGRI.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

(54) Ara l-paragrafu 7.6.
(55) Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, l-Istati Membri ppreżentaw 118-il programm nazzjonali jew reġjonali.

**Tabella 7.2 – Ħarsa ġenerali lejn *data* ewlenija rilevanti għall-valutazzjoni tar-RAA 2014 tad-DĠ AGRI**

| Qasam prinċipali ta' nfiq | Infiq fl-2014 *(miljun EUR)* | Livell medju ta' żball rrappurtat mill-Istati Membri fir-RAA 2014 | Rata aġġustata u aggregata ta' żball (id-DĠ AGRI) fir-RAA 2014 | Kapaċità korrettiva fir-RAA 2014 | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Medja ta' korrezzjonijiet finanzjarji matul l-aħħar tliet snin fir-RAA 2014 *(miljun EUR)* | | Medja ta' rkupri matul l-aħħar tliet snin fir-RAA 2014 *(miljun EUR)* | | Total |
| FAEG | 44 137,85 | 0,5 % | 2,6 % | 536,4 | 1,2 % | 117,8 | 0,3 % | **1,5 %** |
| FAEŻR | 11 186,0 | 1,5 % | 5,1 % | 113,6 | 1,0 % | 95,6 | 0,9 % | **1,9 %** |

*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri bbażat fuq ir-rapport annwali tal-attività tad-DĠ AGRI.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.71. Il-Kummissjoni tiddefinixxi l-kapaċità korrettiva bħala mekkaniżmu biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji li jkunu saru u biex jiġi protett il-baġit tal-UE. Għall-FAEŻR iċ-ċifri tal-2014 juru li l-kapaċità korrettiva mhijiex suffiċjenti biex tnaqqas l-infiq f'riskju taħt il-materjalità sa tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.71.** *Fir-Rapport Annwali tal-Attività tal-2014, id-Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jagħti assigurazzjoni għall-PAK fl-intier tagħha, filwaqt li jqis l-ammont globali f'riskju għas-sena kkonċernata kif ukoll il-kapaċità korrettiva.*

*Għall-FAEŻR, id-Direttur Ġenerali innota li "l-iżvilupp rurali jibqa' qasam li jixraqlu skrutinju mill-qrib ħafna u valutazzjoni kontinwa ta' kemm, bi sforz raġonevoli, se jkun possibbli għar-rata ta' żball aġġustata biex tinżel taħt it-2 %".*

## *Sistemi u rapport annwali tal-attività tad-DĠ ENV*

7.72. Aħna eżaminajna s-sistemi ta' kontroll intern tad-DĠ Ambjent, b'fokus fuq il-ġestjoni ta' pagamenti tardivi, is-sospensjonijiet ta' pagamenti u l-proċeduri ta' rkupru. Aħna identifikajna dgħufijiet prinċipalment fil-ġestjoni ta' pagamenti tardivi. Bħal fi snin preċedenti, 11 % tal-pagamenti saru wara d-data ta' skadenza regolatorja fl-2014.

7.73. Aħna eżaminajna r-Rapport Annwali tal-Attività 2014 tad-DĠ għall-Ambjent, u ffukajna fuq jekk l-informazzjoni pprovduta kinitx f'konformità mas-sejbiet proprji tagħna, u jekk l-istimi użati mill-Kummissjoni biex tikkalkula l-medja tal-livell ta' żball kinux raġonevoli. Is-sejbiet tal-awditjar tagħna li kienu disponibbli ma xeħtux dubju fuq l-informazzjoni pprovduta fir-rapport annwali tal-attività, u l-istimi użati mill-Kummissjoni kienu raġonevoli.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

### *Il-konklużjoni għall-2014*

7.74. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-infiq fuq "Riżorsi naturali" u fuq iż-żewġ oqsma suġġetti għal valutazzjoni speċifika (ara l-paragrafi 7.18 u 7.25) huwa milqut minn livell materjali ta' żball.

7.75. Għal din l-intestatura tal-QFP, l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jindika li l-livell ta' żball stmat li huwa preżenti fil-popolazzjoni huwa ta' 3,6 % (ara l-***Anness 7.1***).

**7.75.** *Il-Kummissjoni tieħu nota tar-rata ta' żball l-aktar probabbli stmata mill-Qorti, li hija inqas mis-sena l-oħra. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li dan it-tnaqqis huwa r-riżultat tal-azzjonijiet ta' rimedju kollha meħuda mill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex itejbu s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll.*

*Mingħajr kundizzjonalità li tammonta għal 0,.6 punti perċentwali, ir-rata ta' żbalji l-iktar probabbli hija ta' 3,0 %.*

### *Rakkomandazzjonijiet*

7.76. L-***Anness 7.2*** juri r-riżultat tal-analiżi tagħna tal-progress fl-indirizzar ta' rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2011 u 2012, aħna ppreżentajna 21 rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri implimentaw 5 rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ, filwaqt li 4 ġew implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti, u 12 ġew implimentati f'xi aspetti.

**7.76.** *Il-Kummissjoni tieħu nota tal-aħħar valutazzjoni magħmula mill-Qorti tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti.*

*Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri biex tkompli ttejjeb il-mod li bih isegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti.*

7.77. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2014, aħna nirrakkommandaw li għall-FAEG:

— **Rakkomandazzjoni 1:** l-Istati Membri jagħmlu sforzi ulterjuri biex jinkludu informazzjoni affidabbli u aġġornata fid-databases tal-LPIS tagħhom dwar id-daqs u l-eliġibbiltà ta' art agrikola, b'mod partikolari ta' mergħat permanenti, u sistematikament janalizzaw u jużaw l-informazzjoni kollha disponibbli fil-kuntest ta' kontrolli amministrattivi, inklużi ortoimmaġnijiet aġġornati, sabiex jiġu evitati pagamenti għal art ineliġibbli;

**7.77.** *Min-natura tagħhom u l-formulazzjoni tagħhom, uħud mir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti huma permanenti. Il-Kummissjoni tqis li hija segwiet rakkomandazzjonijiet simili għal ħafna snin u li għamlet dak kollu li kien possibbli sabiex iġġib it-titjib mitlub.*

*Il-Kummissjoni tappoġġja din ir-rakkomandazzjoni.*

*Sabiex tassisti u tipprovdi gwida lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tagħhom ta' pagamenti diretti bbażati fuq iż-żona, inħolqot unità ġdida speċifikament fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali.*

*Barra minn hekk, in-nuqqasijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri huma indirizzati permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni komprensivi u mmirati fejn meħtieġ. Meta s-servizzi tal-Kummissjoni jiskopru problemi bħal dawn matul l-awditi tagħhom, huma jitolbu lill-Istat Membru biex jieħu azzjonijiet ta' rimedju. Fejn il-problema hija partikolarment akuta, l-Istat Membru huwa meħtieġ li jimplimenta pjan ta' azzjoni għal rimedju li jiġi segwit mill-qrib mis-servizzi. S'issa tali pjanijiet instabu li huma effettivi ħafna.*

*Meta l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni ma titqiesx effettiva, il-ħlasijiet jistgħu jitnaqqsu jew jiġu sospiżi sabiex jiġi protett il-baġit tal-UE.*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| għall-iżvilupp rurali, li l-Kummissjoni: | |
| — **Rakkomandazzjoni 2:** tieħu miżuri xierqa biex tirrikjedi li l-pjanijiet ta' azzjoni tal-Istati Membri jinkludu azzjonijiet ta' rimedju li jindirizzaw il-kaġuni ta' żball li jinsabu spiss; | *Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni qiegħda taħdem b'mod intensiv mal-Istati Membri sabiex ikunu identifikati u rremedjati l-kawżi ta' żbalji fl-implimentazzjoni tal-politika. Din il-ħidma għandha tkompli bil-għan li jkunu indirizzati ulterjorment in-nuqqasijiet identifikati, inklużi dawk li nstabu mill-Qorti tal-Awdituri.*<br><br>*Fil-proċedura ta' segwitu tal-pjanijiet ta' azzjoni fuq ir-rati ta' żball li saret f'Marzu 2014 l-Istati Membri kollha ntalbu jorbtu l-pjanijiet ta' azzjoni u l-azzjonijiet mitiganti mas-sejbiet tal-awditi differenti kkomunikati mill-Kummissjoni jew mill-Qorti tal-Awdituri.*<br><br>*Il-Kummissjoni qiegħda notevolment titratta din il-kwistjoni fil-laqgħat Annwali ta'Rieżami u l-Kumitati ta' Monitoraġġ mal-Awtoritajiet Maniġerjali, filwaqt li tinsisti fuq il-kompletezza u l-effikaċja tal-pjanijiet ta' azzjoni.*<br><br>*Hija fis-seħħ għodda ta' monitoraġġ tal-IT ġdida sabiex issegwi l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' rimedju meħtieġa.* |
| — **Rakkomandazzjoni 3:** tirrevedi l-istrateġija għall-awditi tagħha tal-konformità fir-rigward tal-iżvilupp rurali sabiex tistabbilixxi jekk id-dgħufijiet fis-sistemi misjuba f'reġjun speċifiku wieħed, għal Stati Membri bi programmi reġjonali, humiex preżenti wkoll fir-reġjuni l-oħra, speċjalment għal miżuri ta' investiment; | *Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.*<br><br>*Il-Kummissjoni qed testendi l-kopertura tal-awditjar tagħha għall-iżvilupp rurali. Dan jinkludi verifikazzjoni dwar jekk nuqqasijiet misjuba f'reġjun wieħed jew miżura waħda jistgħu jkunu preżenti wkoll f'reġjuni/miżuri oħrajn.*<br><br>*Il-Kummissjoni qed issaħħaħ ukoll l-użu ta' awdituri esterni dwar kwistjonijiet speċifiċi.* |

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| u kemm għall-FAEG kif ukoll għall-iżvilupp rurali, li l-Kummissjoni: | |
| — **Rakkomandazzjoni 4:** tiżgura li l-proċedura l-ġdida ta' aċċertament dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, li se ssir obbligatorja mis-sena finanzjarja 2015, tiġi applikata b'mod korrett mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni u tipproduċi informazzjoni affidabbli dwar il-livell ta' żball, sabiex tkun tista' toqgħod fuqha. | *Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.*<br>*Ġew imfassla linji gwida dettaljati dwar l-irwol il-ġdid tal-Korpi ta' Ċertifikazzjoni, u dawn ġew diskussi fl-2013 u 2014.*<br>*L-implimentazzjoni tagħhom hija mmonitorjata mill-qrib mill-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, darbtejn fis-sena, jinżammu laqgħat ta' Gruppi ta' Esperti ma' Aġenziji tal-Pagamenti u Korpi taċ-Ċertifikazzjoni fejn jiġu ċċarati kwistjonijiet prattiċi tal-legalità u r-regolarità tax-xogħol.*<br>*Isiru missjonijiet ta' awditu regolari fl-Istati Membri sabiex jiġu riveduti l-metodi ta' ħidma tal-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni fil-kuntest tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet.*<br>*Ir-rappreżentanti tal-Korpi ta' Ċertifikazzjoni huma wkoll mistiedna jipparteċipaw, għal skopijiet ta' taħriġ, fl-awditi tal-konformità b'mod regolari.*<br>*Filwaqt li l-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni, hija tenfasizza li se jkun hemm kurva tat-tagħlim għall-Korpi ta' Ċertifikazzjoni, u mill-2015 se tirrapporta dwar il-progress li jkun sar fir-Rapporti ta' Attività Annwali.* |
| 7.78. Barra minn hekk, aħna nirrakkomandaw li, fil-qasam tas-sajd, il-Kummissjoni: | |
| — **Rakkomandazzjoni 5:** tiżgura li l-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri jwettqu l-kompiti tagħhom b'aktar reqqa, b'mod partikolari, bit-twettiq tal-kontrolli fuq il-post meħtieġa, bl-applikazzjoni ta' proċeduri ta' kontroll tal-kwalità u bit-titjib tad-dokumentazzjoni tal-awditjar. | *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni, u tqis li din qed tiġi implimentata permezz tax-xogħol ta' awditu kontinwu tagħha u l-għoti ta' gwida meta jkun meħtieġ u tieħu l-passi meħtieġa fil-kuntest ta' ġestjoni kondiviża biex tassisti lill-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istat Membru biex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv.* |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## PARTI 2: KWISTJONIJIET RELATATI MAL-PRESTAZZJONI FIL-QASAM TAL-IŻVILUPP RURALI

### *Valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġetti*

7.79. Fir-Rapport Annwali 2013 tagħna, sibna li l-għażla ta' proġetti taħt ġestjoni kondiviża – responsabbiltà tal-Istati Membri – iffukat l-ewwel nett fuq il-ħtieġa li jintnefqu l-flus disponibbli tal-UE, it-tieni nett fuq il-ħtieġa li jkun hemm konformità mar-regoli u kien wara dan biss – u sa punt limitat – li ffukat fuq il-prestazzjoni mistennija minnhom ([56]). Din is-sena, bħala parti minn eżerċizzju pilota aħna ċċekkjajna wkoll xi kwistjonijiet ta' prestazzjoni, minbarra li ċċekkjajna r-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

7.80. Għal dan l-eżerċizzju pilota aħna għażilna biss dawk il-proġetti fejn l-aspetti ta' prestazzjoni setgħu jiġu eżaminati b'mod raġonevoli. Għalhekk, mill-162 tranżazzjoni kollha tal-iżvilupp rurali aħna ffukajna fuq 71 proġett li kienu jinkludu investimenti f'assi tanġibbli. Minn dawn il-71 proġett, 42 kienu kkompletati fiż-żmien taż-żjara tal-awditjar. Minbarra li ċċekkjajna r-regolarità ta' dawn it-tranżazzjonijiet, aħna vvalutajna wkoll l-ekonomija u l-effettività tagħhom billi ttestjajna kriterji tal-prestazzjoni għal kull proġett.

7.81. Għall-proġetti kkompletati eżaminati aħna ċċekkjajna li l-investiment kien twettaq kif ippjanat ([57]). Dan il-kriterju ġie ssodisfat għall-biċċa l-kbira mill-proġetti (93 %). Madankollu, għall-proġetti fl-intier tagħhom, sibna l-problemi prinċipali ta' prestazzjoni li ġejjin:

— defiċjenzi fl-immirar ta' miżuri u fl-għażla ta' proġetti;

— evidenza insuffiċjenti li l-ispejjeż huma raġonevoli.

([56]) Ir-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 10.10.

([57]) Il-kriterju tal-prestazzjoni "Hemm evidenza miż-żjara fuq il-post li l-output tal-proġett twassal kif ippjanat" tqies bħala ssodisfat jekk l-output tal-proġett inkiseb kif ippjanat. Il-kriterju tqies bħala mhux issodisfat meta l-proġett ma ġiex ikkompletat, jew ġie kkompletat parzjalment biss, mingħajr ma ngħataw ġustifikazzjonijiet aċċettabbli għal din is-sitwazzjoni.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Defiċjenzi fl-immirar tal-miżuri u fl-għażla ta' proġetti**

7.82. Aħna ttestjajna jekk l-appoġġ ġiex immirat lejn objettivi ddefiniti b'mod ċar li jirriflettu ħtiġijiet strutturali u territorjali identifikati u żvantaġġi strutturali ([58]). Dan il-kriterju ma ġiex issodisfat għal 21 % tal-proġetti ta' investiment awditjati. Aħna ttestjajna wkoll jekk il-proġett kienx intgħażel abbażi ta' proċedura trasparenti, ibbażata fuq merti komparattivi bi kriterji tal-għażla rilevanti ([59]). Dan il-kriterju ma ġiex issodisfat għal 51 % tal-proġetti ta' investiment awditjati.

7.83. Aħna sibna li l-proċeduri tal-immirar u tal-għażla kienu insuffiċjenti. Fil-maġġoranza tal-każijiet l-aġenziji tal-pagamenti ma kellhomx għalfejn japplikaw proċedura rigoruża tal-immirar u tal-għażla. Kien hemm biżżejjed fondi disponibbli għall-proġetti li ġew ippreżentati lilhom. Għal dawn l-aġenziji tal-pagamenti ma kien hemm l-ebda inċentiv biex il-baġit disponibbli ma jintnefaqx kollu bl-applikazzjoni ta' kriterji tal-prestazzjoni. Instab każ wieħed biss ta' prattika tajba. Eżempji jingħataw fil-Kaxxa 7.10. Aħna rrappurtajna dwar in-nuqqas ta' mmirar adegwat għal investimenti fl-iżvilupp rurali f'bosta mir-rapporti speċjali reċenti tagħna ([60]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.82.** *Din il-kwistjoni ġiet indirizzata fil-Linji gwida dwar il-kriterji tal-għażla għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, fejn għandhom ikunu żgurati l-eżistenza ta' klassifikazzjoni tal-proġetti u limitu minimu. Xi prattiki ħżiena, ftit estratti mir-rapporti tal-Qorti, ġew inklużi wkoll bħala eżempju.*

([58]) Dan il-kriterju tqies bħala ssodisfat jekk l-objettivi kienu ddefiniti b'mod ċar, u l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u l-kriterji tal-għażla għall-miżura kienu jirrestrinġu l-ambitu tal-għajnuna għal benefiċjarji speċifiċi jew żoni ġeografiċi f'konformità ma' ħtiġijiet reali identifikati fil-PŻR.

([59]) Dan il-kriterju tqies bħala ssodisfat jekk intużat proċedura tal-għażla kompetittiva, li kienet iddokumentata b'mod korrett, u jekk il-kriterji tal-għażla kienu bbażati fuq merti komparattivi u marbuta mal-objettivi tal-miżuri b'ponderazzjoni xierqa.

([60]) Ara pereżempju r-Rapport Speċjali Nru 8/2012 "Identifikazzjoni ta' għajnuna għall-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli", ir-Rapport Speċjali Nru 1/2013 "L-appoġġ tal-UE lill-industrija tal-ipproċessar tal-ikel kien effettiv u effiċjenti fiż-żieda tal-valur lill-prodotti agrikoli?", u r-Rapport Speċjali Nru 6/2013 "L-Istati Membri u l-Kummissjoni kisbu l-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz bil-miżuri għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali?"

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 7.10 – Eżempji ta' prattiki tajbin u ħżiena fl-immirar u fl-għażla**

Fin-Netherlands, sejħa għall-applikazzjonijiet b'baġit ta' EUR 3,6 miljun tniedet għas-submiżura "kondiviżjoni tal-għarfien". L-40 applikazzjoni eliġibbli ġew ivvalutati minn 4 esperti indipendenti, li kull wieħed minnhom alloka punti għall-proġetti għal għadd ta' kriterji tal-għażla. Imbagħad intuża punteġġ ipponderat għall-klassifikazzjoni tal-proġetti. Kienu biss it-13-il proġett bl-ogħla klassifikazzjoni, b'ammont totali ta' EUR 2,9 miljun, li ġew approvati, peress li proġetti oħra tqiesu li kienu ta' valur insuffiċjenti għall-flus. Aħna nqisu li dan huwa każ ta' prattika tajba, peress li l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba ġew prijoritizzati f'livell ogħla mill-infiq tal-fondi, kif jidher mill-fatt li l-baġit li kien jifdal ma ntużax biex jiffinanzja proġetti eliġibbli iżda inqas effettivi.

Fil-Bulgarija, l-appoġġ għall-miżura "żieda fil-valur tal-prodotti agrikoli u tal-forestrija" ma kienx immirat, peress li l-intrapriżi kollha b'inqas minn 750 membru tal-persunal jew b'fatturat annwali ta' inqas minn EUR 200 miljun kienu eliġibbli għal finanzjament. Barra minn hekk, minkejja l-fatt li l-kriterji tal-għażla kienu ġew iddefiniti, dawn ma ntużawx għall-immirar tal-appoġġ, peress li l-baġit disponibbli kien suffiċjenti biex jiffinanzja l-proġetti eliġibbli kollha.

Aħna sibna 20 każ ieħor fejn il-kriterji tal-għażla effettivament ma ntużawx minħabba li kien hemm fondi suffiċjenti disponibbli biex jiġu ffinanzjati l-proġetti eliġibbli kollha. Fil-każijiet kollha l-infiq tħallas fl-2014 mill-baġits disponibbli għall-perjodu 2007-2013. Tali sitwazzjoni tista' tirriżulta meta l-baġits ikunu ogħla mill-ħtiġijiet reali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 7.10 – Eżempji ta' prattiki tajbin u ħżiena fil-mira u fl-għażla***

*Il-proġetti magħżula mill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika. Il-Programmi ta' Żvilupp Rurali jiddefinixxu l-eliġibbiltà tal-operazzjonijiet fi ħdan il-qafas legali mogħti (l-ewwel mira), jistabbilixxu l-prinċipji għall-kriterji ta' selezzjoni (it-tieni mira), imbagħad jiġu konkretizzati fil-Kumitat ta' Monitoraġġ (it-tielet mira) u fl-aħħar nett, jekk magħmula kif titlob il-Kummissjoni, il-proġetti huma kklassifikati u jitħallew barra dawk li ma jgħaddux il-limitu. Għalhekk, il-qafas legali eżistenti diġà jikkunsidra l-elementi kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li l-fondi tal-UE jiġu mmirati b'mod adegwat.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.84. Aħna ttestjajna wkoll il-kriterju tal-prestazzjoni firrigward ta' jekk, bħala parti mill-immirar u l-għażla, kienx hemm fokus fuq il-ħolqien ta' impjiegi ([61]). Biex jitkejjel il-progress lejn l-issodisfar tal-għanijiet ta' Ewropa 2020, **sar qbil dwar** ħames miri ewlenin għall-UE kollha, li l-ewwel waħda minnhom hija li 75 % ta' persuni bejn l-20 u l-64 sena jiġu impjegati sal-2020. F'konformità ma' dan l-għan, fuq is-sit web tagħha ([62]) l-Kummissjoni tinforma li wieħed mit-tliet objettivi strateġiċi fuq terminu twil għall-politika ta' żvilupp rurali tal-UE fil-perjodu 2014–2020 huwa l-kisba ta' żvilupp territorjali bilanċjat ta' ekonomiji u komunitajiet rurali inkluż il-ħolqien u ż-żamma tal-impjiegi. L-għajnuna għall-iżvilupp rurali kienet tkun iffukata fuq l-indirizzar ta' waħda mill-problemi prinċipali tal-UE li kieku l-ħolqien ta' impjiegi kellu jkun kundizzjoni ta' eliġibbiltà għall-ksib tal-għajnuna, u/jew li kieku l-proġetti kellhom jiġu prijoritizzati fil-proċeduri tal-klassifikazzjoni u tal-għażla skont l-għadd ta' impjiegi li għandhom jinħolqu.

7.85. Aħna nqisu li għal 34 proġett kien ikun possibbli li l-ħolqien ta' impjiegi jiġi inkluż bħala kundizzjoni ta' eliġibbiltà u/jew kriterju tal-għażla. Pereżempju, il-Polonja allokat EUR 932 miljun għall-miżura "Żieda fil-valur miżjud tal-produzzjoni bażika agrikola u tal-forestrija". Il-benefiċjarji jistgħu jirċievu appoġġ taħt il-FAEŻR ta' ammont li jista' jitla' sa EUR 12,8 miljun mingħajr ma jitqies jekk ikunux inħolqu impjiegi.

7.86. Madankollu, għal 24 mill-34 proġett ta' investiment (70 %), l-għadd ta' impjiegi li kellhom jinħolqu la kien kundizzjoni ta' eliġibbiltà u lanqas kriterju tal-għażla. Ma nstab l-ebda każ fejn kellhom jinħolqu impjiegi għaż-żgħażagħ.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.84.** *Il-ħolqien ta' impjiegi mhuwiex l-uniku indikatur ta' prestazzjoni rilevanti lejn xiex wieħed għandu jħares. Hija importanti b'mod ekwivalenti l-ħtieġa taż-żamma ta' impjiegi sabiex titwaqqaf id-depopolazzjoni. Għalhekk, il-prestazzjoni ma għandiex tiġi evalwata biss f'termini ta' ħolqien ta' impjiegi, iżda wkoll f'termini ta' impjiegi miżmuma. Barra minn hekk, huwa importanti li wieħed jinnota li ż-żieda fil-produttività marbuta mal-innovazzjoni u t-teknoloġija jista' jkollha impatti negattivi fuq l-impjiegi f'ħolqien ta' impjiegi, speċjalment fis-settur agrikolu. Billi, għaldaqstant, ir-rati ta' impjieg f'setturi primarji ilhom jonqsu f'dawn l-aħħar deċennji, il-prestazzjoni politika relatata ma tistax tiġi mkejla kif xieraq billi tirreferi biss għal effetti netti.*

*Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 7.86.*

**7.85.** *L-indikatur tal-ħolqien tal-impjiegi għandu jiġi definit mill-ġdid sabiex jinkludi ż-żamma tal-impjiegi, u jillimita l-ambitu ta' dawk il-miżuri fejn il-prestazzjoni tkun tista' tiġi vvalutata f'dawn it-termini.*

*L-investimenti f'assi fiżiċi (ex-Assi 1) jikkontribwixxi għall-vijabbiltà u l-kompetittività tal-azjendi agrikoli (Prijorità 2 tar-Regolament 1305/2013). Il-ħolqien tal-impjiegi huwa fil-parti l-kbira tiegħu kopert taħt il-Prijorità 6: il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ekonomiku fiż-żoni rurali. Għaldaqstant, li nivvalutaw b'mod negattiv il-prestazzjoni tal-proġetti għaliex dan il-kriterju ma ġiex ikkunsidrat għall-għażla mhuwiex xieraq. Dan il-kriterju għandu jiġi vvalutat biss għal dawk il-proġetti fejn l-Awtorità ta' Ġestjoni tassew iddeċidiet li tużah għall-għażla tal-operazzjonijiet.*

*Inkella, ikun hemm diskrepanza bejn prijoritajiet strateġiċi fl-iżvilupp rurali kif stabbilit fit-testi legali u l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġetti mwettqa mill-Qorti.*

**7.86.** *Il-Kummissjoni tinnota li l-osservazzjoni dwar in-nuqqas ta' enfasi fuq il-ħolqien tal-impjiegi hija limitata għal ċerti miżuri u fil-miżuri biss għal tipi speċifiċi ta' proġetti peress li ma hijiex kompletament rilevanti għal kull miżura ta' investiment/tip ta' proġetti.*

([61]) Dan il-kriterju tqies bħala ssodisfat jekk l-għadd ta' impjiegi maħluqa kien kundizzjoni ta' eliġibbiltà jew kriterju tal-għażla għall-proġett. Fokus fuq il-ħolqien ta' impjiegi fost iż-żgħażagħ tqies bħala prattika tajba.

([62]) http://ec.europa.eu/agriculture/rural-development-2014-2020

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.87. Kien biss għal erba' proġetti li d-deċiżjoni biex jingħata l-appoġġ kienet kundizzjonali għall-ħolqien ta' impjieg wieħed jew aktar. Dan kien il-każ, pereżempju, fil-Polonja għall-miżura "Appoġġ għall-ħolqien u l-iżvilupp tal-mikrointrapriżi", fejn il-benefiċjarju kien meħtieġ joħloq żewġ postijiet tax-xogħol u jżommhom għal mill-inqas sentejn. Barra minn hekk, kien biss f'10 każijiet li l-ħolqien ta' impjiegi kien kriterju tal-għażla. Madankollu, kif irrappurtat fil-Kaxxa 7.10, b'mod ġenerali tali proċeduri ġeneralment ma kinux effettivi. Barra minn hekk, l-għadd ta' punti mogħtija għall-ħolqien ta' impjieg kien fil-biċċa l-kbira baxx wisq biex ikun deċiżiv fl-għażla tal-proġetti.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.87.** *Il-forniment ta' evidenza għall-ħolqien tal-impjiegi f'mikrointrapriżi bħala kundizzjoni għal appoġġ mill-FAEŻR jista' jkun ta' riskju f'termini ta' rata ta' żball. Dan jimponi piż addizzjonali fuq il-benefiċjarji, li f'xi każijiet ma jkunux kapaċi joħolqu dawn l-impjiegi minħabba ċirkostanzi esterni. Barra minn hekk, wieħed irid iżomm f'moħħu li l-appoġġ għall-mikrointrapriżi jikkontribwixxi f'ħafna każijiet għal firxa ta' għanijiet, inkluż id-diversifikazzjoni, l-iżvilupp lokali, l-innovazzjoni, il-prestazzjoni ekonomika, u ż-żieda fil-valur ta' prodotti agrikoli.*

**Evidenza insuffiċjenti li l-ispejjeż huma raġonevoli**

7.88. Għal 49 mill-71 proġett ta' investiment (69 %), aħna sibna evidenza suffiċjenti li l-ispejjeż tal-proġetti kienu raġonevoli ([63]). Madankollu, għal 22 proġett ta' investiment (31 %), dan ma kienx il-każ. Il-Kaxxa 7.11 tagħti żewġ eżempji ta' proġetti ta' investiment fejn ma kien hemm l-ebda evidenza li l-ispejjeż kienu raġonevoli. Reċentement, aħna ppubblikajna rapport speċjali li fih eżaminar dettaljat ta' dan is-suġġett ([64]).

**7.88.** *Il-Kummissjoni inkludiet fid-Dokument ta' Gwida dwar il-kontrolli u l-penalitajiet għall-perjodu 2014–2020 il-lista ta' kontroll għall-valutazzjoni tar-raġonevolezza tal-ispejjeż magħmula mill-Qorti u annessi fir-Rapport Speċjali.22/2014. Ġie organizzat taħriġ speċifiku għall-Aġenziji tal-Pagamenti u l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni taħt il-FAEŻR dwar ir-raġonevolezza tal-kostijiet u l-akkwist pubbliku fis-17 ta' Marzu 2015 fi Brussell. Il-Qorti kienet ukoll irrappreżentata f'dan l-avveniment.*

([63]) Il-kriterju tal-prestazzjoni "Hemm evidenza li l-ispejjeż huma raġonevoli" tqies bħala ssodisfat jekk intużat proċedura kompetittiva għas-sottomissjoni ta' offerti bl-għażla bbażata fuq l-aktar prezz baxx jew l-aħjar valur għall-flus, jew jekk intużaw spejjeż affidabbli ta' referenza.

([64]) Ara r-Rapport Speċjali Nru 22/2014 "Il-ksib ta' ekonomija: inżommu l-ispejjeż tal-għotjiet għal proġetti tal-iżvilupp rurali ffinanzjati mill-UE taħt kontroll".

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 7.11 – Eżempji ta’ nuqqas ta’ evidenza li l-ispejjeż kienu raġonevoli**

Il-Portugall juża spejjeż ta’ referenza għall-miżura “Ir-restawr tal-potenzjal tal-forestrija li tkun sofriet ħsara minħabba diżastri naturali u l-introduzzjoni ta’ azzjonijiet xierqa ta’ prevenzjoni”. Għal proġett wieħed ta’ investiment, sitt spejjeż ta’ referenza ġew stabbiliti għal kontroll veġetali li kienu jvarjaw minn madwar EUR 47 sa EUR 1 138 għal kull ettaru, skont it-tipi differenti ta’ xogħlijiet forestali u skont il-kundizzjonijiet tal-irqajja’ art (bħax-xaqliba u l-kopertura veġetali). Ir-rati għall-proġett awditjat kienu jvarjaw minn madwar EUR 232 għal EUR 1 138 għal kull ettaru. Aħna sibna li l-aġenzija tal-pagamenti ma kienet wettqet l-ebda kontroll fuq ir-raġonevolezza tal-ispejjeż. B’mod partikolari, ma kien hemm l-ebda kontroll fuq il-kundizzjonijiet tal-irqajja’ art, u għalhekk kien impossibbli li jiġi konkluż li l-prezz għal kull ettaru tax-xogħol forestali kien raġonevoli.

Fin-Netherlands, proġetti għall-miżura “Taħriġ vokazzjonali għal persuni impjegati fl-agrikoltura u l-forestrija” ġew ivvalutati minn kumitat ta’ evalwazzjoni qabel ma ġew approvati. Għal proġett awditjat taħt din il-miżura, il-kumitat irrapporta li huma kienu jqisu li dan il-proġett kien għali meta mqabbel mal-kontenut u r-riżultat potenzjali. Din il-kwistjoni ma ġietx segwita mill-aġenzija tal-pagamenti. Fil-fatt, aħna ma sibna l-ebda evidenza li l-aġenzija tal-pagamenti kienet biss iċċekkjat ir-raġonevolezza tal-ispejjeż.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 7.11 – Eżempji ta’ nuqqas ta’ evidenza li l-ispejjeż kienu raġonevoli***

*Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 7.34.*

## Konklużjoni

7.89. L-eżaminar tagħna ta’ aspetti tal-prestazzjoni għal proġetti ta’ investiment tal-iżvilupp rurali wera defiċjenzi fl-immirar u nuqqas ta’ evidenza li l-ispejjeż kienu raġonevoli. Dan jikkonferma l-konklużjonijiet li aħna rrappurtajna f’għadd ta’ rapporti speċjali, u juri li l-problemi għadhom jippersistu.

**7.89.** *Il-Kummissjoni tejbet il-gwida lill-Istati Membri għall-perjodu ta’ programmazzjoni 2014–2020, inkluż immirar u għażla aħjar ta’ proġetti u kif tiġi vvalutata r-raġonevolezza tal-ispejjeż. L-impatt ta’ dawn il-linji gwida huwa għalhekk mistenni biss fl-implimentazzjoni tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta’ Programmi ta’ għall-Iżvilupp Rurali.*

ANNESS 7.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦAL "RIŻORSI NATURALI"*

| | 2014 | 2013 (1) |
|---|---|---|
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | |
| Agrikoltura: Appoġġ tas-suq u għajnuna diretta | **183** | 180 |
| Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd | **176** | 171 |
| **Total tat-tranżazzjonijiet "Riżorsi Naturali"** | **359** | 351 |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | |
| Livell ta' żball stmat: Appoġġ tas-suq u għajnuna diretta | **2,9 %** | 3,6 % |
| Livell ta' żball stmat: Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd | **6,2 %** | 7,0 % |
| Livell ta' żball stmat: "Riżorsi Naturali" | **3,6 %** | 4,4 % |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | 4,6 % | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | 2,7 % | |

Il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball għall-Agrikoltura: Appoġġ tas-suq u għajnuna diretta huma: 2,6 u 6,8 %.
Il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball għal Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd huma: 3,2 u 9,3 %.

(1) Iċ-ċifri għall-2013 ġew ikkalkulati mill-ġdid biex jaqblu mal-istruttura tar-Rapport Annwali 2014 u b'hekk ikun jista' jsir tqabbil bejn is-sentejn. Il-***Graff 1.3*** tal-Kapitolu 1 tippreżenta kif ir-riżultati tal-2013 ġew ikklassifikati mill-ġdid ibbażat fuq l-istruttura tar-Rapport Annwali 2014.

ANNESS 7.2

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦAL "RIŻORSI NATURALI"*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2012 | 3.37. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2012, il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jżidu u jħaffu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw li: | | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 1:** l-eliġibbiltà tal-art, u b'mod partikolari l-mergħat permanenti tiġi rreġistrata kif xieraq fl-LPIS, b'mod partikolari f'każijiet fejn l-erjas ikunu miksija kompletament jew parzjalment bil-blat, b'arbuxelli jew b'siġar densi jew bil-buxxijiet jew fejn l-art tkun ilha abbandunata għal bosta snin. | | | X | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2:** tittieħed azzjoni immedjata ta' rimedju fejn is-sistemi amministrattivi u ta' kontroll u/jew id-databases tas-SIAK jinstabu li jkunu defiċjenti jew skaduti. | | X | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3:** il-pagamenti jkunu bbażati fuq ir-riżultati tal-ispezzjonijiet u li l-ispezzjonijiet fuq il-post ikunu tal-kwalità meħtieġa biex l-erja eliġibbli tiġi ddeterminata b'mod affidabbli. | | X | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4:** it-tfassil u l-kwalità tax-xogħol imwettaq mid-diretturi tal-aġenziji tal-pagamenti u l-korpi taċ-ċertifikazzjoni b'appoġġ għad-dikjarazzjonijiet u l-istqarrijiet rispettivi tagħhom jipprovdu bażi affidabbli għall-valutazzjoni tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. | | | X | | | | |
| | 4.44. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2012, il-Qorti tirrakkommanda fil-qasam tal-iżvilupp rurali li: | | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 1:** l-Istati Membri jwettqu aħjar il-kontrolli amministrattivi eżistenti tagħhom, billi jużaw l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli għall-aġenziji tal-pagamenti, billi dan għandu l-potenzjal li jinqabdu u jiġu kkoreġuti l-biċċa l-kbira mill-iżbalji. | | | X | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2012 | **Rakkomandazzjoni 2:** il-Kummissjoni tiżgura segwitu xieraq tal-każijiet kollha fejn il-Qorti qabdet żbalji. | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3:** il-Kummissjoni, fir-rapport annwali tal-attività tad-DĠ AGRI, tapplika approċċ simili għall-FAEŻR bħalma għamlet għall-għajnuna diżakkoppjata taż-żona, fejn il-Kummissjoni tieħu kont tar-riżultati tal-awditi tal-konformità tagħha stess fil-valutazzjoni tar-rata ta' żball għal kull aġenzija tal-pagamenti. | X | | | | | | |
| | Għall-PAK fl-intier tagħha li:<br><br>**Rakkomandazzjoni 4:** il-Kummissjoni tiżgura kopertura adegwata fl-awditi tal-konformità tagħha. | | | X | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 5:** il-Kummissjoni tindirizza d-dgħufijiet identifikati fl-awditi tal-konformità tagħha u l-problema persistenti ta' dewmien twil fil-proċedura ta' konformità fl-intier tagħha. | | X | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 6:** il-Kummissjoni ttejjeb aktar il-metodu tagħha għad-determinazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji sabiex tieħu kont aħjar tan-natura u tal-gravità tal-ksur li nqabad. | X | | | | | | |
| | 4.45. Fil-qasam ta' politika tas-saħħa u l-protezzjoni tal-konsumatur li: | | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 7:** il-Kummissjoni tindirizza d-dgħufijiet identifikati fis-sistemi għall-akkwist u għall-ftehimiet ta' għotjiet. | X | | | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | 3.45 Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2011, il-Qorti tirrakkomanda li għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu azzjoni xierqa biex jiżguraw li: | | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 1:** l-eliġibbiltà tal-mergħat permanenti tiġi vvalutata b'mod xieraq, speċjalment f'każijiet fejn l-erjas huma parzjalment koperti b'buxxijiet, arbuxelli, siġar densi jew blat. | | | X | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3:** l-ispezzjonijiet fuq il-post ikunu tal-kwalità meħtieġa biex l-erja eliġibbli tiġi identifikata b'mod affidabbli. | | X | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4:** it-tfassil u l-kwalità tax-xogħol imwettaq mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni jipprovdu valutazzjoni affidabbli tal-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet fl-aġenziji tal-pagamenti. | | | X | | | | |
| | 4.53. Għandu jiġi nnutat li r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li r-regoli u l-kundizzjonijiet għall-iżvilupp rurali jiġu simplifikati aktar, tibqa' valida. | | | X | | | | |
| | 4.54. B'segwitu għal din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2011, il-Qorti tirrakkomanda fil-qasam tal-iżvilupp rurali għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali li: | | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 1:** l-Istati Membri jagħmlu kontrolli amministrattivi u fuq il-post b'mod aktar rigoruż sabiex inaqqsu r-riskju li jiddikjaraw infiq ineliġibbli lill-UE. | | | X | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 2:** il-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li r-regoli eżistenti jiġu infurzati aħjar fir-rigward ta':<br>— regoli tal-akkwist pubbliku u l-VAT meta korpi pubbliċi jkunu l-benefiċjarji tal-għajnuna,<br>— impenji agroambjentali u regoli dwar l-eliġibbiltà għall-modernizzar tal-azjendi. | | | X | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3:** il-Kummissjoni tanalizza r-raġunijiet għar-rata ta' żball materjali. | X | | | | | | |
| | **Rakkommandazzjoni 5:** il-Kummissjoni testendi l-linji gwida għall-korpi taċ-ċertifikazzjoni bir-rekwiżit li dawn il-korpi jinkludu, fl-istrateġija u r-rapporti tal-awditjar tagħhom, is-sejbiet minn awditi preċedenti mwettqa mill-Kummissjoni u l-Qorti. | | | X | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 6:** fir-rigward tal-kundizzjonalità, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ir-rispett tar-rekwiżiti fir-rigward tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali u jtejbu l-firxa tal-kontrolli matul is-sena sabiex ir-rekwiżiti rilevanti kollha jiġu ċċekkjati sew. | | | X | | | | |
| | 4.55. Fl-oqsma ta' politika tal-ambjent, l-affarijiet marittimi u s-sajd, is-saħħa u l-protezzjoni tal-konsumatur, il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni ttejjeb il-monitoraġġ tal-qabdiet ta' ħut taħt ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd ma' pajjiżi li huma barra mill-UE. | | | X | | | | |

KAPITOLU 8

# "Ewropa Globali"

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Introduzzjoni | 8.1-8.10 |
| Karatteristiċi speċifiċi ta' "Ewropa Globali" | 8.2-8.9 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 8.10 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 8.11-8.21 |
| Eżaminar tas-sistemi u tar-rapporti annwali tal-attività magħżula | 8.22-8.25 |
| EuropeAid | 8.22-8.23 |
| ECHO | 8.24-8.25 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 8.26-8.31 |
| Il-konklużjoni għall-2014 | 8.26-8.27 |
| Rakkomandazzjonijiet | 8.28-8.31 |

Anness 8.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal "Ewropa Globali"

Anness 8.2 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Ewropa Globali"

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

8.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna relatati mal-valutazzjoni speċifika tagħna għal "Ewropa Globali". Huwa għandu kopertura aktar wiesgħa mill-eks-Kapitolu 7 dwar "Relazzjonijiet esterni, għajnuna u tkabbir" ([1]) peress li jinkludi wkoll in-nefqa relatata mal-politika reġjonali (EUR 300 miljun), l-iżvilupp rurali (EUR 150 miljun) u r-riċerka u politiki interni oħra (EUR 100 miljun). Informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq fl-2014 tingħata fil-***Graff 8.1***.

**Graff 8.1 – Intestatura 4 tal-QFP – "Ewropa Globali"**

*(EUR biljun)*




| | | |
|---|---|---|
| Total tal-pagamenti għas-sena: | | 7,2 |
| — nefqa operazzjonali | 6,0 | |
| — appoġġ baġitarju | 0,9 | |
| — nefqa amministrattiva | 0,3 | |
| *-pagamenti bil-quddiem* ([1]) | | 4,3 |
| *+ approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem* | | 4,5 |
| **Popolazzjoni awditjata, total** | | **7,4** |

([1]) ***l-Anness 1.1***, il-paragrafu 7).

*Sors*: Il-kontijiet konsolidati 2014 tal-Unjoni Ewropea.

([1]) Il-paragrafu 0.7 tal-Introduzzjoni Ġenerali jispjega l-istruttura l-ġdida tar-rapport annwali tagħna.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Karatteristiċi speċifiċi ta' "Ewropa Globali"

8.2. "Ewropa Globali" tkopri l-azzjonijiet esterni kollha ("politika barranija") ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Pagamenti fl-2014 għal "Ewropa Globali" jammontaw għal EUR 7,2 biljun li jitwasslu permezz ta' bosta strumenti. L-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI), l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI), l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) u l-għajnuna umanitarja jikkostitwixxu aktar minn 86 % tal-qasam tal-intestatura tal-QFP.

8.3. Fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-objettiv prinċipali tal-UE huwa t-tnaqqis, u eventwalment, il-qerda tal-faqar ([2]). L-objettiv tal-politika tal-viċinat huwa li tappoġġa lis-sħab li jwettqu riforma lejn id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem; li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku inklużiv tagħhom u li tippromwovi sħubija mas-soċjetajiet flimkien ma' relazzjonijiet mal-gvernijiet. L-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni għandha l-għan li tassisti lil pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali biex jirrispettaw il-valuri tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. L-għajnuna umanitarja tipprovdi assistenza *ad hoc*, għajnuna u protezzjoni għal nies f'pajjiżi terzi li jkunu vittmi ta' diżastri naturali jew diżastri kkawżati mill-bniedem.

8.4. Id-direttorati ġenerali l-aktar sinifikanti għall-implimentazzjoni tal-baġit għall-azzjoni esterna huma d-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp (EuropeAid), is-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI), id-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir (id-DĠ NEAR, l-eks DĠ ELARG) u d-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili (ECHO).

8.5. L-infiq tal-intestatura tal-QFP "Ewropa Globali" jsir taħt firxa wiesgħa ta' strumenti ta' kooperazzjoni u metodi ta' twassil ([3]), li jiġu applikati f'aktar minn 150 pajjiż. Ir-regoli u l-proċeduri spiss huma kumplessi, inklużi dawk għas-sottomissjoni ta' offerti u għall-għoti ta' kuntratti.

([2]) Ibbażat fuq it-Trattat ta' Lisbona u fuq il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp 2005.

([3]) Azzjonijiet esterni jistgħu, b'mod partikolari, jiffinanzjaw kuntratti ta' akkwist, għotjiet, inklużi sussidji tar-rati tal-imgħax, self speċjali, garanziji ta' self u assistenza finanzjarja, appoġġ baġitarju u forom speċifiċi oħra ta' għajnuna baġitarja.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.6. F'żewġ oqsma n-natura tal-istrumenti u tal-kundizzjonijiet ta' pagament tillimita l-punt sa fejn it-tranżazzjonijiet huma suxxettibbli għal żbalji. Dawn huma l-appoġġ baġitarju ([4]) u l-kontribuzzjonijiet mill-UE għal proġetti b'multidonaturi mwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali ([5]) bħan-Nazzjonijiet Uniti (NU).

8.7. L-appoġġ baġitarju jikkontribwixxi għall-baġit ġenerali ta' stat jew għall-baġit tiegħu għal politika speċifika jew objettiv speċifiku. Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni kkonformatx mal-kundizzjonijiet speċifiċi biex isiru pagamenti għall-appoġġ baġitarju lill-pajjiż sieħeb ikkonċernat u jekk ivverifikatx li kien hemm konformità mal-kundizzjonijiet ġenerali ta' eliġibbiltà (bħal progress fil-ġestjoni finanzjarja tas-settur pubbliku).

8.8. Madankollu, id-dispożizzjonijiet legali joffru ambitu wiesa' għall-interpretazzjoni u l-Kummissjoni għandha flessibbiltà konsiderevoli biex tiddeċiedi jekk dawn il-kundizzjonijiet ġenerali ġewx issodisfati. L-awditu tagħna tar-regolarità ma jistax imur lil hinn mill-istadju li fih l-għajnuna titħallas lill-pajjiż sieħeb. Il-fondi trasferiti mbagħad jingħaqdu mar-riżorsi baġitarji tal-pajjiż riċevitur. Kwalunkwe dgħufija fil-ġestjoni finanzjarja tiegħu mhijiex se tiġġenera żbalji fl-awditu tagħna tar-regolarità.

8.9. Meta l-kontribuzzjonijiet mill-Kummissjoni għal proġetti b'multidonaturi jinġabru flimkien ma' dawk ta' donaturi oħra u ma jiġux assenjati għal partiti identifikabbli speċifiċi tal-infiq, il-Kummissjoni tassumi li jkun hemm konformità mar-regoli ta' eliġibbiltà tal-UE dment li l-ammont totali miġbur flimkien ikun jinkludi biżżejjed infiq eliġibbli biex ikopri l-kontribuzzjoni mill-UE. Dan huwa dak li l-Kummissjoni ssejjaħ l-"approċċ nozzjonali". L-approċċ nozzjonali applikat mill-Kummissjoni jillimita x-xogħol tal-awdituri f'każ ta' kontribuzzjoni sostanzjali ta' donaturi oħra, li l-Kummissjoni mbagħad tqis suffiċjenti biex tkopri kwalunkwe nfiq ineliġibbli li għandna mnejn inkunu sibna.

([4]) Pagamenti għall-appoġġ baġitarju li saru mill-baġit ġenerali fl-2014 ammontaw għal EUR 850 miljun.

([5]) Il-pagamenti li saru lil organizzazzjonijiet internazzjonali mill-baġit ġenerali fl-2014 ammontaw għal EUR 1 640 miljun.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

8.10. L-***Anness 1.1***, il-***parti 2***, tal-Kapitolu 1 jiddeskrivi l-approċċ u l-metodoloġija kumplessivi tal-awditjar tagħna. Għall-awditu ta' "Ewropa Globali", għandhom jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin:

(a) L-awditu kien jinvolvi eżaminar ta' kampjun ta' 172 tranżazzjoni kif definit fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7. Il-kampjun huwa mfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa kollha tat-tranżazzjonijiet fi ħdan il-qasam tal-intestatura tal-QFP. Fl-2014, il-kampjun kien jikkonsisti f'122 tranżazzjoni approvati mid-Delegazzjonijiet tal-UE fi 11-il stat benefiċjarju [6] u 50 tranżazzjoni approvati mill-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni.

(b) Il-valutazzjoni tar-rapporti annwali tal-attività kienet tinkludi r-rapporti tal-EuropeAid u tal-ECHO.

## REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

8.11. L-***Anness 8.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-172 tranżazzjoni li awditjana, 43 (25 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tat-28 żball li kkwantifikajna, aħna nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 2,7 % [7].

**8.11.** *Tweġiba komuni għall-paragrafi 8.11 sa 8.20.*

*Il-kontrolli tal-Kummissjoni huma mfassla b'tali mod li l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' żbalji, permezz tal-awditi* ex post *– wara l-pagamenti finali – jibqgħu possibbli. Programm estensiv ta' awditi* ex post *huwa ppjanat u implimentat mid-Direttorati Ġenerali tal-għajnuna esterna fuq bażi annwali, abbażi ta' proċess formali ta' valutazzjoni tar-riskju.*

8.12. Meta, mill-kampjun awditjat, jiġu eskluži l-appoġġ baġitarju u t-tranżazzjonijiet b'multidonaturi msemmija fil-paragrafi 8.6 sa 8.9, il-livell ta' żball stmat huwa ta' 3,7 % [8].

8.13. F'seba' każijiet ta' żbalji kwantifikabbli, il-Kummissjoni kellha informazzjoni suffiċjenti [9] biex tipprevieni jew biex taqbad u tikkoreġi l-iżbalji qabel ma taċċetta l-infiq. Li kieku din l-informazzjoni kollha kienet intużat biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji, il-livell ta' żball stmat għal dan il-kapitolu kien ikun aktar baxx b'0,2 punti perċentwali. F'ħames tranżazzjonijiet oħra, sibna żbalji li ma kinux inqabdu mill-awdituri maħtura mill-benefiċjarji.

8.14. Il-***Graff 8.2*** tippreżenta l-punt sa fejn it-tipi differenti ta' żbalji jikkontribwixxu għal-livell ta' żball stmat tagħna għall-2014.

---

(6) Il-Belize, il-Bożnja-Ħerzegovina, il-Kolombja, il-Ġamajka, il-Laos, il-Moldova, in-Niġer, il-Palestina, is-Serbja, it-Tajlandja u t-Tuneżija.

(7) Aħna nikkalkulaw l-istima tagħna tar-rata ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Aħna ninsabu 95 % fiduċjużi li r-rata ta' żball fil-popolazzjoni tinsab bejn 0,9 % u 4,4 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

(8) 129 tranżazzjoni, limitu inferjuri tal-iżball (LEL) ta' 1,3 % u limitu superjuri tal-iżball (UEL) ta' 6,0 %, b'95 % fiduċja.

(9) Abbażi ta' dokumentazzjoni ta' sostenn u kontrolli obbligatorji.

**Graff 8.2 – Kontribut skont it-tip ta' żball għal-livell ta' żball stmat**




*Sors*: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.15. It-tip ta' żball l-aktar sinifikanti (14 minn 28 każ), li jirrappreżenta 57 % tal-livell ta' żball stmat, jikkonċerna infiq ineliġibbli. Dan jikkonsisti fi nfiq relatat ma' attivitajiet li mhux koperti mill-kuntratt jew li ġġarrbu barra mill-perjodu ta' eliġibbiltà, taxxi ineliġibbli, nuqqas ta' konformità mar-regola tal-oriġini u spejjeż indiretti ddebitati b'mod żbaljat bħala spejjeż diretti (ara l-eżempju fil-Kaxxa 8.1). Dawn il-każijiet kollha rrappurtati huma relatati ma' kuntratti ta' għotja jew kuntratti implimentati minn organizzazzjonijiet internazzjonali.

**Kaxxa 8.1 – Infiq ineliġibbli**

*EuropeAid – Il-Laos*

Il-Kummissjoni ffirmat ftehim ta' għotja ta' EUR 150 000 ma' operatur nazzjonali fil-Laos bl-objettiv kumplessiv li jitnaqqas l-għadd ta' disgrazzji kkawżati minn artillerija mhux sploduta, permezz ta' edukazzjoni dwar ir-riskju. Il-perjodu ta' implimentazzjoni li sar qbil dwaru permezz ta' kuntratt beda f'Jannar 2009. l-ispejjeż tas-salarji għall-persunal fuq il-post għal Diċembru 2008 ġew iddebitati u aċċettati mill-Kummissjoni. Għalhekk, l-ispejjeż aċċettati kienu ddikjarati b'mod eċċessiv.

8.16. 24 % tal-livell ta' żball stmat kien jirrappreżenta ħames każijiet li għalihom il-Kummissjoni aċċettat (u approvat) b'mod skorrett nefqa għal servizzi, xogħlijiet u provvisti li ma ġġarrbitx fil-mument li fih il-Kummissjoni aċċettatha (ara l-eżempju fil-Kaxxa 8.2).

**Kaxxa 8.2 – Infiq mhux imġarrab**

*EuropeAid – Il-Belize*

Il-Kummissjoni ffirmat ftehim ta' kontribuzzjoni ma' bank tal-Karibew għal ammont ta' EUR 6,5 miljun għall-istabbiliment ta' faċilità ta' kreditu rotanti għat-tħawwil mill-ġdid ta' zokkor tal-kannamieli fil-Belize. Il-Kummissjoni ffinanzjat l-azzjoni bis-sħiħ.

Fl-2014 il-Kummissjoni aċċettat infiq li ammonta għal EUR 2,3 miljun li minnhom EUR 740 000 kienu jirrappreżentaw kuntratti ta' self lil bdiewa li kienu ffirmati mill-istituzzjoni finanzjarja iżda li kienu għadhom ma tħallsux. Billi aċċettat l-ammont sħiħ bħala nfiq imġarrab, il-Kummissjoni approvat, b'mod skorrett, wisq mill-prefinanzjament li kien imħallas preċedentement.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.17. 8 % tal-livell ta' żball stmat kien dovut għan-nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn. 4 % tal-livell ta' żball stmat irriżulta minn każijiet meta l-infiq ikklejmjat ġie kkalkulat b'mod żbaljat minħabba żbalji matematiċi jew rati ta' kambju skorretti.

8.18. 6 % tal-livell ta' żball stmat kien relatat ma' proċeduri irregolari ta' akkwist jew tal-ikkuntrattar, imwettqa mill-benefiċjarji (ara l-eżempju fil-Kaxxa 8.3).

**Kaxxa 8.3 – Proċedura irregolari tal-ikkuntrattar**

EuropeAid – It-Tuneżija

Il-Kummissjoni ffirmat ftehim ta' għotja ta' EUR 230 000 ma' NGO Żvizzera bil-għan li tistabbilizza x-xandir fuq ir-radju u li tiżgura d-distribuzzjoni ta' informazzjoni lil udjenza wiesgħa fit-Tuneżija waqt it-tħejjija għall-elezzjonijiet ġenerali wara r-rivoluzzjoni.

L-NGO ffirmat kuntratt ma' fornitur ta' servizzi għal ammont ta' EUR 11 500 mingħajr ma kien hemm l-ebda evidenza li ġew ikkonsultati tliet fornituri ta' servizzi waqt l-għoti tal-kuntratt.

8.19. Minn 172 tranżazzjoni, 15 kienu milquta minn żbalji mhux kwantifikabbli relatati man-nuqqas ta' konformità ma' obbligi legali jew kuntrattwali.

8.20. L-20 tranżazzjoni ta' appoġġ baġitarju eżaminati kienu ħielsa minn żbalji ta' legalità u ta' regolarità.

8.21. Fir-Rapport Annwali 2013 tagħna, aħna rrappurtajna żball sistemiku billi d-DĠ ELARG kien qed jaċċetta nfiq ibbażat fuq l-istimi proprji tagħhom aktar milli fuq spejjeż imġarrba, imħallsa u aċċettati. Matul l-awditu ta' din is-sena, innutajna li entrati fil-kotba ta' dan it-tip seħħew ukoll fl-2014 (EUR 96 miljun). F'Mejju 2014, id-DĠ ELARG ikkoreġa l-approvazzjonijiet li saru b'mod skorrett mill-kontijiet tagħhom għall-2013 u l-2014. Huwa rreveda wkoll l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-Manwal ta' ELARG dwar il-Kontabbiltà li issa jiddikjaraw li l-prefinanzjament għandu jiġi approvat fuq il-bażi ta' nfiq eliġibbli aċċettat.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 8.3 – Proċedura irregolari tal-ikkuntrattar***

*Dan huwa każ iżolat minħabba l-ħtieġa urġenti u immedjata. L-NGO ġiet imfakkra biex tapplika regoli ta' akkwist korretti fil-futur.*

**8.21.** *Wara l-osservazzjonijiet tal-Qorti fil-proċess tad-DAS tal-2013, l-eks DĠ ELARG immedjatament implimenta bidliet sinifikanti fis-sistemi tiegħu, li issa qed jiġu segwiti.*

*Il-progress li sar mid-DĠ NEAR dwar dan is-suġġett ġie kkomunikat lill-istituzzjonijiet l-oħrajn.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## EŻAMINAR TAS-SISTEMI U TAR-RAPPORTI ANNWALI TAL-ATTIVITÀ MAGĦŻULA

### EuropeAid

8.22. L-ittestjar tat-tranżazzjonijiet żvela li, f'xi każijiet, is-sistemi *ex ante* tal-Kummissjoni fallew. Il-verifikazzjoni tal-infiq imwettqa mill-awdituri maħtura mill-benefiċjarji mhux dejjem qabdet l-iżbalji. Dan wassal biex jiġu aċċettati spejjeż ineliġibbli li saru mill-benefiċjarji.

8.23. Ir-riżultati dettaljati tal-valutazzjoni tas-sistemi tal-EuropeAid, inkluż l-istudju mwettaq mill-EuropeAid dwar ir-rata tal-iżball residwu u l-eżaminar tar-rapport annwali tal-attività tiegħu huma ppreżentati fir-Rapport Annwali tagħna dwar it-8, id-9, l-10 u l-11-il Fondi Ewropej għall-Iżvilupp, il-paragrafi 36-46.

### ECHO

8.24. Wara approċċ b'sistema ta' rotazzjoni ([10]), aħna eżaminajna r-rapport annwali tal-attività tal-ECHO fil-qasam ta' "Ewropa Globali".

8.25. Fid-dikjarazzjoni ta' aċċertament tiegħu għas-sena 2014, id-Direttur Ġenerali għall-ECHO ddikjara li kellu aċċertament raġonevoli li l-proċeduri ta' kontroll stabbiliti pprovdew il-garanziji meħtieġa fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u li l-informazzjoni pprovduta fir-rapport kienet affidabbli, kompleta u korretta. Din id-dikjarazzjoni hija appoġġata mis-sejbiet u l-konklużjonijiet ibbażati fuq ix-xogħol tal-awditjar tagħna fuq it-tranżazzjonijiet tal-ECHO fl-2014.

([10]) Fis-snin preċedenti aħna eżaminajna r-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tal-FPI u r-Rapport Annwali tal-Attività 2012 tad-DĠ ELARG.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

### Il-konklużjoni għall-2014

8.26. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-infiq fuq "Ewropa Globali" huwa milqut minn livell materjali ta' żball.

8.27. Għall-infiq fuq dan il-qasam tal-intestatura tal-QFP, l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jindika li r-rata tal-iżball l-aktar probabbli preżenti fil-popolazzjoni hija ta' 2,7 % (ara l-***Anness 8.1***).

### Rakkomandazzjonijiet

8.28. L-***Anness 8.2*** juri r-riżultat tal-analiżi tagħna tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti ([11]). Fir-Rapporti Annwali 2011 u 2012, aħna ppreżentajna tmien rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni implimentat bis-sħiħ erba' rakkomandazzjonijiet, filwaqt li tnejn ġew implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti, u tnejn ġew implimentati f'xi aspetti.

8.29. Kif iddikjarat fil-paragrafu 8.22 l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet fl-2014 żvela dgħufijiet fil-verifikazzjonijiet tal-infiq. Din il-kwistjoni diġà ġiet ippreżentata fir-Rapport Annwali 2012 tagħna fejn stedinna lill-Kummissjoni tieħu passi effettivi biex tiżgura l-kwalità tal-kontrolli fuq l-infiq imwettqa mill-awdituri esterni. Minn dak iż-żmien 'il hawn, il-EuropeAid ħa azzjonijiet li jindirizzaw id-dgħufijiet fir-rigward tal-awditi u l-verifikazzjonijiet esterni. Madankollu, għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat l-impatt ta' dawn l-azzjonijiet bili xi azzjonijiet għadhom qed jiġu żviluppati.

8.30. Ir-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet wrew li f'xi każijiet il-kontrolli għall-prevenzjoni u l-qbid ta' nfiq ineliġibbli għal kuntratti ta' għotja fallew. Fir-Rapport Annwali 2011 tagħna nħarġet rakkomandazzjoni dwar is-superviżjoni ta' għotjiet iżda l-azzjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni huma meqjusa li ġew implimentati f'xi aspetti biss.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**8.29.** *Billi l-kwistjoni hija aktar kumplessa f'termini prattiċi milli mistenni, l-iżvilupp tal-grilji ta' kwalità għar-rapporti ta' verifika tan-nefqa qed tieħu aktar żmien milli previst. Il-grilji għandhom ikunu disponibbli mill-aħħar kwart tal-2015.*

([11]) L-objettiv ta' dan is-segwitu kien li jiġu vverifikati l-introduzzjoni u l-eżistenza ta' miżuri korrettivi b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet tagħna. Ma kellux l-għan li jivvaluta l-implimentazzjoni effettiva tagħhom. Għal xi miżuri li kienu għadhom qed jiġu żviluppati, kien kmieni wisq biex issir il-verifikazzjoni .

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.31. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2014, aħna nirrakkommandaw li l-Kummissjoni, u b'mod partikolari l-EuropeAid:

— **Rakkomandazzjoni 1**: jistabbilixxu u jimplimentaw proċeduri ta' kontroll intern biex jiżguraw li l-prefinanzjament jiġi approvat fuq il-bażi tal-infiq reali mġarrab bl-esklużjoni tal-impenji legali,

— **Rakkomandazzjoni 2**: isaħħu l-kontrolli *ex ante* għal kuntratti ta' għotja jiġifieri billi l-EuropeAid jagħmel operazzjonali l-azzjonijiet intenzjonati wara r-rakkomandazzjoni li saret fir-Rapport Annwali 2011 dwar il-FEŻ għall-ippjanar ibbażat fuq ir-riskju u għas-segwitu sistematiku għal żjarat ta' verifikazzjoni u ta' monitoraġġ fuq il-post.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.*

*Il-Kummissjoni se tkompli tiċċara r-regoli tal-ikklerjar għall-Ftehimiet ta' Kontribuzzjoni fl-Akkumpanjamenti ta' DEVCO u ta' NEAR.*

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Il-miżuri diġà qed jiġu implimentati.*

ANNESS 8.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦAL "EWROPA GLOBALI"*

| | 2014 | 2013 ([1]) |
|---|---|---|
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet: | **172** | 182 |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | |
| Livell ta' żball stmat | **2,7 %** | 2,1 % |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | 4,4 % | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | 0,9 % | |

([1]) Iċ-ċifri għall-2013 ġew ikkalkulati mill-ġdid biex jaqblu mal-istruttura tar-Rapport Annwali 2014 u biex b'hekk ikun jista' jsir tqabbil bejn is-sentejn. Il-***Graff 1.3*** tal-Kapitolu 1 tippreżenta kif ir-riżultati tal-2013 ġew ikklassifikati mill-ġdid ibbażat fuq l-istruttura tar-Rapport Annwali 2014.

ANNESS 8.2

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦAL "EWROPA GLOBALI"*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2012 | **Rakkomandazzjoni 1:** Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-approvazzjoni f'waqtha tal-infiq. | | X | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2:** Il-Kummissjoni għandha tippromwovi ġestjoni aħjar tad-dokumenti mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, u mill-benefiċjarji. | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3:** Il-Kummissjoni għandha ttejjeb il-ġestjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti billi tistabbilixxi kriterji tal-għażla ċari u billi tiddokumenta l-proċess ta' evalwazzjoni b'mod aħjar. | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4:** Il-Kummissjoni għandha tieħu passi effettivi sabiex ittejjeb il-kwalità tal-kontrolli fuq l-infiq imwettqa mill-awdituri esterni. | | X | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 5:** Il-Kummissjoni għandha tapplika metodoloġija konsistenti u robusta għall-kalkolu tar-rati tal-iżball residwu mid-direttorati ġenerali tar-relazzjonijiet esterni. | X | | | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 6:**Il-EuropeAid, id-DĠ ECHO u l-FPI jtejbu s-superviżjoni ta' kuntratti tal-għotjiet, filwaqt li jagħmlu użu aħjar minn żjarat fuq il-post għall-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' nfiq ineliġibbli ddikjarat u/jew iżidu l-kopertura tal-awditi kkuntrattati mill-Kummissjoni. | | | X | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 7:** L-FPI għandu jiżgura li l-missjonijiet kollha tal-PESK jiġu akkreditati skont il-"valutazzjonijiet fuq sitt pilastri". | | | X | | | | *Il-missjonijiet li ilhom stabbiliti issa saru konformi mal-Art. 60 ta' FR, bl-assistenza tal-FPI. F'konformità mal-pjanijiet ta' azzjoni tagħha b'reazzjoni għal diversi sejbiet tal-awditi, l-FPI laħqet l-objettiv li l-akbar tliet missjonijiet tal-PESK konformi. Barra minn hekk, missjoni ta' daqs medju (EUPOL COPPS) ġiet evalwata u nstabet konformi sa tmiem l-2014. L-erba' missjonijiet konformi (EULEX Kosovo, EUMM Georgia, EUPOL Afghanistan u EUPOL COPPS) ikkunsmaw madwar EUR 192 miljun jew 61 % tal-baġit tal-PESK għall-2014. Il-valutazzjoni tal-ħames missjoni (EUCAP Nestor) bdiet fl-2014 u se titlesta fl-2015. Missjoni oħra (EUCAP Sahel Niger) se tiġi vvalutata fl-2015.* |
| | **Rakkomandazzjoni 8:**L-FPI għandu jaċċellera l-għeluq ta' kuntratti antiki tal-PESK. (Dan huwa s-segwitu/l-aġġornament għall-2011 ta' rakkomandazzjoni tal-2009) | X | | | | | | |

KAPITOLU 9

## “Amministrazzjoni”

WERREJ


| | Paragrafu |
|---|---|
| Introduzzjoni | 9.1-9.6 |
| Karatteristiċi speċifiċi tal-intestatura tal-QFP | 9.3-9.4 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 9.5-9.6 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 9.7-9.8 |
| Eżaminar tas-sistemi u tar-rapporti annwali tal-attività magħżula | 9.9 |
| Osservazzjonijiet dwar istituzzjonijiet u korpi speċifiċi | 9.10-9.14 |
| Il-Parlament Ewropew | 9.11 |
| Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) | 9.12 |
| Istituzzjonijiet u korpi oħra | 9.13 |
| Il-Qorti tal-Awdituri | 9.14 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 9.15-9.17 |
| Il-konklużjoni għall-2014 | 9.15 |
| Rakkomandazzjonijiet | 9.16-9.17 |

Anness 9.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal “Amministrazzjoni”

Anness 9.2 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal “Amministrazzjoni”

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

9.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna relatati mal-valutazzjoni speċifika tagħna għal "Amministrazzjoni" ([1]). Informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq fl-2014 tingħata fil-***Graff 9.1***.

**Graff 9.1 – Intestatura 5 tal-QFP – "Amministrazzjoni"** ([2])

*(EUR biljun)*




| | |
|---|---|
| Total tal-pagamenti għas-sena | 8,8 |
| *- pagamenti bil-quddiem* ([1]) | *0,1* |
| *+ approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem* ([1]) | *0,1* |
| **Popolazzjoni awditjata, total** | **8,8** |

([1]) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7).

*Sors:* Il-kontijiet konsolidati proviżorji 2014 tal-Unjoni Ewropea.

9.2. Aħna noħorġu rapporti separati dwar l-aġenziji u l-korpi l-oħra tal-UE ([3]). Il-mandat tagħna ma jkoprix l-awditu finanzjarju tal-Bank Ċentrali Ewropew.

([1]) Din tinkludi n-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni Ewropea (UE), il-pensjonijiet u l-pagamenti għall-Iskejjel Ewropej. Għal dawn tal-aħħar, aħna noħorġu rapport annwali speċifiku li jiġi ppreżentat lill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej. Kopja ta' dan ir-rapport tintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([2]) Proporzjon tan-nefqa amministrattiva jista' jinstab ukoll taħt intestaturi oħra tal-QFP minbarra taħt l-Intestatura 5. L-approprjazzjonijiet totali implimentati fl-2014 taħt dawn l-intestaturi jammontaw għal EUR 1,3 biljun.

([3]) Ir-rapporti annwali speċifiċi tagħna dwar l-aġenziji u l-korpi l-oħra huma ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Karatteristiċi speċifiċi tal-intestatura tal-QFP

9.3. In-nefqa amministrattiva tinkludi n-nefqa fuq riżorsi umani (salarji, pensjonijiet u allowances), li tirrappreżenta madwar 60 % tat-total, kif ukoll in-nefqa fuq bini, tagħmir, enerġija, komunikazzjoni, u teknoloġija tal-informatika.

9.4. Ir-riskji prinċipali fir-rigward tan-nefqa amministrattiva huma n-nuqqas ta' konformità mal-proċeduri għall-akkwist, l-implimentazzjoni ta' kuntratti, ir-reklutaġġ u l-kalkolu ta' salarji, pensjonijiet u allowances. B'mod kumplessiv aħna nqisu li din l-intestatura tal-QFP hija qasam b'riskju baxx.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

9.5. L-***Anness 1.1***, il-***parti 2***, tal-Kapitolu 1 jiddeskrivi l-approċċ u l-metodoloġija kumplessivi tagħna. Għall-awditu ta' "Amministrazzjoni", għandhom jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin:

(a) L-awditu kien jinvolvi eżaminar ta' kampjun ta' 129 tranżazzjoni kif definit fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7. Il-kampjun huwa mfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa kollha tat-tranżazzjonijiet fi ħdan il-qasam tal-intestatura tal-QFP. Fl-2014 il-kampjun kien jikkonsisti fi 92 pagament ta' salarji u pensjonijiet, allowances relatati u spejjeż oħra għall-persunal, 14-il pagament fir-rigward ta' kuntratti relatati ma' bini u 23 pagament konness ma' spejjeż oħra (enerġija, komunikazzjoni, teknoloġija tal-informatika, eċċ.).

(b) L-awditu eżamina ([4]) wkoll il-proċeduri għar-reklutaġġ ta' persunal temporanju u kuntrattwali ([5]) u l-proċeduri ta' akkwist ([6]) fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Ombudsman Ewropew.

---

([4]) Ibbażat fuq l-approċċ b'sistema ta' rotazzjoni applikat mill-2012 'l hawn, l-awditu tas-sistemi jkopri żewġ jew tliet istituzzjonijiet jew korpi kull sena, u filwaqt li kampjun tat-tranżazzjonijiet jiġi eżaminat għal kull istituzzjoni jew korp u sistema.

([5]) Fl-2014, l-awditu kien jinkludi l-eżaminar ta' 15-il proċedura ta' reklutaġġ għall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 15-il proċedura ta' reklutaġġ għall-Kumitat tar-Reġjuni u 10 proċeduri ta' reklutaġġ għall-Ombudsman Ewropew.

([6]) Fl-2014, l-awditu kien jinkludi l-eżaminar ta' 15-il proċedura ta' akkwist għall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 15-il proċedura ta' akkwist għall-Kumitat tar-Reġjuni u 7 proċeduri ta' akkwist għall-Ombudsman Ewropew.

(c) Il-valutazzjoni tar-rapporti annwali tal-attività kienet tinkludi r-rapporti tad-direttorati ġenerali (DĠ) u tal-uffiċċji tal-Kummissjoni ([7]) li huma primarjament responsabbli għan-nefqa amministrattiva u tal-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra kollha.

9.6. L-infiq proprju tal-Qorti tal-Awdituri jiġi awditjat minn ditta esterna ([8]). Ir-riżultati tal-awditu tagħha tar-rapporti finanzjarji tagħna għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 jingħataw fil-paragrafu 9.14.

## REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

9.7. L-***Anness 9.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-129 tranżazzjoni li awditjana, 20 (15,5 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tat-12-il żball li kkwantifikajna, aħna nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 0,5 % ([9]).

9.8. Il-***Graff 9.2*** tippreżenta l-punt sa fejn it-tipi differenti ta' żbalji kkontribwixxew għall-istima tagħna tal-livell ta' żball għall-2014.

**Graff 9.2 – Kontribut skont it-tip ta' żball għal-livell ta' żball stmat**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

([7]) Id-DĠ Riżorsi Umani u Sigurtà, l-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (il-PMO), l-Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fi Brussell u d-DĠ Informatika.

([8]) PricewaterhouseCoopers, Société à responsabilité limitée, Réviseur d'Entreprises.

([9]) Aħna nikkalkulaw l-istima tagħna tar-rata ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Aħna ninsabu 95 % fiduċjużi li r-rata ta' żball fil-popolazzjoni tinsab bejn 0,1 % u 0,9 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## EŻAMINAR TAS-SISTEMI U TAR-RAPPORTI ANNWALI TAL-ATTIVITÀ MAGĦŻULA

9.9. Aħna ma identifikajna l-ebda dgħufija sinifikanti fis-sistemi u fir-rapporti annwali tal-attività magħżula tal-istituzzjonijiet u l-korpi.

## OSSERVAZZJONIJIET DWAR ISTITUZZJONIJIET U KORPI SPEĊIFIĊI

9.10. Aħna ma identifikajna l-ebda dgħufija serja fir-rigward tas-suġġetti awditjati għall-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kumitat tar-Reġjuni, l-Ombudsman Ewropew u għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*. L-osservazzjonijiet tagħna dwar l-istituzzjonijiet u l-korpi speċifiċi li ġejjin mhumiex materjali għan-nefqa amministrattiva fl-intier tagħha. Madankollu, huma sinifikanti fil-kuntest tal-istituzzjoni jew il-korp individwali kkonċernati.

RISPOSTA MILL-KEPD

**9.10.** *Il-KEPD jieħu nota sewwa tar-riżultati tal-analiżi tal-Qorti u ser ikompli jtejjeb is-sistema tiegħu għall-monitoraġġ u l-kontroll fil-ħin.*

### Il-Parlament Ewropew

9.11. Mit-28 pagament awditjat għall-Parlament Ewropew, wieħed kien relatat mal-għotja operattiva mħallsa fl-2013 lil partit politiku Ewropew ([10]). Aħna sibna dgħufijiet fil-kontrolli li twettqu mill-Parlament Ewropew fuq in-nefqa tal-partit politiku fir-rigward tal-ispejjeż rimborżati minn dan tal-aħħar lill-organizzazzjonijiet affiljati tiegħu ([11]) u f'xi proċeduri ta' akkwist li hija organizzat (ara l-Kaxxa 9.1) ([12]).

RISPOSTI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**9.11.** *Il-Parlament ifakkar li l-proċeduri ta' akkwist pubbliku u l-pagamenti konsegwenti li jsiru mill-partiti politiċi fil-livell Ewropew (minn issa 'l quddiem "il-partiti") jistgħu jitqabblu biss b'mod limitat mal-proċeduri ta' akkwist u l-pagamenti li jsiru direttament mill-uffiċjali awtorizzanti tal-istituzzjonijiet. Għalkemm ma jinfluwenzax direttament il-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti tal-partijiet, l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament jipprovdilhom appoġġ estensiv. Madankollu, ir-responsabilità għat-tranżazzjonijiet finanzjarji tagħhom tibqa' f'idejn il-partiti.*

([10]) Ir-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi f'livell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom (ĠU L 297, 15.11.2003, p. 1) kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1524/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 343, 27.12.2007, p. 5) u d-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Marzu 2004 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-Parlament Ewopew u tal-Kunsill dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi fuq livell Ewropew u r-regoli dwar l-iffinanzjar tagħhom (ĠU C 112, 9.4.2011, p. 1).

([11]) Organizzazzjonijiet affiljati huma definiti kif ġej: iridu jkunu rikonoxxuti uffiċjalment mill-partit Ewropew ikkonċernat; iridu jkunu elenkati fl-istatuti tal-partit jew il-kollaborazzjoni bejn il-partit u l-organizzazzjoni affiljata trid tkun ibbażata fuq sħubija fattwali stabbilita; il-partiti jkunu meħtieġa jiddeskrivu tali "affiljazzjoni" fl-istadju tal-applikazzjoni għall-għotja.

([12]) Ara wkoll l-Opinjoni Nru 1/2013 tagħna dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 fir-rigward tal-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej (ĠU C 67, 7.3.2013, p. 1).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 9.1 – Dgħufijiet fil-kontrolli tal-Parlament Ewropew fuq l-għotjiet operattivi mħallsa lill-partiti politiċi Ewropej**

Il-Parlament Ewropew ma żgurax li l-ispejjeż rimborżati minn partit politiku lil organizzazzjonijiet affiljati, iġġarrbu tassew. Barra minn hekk, f'każ minnhom inqabeż il-limitu massimu ta' EUR 60 000 għal appoġġ finanzjarju lil organizzazzjoni affiljata individwali ([13]).

Il-Parlament Ewropew ma ħax l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jiżgura li kuntratti ffirmati minn partiti politiċi jingħataw wara s-sottomissjoni xierqa ta' offerti. Fi proċedura ta' akkwist minnhom, partit politiku ma setax juri għalkollox li l-kuntratt ngħata lill-offerta li kienet l-aktar ekonomikament vantaġġuża. F'każ ieħor, ma kien hemm l-ebda evidenza dokumentata li l-għoti ta' kuntratt irriżulta minn proċedura tal-offerti.

RISPOSTI TAL-PARLAMENT EWROPEW

***Kaxxa 9.1 – Dgħufijiet fil-kontrolli tal-Parlament Ewropew tal-għotjiet operattivi mħallsa lill-partiti politiċi Ewropej***

*L-appoġġ finanzjarju lil organizzazzjonijiet affiljati li jaqbeż il-limitu massimu ta' EUR 60 000 ġie aċċettat biss għall-perjodu tranżitorju tas-sena finanzjarja 2013, peress li r-regolament finanzjarju kien għadu kif daħal fis-seħħ u l-interpretazzjoni tar-regoli dwar appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi ġiet stabbilizzata biss matul is-sena. Mill-2014 'il quddiem, l-ebda eċċess ta' dan it-tip mhux se jibqa' jiġi aċċettat bħala spejjeż eliġibbli. B'segwitu għar-rimarki preliminari tal-Qorti, il-Parlament iċċara r-rekwiżiti għal appoġġ finanzjarju ta' organizzazzjonijiet affiljati u għall-akkwist fil-verżjoni riveduta tal-*Gwida dwar l-għotjiet operattivi mogħtija mill-PE lill-partiti u l-fondazzjonijiet fil-livell Ewropew *tal-1 ta' Ġunju 2015. Kjarifiki ulterjuri se jiġu ppreżentati biex jiġu adottati mill-Bureau tal-Parlament Ewropew fil-qafas tal-għeluq tal-kontijiet tal-partiti u l-fondazzjonijiet għas-sena finanzjarja 2014.*

## Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

9.12. Aħna sibna dgħufijiet f'4 każijiet mill-15 il-proċedura ta' akkwist eżaminata. Fi tlieta minn dawn il-każijiet, il-KESE ma vvalutax b'mod xieraq jekk l-offerti kinux jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa u għamel żbalji klerikali fil-valwazzjoni tal-offerti sottomessi mill-offerenti. Fir-raba' każ, il-KESE ma applikax b'mod xieraq il-kriterji ta' esklużjoni għall-għoti tal-kuntratt.

IR-RISPOSTA TAL-KUMITAT EKONOMIKUU SOĊJALI

**9.12** *Id-dgħufijiet imsemmija kienu fil-biċċa l-kbira ta' natura formali u, b'żewġ eċċezzjonijiet, ma kellhomx effett fuq l-eżitu tal-proċedura ta' akkwist. L-osservazzjonijiet tal-Qorti jikkonċernaw kuntratti ta' akkwist li ngħataw minn direttorati oħra minbarra d-direttorat tal-loġistika tal-KESE (dan tal-aħħar huwa kondiviż bejn il-KESE u l-Kumitat tar-Reġjuni u, għal ħafna snin, jibbenefika minn servizz speċjalizzat biex jassisti lil atturi finanzjarji fil-proċeduri ta' akkwist tagħhom). Il-KESE dan l-aħħar nieda servizz ta' appoġġ simili għall-akkwist pubbliku biex jgħin direttorati oħra minbarra d-direttorat tal-loġistika. Dan is-servizz issa jinkludi żewġ uffiċjali u huwa operattiv kompletament*

([13]) L-Artikolu 210 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Istituzzjonijiet u korpi oħra

9.13. Bħal fi snin preċedenti, aħna qbadna għadd żgħir ta' żbalji relatati mal-kalkolu tal-ispejjeż għall-persunal u xi dgħufijiet fil-ġestjoni tal-allowances tal-familja fil-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE). Innutajna wkoll dgħufijiet fil-kalkolu ta' spejjeż għall-persunal li jirriżultaw mill-operat ta' ftehimiet dwar il-livell ta' servizz bejn il-PMO u l-istituzzjonijiet u l-korpi ([14]).

RISPOSTI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**9.13.** *Il-Parlament ħa nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti. Sa tmiem l-2014, il-Parlament kien diġà kkoreġa retrospettivament l-ammonti tal-allowances ikkonċernati mill-każijiet identifikati mill-Qorti tal-Awdituri. Id-djun ġew irkuprati matul l-ewwel semestru tal-2015. L-introduzzjoni fil-Parlament fil-futur qarib tas-sistema Sysper 2, li diġà tintuża mill-istituzzjonijiet l-oħra għall-ġestjoni tar-riżorsi umani, se tippermetti t-trasferiment awtomatiku ta' data lejn is-sistema NAP (is-sistema li tintuża għall-ħlas tas-salarji u l-allowances lill-persunal), filwaqt li jiġu evitati l-iżbalji umani li jistgħu jiġru waqt trasferiment manwali tad-data.*

IR-RISPOSTA MILL-KUNSILL

**9.13.** *Il-Kunsill jikkunsidra li hu f'konformità shiha. Madankollu, ser tingħata aktar attenzjoni għat-tisħiħ tal-proċeduri għall-kontroll tal-allowances tal-familja.*

RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**9.13.** *Ittieħdu miżuri biex jiġu kkoreġuti d-dgħufijiet skoperti.*

*Minn Frar tal-2013 (aġġornat f'Awwissu 2014) ġiet implimentata proċedura ġdida mill-PMO: id-drittijiet huma mogħtija fuq bażi proviżorja (fis-sena n) għal perjodu ta' żmien limitat (n + 2).*

*Wara l-iżviluppi meħtieġa tas-sistema tal-informazzjoni SysPer (ipprogrammata għall-2015-2016), is-segwitu tas-sitwazzjoni familjari tal-aġenti se ssir b'mod sistematiku mis-sistema fuq bażi regolari u permezz ta' notifiki mibgħuta awtomatikament lill-persunal.*

*Dwar in-nuqqasijiet fil-kalkolu tal-kostijiet tal-persunal għall-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra, ta' min jinnota li l-kwalità tal-kontrolli mwettqa mis-servizzi kkonċernati (PMO) tiddependi fuq is-setgħat tal-Awtorità tal-Ħatra (AIPN) iddelegati fid-diversi Ftehimiet dwar il-Livell ta' Servizz.*

([14]) L-awditu tal-aġenziji tal-UE żvela xi żbalji fil-kalkolu tas-salarji li jirriżultaw minn informazzjoni żbaljata mibgħuta mill-aġenziji lill-PMO fil-kuntest tat-tranżizzjoni għar-Regolamenti tal-Persunal tal-UE 2004 riveduti.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Il-Qorti tal-Awdituri

9.14. Ir-rapport tal-awditur estern ([15]) jiddikjara li, "ir-rapporti finanzjarji jagħtu stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-31 ta' Diċembru 2014, tal-prestazzjoni finanzjarja u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar".

## KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

## Il-konklużjoni għall-2014

9.15. B'mod kumplessiv, l-evidenza għall-awditjar tindika li l-infiq fuq "Amministrazzjoni" mhuwiex milqut minn livell materjali ta' żball. Għal dan il-qasam tal-intestatura tal-QFP, l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jindika li l-livell ta' żball stmat li huwa preżenti fil-popolazzjoni huwa ta' 0,5 % (ara l-***Anness 9.1***).

## Rakkomandazzjonijiet

9.16. L-***Anness 9.2*** juri r-riżultat tal-analiżi tagħna tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2011 u 2012, aħna ppreżentajna 10 rakkomandazzjonijiet. Minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, tnejn ma ġewx analizzati din is-sena fid-dawl tal-approċċ, b'sistema ta' rotazzjoni, tagħna ([16]). L-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati implimentaw ħames rakkomandazzjonijiet fil-biċċa l-kbira tal-aspetti u tlieta ġew implimentati f'xi aspetti.

9.17. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2014, aħna nirrakkommandaw li:

— **Rakkomandazzjoni 1:** il-Parlament Ewropew isaħħaħ il-kontrolli tiegħu fuq l-ispejjeż rimborżati mill-partiti politiċi Ewropej lill-organizzazzjonijiet affiljati tagħhom. Barra minn hekk, li l-Parlament Ewropew jiżviluppa regoli xierqa dwar l-akkwist pubbliku għall-partiti politiċi u li jimmonitorja l-applikazzjoni tagħhom permezz ta' kontrolli xierqa u gwida aħjar (ara l-paragrafu 9.11);

**9.17.**

RISPOSTI TAL-PARLAMENT EWROPEW

*Ara t-tweġiba għall-paragrafu 9.11.*

([15]) Ara r-rapport tal-awditur estern dwar ir-rapporti finanzjarji msemmija fil-paragrafu 9.6.

([16]) Ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

— **Rakkomandazzjoni 2:** il-KESE jtejjeb it-tfassil, il-koordinazzjoni u t-twettiq ta' proċeduri ta' akkwist permezz ta' kontrolli xierqa u gwida aħjar (ara l-paragrafu 9.12);

IR-RISPOSTA TAL-KUMITAT EKONOMIKUU SOĊJALI

*Jekk jogħġbok irreferi għall-kummenti tal-KESE dwar il-punt 9.12.*

RISPOSTI TAL-PARLAMENT EWROPEW

— **Rakkomandazzjoni 3:** l-istituzzjonijiet u l-korpi jtejbu s-sistemi ta' monitoraġġ tagħhom għall-aġġornament f'waqtu tas-sitwazzjoni personali tal-membri tal-persunal, li jista' jkollu impatt fuq il-kalkolu tal-allowances tal-familja (ara l-paragrafu 9.13).

*Ara t-tweġiba għall-paragrafu 9.11.*

RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u diġà ħadet miżuri biex ittejjeb is-sistema ta' monitoraġġ fis-seħħ. Barra minn hekk se jiġi żgurat segwitu sistematiku dwar is-sitwazzjoni tal-familja tal-persunal fil-futur qrib (2015/2016). Jekk jogħġbok ara t-tweġiba għall-paragrafu 9.13.*

ANNESS 9.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦAL "AMMINISTRAZZJONI"*

| | 2014 | 2013 [1] |
|---|---|---|
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet: | **129** | 135 |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | |
| Livell ta' żball stmat | **0,5 %** | 1,1 % |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | 0,9 % | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | 0,1 % | |

[1] Iċ-ċifri għall-2013 ġew ikkalkulati mill-ġdid biex jaqblu mal-istruttura tar-Rapport Annwali 2014 u biex b'hekk ikun jista' jsir tqabbil bejn is-sentejn. Il-***Graff 1.3*** tal-Kapitolu 1 tippreżenta kif ir-riżultati tal-2013 ġew ikklassifikati mill-ġdid ibbażat fuq l-istruttura tar-Rapport Annwali 2014.

ANNESS 9.2

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦAL "AMMINISTRAZZJONI"*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Istituzzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli (*) | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2012 | **Rakkomandazzjoni 1 (Il-Parlament Ewropew):**<br>*Akkwist*<br>Il-Parlament Ewropew għandu jiżgura li l-uffiċjali awtorizzanti jtejbu t-tfassil, il-koordinazzjoni u l-prestazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist permezz ta' kontrolli xierqa u gwida aħjar (ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafi 9.12 u 9.19, u r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafi 9.15 sa 9.17 u 9.34). | | L-awditu sab dgħufijiet fil-proċeduri ta' akkwist (ara l-paragrafu 9.11). | | | | | *Ara t-tweġiba t'hawn fuq għall-paragrafu 9.11.*<br>*L-osservazzjoni tal-Qorti fil-paragrafu 9.11 għandha speċifikament x'taqsam mal-akkwist min-naħa tal-partiti politiċi.* |
| | **Rakkomandazzjoni 2 (Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill):**<br>*Akkwist*<br>Il-Kunsill għandu jiżgura li l-uffiċjali awtorizzanti jtejbu t-tfassil, il-koordinazzjoni u l-prestazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist permezz ta' kontrolli xierqa u gwida aħjar (ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafi 9.14 u 9.19 u r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafu 9.18). | | X | | | | | *Il-proċess ta' akkwist tal-Kunsill ġie msaħħaħ, eż. permezz ta' kontrolli mtejba fuq l-adegwatezza tan-nefqa, reviżjoni tar-Regoli Interni dwar il-bini, provvisti, servizzi u kuntratti ta' xogħlijiet, mudelli mtejba, taħriġ immirat u l-iżvilupp ta' aktar gwida.* |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 3 (Il-Parlament Ewropew):**<br>*Aġġornament tas-sitwazzjoni personali u tal-allowances riċevuti mill-persunal*<br>Il-Parlament Ewropew għandu jieħu passi biex jiżgura li l-persunal jibgħat, f'intervalli xierqa, dokumenti li jikkonfermaw is-sitwazzjoni personali tiegħu u għandu jimplimenta sistema għall-monitoraġġ f'waqtu ta' dawn id-dokumenti (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafi 9.12 u 9.34). | | | L-awditu sab li baqgħu jippersistu dgħufijiet fil-ġestjoni tal-allowances tal-familja (ara l-paragrafu 9.13). | | | | *Ara t-tweġiba t'hawn fuq għall-paragrafu 9.13.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Istituzzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli (*) | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 4 (Il-Kummissjoni):**<br>*Aġġornament tas-sitwazzjoni personali u tal-allowances riċevuti mill-persunal*<br>Il-Kummissjoni għandha tieħu passi biex tiżgura li l-persunal jibgħat, f'intervalli xierqa, dokumenti li jikkonfermaw is-sitwazzjoni personali tiegħu u għandha timplimenta sistema għall-monitoraġġ f'waqtu ta' dawn id-dokumenti (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafi 9.19 u 9.34). | | | L-awditu sab li baqgħu jippersistu dgħufijiet fil-ġestjoni tal-allowances tal-familja (ara l-paragrafu9.13). | | | | *Il-Kummissjoni ħadet miżuri biex ittejjeb is-sistema ta' monitoraġġ fis-seħħ. Barra minn hekk se jiġi żgurat segwitu sistematiku dwar is-sitwazzjoni tal-familja tal-persunal fil-futur qrib (2015/2016). Jekk jogħġbok ara t-tweġiba għall-paragrafu 9.13.* |
| | **Rakkomandazzjoni 5 (Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna):**<br>*Aġġornament tas-sitwazzjoni personali u tal-allowances riċevuti mill-persunal*<br>Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandu jieħu passi biex jiżgura li l-persunal jibgħat, f'intervalli xierqa, dokumenti li jikkonfermaw is-sitwazzjoni personali tiegħu u għandu jimplimenta sistema għall-monitoraġġ f'waqtu ta' dawn id-dokumenti (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafi 9.25 u 9.34). | | | L-awditu sab li baqgħu jippersistu dgħufijiet fil-ġestjoni tal-allowances tal-familja (ara l-paragrafu9.13). | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 6 (Il-Parlament Ewropew):**<br>*Reklutaġġ ta' persunal temporanju u kuntrattwali*<br>Il-Parlament Ewropew għandu jieħu passi biex jiżgura li d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti rilevanti jiġu applikati fil-konklużjoni, l-estensjoni jew il-modifika ta' kuntratti tal-impjieg ma' persunal mhux permanenti (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafi 9.13 u 9.34). | | X | | | | | *L-azzjonijiet rikjesti ġew implimentati. Il-Parlament hu tal-fehma li l-proċeduri ta' reklutaġġ tiegħu huma adegwati, u s'issa dan ġie kkonfermat mill-fatt li l-Qorti ma sabet xejn f'dan il-qasam matul l-aħħar tliet snin.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Istituzzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli (*) | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 7 (Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew):**<br>*Reklutaġġ ta' persunal temporanju u kuntrattwali*<br>Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandu jieħu passi biex jiżgura li d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti rilevanti jiġu applikati fil-konklużjoni, l-estensjoni jew il-modifika ta' kuntratti tal-impjieg ma' persunal mhux permanenti (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafi 9.23, 9.24 u 9.34). | | X | | | | | *Deċiżjonijiet u linji gwida ġodda rigward ir-reklutaġġ u l-klassifikazzjoni ta' persunal temporanju u persunal kuntrattwali ġew implimentati matul l-2014. Il-ġestjoni ta' postijiet issa ssir b'mod elettroniku, bl-użu tas-Sysper2. Tingħata attenzjoni speċjali għat-trasparenza tal-proċeduri tal-għażla.* |
| | **Rakkomandazzjoni 8 (Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna):**<br>*Reklutaġġ ta' persunal temporanju u kuntrattwali*<br>Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandu jieħu passi biex jiżgura li d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti rilevanti jiġu applikati fil-konklużjoni, l-estensjoni jew il-modifika ta' kuntratti tal-impjieg ma' persunal mhux permanenti (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafi 9.26 u 9.34). | | | | | X (*) | | |
| | **Rakkomandazzjoni 9 (Il-Kummissjoni):**<br>*Akkwist*<br>Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-uffiċjali awtorizzanti jtejbu t-tfassil, il-koordinazzjoni u l-prestazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist permezz ta' kontrolli xierqa u gwida aħjar (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafi 9.20, 9.21 u 9.34). | | X | | | | | *Is-servizzi kkonċernati implimentaw minn nofs l-2011 bosta miżuri ta' simplifikazzjoni fil-qasam tal-akkwist bil-ħsieb li tissaħħah il-kwalità tal-fajls tas-sejħiet għall-offerti. Filwaqt li tiġi żgurata konformità mar-Regolament Finanzjarju, tajjeb li jiġi applikat is-sens komun li jiffavorixxi il-parteċipazzjoni ta' aktar offerenti.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Istituzzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli (*) | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 10 (Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna):**<br>*Akkwist*<br>Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandu jiżgura li l-uffiċjali awtorizzanti jtejbu t-tfassil, il-koordinazzjoni u l-prestazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist permezz ta' kontrolli xierqa u gwida aħjar (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafi 9.28 u 9.34). | | | | | X (*) | | |

(*) Taħt l-approċċ għar-rotazzjoni tal-eżaminar approfondit tas-sistemi ta' kontroll fost l-istituzzjonijiet u l-korpi, is-segwitu ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet se jitwettaq fis-snin li ġejjin.

# RAPPORT ANNWALI DWAR L-ATTIVITAJIET IFFINANZJATI MIT-8, MID-9, MILL-10 U MILL-11-IL FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP (FEŻ)

(2015/C 373/02)

**Rapport annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ)**

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Introduzzjoni | 1-12 |
| Karatteristiċi speċifiċi tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp | 2-12 |
| Riskji għar-regolarità | 8-12 |
| Kapitolu I — Implimentazzjoni tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ | 13-19 |
| Implimentazzjoni finanzjarja | 13-19 |
| Kapitolu II — Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti dwar il-FEŻ | 20-46 |
| Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti dwar it-8, id-9, l-10 u l-11-il FEŻ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Rapport tal-awditur indipendenti | I-IX |
| Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni | 20-46 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 20-23 |
| Affidabbiltà tal-kontijiet | 24-25 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 26-35 |
| Eżaminar tas-sistemi u tar-rapporti annwali tal-attività magħżula | 36-46 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 47-50 |
| Il-konklużjoni għall-2014 | 47-48 |
| Rakkomandazzjonijiet | 49-50 |

Anness 1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għall-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

Anness 2 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għall-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

1. Dan ir-rapport annwali jippreżenta l-valutazzjoni tagħna tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ). Informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq fl-2014 tingħata fil-***Graff 1***.

**Graff 1 — Fondi Ewropej għall-Iżvilupp — Informazzjoni ewlenija 2014**




*(EUR miljun)*

| | |
|---|---|
| Total tan-nefqa operazzjonali (Proġetti) | 2 685 |
| Total tan-nefqa operazzjonali (Appoġġ baġitarju) | 794 |
| Total tan-nefqa amministrattiva ([1]) | 102 |
| **Total tal-pagamenti** | **3 581** |
| *- pagamenti bil-quddiem* | *2 105* |
| *+ approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem* | *1 597* |
| **Popolazzjoni awditjata** | **3 073** |
| **Total tal-impenji individwali** ([2]) | **3 380** |
| **Total tal-impenji globali** ([2]) | **621** |

([1]) Kontribuzzjoni mill-FEŻ biex jiġi kopert l-infiq imġarrab kemm fil-Kummissjoni u fid-Delegazzjonijiet tal-UE fuq l-appoġġ amministrattiv meħtieġ biex jiġu mmaniġġjati operazzjonijiet iffinanzjati taħt il-FEŻ.

([2]) Impenji globali huma relatati ma' deċiżjonijiet ta' finanzjament. Impenji individwali huma relatati ma' kuntratti individwali.

*Sors*: Il-kontijiet konsolidati 2014 tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Karatteristiċi speċifiċi tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

2. Mill-1958 'l hawn, il-FEŻ kienu l-istrument prinċipali għall-għoti ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u lill-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej (PTEE). Il-ftehim ta' sħubija ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 għal perjodu ta' 20 sena ("il-Ftehim ta' Cotonou") huwa l-qafas attwali għar-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-Istati AKP u l-PTEE. Il-fokus prinċipali tiegħu huwa fuq it-tnaqqis u eventwalment il-qirda tal-faqar.

3. Il-FEŻ għandhom natura partikolari:

(a) huma ffinanzjati mill-Istati Membri skont koeffiċjenti tal-kontribuzzjoni ([1]) ssettjati fi ftehim intern bejn il-gvernijiet tal-Istati Membri, li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, li huma differenti minn dawk għall-baġit ġenerali tal-UE;

(b) huma mmaniġġjati mill-Kummissjoni Ewropea, barra mill-qafas tal-baġit ġenerali tal-UE u mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI);

(c) minħabba n-natura intergovernattiva tal-FEŻ, il-Parlament Ewropew għandu rwol aktar limitat fil-funzjonament tagħhom milli għandu għall-istrumenti tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-UE: notevolment, huwa ma jinterveniex fl-istabbiliment u l-allokazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ. Madankollu, il-Parlament Ewropew huwa l-awtorità ta' kwittanza, minbarra għall-Faċilità ta' Investiment immaniġġjata mill-BEI ([2]) ([3]).

---

([1]) Għal kull FEŻ, il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru jiġi definit bħala perċentwal tal-ammont totali tar-riżorsi.

([2]) Ara l-Artikoli 43, 48–50 u 58 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 567/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 215/2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp fir-rigward tal-applikazzjoni tal-perjodu ta' transizzjoni bejn l-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Intern dwar il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 157, 27.5.2014, p. 52). Ara wkoll l-Opinjoni Nru 9/2007 tal-Qorti dwar il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU C 23, 28.1.2008), il-paragrafi 5 u 6.

([3]) Fl-2012, ftehim tripartitiku bejn il-BEI, il-Kummissjoni u l-Qorti (l-Artikolu 134 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 (ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1)) stabbilixxa regoli għall-awditu ta' dawn l-operazzjonijiet mill-Qorti. Il-Faċilità ta' Investiment mhijiex koperta mid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti.

4. Kull FEŻ huwa rregolat mir-Regolament Finanzjarju tiegħu stess. Il-Qorti ssuġġeriet f'bosta okkażjonijiet li Regolament Finanzjarju uniku, applikabbli għall-FEŻ kollha attwali u futuri, ikun jiżgura l-kontinwità, mingħajr ir-riskju li tiġi interrotta l-implimentazzjoni tal-FEŻ, u jissimplifika l-ġestjoni ([4]).

5. Filwaqt li r-Regolamenti Finanzjarji tal-FEŻ ġew allinjati progressivament mar-Regolament Finanzjarju Ġenerali ([5]), għad fadal differenzi sinifikanti. Differenza waħda prinċipali hija li l-prinċipju tal-annwalità ma japplikax għall-FEŻ: Ftehimiet tal-FEŻ normalment jiġu konklużi għal perjodu ta' impenn ta' bejn ħames u seba' snin, u l-pagamenti jistgħu isiru fuq perjodu ħafna itwal. Fl-2014, l-infiq sar taħt erba' FEŻ simultanjament, u l-pagamenti xorta waħda saru taħt it-8 FEŻ li nfetaħ fl-1995.

6. Il-FEŻ huma mmaniġġjati kważi kollha kemm huma mid-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp (EuropeAid), li jimmaniġġja wkoll firxa wiesgħa ta' nfiq mill-baġit tal-UE ([6]) ([7]).

7. L-interventi tal-FEŻ jiġu implimentati permezz ta' proġetti u appoġġ baġitarju ([8]) taħt erba' arranġamenti prinċipali. Fl-2014, 38 % tal-pagamenti saru taħt ġestjoni diretta, li minnhom 22 % tat-total kienu relatati ma' appoġġ baġitarju. It-62 % li kien jifdal saru taħt ġestjoni indiretta, li minnhom 32 % permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, 25 % permezz ta' pajjiżi terzi u 5 % permezz ta' korpi nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE ([9]).

---

([4]) Ara l-Opinjoni Nru 3/2013 tal-Qorti dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU C 370, 17.12.2013), il-paragrafu 6.

([5]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

([6]) Id-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili (ECHO) immaniġġja 3,4 % tal-infiq 2014 mill-FEŻ.

([7]) Ara l-Kapitolu 8 "Ewropa Globali" tar-Rapport Annwali 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE.

([8]) L-appoġġ baġitarju jinvolvi t-trasferiment ta' fondi mill-Kummissjoni għat-teżor nazzjonali tal-pajjiż sieħeb. Huwa jipprovdi riżorsi baġitarji addizzjonali biex tiġi appoġġata strateġija għall-iżvilupp nazzjonali.

([9]) Taħt ġestjoni diretta, l-għajnuna tiġi implimentata direttament mill-Kummissjoni (l-uffiċċju principali jew id-delegazzjonijiet). Taħt ġestjoni indiretta, l-implimentazzjoni tiġi delegata lil pajjiż terz (dik li qabel kienet ġestjoni deċentralizzata), lil organizzazzjoni internazzjonali (dik li qabel kienet ġestjoni kondiviża), jew lil korp nazzjonali, bħall-aġenziji tal-iżvilupp tal-Istati Membri tal-UE (dik li qabel kienet ġestjoni ċentralizzata).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Riskji għar-regolarità*

8. L-infiq kopert f'dan ir-rapport jitwassal bl-użu ta' firxa wiesgħa ta' metodi, implimentati f'79 pajjiż. Ir-regoli u l-proċeduri spiss huma kumplessi, inklużi dawk għas-sejħiet għall-offerti u l-għoti ta' kuntratti. In-nuqqas ta' Regolament Finanzjarju awtonomu u faċli għall-utent għall-11-il FEŻ iżid b'mod sinifikanti din il-kumplessità ([10]).

9. F'żewġ oqsma — appoġġ baġitarju ([11]) u kontribuzzjonijiet mill-UE għal proġetti multidonatur imwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali ([12]) bħan-Nazzjonijiet Uniti (NU) — in-natura tal-istrumenti u tal-kundizzjonijiet għal pagament jillimitaw il-punt sa fejn it-tranżazzjonijiet huma suxxettibbli għal żbalji.

10. L-appoġġ baġitarju jikkontribwixxi għall-baġit ġenerali ta' stat jew għall-baġit tiegħu għal politika speċifika jew objettiv speċifiku Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni kkonformatx mal-kundizzjonijiet speċifiċi biex isiru pagamenti għall-appoġġ baġitarju lill-pajjiż sieħeb ikkonċernat u jekk ivverifikatx li kien hemm konformità mal-kundizzjonijiet ġenerali ta' eliġibbiltà (bħal progress sodisfaċenti fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi).

11. Madankollu, id-dispożizzjonijiet legali joffru ambitu wiesa' għall-interpretazzjoni u l-Kummissjoni għandha flessibbiltà konsiderevoli biex tiddeċiedi jekk dawn il-kundizzjonijiet ġenerali ġewx issodisfati. L-awditu tagħna tar-regolarità ma jistax imur lil hinn mill-istadju li fih l-għajnuna titħallas lill-pajjiż sieħeb. Il-fondi trasferiti mbagħad jingħaqdu mar-riżorsi baġitarji tal-pajjiż riċevitur. Kwalunkwe dgħufija fil-ġestjoni finanzjarja tiegħu mhijiex se tiġġenera żbalji fl-awditu tagħna tar-regolarità.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**8.** *Il-11-il FEŻ huwa rregolat mir-Regolament Finanzjarju (RF) (Regolament (UE) 2015/323) tiegħu stess adottat mill-Kunsill fit-2 ta' Marzu 2015. Is-simplifikazzjoni reali tinkiseb permezz tal-allinjament tar-RF għall-Baġit Ġenerali, li r-RF tal-11-il FEŻ kiseb permezz ta' referenzi trasparenti u ċari għar-RF għall-Baġit Ġenerali u r-Regoli tal-Applikazzjoni tiegħu (RAP). B'dan il-mod, ir-RF tal-11-il FEŻ jiżgura mhux biss il-koerenza fil-proċeduri finanzjarji applikabbli u effiċjenza akbar, iżda jippermetti wkoll tnaqqis fir-riskji u żbalji.*

*Ir-regoli u l-mudelli għall-preżentazzjoni ta' offerti u l-għoti ta' kuntratti għal kemm il-Baġit Ġenerali kif ukoll il-FEŻ miġbura fil-Gwida prattika għall-Akkwisti u l-Għotjiet (PRAG) żviluppati minn DĠ DEVCO, huma ġeneralment imfaħħra mill-federazzjonijiet Ewropej tal-kuntratturi.*

([10]) Ara l-Opinjoni Nru 3/2013 tal-Qorti dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, il-paragrafi 3 u 4.

([11]) Pagamenti gross għall-appoġġ baġitarju li saru mill-FEŻ fl-2014 ammontaw għal EUR 794 miljun.

([12]) Pagamenti gross mill-FEŻ fl-2014 għal proġetti multidonatur imwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali ammontaw għal EUR 776 miljun.

12. Meta l-kontribuzzjonijiet mill-Kummissjoni għal proġetti b'multidonaturi jinġabru flimkien ma' dawk ta' donaturi oħra u ma jiġux assenjati għal partiti identifikabbli speċifiċi tal-infiq, il-Kummissjoni tassumi li jkun hemm konformità mar-regoli ta' eliġibbiltà tal-UE dment li l-ammont totali miġbur flimkien ikun jinkludi biżżejjed infiq eliġibbli biex ikopri l-kontribuzzjoni mill-UE. Dan huwa dak li l-Kummissjoni ssejjaħ l-"approċċ nozzjonali". L-approċċ nozzjonali applikat mill-Kummissjoni jillimita x-xogħol tal-awdituri f'każ ta' kontribuzzjoni sostanzjali ta' donaturi oħra, li l-Kummissjoni mbagħad tqis bħala suffiċjenti biex tkopri kwalunkwe nfiq ineliġibbli li għandna mnejn inkunu sibna.

## KAPITOLU I — IMPLIMENTAZZJONI TAT-8, TAD-9, TAL-10 U TAL-11-IL FEŻ

### Implimentazzjoni finanzjarja

13. It-8 FEŻ (1995–2000) jammonta għal EUR 12 840 miljun u d-9 FEŻ (2000–2007) għal EUR 13 800 miljun. L-10 FEŻ (2008–2013) jammonta għal total ta' EUR 22 682 miljun. Minn dan l-ammont, EUR 21 966 miljun jiġu allokati għall-pajjiżi AKP u EUR 286 miljun għall-PTEE. Dawn is-somom jinkludu, rispettivament, EUR 1 500 miljun u EUR 30 miljun għall-Faċilità ta' Investiment immaniġġjata mill-BEI, prinċipalment għall-appoġġ lis-settur privat fil-pajjiżi AKP u l-PTEE. Fl-aħħar nett, EUR 430 miljun jiġu assenjati għall-infiq tal-Kummissjoni għall-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-FEŻ.

14. Il-Ftehim Intern li jistabbilixxi l-11-il-FEŻ ([13]) ġie adottat f'Awwissu 2013. Huwa daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2015 wara ratifika mill-Istati Membri kollha tal-UE. Il-11-il FEŻ jammonta għal total ta' EUR 30 506 miljun ([14]), li minnhom EUR 29 089 huma allokati għall-pajjiżi AKP u EUR 365 miljun għall-PTEE.

([13]) ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.
([14]) Inklużi EUR 1 139 miljun immaniġġjati mill-BEI.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

15. Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-fondi bejn Jannar 2014 u d-dħul fis-seħħ tal-11-il FEŻ, miżuri ta' tranżizzjoni, magħrufa bħala l-"Faċilità ta' Tranżizzjoni", ġew adottati mill-Kunsill f'Diċembru 2013 ([15]). Ir-riżorsi disponibbli taħt il-Faċilità ta' Tranżizzjoni fl-2014 ammontaw għal EUR 1 616-il miljun. Dawn kienu ffinanzjati minn:

— fondi diżimpenjati mit-8 u mid-9 FEŻ sal-31 ta' Diċembru 2013 (EUR 936 miljun),

— bilanċi mhux impenjati mill-10 FEŻ fil-31 ta' Diċembru 2013 (EUR 75 miljun),

— fondi diżimpenjati fl-2014 mill-10 FEŻ u FEŻ preċedenti (EUR 586 miljun), u

— imgħax u rikavati oħra (EUR 19-il miljun).

Dawn huma kkontabilizzati taħt il-11-il FEŻ, iżda ma jikkostitwixxux riżorsi addizzjonali għall-11-il-FEŻ.

16. It-***Tabella 2*** turi l-użu, matul l-2014 u b'mod kumulattiv, tar-riżorsi tal-FEŻ.

([15]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/759/UE tat-12 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri ta' tranżizzjoni tal-ġestjoni tal-FEŻ mill-1 ta' Jannar 2014 sad-dħul fis-seħħ tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 335, 14.12.2013, p. 48).

**Tabella 2 – Użu tar-riżorsi tal-FEŻ sal-31 ta' Diċembru 2014**

*(EUR miljun)*

| | Sitwazzjoni fi tmiem l-2013 | | Implimentazzjoni baġitarja matul is-sena finanzjarja 2014 (nett) (6) | | | | | Sitwazzjoni fi tmiem l-2014 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Ammont totali** | Rata ta' implimentazzjoni (2) | It-8 FEŻ (3) | Id-9 FEŻ (3) | L-10 FEŻ | Il-11-il FEŻ | **Ammont totali** | It-8 FEŻ | Id-9 FEŻ | L-10 FEŻ | Il-11-il FEŻ | ***Ammont totali*** | *Rata ta' implimentazzjoni (2)* |
| **A – RIŻORSI** (1) | **49 026** | | ***- 64*** | ***- 373*** | ***- 1 105*** | ***1 616*** | ***74*** | ***10 417*** | ***15 739*** | ***21 328*** | ***1 616*** | ***49 100*** | |
| **B – UŻU** | | | | | | | | | | | | | |
| 1. **Impenji globali** (4) | **47 952** | **97,8 %** | ***- 63*** | ***- 381*** | ***- 95*** | ***1 160*** | ***621*** | ***10 415*** | ***15 703*** | ***21 294*** | ***1 160*** | ***48 573*** | **98,9 %** |
| 2. **Impenji individwali** (5) | **41 410** | **84,5 %** | ***- 37*** | ***- 1*** | ***2 687*** | ***731*** | ***3 380*** | ***10 400*** | ***15 407*** | ***18 252*** | ***731*** | ***44 790*** | **91,2 %** |
| 3. **Pagamenti** | **35 384** | **72,2 %** | ***16*** | ***145*** | ***2 760*** | ***595*** | ***3 516*** | ***10 379*** | ***14 941*** | ***12 985*** | ***595*** | ***38 900*** | **79,2 %** |
| **C – Impenji pendenti (B1-B3)** | **12 568** | **25,6 %** | | | | | | ***36*** | ***762*** | ***8 309*** | ***565*** | ***9 673*** | **19,7 %** |
| **D – Bilanċ disponibbli (A-B1)** | **1 074** | **2,2 %** | | | | | | ***2*** | ***36*** | ***34*** | ***456*** | ***527*** | **1,1 %** |

(1) Jinkludu allokazzjonijiet inizjali għat-8, għad-9, għall-10 u għall-11-il FEŻ, kofinanzjament, imgħax, riżorsi varji u trasferimenti minn FEŻ preċedenti.
(2) Bħala perċentwal tar-riżorsi.
(3) Ammonti negattivi jikkorrispondu ma' diżimpenji.
(4) Impenji globali huma relatati ma' deċiżjonijiet ta' finanzjament.
(5) Impenji individwali huma relatati ma' kuntratti individwali.
(6) Impenji netti wara diżimpenji. Pagamenti netti wara rkupri.

*Sors:* Il-Qorti tal-Awdituri, ibbażat fuq ir-rapporti tal-FEŻ dwar l-implimentazzjoni finanzjarja u r-rapporti finanzjarji fil-31 ta' Diċembru 2014.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

17. Il-livell ta' impenji netti li saru fl-2014 kien baxx b'mod straordinarju (EUR 621 miljun) meta mqabbel mas-snin preċedenti ([16]). Dan kien dovut għad-dewmien tad-dħul fis-seħħ tal-11-il-FEŻ, li llimita r-riżorsi disponibbli għal impenji taħt il-Faċilità ta' Tranżizzjoni. Min-naħa l-oħra, il-pagamenti li saru fl-2014 laħqu ammont għoli storiku (EUR 3 516-il miljun) ([17]), b'mod partikolari minħabba f'EUR 595 miljun imħallsa mill-Faċilità ta' Tranżizzjoni, notevolment għal żborżamenti kbar ta' appoġġ baġitarju u pagamenti bil-quddiem għal operazzjonijiet taħt il-Fond għall-Paċi fl-Afrika fir-Repubblika Ċentru-Afrikana u fis-Somalja.

18. Fi tmiem l-2014, kważi r-riżorsi kollha disponibbli kienu ġew impenjati (98,9 % għal deċiżjonijiet ta' finanzjament, 91,2 % għal kuntratti individwali). Impenji pendenti ([18]) naqsu bi 23 % minn EUR 12,5 biljun fi tmiem l-2013 għal EUR 9,7 biljun fi tmiem l-2014. Dan kien ir-riżultat kemm tal-isforzi li saru mill-EuropeAid biex jitnaqqsu l-impenji pendenti u kien tal-livell baxx ta' deċiżjonijiet ta' finanzjament li saru fl-2014.

19. Għall-qasam sħiħ ta' responsabbiltà tiegħu ([19]), il-EuropeAid segwa l-isforzi tiegħu biex inaqqas prefinanzjamenti antiki u impenji antiki li ma ntnefqux ([20]) u biex inaqqas l-għadd ta' kuntratti miftuħin skaduti ([21]). Fil-biċċa l-kbira nqabżu l-miri għall-2014 issettjati għal prefinanzjamenti antiki u impenji li ma ntnefqux ([22]). Madankollu, filwaqt li l-mira għall-2014 issettjata fir-rigward tas-sehem ta' kuntratti skaduti fuq l-għadd totali ta' kuntratti ġiet kważi ssodisfata għall-portafoll sħiħ tal-EuropeAid ([23]), il-progress kien inqas sodisfaċenti għall-FEŻ ([24]).

---

([16]) 2013: EUR 3 923 miljun; 2012: EUR 3 163 miljun.

([17]) 2013: EUR 2 963 miljun; 2012: EUR 3 209 miljun.

([18]) *Reste à liquider* (RAL).

([19]) Il-FEŻ u l-baġit ġenerali flimkien.

([20]) RAL antiki.

([21]) Kuntratt jitqies li jkun skada jekk ikun għadu miftuħ 18-il xahar wara tmiem il-perjodu operazzjonali tiegħu. Dewmien fl-għeluq tal-kuntratti jżid ir-riskju ta' żbalji ta' regolarità billi għandu mnejn ikun diffiċli li terġa' tinstab id-dokumentazzjoni ta' sostenn jekk ma tkunx ġiet arkivjata kif xieraq u jekk il-persunal ewlieni tal-proġett ikun telaq. Għeluq tardiv ta' kuntratti jista' jdewwem ukoll l-irkupru ta' prefinanzjament li ma ntnefaqx u ta' nfiq ineliġibbli.

([22]) Tnaqqis ta' prefinanzjament miftuħ antik: Inkiseb 46 % (mira ta' 25 %); tnaqqis ta' RAL antiki: Inkiseb 51,24 % (mira ta' 25 %).

([23]) Inkiseb sehem ta' 15,52 % (mira ta' 15 %).

([24]) Minn EUR 5,3 biljun f'kuntratti skaduti, EUR 3,7 biljun (69 %) jikkonċernaw il-FEŻ. Is-sehem ta' kuntratti skaduti fuq l-għadd kollu ta' kuntratti miftuħa kollha tal-FEŻ huwa ta' 25 %, meta mqabbel ma' 15,5 % għall-portafoll sħiħ tal-EuropeAid. Għal 477 (EUR 1,3 biljun) mill-1 528 kuntratt tal-FEŻ skadut (31 % fil-għadd; 35 % fil-valur), il-perjodu operazzjonali skada qabel l-2010.

## KAPITOLU II — ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI TAL-QORTI DWAR IL-FEŻ

### Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti dwar it-8, id-9, l-10 u l-11-il FEŻ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Rapport tal-awditur indipendenti

I — Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 FEŻ fir-rigward tal-applikazzjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni bejn l-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Intern dwar il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, li japplika wkoll għal FEŻ preċedenti, aħna awditjajna:

(a) il-kontijiet annwali tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp li jinkludu l-karta tal-bilanċ, il-kont tar-riżultat ekonomiku, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u t-tabella ta' partiti pagabbli għall-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp u r-rapport dwar l-implimentazzjoni finanzjarja għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014, approvati mill-Kummissjoni fl-24 ta' Lulju 2015; u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet fi ħdan il-qafas legali tal-FEŻ fir-rigward tal-parti tar-riżorsi tal-FEŻ li l-Kummissjoni hija responsabbli għaliha ([25]).

*Responsabbiltà tal-maniġment*

II — Skont l-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u r-Regolamenti Finanzjarji applikabbli ([26]), il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali tal-FEŻ abbażi ta' standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment ([27]) u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-maniġment huwa responsabbli wkoll għall-iżgurar li l-attivitajiet, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni riflessi fir-rapporti finanzjarji jkunu f'konformità mal-awtoritajiet li jirregolawhom. Il-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà aħħarija għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-FEŻ (l-Artikolu 317 tat-TFUE).

*Ir-responsabbiltà tal-awditur*

III — Ir-responsabbiltà tagħna hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna, nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Aħna mexxejna l-awditu tagħna skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li aħna nippjanaw u nwettqu l-awditu biex niksbu aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-FEŻ ikunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

IV — Awditu jinvolvi t-twettiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali tat-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-FEŻ, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jsiru dawk il-valutazzjonijiet tar-riskju, il-kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, u s-sistemi ta' superviżjoni u kontroll implimentati biex jiżguraw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi jitqiesu sabiex jitfasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi, iżda mhux għall-iskopijiet li tiġi espressa opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll intern. Awditu jinkludi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi użati u r-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi li jkunu saru, kif ukoll l-evalwazzjoni tal-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

V — Aħna nqisu li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjonijiet tagħna.

([25]) Skont l-Artikoli 16, 43, 48, 49, 50 u 58 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 FEŻ, din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni mhijiex estiża għall-parti tar-riżorsi tal-FEŻ li huma mmaniġġjati mill-BEI u li hija responsabbli għaliha.

([26]) Ir-Regolamenti Finanzjarji applikabbli għat-8, għad-9, għall-10 u għall-11-il FEŻ. Ir-Regolament Finanzjarju tal-10 FEŻ japplika wkoll għall-Faċilità ta' Tranżizzjoni li hija prevista taħt il-11-il FEŻ.

([27]) Ir-regoli u l-metodi kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-FEŻ jitfasslu abbażi tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) jew inkella awtomatikament abbażi tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) kif maħruġa rispettivament mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti u l-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

## Affidabbiltà tal-kontijiet

*Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet*

VI — Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet annwali tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja fil-31 ta' Diċembru 2014, u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom, il-flussi tal-flus tagħhom u t-tibdil fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ u r-regoli kontabilistiċi bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

## Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet

**Dħul**

*Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet*

VII — Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

**Pagamenti**

*Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

VIII — L-istima tagħna għar-rata tal-iżball l-aktar probabbli għat-tranżazzjonijiet ta' nfiq mit-8, mid-9, mill-10 u mill-11-il FEŻ hija ta' 3,8 %.

*Opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

IX — Fl-opinjoni tagħna, minħabba s-sinifikat tal-kwistjonijiet deskritti fil-paragrafu tal-bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 huma milquta minn żball materjali.

Is-16 ta' Lulju 2015

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
12, rue Alcide de Gasperi, 1615 Luxembourg, LUXEMBOURG

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

*Ambitu u approċċ tal-awditjar*

20. L-***Anness 1.1***, il-***parti 2***, tal-Kapitolu 1 tar-Rapport Annwali 2014 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jiddeskrivi l-approċċ u l-metodoloġija kumplessivi tal-awditjar tagħna. Għall-awditu tal-FEŻ, għandhom jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin.

21. L-osservazzjonijiet rigward l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-FEŻ jikkonċernaw ir-rapporti finanzjarji ([28]) tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ ([29]) approvati mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ ([30]) u riċevuti minna, flimkien mal-ittra ta' rappreżentazzjoni tal-uffiċjal tal-kontabbiltà, fl-24 ta' Lulju 2015. L-awditu kien jinvolvi l-ittestjar ta' ammonti u divulgazzjonijiet, u l-valutazzjoni tal-prinċipji kontabilistiċi użati, tal-istimi li saru mill-maniġment u tal-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

22. L-awditu tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet kien jinvolvi:

(a) eżaminar tal-kontribuzzjonijiet kollha mill-Istati Membri u kampjun ta' tipi oħra ta' tranżazzjoni tad-dħul;

(b) eżaminar ta' kampjun ta' 30 impenn ([31]);

(c) eżaminar ta' kampjun ta' 165 tranżazzjoni ([32]). Il-kampjun huwa mfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa tal-pagamenti kollha kemm hi fi ħdan il-FEŻ. Huwa kien jikkonsisti f'127 pagament awtorizzati minn 28 delegazzjoni tal-UE ([33]) u fi 38 pagament awtorizzati mid-dipartimenti tal-Kummissjoni ([34]). Fejn inqabdu żbalji, is-sistemi rilevanti ġew analizzati biex jiġu identifikati d-dgħufijiet speċifiċi fis-sistemi involuti;

([28]) Ara l-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) Nru 567/2014: ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus u r-rapport tat-tibdil fl-assi netti.

([29]) Ara l-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) Nru 567/2014: ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni finanzjarja jinkludu tabelli ta' allokazzjonijiet, impenji, fondi assenjati u pagamenti.

([30]) Ara l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 567/2014.

([31]) Impenji finanzjarji globali u l-impenji legali korrispondenti (ftehimiet ta' finanzjament) wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' finanzjament mill-Kummissjoni.

([32]) Kif definit fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7, tar-Rapport Annwali 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-baġit.

([33]) L-Unjoni Afrikana, il-Benin, il-Botswana, il-Burkina Faso, il-Burundi, il-Kamerun, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, ir-Repubblika Dominicana, l-Eritrea, l-Etjopja, Fiġi, il-Guinea-Bissau, il-Haiti, il-Kosta tal-Avorju, il-Lesoto u s-Swaziland, il-Liberja, Madagascar, il-Mali, il-Mauritania, Mauritius, il-Mozambique, in-Niġer, in-Niġerja, ir-Rwanda, is-Senegal, Sierra Leone u l-Uganda.

([34]) Il-EuropeAid: 34 pagament; l-ECHO: 4 pagamenti dwar l-għajnuna umanitarja.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(d) valutazzjoni tas-sistemi eżaminati fil-EuropeAid u fid-delegazzjonijiet tal-UE, li jkopru: (i) kontrolli *ex ante* mill-persunal tal-Kummissjoni, awdituri esterni jew superviżuri qabel saru l-pagamenti, u (ii) monitoraġġ u superviżjoni, notevolment is-segwitu ta' awditi esterni, missjonijiet ta' verifikazzjoni, żjarat ta' monitoraġġ, u l-istudji 2012, 2013 u 2014 tal-EuropeAid dwar ir-rata tal-iżball residwu (RER);

(e) analiżi tar-rapport annwali tal-attività (RAA) mid-Direttur Ġenerali tal-EuropeAid; u

(f) segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti tagħna.

23. Kif indikat fil-paragrafu 6, il-EuropeAid jimplimenta l-biċċa l-kbira mill-istrumenti ta' assistenza esterna ffinanzjati mill-baġit ġenerali u mill-FEŻ. L-osservazzjonijiet tagħna li jikkonċernaw kemm is-sistemi u kemm l-affidabbiltà tar-RAA u d-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali għall-2014 jirreferu għall-qasam ta' responsabbiltà kollu kemm hu tal-EuropeAid.

## *Affidabbiltà tal-kontijiet*

24. Mill-2007 'l hawn, is-sena tal-modernizzazzjoni tal-kontabbiltà tal-FEŻ, il-metodu ta' stima tal-punt ta' limitu applikat mill-Kummissjoni ma jinkludix spejjeż dovuti relatati ma' kuntratti ta' appoġġ baġitarju li għalihom ma ġiet ippreżentata ebda talba għal pagament mill-pajjiżi AKP matul is-sena. Il-Kummissjoni tqis li, minħabba n-natura tal-appoġġ baġitarju, l-avveniment għar-rikonoxximent bħala spiża huwa l-iżborżament. Tabilħaqq, il-Kummissjoni għandha marġni wiesgħa ta' ġudizzju meta tivvaluta l-konformità mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà. Madankollu, l-appoġġ baġitarju mhuwiex għotja diskrezzjonali, iżda intitolament, taħt ir-regoli kontabilistiċi tal-Kummissjoni: bħalma jiġri għal spejjeż oħra mhux ta' skambju, il-Kummissjoni hija obbligata li tagħmel il-pagamenti meta l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà jkunu ssodisfati.

25. Għal pagamenti ta' prefinanzjament ogħla minn EUR 750 000, il-Kummissjoni hija meħtieġa li tirkupra l-imgħax fuq bażi ta' kull sena (EUR 3 miljun irkuprati fl-2014 u EUR 5,7 miljun irkuprati fl-2013). Kif jissemma' fis-snin preċedenti ([35]), aħna sibna li l-uffiċjali awtorizzanti b'delega għadhom ma jikkonformawx sistematikament ma' din ir-regola u l-ammont ta' dħul mill-imgħax iddivulgat fin-nota 3.5 għar-rapporti finanzjarji huwa bbażat parzjalment fuq stimi. Barra minn hekk, l-imgħax iġġenerat minn prefinanzjamenti ta' bejn EUR 250 000 u EUR 750 000 kien għadu ma ġiex rikonoxxut bħala dħul finanzjarju fir-rapporti finanzjarji peress li l-iżvilupp tas-Sistema Komuni ta' Informazzjoni dwar ir-Relazzjonijiet Esterni (CRIS) ġie kkompletat biss lejn tmiem l-2014.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***24.*** *Il-Kummissjoni ilha tapplika dan l-approċċ għal operazzjonijiet ta' Appoġġ Baġitarju mill-2007, abbażi tar-regoli tal-kontabilità tal-2006.*

*Il-Kummissjoni qieset li r-rikonoxximent bħala spiża għandha sseħħ meta jkun hemm "żborż", billi f'dan l-istadju l-kundizzjonijiet kollha ta' eliġibbiltà jkunu ġew debitament ivvalutati mis-Servizzi tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tinkludi wkoll, fil-pagamenti cut-off, talbiet li jkunu saru mill-Istati AKP matul is-sena u li jkunu għadhom ma tħallsux minħabba li l-Kummissjoni tqis li meta Stat AKP jibgħat talba għal pagament relatat mal-Appoġġ Baġitaru, hemm probabbiltà għolja li l-kriterji kuntrattwali għall-eliġġibbiltà jkunu ġew issodisfati.*

***25.*** *It-titjib ġie rreġistrat matul dawn l-aħħar tliet snin fir-rigward tal-irkupru annwali aħjar tal-imgħax fuq il-prefinanzjament, minflok fi tmiem il-kuntratt.*

*L-istruzzjonijiet jintbagħtu regolarment lill-uffiċjali awtorizzanti sabiex ifakkruhom dwar l-obbligu li jirkupraw l-imgħax fuq il-prefinanzjament meta jkun dovut. Ġiet stabbilita wkoll sistema ta' monitoraġġ.*

([35]) Il-paragrafu 19 tar-Rapport Annwali 2012 u l-paragrafu 20 tar-Rapport Annwali 2013.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Regolarità tat-tranżazzjonijiet*

**Dħul**

26. L-awditu tagħna tat-tranżazzjonijiet tad-dħul sab li huma ħielsa minn żball materjali.

**Pagamenti**

27. L-***Anness 1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet ta' pagament. Mill-165 tranżazzjoni ta' pagament li awditjajna, 54 (33 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tas-36 żball li kkwantifikajna, aħna nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 3,8 % ([36]).

28. Meta t-tranżazzjonijiet tal-appoġġ baġitarju u t-tranżazzjonijiet multidonatur, li ssir referenza għalihom fil-paragrafi 9 sa 12, jiġu esklużi mill-kampjun awditjat, il-livell ta' żball stmat huwa ta' 4,8 % ([37]).

29. Il-***Graff 2*** tippreżenta l-punt sa fejn it-tipi differenti ta' żbalji kkontribwixxew għal-livell ta' żball stmat minna għall-2014. Żbalji relatati man-nuqqas ta' konformità mal-proċeduri ta' akkwist minn benefiċjarji u n-nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn jirrappreżentaw 63 % tal-livell ta' żball stmat.

([36]) Aħna kkalkulajna l-istima tagħna tar-rata ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Aħna ninsabu 95 % fiduċjużi li r-rata ta' żball fil-popolazzjoni tinsab bejn 2,1 % u 5,6 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball, rispettivament).

([37]) Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima bbażata fuq kampjun rappreżentattiv ta' 127 tranżazzjoni. Aħna ninsabu 95 % fiduċjużi li r-rata ta' żball fil-popolazzjoni tinsab bejn 2,7 % u 6,9 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball, rispettivament).

**Graff 2 — Kontribut skont it-tip ta' żball għal-livell ta' żball stmat**




*Sors*: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Proġetti*

30. Mill-133 tranżazzjoni ta' pagament relatati ma' proġetti li aħna awditjajna, 52 (39 %) kienu milquta minn żball, li minnhom 34 (65 %) kienu żbalji kwantifikabbli. Mill-34 tranżazzjoni ta' pagament milquta minn żbalji kwantifikabbli, 14 kienu tranżazzjonijiet finali awtorizzati wara li kienu twettqu l-kontrolli *ex ante* kollha.

31. Kif kien il-każ fis-snin preċedenti ([38]), l-iżbalji nstabu aktar spiss fi tranżazzjonijiet relatati ma' stimi ta' programmi, ma' għotjiet u ma' ftehimiet ta' kontribuzzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, milli f'forom oħra ta' appoġġ. Mis-66 tranżazzjoni ta' dan it-tip awditjati, 29 (44 %) kienu milquta minn żbalji kwantifikabbli li jirrappreżentaw 75 % tal-livell ta' żball stmat.

32. It-tipi prinċipali ta' żball kwantifikabbli li nqabdu fi tranżazzjonijiet ta' pagament kienu relatati mal-proġetti kkonċernati:

(a) nuqqas ta' konformità mill-benefiċjarju mar-regoli tal-akkwist (tmien tranżazzjonijiet);

([38]) Il-paragrafu 25 tar-Rapport Annwali 2013.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(b) nuqqas ta’ dokumenti ta’ sostenn li juru li seħħet attività eliġibbli (11-il tranżazzjoni) ([39]);

(c) infiq ineliġibbli, bħal infiq relatat ma’ nfiq imġarrab barra mill-perjodu ta’ implimentazzjoni (tliet tranżazzjonijiet), VAT ineliġibbli (żewġ tranżazzjonijiet), attivitajiet mhux koperti mill-kuntratt (tranżazzjoni waħda) jew spejjeż indiretti kklejmjati bħala spejjeż diretti (tranżazzjoni waħda);

(d) infiq mhux imġarrab mill-benefiċjarji (10 tranżazzjonijiet);

(e) kalkolu skorrett tal-infiq (żewġ tranżazzjonijiet).

**Kaxxa 1 — Eżempji ta’ żbalji kwantifikabbli fi tranżazzjonijiet ta’ proġetti**

*Nuqqas min-naħa tal-benefiċjarju li jikkonforma mal-proċeduri ta’ akkwist*

Aħna eżaminajna l-approvazzjoni finali tal-infiq taħt ftehim ta’ għotja għal organizzazzjoni inkarigata mill-kooperazzjoni agrikola bejn pajjiżi AKP u sibna żball fl-akkwist ta’ servizzi tal-IT li jammonta għal EUR 225 900. Il-benefiċjarju tal-għotja bbażat fin-Netherlands ma segwiex proċedura ta’ akkwist ristretta u internazzjonali, li tirrikjedi li jiġi ppubblikat avviż dwar sejħa għal offerti. L-istediniet intbagħtu biss lil tliet kumpaniji Netherlandiżi tal-għażla tiegħu. In-nuqqas ta’ konformità mar-regoli tal-akkwist stipulati fil-ftehim ta’ għotja rriżulta f’kompetizzjoni ristretta.

*Nuqqas ta’ dokumenti ta’ sostenn għall-ġustifikazzjoni tal-infiq*

Aħna eżaminajna l-approvazzjoni finali tal-infiq imġarrab taħt il-programm “Facilitating Agricultural Commodity Trade” (Il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ ta’ Prodotti Agrikoli) implimentat madwar ir-reġjun tal-Paċifiku. Aħna ttestjajna 20 entrata ta’ nfiq. Għal sebgħa minnhom, relatati ma’ xogħlijiet ta’ kostruzzjoni, spejjeż tal-persunal, allowances għal kuljum u akkomodazzjoni f’lukandi li jammontaw għal EUR 22 117, id-dokumenti essenzjali ta’ sostenn għan-nefqa (eż. fatturi, provi ta’ pagament, evidenza li turi r-rabta bejn l-ispejjeż tal-persunal u l-attivitajiet tal-proġetti, evidenza ta’ vvjaġġar u ta’ parteċipazzjoni f’laqgħat biex jiġu ġġustifikati l-allowances għal kuljum u l-akkomodazzjoni f’lukandi) ma ġewx ipprovduti ([39]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 1 — Eżempji ta’ żbalji kwantifikabbli fi tranżazzjonijiet ta’ proġetti***

*Nuqqas min-naħa tal-benefiċjarju li jikkonforma mal-proċeduri ta’ akkwist*

*Il-Kummissjoni qed timplimenta miżuri korrettivi rilevanti, jiġifieri qed toħroġ ordni ta’ rkupru għall-ammont sħiħ tal-valur kuntrattwali finali ta’ EUR 251 124. Fl-1 ta’ Ġunju 2015 intbagħtet ittra ta’ informazzjoni minn qabel lill-benefiċjarju.*

([39]) Aħna nirrappurtaw żbalji kwantifikabbli f’każijiet fejn ma hemm assolutament ebda dokumentazzjoni disponibbli, fejn ma jkun hemm ebda evidenza biex tappoġġa attività li tkun irrappurtata li saret, jew fejn ma jkun hemm ebda rabta bejn l-infiq impost u d-dokumentazzjoni pprovduta. Hemm żewġ raġunijiet prinċipali għan-nuqqas: (i) jew id-dokument qatt ma eżista, fatt li kien imissu jinqabad mill-kontrolli *ex ante*; jew (ii) id-dokument jeżisti, iżda ma setax jerġa’ jinstab, fatt li jipponta lejn dgħufija fil-ġestjoni tad-dokumenti.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| *Infiq ineliġibbli*<br><br>Aħna eżaminajna approvazzjoni tal-kontribuzzjoni mill-FEŻ għat-TerrAfrica Leveraging Trust Fund (Fond Fiduċjarju ta' Lieva TerrAfrica). Il-ftehim ta' amministrazzjoni għall-Fond Fiduċjarju ġie ffirmat f'Novembru 2012. L-approvazzjoni li saret mill-Kummissjoni kienet ibbażata fuq żborżamenti totali tal-Fond Fiduċjarju matul it-tul tal-ħajja tiegħu mill-2006 sal-2013. Minn EUR 6 714 489 aċċettati mill-Kummissjoni, iġġarrab infiq ta' EUR 4 664 666 qabel il-ftehim ta' amministrazzjoni daħal fis-seħħ. Barra minn hekk, dan kien diġà ġie approvat mill-Kummissjoni taħt il-ftehim preċedenti tal-Fond Fiduċjarju, u għaldaqstant tħallas darbtejn. | *Nefqa ineliġibbli*<br><br>*Il-Kummissjoni implimentat bis-sħiħ il-miżuri korrettivi rilevanti. L-ikklirjar fil-kampjun ġie kkanċellat u reġa' ġie kkowdjat filwaqt li ġie meqjus l-ammont esaġerat.* |
| *Infiq mhux imġarrab mill-benefiċjarju*<br><br>Aħna eżaminajna approvazzjoni ta' prefinanzjament li sar taħt il-programm "Implementation of humanitarian demining operations in Senegal (Casamance)" (L-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' tneħħija ta' mini għal skopijiet umanitarji fis-Senegal). L-organizzazzjoni internazzjonali li qed timplimenta l-programm ikklejmjat bħala nfiq reali l-ammont ta' kuntratt ta' servizzi għat-tneħħija ta' mini li kien għadu ma tħallasx bis-sħiħ. Il-fażi ta' demobilizzazzjoni ma kinitx ġiet ikkompletata (it-tagħmir u l-materjal ma kinux tneħħew mis-sit tal-proġett u ma kinux ġew trasferiti għall-awtoritajiet nazzjonali, u r-rapport finali ma kienx ġie ppreżentat mill-kuntrattur) u l-infiq korrispondenti, USD 207 437,87 kien għadu ma ġġarrabx mill-benefiċjarju. | *Infiq mhux imġarrab mill-benefiċjarju*<br><br>*Il-Kummissjoni qed timplimenta miżuri korrettivi rilevanti, jiġifieri nbdiet il-proċedura ta' rkupru. Barra minn hekk, hemm ippjanata missjoni ta' verifika għall-għeluq tal-proġett.* |

33. F'21 ([40]) każ ta' żball kwantifikabbli, il-Kummissjoni, permezz tas-sistemi tagħha, kellha biżżejjed informazzjoni ([41]) biex tipprevieni, taqbad u tikkoreġi l-iżbalji qabel ma taċċetta l-infiq. Li kieku din l-informazzjoni kollha kienet intużat biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji, il-livell ta' żball stmat kien ikun aktar baxx b'2,3 punti perċentwali.

34. Żbalji mhux kwantifikabbli prinċipalment kienu jinkludu nuqqasijiet fil-proċeduri ta' akkwist segwiti (tmien tranżazzjonijiet) u dokumenti ta' akkwist insuffiċjenti (seba' tranżazzjonijiet).

*Appoġġ baġitarju*

35. Mit-32 tranżazzjoni relatati mal-appoġġ baġitarju li aħna awditjajna, 2 kienu milquta minn żbalji kwantifikabbli ta' impatt minuri (inqas minn 0,1 punti perċentwali) relatati man-nuqqas tal-gvernijiet benefiċjari li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet ta' finanzjament fir-rigward ta' rati tal-kambju biex jaqilbu l-iżborżamenti tal-appoġġ baġitarju għall-munita lokali.

**35.** *Minħabba l-fatt li, għaż-żewġ żbalji, il-ftehimiet ta' finanzjament ma jistabbilixxux referenza ċara għar-rata tal-kambju li għandha tiġi applikata, il-Kummissjoni tqis li huwa diffiċli li jkunu kkwantifikati dawn l-iżbalji.*

([40]) Inkluż żball wieħed magħruf li nqabad barra mill-kampjun.
([41]) Abbażi ta' dokumentazzjoni ta' appoġġ u kontrolli obbligatorji meħtieġa.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Eżaminar tas-sistemi u tar-rapporti annwali tal-attività magħżula*

36. Bħal fis-snin preċedenti, il-frekwenza ta' żbalji li sibna, inklużi xi wħud li jaffettwaw il-klejms finali li kienu ġew suġġetti għal awditi esterni u verifikazzjonijiet ta' nfiq, tindika dgħufijiet f'dawn il-kontrolli *ex ante*.

37. F'Mejju 2013, il-EuropeAid adotta pjan ta' azzjoni biex jindirizza d-dgħufijiet identifikati fl-implimentazzjoni tas-sistema tal-EuropeAid ([42]). Fl-2013 u fl-2014, bdiet l-implimentazzjoni tat-23 azzjoni ppjanati kollha. Sa tmiem l-2014, 15-il azzjoni kienu ġew implimentati bis-sħiħ u 8 kienu għadhom għaddejjin ([43]). Għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat l-impatt tal-pjan ta' azzjoni billi xi azzjonijiet għadhom qed jiġu żviluppati.

38. Il-miżuri li ġejjin ittieħdu biex jittejbu l-awditi esterni u l-verifikazzjonijiet tal-infiq:

(a) l-analiżi tar-riskju saret obbligatorja għat-tħejjija ta' pjanijiet annwali tal-awditjar mid-delegazzjonijiet tal-UE u mis-servizzi tal-EuropeAid;

(b) il-mudelli tal-kuntratti tal-għoti ġew riveduti sabiex l-awdituri jkunu jistgħu jintgħażlu jew jiġu kkuntrattati direttament mill-EuropeAid;

(c) it-tqajjim ta' kuxjenza dwar l-aktar tipi komuni ta' żbalji, taħriġ u rinforz ta' ħiliet finanzjarji u tal-kontroll tal-persunal tal-EuropeAid u tal-benefiċjarji.

39. Filwaqt li kienu ppjanati għal Diċembru 2013, il-EuropeAid għadu ma żviluppax il-grilji ta' kwalità/ta' eliġibbiltà li jivvalutaw l-affidabbiltà tar-rapporti dwar il-verifikazzjoni tal-infiq u li jipprovdu gwida fil-każ ta' nuqqas ta' konformità.

40. Kif indikat fir-rapporti annwali preċedenti tagħna ([44]), għad hemm nuqqasijiet, fis-sistema ta' informazzjoni maniġerjali tal-EuropeAid dwar ir-riżultati u s-segwitu ta' awditi esterni, il-verifikazzjonijiet tal-infiq u ż-żjarat ta' monitoraġġ. Għalhekk huwa diffiċli li d-Direttur Ġenerali jżomm lill-kapijiet ta' unità jew lill-kapijiet tad-delegazzjonijiet tal-UE obbligati li jagħtu rendikont għas-segwitu u l-korrezzjoni f'waqthom tad-dgħufijiet fis-sistemi u l-iżbalji identifikati. Il-EuropeAid qed jiżviluppa applikazzjoni tal-awditjar ġdida biex itejjeb is-segwitu tar-rapporti tal-awditjar.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**39.** *Billi l-kwistjoni hija aktar kumplessa milli mistenni f'termini prattiċi, l-iżvilupp ta' grilji ta' kwalità għar-rapporti ta' verifika tal-infiq qed jieħu aktar żmien milli previst. Il-grilji għandhom ikunu disponibbli fl-aħħar kwart tal-2015.*

**40.** *Fir-rigward tal-awditi, tal-verifiki tal-infiq u ta' impenji simili li saru mill-Kummissjoni, l-introduzzjoni ta' sistema ġdida ta' informazzjoni maniġerjali dwar ir-riżultati u s-segwitu tal-awditi esterni, il-verifiki tal-infiq u impenji simili, hija mistennija li twassal għal titjib sinifikanti maż-żmien.*

([42]) Ara r-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tal-EuropeAid, pp. 188-190 u 195-196.
([43]) Ara r-Rapport Annwali tal-Attività 2014 tal-EuropeAid, pp. 114-115.
([44]) Il-paragrafu 42 tar-Rapport Annwali 2010, il-paragrafu 43 tar-Rapport Annwali 2011, il-paragrafu 35 tar-Rapport Annwali 2012 u l-paragrafu 35 tar-Rapport Annwali 2013.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Studju dwar ir-rata tal-iżball residwu 2014*

41. Il-EuropeAid wettaq it-tielet studju tiegħu dwar ir-RER biex jistma l-livell ta' żball li evada l-kontrolli kollha tal-maniġment għall-prevenzjoni, il-qbid u l-korrezzjoni ta' żbalji. L-istudju dwar ir-RER huwa bbażat fuq metodoloġija xierqa u jipprovdi informazzjoni utli, li tippermetti li l-EuropeAid jidentifika fejn l-implimentazzjoni tas-sistemi ta' kontroll għandha tittejjeb.

42. L-istudju kien jikkonsisti f'eżaminar ta' kampjun rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet relatati ma' kuntratti magħluqin bejn Settembru 2013 u Awwissu 2014. Ir-riżultati tiegħu huma ppreżentati fir-RAA ([45]). Wara rakkomandazzjoni li saret fir-Rapport Annwali 2013 tagħna ([46]), ir-RAA jiddivulga l-ambitu tal-istudju dwar ir-RER u l-limiti inferjuri u superjuri stmati. L-istudju jistma li r-RER tinsab f'livell ta' 2,81 %, jiġifieri ogħla mil-livell ta' materjalità ta' 2 % ssettjat mill-Kummissjoni. It-tipi prinċipali ta' żball identifikati mill-istudju huma:

(a) nuqqas ta' dokumentazzjoni sodisfaċenti li turi l-eliġibbiltà, ipprovduta mill-organizzazzjonijiet benefiċjarji (42,70 % tar-RER);

(b) nuqqas ta' bażi legali għall-pagament, ikklejmjar eċċessiv u kwistjonijiet oħra ta' nuqqas ta' konformità (32,83 % tar-RER);

(c) żbalji li ġew stmati għax ma kienx hemm biżżejjed evidenza biex tiġi ċċekkjata r-regolarità tat-tranżazzjonijiet (16,76 % tar-RER);

(d) ammonti mhux irkuprati u mhux ikkoreġuti (7,71 % tar-RER).

43. L-analiżi tagħna tal-istudju 2014 dwar ir-RER sabet li dan, b'mod kumplessiv, twettaq skont il-metodoloġija u jipprovdi biżżejjed evidenza li r-RER huwa materjali. Għal xi tranżazzjonijiet eżaminati, aħna sibna li kien hemm ambitu għal titjib f'għadd ta' aspetti, relatati:

(a) mal-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti għad-dipendenza fuq xogħol preċedenti ta' kontroll;

(b) mal-adegwatezza tad-dokumentazzjoni tal-evidenza għall-awditjar biex jiġu appoġġati l-konklużjonijiet;

(c) mal-ġustifikazzjoni għad-deċiżjoni biex ir-rata ta' żball li nstabet fil-kampjun ittestjat ma tiġix estrapolata għall-ammont kollu tat-tranżazzjoni; u

(d) mal-fatt li tħalla marġni ta' ġudizzju wiegħa wisq meta r-rati ta' żball fuq tranżazzjonijiet individwali kellhom jiġu stmati.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**43.** *Il-Kummissjoni tilqa' l-konklużjoni tal-Qorti li l-RER hija bbażata fuq metodoloġija xierqa, li hija tipprovdi informazzjoni utli u li twettqet b'mod ġenerali f'konformità mal-metodoloġija. Il-Kummissjoni se teżamina, flimkien mal-kuntrattur, il-kwistjonijiet imqajma mill-Qorti.*

([45]) Ara r-Rapport Annwali tal-Attività 2014 tal-EuropeAid, pp. 84-86.

([46]) Il-paragrafu 51 u r-rakkomandazzjoni 5 tar-Rapport Annwali 2013.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Analiżi tar-rapport annwali tal-attività**

44. Fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tiegħu, id-Direttur Ġenerali jagħmel riżerva fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, billi li l-ammont meqjus f'riskju (EUR 205,7 miljun) jirrappreżenta aktar minn 2 % tal-pagamenti li saru mill-EuropeAid fl-2014. Madankollu, id-Direttur Ġenerali jiddikjara wkoll li l-proċeduri ta' kontroll stabbiliti jagħtu l-garanziji meħtieġa fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Għal dak li jirrigwarda s-sena l-oħra ([47]), aħna nqisu li din mhijiex konklużjoni loġika għax is-sistemi mhumiex effettivi meta jonqsu milli jipprevienu, jaqbdu u jikkoreġu l-iżball materjali.

45. Din ir-riżerva hija relatata mal-legalità u r-regolarità tal-infiq kollu mmaniġġjat mill-EuropeAid. Riżerva hija xierqa meta dgħufijiet fil-kontroll ikunu relatati biss ma' oqsma definiti ta' dħul jew ta' nfiq ([48]), iżda mhux meta jaffettwaw l-operat tas-sistema fl-intier tagħha u l-impatt finanzjarju jaqbeż is-soll ta' materjalità għall-baġit sħiħ taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur Ġenerali. Madankollu, l-istruzzjonijiet permanenti tal-Kummissjoni għar-RAA 2014 ma jindirizzawx sitwazzjoni bħal din b'mod ċar.

46. Ir-RAA jiddikjara li l-kontrolli tal-EuropeAid huma effiċjenti għal kull mudell ta' kontroll intern taħt ġestjoni diretta u indiretta u li l-ispejjeż totali tal-kontrolli, stmati f'ammont ta' EUR 370,6 miljun, huma raġonevoli meta mqabbla mal-benefiċċji tagħhom ([49]). L-informazzjoni estensiva pprovduta fir-RAA tirrifletti sforz sinifikanti li sar mill-EuropeAid biex jikkonforma mar-rekwiżit stipulat fir-Regolament Finanzjarju Ġenerali ([50]). Madankollu, id-dikjarazzjonijiet dwar l-effiċjenza u l-kosteffettività tal-kontrolli mhumiex murija b'mod sodisfaċenti minħabba li:

(a) ma ġiex segwit approċċ tal-ispejjeż totali, billi ma ġewx inklużi l-ispejjeż diretti kollha ([51]) u l-ispejjeż ġenerali tħallew barra. Barra minn hekk, il-bażi għall-koeffiċjenti ta' allokazzjoni ta' spejjeż indiretti tal-persunal mhijiex ċara;

([47]) Il-paragrafu 43 u 44 tar-Rapport Annwali 2013.

([48]) Ara l-Artikolu 66(9) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u l-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 215/2008.

([49]) Ara r-Rapport Annwali tal-Attività 2014 tal-EuropeAid, pp. 86–89 u 93–95.

([50]) Ara l-Artikolu 66(9) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

([51]) Eż. Evalwazzjoni tal-ispejjeż tal-persunal u ta' spejjeż esterni għas-superviżjoni ta' kuntratt għal xogħlijiet.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**44.** *Minħabba l-ambjent ta' riskju li jopera fih id-DĠ DEVCO u l-fatt li l-iżball residwu mhuwiex konsegwenza tat-tfassil tas-sistema ta' kontroll, iżda pjuttost ta' dgħufijiet fl-implimentazzjoni tagħha, għadu raġonevoli li jiġi konkluż li l-proċeduri ta' kontroll fis-seħħ jagħtu l-garanziji meħtieġa rigward il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. Fil-fatt, ma hemm l-ebda evidenza fl-RER li għandu jkun hemm dgħufija tas-sistema fil-proċeduri ta' kontroll. Madankollu, id-DĠ DEVCO tagħraf li hemm nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tagħha, li bħalissa qed jindirizza.*

**45.** *Il-Kummissjoni qed tqis kif tista' żżid sa fejn dan huwa riżultat ta' kontrolli tad-DĠ DEVCO, sabiex tipprovdi aktar assigurazzjoni differenzjata għar-riskju.*

**46.** *Uħud mill-kompiti tal-immaniġġar u tar-rappurtar fl-Artikolu 66 tar-Regolament Finanzjarju għadhom sfida pjuttost riċenti għall-Kummissjoni b'mod ġenerali. Is-servizzi ċentrali għandhom rwol importanti fl-iżgurar tal-progress tas-sistemi ta' kontroll u prattiki relatati ta' rappurtar b'mod koerenti mal-Kummissjoni kollha. Il-Kummissjoni se tqis l-osservazzjonijiet tal-Qorti flimkien mal-valutazzjoni tal-impatt tagħhom fuq l-użu tar-riżorsi, bil-ħsieb li jinkiseb titjib sostenibbli.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(b) rigward benefiċċji kwantifikabbli, is-sistemi ta' informazzjoni maniġerjali għadhom ma jipprovdux informazzjoni preċiża dwar l-iżbalji li nqabdu u li ġew ikkoreġuti wara awditi esterni u verifikazzjonijiet tal-infiq (ara l-paragrafu 40), u l-kontrolli proprji tal-Kummissjoni;

(c) Il-EuropeAid ma ssettjax indikaturi oġġettivament verifikabbli, inklużi valuri mmirati, li magħhom setgħu jiġu vvalutati l-effiċjenza u l-kosteffettività tal-kontrolli.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**(b)** *Fir-rigward tal-awditi, tal-verifiki tal-infiq u ta' impenji simili li saru mill-Kummissjoni, l-introduzzjoni ta' sistema ġdida ta' informazzjoni maniġerjali dwar ir-riżultati u s-segwitu tal-awditi esterni, il-verifiki tal-infiq u impenji simili, hija mistennija li twassal għal titjib sinifikanti maż-żmien.*

**(c)** *Ir-rappurtar huwa diġà bbażat fuq indikaturi verifikabbli, inkluż f'ċerti każijiet valuri ta' mira. Bil-gwida tas-servizzi ċentrali, is-sistema tal-Kummissjoni għadha qed titjieb u tiġi rfinuta.*

## KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

### Il-konklużjoni għall-2014

47. Aħna nikkonkludu li l-kontijiet tal-FEŻ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-FEŻ u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom, il-flussi tal-flus tagħhom u t-tibdil fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà.

48. Aħna nikkonkludu li, għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014:

(a) id-dħul tal-FEŻ kien ħieles minn żball materjali;

(b) it-tranżazzjonijiet ta' pagament tal-FEŻ kienu milquta minn żball materjali (ara l-paragrafi 27 sa 32). L-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jindika li l-livell ta' żball stmat preżenti fil-popolazzjoni huwa ta' 3,8 % (ara l-***Anness 1***).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Rakkomandazzjonijiet

49. L-***Anness 2*** juri r-riżultat tal-analiżi tagħna tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti ([52]). Fir-Rapporti Annwali 2011 u 2012, aħna għamilna 12-il rakkomandazzjoni. Minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, waħda ma għadhiex applikabbli. Il-EuropeAid implimenta bis-sħiħ erba' rakkomandazzjonijiet, filwaqt li ħamsa ġew implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti u tnejn ġew implimentati f'xi aspetti. Fir-rigward ta' waħda mir-rakkomandazzjonijiet implimentata f'xi aspetti biss, il-EuropeAid kien qed jieħu azzjoni billi:

(a) jiżviluppa wkoll għodda biex jgħin lid-delegazzjonijiet tal-UE jagħrblu l-portafoll tagħhom tal-proġetti b'mod aktar effettiv u jipprijoritizzaw iż-żjarat għal dawk bi ħtieġa partikolari ta' monitoraġġ ibbażat fuq valutazzjonijiet tar-riskji;

(b) iħejji linji gwida ġodda għall-missjonijiet ta' verifikazzjoni lil delegazzjonijiet li jinkludu ppjanar ibbażat fuq ir-riskju u segwitu taż-żjarat ta' verifikazzjoni.

50. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2014, aħna nirrakkommandaw li l-EuropeAid:

— **Rakkomandazzjoni 1**: jistabbilixxi u jimplimenta proċeduri ta' kontroll intern biex jiżgura li l-prefinanzjament jiġi approvat abbażi ta' nfiq imġarrab verament, bl-esklużjoni ta' impenji legali,

— **Rakkomandazzjoni 2**: jirrinforza l-verifikazzjoni sistematika li l-pajjiżi sħab jużaw rata tal-kambju korretta biex jaqilbu l-iżborżamenti tal-appoġġ baġitarju għall-munita nazzjonali tagħhom,

— **Rakkomandazzjoni 3**: jiżgura, flimkien mal-kuntrattur inkarigat mill-istudju dwar ir-RER, li l-kwistjonijiet li sibna jiġu indirizzati,

— **Rakkomandazzjoni 4**: itejjeb l-indikaturi tiegħu fir-rigward tal-valuri fil-mira li bi tqabbil magħhom għandhom jiġu vvalutati l-effiċjenza u l-kosteffettività tal-kontrolli, l-approċċ tiegħu għall-ispejjeż, u l-proċeduri u s-sistemi ta' informazzjoni maniġerjali tiegħu biex ikejjel il-benefiċċji tal-kontrolli.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.* (Rakkomandazzjoni 1)

*Il-Kummissjoni se tkompli tiċċara r-regoli tal-ikklirjar għall-Ftehimiet fl-Akkumpanjament ta' DEVCO u tinsisti fuq l-obbligu għall-ikklirjar li huwa bbażat fuq l-infiq attwali mġarrab li ma jinkludix l-impenji legali.*

*Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.* (Rakkomandazzjoni 2)

*Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.* (Rakkomandazzjoni 3)

*Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni fi ħdan il-qafas definit mis-servizzi ċentrali.* (Rakkomandazzjoni 4)

([52]) L-objettiv ta' dan is-segwitu kien li jiġu vverifikati l-introduzzjoni u l-eżistenza ta' miżuri korrettivi b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet tagħna. Ma kellux l-għan li jivvaluta l-implimentazzjoni effettiva tagħhom. Għal xi miżuri li kienu għadhom qed jiġu żviluppati, kien kmieni wisq biex issir il-verifikazzjoni.

ANNESS 1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦALL-FONDI EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP*

| | 2014 | 2013 |
|---|---|---|
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet: | **165** | 165 |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | |
| Livell ta' żball stmat | **3,8 %** | 3,4 % |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | 5,6 % | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | 2,1 % | |

ANNESS 2

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦALL-FONDI EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli (*) | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2012 | **Rakkomandazzjoni 1:** Il-EuropeAid għandu jirrevedi l-metodoloġija tar-RER tiegħu (ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 51, ir-rakkomandazzjoni 1). | x | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2:** Il-EuropeAid għandu jipprovdi deskrizzjoni preċiża, fir-RAA, tar-riżultati tal-istudji tar-RER (ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 51, ir-rakkomandazzjoni 2). | x | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3:** Il-EuropeAid għandu jiżgura l-approvazzjoni f'waqtha tal-infiq (ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 51, ir-rakkomandazzjoni 3). | | x | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4:** Il-EuropeAid għandu jippromwovi ġestjoni aħjar tad-dokumenti mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, u mill-benefiċjarji (ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 51, ir-rakkomandazzjoni 4). | x | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 5:** Il-EuropeAid għandu jieħu miżuri effettivi sabiex itejjeb il-kwalità tal-verifikazzjonijiet tal-infiq imwettqa minn awdituri esterni (ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 51, ir-rakkomandazzjoni 5). | | x | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 6:** Il-EuropeAid għandu jiżgura l-applikazzjoni korretta ta' kundizzjonijiet speċifiċi għal pagamenti ta' appoġġ baġitarju (ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 51, ir-rakkomandazzjoni 6). | x | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 7:** Il-EuropeAid għandu jiżgura li l-ordnijiet ta' rkupru fir-rigward ta' mgħax fuq prefinanzjament ogħla minn EUR 750 000 jinħarġu kull sena (ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 51, ir-rakkomandazzjoni 7). | | | x | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli (*) | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 1:** Il-EuropeAid għandu jtejjeb il-ġestjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti, billi jistabbilixxi kriterji ta' għażla ċari u billi jiddokumenta l-proċess ta' evalwazzjoni b'mod aħjar (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafu 59(a)). | x | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2:** Il-EuropeAid għandu jintroduċi ppjanar dokumentat u bbażat fuq ir-riskju, u segwitu sistematiku għal żjarat ta' verifikazzjoni [ara l-paragrafu 40] u żjarat ta' monitoraġġ fuq il-post (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafu 59(b)). | | | x | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3:** Il-EuropeAid għandu jirrendi obbligatorji l-linji gwida fuq l-analiżi tar-riskju għat-tħejjija ta' pjanijiet tal-verifika (awditjar) annwali mid-delegazzjonijiet u mill-kwartieri ġenerali tal-EuropeAid (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafu 59(c)). | | x | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4:** Il-EuropeAid għandu janalizza t-tfassil tal-KPIs biex jiżgura li dawn mhumiex ambigwi u li huwa faċli li jiġu interpretati (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafu 59(d)). | | x | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 5:** Il-EuropeAid għandu jivvaluta l-kapaċità tal-IAC biex twettaq il-kompitu tagħha b'mod effettiv (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafu 59(e)). | | | | | x | | |

(*) L-uffiċċju tal-awditjar intern tal-EuropeAid ġie ċċentralizzat fi ħdan is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS). L-IAC ma baqax jeżisti wara tmiem Frar 2015.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT